


# Legio Mariae

# IL-MANWAL UFFIĊJALI

# TAL-LEĠJUN TA' MARIJA

# IL-MANWAL UFFIĊJALI

# TAL-

# LEĠJUN TA' MARIJA

Pubblikat mill-

CONCILIUM LEGIONIS MARIAE

DE MONTFORT HOUSE
MORNING STAR AVENUE
BRUNSWICK STREET
DUBLIN 7, L-IRLANDA

Edizzjoni Ġdida u Riveduta — 2002

*Versio concordat cum originali*

Sac. C. Farrugia
16-07-2001

*Imprimatur*

† Guzeppi
Arċisqof ta' Malta
27-07-2001

Ir-rivista uffiċjali tal-Leġjun ta' Marija, *Maria Legionis,* hija ppubblikata kull tliet xhur minn

Magnificat House,
49 North Great George's Street,
Dublin 1, L-Irlanda.

© COPYRIGHT 1993

Stampat għand il-Veritas Press
Zabbar, Malta

# X'fih dan il-Manwal

ABBREVJAZZJONIJIET TAD-DOKUMENTI TAL-MAĠISTERU TAL-KNISJA ........ 8
ABBREVJAZZJONIJIET TAL-KOTBA TAL-BIBBJA ........ 10
IL-PAPA ĠWANNI PAWLU II LIL-LEĠJUN TA' MARIJA ........ 11
NOTA TAL-BIDU ........ 15
PROFIL TA' FRANK DUFF ........ 16

RITRATTI: FRANK DUFF ........ faċċata ta' paġna 16
L-ALTAR TAL-LEĠJUN ........ faċċata ta' paġna 17
VEXILLA ........ faċċata ta' paġni 32, 33

KAPITLU
1 L-Isem u l-Bidu ........ 17
2 L-Iskop ........ 19
3 L-Ispirtu tal-Leġjun ........ 20
4 Is-Servizz Leġjunarju ........ 21
5 Ix-Xejra tad-Devozzjoni tal-Leġjun ........ 25

6 Id-Dmir tal-Leġjunarji lejn Marija ........ 32
7 Il-Leġjunarju u t-Trinità Qaddisa ........ 48
8 Il-Leġjunarju u l-Ewkaristija ........ 52
9 Il-Leġjunarju u l-Ġisem Mistiku ta' Kristu ........ 58
10 L-Appostolat tal-Leġjun ........ 65

11 Il-Pjan tal-Leġjun ........ 74
12 L-Iskopijiet Esterni tal-Leġjun ........ 79
13 It-Tisħib ........ 87
14 Il-Praesidium ........ 90
15 Il-Wegħda Leġjunarja ........ 96

# X'fih dan il-Manwal (ikompli)


16 Gradi Oħra ta' Tisħib ... 98
17 L-Erwieħ tal-Leġjunarji Mejtin tagħna ... 109
18 Kif issir il-Laqgħa tal-Praesidium ... 110
19 Il-Laqgħa u l-Membru ... 122
20 Is-Sistema tal-Leġjun ma Titbiddilx ... 132

21 Id-Dar Mistika ta' Nazaret ... 133
22 It-Talb tal-Leġjun ... 136
23 It-Talb ma Jitbiddilx ... 141
24 Il-Patruni tal-Leġjun ... 141
25 Ix-Xbieha tal-Leġjun ... 151

26 It-Tessera ... 153
27 Vexillum Legionis ... 154
28 It-Treġija tal-Leġjun ... 156
29 Il-Lealtà Leġjunarja ... 174
30 Il-Funzjonijiet ... 175

31 It-Tixrid tal-Leġjun u l-Ksib ta' Membri Ġodda ... 182
32 Oġġezzjonijiet Mistennija ... 185
33 Id-Dmirijiet Fondamentali tal-Leġjunarji ... 192
34 Id-Dmirijiet ta' l-Uffiċjali tal-Praesidia ... 212
35 Il-Flus ... 221

36 Praesidia li Jinħtieġ Jissemmew Għalihom ... 223
37 Suġġerimenti Dwar Ħidmiet ... 231
38 Il-Patrizji ... 261
39 Punti Kardinali ta' l-Appostolat tal-Leġjun ... 274
40 "Morru Xandru l-Evanġelju lill-Ħolqien Kollu" ... 309
41 "Il-Kbira Fosthom l-Imħabba" ... 329

# X'fih dan il-Manwal (ikompli)

Appendiċi 1 Ittri u Messaġġi tal-Papiet ........................ 332
Appendiċi 2 Siltiet mill-Kostituzzjoni Dommatika dwar il-Knisja *Lumen Gentium* tal-Konċilju Vatikan II ........................ 337
Appendiċi 3 Siltiet mill-Kodiċi tal-Liġi Kanonika dwar id-Dmirijiet u d-Drittijiet tal-Lajċi ........................ 339
Appendiċi 4 Il-Leġjun Ruman ........................ 341
Appendiċi 5 Il-Konfraternità ta' Marija Sultana tal-Qlub Kollha ........................ 343
Appendiċi 6 Id-Domna Mirakuluża ........................ 346
Appendiċi 7 Il-Konfraternità tar-Rużarju Mqaddes ........................ 348
Appendiċi 8 It-Tagħlim tad-Duttrina ........................ 350
Appendiċi 9 Pioneer Total Abstinence Association of the Sacred Heart ........................ 351
Appendiċi 10 L-Istudju tal-Fidi ........................ 351
Appendiċi 11 Sintesi Marjana ........................ 355

It-Talba ta' San Bernard ........................ 357

Werrej ta' kwotazzjonijiet mill-Bibbja ........................ 358
Werrej ta' kwotazzjonijiet mid-Dokumenti tal-Magisterium ........................ 360
Werrej ta' kwotazzjonijiet mill-Kitbiet tal-Papiet ........................ 361
Werrej ta' Awturi u Persuni oħra ta' interess ........................ 362
Werrej tas-Suġġetti ........................ 365

Nota dwar referenzi għal Sidna Ġesù Kristu ........................ 371
Poeżija ta' Joseph Mary Plunkett ........................ 372

# Abbrevjazzjonijiet tad-Dokumenti tal-Maġisteru tal-Knisja

## DOKUMENTI TAL-KONĊILJU VATIKAN II (1962-1965)

AA Apostolicam Actuositatem (Digriet dwar l-appostolat tal-lajċi, 18.11.1965)

DVrb Dei Verbum (Kostituzzjoni Dommatika dwar ir-Rivelazzjoni Divina, 18.11.1965)

GS Gaudium et Spes (Kostituzzjoni Pastorali dwar il-Knisja fid-dinja moderna, 7.12.1965)

LG Lumen Gentium (Kostituzzjoni Dommatika dwar il-Knisja, 21.11.1964)

PO Presbyterorum Ordinis (Digriet dwar il-ministeru u l-ħajja tas-saċerdoti, 7.12.1965)

SC Sacrosanctum Concilium (Kostituzzjoni dwar il-liturġija mqaddsa, 4.12.1963)

UR Unitatis Redintegratio (Digriet dwar l-Ekumeniżmu, 21.11.1964)

## DOKUMENTI OĦRA TAL-MAĠISTERU

AAS Acta Apostolicae Sedis (Atti tas-Sede Appostolika — il-gazzetta tal-Vatikan)

ACR Ad Caeli Reginam (Enċiklika tal-Papa Piju XII li tipproklama lil Marija fis-saltna tagħha, 11.10.1954)

AD Ad Diem Illum (Enċiklika ta' San Piju X fil-ġublew tad-definizzjoni tal-Kunċizzjoni Immakulata, 2.2.1904)

AN Acerbo Nimis (Enċiklika ta' San Piju X dwar it-tagħlim tad-Duttrina Nisranija, 15.4.1905)

CIC Codex Iuris Canonici (Il-kodiċi tal-Liġi tal-Knisja, 27.11.1983)

CL Christifideles Laici (Eżortazzjoni Appostolika tal-Papa Ġwanni Pawlu II dwar is-sejħa u l-missjoni tal-lajċi fil-Knisja u fid-dinja, 30.12.1988)

CT Catechesi Tradendae (Eżortazzjoni Appostolika tal-Papa Ġwanni Pawlu II dwar il-Katekeżi fi żminijietna, 16.10.1979)

| | |
|---|---|
| EI | Enchiridion Indulgentiarum (Lista uffiċjali ta' l-Indulġenzi u l-liġijiet dwarhom, Il-Penitenzjarju Sagru, 29.6.1968) |
| EN | Evangelii Nuntiandi (Eżortazzjoni Appostolika tal-Papa Pawlu VI dwar l-evanġelizzazzjoni fid-dinja moderna, 8.12.1975) |
| FC | Familiaris Consortio (Eżortazzjoni Appostolika tal-Papa Ġwanni Pawlu II dwar il-familja Nisranija fid-dinja moderna, 22.11.1981) |
| ISE | Iucunda Semper (Enċiklika tal-Papa Ljun XIII dwar ir-Rużarju, 8.9.1894) |
| KKK | Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika (11.10.1992) |
| MC | Mystici Corporis (Enċiklika tal-Papa Piju XII dwar il-Ġisem Mistiku ta' Kristu, 29.6.1943) |
| MCul | Marialis Cultus (Eżortazzjoni Appostolika tal-Papa Pawlu VI dwar il-kult u l-iżvilupp tad-devozzjoni lejn l-Imqaddsa Verġni Marija, 2.2.1974) |
| MD | Mediator Dei (Enċiklika tal-Papa Piju XII dwar il-Liturġija Mqaddsa, 20.11.1947) |
| MF | Mysterium Fidei (Enċiklika tal-Papa Pawlu VI dwar il-misteru ta' l-Ewkaristija, 3.9.1965) |
| MN | Mens Nostra (Enċiklika tal-Papa Piju XI dwar l-irtiri, 20.12.1929) |
| OL | Orientale Lumen (Ittra Appostolika tal-Papa Ġwanni Pawlu II dwar il-ħtieġa li nifhmu u napprezzaw aktar it-tradizzjonijiet tal-Knejjes Nsara tal-Lvant, 2.5.1995) |
| PDV | Pastores Dabo Vobis (Eżortazzjoni Appostolika tal-Papa Ġwanni Pawlu II dwar il-formazzjoni tas-saċerdoti fiċ-ċirkostanzi ta' żminijietna, 25.3.1992) |
| RM | Redemptoris Missio (Enċiklika tal-Papa Ġwanni Pawlu II dwar il-validità permanenti tas-sejħa missjonarja tal-Knisja, 7.12.1990) |
| RMat | Redemptoris Mater (Enċiklika tal-Papa Ġwanni Pawlu II dwar Marija, Omm il-Feddej, 25.3.1987) |
| SM | Signum Magnum (Eżortazzjoni Appostolika tal-Papa Pawlu VI dwar il-konsagrazzjoni lil Marija, 13.5.1967) |
| UAD | Ubi Arcano Dei (Enċiklika tal-Papa Piju XI dwar il-paċi ta' Kristu fis-saltna ta' Kristu, 23.12.1922) |

# Abbrevjazzjonijiet tal-Kotba tal-Bibbja

## IT-TESTMENT IL-QADIM

| | |
|---|---|
| **Ġen** | Ġenesi |
| **Eż** | Eżodu |
| **Ġoż** | Ġożwè |
| **1 Sam** | 1 Samwel |
| **1 Kron** | 1 Kronaki |
| **S** | Salmi |
| **Koħ** | Koħèlet |
| **Għan** | L-Għanja ta' l-Għanjiet |
| **Sir** | Bin Sirak |
| **Is** | Isaija |
| **Dan** | Danjel |

## IT-TESTMENT IL-ĠDID

| | |
|---|---|
| **Mt** | San Mattew |
| **Mk** | San Mark |
| **Lq** | San Luqa |
| **Ġw** | San Ġwann |
| **Atti** | L-Atti ta' l-Appostli |
| **Rum** | Rumani |
| **1 Kor** | 1 Korintin |
| **2 Kor** | 2 Korintin |
| **Gal** | Galatin |
| **Efes** | Efesin |
| **Fil** | Filippin |
| **Kol** | Kolossin |
| **1 Tess** | 1 Tessalonikin |
| **1 Tim** | 1 Timotju |
| **2 Tim** | 2 Timotju |
| **Lhud** | Lhud |
| **1 Pt** | 1 Pietru |
| **Ġuda** | Ġuda |
| **1 Ġw** | 1 Ġwanni |

# Il-Papa Ġwanni Pawlu II lil-Leġjun ta' Marija



**Silta minn diskors magħmul mill-Qdusija Tiegħu l-Papa Ġwanni Pawlu II lil grupp ta' leġjunarji Taljani fit-30 ta' Ottubru ta' l-1982**

1. Merħba lil kull wieħed u waħda minnkom. Hija okkażjoni ta' ferħ għalija li narakom f'din is-sala f'numru hekk kbir minn diversi nħawi ta' l-Italja, aktar u aktar meta intom tifformaw parti żgħira biss minn dak il-moviment appostoliku, li f'medda ta' sittin sena xtered bil-ħeffa fid-dinja u llum, sentejn wara l-mewt tal-fundatur tiegħu, Frank Duff, hu preżenti f'ħafna u ħafna djoċesijiet tal-Knisja Universali.

Il-Papiet ta' qabli, ibda minn Piju XI, qalu kliem t'apprezzament fuq il-Leġjun ta' Marija, u jien stess fl-10 ta' Mejju ta' l-1979, meta lqajt waħda mill-ewwel delegazzjonijiet tagħkom, ftakart bi pjaċir fl-okkażjonijiet meta ġejt f'kuntatt mal-Leġjun, f'Pariġi, il-Belġju, il-Polonja, u mbagħad, bħala Isqof ta' Ruma, fiż-żjajjar pastorali fil-parroċċi tal-Belt.

Għalhekk illum, waqt li qiegħed nilqa' f'udjenza lill-pellegrinaġġ Taljan tal-moviment tagħkom, nixtieq nagħmel enfasi fuq dawk l-aspetti li jifformaw is-sostanza ta' l-ispiritwalità tagħkom u tal-mod kif teżistu fi ħdan il-Knisja.

**Sejħa li tkunu ħmira**

2. Intom moviment ta' lajċi li jridu jgħixu bil-fidi biex jaslu għall-qdusija personali. Bla dubju dan hu ideal għoli u diffiċli. Imma llum il-Knisja, permezz tal-Konċilju, issejjaħ lill-Insara kollha tal-lajkat Kattoliku għal dan l-ideal u tistedinhom jissieħbu fis-saċerdozju rjali ta' Kristu bix-xhieda ta' ħajja qaddisa, biċ-ċaħda tagħhom infushom u b'opri ta' karità; biex ikunu fid-dinja, bid-dija tal-fidi, it-tama u l-imħabba, dak li hi r-ruħ fil-ġisem (LG 10, 38).

Is-sejħa proprja tagħkom bħala lajċi, jiġifieri s-sejħa li tkunu ħmira fil-Poplu t'Alla, ispirazzjoni Nisranija fid-dinja moderna, u li twasslu s-saċerdot lill-poplu, hija parti mill-aktar nobbli tal-missjoni tal-Knisja. L-istess Konċilju Vatikan II iħeġġeġ lil-lajċi kollha biex jilqgħu b'ġenerożità pronta s-sejħa li jingħaqdu dejjem aktar mill-qrib mal-Mulej u, waqt li jqisu bħala tagħhom kulma hu tiegħu, jissieħbu fl-istess missjoni ta' salvazzjoni tal-Knisja u jkunu l-istrumenti ħajja tagħha. Dan jista' jsir l-aktar fejn hu diffiċli għall-Knisja li tkun preżenti u attiva. Dan jiġri minħabba xi kondizzjonijiet li ssib ruħha fihom is-soċjetà moderna — żieda bla heda fil-popolazzjoni, nuqqas ta' saċerdoti, jinbtu problemi ġodda, u sens t'awtonomija f'ħafna oqsma tal-ħajja (ibid. 33).

Il-qasam ta' l-appostolat tal-lajċi llum kiber b'mod tal-għaġeb. U għalhekk l-impenn tas-sejħa proprja tagħkom isir aktar urġenti, stimulanti, ħaj u attwali. Il-vitalità tal-lajċi Nsara hija s-sinjal tal-vitalità tal-Knisja. U l-impenn tagħkom il-leġjunarji jsir aktar urġenti, meta wieħed iqis minn naħa waħda l-bżonnijiet tas-soċjetà Taljana u tan-nazzjonijiet bi tradizzjoni Nisranija antika, u min-naħa l-oħra l-eżempji brillanti li ġew qabilkom fil-moviment tagħkom stess. Biex insemmu biss xi ismijiet: Edel Quinn bil-ħidma tagħha fl-Afrika s-Sewda; Alfonso Lambe fl-inħawi l-aktar imwarrba ta' l-Amerika Latina; u mbagħad l-eluf ta' leġjunarji maqtula fl-Asja jew li spiċċaw f'kampijiet tax-xogħol.

**Bl-ispirtu u l-ħeġġa ta' Marija**

3. L-ispiritwalità tagħkom hi Marjana minn ruħha, mhux biss għaliex il-Leġjun hu kburi li jġib l-isem ta' Marija fuq l-istendard

glorjuż tiegħu, imma fuq kollox għaliex jibbaża l-metodu ta' l-ispiritwalità u l-appostolat tiegħu fuq il-prinċipju dinamiku tal-għaqda ma' Marija, fuq il-verità tat-tisħib intimu tal-Verġni Marija fil-pjan tas-salvazzjoni.

Fi kliem ieħor, intom tridu tagħtu s-servizz tagħkom lil kull bniedem, li hu x-xbieha ta' Kristu, bl-ispirtu u l-ħeġġa ta' Marija.

Jekk il-Medjatur waħdieni tagħna hu l-bniedem Ġesù Kristu, bħalma jgħid il-Konċilju, "is-sehem ta' Marija bħala omm il-bnedmin b'ebda mod ma jdallam jew inaqqas din il-medjazzjoni waħdanija ta' Kristu: għall-kuntrarju, juri l-qawwa tagħha" (LG 60). Għalhekk il-Verġni Mbierka hi msejħa fil-Knisja bit-titli ta' Avukata, Awżiljatriċi, Sokkors Perpetwu, Medjatriċi, Omm il-Knisja.

Biex titwieled u tikber, il-ħidma appostolika tafda f'dik li tat it-twelid lil Kristu, imnissel mill-Ispirtu s-Santu. Fejn hemm l-Omm, hemm ukoll l-Iben. Meta wieħed jitbiegħed mill-Omm, illum jew għada jispiċċa biex jitbiegħed mill-Iben ukoll. Mhix ħaġa tal-għaġeb li llum, f'diversi oqsma tas-soċjetà sekularizzata, ninnutaw kriżi mxerrda ħafna tal-fidi f'Alla. Din tasal wara li tonqos id-devozzjoni lejn il-Verġni Mbierka.

Il-Leġjun tagħkom jifforma parti minn dawk il-movimenti li jħossu ruħhom impenjati direttament fit-tixrid jew fit-twelid tal-fidi permezz tat-tixrid jew it-tiġdid tad-devozzjoni lejn Marija. Għalhekk huwa dejjem jagħraf jagħmel ħiltu kollha biex, permezz ta' l-imħabba lejn l-Omm, ikun aktar magħruf u maħbub l-Iben, li hu t-triq, il-verità u l-ħajja ta' kull bniedem.

F'dan il-kwadru ta' fidi u tama nagħtikom minn qalbi l-Barka Appostolika.

Joannes Paulus PP II

# Nota tal-Bidu

*Il-Leġjun jaħdem b'sistema li jekk titneħħa jew titbiddel xi ħaġa minnha, jista' jitħarbat. Il-vers li ġej seta' nkiteb dwar il-Leġjun:*

*"Islet ħajta waħda, u n-nisġa tħassar;*
*Ikser biss waħda*
*Minn għaxar mitt nota, u l-istonatura*
*Kollha jħossuha" (Whittier).*

*Għalhekk jekk m'intix lest tħaddem is-sistema sewwa-sew kif imfisser f'dawn il-paġni, aħjar ma tibda l-Leġjun xejn. Dwar dan aqra bir-reqqa l-kapitlu 20:* ***Is-Sistema tal-Leġjun ma Titbiddilx.***

*Mingħajr affiljazzjoni mal-Leġjun (permezz ta' wieħed mill-kunsilli approvati tiegħu) ma jsirx tisħib leġjunarju.*

*Jekk noqogħdu fuq l-esperjenza ta' l-imgħoddi, l-ebda fergħa tal-Leġjun ma għandha tfalli jekk titmexxa bir-reqqa kollha skond ir-regola.*

# FRANK DUFF

## Il-Fundatur tal-Leġjun ta' Marija

Frank Duff twieled f'Dublin, l-Irlanda, fis-7 ta' Ġunju ta' l-1889. Meta għalaq it-tmintax-il sena beda jaħdem mal-Gvern. Sitt snin wara daħal membru fis-Soċjetà ta' San Vinċenz de Paul minn fejn tgħallem jgħix il-Fidi Kattolika b'impenn akbar u fl-istess ħin beda jħoss u jifhem aktar il-bżonnijiet tal-foqra u ta' l-imwarrbin.

Hu fforma l-ewwel praesidium tal-Leġjun ta' Marija fis-7 ta' Settembru ta' l-1921 flimkien ma' grupp ta' nisa Kattoliċi u ma' saċerdot mill-Arċidjoċesi ta' Dublin, Fr Michael Toher. Minn dakinhar sakemm miet fis-7 ta' Novembru ta' l-1980, hu mexxa b'dedikazzjoni erojka l-firxa tal-Leġjun madwar id-dinja. Hu attenda għall-Konċilju Vatikan II bħala osservatur lajk.

Fil-paġni ta' dan il-Manwal, li hu miktub kważi kollu minnu, jinħass l-għarfien profond tiegħu tas-sehem li l-Verġni Marija għandha fil-pjan tas-Salvazzjoni, kif ukoll tas-sehem ta' l-Insara lajċi fil-missjoni tal-Knisja.

# IL-LEĠJUN TA' MARIJA

"Min hija dik li tielgħa bħaż-żerniq, sabiħa donnha l-qamar, tiddi bħax-xemx, tal-biża' bħall-eżerċtu lest għat-taqbida?" (Għan 6:10).

"Ix-xebba kien jisimha Marija" (Lq 1:27).

"Il-Leġjun ta' Marija! X'isem tassew magħżul u milqut!" (Il-Papa Piju XI).

# 1

# L-ISEM U L-BIDU

Il-Leġjun ta' Marija huwa għaqda ta' Kattoliċi li bl-approvazzjoni tal-Knisja u taħt it-tmexxija qawwija ta' Marija Immakulata, Medjatriċi tal-grazzji kollha (li hi sabiħa donnha l-qamar, tiddi bħax-xemx u, għax-xitan u l-leġjunarji tiegħu, tal-biża' bħall-eżerċtu lest għat-taqbida), ingħaqdu flimkien f'Leġjun għall-hidma fit-taqtigħa li l-Knisja dejjem għandha kontra d-dinja u l-qawwiet ħżiena tagħha.

"Il-ħajja kollha tal-bniedem, sew individwali sew soċjali, turi ruħha bħala ġlieda, u ġlieda mqanqla, bejn dak li hu tajjeb u dak li hu ħażin, bejn id-dawl u d-dlam" (GS 13).

Il-leġjunarji jittamaw li jkunu denji tas-Sultana kbira tagħhom tas-sema bil-lealtà, bil-virtujiet u bil-kuraġġ tagħhom. Il-Leġjun ta' Marija, għaldaqstant, hu organizzat f'għamla ta' armata, l-aktar fuq il-mudell ta' dik ta' Ruma tal-qedem, li minnha jieħu wkoll l-ismijiet; iżda l-armata u l-armi tal-leġjunarji ta' Marija m'humiex ta' din id-dinja.

Din l-armata, illum hekk mifruxa, kellha bidu mill-aktar umli. Ma kenitx għaqda maħsuba minn qabel; imma nibtet f'daqqa. L-ebda ħsieb ma kien hemm ta' regoli u prattika. Kien sar biss suġġeriment. Ġiet iffissata lejla, u ġemgħa żgħira ta' nies iltaqgħet mingħajr ebda ħsieb li kienu se jsiru għodda tal-Providenza kollha mħabba. Ħarsa lejn dik il-laqgħa turi li kienet eżattament bħalma wieħed jara llum kieku kellu jmur għal xi laqgħa tal-Leġjun, ikun fejn ikun fid-dinja. Il-mejda li nġabru madwarha

kellha fuqha altar sempliċi, li l-qofol tiegħu kienet statwa tal-Kunċizzjoni (bħalma tidher fid-Domna Mirakuluża). Kienet fuq tvalja bajda, bejn żewġ važetti bil-fjuri u żewġ gandlieri bix-xemgħat jixegħlu. Dan l-armar, li jolqot b'tant qawwa, kien ispi-razzjoni ta' waħda minn dawk li waslu l-ewwel, u ġabar fih għal dejjem dak kollu li għalih jeżisti l-Leġjun ta' Marija. Il-Leġjun hu armata u s-Sultana kienet hemm qabel ma nġabru. Kienet qiegħda tistenna biex tilqa' t-tisħib ta' dawk li kienet taf li kienu ġejjin għandha. Mhux huma għażlu lilha, imma hi għażlet lil-hom; u minn dakinhar magħha mxew u tqabdu, imsaħħin bil-fehma li setgħu biss jirnexxu u jipperseveraw daqskemm kienu se jibqgħu magħqudin magħha.

L-ewwel ħaġa li dawk il-leġjunarji żgħażagħ għamlu flimkien kienet li jinxteħtu għarkubbtejhom. Baxxew rashom bi ħrara kbira u qalu s-sejħa u t-talba ta' l-Ispirtu s-Santu. Imbagħad minn bejn is-swaba', li matul il-jum kienu ħadmu sa għejew, iż-żerżqu ż-żibeġ ta' l-aktar sempliċi fost it-talb kollu. Meta l-ġakulatorji ta' l-aħħar intemmu, il-leġjunarji qagħdu bil-qiegħda, u, taħt il-ħarsien ta' Marija (kif tidher fl-istatwa tagħha), fittxew li jaraw kif setgħu l-aħjar jogħġbu 'l Alla u jagħmluh maħbub fid-dinja tiegħu. Minn dik id-diskussjoni twieled il-Leġjun ta' Marija, bħalma hu llum bl-għamliet kollha tiegħu.

X'ħaġa tal-għaġeb! Min seta' qatt jobsor x'destin kien hemm lest fil-ġejjieni mhux imbiegħed għal dawk in-nies sempliċi li kienu meħdija bi ħwejjeġ tant ieħor sempliċi? Min, fosthom, seta' jaħseb li kienu qegħdin jagħtu bidu lil sistema li kellha ssir qawwa ġdida fid-dinja: qawwa li meta titħaddem b'reqqa u b'ħerqa ssib is-setgħa f'Marija, li tagħti l-ħajja, il-ħlewwa u t-tama lill-ġnus? Imma hekk kellu jiġri.

Dak l-ewwel tisħib tal-leġjunarji ta' Marija sar f'Myra House, Francis Street, Dublin, l-Irlanda, fit-8 ta' filgħaxija tas-7 ta' Settembru ta' l-1921, lejlet il-festa tat-Twelid ta' Marija. Mill-isem ta' l-ewwel fergħa, jiġifieri Sidtna Marija tal-Ħniena, l-għaqda kienet għal xi żmien magħrufa bħala "L-Għaqda ta' Sidtna Marija tal-Ħniena."

Din id-data ġiet iffissata minn ċirkostanzi li wieħed aktarx iqis-hom aċċidentali; anzi, dak iż-żmien il-ġurnata msemmija dehret inqas flokha milli kien ikun il-jum ta' wara. Kien biss fis-snin ta' wara, meta nħasset bil-provi l-imħabba tagħha ta' omm, li deher ċar li id Marija nħasset kollha ħlewwa f'ħin it-twelid tal-Leġjun.

U dalam u sebaħ — l-ewwel jum (Ġen 1:5), u żgur li l-ewwel, u mhux l-aħħar fwejħiet tal-festa tat-twelid tagħha kienu jixirqu lill-ewwel waqtiet ta' għaqda li l-iskop ewlieni u dejjiemi tagħha hu li tnissel fiha xebh ma' Marija u b'hekk tfaħħar il-Mulej u twasslu lill-bnedmin.

"Marija hi l-Omm tal-membri kollha tal-Feddej, għaliex b'imħabbitha għenet fit-twelid ta' l-Insara fil-Knisja. Marija hija l-forma ħajja t'Alla, jiġifieri fiha biss il-Bniedem-Alla ħa s-sura naturali bla ma tilef xejn mid-divinità tiegħu; u fiha biss il-bniedem jista' jissawwar sewwa f'Alla b'mod ħaj safejn tista' tasal in-natura umana bis-saħħa tal-grazzja ta' Ġesù Kristu" (Santu Wistin).

"Il-Leġjun ta' Marija juri l-wiċċ veru tal-Knisja Kattolika" (Il-Beatu Ġwanni XXIII).

# 2

# L-ISKOP

L-iskop tal-Leġjun ta' Marija huwa l-glorja t'Alla permezz tal-qdusija tal-membri tiegħu. Din tissaħħaħ bit-talb u l-kooperazzjoni attiva, taħt it-tmexxija tal-Knisja, mal-ħidma ta' Marija u tal-Knisja li jisħqu ras is-serp u jġibu 'l quddiem is-saltna ta' Kristu.

Bl-approvazzjoni tal-Concilium u bir-restrizzjonijiet imsemmijin fil-Manwal Uffiċjali tal-Leġjun, il-Leġjun ta' Marija jinsab għad-dispożizzjoni ta' l-isqof tad-djoċesi u tal-kappillan għal kwalunkwe għamla ta' servizz soċjali u ħidma Kattolika li dawn l-awtoritajiet jidhrilhom xierqa għal-leġjunarji u ta' siwi għall-għid tal-Knisja. Il-leġjunarji qatt ma jidħlu għal ebda waħda minn dawn il-ħidmiet f'parroċċa mingħajr il-permess tal-kappillan jew ta' l-ordinarju.

F'dan il-ktieb b'ordinarju nifhmu l-ordinarju tal-post, jiġifieri l-isqof tad-djoċesi, jew awtorità oħra kompetenti fil-Knisja.

"1. L-iskop immedjat ta' dawn l-organizzazzjonijiet huwa l-iskop appostoliku tal-Knisja, jiġifieri l-evanġelizzazzjoni u l-qdusija tal-bnedmin u l-formazzjoni Nisranija tal-kuxjenza tagħhom. B'hekk

jirnexxilhom idaħħlu l-ispirtu ta' l-evanġelju fid-diversi komunitajiet u ambjenti tal-ħajja.

2. Meta jgħinu lill-Ġerarkija skond il-mod proprju tagħhom il-lajċi jagħtu l-esperjenza tagħhom u jerfgħu fuq spallejhom ir-responsabbiltà li jmexxu dawn l-għaqdiet, li jistudjaw iċ-ċirkostanzi li fihom għandha ssir il-ħidma pastorali tal-Knisja u jfasslu u jwettqu l-pjan tal-ħidma.

3. Il-lajċi jaħdmu magħqudin flimkien bħal korp organiku wieħed biex juru aħjar il-komunità tal-Knisja u biex l-appostolat jagħti aktar frott.

4. Il-lajċi, kemm jekk joffru rwieħhom minn jeddhom, kemm jekk ikunu mistiedna biex jaħdmu u jikkoperaw direttament ma' l-appostolat tal-Ġerarkija, jimxu taħt id-direzzjoni ogħla ta' l-istess Ġerarkija li tista' tawtorizza wkoll din il-kooperazzjoni permezz ta' mandat espliċitu" (AA 20).

# 3

# L-ISPIRTU TAL-LEĠJUN

L-ispirtu tal-Leġjun ta' Marija hu dak ta' Marija nfisha. Il-Leġjun ifittex li jimita l-aktar l-umiltà profonda tagħha, l-ubbidjenza sħiħa tagħha, il-ħlewwa anġelika tagħha, it-talb tagħha bla heda, it-tgħakkis tagħha f'kollox, is-safa tagħha bla ebda tebgħa, is-sabar erojku tagħha, il-għerf tagħha tas-sema, l-imħabba qalbiena tagħha lejn Alla li wasslitha sas-sagrifiċċju personali, u fuq kollox il-fidi tagħha, dik il-virtù li fiha biss instabet fl-aqwa tagħha u qatt ma ntlaħqet minn ħadd. Ispirat b'din l-imħabba u fidi ta' Marija, il-Leġjun tagħha jmidd idejh għal kull xorta ta' ħidma u "ma jgħidx: 'Dan ma jistax isir', għaliex jifhem li jista' u jiflaħ jagħmel kollox" (Tumas ta' Kempis: *Imitazzjoni ta' Kristu,* 3:5).

"Il-mudell perfett ta' din il-ħajja appostolika u spiritwali hi l-Imqaddsa Verġni Marija, Sultana ta' l-Appostli. Fuq din l-art, il-ħajja tagħha kienet bħal ta' ħaddieħor, mimlija bix-xogħol u tieħu ħsieb tad-dar; iżda baqgħet dejjem magħquda intimament ma' l-Iben tagħha u kkooperat b'mod għal kollox uniku fl-opra tal-Feddej . . . Kulħadd għandu jkollu devozzjoni ġenwina lejha u jafda ħajtu fil-ħarsien matern tagħha" (AA 4).

# 4
# IS-SERVIZZ LEĠJUNARJU

**1. Għandu "jilbes l-armatura t'Alla"** (Efes 6:11)

Il-Leġjun Ruman, li minnu ħa ismu l-Leġjun, baqa' jissemma tul is-sekli għal-lealtà, kuraġġ, dixxiplina, sagrifiċċju u suċċess, u dan għal skopijiet aktarx baxxi u mogħnijin bl-interessi tad-dinja (ara l-appendiċi 4, *Il-Leġjun Ruman*). Hi ħaġa ċara li ma jixraqx li l-Leġjun ta' Marija joffrilha l-isem iżda mhux il-kwalitajiet tajba tal-Leġjun Ruman, bħallikieku ġojjell bil-ħaġriet maqlugħin. F'dawn il-kwalitajiet jinsab il-minimu li jista' jingħata bħala s-servizz leġjunarju. San Klement, li kien ikkonvertit minn San Pietru u mbagħad ħadem ħafna ma' San Pawl, jissuġġerixxi l-armata ta' Ruma bħala mudell li l-Knisja jmissha timxi fuqu.

"Min huma l-għedewwa? Huma l-ħżiena li jirreżistu r-rieda t'Alla. Mela ejjew ninxteħtu b'rieda soda fil-ġlieda ta' Kristu u nqiegħdu lilna nfusna taħt il-kmand glorjuż tiegħu. Ejjew neżaminaw mill-qrib lil dawk li jservu fil-Leġjun Ruman taħt l-awtoritajiet militari, u nosservaw id-dixxiplina tagħhom, l-ubbidjenza tagħhom li tagħmilhom dejjem lesti biex iwettqu l-ordnijiet. Mhux kollha huma prefetti, jew tribuni, jew ċenturjuni, jew kmandanti ta' ħamsin, jew fi gradi aktar baxxi ta' awtorità. Imma kull bniedem, hu x'inhu l-grad tiegħu, jagħmel l-ordni ta' l-imperatur u ta' l-uffiċjali tiegħu. Il-kbar ma jistgħux jgħaddu mingħajr iż-żgħar; lanqas iż-żgħar mingħajr il-kbar. Ċerta għaqda organika torbot il-partijiet kollha, u hekk kull wieħed jgħin lil kulħadd u hu megħjun minn kulħadd. Ejjew inxebbhu dan mal-ġisem tagħna. Ir-ras m'hi xejn mingħajr ir-riġlejn; hekk ukoll ir-riġlejn m'huma xejn mingħajr ir-ras. Imqar l-iċken organi ta' ġisimna, ilkoll huma meħtieġa u ta' siwi għall-ġisem kollu. Tant hu hekk li l-partijiet kollha jaħdmu flimkien, jiddependu minn xulxin, u jobdu lkoll għall-ġid tal-ġisem kollu" [San Klement, Papa u Martri: *Epistola lill-Korintin* (96 Wara Kristu), kapitli 36 u 37].

**2. Għandu jkun "sagrifiċċju ħaj, qaddis, jogħġob lil Alla, u ma jimxix max-xejra ta' din id-dinja"** (Rum 12:1-2)

Fuq dan il-pedament jinbnew fil-leġjunarju fidil virtujiet tant kbar daqskemm hu għoli l-ideal tiegħu, u b'mod speċjali, ġenerożità nobbli li tista' ttenni dak is-sentiment ta' Santa Tereża ta' Ġesù: "Tieħu hekk ħafna, u tagħti hekk ftit: O, dan hu martirju li ma niflaħx għalih." Waqt li jikkontempla 'l Sidu msallab, li ta

sa l-aħħar nifs u sa l-aħħar qatra ta' demmu għalih, is-servizz tal-leġjunarju wkoll għandu jidher bħala offerta sħiħa tiegħu nnifsu.

"X'kien fadalli nagħmel għall-għalqa tiegħi u ma għamiltux?" (Is 5:4).

**3. M'għandux jaħrab minn "taħbit u xogħol iebes"** (2 Kor 11:27)

Dejjem se nsibu postijiet fejn il-ħeġġa tal-Fidi Kattolika tħabbat wiċċha ma' għodod tal-mewt u t-tortura. Ħafna kienu l-leġjunarji li għaddew rebbieħa mill-bibien tal-glorja. Iżda ġeneralment id-dedikazzjoni leġjunarja ma tasalx sa hawn, għalkemm toffri opportunitajiet biżżejjed għal taħriġ ta' qlubija vera, iżda siekta. L-appostolat tal-Leġjun iġegħilna nersqu lejn ħafna li jagħżlu jibqgħu 'l bogħod minn influwenza spiritwali tajba, u lejn oħrajn li juru stmerrija meta ssirilhom xi żjara minn dawk li jaħdmu għall-ġid u mhux għad-deni. Dawn kollha jistgħu jintrebħu, imma mhux mingħajr it-taħriġ ta' l-ispirtu bis-sabar u l-qlubija.

Ħars ikrah, it-tingiża ta' l-insult u ċ-ċanfira, twaqqigħ għaċċajt u kritika li tweġġa', għeja tal-ġisem u tar-ruħ, diżappuntament għan-nuqqas ta' suċċess li seta' nkiseb u għall-ingratitudni kiefra, bard li jxoqq il-għadam u xita qalila, ħmieġ u dud u ntejjen, mogħdijiet mudlama u nħawi tad-dnub, it-twarrib ta' divertimenti, it-taqtigħ ta' qalb li bix-xaba' jsieħeb il-ħidma, in-nuqqas ta' sens ta' reliġjon u l-ġibda għall-ħażen li jġibu għafsa ta' qalb fir-ruħ sensittiva, id-dieqa fid-dwejjaq ta' l-oħrajn: ftit hemm x'jiġbdek f'dan kollu; imma jekk nilqgħuh bil-ħlewwa, anzi jekk ngħodduh b'ferħ u nibqgħu sħaħ sa l-aħħar, insibu, meta niżnuh, li dan joqrob ħafna lejn dik l-imħabba, li akbar minnha l-ebda bniedem ma għandu, u li twassal biex wieħed jagħti ħajtu għal ħabibu.

"Xi nrodd lill-Mulej għall-ġid kollu li għamel miegħi?" (S 116:12).

**4. Għandu "jimxi fl-imħabba, bħalma Kristu wkoll ħabb lilna u ta lilu nnifsu għalina"** (Efes 5:2)

Is-sigriet ta' kull suċċess ma' l-oħrajn qiegħed filli toħloq kuntatt personali, il-kuntatt ta' mħabba u mogħdrija. Din l-imħabba għandha tkun aktar minn wirja biss. Għandu jkollha l-ħila żżomm iebes fil-provi li ħbiberija vera tiflaħ tissaporti. Dan sikwit ikun

jiswielna xi tgħakkis żgħir. Li ssellem bil-miftuħ lil xi ħadd li ftit qabel kont żort fil-ħabs, li jarawk miexi ma' nies bi ħwejjiġhom maħmuġa, li bil-qalb tieħu b'id ta' bniedem imċappsa bit-tajn, li tieħu sehem f'ikla li għaliha tkun mistieden f'dar fqira ħafna jew maħmuġa, għal x'uħud dan jista' jkun iebes; imma, jekk dan ma jsirx, l-attitudni ta' ħbiberija tidher li ma tkunx mill-qalb, il-kuntatt jinqata', u r-ruħ li tkun qiegħda tintrefa' terġa' taqa' lura, imqarrqa.

Qabel kull ħidma li hi tassew ta' siwi, wieħed irid ikun lest li jissagrifika ruħu f'kollox. Mingħajr dan, tkun ħidma li ma tiswa xejn. Il-leġjunarju li jasal jgħid: "Daqshekk, u mhux aktar, jasal is-sagrifiċċju tiegħi," ma jirnexxilux jagħmel ħlief ħwejjeġ mill-iċken, minkejja sforzi kbar. Min-naħa l-oħra, jekk ikun hemm dik il-ħerqa, anki jekk qatt ma tkun tinħtieġ, jew tkun meħtieġa ftit drabi biss, il-frott ikun bix-xaba'.

"Wieġbu Ġesù: 'Inti, tagħti ħajtek għalija?' " (Ġw 13:38).

**5. Għandu "jtemm il-ġirja"** (2 Tim 4:7)

Għalhekk is-sejħa tal-Leġjun hi għal servizz bla qies u bla kejl. Dan mhux biss parir ta' perfezzjoni, imma wkoll ta' ħtieġa, għaliex, jekk aħna ma nfittxux l-aqwa, ma naslux għal tisħib perseveranti. Perseveranza sa l-aħħar fil-ħidma ta' l-appostolat fiha nfisha hija erojka, u nistgħu niksbuha biss bħala riżultat ta' sensiela sħiħa ta' atti qalbiena li tagħhom, fl-aħħar mill-aħħar, hija wkoll il-premju.

Imma mhux it-tisħib individwali biss għandu jkollu n-nota tal-perseveranza. Kull xorta ta' ħidma fil-lista tad-dmirijiet tal-Leġjun għandha turi l-istess marka ta' sforz perseveranti. M'għandniex xi ngħidu, tibdil ma jistax ma jkunx hemm. Isiru żjajjar lil postijiet u nies differenti; ħidmiet jintemmu, u oħrajn jinbdew. Imma dan kollu hu t-tibdil regolari tal-ħajja, u mhux riżultat kapriċċuż ta' taħwid u tiftix għal ħwejjeġ ġodda, li jispiċċa biex iħarbat l-isbaħ dixxiplina. Imbeżża' minn dan l-ispirtu ta' tibdil, il-Leġjun jagħmel, bla qatt ma jehda, sejħa wara oħra għal karattru aktar sod. Laqgħa wara oħra, hu jibgħat il-membri tiegħu għall-ħidma tagħhom bil-kelma tal-qaddis, li qatt ma tinbidel, tidwi f'widnejhom: "Żommu iebes."

Is-suċċess veru hu marbut mal-perseveranza, li hi l-frott ta' rieda qawwija. Biex inżommu sħiħa r-rieda jeħtieġ li ma nċedu

qatt. Għalhekk il-Leġjun jitlob mill-fergħat u mill-membri tiegħu li jżommu sod u ma jaċċettawx telfa. U ma joqogħdux jgħidu għall-ħidmiet li jkollhom jagħmlu: "din sa tirnexxi"; "din ma tirnexxix"; "din ma għandniex tama fiha"; eċċ. Meta naċċettaw li sa fejn għandu x'jaqsam il-Leġjun biċċa xogħol hi "bla tama", dan ifisser li ruħ li ġiet mifdija bi prezz infinit hija ħielsa li tibqa' sejra fil-ġirja tagħha kollha bluha lejn l-infern bla ħadd ma jżommha. Barra minn hekk, dan ifisser li x-xewqa tagħna għattibdil u l-progress tkun qed tieħu post l-ogħla skopijiet tal-ħidma. Imbagħad jiġri li meta dak li jiżra' jsib li l-ħsad ma nibitx taħt riġlejh, żgur li jaqta' qalbu u llum jew għada jħalli l-ħidma.

Għalhekk nistgħu ngħidu li jekk f'xi każ partikolari nitilfu t-tama, dan jista' jdgħajfilna t-tama f'kull każ ieħor. Nindunaw jew le, aħna nibdew nidħlu għal kull xogħol bi spirtu ta' dubju jekk huwiex ta' min jagħmlu, waqt li nafu li l-inqas dubju jifleġ il-ħidma tagħna.

U l-agħar fost kollox hu li l-fidi ma tibqax tagħti aktar is-sehem xieraq tagħha fil-ħidmiet tal-Leġjun, u kemm kemm indaħħluha meta tgħidilna r-raġuni. Bil-fidi hekk imxekkla u r-rieda meqruda, jibdew jgħollu rashom minnufih il-biża' naturali, il-ħmerijiet u l-għaqal tad-dinja li qabel kienu mrażżna, u nsibu li l-Leġjun jibda joffri lil Alla ħidma ta' nofs kedda jew ta' nofs qalb li tħammar il-wiċċ.

Għaldaqstant, il-Leġjun iqis il-programm tal-ħidma bħala ħaġa sekondarja, imma jagħti importanza kbira lill-qawwa tar-rieda li biha jsir. Ma jitlobx mill-membri tiegħu għana jew influwenza soċjali, iżda fidi soda; mhux għemil li jibqa' jissemma, imma biss sforz bla heda; mhux moħħ, imma mħabba li ma tintefiex; mhux saħħa ġgantija, imma dixxiplina soda. Ħidma leġjunarja għandha tkun ħidma li ma terħix, ħidma li għal kollox u għal dejjem tirrofta li taqta' qalbha. Fil-kriżi tkun qawwija bħal blata, iżda soda dejjem. Mimlija tama għas-suċċess, umli fis-suċċess, u mhix marbuta miegħu. Ma ċċedilhiex lit-telfa, ma tibżax minnha, dejjem titqabad magħha sa ma tifniha; tirbaħ fix-xkiel u fil-monotonija għax dawn jagħtu l-opportunità lill-fidi u lill-isforz f'assedju aħrax. Lesta u soda meta mitluba; fuq riġlejha għalkemm mhix imsejħa; u wkoll meta m'hemmx it-taqtigħa u l-ebda għadu ma jidher, tibqa', għal li jista' jinqala' u bla ma tegħja, għassa għall-interessi t'Alla. Bi ħrara għall-impossibbli; iżda ma jimpurtax jekk ikollha biss tidħol flok ħaddieħor;

xejn kbir wisq; ebda dmir umli wisq; għal kull wieħed l-istess attenzjoni bir-reqqa, l-istess sabar bla tarf, l-istess kuraġġ li ma jċedix; kull ħidma tingħaraf mill-istess qlubija tal-għaġeb. Dejjem għassa għall-erwieħ; dejjem fil-qrib biex tgħin id-dgħajfa fil-ħin tat-tiġrib; b'għajnejha miftuħa biex tieħu għal għarrieda lil dawk ta' qalbhom iebsa fil-mumenti tajba li rari jkollhom; ma taqtax fit-tfittxija għal dawk li tbiegħdu mit-triq it-tajba. Mingħajr ħsieb tagħha nfisha; il-ħin kollu taħt is-salib ta' l-oħrajn bla ma tiċċaqlaq minn hemm sakemm ix-xogħol jintemm.

Bla waqfien għandha tkun il-ħidma ta' dik il-għaqda kkonsagrata lill-Virgo Fidelis, u li ġġib, għall-ġieħ jew għall-għajb, isimha.

# 5

# IX-XEJRA TAD-DEVOZZJONI TAL-LEĠJUN

Ix-xejra tad-devozzjoni tal-Leġjun tidher fit-talb tiegħu. Il-Leġjun hu l-ewwelnett mibni fuq fidi profonda f'Alla u fuq imħabbtu għal uliedu. Hu jrid jikseb glorja kbira mit-tħabrik tagħna u hu jsaffih u jġiegħlu jagħti l-frott u jagħmlu perseveranti. Aħna nitbandlu mill-estrem ta' l-apatija għall-estrem l-ieħor t'ansjetà kbira għaliex naħsbu li Alla qiegħed 'il bogħod mix-xogħol tagħna. Flok nagħmlu hekk, ejjew nifhmuha tajjeb li l-istess fehma tagħna għat-tajjeb qiegħda fina għax nissilha hu, u nistgħu biss inwettquha jekk jissokta jgħinna hu. Is-suċċess ta' dak ix-xogħol li nidħlu għalih hu għal qalbu wisq aktar milli hu għal qalbna. Aħna nixtiequ nsiru qaddisin; hu jixtieq dan miljun darba aktar minna.

Dak li fuq kollox għandu jqawwi qalb il-leġjunarji hu l-ħsieb li Alla, il-Missier tajjeb tagħhom, jinsab dejjem magħhom fiż-żewġ għamliet tax-xogħol tagħhom, jiġifieri li jqaddsu lilhom infushom u li jaqdu lil għajrhom. Xejn ma jista' jfixkilhom fit-triq tas-suċċess ħlief in-nuqqas ta' tama. Kieku jkollna fidi biżżejjed, Alla jinqeda bina biex nirbħu d-dinja għalih.

"Għax kull min hu mwieled minn Alla jegħleb lid-dinja. Din hi r-rebħa fuq id-dinja: il-fidi tagħna" (1 Ġw 5:4).

"Temmen ifisser 'titlaq lilek innifsek' għall-verità tal-kelma t'Alla l-ħaj għaliex taf u tagħraf bl-umiltà kollha 'kemm tassew ħadd ma jista' jgħarbel il-ġudizzju tiegħu u *jifhem it-triqat tiegħu!'* (Rum 11:33). Marija, li għax din kienet ir-rieda eterna ta' Alla l-Għoli, sabet ruħha fil-qalba ta' dawk 'it-toroq li ma nistgħux nifhmu' u 'l-ġudizzji li ħadd ma jista' jgħarbel' t'Alla, qagħdet għalihom fid-dawl dgħajjef tal-fidi u b'mod sħiħ u minnufih laqgħet bil-qalb kull ma kien hemm fil-pjan t'Alla" (RMat 14).

## 1. ALLA U MARIJA

Wara Alla, il-Leġjun hu mibni fuq id-devozzjoni lejn Marija, "dak il-miraklu tal-għaġeb ta' l-Aktar Għoli" (Il-Beatu Piju IX). Imma x'inhu l-post ta' Marija nfisha quddiem Alla? Hu ħalaqha mix-xejn bħalma ħalaq l-ulied kollha ta' l-art; u għalkemm hu, imbagħad għollieha għal grad ta' grazzja wisq kbira u tal-għaġeb, madankollu ħdejn il-Ħallieq tagħha tibqa' qisha xejn. Tabilħaqq, hi kreatura tiegħu aktar minn ħaddieħor, għax magħha għamel aktar milli għamel ma' kull kreatura oħra. Aktar ma jagħmel magħha, hi aktar issir opra ta' jdejh.

Ħwejjeġ tassew kbar għamel magħha. Sa minn dejjem ta' dejjem il-ħsieb tagħha kien f'moħħu flimkien ma' dak tal-Feddej. Seħibha mal-ħsieb moħbi tal-pjani tiegħu tal-grazzja u għamilha l-Omm vera ta' Ibnu u ta' dawk magħqudin ma' l-Iben. Għamel dan kollu, l-ewwelnett għaliex minn Marija nfisha kien sa jirbaħ aktar milli seta' jirbaħ mill-ħlejjaq l-oħra safja kollha f'daqqa. It-tieninett kellu ħsieb li, b'mod li aħna ma nistgħux nifhmuh biżżejjed, ikabbar b'hekk il-glorja li kien se jikseb minn għandna. Hekk it-talb u l-ħidma ta' mħabba li aħna noffru lil Marija, l-Omm u l-awżiljatriċi fil-Fidwa tagħna, ma jissarrfux f'telf għalih li għamilha hekk. Dak li jingħata lilha żgur imur, kollu kemm hu, għalih. Iżda dan m'huwiex biss trasferiment, imma tkattir tal-merti. Marija hi aktar minn qaddejja fidila. Hi ntgħażlet biex tkun element vitali fil-pjan tiegħu ta' ħniena b'mod li kemm il-glorja tiegħu kif ukoll il-grazzja tagħna **jitkattru** bis-saħħa tal-preżenza tagħha f'dan il-pjan.

Hekk kif jogħġob lill-Missier Etern li jilqa', permezz ta' Marija,

il-qima mogħtija lilu, hekk ukoll hu għoġbu jaħtarha biex tkun it-triq li minnha jaslu għand il-bnedmin il-grazzji tat-tjieba kbira u s-setgħa bla tarf tiegħu, ibda mill-għajn tagħhom ilkoll: it-Tieni Persuna Divina magħmula bniedem, il-ħajja vera tagħna, il-fidwa waħdanija tagħna.

"Jekk nixtieq li nkun niddependi mill-Omm, dan nixtiequ biex insir ilsir ta' l-Iben. Jekk nixtieq inkun tagħha, dan nixtiequ sabiex nagħti lil Alla l-qima ta' l-ubbidjenza tiegħi" (Sant'Ildefonsu).

## 2. MARIJA, MEDJATRIĊI TAL-GRAZZJI KOLLHA

It-tama tal-Leġjun f'Marija hi bla tarf, għax jaf li Alla ried li s-setgħa tagħha tkun bla tarf. Kull ma seta' jagħti lil Marija tahulha. Kull ma setgħet taqla' qalgħetu fil-milja tiegħu. Alla, minħabba fina, għamilha mezz speċjali tal-grazzja. Meta naħdmu id f'id magħha, nersqu aktar lejh, u għalhekk niksbu grazzji aktar bix-xaba'. Tabilħaqq aħna nqiegħdu ruħna fil-baħar tal-grazzja, għax hi l-Għarusa ta' l-Ispirtu s-Santu: hi twasslilna kull grazzja li Ġesù Kristu rebaħ. Ma naqilgħu xejn li ma nafuhx lill-interċessjoni tagħha għalina. Mhix kuntenta li twasslilna kollox: hi taqlgħalna kollox. Mimli bit-twemmin f'din il-kariga ta' Marija, il-Leġjun jordnaha bħala devozzjoni speċjali lill-membri tiegħu kollha.

"Aħseb b'liema mħabba mħeġġa riedna Alla nqimu lil Marija meta naraw li hu ġabar fiha l-milja ta' kull ġid: b'mod li kull tama, kull grazzja, kull fidwa, kollox — hekk ngħid u ma għandniex niddubitaw minn dan — jasal lilna permezz tagħha" (San Bernard: *Sermo de Aquaeductu*).

## 3. MARIJA MNISSLA BLA TEBGĦA

It-tieni xejra tad-devozzjoni tal-Leġjun hi lejn Marija mnissla bla tebgħa. Fil-laqgħa tal-bidunett il-membri talbu u ħadu deċiżjonijiet madwar altar żgħir ta' Marija mnissla bla tebgħa, sewwasew bħal dak li llum jifforma ċ-ċentru ta' kull laqgħa tal-Leġjun. Barra minn hekk, wieħed jista' jgħid li l-Leġjun ħa l-ewwel nifs tiegħu b'ġakulatorja f'ġieħ dan il-privileġġ ta' Sidtna Marija, pri-

vileġġ li ħejja t-triq għall-glorja u għall-privileġġi l-oħra kollha li wara ngħatawlha.

It-tnissil bla tebgħa ta' Marija jissemma fl-istess kliem li bih Alla wegħedna l-ewwel darba lil Marija nfisha. Il-privileġġ hu biċċa minn Marija: Marija hija l-imnissla bla tebgħa u flimkien mal-privileġġ, tħabbru l-ħwejjeġ tas-sema li kellhom jiġu miegħu: il-maternità divina, tisħiq ras is-serp fil-Fidwa, u l-ħatra ta' Marija bħala Omm il-bnedmin.

"U jien inqajjem mibegħda bejnek u bejn il-mara, bejn nislek u nisilha, u hu jisħaqlek rasek u int tisħaqlu għarqubu" (Ġen 3:15).

Lejn dawn il-kelmiet, li Alla li jista' kollox qal lix-xitan, il-Leġjun idur bħal lejn l-għajn tal-fiduċja u l-qawwa tiegħu fit-taqbida kontra d-dnub. Ifittex b'ħiltu kollha li jsir, fil-milja kollha, in-nisel, iben Marija, għax hemm jinsab ir-rahan tar-rebħa. Aktar ma l-Leġjun jagħmel lil Marija l-Omm tiegħu, aktar tikber il-mibegħda bejnu u bejn is-setgħat tal-ħażen, u r-rebħa tkun aktar sħiħa.

"Il-kotba tat-Testment il-Qadim u tat-Testment il-Ġdid, flimkien mat-Tradizzjoni mqaddsa, juruna b'mod aktar ċar u jiġbdulna l-attenzjoni għas-sehem ta' l-Omm tal-Feddej fil-pjan tas-salvazzjoni. Il-kotba tat-Testment il-Qadim jiddeskrivu l-istorja tas-salvazzjoni, u huma ħejjew bil-mod il-mod il-miġja ta' Kristu fid-dinja. L-iżjed dokumenti antiki, kif jinqraw fil-Knisja u kif nifhmuhom fid-dawl ta' rivelazzjoni aktar sħiħa li ġiet wara, iqiegħdu f'dawl aktar ċar ix-xbieha ta' mara, l-Omm tal-Feddej. Meta nħarsu lejha minn dan id-dawl, hi kienet diġà mħabbra b'mod profetiku fil-wegħda tar-rebħa fuq is-serp li saret lil Adam u Eva wara l-waqgħa tagħhom (ara Ġen 3:15)" (LG 55).

## 4. MARIJA OMMNA

Imma jekk aħna nistennew il-wirt tagħha bħala wliedha, għandu jkollna qima lejn il-maternità li permezz tagħha dan jaslilna. It-tielet xejra tad-devozzjoni tal-Leġjun lejn Marija hi l-ġieħ speċjali lejha, bħala l-Omm vera tagħna, kif tabilħaqq hi.

Marija saret Omm Kristu u Ommna x'ħin għat-tislima ta' l-anġlu hi tat il-kunsens umli tagħha: "Ara, jiena l-qaddejja tal-Mulej: ħa jsir minni skond kelmtek!" (Lq 1:38). Dik il-maternità tagħha kienet ipproklamata meta laħqet il-milja tagħha, jiġifieri meta nkisbet il-Fidwa. Waqt it-tbatijiet tal-Kalvarju, minn fuq

is-salib Ġesù qalilha: "Mara, hawn hu ibnek . . . Hawn hi ommok" (Ġw 19:26-27). Permezz ta' San Ġwann dawn il-kelmiet intqalu lill-magħżulin kollha. Bil-kooperazzjoni sħiħa tagħha, bil-kunsens u t-tbatijiet tagħha f'dan it-twelid spiritwali ta' l-umanità, Marija saret Ommna fis-sens l-aktar sħiħ u perfett tal-kelma.

Bħala wlied veri tagħha, għandna nġibu ruħna bħala wlied ċkejkna li jiddependu minnha f'kollox. Lilha għandna nistennew li titmagħna, tmexxina, tgħallimna, tfejjaqna mill-mard, tfarraġna fin-niket, tifthilna għajnejna fid-dubji, issejħilna lura meta nitbiegħdu; sabiex waqt li nafdaw ruħna għal kollox f'idejha, nistgħu nikbru fix-xebh ta' ħuna l-kbir, Ġesù, u naqsmu fil-missjoni tiegħu li jissielet mad-dnub u jegħlbu.

"Marija hi Omm il-Knisja mhux biss għaliex hija Omm Kristu u l-persuna l-aktar magħquda miegħu intimament 'fl-ekonomija l-ġdida li biha l-Iben t'Alla ħa minn għandha n-natura umana, biex ikun jista' fil-misteru tal-ġisem tiegħu jeħles il-bniedem mid-dnub', iżda wkoll għaliex 'hija tiddi quddiem il-komunità kollha tal-magħżulin bħala mudell tal-virtujiet.' L-ebda omm ma tista' tillimita x-xogħol tagħha biex tiled biss. Hi trid tagħmel ħilitha biex tgħajjex u trabbi dan il-wild ġdid. Bl-istess mod l-Imqaddsa Verġni Marija, wara li ħadet sehem fis-sagrifiċċju tal-Fidwa ta' Binha, u għamlet dan hekk mill-qrib li kien jisthoqqilha tiġi ddikjarata minnu bħala l-Omm mhux biss tad-dixxiplu tiegħu Ġwanni, iżda — ħalluna naffermaw dan — ta' l-umanità kollha li huwa b'xi mod jirrappreżenta, issa mis-sema hija tkompli taqdi d-dmirijiet tagħha ta' omm bħala kooperatriċi fit-twelid u fl-iżvilupp tal-ħajja divina fl-erwieħ individwali tal-bnedmin mifdija. Din hija verità ta' l-akbar konsolazzjoni li skond ir-rieda ħielsa t'Alla, li hu għerf bla tarf, tagħmel sehem sħiħ mill-misterju tas-salvazzjoni tal-bniedem; għalhekk dan għandhom jemmnuh l-Insara kollha" (SM).

## 5. ID-DEVOZZJONI TAL-LEĠJUN HI L-BAŻI TA' L-APPOSTOLAT TAL-LEĠJUN

Wieħed mill-egħżeż dmirijiet tal-Leġjun għandu jkun li juri devozzjoni mill-qalb lejn l-Omm t'Alla. Dan jista' jsir biss billi kull membru jissieħeb f'din id-devozzjoni b'meditazzjoni serja u bi prattika kollha ħrara.

Biex id-devozzjoni tkun tabilħaqq prova ta' qima leġjunarja, din jeħtieġ tkun parti essenzjali tal-Leġjun. Dan hu obbligu tat-

tisħib daqskemm hu dak tal-laqgħa ta' kull ġimgħa, u tal-ħidma attiva. Kulħadd għandu jieħu sehem f'din id-devozzjoni f'għaqda perfetta. Fuq din il-qima l-membri qatt ma jistgħu jisimgħu biżżejjed.

Iżda din il-għaqda hi ħaġa mill-aktar delikata għaliex sa ċertu punt kull membru għandu kontroll fuqha u jista' jħassarha. Għalhekk kull wieħed hu marbut solennement li jħares din il-għaqda. Jekk ikun hemm xi nuqqas, jekk il-leġjunarji ma jkunux "ġebel ħaj, mibni f'dar spiritwali" (1 Pt 2:5), parti vitali tal-bini tal-Leġjun ma tkunx qiegħda tagħti sehemha. Aktar ma dak il-ġebel ħaj jonqos f'dan, aktar is-sistema tal-Leġjun tersaq lejn ir-rovina, ma tagħtix kenn lil uliedu u għalhekk bilkemm tkun tista' żżommhom. Anqas u anqas ma tista' tkun għamara ta' kwalitajiet għolja u qaddisa, jew il-bidu ta' sforz qalbieni.

Imma jekk kulħadd jaqdi dmiru kif jixraq dan il-punt tas-servizz leġjunarju, il-Leġjun isir magħqud b'mod tal-għaġeb fil-fehma, fl-iskop u fix-xogħol tiegħu. Din il-għaqda hi hekk għażiża fil-għajnejn t'Alla, li libbisha b'qawwa irreżistibbli. Jekk id-devozzjoni vera lejn il-Verġni Mbierka hi għall-individwu mezz speċjali ta' grazzja, mela din x'għandha tkun għal dik il-għaqda li hi dejjem qalb waħda fit-talb ma' dik (Atti 1:14) li mingħand Alla qalgħet kollox, li taqsam fl-ispirtu tagħha u li tidħol għal kollox fil-pjan t'Alla għal dak li hu tqassim tal-grazzji! Ma tkunx forsi għaqda bħal din mimlija bl-Ispirtu s-Santu (Atti 2:4) u ma jsirux ukoll "ħafna mirakli u sinjali"? (Atti 2:43).

"Hi u titlob f'nofs l-appostli fiċ-ċenaklu b'qalbha mimlija ħrara u qawwa bla qies għalihom, il-Verġni tniżżel fuq il-Knisja dak it-teżor li jgħammar fiha għal dejjem: il-milja tal-Paraklitu, l-ikbar rigal ta' Kristu" (ISE 4).

## 6. IMQAR LI MARIJA KIENET MAGĦRUFA!

Dan il-kliem li ġej ta' Fr Faber jiswa ħafna għal dak is-saċerdot li għoddu qata' qalbu jitqabad f'baħar ta' bruda reliġjuża. Hu jagħtih l-ewwel ħjiel ta' dak li l-Leġjun jista' joffrilu. Is-silta hi meħuda mid-daħla għat-trattat ta' San Lwiġi-Marija de Montfort *Id-Devozzjoni Vera lejn il-Verġni Mbierka,* li hu għajn bla tarf t'ispirazzjoni għal-Leġjun. Fr Faber jgħid li Marija mhix magħrufa u maħbuba n-nofs li għandha tkun, b'konsegwenzi koroh

għall-erwieħ: "Id-devozzjoni lejha hi bierda, dgħajfa u fqira. M'għandhiex fidi fiha nfisha. Din hija r-raġuni għaliex Ġesù mhux maħbub, l-eretiċi ma jikkonvertux, il-Knisja mhix miġjuba; xi erwieħ li jistgħu jsiru qaddisin jinxfu u jidbielu; is-sagramenti ma jersqux għalihom sewwa, u l-erwieħ mhumiex evanġelizzati b'ħeġġa. Ġesù mhux magħruf għaliex Marija titħalla lura. Eluf ta' erwieħ jintilfu għaliex Marija tinżamm 'il bogħod minnhom. Il-kawża ta' tant difetti, taħsir, ħażen, nuqqasijiet u telf hija d-dell miżerabbli u xejn xieraq li aħna nsejħu d-devozzjoni tagħna lejn il-Verġni Mbierka. Jekk aħna għandna nemmnu fir-rivelazzjonijiet tal-qaddisin, Alla qiegħed isus għal devozzjoni akbar, aqwa, aktar sħiħa, devozzjoni għal kollox differenti lejn l-Omm Imbierka tiegħu . . . Halli l-bniedem jippruvaha għalih innifsu, u l-grazzji li din id-devozzjoni ġġib magħha, flimkien mal-bidla li tnissel f'ruħu, jikkonvinċuh malajr mis-setgħa tagħha li bilkemm titwemmen, bħala mezz għas-salvazzjoni tal-bnedmin u għall-miġja tas-Saltna ta' Kristu."

"Il-Verġni għandha s-setgħa qawwija li tisħaq ras is-serp; l-erwieħ magħqudin magħha għandhom is-setgħa li jirbħu lid-dnub. F'dan għandna nemmnu b'fidi sħiħa, b'tama soda.

Alla lest jagħtina kollox. Kollox iżda jiddependi minna u minnek, ja Omm t'Alla li kollox taqla', taħżen u tqassam! Kollox jiddependi mill-għaqda tal-bnedmin ma' dik li kollox taqla' mingħand Alla" (Gratry).

## 7. INRESSQU LIL MARIJA LEJN ID-DINJA

Jekk id-devozzjoni lejn Marija tagħmel tant għeġubijiet, mela l-iskop ewlieni tagħna għandu jkun li nħaddmu dak l-istrument, jiġifieri li nressqu lil Marija lejn id-dinja. U kif jista' dan isir aħjar jekk mhux permezz ta' għaqda ta' lajċi, li tkun attiva, tħobb lil Marija bil-qawwa kollha tagħha, tintrabat li tiġbed lejha qalb kulħadd, u tinqeda bil-ħidmiet kollha tagħha biex tilħaq dan l-iskop? Il-karattru lajk tal-għaqda jiftaħ il-bibien għal numru bla qies ta' membri u l-attività wiesgħa tagħha jirnexxilha tidħol kullimkien.

Il-Leġjun li jġib isem Marija bi kburija liema bħalha hu mibni fuq il-fiduċja bla tarf u sempliċi fiha. Hu jissaħħaħ billi jnissel lil Marija f'qalb kull wieħed mill-membri tiegħu. Waqt li jżomm il-membri bħal bċejjeċ ta' mekkaniżmu li jaħdmu f'armonija sħiħa

ta' lealtà u dixxiplina, il-Leġjun jemmen b'fiduċja u bla preżunzjoni li s-sistema tiegħu teħtieġ biss li titħaddem bl-id ta' l-Awtorità tal-Knisja biex tħaddan id-dinja. Marija jogħġobha tinqeda bil-Leġjun bħala mezz biex twettaq il-ħidma tagħha ta' Omm għall-erwieħ, u tissokta l-missjoni tagħha bla heda li tisħaq ras is-serp.

" 'Kull min jagħmel ir-rieda t'Alla, dak huwa ħija, u oħti, u ommi' (Mk 3:35). X'għaġeb! X'ġieħ! Għal liema grad ta' glorja Ġesù jerfagħna! In-nisa jxandru bħala l-aktar ixxurtjata lil dik li wilditu f'din id-dinja; imma x'iżommhom milli jieħdu sehem f'dik l-istess maternità? Hawn l-evanġelju jitkellem dwar għamla ġdida ta' tnissil, dwar ġenituri ġodda" (San Ġwann Grisostmu).

# 6

# ID-DMIR TAL-LEĠJUNARJI LEJN MARIJA

1. **Kull membru għandu jgħożż, bħala missjoni fdata lil-Leġjun, il-ħarsien tad-devozzjoni tal-Leġjun lejn Marija b'meditazzjoni serja u għemil imħeġġeġ. Dan għandu jitqies bħala parti essenzjali tad-dmir leġjunarju, li jiġi qabel kull dmir ieħor tattisħib.** (Ara l-kapitlu 5, *Ix-Xejra tad-Devozzjoni tal-Leġjun,* u l-appendiċi 5, *Il-Konfraternità ta' Marija Sultana tal-Qlub Kollha*).

Il-Leġjun ifittex li jagħti 'l Marija lid-dinja bħala mezz infallibbli biex jirbaħ id-dinja għal Ġesù. Bla dubju, mingħajr Marija f'qalbu, il-leġjunarju ma jistax jissieħeb f'dan. Hu maqtugħ mill-iskop tal-Leġjun, hu suldat bla armi, ħolqa miksura, jew bħal id pparalizzata: magħquda iva mal-ġisem, iżda x'tiswa għall-ħidma?

Il-ħidma ta' kull armata (u xejn anqas tal-Leġjun) għandha torbot kull wieħed mis-suldati mal-mexxej tiegħu, b'mod li l-pjan ta' dan iseħħ bla xkiel u minn kulħadd f'daqqa. L-armata qisha bniedem wieħed. Lejn dan l-iskop jimmiraw it-taħriġ u d-dixxiplina bir-reqqa tagħhom. Barra minn dan, fis-suldati ta' l-armati l-kbar kollha ta' l-istorja nsibu lealtà tbaqbaq lejn il-mex-

xej tagħhom, li ssaħħaħ il-għaqda tagħhom miegħu u tħaffef is-sagrifiċċji mitluba fit-tisħiħ tal-pjan tiegħu. Dwar dan il-mexxej, wieħed jista' jgħid li huwa l-ispirazzjoni u r-ruħ tas-suldati tiegħu, il-qalb ta' qalbhom, ħaġa waħda magħhom, u kliem ieħor bħal dan. Dan il-kliem juri l-qawwa ta' l-influwenza tiegħu, u sa ċertu punt juri dak li hu veru.

Iżda fl-aħħar mill-aħħar għaqda bħal din hi għaqda sentimentali jew mekkanika biss. Ir-relazzjoni bejn ir-ruħ Nisranija u Marija l-Omm tagħha m'hix hekk. Meta tgħid li Marija tinsab fir-ruħ tal-leġjunarju leali tkun qed tpinġi għaqda bil-wisq anqas qawwija milli tassew hi. In-natura ta' din l-għaqda hi mfissra mill-Knisja fit-titli ta' Sidtna Marija bħala "Omm tal-Grazzja Divina," "Medjatriċi tal-Grazzji Kollha." Il-ħakma ta' Marija fuq il-ħajja tar-ruħ, imfissra f'dawn it-titli, hi hekk sħiħa li lanqas l-akbar fost ir-rabtiet ta' din l-art — ir-rabta ta' l-omm mat-tarbija li għad trid titwieled — ma hi biżżejjed biex tfisser l-intimità tagħha. Proċessi naturali oħra jistgħu jgħinuna biex nifhmu sewwa post Marija fil-ħidmiet tal-grazzja. Id-demm ma jitqassamx jekk mhux permezz tal-qalb, l-għajnejn huma l-ħolqa meħtieġa bejnna u bejn id-dinja li naraw, u l-għasfur, minkejja t-tferfir ta' ġwenħajh, ma jistax jogħla mingħajr l-għajnuna ta' l-arja. Hekk ir-ruħ, skond l-ordni mwaqqaf minn Alla, ma tistax togħla lejn Alla, jew taħdem għal Alla, mingħajr Marija.

Din id-dipendenza minn Marija m'hijiex frott tal-moħħ u lanqas tal-qalb, iżda hi ħaġa ġejja minn Alla. Hi għalhekk tibqa' taħdem fina anke meta ma naħsbux fiha jew ma nħossuhiex. Iżda tista' u għandha tissaħħaħ bla tarf jekk nissieħbu magħha minn jeddna. Fil-qawwa tal-għaqda ma' dik li, kif jgħid San Bonaventura, hi d-dispensatriċi ta' Demm il-Mulej, jinsabu għeġubijiet ta' qdusija, u għajn akbar milli wieħed jista' jifhem, ta' qawwa fuq l-erwieħ. Dawk li d-deheb sempliċi ta' l-appostolat ma jistax jeħlishom mill-jasar tad-dnub, jinħelsu lkoll meta Marija żżejjen dak id-deheb bil-ħaġar prezzjuż tad-Demm għażiż li ngħata lilha.

Għalhekk, aħna u nibdew b'konsagrazzjoni mħeġġa, li nġedduha sikwit bi kliem li jfissirha (bħal: "Jiena kollni tiegħek, Sultana u Omm tiegħi, u kulma għandi hu tiegħek"), dan il-ħsieb li Marija qiegħda taħdem fir-ruħ għandna nwettquh fi prattika hekk metodika u ħajja li r-ruħ tkun qisha "tieħu lil Marija man-nifs, kif il-ġisem jieħu l-arja" (San Lwiġi-Marija de Montfort, DV 217).

Fil-quddiesa, fit-tqarbin, fl-adorazzjoni, fir-rużarju, fil-Via Sagra, u f'devozzjonijiet oħra, ir-ruħ leġjunarja għandha tfittex li tkun qisha ħaġa waħda ma' Marija u timmedita l-misterji tal-Fidwa, magħquda ma' dik ir-ruħ wisq fidila li għexithom mal-Feddej, u li fihom kellha sehem indispensabbli.

U hekk, waqt li timitaha, waqt li tirringrazzjaha bil-ħlewwa, waqt li tifraħ u titnikket magħha, waqt li tagħtiha dik li Dante jsejjaħ "ħarsa profonda u mimlija mħabba," waqt li tiftakar fiha fit-talb, fix-xogħol u fl-għemil kollu tal-ħajja spiritwali, waqt li biex tiddependi minn Marija tinsa lilha nfisha u dak kollu li tista' tagħmel waħedha, ir-ruħ tal-leġjunarju hekk timtela bix-xbieha u bil-ħsieb ta' Marija li ż-żewġt erwieħ isiru ruħ waħda. Mitluf fil-kobor ta' ruħ Marija, il-leġjunarju jieħu sehem mill-fidi tagħha, mill-umiltà tagħha, mill-Qalb bla tebgħa tagħha u mill-qawwa tat-talb tagħha. U hekk hu jitbiddel fi Kristu, li hu l-iskop tal-ħajja kollha. Min-naħa l-oħra, fil-leġjunarju u permezz tiegħu, Marija tieħu sehem f'kull dmir leġjunarju, u tagħmilha ta' omm ta' l-erwieħ b'mod li f'kull ruħ li naħdmu għaliha u fir-ruħ tal-ħaddiema sħabna mhux biss naraw u naqdu lill-Mulej aħna, iżda tarah u taqdih Marija bl-istess imħabba ħelwa u ħsieb ta' omm li hi għandha għall-istess ġisem reali ta' l-Iben Divin tagħha.

Bil-membri mibdulin fi xbihat ħajja ta' Marija, il-Leġjun isir tabilħaqq Leġjun ta' Marija, magħqud mal-missjoni tagħha u żgurat mir-rebħa. Huwa jagħti lil Marija lid-dinja, u hi ddawwal lid-dinja, u minnufih tkebbisha kollha.

"Għix ferħan ma' Marija, erfa' s-slaleb tiegħek kollha ma' Marija, aħdem ma' Marija, itlob ma' Marija, għaddi r-rikreazzjoni tiegħek ma' Marija, ħu l-mistrieħ tiegħek ma' Marija. Flimkien ma' Marija fittex lil Ġesù; f'dirgħajk erfa' lil Ġesù, u ma' Ġesù u Marija waqqaf l-għamara tiegħek f'Nazaret. Ma' Marija mur Ġerusalemm, ibqa' ħdejn is-salib ta' Ġesù, indifen ma' Ġesù. Ma' Ġesù u Marija qum mill-ġdid, ma' Ġesù u Marija itla' s-sema, ma' Ġesù u Marija għix u mut" (Tumas ta' Kempis: *Priedka lin-Novizzi*).

## 2. L-IMITAZZJONI TA' L-UMILTÀ TA' MARIJA HI L-GĦAJN U L-MEZZ TAL-ĦIDMA LEĠJUNARJA

Il-Leġjun ikellem lill-membri tiegħu bi kliem ta' eżerċtu u taqbid. U hekk jixraq, għax il-Leġjun hu l-mezz u l-ħidma viżibbli

ta' dik li hi bħal eżerċtu lest għat-taqbida, u li b'ħilitha kollha titqabad għar-ruħ ta' kull bniedem. Barra minn hekk, l-idea tat-taqbid hi idea li tolqot ħafna lill-bnedmin. Il-ħsieb li huma suldati jqanqal lil-leġjunarji jaħdmu b'serjetà militari. Iżda t-taqbida tal-leġjunarji m'hijiex ta' din id-dinja, u għandha titmexxa fuq it-tattika tas-sema. In-nar li jaqbad fi qlub tassew leġjunarji jitnissel biss minn drawwiet umli u mhux minn dawk tad-dinja. L-ewwel fost dawn hi l-virtù ta' l-umiltà li d-dinja tant ma tifhimx u tmaqdar. Minkejja dan, hi nobbli u qawwija, u tagħti sens ta' nobbiltà u qawwa tal-għaġeb lil dawk li jfittxuha u jipprattikawha.

Fis-sistema tal-Leġjun l-umiltà għandha sehem uniku. L-ewwelnett hi mezz essenzjali ta' l-appostolat leġjunarju. Għaliex it-twaqqif u t-tkabbir tal-kuntatt personali, li minnu l-Leġjun tant jiddependi għall-ħidmiet tiegħu, jitolbu ħaddiema b'imġiba ġentili u mhux kburin. Din l-imġiba tista' titnissel biss minn umiltà vera tal-qalb. Iżda għal-Leġjun l-umiltà tfisser aktar minn sempliċi mezz għall-ħidma tiegħu esterna. Hi l-benniena nfisha ta' dik il-ħidma. Mingħajr l-umiltà ma jistax ikun hemm ħidma leġjunarja ta' siwi.

Kif jgħid San Tumas t'Aquino, Kristu jirrikkmandalna l-umiltà fuq kull ħaġ'oħra għax biha jitwarrab ix-xkiel ewlieni tas-salvazzjoni tal-bnedmin. Is-siwi tal-virtujiet l-oħra kollha jiġi minnha. Alla jagħti l-grazzji tiegħu biss fejn ikun hemm l-umiltà. Meta tonqos l-umiltà, dawk il-grazzji jittieħdu lura. L-Inkarnazzjoni, l-għajn tal-grazzji kollha, kienet tiddependi minnha. Marija fil-Magnificat tixhed li Alla wera fiha l-qawwa ta' driegħu; fi kliem ieħor, li ħaddem fiha l-istess omnipotenza tiegħu. U tgħid għaliex. Kienet l-umiltà tagħha li ġegħlitu jħares lejha u niżżlitu fostna biex itemm id-dinja l-qadima u jibda l-ġdida.

Iżda kif setgħet Marija tkun mudell ta' l-umiltà meta t-teżor tal-perfezzjonijiet tagħha kien bla qies — kien fil-fatt imiss il-bidu ta' l-infinit, u meta hija kienet taf b'dan? Kienet umli għax kienet taf ukoll li nfdiet b'perfezzjoni akbar milli biha nfeda kull bniedem ieħor minn ulied il-bnedmin. Kull raġġ dawl ta' qdusitha bla tarf kienet tafu lill-merti ta' Binha, u dak il-ħsieb kien dejjem ħaj f'moħħha. Il-moħħ singulari tagħha kien jagħraf għal kollox li billi hi qalgħet l-aktar, ħadd fost il-ħlejjaq kollha ma kellu dejn daqsha lejn Alla. Għalhekk ix-xejra ta' l-umiltà ħelwa u perfetta tagħha kienet naturali u kostanti.

Fl-istudju ta' Marija, il-leġjunarju jitgħallem li l-essenza ta' l-

umiltà vera tinsab fl-għarfien u fl-istqarrija bla tlaqliq ta' dak li wieħed tassew huwa quddiem Alla. Hu l-għarfien li wieħed għandu tiegħu dak biss li ma jiswa xejn. Kull ħaġa oħra hi don liberu t'Alla lir-ruħ; Alla hu li jżid, inaqqas jew jerġa' jieħu lura għal kollox, sewwasew kif hu biss jagħti. Din is-sottomissjoni tidher meta wieħed jagħżel bil-qalb ħidmiet umli u ftit imfittxa, f'dispożizzjoni li jilqa' bis-sabar it-tkasbir u ċ-ċanfir, u ġeneralment f'xejra lejn il-manifestazzjonijiet tar-rieda t'Alla li tirrifletti l-istqarrija ta' Marija nfisha: "Ara, jiena l-qaddejja tal-Mulej" (Lq 1:38).

Il-għaqda meħtieġa tal-leġjunarju mas-Sultana tiegħu titlob mhux biss ix-xewqa tal-leġjunarju għal dik il-għaqda, iżda wkoll il-ħila għaliha. Wieħed jista' jkollu l-fehma li jkun suldat tajjeb, u b'danakollu ma jikseb qatt il-kwalitajiet meħtieġa biex jagħti sehmu fit-taħriġ militari. Minn dan jiġi li l-għaqda ta' dak il-bniedem mal-ġeneral tiegħu tkun bla siwi b'mod li jfixkel it-twettiq tal-pjan militari. Hekk ukoll jista' jagħti l-każ li l-leġjunarju jkun jixtieq jieħu sehem kbir fil-pjan tas-Sultana tiegħu u minkejja dan ma jkunx kapaċi jirċievi dak li Marija tant tixtieq tagħtih. Fil-każ ta' suldat ordinarju, dan in-nuqqas ta' ħila jiġi minnuqqas ta' kuraġġ, dehen, saħħa fiżika u ħwejjeġ bħal dawn. Fil-każ tal-leġjunarju jiġi min-nuqqas tal-virtù ta' l-umiltà. L-iskop tal-Leġjun hu t-tqaddis tal-membri tiegħu u t-tixrid ta' dik il-qdusija fid-dinja. Iżda ma jistax ikun hemm qdusija mingħajr umiltà. Barra minn hekk, l-appostolat tal-Leġjun jaħdem permezz ta' Marija. Iżda ma jistax ikun hemm għaqda ma' Marija mingħajr ma wieħed isir jixbahha, u ftit jista' jixbahha jekk ma jkollux il-virtù speċjali tagħha ta' l-umiltà. Jekk il-għaqda ma' Marija hi l-kondizzjoni indispensabbli — l-għeruq, biex ngħidu hekk, tal-ħidma leġjunarja kollha, mela l-art li minnha jiddependu dawn l-għeruq hi l-umiltà. Jekk din l-art ma tkunx tajba, il-ħajja leġjunarja tinxef.

Minn dan jiġi li t-taqbida tal-Leġjun għall-erwieħ għandha tibda fil-qalb tal-leġjunarju individwali. Kull wieħed għandu jissielet miegħu nnifsu billi jirbaħ għal kollox f'qalbu l-ispirtu ta' kburija u egoiżmu. Din it-taqbida qalila u dan l-isforz biex niffurmaw intenzjoni retta, ikiddu bla heda l-għeruq tal-ħażen li jinsabu fina. Hi taqbida li ddum sejra ħajjitna kollha. Jekk nafdaw fl-isforzi tagħna noħorġu dejjem tellefin; għax il-jien ukoll idur u jaħbat għalina. X'jiswewlu l-muskoli lil min isib ruħu f'ramel tafli u dan jibda jċedi taħtu? Jeħtieġ ikun hemm appoġġ sod.

Leġjunarju, l-appoġġ sod tiegħek hi Marija. Serraħ magħha b'tama sħiħa. Hi ma tonqsokx, għax hi għandha l-għeruq fondi tagħha f'dik l-umiltà li hi tant meħtieġa għalik. It-triq sempliċi u żgura ta' l-umiltà hi li ngħixu fedelment fi spirtu ta' dipendenza minn Marija, triq li San Lwiġi-Marija de Montfort isejħilha "sigriet ftit magħruf tal-grazzja li jgħinna ninżgħu malajr u bi ftit sforz biss mill-jien, nimtlew b'Alla u nsiru perfetti" (DV 82).

Ara kif dan hu hekk. Meta l-leġjunarju jdur lejn Marija, ikollu bilfors jiċħad lilu nnifsu. Marija tieħu f'idejha din iċ-ċaħda u tgħolliha u tbiddilha f'dik il-mewt sopranaturali tal-jien, mewt li twettaq il-liġi tal-ħajja Nisranija — liġi iebsa iżda li tagħmel il-frott (Ġw 12:24-25). Il-għarqub tax-Xebba umli jisħaq is-serp tal-jien bil-ħafna rjus tiegħu:

1. jisħaq il-kburija; għax jekk Marija hi tant għanja bil-perfezzjonijiet li l-Knisja ssejħilha l-Mera tal-Ġustizzja, mogħnija b'setgħa bla tarf fis-saltna tal-grazzja, u b'danakollu tinsab għarkubbtejha bħala l-qaddejja l-aktar umli tal-Mulej, mela x'għandhom ikunu l-post u l-attitudni tal-leġjunarju?
2. jisħaq l-egoiżmu; għax wara li ta lilu nnifsu u l-ġid kollu tiegħu spiritwali u temporali lil Marija biex tqassam kif jidhrilha, il-leġjunarju jissokta jaqdiha bl-istess spirtu ta' ġenerożità sħiħa;
3. jisħaq l-indipendenza; għax id-drawwa li nserrħu fuq Marija dejjem tnissel sfiduċja f'dak li nagħmlu weħidna;
4. jisħaq il-frugħa; għax is-sens ta' tisħib ma' Marija jġegħelna nifhmu kemm weħidna m'aħna xejn. X'inhu s-sehem tal-leġjunarju f'dak it-tisħib ħlief nuqqasijiet tal-biki?
5. jisħaq l-imħabba tagħna nfusna; għax x'hemm xi nħobbu fina nfusna? Il-leġjunarju, mitluf f'imħabba u f'ammirazzjoni għas-Sultana tiegħu, ftit jitħajjar jinsieha biex jaħseb fih innifsu;
6. jisħaq is-sodisfazzjon personali; għax f'din il-għaqda għandhom jirbħu l-ogħla livelli. Il-leġjunarji jħares lejn Marija bħala l-mudell tiegħu, u hu jfittex li jikseb l-intenzjoni tagħha l-aktar perfetta;
7. jisħaq l-avvanz tagħna nfusna; għax filwaqt li jaħseb kif taħseb Marija, ifittex 'l Alla biss. M'hemmx post li nfittxu x'ser nieħdu aħna jew nistennew xi ħlas;
8. jisħaq ir-ras iebsa; għax ubbidjenti f'kollox lejn Marija, il-leġjunarju ma jafdax fis-suġġerimenti tal-ġibdiet tiegħu, u f'kollox jagħti widen bil-ħerqa għall-ispirazzjonijiet tal-grazzja.

Fil-leġjunarju li jinsa tassew lilu nnifsu ma jkunx hemm xkiel

għall-qawwa materna ta' Marija. Hi trawwem fih qawwa u spirtu ta' sagrifiċċju 'l fuq min-natura, u tagħmel minnu suldat tajjeb ta' Kristu (2 Tim 2:3), tajjeb għall-ħidma iebsa li dik is-sejħa titlob minnu.

"Alla jitgħaxxaq jaħdem bix-xejn; fuq dak is-sies hu jibni l-ħolqien tal-qawwa tiegħu. Għandna nkunu mimlijin biż-żelu għall-glorja t'Alla u fl-istess ħin inkunu konvinti min-nuqqas ta' ħila tagħna biex inġibu dik il-glorja 'l quddiem. Ejjew nistkennu fl-abiss tax-xejn tagħna; ejjew ninħbew fid-dell mudlam ta' ċkunitna; ejjew nistennew bis-sabar sakemm dak li jista' kollox jogħġbu jagħmel l-isforzi tal-ħidmiet tagħna strumenti tal-glorja tiegħu. Għal dan hu jinqeda b'mezzi għal kollox kuntrarji għal dawk li nistennew mid-dinja. Wara Ġesù Kristu ħadd qatt ma ħadem għall-glorja t'Alla daqs il-Verġni Marija, u b'danakollu dak li ħsibijietha fittxew b'rieda soda kien biss li xxejjen lilha nfisha. L-umiltà tagħha dehret donnha tfixkel il-pjani t'Alla. Iżda kienet dik l-umiltà li tabilħaqq ħaffet it-twettiq tal-ħsibijiet kollha ħniena tiegħu" (Grou: *Il-Ħajja Interjuri ta' Ġesù u Marija*).

## 3. ID-DEVOZZJONI VERA LEJN IL-VERĠNI MBIERKA TRID L-APPOSTOLAT

Band'oħra f'dan il-Manwal nisħqu li fi Kristu ma nistgħux naqbdu u nagħżlu biss dak li jogħġobna; ma nistgħux nilqgħu lil Kristu tal-glorja mingħajr ma nissieħbu fl-istess ħin ma' Kristu tat-tbatija u tal-persekuzzjoni; għaliex m'hemmx ħlief Kristu wieħed, u dan ma jistax jinqasam. Għandna nagħmluh tagħna kif inhu. Jekk immorru għandu nfittxu s-sliem u l-hena, nistgħu nsibu li ssammarna fuq is-salib. Ħwejjeġ opposti jitħalltu flimkien u ma jistgħux jinfirdu; m'hemmx tgawdija mingħajr tbatija; m'hemmx ward mingħajr xewk; m'hemmx glorja mingħajr imrar; m'hemmx kuruna mingħajr salib. Immiddu idejna għal waħda u nsibu li magħha ħadna l-oħra.

U naturalment l-istess liġi tgħodd għall-Verġni Mbierka. Lanqas hi ma tista' tinqasam f'partijiet li nistgħu naqbdu u nagħżlu minnhom dak li jaqblilna. Ma nistgħux ningħaqdu magħha filferħ mingħajr ma nsibu minnufih li qlubna jinqasmu bid-duluri tagħha.

Jekk bħal San Ġwann, id-dixxiplu maħbub, irridu neħduha għandna (Ġw 19:27), għandna neħduha kollha kemm hi. Jekk

aħna lesti nieħdu parti biss minnha, għandna mnejn ma neħduha xejn. Naturalment id-devozzjoni lejha għandha tfittex u tipprova tnissel fina kull aspett tal-personalità u tal-missjoni tagħha. Din id-devozzjoni m'għandhiex tfittex l-ewwel dak li m'huwiex ta' l-akbar siwi. Ngħidu aħna, ikun ta' siwi kbir jekk inqisu lil Marija bħala l-mudell perfett tagħna, u jekk innisslu fina l-virtujiet tagħha. Iżda li nagħmlu dak u xejn iżjed tkun devozzjoni parzjali lejha u tabilħaqq żgħira. Lanqas m'hu biżżejjed li ngħidulha ħafna talb. Lanqas m'hu biżżejjed li nkunu nafu u nifirħu bil-manjieri bla għadd u tal-għaġeb li bihom it-Tliet Persuni Divini ħaddnuha magħhom, u bnew fuqha u wrew fiha l-attributi tagħhom. Dawn is-sinjali kollha ta' qima jistħoqqulha u għandhom jingħatawlha, iżda m'humiex ħlief partijiet mit-total. Devozzjoni xierqa lejha tinkiseb biss bl-għaqda magħha. L-għaqda ma tfissirx għajr li wieħed jgħix magħha; u l-ħajja tagħha m'hijiex biex qabel kollox tiġbed l-ammirazzjoni, iżda biex tqassam il-grazzja.

Il-ħajja u d-destin kollu tagħha kienu li tkun omm, l-ewwel ta' Kristu u mbagħad tal-bnedmin. Għal dan hi nħalqet u tħejjiet mit-Trinità Qaddisa wara deliberazzjoni eterna (kif jgħid Santu Wistin). Mat-tħabbira ta' l-anġlu daħlet għall-ħidma tagħha tal-għaġeb, u minn dakinhar 'il quddiem dejjem kienet l-omm imħabbta bid-dmirijiet tal-familja tagħha. Dawn għal ftit żmien kellhom x'jaqsmu biss ma' Nazaret, iżda d-dar żgħira malajr saret id-dinja kollha kemm hi, u Binha tkattar fil-bnedmin kollha. U hekk baqa' jsir; fid-dar tagħha l-ħidma baqgħet sejra, u f'Nazaret, li tant kibret, xejn ma jista' jsir mingħajrha. Kull kura li nieħdu ta' ġisem il-Mulej hu biss żieda mal-kura li hi ġa tieħu tiegħu: l-appostlu biss jingħaqad b'għemilu ma' l-għemil tagħha ta' omm. F'dak is-sens Sidtna Marija tista' tgħid: "Jiena l-Appostolat," kważi bħalma qalet: "Jiena t-Tnissil bla tebgħa."

Il-maternità ta' l-erwieħ hi l-ħidma essenzjali u l-ħajja tagħha stess. Minn dan jiġi li mingħajr sehem fiha ma jistax ikun hemm għaqda vera magħha. Għalhekk ħalli ntennu mill-ġdid: id-devozzjoni vera lejn il-Verġni Mbierka għandha tħaddan fiha wkoll il-ħidma għall-erwieħ. Marija mingħajr maternità u n-Nisrani mingħajr appostolat huma ideat li jixxiebhu. Il-waħda u l-oħra huma neqsin, bla realtà, bla sostanza u mhux skond il-fehma t'Alla.

Għalhekk il-Leġjun mhux mibni, kif x'uħud jaħsbu, fuq żewġ

prinċipji, jiġifieri Marija u l-appostolat, iżda fuq il-prinċipju waħdani ta' Marija, prinċipju li jħaddan l-appostolat u, jekk wieħed jifhmu sewwa, il-ħajja Nisranija kollha kemm hi.

Li tixtieq biss huwa ħsieb fieragħ. Offerta bil-fomm biss tal-ħidmiet tagħna lil Marija tista' tkun daqstant ieħor vojta. M'għandu jgħaddi minn moħħ ħadd li d-dmirijiet ta' l-appostolat se jinżlu mis-sema fuq dawk li jikkuntentaw ruħhom jistennew li jiġri dan bla ma jitħarrku. Hu aktarx ta' min jibża' li l-għażżenin jissoktaw fl-istat tagħhom li ma jagħmlu xejn. Il-metodu waħdani u effettiv li noffru ruħna bħala appostli hu li nidħlu għall-appostolat. Meta nagħmlu dak il-pass, Marija minnufih tħaddan il-ħidma tagħna, u tgħaqqadha mal-maternità tagħha.

Barra minn hekk, Marija ma tistax tgħaddi mingħajr dik l-għajnuna. Qegħdin forsi ngħaġġbuha b'dan li qed ngħidu? Kif jista' jkun li x-Xebba hekk setgħana tiddependi mill-għajnuna ta' nies hekk dgħajfin? Iżda tabilħaqq hekk hu. Dan hu parti mill-pjan divin li jitlob il-kooperazzjoni tal-bnedmin u ma jsalvax il-bniedem ħlief permezz tal-bniedem. Tassew li t-teżor tal-grazzja ta' Marija huwa immens, iżda Marija ma tistax tiddisponi minnu ħlief bil-għajnuna tagħna. Kieku tista' tinqeda biss bis-setgħa tagħha kif trid qalbha, kieku d-dinja tikkonverti f'teptipa t'għajn. Iżda jkollha tistenna sakemm tista' tinqeda bil-ħidma tal-bnedmin. Mingħajrhom ma tistax twettaq il-maternità tagħha u l-erwieħ jibqgħu bil-ġuħ u jmutu. Għalhekk hi tilqa' b'qalbha kollha lil dawk li jqiegħdu ruħhom tassew għad-dispożizzjoni tagħha u tinqeda bihom kollha kemm huma: mhux biss bil-qaddisin u b'dawk li jinqalgħu, iżda wkoll bid-dgħajfin u b'dawk li ma jinqalgħux. Tant huma lkoll meħtieġa li ħadd minnhom ma jitkeċċa. Imqar l-iċken wieħed jista' jwassal lil ħaddieħor bosta mill-qawwa ta' Marija, waqt li permezz ta' l-aħjar fosthom hi tista' turi setgħetha kollha. Ġib quddiem għajnejk kif id-dawl tax-xemx jgħaddi minn tieqa nadifa b'qawwa li tgħammex l-għajnejn, iżda jgħaddi biss bi tbatija minn tieqa maħmuġa.

"M'humiex forsi Ġesù u Marija Adam u Eva l-ġodda li s-siġra tas-salib għaqqdet flimkien fin-niket u fl-imħabba biex tissewwa l-ħsara li l-ewwel ġenituri tagħna għamlu fl-Għeden? Ġesù hu l-għajn u Marija l-kanal tal-grazzji li mill-ġdid jagħtuna t-twelid spiritwali u jgħinuna biex nirbħu għal darb'oħra d-dar tagħna tas-sema."

"Flimkien mal-Mulej ejjew inbierku lil dik li hu għolla biex tkun l-omm tal-ħniena, is-sultana tagħna, l-omm tagħna li wisq tħobbna, il-

medjatriċi tal-grazzji tiegħu, dispensatriċi tat-teżori tiegħu. L-Iben t'Alla jagħmel 'l ommu tiddi bil-glorja, bil-maestà u bil-qawwa tas-Saltna tiegħu nnifsu. Għax kienet magħquda mas-Sultan tal-Martri, bħala ommu u assistenta tiegħu, fix-xogħol tal-għaġeb għall-Fidwa tal-bnedmin, hi tibqa' għal dejjem magħquda miegħu, imlibbsa b'setgħa prattikament bla tarf fit-tqassim tal-grazzji li jiġu mill-Fidwa. Is-saltna tagħha hi kbira daqs dik ta' Binha; tabilħaqq hekk kbira li xejn ma jinsab barra mill-ħakma tagħha" (Il-Papa Piju XII: Diskorsi tal-21 ta' April ta' l-1940 u tat-13 ta' Mejju ta' l-1945).

## 4. SFORZ QAWWI FIS-SERVIZZ TA' MARIJA

F'ebda ċirkostanza m'għandu l-ispirtu ta' dipendenza minn Marija jsir skuża għal nuqqas ta' sforz jew għal xi difetti fis-sistema. Anzi ta' min jgħid li għandu jiġri sewwasew il-kuntrarju. Ladarba wieħed jaħdem għal kollox ma' Marija u għal Marija, jiġi li dak kollu li huwa jagħtiha għandu jkun l-isbaħ u l-aqwa li jista' joffri. Huwa għandu dejjem jaħdem bil-ħeġġa, bis-sengħa, u bir-reqqa. Kultant jiġri li xi fergħat jew xi membri tal-Leġjun ikollhom jiġu mwissijin għaliex ma jkunux jagħmlu sforz biżżejjed fil-ħidma ordinarja tal-Leġjun jew fit-tixrid tiegħu jew għad-dħul ta' membri ġodda. Minn xi daqqiet tingħata din ix-xorta ta' tweġiba: "Ma nafdax fil-qawwa tiegħi. Inħalli kollox f'idejn l-Imqaddsa Verġni Marija biex tikseb kif trid hi l-aħjar riżultat." Sikwit tisma' din it-tweġiba mingħand nies sinċieri li aktarx iħossu li dan in-nuqqas ta' ħeġġa huwa xi virtù, bħallikieku l-metodu u l-isforz ifissru nuqqas ta' fidi. Jista' jkun hemm ukoll ċertu periklu li ninqdew b'ideat umani għal dawn il-ħwejjeġ u li nirraġunaw li, jekk wieħed ikun strument f'idejn qawwa bla tarf, il-grad preċiż ta' l-isforz tiegħu ma tantx jagħmel differenza. Għaliex, wieħed jista' jistaqsi, bniedem fqir imsieħeb ma' miljunarju għandu jinfileġ biex jgħin b'ċenteżmu lill-borża komuni li hi ġa mfawra?

Għalhekk jeħtieġ li wieħed jisħaq fuq prinċipju li għandu jmexxi l-attitudni tal-leġjunarju lejn il-ħidma tiegħu. Dan hu li l-leġjunarji m'humiex sempliċement strumenti tal-ħidma ta' Marija. Huma jridu tassew jikkooperaw magħha biex l-erwieħ tal-bnedmin jistagħnew u jinfdew. Din il-kooperazzjoni sseħħ billi wieħed jagħti dak li ħaddieħor ma jkunx jista' jagħti. Il-leġjunarju jagħti l-ħidma u l-fakultajiet tiegħu: jiġifieri jagħti lilu nnifsu kollu kemm hu; u Marija tagħti lilha nfisha bis-safa u bil-qawwa tagħha koll-

ha. Kull wieħed hu marbut li jagħti bla riserva. Jekk il-leġjunarju jħaddan l-ispirtu ta' dan it-tisħib, Marija ma tonqsu qatt. Għalhekk jista' jingħad li d-destin tal-ħidma jiddependi għal kollox mil-leġjunarju b'mod li għal din il-ħidma għandu jħaddem iddehen u l-qawwa tiegħu kollha, ipperfezzjonati b'metodu għaqli u bil-perseveranza.

Anki jekk ikun magħruf li Marija se tagħti r-riżultat mixtieq mingħajr ma jitqies l-isforz tal-leġjunarju, dak l-isforz għandu jsir kollu kemm hu sewwasew b'dik l-istess qawwa bħallikieku kollox kien jiddependi minnu. Waqt li jkollu tama bla tarf filgħajnuna ta' Marija, l-isforz tal-leġjunarju għandu jogħla sa l-aqwa tiegħu. Il-ġenerożità tiegħu għandha dejjem togħla daqskemm togħla t-tama tiegħu. Dan il-prinċipju ta' kollaborazzjoni meħtieġa bejn fidi bla qies u sforz qawwi metodiku jitfisser b'mod ieħor mill-qaddisin meta jgħidu li wieħed għandu jitlob bħallikieku kollox kien jiddependi minn dak it-talb u xejn millisforzi tiegħu stess. Imbagħad wieħed għandu jitħabat bħallikieku kollox assolutament kien jiddependi minn dak l-isforz.

Wieħed m'għandux jagħmel biss dak l-isforz li fil-fehma tiegħu hu bizzejjed biex jegħleb id-diffikultà ta' xi ħidma. U lanqas m'għandu jirraġuna u jgħid: "X'inhi l-anqas ħaġa li nista' nagħmel biex nilħaq l-iskop tiegħi?" Anki fil-ħwejjeġ ta' din id-dinja, dan l-ispirtu ta' tiġbid dejjem jisfa fix-xejn. Fi ħwejjeġ sopranaturali ma jirnexxi qatt, għax jitlef il-grazzja li minnha tabilħaqq jiddependi kollox. Barra minn hekk, il-ġudizzji tal-bnedmin qatt ma tista' torbot fuqhom. Dak li kien jidher impossibbli sikwit jinstab li kif tibda tagħmlu m'hu xejn hekk; u min-naħa l-oħra l-frotta, li qisha qiegħda fejn tintlaħaq, tista' taħrab minn idek kull darba li tersaq lejha, u fl-aħħar ikun ħaddieħor li jiġborha. Fl-ordni spiritwali r-ruħ li toqgħod tkejjel, tinżel lejn ħwejjeġ dejjem iżgħar, u fl-aħħar tasal fix-xejn. L-unika triq ċerta tinsab fl-isforz bla qies. F'kull xogħol li jkun sejjer jagħmel, żgħir jew kbir, il-leġjunarju għandu dejjem jagħmel l-ogħla sforz. Forsi dak il-grad ta' sforz ma jkunx meħtieġ. Jista' jkun li taħrika ta' saba' tkun biżżejjed biex ittemm ix-xogħol. Kieku l-iskop waħdieni kien li jsir dak ix-xogħol, dak l-isforz ċkejken kien ikun biżżejjed. Wieħed m'għandux, kif jgħid Byron, iqanqal ħatar Erkole biex jgħaffeġ farfett jew jisħaq nemusa.

Iżda lil-leġjunarji għandna nfehmuhom li huma ma jaħdmux direttament għar-riżultati. Huma jaħdmu għal Marija mingħajr

ma jagħtu kas xejn jekk il-ħidma hijiex ħafifa jew tqila. F'kulma jiġi mqabbad jagħmel, il-leġjunarju għandu jagħti mill-aħjar li jista' sew jekk ftit kif ukoll jekk ħafna. B'hekk tkun tistħoqqlu l-kooperazzjoni sħiħa ta' Marija, b'mod li jsiru wkoll mirakli fejn ikun meħtieġ. Jekk wieħed jista' jagħmel biss il-ftit, iżda jagħmlu b'qalbu kollha, Marija tidħol bil-qawwa u tagħti lil dik iċ-ċaqliqa l-effett ta' qawwa ġgantija. Jekk wara li jkun għamel dak kollu li seta', il-leġjunarju jkun għadu miljun kilometru bogħod mis-suċċess, Marija xxejjen dak il-bogħod biex twassal dik il-ħidma tagħhom għal tmiem ideali.

U anki jekk il-leġjunarju għal biċċa xogħol jagħti għaxar darbiet aktar milli jinħtieġ biex issir sewwa, lanqas nitfa milli jkun għamel ma tintilef. Għaliex m'hijiex forsi l-ħidma tiegħu kollha għal Marija u għall-ġid tal-pjan tal-ħidma tagħha u ta' l-iskop tagħha bla tarf? Marija tilqa' bil-ferħa dak l-isforz żejjed, tkattru għal ħafna drabi, u bih taqdi ħtiġijiet kbar f'dar il-Mulej. Xejn ma jintilef minn dak li nerħu f'idejn il-mara għaqlija tad-dar ta' Nazaret.

Iżda, jekk min-naħa l-oħra, is-sehem tal-leġjunarju jkun inqas ħafna minn dak li bil-ħaqq kollu hu mistenni minnu, allura idejn Marija jinżammu milli jagħtu bix-xaba'. Il-patt li nagħmlu l-ġid flimkien ma' Marija, mimli b'possibbiltajiet liema bħalhom, jitwarrab, ħtija tan-nuqqas tal-leġjunarju. X'telfa kerha għall-erwieħ u għal-leġjunarju nnifsu li jibqa' hekk b'dak biss li jista' jagħmel waħdu!

Għalxejn mela l-leġjunarju jiġġustifika n-nuqqas ta' sforz jew il-metodi nofs ħajra bl-iskuża li jħalli kollox f'idejn Marija. Bla dubju ta' xejn, dik l-għamla ta' fiduċja li biha m'għamilx sforz xieraq min-naħa tiegħu, tkun bluha ta' min jistmerrha. Jipprova jitfa' fuq spallejn Marija tagħbija li spallejh jifilħu jerfgħu. Forsi xi kavalier jaqdi lid-dama sabiħa tiegħu b'mod hekk stramb?

Għalhekk bħallikieku għadu ma ntqal xejn dwar dan is-suġġett, ħalli jittenna għal darb'oħra dan il-prinċipju fondamentali tal-għaqda tal-leġjunarju ma' Marija. Il-leġjunarju għandu jagħti mill-aħjar li jista'. Sehem Marija mhux li tagħti dak li l-leġjunarju jirrofta li jagħti. Ma jkunx xieraq għaliha li teħles lil-leġjunarju minn sforz, metodu, sabar, ħsieb, li jista' u għandu d-dmir li jitfa' fit-teżor t'Alla.

Marija tixtieq tagħti bix-xaba', iżda ma tistax tagħmel hekk hlief lir-ruħ ġeneruża. Bix-xewqa għalhekk li wliedha leġjunarji

jixorbu kemm jifilħu mill-kobor bla tarf tagħha, issejħilhom bil-ħerqa bl-istess kliem ta' Binha għal servizz mogħti "b'qalbhom kollha, b'ruħhom kollha, b'moħħhom kollu, u bil-qawwa tagħhom kollha" (Mk 12:30).

Il-leġjunarju għandu biss jgħolli għajnejh lejn Marija biex hija tgħin, issaffi, tipperfezzjona, tgħolli n-natural għas-soprannatural, u tagħmel li l-isforz dgħajjef tal-bniedem jikseb dak li hu impossibbli għalih. Iżda dawn huma ħwejjeġ kbar. Jistgħu jfissru li l-muntanji jinqatgħu minn sisienhom u jintefgħu fil-baħar, u li l-art titwitta u l-mogħdijiet jiddrittaw biex iwasslu lejn is-saltna t'Alla.

"Aħna lkoll qaddejja bla siwi, iżda naqdu Sid li assolutament jaf jinqeda b'kollox, li ma jħalli xejn jinħela, lanqas qatra għaraq ta' ġbinna, xejn, lanqas qatra min-nida tiegħu tas-sema. Ma nafx x'se jsir sewwa minn dan il-ktieb; iniex se ntemmu jew iniex se nasal sa tarf il-paġna ta' taħt il-pinna tiegħi. Iżda naf biżżejjed biex nagħti għalih il-bqija ta' saħħti u ta' jiemi, sew kbira, sew żgħira" (Il-Beatu Federiku Ozanam).

## 5. IL-LEĠJUNARJI GĦANDHOM IĦADDNU D-DEVOZZJONI VERA LEJN IL-VERĠNI MBIERKA KIF MGĦALLMA MINN DE MONTFORT

Il-Leġjun jixtieq li l-prattika tad-devozzjoni leġjunarja lejn Marija tiegħu għamla u tingħata l-karattru distintiv mgħallem minn San Lwiġi-Marija de Montfort, u msejjaħ "Id-Devozzjoni Vera" jew "Il-Jasar ta' Marija," u li hu minqux fiż-żewġ kotba tiegħu: *Trattat dwar id-Devozzjoni Vera lejn il-Verġni Mbierka,* u *Is-Sigriet ta' Marija* (ara l-appendiċi 5).

Din id-devozzjoni titlob id-dħul formali f'patt ma' Marija li bih wieħed jagħtiha lilu nnifsu kollu kemm hu bi ħsibijietu u għemilu u ġidu, spiritwali u temporali, ta' l-imgħoddi, tal-preżent u tal-ġejjieni, bla riserva ta' l-iżgħar biċċa jew l-iċken ħaġa. F'kelma waħda, min jagħti lilu nnifsu jqiegħed ruħu sewwasew f'qagħda bħal dik ta' lsir, li ma għandu xejn tiegħu, li jiddependi għal kollox minn Marija u li lest dejjem li jaqdiha f'kollox.

Iżda l-ilsir ta' din id-dinja hu wisq aktar ħieles mill-ilsir ta' Marija. Ta' l-ewwel jibqa' sid ta' ħsibijietu u tal-ħajja interjuri tiegħu, u b'hekk jista' jkun ħieles f'kulma hu tassew għażiż għalih. Iżda din l-għotja lil Marija tkaxkar kollox magħha: kull ħsieb, it-tħarrik

kollu tar-ruħ, il-għana moħbi, il-jien l-aktar intimu. Kollox, sa l-aħħar nifs, jingħata f'idejha biex hi tkun tista' tinqeda bih kollu għal Alla. Hu sura ta' martirju, is-sagrifiċċju tal-jien 'l Alla b'Marija bħala l-altar ta' dak is-sagrifiċċju. Kemm jixbah tabilħaqq lis-sagrifiċċju ta' Kristu nnifsu, li wkoll beda fi ħdan Marija, twettaq pubblikament fid-dirgħajn mgħollija ta' Marija fil-Preżentazzjoni, ħaddan kull waqt ta' ħajtu, u kien mitmum fuq il-Kalvarju fuq is-salib ta' qalb Marija.

Id-Devozzjoni Vera tibda b'att formali ta' konsagrazzjoni, iżda tikkonsisti prinċipalment filli wieħed jgħix dik il-konsagrazzjoni. Id-Devozzjoni Vera għandha tfisser mhux att, iżda stat. Jekk Marija ma tiħux f'idejha l-ħajja kollha, u mhux minuti u sigħat biss minn dik il-ħajja, l-att tal-konsagrazzjoni, ukoll jekk imtenni sikwit, ikollu biss is-siwi ta' talba ta' mument. Jixbah lil siġra li tħawlet, iżda li qatt ma rabbiet għeruq.

Iżda dan ma jfissirx li l-moħħ għandu jkun dejjem fiss fuq il-konsagrazzjoni. Hekk kif il-ħajja fiżika tiddependi min-nifs u mit-taħbit tal-qalb, anki jekk dawn il-ħidmiet ma naħsbux fihom, hekk jiġri wkoll fid-Devozzjoni Vera. Minkejja li ma naħsbux fiha, taħdem bla waqfien fil-ħajja tar-ruħ. Hu biżżejjed li l-idea tal-pussess minn Marija tiġġedded kultant bi ħsieb ħieles, b'atti u ġakulatorji; basta li wieħed jibqa' dejjem jagħraf id-dipendenza tiegħu minnha, li jżomm dan il-ħsieb, għall-inqas b'xi mod, dejjem preżenti f'moħħu, u li jwettqu b'mod ġenerali fiċ-ċirkostanzi kollha ta' ħajtu.

Jekk f'dan kollu jkun hemm il-ħeġġa, dan jista' jkun ta' għajnuna. Iżda jekk le, dan ma jolqotx is-siwi tad-devozzjoni. Ħafna drabi, infatti, il-ħeġġa tħaffef ix-xogħol u dan ma jibqax xi ħaġa li wieħed joqgħod fuqha.

Ifhem dan sewwa: id-Devozzjoni Vera ma tiddependi minn ebda għamla ta' ħeġġa jew emozzjonijiet. Bħal kull bini għoli, din minn xi daqqiet tista' tkun taħraq fix-xemx waqt li l-pedamenti fondi tagħha jkunu kesħin bħall-blat li fuqu jistrieħu.

Ir-raġuni hi aktarx kiesħa. L-aqwa riżoluzzjoni tista' tkun kiesħa daqs is-silġ. Il-fidi nfisha tista' tkun bierda. B'danakollu, dawn huma l-pedamenti tad-Devozzjoni Vera. Mibnija fuqhom hi tibqa' sħiħa; u s-silġ u t-tempesti li jġarrfu l-muntanji, lilha jsaħħuha.

Il-grazzji li ġabet magħha l-prattika tad-Devozzjoni Vera, u l-post li kisbet fil-qasam tad-devozzjonijiet tal-Knisja, donnhom

bir-raġun jixhdu li hi messaġġ tabilħaqq mis-sema, u dan hu sewwasew dak li San Lwiġi-Marija de Montfort qal li kienet. Rabat magħha wegħdiet l-iżjed kbar, u stqarr bl-akbar qawwa li dawk il-wegħdiet jitwettqu jekk jitħarsu l-kondizzjonijiet marbuta magħhom.

U dwar l-esperjenza ta' kuljum, tkellem ma' dawk li jipprattikaw din id-devozzjoni bis-sod, u ara b'liema konvinzjoni sħiħa jitkellmu dwar dak li għamlet għalihom. Staqsihom jekk humiex forsi vittmi tas-sentimenti jew ta' l-immaġinazzjoni tagħhom. Dejjem jistqarru li m'hemm xejn minn dan kollu; il-frott kien jidher wisq ċar biex jgħidu li tqarrqu.

Jekk jiswew xi ħaġa l-esperjenzi ta' dawk li jgħallmu u jifhmu u jipprattikaw id-Devozzjoni Vera, jidher li m'hemm ebda dubju li din tkattar il-ħajja interjuri waqt li timmarkaha bl-altruiżmu u l-intenzjoni retta. Fiha hemm sens ta' tmexxija u ħarsien; ċertezza hienja li issa l-ħajja ta' dak li jkun qiegħda titħaddem bl-aħjar mod. Fiha hemm xejra sopranaturali, kuraġġ partikolari, fidi aktar soda li jagħmlu lil dak li jkun kolonna għal kull ħidma. Fiha hemm ħlewwa u għaqal li jżommu l-qawwa f'postha. Fiha hemm ukoll umiltà ħelwa, il-protettriċi tagħhom kollha. Jinqalgħu grazzji li wieħed jifhem li m'humiex tas-soltu. Sikwit ikun hemm sejħa għal ħidma kbira li wieħed iħoss b'mod ċar li ma tistħoqqlux u li hi 'l fuq mill-ħila naturali tiegħu. B'danakollu, jingħataw magħha għajnuniet li bihom dik it-tagħbija glorjuża, għalkemm tqila, tintrefa' bla taqtigħ il-qalb. F'kelma waħda, bi tpattija għas-sagrifiċċju sabiħ li jsir fid-Devozzjoni Vera meta wieħed jagħti lilu nnifsu f'din il-għamla ta' jasar, hemm il-qligħ ta' mitt darba aktar li hu mwiegħed lil dawk li jiċħdu lilhom infushom għall-akbar glorja t'Alla. Meta naqdu, naħkmu; meta nagħtu, naqilgħu; meta nċedu rwieħna, nirbħu.

X'uħud donnhom jagħmlu mill-ħajja spiritwali tagħhom sempliċi kwistjoni egoista ta' kemm sa jaqilgħu jew jitilfu. Is-suġġeriment li għandhom iħallu t-teżori tagħhom, anki jekk ikunu f'idejn l-Omm ta' ruħna, iħawdilhom moħħhom. Tisma' 'l min jgħid hekk: "Jekk nagħti kollox lil Marija, ma nsibx forsi ruħi fissiegħa tal-mewt b'idi f'idi quddiem l-Imħallef tiegħi, u għalhekk ikolli forsi mmur għal żmien twil fil-purgatorju?" Għal dan, wieħed kummentatur jagħti tweġiba għaqlija: "Le, xejn minn dan, ladarba Marija tkun preżenti waqt il-ġudizzju!" Il-ħsieb f'din it-tweġiba hu profond.

Iżda l-oġġezzjoni kontra l-konsagrazzjoni aktarx tiġi minn taħwid tal-moħħ milli minn attitudni t'egoiżmu veru. Wieħed forsi ma jifhimx x'se jiġri minn dawk li għandu d-dmir li jitlob għalihom – il-familja, il-ħbieb, il-pajjiż, il-Papa — jekk wieħed jagħti t-teżori spiritwali tiegħu kollha bla ma jżomm xejn minnhom. Ejjew inwarrbu dawn id-dubji kollha u nagħmlu l-konsagrazzjoni bil-kuraġġ. Kollox jinsab fiż-żgur f'idejn Marija. Hi l-għassiesa tat-teżori t'Alla nnifsu. Hi kapaċi tħares l-interessi ta' dawk li jqiegħdu l-fiduċja tagħhom fiha. Għalhekk flimkien mal-vantaġġi ta' ħajtek qiegħed ukoll l-iżvantaġġi — l-obbligi u d-dmirijiet ta' ħajtek — f'dik il-qalb tagħha kbira u sublimi. Fir-relazzjonijiet tagħha miegħek hi ġġib ruħha bħallikieku ma kellhiex iben ieħor għajrek. Is-salvazzjoni, il-qdusija u l-ħtiġijiet l-oħra tiegħek żgur jibqgħu quddiem għajnejha. Meta int titlob għall-fehmiet tagħha int innifsek tkun l-ewwel fehma tagħha.

Iżda hawn, fejn wieħed qed jitħeġġeġ biex jagħmel sagrifiċċju, mhux il-post li nuru li m'hemm telf ta' xejn f'dan il-ftehim. Għax jekk nippruvaw dan, jinqerdu l-pedamenti nfushom ta' l-offerta, u hi tinża' mill-karattru ta' sagrifiċċju li hu l-għajn tassiwi tagħha. Biżżejjed infakkru li darba waħda kien hemm kotra ta' għaxra jew tnax-il elf fix-xagħri, u kienu bil-ġuħ (Ġw 6:1-14). Fost dawn kollha wieħed biss ġieb x'jiekol miegħu. Kulma kellu kienu ħames ħobżiet u żewġ ħutiet, u talbuh iċedihom għall-ġid ta' kulħadd, u hu għamel dan bil-qalb. Imbagħad dak il-ftit ħobż u ħut tbierku u nqasmu u tqassmu lill-kotra. U fl-aħħar dik il-kotra bla għadd kielet sakemm xebgħet, fosthom dak stess li ċeda l-ħames ħobżiet u ż-żewġ ħutiet. U b'danakollu, b'dak li kien fadal imtlew sax-xfar tnax-il qoffa! Issa kieku dak il-bniedem qal: "X'jiswew dawn il-ftit ħobżiet u ħutiet għal kotra hekk kbira? Barra minn hekk, dawn neħtieġhom għal niesi li hawn miegħi u jinsabu bil-ġuħ. Ma nistax nagħtihom." Iżda xejn minn dan! Tahom, u hu u niesu ħadu mill-ikla mirakuluża wisq aktar milli kienu ħarġu għaliha. U bla dubju ta' xejn, kellhom ukoll dritt għal dawk it-tnax-il qoffa, kieku xtaqu jfittxuh.

Hekk dejjem jagħmlu Ġesù u Marija mar-ruħ ġeneruża li tagħti kull ma għandha bla ebda riserva jew kondizzjoni. Dak li jingħata jservi biex jintlaħqu l-ħtiġijiet ta' kotra kbira. Minkejja dan, il-ħtiġijiet u l-fehmiet li jidhru sejrin minn taħt jintlaħqu bix-xaba', u l-abbundanza divina tinstab imxerrda kullimkien.

Ejjew, mela, ngħaġġlu mmorru bl-għotja fqajra tal-ħobżiet u

l-ħut tagħna għand Marija, u nħalluhom f'idejha ħalli Ġesù u hi jkattruhom biex jitimgħu l-erwieħ tal-miljuni bil-ġuħ fix-xagħri niexef ta' din id-dinja.

M'hemmx għalfejn li wieħed ibiddel il-forma tat-talb u tal-ħidmiet tiegħu tas-soltu minħabba din il-konsagrazzjoni. Wieħed jista' jkompli jżomm id-drawwiet tal-ħajja tas-soltu u jista' jibqa' jitlob għall-fehmiet tiegħu u għall-iskopijiet speċjali kollha bħal qabel; iżda bil-kondizzjoni li dawn fil-ġejjieni jkunu jogħġbu lil Marija.

"Marija turina l-Iben Divin tagħha u tagħmlilna l-istess stedina li darba għamlet lill-qaddejja ta' Kana: 'Agħmlu kull ma jgħidilkom hu' (Ġw 2:5). Jekk għall-kmand tagħha nferrgħu fil-ġarar ta' l-imħabba u tas-sagrifiċċju l-ilma bla togħma ta' l-irqaqat kollha ta' l-għemejjel tagħna ta' kuljum, il-miraklu ta' Kana jiġġedded. L-ilma jitbiddel f'inbid bnin, fi kliem ieħor, fl-isbaħ grazzji għalina u għall-oħrajn" (Cousin).

# 7

# IL-LEĠJUNARJU U T-TRINITÀ QADDISA

Hi ħaġa li tfisser ħafna li l-ewwel att tal-Leġjun ta' Marija bħala korp kien li jdur lejn l-Ispirtu s-Santu bis-sejħa u t-talba tiegħu, u mbagħad, permezz tar-ružarju, idur lejn Marija u Binha.

M'huwiex nieqes mit-tifsir ukoll il-fatt li, meta xi snin wara sar id-disinn tal-vexillum, bla ma kien mistenni, ġara l-istess. L-Ispirtu s-Santu kellu jkun dak li l-aktar laqat l-għajn f'dak is-simbolu. Tistagħġeb, għax dak id-disinn kien il-frott ta' ħsieb artistiku u mhux teoloġiku. Simbolu profan, l-istendard tal-Leġjun Ruman, ittieħed u ġie addattat għall-fehmiet tal-Leġjun ta' Marija. Il-ħamiema daħlet flok l-ajkla; u x-xbieha ta' Sidtna Marija ħadet post dik ta' l-Imperatur jew Konslu. Madankollu, dak

li fl-aħħar ħareġ minn dak it-tibdil wera li l-Ispirtu s-Santu jinqeda b'Marija biex hi twassal lid-dinja l-qawwa tiegħu li tagħti l-ħajja, u li l-Leġjun hu proprjetà tiegħu.

U meta aktar 'il quddiem tpinġiet ix-xbieha tat-tessera, din uriet l-istess xejra ta' devozzjoni: l-Ispirtu s-Santu bil-ġwienaħ miftuħa fuq il-Leġjun. Bil-qawwa tiegħu, it-taqbida dejjiema xejn ma jonqosha; ix-Xebba tisħaq ras is-serp; l-armati tagħha jersqu lejn ir-rebħa mħabbra tagħhom fuq il-qawwiet ta' l-għadu.

Ċirkostanza sabiħa oħra hi li l-kulur tal-Leġjun hu aħmar u mhux ikħal, bħalma wieħed forsi jistenna. Dan il-kulur intgħażel meta ttieħdet deċiżjoni dwar dettall żgħir, jiġifieri x'kulur kellha tkun ir-raġġiera madwar ras il-Madonna fil-vexillum u fix-xbieha tat-tessera. Inħass li s-simboliżmu tal-Leġjun kien jitlob li Sidtna Marija kellha tintwera bħala mimlija bl-Ispirtu s-Santu, u li dan kellu jitfisser billi r-raġġiera tagħha tieħu l-kulur tiegħu. Dan ġieb miegħu l-ħsieb l-ieħor li l-kulur tal-Leġjun kellu jkun l-aħmar. L-istess tixhed ix-xbieha tat-tessera li turi lil Sidtna Marija bħala kollha dawl u taqbad bl-Ispirtu s-Santu, il-kolonna tan-nar imsemmija fil-Bibbja.

Għalhekk, meta nkitbet il-Wegħda Leġjunarja, kien wisq floku, għalkemm għall-ewwel dan ħoloq xi ftit stagħġib, li din issir lill-Ispirtu s-Santu u mhux lis-Sultana tal-Leġjun. Għal darb'oħra tidher l-istess nota vitali: dejjem hu l-Ispirtu s-Santu li jagħti ħajja ġdida lid-dinja — sal-għoti ta' l-iċken grazzja individwali; u l-mezz li bih jinqeda għal dan hu dejjem Marija. Bl-opra ta' l-Ispirtu s-Santu f'Marija, l-Iben Etern isir bniedem. B'hekk l-umanità tingħaqad mat-Trinità Qaddisa, u Marija nfisha titqiegħed f'relazzjoni magħżula u unika ma' kull Persuna Divina. Aħna għandna għall-inqas nipprovaw nieħdu idea ta' din ir-relazzjoni ta' Marija mat-Tliet Persuni, ladarba l-grazzja li nifhmu l-pjanijiet divini hija grazzja kbira, li aħna nistgħu naqilgħuha.

Il-qaddisin jisħqu fuq il-ħtieġa li nagħżlu bejn it-Tliet Persuni Divini, u nagħtu lil kull waħda minnhom l-attenzjoni li jixirqilha. Il-Kredu ta' Sant'Atanasju jikkmanda u jhedded b'mod mhux mistenni dwar din il-ħtieġa, li ġejja mill-fatt li l-ogħla skop tal-ħolqien u ta' l-Inkarnazzjoni hu l-ġieħ tat-Trinità.

Iżda kif qatt jista' l-moħħ tagħna jasal biex jifhem, imqar b'mod l-iżjed ċkejken, misteru hekk għoli? Bla ebda dubju, dan jista' jsir biss bid-dawl tas-sema. Iżda nistgħu bil-fiduċja kollha nistennew din il-grazzja mingħand dik, li lilha għall-ewwel darba

fid-dinja, tħabbret b'mod ċar id-duttrina tat-Trinità. Dik l-okkażjoni kienet il-mument li ma jintesa qatt tat-tħabbira ta' l-anġlu. Permezz ta' l-Arkanġlu, it-Trinità Qaddisa ħabbret lilha nfisha lil Marija hekk: "L-Ispirtu s-Santu jiġi fuqek, u l-qawwa tal-Għoli tixħet id-dell tagħha fuqek. U għalhekk dak li jitwieled minnek ikun qaddis, u jissejjaħ Bin Alla" (Lq 1:35).

F'din ir-rivelazzjoni t-Tliet Persuni Divini kollha huma magħżula b'mod ċar: l-ewwel, l-Ispirtu s-Santu, li lilu tingħata l-opra ta' l-Inkarnazzjoni; it-tieni, l-Iżjed Għoli, il-Missier ta' dak li għandu jitwieled; it-tielet, dak l-Iben li "jkun kbir, u jkun jissejjaħ Bin l-Għoli" (Lq 1:32).

Jekk nikkontemplaw bir-reqqa r-relazzjoni ta' Marija mat-Tliet Persuni Divini naslu biex nagħżlu t-Tliet Persuni waħda mill-oħra.

Ir-relazzjoni ta' Marija **mat-Tieni Persuna Divina,** dik ta' Omm, hi l-aktar waħda li nifhmu. Iżda l-maternità tagħha hi hekk intima, hekk permanenti, u hekk għolja, li tgħaddi bla tarf ir-relazzjoni normali tal-bniedem. Fil-każ ta' Ġesù u Marija, l-għaqda ta' ruħhom kienet primarja, u dik ta' ġisimhom sekondarja, b'mod li, anki meta fit-twelid l-iġsma nfirdu, l-għaqda tagħhom ma nkisritx iżda baqgħet titkattar b'mod misterjuż fil-qawwa u fir-rabta. Għalhekk Marija tista' tissejjaħ mill-Knisja mhux biss "is-sieħba" ta' dik it-Tieni Persuna Divina, Koredentriċi fis-salvazzjoni u Medjatriċi tal-grazzja, iżda tabilħaqq "ix-xbieha tiegħu."

Marija tissejjaħ ġeneralment it-tempju jew is-santwarju **ta' l-Ispirtu s-Santu,** iżda dawn il-kelmiet ma jfissrux biżżejjed ir-realtà, għax hu tant għaqqadha miegħu lil Marija, li qegħedha l-ewwel waħda warajh fid-dinjità. L-Ispirtu s-Santu tant għolla lil Marija, għaqqadha ħaġa waħda miegħu u mlieha bil-ħajja, li hu sar qisu ruħha stess. Hi mhijiex sempliċi strument jew mezz tal-ħidma tiegħu. Hi msieħba daqshekk miegħu bil-moħħ u bir-rieda, li meta hi tagħmel azzjoni hu wkoll jagħmilha, u jekk ma nagħrfux is-sehem tagħha, lanqas ma nagħrfu s-sehem tiegħu.

L-Ispirtu s-Santu huwa Mħabba, Sbuħija, Qawwa, Għerf, Safa, u kull ħaġa oħra li ġejja minn Alla. Jekk jinżel bil-milja tiegħu, hu jagħti lil kulħadd kulma jinħtieġ u mqar l-aktar problema serja tinħall skond ir-rieda ta' Alla. Il-bniedem li jilqa' l-għajnuna ta' l-

Ispirtu s-Santu jidħol fil-mewġa ta' l-omnipotenza (S 77). Jekk waħda mill-kondizzjonijiet biex niġbdu l-Ispirtu s-Santu lejna hi li nifhmu r-relazzjoni ta' Sidtna Marija miegħu, kondizzjoni vitali oħra hi li aħna nifhmu l-Ispirtu s-Santu bħala Persuna Divina, reali u distinta bil-missjoni speċjali tagħha lejna. Din il-ħehma ma tistax isseħħ fina jekk ma nerfgħux moħħna lejh sikwit kemm jista' jkun. Biss b'dik il-ħarsa lejh, kull devozzjoni lejn il-Verġni Mbierka tista' ssir triq miftuħa beraħ li twassal għand l-Ispirtu s-Santu. Il-leġjunarji jistgħu jilħqu dan l-iskop speċjalment bir-rużarju. Ir-rużarju hu fost id-devozzjonijiet ewlenin lejn l-Ispirtu s-Santu mhux biss għax huwa t-talba prinċipali lil Sidtna Marija iżda wkoll għax il-ħmistax-il misterju jfakkruna fis-sehem prinċipali ta' l-Ispirtu s-Santu fid-dramm tal-Fidwa.

Ir-relazzjoni ta' Marija **mal-Missier Etern** is-soltu hija mfissra bħala dik ta' Bint. Dan it-titlu hu maħsub biex juri:

1. il-qagħda tagħha bħala "l-ewwel fost il-ħlejjaq kollha, fost ulied Alla hi l-aktar waħda għal qalbu u l-eqreb u l-egħżeż għalih" (Il-Kardinal Newman);
2. il-milja tal-għaqda tagħha ma' Ġesù Kristu, għaqda li tnissel fiha relazzjonijiet ġodda mal-Missier[1] li minħabba fihom għandha dritt tissejjaħ mistikament Bint il-Missier;
3. ix-xebh mill-aqwa li għandha mal-Missier, li taha s-setgħa li tagħti lid-dinja d-dawl ta' dejjem li ġej minn dak il-Missier li hu l-istess imħabba.

Iżda dak it-titlu ta' "Bint" jista' ma jfissrilniex biżżejjed il-qawwa li r-relazzjoni tagħha mal-Missier teżerċita fuqna, uliedu u wliedha. "Hu ta l-qawwa tiegħu li jagħti l-ħajja, safejn din setgħet tingħata lil sempliċi kreatura, sabiex hu jkun jista' jagħtiha l-qawwa li tnissel lil Ibnu u lill-membri kollha tal-Ġisem Mistiku tiegħu" (San Lwiġi-Marija de Montfort). Ir-relazzjoni tagħha mal-Missier hi element fondamentali, dejjem preżenti fil-għoti tal-ħajja lil kull ruħ. Alla jrid li kull ma jagħti lill-bniedem, il-bniedem japprezzah u jikkoopera miegħu. Għalhekk għandna naħsbu sikwit fuq din l-għaqda li tagħti l-ħajja; u hawn nissuġġerixxu li meta ngħidu l-Missierna, li hi sikwit fuq fomm il-leġjunarji, nagħ-

[1] "Bħala Omm Alla, Marija għandha ċerta affinità mal-Missier" (Lépicier).

tu kas ta' din ir-relazzjoni. Din it-talba għamilha Sidna Ġesù Kristu u għalhekk titlob ħwejjeġ tajba b'mod ideali. Jekk ngħiduha bl-attenzjoni xierqa u bl-ispirtu tal-Knisja Kattolika, tikseb sewwa l-iskop tagħha li tagħti ġieħ lill-Missier Etern u tagħraf id-don tassew kbir li tana permezz ta' Marija.

"Ħalli nsemmu hawn bħala prova tad-dipendenza li għandu jkollna minn Sidtna Marija, l-eżempju li l-Missier, l-Iben u l-Ispirtu s-Santu jagħtuna ta' din id-dipendenza. Il-Missier ma tax u ma jagħtix l-Iben tiegħu ħlief permezz tagħha. Ma għandux ulied ħlief permezz tagħha, u ma jagħtix grazzji ħlief permezz tagħha. Alla l-Iben ma sarx bniedem għad-dinja kollha ħlief permezz tagħha, u hu ma jiffurmax ruħu u jitnissel kuljum ħlief permezz tagħha f'għaqda ma' l-Ispirtu s-Santu; lanqas ma jqassam il-merti u l-virtujiet tiegħu jekk mhux permezz tagħha. L-Ispirtu s-Santu ma fformax lil Ġesù Kristu jekk mhux permezz tagħha; lanqas ma jifforma lill-membri tal-Ġisem Mistiku jekk mhux permezz tagħha; u permezz tagħha biss iqassam il-grazzji u d-doni tiegħu. Wara daqs dawk eżempji ċari tat-Trinità Qaddisa nistgħu aħna, bla ma nkunu tassew għamjin, inwarrbu lil Marija u ma nikkonsagrawx ruħna lilha u nsiru niddependu minnha?" (San Lwiġi-Marija de Montfort, DV 140).

# 8

# IL-LEĠJUNARJU U L-EWKARISTIJA

## 1. IS-SAGRIFIĊĊJU TAL-QUDDIESA

Ġa sħaqna li l-qdusija tal-membri hi ta' importanza fondamentali għal-Leġjun. Barra minn hekk, hi l-mezz ewlieni tal-ħidma għaliex il-leġjunarju jista' jwassal il-grazzja lill-oħrajn daqskemm ikollu grazzja hu. Din hi r-raġuni għaliex il-leġjunarju jibda t-tisħib tiegħu b'talba li permezz ta' Marija jimtela bl-Ispirtu s-

Santu u jintuża bħala strument tal-qawwa tiegħu li ġġedded wiċċ l-art.

Il-grazzji li nitolbu b'dan il-mod jiġu kollha kemm huma mis-sagrifiċċju ta' Ġesù Kristu fuq il-Kalvarju. Permezz tal-quddiesa, is-sagrifiċċju tas-salib jissokta fost il-bnedmin. Il-quddiesa mhijiex biss xbieha simbolika ta' l-imgħoddi, iżda tqiegħed fostna, realment u fil-preżent, l-att sublimi li Kristu temm fuq il-Kalvarju u li bih feda lid-dinja. Is-salib ma kienx jiswa aktar mill-quddiesa, għaliex it-tnejn huma l-istess sagrifiċċju. L-id t'Alla li jista' kollox twarrab fil-ġenb iż-żmien u l-ispazju. Is-Saċerdot u l-Vittma huma l-istess, iċ-ċirkostanzi biss huma differenti. Il-quddiesa fiha kulma offra Kristu 'l Alla, u kulma hu kiseb għall-bnedmin; u l-offerti ta' dawk li jassistu għall-quddiesa jsiru ħaġa waħda ma' l-offerta l-kbira ta' Kristu.

Għalhekk jekk il-leġjunarju jixtieq ikollu sehem kbir mid-doni tal-Fidwa għalih u għall-oħrajn, għandu jersaq lejn il-quddiesa. Minħabba l-fatt li l-opportunitajiet u ċ-ċirkostanzi jvarjaw ħafna, il-Leġjun f'din il-ħaġa ma jorbotx lill-membri tiegħu. Minkejja dan, il-Leġjun, hu u jaħseb bil-ħerqa fil-membri u fil-ħidma tagħhom, iħeġġeġ u jitlob lil kull wieħed minnhom biex jisma' l-quddiesa ta' spiss, jekk jista' jkun kuljum, u fil-quddiesa jitqarben.

Il-leġjunarji jwettqu l-azzjonijiet tagħhom f'għaqda ma' Marija. Dan jgħodd b'mod speċjali għas-sehem tagħhom fiċ-ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija.

Kif nafu, il-quddiesa hi magħmula minn żewġ partijiet — il-liturġija tal-Kelma u l-liturġija ta' l-Ewkaristija. Hi ħaġa importanti li nżommu f'moħħna li dawn il-partijiet huma hekk magħqudin waħda ma' l-oħra li flimkien jifformaw att wieħed ta' qima (SC 56). Għal din ir-raġuni, il-fidili għandhom jieħdu sehem fil-quddiesa kollha, fejn kemm il-mejda tal-Kelma t'Alla u kemm il-mejda tal-Ġisem ta' Kristu huma mħejjin biex minnhom il-fidili jistgħu jieħdu t-tagħlim u l-għajxien tar-ruħ (SC 48, 51).

"Fis-sagrifiċċju tal-quddiesa ma niftakrux biss fis-sagrifiċċju tas-salib f'sura simbolika. Għall-kuntrarju, is-sagrifiċċju tal-Kalvarju, bħala realtà kbira li jogħla 'l fuq miż-żmien, jidħol fil-preżent immedjat. L-ispazju u ż-żmien jintemmu. L-istess Ġesù li miet fuq is-salib hu hawn preżenti. Il-ġemgħa kollha tingħaqad mar-rieda qaddisa tiegħu li joffri lilu nnifsu, u permezz ta' Ġesù preżenti quddiemha, tikkonsagra lilha nfisha bħala offerta ħajja lill-Missier tas-sema. Għalhekk il-quddiesa hi esperjenza bil-wisq reali, l-esperjenza tar-realtà tal-Golgota.

U wied ta' sogħba u ndiema, ta' mħabba u devozzjoni, ta' eroiżmu u ta' spirtu ta' sagrifiċċju, jinżel mill-altar u jgħaddi minn fost il-ġemgħa li tkun titlob" (Karl Adam: *L-Ispirtu tal-Kattoliċiżmu*).

## 2. IL-LITURĠIJA TAL-KELMA

Il-quddiesa hi, fuq kollox, ċelebrazzjoni tal-fidi, dik il-fidi li titwieled u tissaħħaħ fina permezz tas-smiegħ tal-Kelma ta' Alla. Niftakru hawn il-kliem ta' l-Istruzzjoni Ġenerali fuq il-Missal (n. 9): "Meta tinqara l-Iskrittura fil-knisja, Alla stess ikun ikellem lill-poplu tiegħu, u Kristu, preżenti fil-kelma tiegħu, ikun jipproklama l-evanġelju. Għalhekk, il-qari tal-kelma t'Alla huwa fost l-elementi l-aktar importanti tal-liturġija, u n-nies kollha li jattendu għalih għandhom jisimgħuh *b'qima kbira."* Għandha importanza kbira wkoll l-omelija li tingħata. Permezz ta' din, is-saċerdot jispjega t-test sagru fid-dawl tat-tagħlim tal-Knisja biex hekk ikompli jibni l-fidi tan-nies preżenti.

Aħna u nieħdu sehem fiċ-ċelebrazzjoni tal-Kelma, għandna nħarsu lejn Marija bħala l-mudell tagħna, għaliex "hija l-Verġni attenta li tirċievi l-kelma t'Alla bil-fidi li, fil-każ tagħha, kienet il-bieb u t-triq tal-maternità divina" (MCul 17).

## 3. IL-LITURĠIJA TA' L-EWKARISTIJA F'GĦAQDA MA' MARIJA

Sidna Ġesù Kristu ma bediex il-ħidma tiegħu tal-Fidwa mingħajr il-kunsens ta' Marija, mitlub solennement u mogħti bil-libertà. Hekk ukoll lanqas ma temmha fuq il-Kalvarju mingħajr il-preżenza u l-kunsens tagħha. "Minn din l-għaqda tat-tbatijiet u tar-rieda ta' Marija u Kristu, hi stħaqqilha li ssir b'mod l-iżjed den ir-Restawratriċi tad-dinja l-mitlufa u d-Dispensatriċi tal-grazzji kollha li Ġesù rebaħ bil-mewt u d-demm tiegħu" (AD 12). Kienet ħdejn is-salib ta' Ġesù fuq il-Kalvarju f'isem il-bnedmin kollha, u f'kull quddiesa l-offerta tal-Feddej titwettaq mill-ġdid fl-istess kondizzjonijiet. Marija tinsab wieqfa ħdejn l-altar bħalma darba kienet wieqfa ħdejn is-salib. Hi qiegħda hemm, bħal dejjem, tikkoopera ma' Ġesù: il-Mara, imħabbra sa mill-bidu, li tisħaq ras is-serp. Għalhekk għandu jkun hemm għaliha attenzjoni mimlija mħabba f'kull quddiesa mismugħa sewwa.

U ma' Marija fuq il-Kalvarju kien hemm ukoll ir-rappreżentanti ta' Leġjun, iċ-ċenturjun u n-nies tiegħu li ħadu sehem fin-niket waqt l-offerta tal-Vittma, għalkemm tabilħaqq ma kinux jafu li kienu qegħdin isallbu lill-Mulej tal-glorja (1 Kor 2:8). U, għaġeb ta' l-għeġubijiet, il-grazzja niżlet b'qawwa kbira fuqhom! "Aħseb u ifhem," jgħid San Bernard, "kemm tinfed il-ħarsa tal-fidi. Ara sewwa x'għajnejn ta' seqer għandha. Fuq il-Kalvarju wasslet liċ-ċenturjun biex jara l-ħajja fil-mewt, u jagħraf fl-aħħar nifs is-Sid tal-ħajja." Huma u jħarsu lejn il-Vittma tagħhom bla ħajja u bla sura, il-leġjunarji xandruh li kien l-istess Iben t'Alla (Mt 27:54). Dawn il-konvertiti ħarxa u goffi kienu l-frott bikri u bla mistenni tat-talb ta' Marija. Kienu wlied barranin li l-Omm tal-bnedmin irċeviet għall-ewwel darba fuq il-Kalvarju; iżda żgur ġagħluha tgħożż għal dejjem ġo qalbha l-isem ta' leġjunarju. Għalhekk hadd ma jista' jiddubita li meta l-leġjunarji tagħha stess, magħqudin ma' fehmitha u mal-kooperazzjoni tagħha, jersqu għall-quddiesa ta' kuljum, hi tiġborhom madwarha u tagħtihom "l-għajnejn ta' seqer" tal-fidi u qalbha stess, imfawra bl-imħabba, biex huma jidħlu b'mod l-aktar intimu f'dik il-kontinwazzjoni tas-sagrifiċċju sublimi tal-Kalvarju.

Meta jaraw l-Iben t'Alla merfugħ 'il fuq, huma jingħaqdu miegħu biex ikun hemm vittma waħda biss, għax il-quddiesa hi s-sagrifiċċju tagħhom kif ukoll is-sagrifiċċju tiegħu. Għalhekk għandhom jirċievu l-Ġisem adorabbli tiegħu, għax dan is-sehem mas-saċerdot fil-ġisem tal-Vittma ssagrifikata hu essenzjali biex huma jiġbru l-milja tal-frott tas-sagrifiċċju divin.

Huma jifhmu s-sehem essenzjali ta' Marija, l-Eva l-ġdida, f'dawk il-misteri qaddisa. Hu sehem hekk kbir li "meta l-Iben maħbub tagħha kien qed iwettaq il-Fidwa tal-bnedmin fuq l-altar tas-salib hi kienet maġenbu tbati u tifdi miegħu" (Il-Papa Piju XI). U meta joħorġu mill-knisja, Marija tkun mal-leġjunarji tagħha waqt li tagħtihom sehem fl-amministrazzjoni tagħha tal-grazzji sabiex fuq kull wieħed u fuq dawk kollha li magħhom jiltaqgħu u għalihom jaħdmu, jinżlu bix-xaba' t-teżori infiniti tal-Fidwa.

"Il-poplu Nisrani jifhem u jġarrab il-maternità tagħha b'mod speċjali waqt *l-Ikla Qaddisa* — iċ-ċelebrazzjoni liturġika tal-misteru tal-Fidwa — fejn Kristu, li *l-ġisem veru tiegħu twieled minn Marija Verġni,* jinsab preżenti.

It-tieba tal-poplu Nisrani minn dejjem kienet tinkludi, u bir-raġun dan hu hekk, *ir-rabta kbira* li hemm bejn id-devozzjoni lejn il-Verġni Mbierka u l-adorazzjoni ta' l-Ewkaristija. Dan huwa fatt li narawh kemm fil-liturġija tal-Punent u kemm f'dik tal-Lvant, fit-tradizzjonijiet tal-Familji Reliġjużi, fil-movimenti moderni ta' spiritwalità, anki dawk għaż-żgħażagħ, u fil-ħidmiet pastorali tas-Santwarji Marjani. *Marija tmexxi l-fidili lejn l-Ewkaristija"* (RMat 44).

## 4. L-EWKARISTIJA HIJA T-TEŻOR TAGĦNA

L-Ewkaristija hi ċ-ċentru u l-għajn tal-grazzja; għalhekk din għandha tkun l-istess qofol tal-pjan leġjunarju. Il-ħidma l-aktar imħeġġa ma tikseb xejn ta' siwi jekk tinsa għal mument wieħed li l-iskop ewlieni tagħha hu li twaqqaf is-saltna ta' l-Ewkaristija fil-qlub kollha, għax b'hekk jinkiseb l-iskop li għalih Ġesù Kristu ġie fid-dinja. Dak l-iskop kien li jagħti lilu nnifsu lill-erwieħ sabiex ikun jista' jagħmilhom ħaġa waħda miegħu. Il-mezz ewlieni ta' dik il-għotja tiegħu nnifsu hi l-Ewkaristija. "Jiena hu l-ħobż il-ħaj, li niżel mis-sema. Jekk xi ħadd jiekol minn dan il-ħobż jgħix għal dejjem. U l-ħobż li jiena nagħti huwa ġismi, li jingħata għall-ħajja tad-dinja" (Ġw 6:51).

L-Ewkaristija hi l-ġid bla tarf. F'dak is-sagrament hemm Ġesù nnifsu preżenti daqskemm kien preżenti fid-dar tiegħu f'Nazaret jew fis-sala ta' fuq f'Ġerusalemm. L-Ewkaristija mhijiex sempliċi simbolu tiegħu jew strument tal-qawwa tiegħu, iżda hi sostanzjalment Ġesù Kristu nnifsu. B'mod li dik li nisslitu u rabbietu "sabet għal darb'oħra fl-Ostja adorabbli l-frott imbierek tal-ġuf tagħha, u ġeddet fil-ħajja tagħha ta' għaqda mal-preżenza tiegħu sagramentali, il-jiem mimlija ferħ ta' Betlehem u Nazaret" (San Pietru Ġiljan Eymard).

Ħafna li jgħoddu lil Ġesù bi ftit aktar minn bniedem ispirat, insibuhom iqimuh u jimitawh. Kieku jaħsbu li hu akbar minn hekk kienu jagħtuh aktar. X'għandu mela joħroġ mid-Dar tal-Fidi? Kemm mhumiex skużabbli dawk il-Kattoliċi li jemmnu iżda ma jipprattikawx dak it-twemmin. Dak Ġesù li oħrajn jammiraw, il-Kattoliċi jipposseduh dejjem ħaj fl-Ewkaristija. Huma għandhom kull ċans li jersqu lejh u jistgħu, u għandhom, jirċevuh kuljum bħala ikel ta' ruħhom.

Meta wieħed iqis dawn il-ħwejjeġ jara kemm hu ta' swied il-qalb li wirt hekk tal-għaġeb ikun ittraskurat. Nies, li għalkemm

jemmnu fl-Ewkaristija, iħallu d-dnub u n-nuqqas ta' ħsieb iċaħħduhom minn dan il-bżonn vitali ta' ruħhom li għalih Ġesù Kristu hasbilhom mill-ewwel waqt tal-ħajja tiegħu fuq din l-art. Saħansitra bħala tarbija għadha titwieled f'Betlehem (li tfisser Dar il-Hobż), hu kien mimdud fuq dak it-tiben li tiegħu hu kien il-Qamħ Divin; Qamħ li kellu jsir il-Ħobż tas-sema li jgħaqqad lill-bnedmin ħaġa waħda miegħu u bejniethom fil-Ġisem Mistiku tiegħu.

Marija hi l-Omm ta' dak il-Ġisem Mistiku. Kif darba b'ħerqa hadet ħsieb il-ħtiġijiet ta' Kristu tarbija, hekk ukoll issa hi tixtieq hafna titma' lil dak il-Ġisem Mistiku li tiegħu xejn anqas hi l-Omm. Kemm tingħafas qalbha hi u tara bil-ġuħ it-tarbija tagħha fil-Ġisem Mistiku tagħha. Taraha saħansitra tmut bil-ġuħ minhabba l-fatt li ftit jissaħħu kif imisshom bil-Ħobż Divin, waqt li hafna lanqas biss jirċevuh. Mela ħalli dawk li jfittxu li jingħaqdu ma' Marija fil-kura li tieħu ta' l-erwieħ bħala Omm ħanina, jaqsmu magħha l-għafsa tal-qalb tagħha materna, u jħabirku flimkien magħha biex itaffu l-ġuħ tal-Ġisem ta' Kristu. Għandna ninqdew b'kull għamla ta' ħidma leġjunarja biex inkabbru tagħrif u mħabba lejn is-Sagrament imqaddes, u neqirdu d-dnub u l-bruda li jbiegħdu l-bnedmin minnu. Kull tqarbina mirbuħa hi tabilħaqq rebħa bla qies. Permezz tar-ruħ individwali hi titma' lill-Ġisem Mistiku kollu ta' Kristu, iġġagħlu jikber fil-għerf, fid-daqs u fil-grazzja, quddiem Alla u l-bnedmin (Lq 2:52).

"Din l-għaqda ta' l-Omm ma' l-Iben fil-ġrajja tal-Fidwa tilħaq il-quċċata tagħha fuq il-Kalvarju, fejn Kristu 'offra lilu nnifsu vittma safja lil Alla' (Lhud 9:14) u fejn Marija kienet wieqfa maġenb is-salib (ara Ġw 19:25) fi tbatija kbira flimkien ma' l-uniku Iben tagħha u b'qalb ta' omm kienet magħquda mas-sagrifiċċju tiegħu. B'imħabba aċċettat is-sagrifiċċju tal-vittma li hija stess nisslet u kienet qed toffri lill-Missier Etern. Biex dan is-sagrifiċċju tas-salib jibqa' għal dejjem, il-Feddej divin, bħala tifkira tal-mewt u l-qawmien, waqqaf is-sagrifiċċju ta' l-Ewkaristija u fdah f'idejn il-Knisja, l-għarusa tiegħu. Il-Knisja, l-aktar fil-Ħdud, tiġbor l-Insara biex jiċċelebraw l-Għid tal-Mulej sakemm jerġa' jiġi. Dan tagħmlu f'għaqda mal-qaddisin fis-sema u fuq kollox mal-Verġni Mbierka, waqt li tipprova tixbah l-imħabba mħeġġa u l-fidi soda tagħha" (MCul 20).

# 9

# IL-LEĠJUNARJU U L-ĠISEM MISTIKU TA' KRISTU

## 1. IS-SERVIZZ LEĠJUNARJU HU MIBNI FUQ DIN ID-DUTTRINA

Sa mill-ewwel laqgħa tagħhom il-leġjunarji saħqu fuq il-karattru sopranaturali tas-servizz li kienu sejrin jidħlu għalih. Huma kellhom jersqu lejn l-oħrajn mimlijin tjubija, iżda l-għan ewlieni tagħhom ma kellux ikun dak naturali biss. F'dawk kollha li kienu jaħdmu għalihom kellhom jaraw il-persuna ta' Ġesù Kristu nnifsu. Dak li kienu jagħmlu lill-oħrajn, sa l-aktar dgħajjef u l-iċken, kellhom jiftakru li kienu qegħdin jagħmluh lill-Mulej nnifsu skond kliemu stess: "Tassew, ngħidilkom, kull ma għamiltu ma' wieħed mill-iżgħar fost dawn ħuti, għamiltuh miegħi" (Mt 25:40).

Kif kien sar fl-ewwel laqgħa hekk kellu jsir wara. Sar kull sforz biex il-leġjunarji jifhmu sewwa li dan l-għan għandu jkun il-bażi tas-servizz tagħhom kif ukoll li d-dixxiplina u l-għaqda interna tal-Leġjun jiddependu qabel kollox mill-istess prinċipju. Fl-uffiċjali tagħhom u f'kull wieħed ieħor huma għandhom jagħrfu u jqimu lil Kristu nnifsu. Biex ikun żgurat li din il-verità li tbiddilhom għal kollox tibqa' dejjem f'moħħ il-membri, ġiet imdaħħla fir-regoli prinċipali li jinqraw kull xahar fil-laqgħa tal-praesidium. Barra minn hekk, ir-regoli prinċipali jisħqu fuq il-prinċipju l-ieħor leġjunarju li l-ħidma għandha ssir hekk fi spirtu t'għaqda ma' Marija li tkun hi li tabilħaqq twettaq il-ħidma permezz tal-leġjunarju.

Dawn il-prinċipji li fuqhom is-sistema tal-Leġjun hi mibnija, ġejjin mid-duttrina tal-Ġisem Mistiku ta' Ġesù Kristu. Din id-duttrina hi suġġett ewlieni ta' l-Ittri ta' San Pawl. Ma nistagħġbux b'dan għax kienet it-tħabbira ta' din id-duttrina li kkonvertietu. Deher dawl mis-sema. Il-persekutur kbir ta' l-Insara safa' mitfugħ agħma ma' l-art. Imbagħad sama' dawk il-kelmiet li biddluh għal kollox: "Sawl, Sawl, għaliex qiegħed tippersegwitani?" U San Pawl wieġeb: "Min inti, Mulej?" "Jiena Ġesù," kienet it-tweġiba, "li int qiegħed tippersegwitah" (Atti 9:4-5). Ma nistagħġbux li dawn il-kelmiet tant daħlu fir-ruħ ta' l-Appostlu li kien

iħoss li dejjem għandu jitkellem u jikteb fuq il-verità li kienu jfissru.

San Pawl ixebbah l-għaqda li hemm bejn Kristu u l-imgħammdin mal-għaqda bejn ir-ras u l-membri l-oħra tal-ġisem uman. Kull parti għandha l-iskop u l-ħidma speċjali tagħha. Xi partijiet minnhom huma nobbli u oħrajn huma inqas nobbli; iżda kollha jinħtieġu lil xulxin, u kollha jgħixu bl-istess ħajja. Kollha jitilfu meta tonqos waħda, bħalma kollha jirbħu meta waħda tkun tajba ħafna.

Il-Knisja hi l-Ġisem Mistiku ta' Kristu u l-milja tiegħu (Efes 1:22-23). Kristu hu r-Ras tiegħu, il-parti ewlenija, indispensabbli u perfetta li minnha ġejjin il-qawwiet tal-membri l-oħra kollha tal-ġisem, u l-istess ħajja tagħhom. Fil-Magħmudija aħna ningħaqdu ma' Kristu bir-rabtiet l-aktar qawwija li wieħed jista' jimmaġina. Ifhem, għalhekk, li mistiku ma jfissirx immaġinarju. Biex nużaw il-kliem qawwi ta' l-Iskrittura Mqaddsa, "Aħna lkoll membri tal-Ġisem tiegħu" (Efes 5:30). Dmirijiet qaddisa ta' mħabba u ta' servizz jitnisslu bejn il-membri u r-Ras, u bejn il-membri nfushom (1 Ġw 4:15-21). Ix-xbieha tal-ġisem tgħinna biex nifhmu b'mod ħaj dawk id-dmirijiet u b'hekk inkunu ġa wasalna nofs triq biex inwettquhom.

Din il-verità hi d-domma ċentrali tal-Kristjaneżmu. Għax tabilħaqq, il-ħajja sopranaturali kollha, il-grazzji kollha mogħtija lill-bnedmin, huma frott tal-Fidwa. Il-Fidwa nfisha tinbena fuq il-fatt li Kristu u l-Knisja jagħmlu flimkien persuna mistika waħda, b'mod li t-tpattija ta' Kristu, ir-Ras, u l-merti bla tarf tal-Passjoni tiegħu jappartjenu lill-membri tiegħu, li huma l-fidili kollha. Din hi r-raġuni għaliex il-Mulej seta' jbati għall-bnedmin u jpatti għal ħtijiet li ma kienx ikkommetta hu nnifsu. "Kristu hu ras il-Knisja, is-salvatur tal-Ġisem tiegħu" (Efes 5:23). Il-ħidma tal-Ġisem Mistiku hi l-ħidma ta' Kristu nnifsu. L-imgħammdin isiru biċċa minn Kristu, u mbagħad jgħixu, ibatu u jmutu fih u jerġgħu jqumu fil-qawmien tiegħu mill-imwiet. Il-Magħmudija tqaddes għar-raġuni waħdanija li twaqqaf bejn Kristu u r-ruħ dik ir-rabta vitali li biha l-qdusija tar-Ras tinżel fil-membri tagħha. Is-sagramenti l-oħra, u fuq kollox l-Ewkaristija, qegħdin biex iqawwu l-għaqda bejn il-Ġisem Mistiku u r-Ras tiegħu. Mhux biss, iżda dik il-għaqda tissaħħaħ permezz ta' l-għemejjel tal-fidi u ta' l-imħabba, permezz tar-rabtiet ta' treġija u servizzi li nagħtu lil xulxin fil-Knisja, permezz tal-ħidma u t-tbatija li għalihom inbaxxu ras-

na kif jixraq u ġeneralment permezz ta' kull att tal-ħajja Nisranija. Dawn kollha jkunu ta' siwi b'mod speċjali meta r-ruħ taħdem f'għaqda sħiħa ma' Marija.

Marija hi ħolqa l-aktar qawwija ta' għaqda, minħabba l-fatt li hi Omm ir-Ras u Omm il-membri. "Aħna lkoll membri tal-Ġisem tiegħu" (Efes 5:30) u għalhekk bl-istess mod reali u sħiħ, aħna wlied ta' Marija, Ommu. L-iskop waħdani ta' l-eżistenza ta' Marija hu li tnissel u ssir Omm Kristu kollu, jiġifieri, il-Ġisem Mistiku bil-membri kollha tiegħu perfetti, u magħquda sewwa flimkien (Efes 4:15-16), u ħaġa waħda ma' Rasu, Ġesù Kristu. Marija twettaq dan bil-kooperazzjoni ma' l-Ispirtu s-Santu u bil-qawwa tiegħu, li hu l-ħajja u r-ruħ tal-Ġisem Mistiku. Hu fi ħdan Marija u bis-saħħa tal-ħarsien matern tagħha li r-ruħ tikber fi Kristu u tasal fiż-żmien tal-milja tiegħu (Efes 4:13-15).

"Fil-pjan ta' Alla għall-Fidwa, Marija għandha sehem prinċipali, differenti minn kull sehem ieħor. Fost il-membri tal-Ġisem Mistiku hi għandha post speċjali għaliha, l-ewwel wara r-Ras. Fl-organiżmu divin ta' Kristu kollu kemm hu, Marija twettaq ħidma li għandha x'taqsam intimament mal-ħajja tal-Ġisem kollu. Hi l-Qalb tiegħu. Skond San Bernard, il-parti ta' Marija fil-Ġisem Mistiku hi aktar komunement imxebbha ma' l-għonq li jgħaqqad ir-ras mal-bqija tal-ġisem. Dan ix-xebh jagħti tifsira tajba tal-medjazzjoni universali ta' Marija bejn ir-Ras Mistika u l-membri tiegħu. Madankollu l-għonq ma jfissirx ċar daqskemm tfisser il-qalb, l-idea tal-qawwa wisq importanti ta' Marija u tas-setgħa tagħha. Hi iżgħar biss minn dik ta' Alla, fil-ħidmiet tal-ħajja sopranaturali. Għaliex l-għonq mhuwiex ħlief ħolqa li tgħaqqad. Ma jiħux sehem fil-bidu u fit-tmexxija tal-ħajja. Il-qalb, għall-kuntrarju, hija bħal ġibjun tal-ħajja, li l-ewwel tiġbor fiha l-ġid biex imbagħad tqassmu lill-ġisem kollu" (Mura: *Il-Ġisem Mistiku ta' Kristu*).

## 2. MARIJA U L-ĠISEM MISTIKU

Marija kellha l-inkarigu li titma', tħares u tħobb il-Ġisem veru ta' l-Iben Divin tagħha; dan hi għadha tagħmlu sa llum ma' kull membru tal-Ġisem Mistiku, mill-iżgħar sa l-akbar wieħed fost l-aħwa. Għalhekk meta "l-membri kollha jaħsbu f'xulxin" (1 Kor 12:25), ma jaħdmux maqtugħin minn Marija, lanqas meta minħabba n-nuqqas ta' ħsieb u l-injoranza ma jintebħux bil-preżenza tagħha. Huma biss jgħaqqdu l-isforzi tagħhom ma' l-isforzi ta' Marija. Il-ħidma tagħhom hi ġa l-ħidma tagħha u ilha titħabat

fiha b'reqqa kbira minn żmien it-tħabbira ta' l-anġlu sa llum. Għalhekk mhux il-leġjunarji jdaħħlu lil Marija biex tgħinhom fis-servizz tagħhom mal-membri l-oħra tal-Ġisem Mistiku. Hi Marija li ssejħilhom biex jgħinuha. Din hi ħidma speċjali u proprja tagħha, u għalhekk ħadd ma jista' jieħu sehem fiha jekk mhux bil-permess ħelu tagħha. Għalhekk dawk li jipprovaw jagħmlu l-ġid lill-proxxmu tagħhom u fl-istess ħin inaqqsu l-post u l-privileġġ ta' Marija, għandhom jirriflettu fuq il-konsegwenza loġika tad-duttrina tal-Ġisem Mistiku. Aktar u aktar, din id-duttrina fiha tagħlima għal dawk li jgħidu li jilqgħu l-Bibbja iżda li fl-istess ħin iwarrbu jew ikasbru l-Omm t'Alla. Nies bħal dawn għandhom jiftakru li Kristu ħabb lil Ommu u kien jobdiha (Lq 2:51), u li l-eżempju tiegħu jobbliga l-membri tal-Ġisem Mistiku tiegħu. "Weġġaħ . . . lil ommok" (Eż 20:12). Bi kmand divin għandhom iħobbuha b'imħabba ta' wlied. Il-ġenerazzjonijiet kollha huma mistennija jbierku lil dik l-omm (Lq 1:48).

Kif ħadd ma jista' lanqas jipprova jidħol għas-servizz ta' għajru ħlief biss meta jingħaqad ma' Marija, hekk ukoll ħadd ma jista' jwettaq dan id-dmir kif jixraq bla ma jidħol b'ċertu mod fil-fehmiet ta' Marija. Minn dan jiġi li aktar ma tikber il-għaqda ma' Marija aktar jitħares bir-reqqa l-kmand divin li nħobbu 'l Alla u naqdu lil għajrna (1 Ġw 4:19-21).

Il-ħidma speċjali tal-leġjunarji fil-Ġisem Mistiku hi li jiggwidaw, ifarrġu, u jdawlu lill-oħrajn. Dik il-ħidma ma tistax issir sewwa mingħajr ma nifhmu li l-Knisja hi l-Ġisem Mistiku ta' Kristu. Il-post u l-privileġġi tal-Knisja, l-għaqda, l-awtorità, l-iżvilupp, it-tbatijiet, il-mirakli u r-rebħiet tagħha, il-għoti minnha tal-grazzja u l-maħfra tad-dnub, jistgħu jkunu apprezzati biss billi nifhmu li Kristu jgħix fil-Knisja u permezz tagħha jkompli l-missjoni tiegħu. Il-Knisja ġġedded il-ħajja ta' Kristu u l-aspetti kollha tal-ħajja tiegħu.

Kull membru tal-Knisja hu msejjaħ minn Kristu, ir-Ras tagħha, biex jagħti sehmu fil-ħidma tal-Ġisem Mistiku. "Naqraw fil-kostituzzjoni *Lumen Gentium* 'li meta Ġesù Kristu ta l-ispirtu tiegħu lil ħutu, imsejħin minn fost il-ġnus kollha, hu għaqqadhom mistikament fil-ġisem tiegħu. F'dan il-ġisem il-ħajja ta' Kristu tgħaddi lil dawk li jemmnu . . . Kif il-membri kollha tal-ġisem ta' bniedem, għalkemm ħafna, jagħmlu ġisem wieħed, hekk l-Insara kollha jagħmlu ġisem wieħed fi Kristu (ara 1 Kor 12:12). Fil-bini wkoll tal-ġisem ta' Kristu, il-membri u l-ħidmiet huma

diversi . . .' L-ispirtu tal-Mulej jagħti varjetà sħiħa ta' kariżmi filwaqt li jistieden lill-bnedmin biex jidħlu għall-ministeri u forom differenti ta' servizz" (CL 20).

Biex nifhmu sewwa x'forma ta' servizz għandu jkun dak li jikkaratterizza l-leġjunarji fil-ħajja tal-Ġisem Mistiku, aħna nħarsu lejn Marija. Intqal li hija sewwa sew il-qalb ta' dak il-Ġisem. Issehem tagħha, bħal dak tal-qalb fil-ġisem ta' bniedem, huwa li tibgħat id-demm ta' Kristu jiġri fil-vini u l-arterji tal-Ġisem Mistiku, id-demm li jagħtih il-ħajja u jkompli jkabbru. Huwa fuq kollox xogħol ta' mħabba. Waqt li l-leġjunarji jaħdmu fl-appostolat f'għaqda ma' Marija, huma msejħin biex jingħaqdu magħha fil-ħidma importanti tagħha bħala l-qalb tal-Ġisem Mistiku.

"L-għajn ma tistax tgħid lill-id: 'Jiena ma għandix bżonnok', anqas ir-ras ma tgħid lis-saqajn: 'Ma għandix bżonnkom' " (1 Kor 12:21). Minn dan il-leġjunarju għandu jitgħallem l-importanza ta' sehmu fl-appostolat. Mhux biss hu ġisem wieħed ma' Kristu u jiddependi minn Kristu, iżda Kristu wkoll, li hu r-Ras, hu tassew dipendenti minnu; b'mod li Kristu Sidna wkoll ikollu jgħid lil-leġjunarju: "Ninħtieġ l-għajnuna tiegħek fil-ħidma tiegħi għas-salvazzjoni u t-tqaddis ta' l-erwieħ." Hi din id-dipendenza tar-Ras mill-Ġisem li San Pawl għandu f'moħħu meta jgħid li jtemm f'ġismu dak li jonqos mit-tbatijiet ta' Kristu (Kol 1:24). Din l-espressjoni qawwija ma tfissirx li x-xogħol ta' Kristu kien b'xi mod nieqes, iżda biss tisħaq fuq il-prinċipju li kull membru tal-ġisem għandu jagħti dak li jista' biex jikseb is-salvazzjoni tiegħu u ta' l-oħrajn (Fil 2:12).

Dan għandu jgħallem lil-leġjunarju kemm għandu sejħa għolja fil-Ġisem Mistiku. Din hi li jagħti dak li għad jonqos fil-missjoni ta' Sidna Ġesù Kristu. Xi ħsieb iħeġġeġ għal-leġjunarju: Kristu għandu bżonnu biex iwassal id-dawl u t-tama lil dawk li jinsabu fid-dlam, il-faraġ lill-imnikktin, u l-ħajja lill-mejtin fid-dnub. M'hemmx għalfejn ngħidu li għandu jkun xogħol u dmir il-leġjunarju li jimita b'mod għal kollox speċjali l-imħabba u l-ubbidjenza tal-għaġeb li Kristu, ir-Ras, wera lejn Ommu, u li l-Ġisem Mistiku għandu juri mill-ġdid.

"Kif San Pawl jiżgurana li hu jtemm dak li jonqos mit-tbatijiet ta' Kristu, hekk ukoll nistgħu tabilħaqq ngħidu li n-Nisrani veru, li hu membru ta' Ġesù Kristu u magħqud miegħu bil-grazzja, jissokta u jwassal sat-tmiem, bis-saħħa ta' kulma jagħmel fl-ispirtu ta' Ġesù Kristu, l-għemejjel li Ġesù Kristu nnifsu għamel kemm dam jgħammar

fis-sliem f'din l-art. Hekk li meta n-Nisrani jitlob, huwa jkompli t-talb ta' Ġesù fil-ħajja tiegħu f'din l-art. Meta jaħdem, hu jtemm dak li kien jonqos fil-ħajja u fl-għemejjel ta' Ġesù. Għandna nkunu bħal Kristijiet oħra fuq l-art, inkomplu l-ħajja u l-għemejjel tiegħu, nagħmlu u nbatu kollox fl-ispirtu ta' Ġesù; fi kliem ieħor, b'dispożizzjonijiet qaddisa u divini" (San Ġwann Eudes: *Is-Saltna ta' Ġesù*).

## 3. IT-TBATIJA FIL-ĠISEM MISTIKU

Il-missjoni tal-leġjunarji ġġibhom f'kuntatt mill-qrib mal-bnedmin, u speċjalment mal-bnedmin fit-tbatija. Għalhekk għandhom jifhmu sewwa x'inhi dik li d-dinja tinsisti li ssejħilha l-problema tat-tbatija. M'hemm ħadd li f'ħajtu ma jerfax xi tagħbija ta' niket. Kważi kulħadd jirvella kontra t-tbatija. In-nies ifittxu li jbegħduha minnhom, u jekk dan ma jistax ikun, jibqgħu taħtha kontra qalbhom. B'hekk jitħassru l-pjanijiet tal-Fidwa li jitolbu li t-tbatija għandu jkollha postha f'kull ħajja li tagħti l-frott, sewwasew kif fl-insiġ ħajta tissallab u tintrabat ma' oħra. Waqt li donnha taqsam u tfixkel il-mixja tal-ħajja tal-bniedem, it-tbatija tabilħaqq tagħti lil dik il-ħajja l-milja tagħha. Għaliex, kif l-Iskrittura Mqaddsa tgħallimna f'kull paġna, Alla "lilkom ta l-grazzja li sservu lil Kristu, mhux biss temmnu fih, imma saħansitra tbatu għalih" (Fil 1:29); u wkoll: "Jekk aħna mitna miegħu, għad ngħixu miegħu wkoll; jekk insofru bis-sabar, għad insaltnu miegħu wkoll" (2 Tim 2:11-12).

Dak il-waqt tal-mewt tagħna fi Kristu jitfisser b'salib, kollu jqattar id-demm, li fuqu r-Ras tagħna, Kristu, għadu kif temm il-ħidma tiegħu. Taħt is-salib tinsab figura hekk imnikkta li donnha ma tistax aktar tkompli tgħix. Dik il-Mara hi Omm il-Feddej kif ukoll Omm il-mifdijin. Kien mill-vini tagħha li ttieħed l-ewwel demm li issa jinsab imxerred qisu bla siwi iżda li feda d-dinja. Minn issa 'l quddiem dak id-demm għażiż jiġri fil-Ġisem Mistiku u jitfa' l-ħajja, biex ngħidu hekk, f'kull rokna tiegħu. Iżda għandna nifhmu l-konsegwenzi kollha ta' din iċ-ċirkolazzjoni biex inqegħduhom fil-prattika. Dik in-nixxiegħa prezzjuża ġġib fir-ruħ ix-xbieha ta' Kristu; iżda hu Kristu sħiħ; mhux biss Kristu ta' Betlehem u t-Tabor — Kristu tal-ferħ u tal-glorja, iżda wkoll Kristu tal-Kalvarju — Kristu tat-tbatija u tas-sagrifiċċju.

Għandna nfiehmu lil kull Nisrani li ma jistax jaqbad u jagħżel fi Kristu. Marija fehmet dan għal kollox saħansitra fil-ferħ tat-

tħabbira ta' l-anġlu. Hi fehmet li ma kinitx mistiedna ssir biss l-Omm tal-Ferħ, iżda l-Mara tan-Niket ukoll. Iżda hi dejjem tat lilha nfisha 'l Alla kollha kemm hi, u issa rċevietu kollu kemm hu. B'għajnejha miftuħa għal kollox, hi laqgħet il-ħajja ta' dik it-Tarbija b'kulma kienet tfisser. Kienet lesta li ġġarrab it-tbatija miegħu daqskemm kienet lesta li dduq il-hena miegħu. F'dak il-mument dawk il-Qlub qaddisa daħlu f'għaqda hekk kbira li kważi saru qalb waħda. Minn issa 'l quddiem, iħabbtu flimkien fil-Ġisem Mistiku, u għalih. B'hekk Marija saret il-Medjatriċi tal-grazzji kollha, il-kalċi spiritwali li jilqa' u jagħti d-demm l-aktar għażiż tal-Mulej. Kif għamlet Marija hekk għandhom jagħmlu wliedha kollha. Bniedem ikun ta' siwi għal Alla daqskemm tkun kbira l-għaqda tiegħu mal-Qalb Qaddisa, minn fejn ikun jista' jieħu bix-xaba' mid-demm għażiż u jxerrdu f'erwieħ oħra. Iżda dik l-għaqda mal-Qalb u mad-demm ta' Kristu ma tistax tinsab f'fażi waħda tal-ħajja tiegħu, iżda fil-ħajja kollha kemm hi. Hu bla siwi, u daqshekk ieħor mhux xieraq, li wieħed jilqa' lis-Sultan tal-Glorja u jkeċċi l-Bniedem tan-Niket, għaliex dawn m'huma ħadd ħlief Kristu wieħed. Dak li ma jimxix mal-Bniedem tan-Niket ma jiħux sehem fil-missjoni tiegħu għall-erwieħ, u lanqas ma jaqsam fil-glorja li din iġġib magħha.

Għalhekk jiġi li t-tbatija hi dejjem grazzja. Jekk ma tagħtix il-fejqan tagħti l-qawwa. Qatt ma hi biss kastig tad-dnub. "Ifhem," jgħid Santu Wistin, "li t-tbatija tal-bniedem mhijiex xi liġi bil-piena, għaliex it-tbatija min-natura tagħha hi ta' fejqan." U min-naħa l-oħra, il-Passjoni tal-Mulej tfawwar bħala privileġġ bla tarf għal ġol-ġisem ta' dawk meħlusa mid-dnub u tal-qaddisin biex tagħmilhom jaqblu b'mod dejjem aktar perfett max-xbieha tiegħu. Dan il-bdil u taħlit ta' tbatijiet huma l-bażi ta' kull tgħakkis u tpattija.

Paragun sempliċi maċ-ċirkolazzjoni tad-demm fil-ġisem tal-bniedem jiċċara aktar il-post u l-iskop tat-tbatija. Ħares lejn l-id. Il-polz li jħabbat fiha hu t-taħbita tal-qalb. Id-demm sħun mill-qalb jiġri fl-id. Dik l-id hi ħaġa waħda mal-ġisem li minnu tagħmel parti. Jekk l-id tiksaħ il-vini jinġibdu, u ċ-ċirkolazzjoni tad-demm tiġi mfixkla. Aktar ma tiksaħ, aktar tonqos iċ-ċirkolazzjoni. Jekk il-kesħa tkun hekk kbira li d-demm jieqaf, l-id tinġazza, it-tessuti jibdew imutu, l-id tisfa bla ħajja u bla siwi. Tkun bħal id mejta, u jekk titħalla hekk, tfiġġ il-kankrena. Dawk il-gradi ta' kesħa juru l-istati li fihom jistgħu jsibu ruħhom il-

membri tal-Ġisem Mistiku. Dawn jistgħu iċaħħdu ruħhom daqshekk mid-demm għażiż li jiċċirkola f'dak il-Ġisem, li jsibu ruħhom fil-periklu li jmutu bħal parti tal-ġisem ikkankrata li tinħtieġ tinqata'. Ikun jidher ċar x'għandu jsir meta parti tal-ġisem tiksaħ. Għandu jsir minn kollox biex id-demm jiċċirkola mill-ġdid ħalli terġa' tingħatalha l-ħajja. L-isfurzar tad-demm biex jgħaddi mill-arterji u mill-vini miġbuda hu proċess li jwaġġa'; iżda dak l-uġigħ hu sinjal li jferraħ. Il-biċċa l-kbira tal-Kattoliċi prattikanti huma bħal partijiet tal-ġisem li kważi waslu biex jinġazzaw. Kuntenti bihom infushom, bilkemm iħossuh il-ksieħ ta' ġo fihom. B'danakollu mhumiex jirċievu d-demm għażiż kemm jixtieqhom Sidna Ġesù Kristu. Għalhekk hu jġiegħel il-ħajja tiegħu tidħol fihom. Il-ġiri ta' demmu waqt li jiftaħ il-vini iebsa, iweġġagħhom; u dan hu li jġib in-niket tal-ħajja. Iżda meta din l-idea tat-tbatija nifhmuha, forsi m'għandux in-niket jinbidel f'ferħ? Is-sens tat-tbatija jsir sens tal-preżenza intima ta' Kristu.

"Ġesù Kristu bata dak kollu li kellu jbati. Ma baqa' xejn nieqes mit-tbatijiet tiegħu. Mela l-Passjoni tiegħu ntemmet? Fir-Ras iva; iżda jibqa' l-Passjoni tal-Ġisem tiegħu. Bir-raġun kollu għalhekk, Kristu, li għadu jbati fil-Ġisem tiegħu, jixtieq jarana nieħdu sehem fit-tbatija tiegħu. Il-għaqda tagħna stess miegħu titlob li aħna nagħmlu hekk, għax ladarba aħna l-Ġisem ta' Kristu u membri ta' xulxin, dak kollu li tbati r-Ras, il-membri għandhom iġarrbuh magħha" (Santu Wistin).

# 10

# L-APPOSTOLAT TAL-LEĠJUN

## 1. ID-DINJITÀ TIEGĦU

Biex ifisser id-dinjità ta' l-appostolat li għalih il-Leġjun isejjaħ il-membri tiegħu u s-siwi tiegħu għall-Knisja wieħed ma jsibx kliem aktar qawwi minn dak li hemm fid-dikjarazzjonijiet awtorevoli li ġejjin:

"Il-lajċi jiksbu d-dritt u d-dmir għall-appostolat mill-istess għaqda tagħhom ma' Kristu, li huwa r-Ras. Huma magħqudin mal-

Ġisem Mistiku ta' Kristu bil-magħmudija u msaħħin bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu bil-Griżma ta' l-Isqof. Għalhekk huwa l-Mulej innifsu li jaħtarhom għall-appostolat. Jekk huma kkonsagrati saċerdoti regali u nazzjon qaddis (ara 1 Pt 2:4-10), dan seħħ biex f'kulma jagħmlu joffru sagrifiċċji spiritwali u jixhdu għal Kristu fid-dinja kollha. L-imħabba, li nistgħu ngħidu hija r-ruħ ta' kull appostolat, tingħata lilhom u titkattar fihom permezz tas-sagramenti, u l-aktar permezz ta' l-Ewkaristija" (AA 3).

"Il-Papa Piju XII darba qal: 'L-insara, u iktar eżatt il-lajċi, huma fuq quddiem nett fil-ħajja tal-Knisja; bihom il-Knisja hi għajn ta' ħajja għas-soċjetà. Għalhekk, b'mod speċjali, għandhom jagħrfu dejjem aħjar li *huma mhumiex biss fil-Knisja, iżda huma l-Knisja,* jiġifieri huma komunità ta' Nsara fuq l-art, immexxijin mill-Papa, li hu l-kap ta' kulħadd, u mill-isqfijiet f'xirka miegħu. Dawn *huma l-Knisja*. . .' " (CL 9).

"Marija teżerċita fuq nisel il-bniedem qawwa morali li ma nistgħux infissruha aħjar milli nxebbhuha ma' dawk il-qawwiet fiżiċi tal-ġibda, tax-xebh u tar-rabta li fl-ordni tan-natura jgħaqqdu flimkien il-ħaġa u l-partijiet li jsawruha . . . Naħsbu li wrejna kif Marija ħadet sehem fil-movimenti kbar kollha li jifformaw il-ħajja tas-soċjetajiet u ċ-ċiviltà vera tagħhom" (Petitalot).

## 2. IL-ĦTIEĠA TA' LAJĊI APPOSTOLIĊI

Ngħiduh bla tlaqliq li s-saħħa ta' komunità Kattolika tiddependi mill-preżenza ta' numru kbir t'appostli, li għalkemm ikunu lajċi, madankollu jaħsbuha bħas-saċerdot, iservu ta' ħolqa bejn is-saċerdot u l-poplu, u jagħtu lis-saċerdot setgħa qawwija fuq il-poplu. Is-sigurtà ta' din il-komunità tiddependi minn din il-għaqda bejn is-saċerdot u l-poplu.

Imma l-idea essenzjali ta' l-appostolat hi nieħdu interess kbir fir-riżq u fil-ħidma tal-Knisja, u bilkemm jista' jkun hemm interess bħal dan mingħajr ma wieħed iħossu li qed jieħu sehem fih. Għalhekk l-għaqda t'appostolat hi forma li ssawwar l-appostli.

Fejn dawn il-kwalitajiet ta' l-appostolat m'humiex imrawma bir-reqqa, il-ġenerazzjoni li tielgħa ssib ruħha bla dubju ta' xejn wiċċ imb'wiċċ ma' problema serja bin-nuqqas ta' kull interess veru fil-ħwejjeġ tal-Knisja, u bin-nuqqas ta' kull sens ta' responsabbiltà. X'ġid jista' joħroġ minn dal-Kattoliċiżmu dgħajjef? U

fejn hi s-sigurtà tiegħu ħlief fejn m'hemm ebda tfixkil? L-istorja tgħallimna li merħla bla ħeġġa bħal din titgerrex malajr, anki tasal biex saħansitra teqred ir-ragħajja tagħha, jew jibilgħuha l-ewwel qatgħa lpup li tiltaqa' magħhom. Il-Kardinal Newman jagħtih bħala prinċipju li "l-lajċi kienu minn dejjem il-kejl ta' l-ispirtu Kattoliku."

"Il-ħidma l-kbira tal-Leġjun ta' Marija hi li tkabbar is-sens tal-vokazzjoni tal-lajċi. Hemm periklu li aħna l-lajċi naħsbu li l-Knisja hi l-kleru u r-reliġjużi, li bla dubju ta' xejn Alla tahom dik li aħna wisq esklużivament insejħulha vokazzjoni. Bla ma nindunaw sikwit naqgħu fit-tentazzjoni li ngħoddu ruħna b'miġemgħa bla isem li għandha ċans issalva ruħha jekk tagħmel l-inqas li hu mitlub. Ninsew li Sidna Ġesù Kristu jsejjaħ lin-ngħaġ tiegħu b'isimhom (Ġw 10:3); u li — fil-kliem ta' San Pawl (Gal 2:20), li bħalna ma kienx preżenti fiżikament fuq il-Kalvarju — 'l-Iben t'Alla ħabb *lili* u ta ruħu *għalija'*. Kull wieħed minna, ukoll jekk hu mastrudaxxa ta' raħal bħalma kien Ġesù nnifsu, jew mara umli tad-dar bħal Ommu, għandu vokazzjoni. Hu msejjaħ individwalment minn Alla biex jagħti l-imħabba u s-servizz tiegħu biex iwettaq ħidma partikolari li oħrajn jistgħu jagħmlu aħjar iżda mhux jagħmluha minn floku. Ħadd ħliefi ma jista' jagħti l-qalb *tiegħi* lil Alla jew iwettaq il-ħidma *tiegħi*. Huwa sewwasew dan is-sens personali ta' reliġjon li l-Leġjun irawwem. Il-membru ma jibqax aktar passiv u bla ħeġġa. Hu jew hi jkollu xi ħaġa x'ikun jew x'jagħmel għal Alla. Ir-reliġjon ma tibqax aktar ħaġa sekondarja, issir l-ispirazzjoni ta' ħajtu, tkun kemm tkun din ordinarja. U din il-fehma ta' sejħa personali tnissel dejjem spirtu appostoliku, ix-xewqa li jkompli l-ħidma ta' Kristu, li jkun Kristu ieħor, li jaqdih fl-iċken fost ħutu. Għalhekk il-Leġjun qiegħed għal-lajċi flok ordni reliġjuż, hu l-idea ta' perfezzjoni Nisranija mwassla fil-ħajja tal-lajċi, it-tixrid tas-Saltna ta' Kristu fid-dinja sekulari ta' llum" (Mons. Alfred O'Rahilly).

## 3. IL-LEĠJUN U L-APPOSTOLAT TAL-LAJĊI

Bħal ħafna prinċipji kbar oħra, l-appostolat fih innifsu hu ħaġa kiesħa u astratta. Għaldaqstant hemm periklu kbir li ma jħajjarx, b'mod li l-lajċi ma jweġbux għas-sejħa għolja maħsuba għalihom u, xi ħaġa agħar, li jitqiesu li m'għandhomx ħila jwieġbu. Il-konsegwenza kerha ta' dan tkun li ma jsir ebda sforz biex wieħed iħajjar il-lajċi jieħdu sehem, kif imisshom u kif tassew jinħtieġ, fit-taqbida tal-Knisja.

Imma kif jgħid il-Kardinal Riberi, bniedem ta' esperjenza kbira, li kien Delegat Appostoliku fil-Missjonijiet ta' l-Afrika u wara Internunzju fiċ-Ċina: **"Il-Leġjun ta' Marija hu d-dmir ta' l-appostolat imżejjen b'sura li tiġbed u tħajjar; ibaqbaq bil-ħajja b'mod li jirbaħ lil kulħadd għal warajh; imħaddem kif ried il-Papa Piju XI, jiġifieri jiddependi mill-Verġni Marija Omm Alla; b'insistenza fuq il-kwalità bħala pedament għat-tisħib tiegħu, anzi bħala dik li twassal għal żieda fin-numru; imħares b'ħafna talb u sagrifiċċji tal-membri nfushom, b'sistema eżatta u b'kooperazzjoni sħiħa mas-saċerdot. Il-Leġjun ta' Marija hu miraklu taż-żminijiet ta' llum."**

Lis-saċerdot il-Leġjun jagħtih ir-rispett u l-ubbidjenza li jixirqu lis-superjuri leġittimi, anzi aktar minn hekk. L-appostolat tiegħu hu mibni fuq il-fatt li l-mezzi ewlenija tal-grazzja huma l-quddiesa u s-sagramenti li tagħhom is-saċerdot hu l-ministru essenzjali. L-isforzi u l-mezzi kollha ta' dak l-appostolat għandu jkollhom dan l-iskop kbir quddiemhom: li jwasslu dan l-ikel mogħti minn Alla lill-qtajja' morda u mġewħa. Minn dan jiġi li l-prinċipju ewlieni fil-ħidma leġjunarja għandu jkun it-tressiq tas-saċerdot lejn il-poplu, mhux dejjem fiżikament — għax dan jista' jkun impossibbli — imma kullimkien, bl-influwenza u bil-komprensjoni.

Din hi l-idea essenzjali ta' l-appostolat tal-Leġjun. Il-kotra talmembri tiegħu jkunu lajċi, imma jaħdmu f'għaqda sħiħa massaċerdoti u taħt it-treġija tagħhom, u għal kollox bl-istess fehmiet. Ifittxu bi ħrara li jgħinu l-isforzi tagħhom u li joħolqu aktar wisa' għalihom fil-ħajja tal-bnedmin, biex meta dawn jilqgħuhom jilqgħu lil dak li bagħathom.

"Tassew tassew ngħidilkom, min jilqa' lil min nibgħat jien, ikun jilqa' lili; u min jilqa' lili, ikun jilqa' lil dak li bagħatni" (Ġw 13:20).

## 4. IS-SAĊERDOT U L-LEĠJUN

L-idea tas-saċerdot mdawwar b'ġemgħa mħeġġa biex taqsam miegħu x-xogħol tiegħu taqbel ma' l-eżempju ta' Sidna Ġesù Kristu li pprepara għall-konverżjoni tad-dinja billi ġabar madwaru l-magħżulin tiegħu u huwa stess għallimhom u mlihom bl-ispirtu tiegħu.

Dik il-lezzjoni divina tgħallmuha u wettquha l-Appostli li stied-

nu lil kulħadd biex jgħinhom jirbħu l-erwieħ. Kif qal sewwa l-Kardinal Pizzardo, jista' jkun li l-barranin minn Ruma (Atti 2:10), li semgħu l-kelma ta' l-Appostli nhar Għid il-Ħamsin, kienu l-ewwel nies li ħabbru lil Ġesù Kristu f'Ruma, u b'hekk tefgħu ż-żerriegħa ta' dik il-Knisja Omm li wara ftit San Pietru u San Pawl waqqfu uffiċjalment. "X'kienu jagħmlu t-Tnax imxerrdin fil-kobor bla tarf tad-dinja kieku ma ġabrux madwarhom irġiel u nisa, kemm xjuħ u kemm żgħażagħ, u qalulhom: 'Għandna f'idejna t-teżor tas-sema. Għinu biex xxerrduh ma' kullimkien' " (Il-Papa Piju XI).

Semmejna l-kliem ta' wieħed mill-Papiet. Ħalli nżidu dak ta' Papa ieħor biex nuru sewwa kif fil-fehma t'Alla l-eżempju ta' Sidna Ġesù Kristu u ta' l-Appostli tiegħu dwar il-konverżjoni tad-dinja għandu jkun il-mudell għal **kull saċerdot** fid-dinja żgħira tiegħu, sew jekk tkun parroċċa jew żona jew xi ħidma speċjali:

"Meta darba nzerta kellu madwaru ġemgħa ta' kardinali, il-Papa (San Piju X) staqsiehom: 'X'inhi l-ħaġa l-aktar ta' ħtieġa fi żminijietna għas-salvazzjoni tas-soċjetà?' 'Ibni skejjel Kattoliċi,' wieġeb wieħed. 'Le!' 'Ibni ħafna knejjes,' wieġeb it-tieni. 'Le, lanqas!' 'Żid in-numru tal-kleru,' qal it-tielet. 'Le, le!' tenna l-Papa. 'Dak li jinħtieġ l-aktar fi żminijietna hu li jkun hemm f'kull parroċċa grupp ta' lajċi li jkunu fl-istess ħin virtużi, mgħallma, ta' fehma sħiħa, u tassew appostoliċi.' Dan il-Papa qaddis, fl-aħħar snin ta' ħajtu, kien tal-fehma li d-dinja setgħet tiġi salvata biss billi l-kleru żelanti jrawwem Kattoliċi mogħtija għall-appostolat bil-kelma u bil-ħidma, iżda fuq kollox bl-eżempju. Fid-djoċesijiet fejn eżerċita l-ministeru tiegħu qabel laħaq Papa, in-numru ta' Kattoliċi ta' ħila li jxerrdu d-dawl ta' l-appostolat kien iżjed importanti għalih min-numru uffiċjali ta' parruċċani. Kien tal-fehma li f'kull xorta ta' klassi ta' nies, x'uħud kienu jistgħu jintgħażlu mill-kotra u jiġu mħarrġa għall-appostolat, u kien jikklassifika s-saċerdoti skond ir-riżultati li ż-żelu u l-ħila tagħhom kienu jiksbu f'dan il-qasam" (Chautard: *Ir-Ruħ ta' l-Appostolat,* 4, 1.f.).

"Ix-xogħol tar-ragħaj mhux limitat għall-kura individwali tal-fidili, imma jinkludi wkoll, u bir-raġun, il-formazzjoni ta' komunità Nisranija ġenwina. Iżda biex jitrawwem sewwa l-ispirtu komunitarju, dan għandu jinkludi mhux biss il-knisja lokali, iżda l-Knisja universali. Komunità lokali m'għandhiex iġġib 'il quddiem il-ġid tal-fidili tagħha biss, iżda għandha titħeġġeġ bl-ispirtu missju-

narju u twitti t-triq ta' Kristu għall-bnedmin kollha. Hi għandha tikkonsidra bħala dmir speċjali tagħha t-tagħlim ta' dawk li jixtiequ jirċievu l-magħmudija u ta' dawk li jkunu għadhom kif ikkonvertew, ħalli jitgħallmu jifhmu u jgħixu l-ħajja Nisranija" (PO6).

"Il-Bniedem-Alla ħass il-ħtieġa li jħalli l-Ġisem Mistiku tiegħu fiddinja. Li ma kienx hekk il-ħidma tiegħu kienet tintemm fuq il-Kalvarju. Il-mewt tiegħu kienet tkun akkwistat is-salvazzjoni għal nisel il-bniedem, imma kemm bnedmin kienu jirbħu l-ġenna mingħajr il-Knisja li ġġibilhom il-ħajja mis-salib? Kristu jsir ħaġa waħda mas-saċerdot b'mod speċjali. Is-saċerdot huwa bħal qalb oħra li tgħin biex tippompja d-demm tal-ħajja sopranaturali fl-erwieħ. Huwa parti essenzjali fis-sistema tal-komunikazzjoni spiritwali tal-Ġisem ta' Kristu. Jekk jonqos hu, is-sistema tingħalaq u dawk li jiddependu minnu ma jirċevux il-ħajja li Kristu jixtieqhom jirċievu. Safejn jista' jkun is-saċerdot għandu jkun għall-poplu tiegħu dak li Kristu hu għall-Knisja. Il-membri ta' Kristu huma estensjoni tiegħu nnifsu u mhux biss nies li jgħinuh, li jżommu miegħu, li jaħdmu għalih, li jimxu warajh. Għandhom il-ħajja tiegħu. Għandhom sehem mill-għemil tiegħu. Għandhom ikunu jixbhuh. Kemm jista' jkun is-saċerdoti għandhom ikunu ħaġa waħda ma' Kristu. Kristu ħass il-ħtieġa li jifforma Ġisem spiritwali għalih innifsu; is-saċerdot għandu jagħmel l-istess. Għandu jifforma għalih innifsu membri li huma ħaġa waħda miegħu. Jekk is-saċerdot ma jkollux membri ħajja, iffurmati minnu, magħqudin miegħu, il-ħidma tiegħu tkun ħaġa tal-biki. Huwa jinqata' għalih waħdu u ma jkun jista' jagħmel xejn. "L-għajn ma tistax tgħid lill-id: 'Jiena ma għandix bżonnok', anqas ir-ras ma tgħid lis-saqajn: 'Ma għandix bżonnkom' " (1 Kor 12:21).

Jekk Kristu għamel il-Ġisem Mistiku l-prinċipju tat-triq tiegħu, tassewwa tiegħu, tal-ħajja tiegħu għall-erwieħ, din l-istess ordni taħdem preċiżament permezz ta' Kristu l-ġdid, is-saċerdot. Jekk huwa ma jwettaqx il-ħidma tiegħu b'mod li jilħaq il-grad għoli li tassew jibni sħiħ il-Ġisem Mistiku, kif jingħad fl-Ittra lill-Efesin (4:12, vers li aktarx ifisser 'għall-bini tal-fidili'), il-ħajja divina tidħol fi grad inqas fl-erwieħ biex imbagħad tagħti l-frott.

Minbarra dan, is-saċerdot innifsu jkun jonqsu xi ħaġa minħabba l-fatt li ghalkemm huwa d-dmir tar-ras li tgħaddi l-ħajja lill-ġisem, huwa xejn anqas fatt li r-ras tgħix bil-ħajja tal-ġisem, tikber meta huwa jikber u taqsam fid-dghufija tiegħu jekk imur lura.

Is-saċerdot li ma jifhimx dan il-prinċipju tal-missjoni tiegħu jgħaddi ħajtu mingħajr ma jirnexxilu jwettaq xejn ħlief parti żgħira minn dak li jista' jagħmel, filwaqt li s-sejha vera tiegħu fi Kristu hi li jagħmel ħwejjeġ kbar" (Il-Kanonku F. J. Ripley).

## 5. IL-LEĠJUN FIL-PARROĊĊA

"Illum il-ġurnata l-lajċi għandhom il-ħila jagħmlu ħafna affarijiet u għalhekk għandhom jaħdmu ħafna biex fil-parroċċi tagħhom tikber il-għaqda vera fil-Knisja. B'hekk terġa' tinbet il-ħeġġa missjunarja lejn dawk li ma jemmnux u lejn dawk li, għalkemm jemmnu, abbandunaw il-fidi jew ittraskuraw il-ħajja Nisranija" (CL 27). Wieħed isib li l-ispirtu tassew komunitarju jikber u jissaħħaħ jekk jitwaqqaf il-Leġjun ta' Marija. Permezz tal-Leġjun il-lajċi jidraw jaħdmu fil-parroċċa f'għaqda mill-qrib mas-saċerdoti, u jerfgħu r-responsabbiltajiet pastorali. Li wieħed jirregola l-ħafna attivitajiet tal-parroċċa permezz ta' laqgħa regolari ta' kull ġimgħa hu vantaġġ fih innifsu. Iżda konsiderazzjoni ogħla hi li n-nies imdaħħlin fil-ħidmiet tal-parroċċa, permezz tas-sħubija tagħhom fil-Leġjun, jiksbu formazzjoni spiritwali li tgħinhom jifhmu li l-parroċċa hi komunità Ewkaristika. Dan isir b'sistema metodika li twassalhom biex jilħqu lil kull persuna tal-parroċċa bl-iskop li jibnu dik il-komunità. Ideat ta' kif l-appostolat tal-Leġjun jista' jitwettaq f'parroċċa huma spjegati f'kapitlu 37, *Suġġerimenti dwar Ħidmiet.*

"L-appostolat tal-lajċi għandu jitqies mis-saċerdoti bħala parti essenzjali tal-ministeru tagħhom, u mill-fidili bħala dmir tal-ħajja Nisranija" (Il-Papa Piju XI).

## 6. IL-FROTT TAL-LEĠJUN HU QAWWA TA' IDEALIŻMU U ĦIDMA

Barra minn hekk, jekk il-Knisja tidher li qiegħda tagħmel biss xogħol ta' rutina tkun qed tqiegħed is-Sewwa, li tiegħu hi l-għassiesa, fi żvantaġġ. Jekk iż-żgħażagħ jidraw ifittxu l-idealiżmu attiv, li għalih jixxennqu n-naturi ġenerużi, f'sistemi purament tad-dinja meta mhux ukoll kontra r-reliġjon, isir deni kbir li għalih iridu jħallsu qares il-ġenerazzjonijiet tal-futur.

Hawn il-Leġjun jista' jgħin billi jagħmel il-programm tiegħu wieħed ta' ħidma bla biża', ta' sforz u ta' sagrifiċċju, b'mod li bih il-Knisja tikseb it-tifsira vera taż-żewġ kelmiet "idealiżmu" u "ħidma," li jaqduha fit-tagħlim tagħha.

Bħalma jgħid l-istoriku Lecky, id-dinja titmexxa bl-ideali tagħ-

ha. Jekk dan hu minnu, dawk li joħolqu ideal ogħla jgħollu l-umanità kollha sakemm, m'għandniex xi ngħidu, l-ideal ikun wieħed prattiku u li jolqot. Jista' jingħad li l-ideali li l-Leġjun joffri għandhom dawn iż-żewġ kondizzjonijiet.

Waħda mill-karatteristiċi importanti tal-Leġjun hi li l-ħidma tiegħu hi mbierka b'ħafna vokazzjonijiet saċerdotali u reliġjużi minn fost il-membri tiegħu u t-tfal tagħhom.

Kontra dan x'uħud jgħidu li, qalb l-egoiżmu li jeżisti madwarna, ma jinstab ħadd li jkun lest biex jitgħabba bil-piż tqil tat-tisħib fil-Leġjun. Dan hu raġunar ħażin. Il-ħafna li jwieġbu għall-ħidma ta' ftit siwi malajr jgħibu bla ma jħallu marka warajhom. Il-ftit li jwieġbu għal sejħa ta' ħidma erojka jipperseveraw u bil-ftit il-ftit l-ispirtu tagħhom jixtered fost il-kotra.

Praesidium tal-Leġjun jista' b'dan il-mod ikun mezz qawwi f'idejn is-saċerdot biex ftit ftit jiġbed lejh il-kooperazzjoni tal-lajċi għax-xogħol ta' l-evanġelizzazzjoni tal-bnedmin fdati f'idejh. Hekk, bis-siegħa u nofs li jiddedika għal-laqgħa ta' kull ġimgħa li matulha jiggwida, jinkuraġġixxi u jispiritwalizza lill-membri, huwa jasal biex ikun kullimkien, jisma' kollox, jinfluwenza lil kulħadd u jirbaħ kull limitazzjoni fiżika. Tassew jidher li saċerdot ma jistax juża aħjar iż-żelu tiegħu milli jieħu f'idejh id-direzzjoni ta' ħafna praesidia.

Hekk imsaħħaħ mil-leġjunarji tiegħu (fihom infushom armi umli daqskemm huma bastun, borża, żbandola u ċagħaq, iżda li bis-saħħa ta' Marija jisfaw strumenti tas-sema) is-saċerdot jista' jimxi 'l quddiem bħal David ieħor, żgur mir-rebħa kontra Gulija li joħroġ jisfida bid-dnub u bin-nuqqas ta' twemmin.

"Dik li tiġġustifika twemminkom u tiżguralkom ir-rebħa hi qawwa morali, u mhux materjali. Mhumiex il-ġganti dawk li jagħmlu l-aktar. Kemm kienet żgħira l-Art Imqaddsa! Minkejja dan, rebħet lid-dinja. X'rokna fqira kienet Attika! Madankollu sawret il-moħħ. Mosè kien wieħed waħdu, u waħedhom kienu Elija, David, Pawlu, Atanasju u Ljun. Il-grazzja dejjem taħdem permezz tal-ftit; is-sema jinqeda b'dawk il-ftit li jħarsu fil-bogħod, li huma tassew konvinti, li għandhom rieda qawwija; jinqeda bid-demm tal-martri, bit-talb tal-qaddis, bl-għemil qalbieni, bil-kriżi tal-mument, bil-qawwa mħeġġa ta' kelma jew ta' ħarsa. Tibża' xejn, merħla ċkejkna, għax dak li hu fostkom hu setgħani, u ħwejjeġ kbar jagħmel għalikom" (Il-Kardinal Newman: *L-Istat Preżenti tal-Kattoliċi*).

## 7. IS-SISTEMA TA' L-IMGHALLEM U L-APPRENTISTA FIL-FORMAZZJONI LEĠJUNARJA

Ħafna jaħsbu li l-formazzjoni ta' l-appostli ssir l-aktar bis-smigħ tal-konferenzi u bl-istudju tal-manwali. Imma l-Leġjun jemmen li dik il-formazzjoni ma tista' qatt tinkiseb mingħajr ix-xogħol innifsu: u tabilħaqq, il-kliem fuq l-appostolat mifrud mill-ħidma jista' jkollu l-effett oppost għal dak li nkunu nixtiequ. Wieħed għandu jifhem li, meta nitħaddtu fuq kif għandu jsir xi xogħol, jeħtieġ infissru d-diffikultajiet tiegħu u nipproponu li dan isir bi spirtu għoli biex ix-xogħol ikun ta' kwalità tajba. Jekk inkellmu hekk lill-membri l-ġodda mingħajr fl-istess ħin ma nuruhom fil-prattika li x-xogħol mhux 'il fuq minn ħilithom, anzi li hu fil-fatt ħafif, nistgħu nbeżżgħuhom u ngerrxuhom minnu. Barra minn hekk, is-sistema ta' taħditiet aktarx tagħti r-riħ lil min jemmen fit-teoriji u lil dawk li jaħsbu li se jikkonvertu d-dinja bil-logħob tal-moħħ. Dawn ma jħossuhomx imħajra jagħtu ruħhom għall-ħidmiet umli u li jissoktaw fix-xogħol iebes ta' kuntatti individwali li minnhom tabilħaqq jiddependi kollox. Ngħiduha kif inhi, il-leġjunarju jaċċetta dax-xogħol bil-qalb.

Il-ħsieb tal-Leġjun fuq din il-formazzjoni hu l-metodu ta' l-imgħallem u l-apprentista. Il-Leġjun jemmen li din hi forma ideali ta' taħriġ li, mingħajr eċċezzjoni, tintuża f'kull professjoni u f'kull sengħa. Bla ma jagħmel taħditiet twal, l-imgħallem iqiegħed ix-xogħol quddiem l-apprentista u jurih b'mod prattiku kif għandu jsir, b'tifsiriet 'l hawn u 'l hemm, hu u jsir ix-xogħol. Imbagħad l-apprentista nnifsu jibda jmidd idejh għax-xogħol u ssirlu l-korrezzjoni waqt li jkun qiegħed jagħmlu. Bis-saħħa ta' dik is-sistema joħroġ il-bniedem tas-sengħa. Kull diskors għandu jkun mibni fuq ix-xogħol innifsu; kull kelma għandha tintrabat ma' ħidma. Jekk ma jsirx hekk, il-kliem ftit jagħti frott. U tista' lanqas biss tiftakar xi tkun smajt. Tiskanta kemm ftit wieħed jiftakar minn taħdita, anki jekk ikun student għaqli.

Nosservaw ukoll li jekk noffru sistema ta' taħditiet bħala taħriġ għal għaqda ta' l-appostolat, ftit joffru ruħhom biex jidħlu fiha. Bosta nies m'humiex lesti jisimgħu bi skola meta jkunu ġa ħarġu minnha. Speċjalment in-nies ta' ftit skola jistmerru l-idea li jerġgħu jsibu ruħhom f'għamla ta' klassi, ukoll jekk din tkun ta' sura qaddisa. Din hi r-raġuni għaliex sistemi ta' studju ta' l-appostolat ma jħajrux lil ħafna. Il-Leġjun għandu għamla aktar

sempliċi u psikoloġika. Il-membri tiegħu jgħidu lill-oħrajn: "Ejja u agħmel dan ix-xogħol miegħi." Dawk li jmorru ma jsibux ruħhom fi klassi ta' l-iskola. Isibu ruħhom wiċċ imb'wiċċ ma' xogħol li ġa qiegħed isir minn xi ħadd bħalhom. B'hekk jifhmu li huma wkoll jistgħu jagħmlu dak ix-xogħol, u jissieħbu f'dik il-għaqda minn qalbhom. Meta jkunu ssieħbu, meta jkunu raw ix-xogħol isir u ħadu sehem fih, meta jkunu tgħallmu l-aħjar metodu biex iwettquh mis-smigħ tar-rapporti u l-kummenti fuq dak ix-xogħol, huma mbagħad malajr isiru mħarrġin sewwa fih.

"Kultant il-Leġjun jiġi kkritikat minħabba n-nuqqas ta' tagħlim speċjalizzat fil-membri tiegħu, jew għaliex ma jinsistix li huma jgħaddu ħin twil fl-istudju. Għalhekk għandu jingħad li:

1. Il-Leġjun jagħmel użu sistemat minn dak li għandhom x'joffru l-membri li l-aktar għandhom esperjenza.
2. Filwaqt li ma jinsistix iżżejjed fuq l-istudju, il-Leġjun fil-fatt jipprova jipprepara b'manjieri adatti lil kull membru għall-appostolat partikolari tiegħu.
3. Iżda l-iskop ewlieni fil-Leġjun huwa li jipprovdi sistema li permezz tagħha jkun jista' jgħid lill-Kattoliku komuni: 'Ejja, ġib it-talent tiegħek, imqar jekk ċkejken; aħna ngħallmuk tiżviluppah u tużah permezz ta' Marija għall-glorja t'Alla'.

Ħadd m'għandu jinsa li l-Leġjun qiegħed għal dawk li huma umli u mkasbra daqskemm qiegħed għall-għorrief u s-setgħana" (Fr Thomas P. O'Flynn, C.M., li kien direttur spiritwali tal-Concilium Legionis Mariae).

# 11

# IL-PJAN TAL-LEĠJUN

## 1. IL-QDUSIJA PERSONALI: L-ISKOP U L-MEZZ

Il-mezz ewlieni li bih il-Leġjun ta' Marija jilħaq l-iskop tiegħu hu l-ħidma personali mwettqa taħt il-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu. Din għandha bħala għajn u saħħa tagħha l-grazzja t'Alla, waqt li l-iskop aħħari u ogħla tagħha hu l-glorja t'Alla u s-salvazzjoni ta' l-erwieħ.

Għalhekk, il-qdusija personali li l-Leġjun ta' Marija jfittex li jnissel fil-membri hi wkoll il-mezz ewlieni tal-ħidma tiegħu. "Jiena d-dielja, intom il-friegħi. Min jibqa' fija u jiena fih, dan jagħmel ħafna frott; għax mingħajri ma tistgħu tagħmlu xejn" (Ġw 15:5).

"Il-Knisja, li l-Konċilju Mqaddes qiegħed ifisser il-misteru tagħha, hija qaddisa bla ma tista' qatt tonqos. Infatti Kristu, l-Iben t'Alla, li hu mħabbar flimkien mal-Missier u ma' l-Ispirtu s-Santu bħala 'l-waħdu qaddis', ħabb il-Knisja bħala l-għarusa tiegħu, u ta lilu nnifsu għaliha biex iqaddisha (ara Efes 5:25-26) u għaqqadha miegħu bħal ġismu u mlieha bid-don ta' l-Ispirtu s-Santu għall-glorja t'Alla. Għalhekk kulħadd fil-Knisja, kemm dawk li jiffurmaw parti mill-ġerarkija kif ukoll dawk li huma mmexxija minnha, huwa msejjaħ għall-qdusija, kif jgħid l-appostlu: 'Dan irid Alla minnkom: il-qdusija tagħkom' (1 Tess 4:3; ara Ef 1:4). Din il-qdusija tal-Knisja tidher il-ħin kollu fil-frott tal-grazzja li l-Ispirtu jipproduċi fil-fidili, u hekk għandu jkun; hija titfisser b'modi differenti fl-individwi li, kull wieħed skond il-ħajja tiegħu, ifittxu l-perfezzjoni fl-imħabba u hekk jedifikaw lill-oħrajn; iżda hija tidher b'mod kollu partikolari fil-prattika tal-pariri li komunement jissejħu pariri evanġeliċi. Din il-prattika tal-pariri li ħafna nsara, imqanqla mill-Ispirtu s-Santu, jagħżlu u jgħixu kemm privatament u kemm fi stat jew istituzzjoni approvata mill-Knisja, twassal, u għandha twassal, għal xhieda u eżempju li jiddu ta' dik il-qdusija" (LG 39).

## 2. IL-LEĠJUN HU SISTEMA ORDNATA GĦALL-AĦĦAR

Kif l-għejjun kbar naturali ta' l-enerġija jinħlew jekk ma jkunux ikkontrollati, hekk iż-żelu mingħajr ordni u l-ħeġġa bla tmexxija qatt ma jagħtu riżultati kbar, la spiritwali u lanqas materjali, u rari jkollhom ħajja twila. Għaldaqstant il-Leġjun iqiegħed quddiem il-membri tiegħu mhux tant it-twettiq ta' xi ħidma partikolari daqskemm il-mod ta' kif wieħed jgħix. Hu għandu sistema ordnata għall-aħħar fejn ħafna affarijiet għandhom il-qawwa ta' regola. F'sistemi oħra dawn huma biss issuġġeriti jew meqjusa li jiftehmu waħedhom. Il-Leġjun jitlob li l-membri jħarsu mqar l-inqas dettal bir-reqqa kollha. Bħala ħlas iwegħedhom perseveranza u progress li jinħass fil-kwalitajiet tal-perfezzjoni Nisranija jiġifieri: fidi, imħabba lejn Marija, kuraġġ, ċaħda tagħhom infushom, imħabba ta' bejniethom, ħeġġa għat-talb, għaqal, sabar, ubbidjenza, umiltà, ferħ u spirtu t'appostolat.

"L-iżvilupp ta' dak li aħna mdorrija nsejħulu appostolat tal-lajċi hu fatt speċjali ta' żminijietna li għandu setgħa moħbija li jagħmel ħwejjeġ kbar, jekk mhux għal ħaġa oħra għan-numru ta' nies li jħaddan. B'danakollu jidher li m'aħniex naħsbu biżżejjed f'dan il-moviment ġganti. Meta wieħed jagħti daqqa t'għajn lejn il-kotra ta' ordnijiet reliġjużi maħsuba hekk bil-għaqal li jgħoddu għal dawk li ddeċidew li jħallu t-tlellix tad-dinja, wieħed imbagħad jistagħġeb xħin jara l-kuntrast bejn dawn u dawk l-organizzazzjonijiet li huma meqjusa tajbin għal dawk li ma jinsabux fl-istess ċirkostanzi. Min-naħa l-waħda naraw il-ħeġġa u l-ħsieb biex isir l-aħjar użu mill-materjal; mill-oħra naraw li dak li hemm hu biss elementari u superfiċjali. Tassew li din is-sistema titlob xi xogħol mill-membri; iżda għall-biċċa l-kbira dan mhux ħlief ħaġa ċkejkna ħdejn dak li jagħmlu matul il-ġimgħa, u din is-sistema bil-kemm tipprova titlob aktar minn hekk. Jinħtieġ ikollhom idea ogħla tagħha. M'għandhiex forsi tkun il-bastun fil-pellegrinaġġ tagħhom fid-dinja — is-sinsla nfisha tal-ħajja spiritwali kollha tagħhom?
Bla dubju ta' xejn, il-mudell għal dawk li jaħdmu flimkien għandu jkun l-ordni reliġjuż, u nistgħu ngħidu li skond iċ-ċirkostanzi, aktar ma wieħed jersaq lejn dan il-mudell aktar titjieb il-ħidma li jagħmel. Iżda dan iġib miegħu d-diffikoltà li wieħed jistabilixxi kemm għandha tkun iebsa r-regola. Għalkemm id-dixxiplina hi meħtieġa għall-effiċjenza, jibqa' dejjem il-periklu li wieħed jitlob iżżejjed u b'hekk din l-organizzazzjoni tkun tħajjar anqas. Wieħed għandu jiftakar li l-iskop hu li jkun hemm għaqda permanenti ta' lajċi — u mhux speċi ta' ordni reliġjuż ġdid, jew xi ħaġa li bil-mod il-mod tispiċċa biex issir ordni ieħor, kif nafu mill-istorja li ġara kemm-il darba.
L-iskop waħdieni hu dan: li nies li jgħixu l-ħajja normali tagħhom ta' kuljum jinġabru f'organizzazzjoni effiċjenti. Din għandha tħalli spazju wkoll għall-gosti u l-okkupazzjonijiet l-oħra tagħhom, u mhux dawk reliġjużi biss. L-irbit mixtieq mill-għaqda m'għandux ikun aktar minn dak li huwa lest jaċċetta bniedem normali tal-klassi li għaliha hi maħsuba l-organizzazzjoni, iżda żgur li m'għandux ikun anqas" (Fr Michael Creedon, l-ewwel direttur spiritwali tal-Concilium Legionis Mariae).

## 3. IL-PERFEZZJONI TAT-TISĦIB

Il-Leġjun irid li l-perfezzjoni tat-tisħib titqies minn kemm is-sistema tiegħu tkun obduta bir-reqqa, u mhux minn xi sodisfazzjon jew xi grad ta' suċċess li t-tħabrik tal-leġjunarji jista' jkollu. Iqis membru bħala membru daqskemm ibaxxi rasu għas-sistema tal-Leġjun, u mhux iżjed. Id-diretturi spiritwali u l-presi-

denti tal-praesidia huma mħeġġa jżommu dejjem din l-idea ta' tisħib quddiem għajnejn il-membri tagħhom. Din tifforma ideal li kulħadd jista' jilħaq (ħaġa li s-suċċess u l-konsolazzjoni ma jagħmluhiex), u meta jilħquh isibu rimedju għall-monotonija, għall-ħidmiet li ma jogħġbuhomx, u għan-nuqqas reali jew immaġinarju ta' suċċess. Kieku dawn joħonqu l-bidu t'appostolat li jkun jipprometti ħafna.

"Ta' min jiftakar li dak li nagħmlu għas-Soċjetà ta' Marija għandu jitqies mhux bis-siwi tal-kariga li għandna, imma bil-grad ta' l-ispirtu sopranaturali u ż-żelu li għandna lejn Marija, u li bihom immiddu għonqna għad-dmir mogħti lilna b'ubbidjenza, ikun kemm ikun żgħir u moħbi" (Marjanista: *Trattat Qasir ta' Marjoloġija*).

## 4. ID-DMIR EWLIENI

Fis-sistema tiegħu l-Leġjun iqiegħed qabel kollox, bħala obbligu ewlieni ta' kull membru, id-dmir li jmur għal-laqgħat. Il-laqgħa tagħmel mal-membri dak li l-lenti tagħmel mar-raġġi taxxemx. Il-lenti tiġbor ir-raġġi tax-xemx, tkebbes in-nar u tqabbad kull ma jinsab ħdejha. Hija l-laqgħa li ssawwar il-Leġjun. Jekk din il-ħolqa titkisser jew ma titqiesx kif imiss, il-membri jonqsu, u l-ħidma tisfa fix-xejn. Min-naħa l-oħra, il-qawwa ta' l-għaqda tissaħħaħ daqskemm il-laqgħa tkun irrispettata.

Dan li ġej, miktub fl-ewwel snin tal-ħajja tiegħu, juri llum daqs dak iż-żmien kif il-Leġjun jaħsibha dwar l-organizzazzjoni, u għalhekk ukoll dwar is-siwi tal-laqgħa li hi l-qofol ta' din l-organizzazzjoni: "Fl-organizzazzjoni l-individwi, ikunu importanti kemm ikunu, jikkuntentaw ruħhom li jaħdmu bħal snien ta' rota. Huma jċedu lir-rota, jiġifieri lil sħabhom bħala korp, bosta mill-indipendenza tagħhom. Iżda b'hekk il-ħidma tirbaħ il-mija filwieħed, u dan minħabba l-fatt li numru ta' individwi, li kieku ma kienx hekk, kienu jkunu jew bla siwi jew ma jagħmlu xejn. Huma jingħaqdu fil-ħidma — kull wieħed, mhux bid-difetti tiegħu, iżda bil-ħeġġa u bil-qawwa ta' l-aħjar kwalitajiet li għandu. Ġib quddiem għajnejk qabda bċejjeċ ta' faħam mitluqa mingħajr użu f'rokna u l-istess bċejjeċ mitfugħin fin-nar. Dan hu l-paragun li waħdu jiġi quddiem għajnejna.

Għalhekk il-korp organizzat għandu ħajja tiegħu proprja, barra mill-individwi li jsawruh, u din il-karatteristika, aktar mill-

ġmiel u l-ħtieġa tax-xogħol magħmul, tidher li hi fil-prattika dik il-kalamita li tiġbed membri ġodda. Il-għaqda twaqqaf tradizzjoni, tnissel il-fedeltà, hi rrispettata u obduta, u lill-membri tispirahom b'mod l-aktar qawwi. Kellimhom, u tara kif jafdaw fiha bħal f'omm għaqlija mimlija għomor; u hekk hi tabilħaqq. Ma teħlishomx hi forsi minn kull waqgħa, minn ħrara żejda, minn qtigħ il-qalb meta ma jirnexxux, mill-kburija fis-suċċess, mill-biża' li ħadd ma jaqbel magħhom, min-nuqqas ta' ħila fis-solitudni, u fi ftit kliem, minn kull nuqqas ta' esperjenza? Tibda bir-rieda tajba u trawwimha, imbagħad tidħol għall-ħidma tagħha bi pjan regolari: u tiżgura t-tixrid u t-tkomplija" (Fr Michael Creedon, l-ewwel direttur spiritwali tal-Concilium Legionis Mariae).

"Permezz tagħna, membri tagħha, is-Soċjetà ta' Marija twassal u turi lil Marija, l-Omm tagħna tas-sema, lill-oħrajn. Marija laqgħetna fis-Soċjetà bħal fil-ħdan ta' l-imħabba materna tagħha biex tagħmilna nixbhu lil Ġesù u b'hekk l-ulied privileġġjati tagħha; biex tagħtina l-ħidma appostolika tagħna u hekk hi sseħibna fil-missjoni tagħha ta' Ko-Redentriċi ta' l-erwieħ. Il-kawża u l-interessi tas-Soċjetà huma għalina ħaġa waħda mal-kawża u l-interessi ta' Marija" (Marjanista: *Trattat Qasir ta' Marjoloġija*).

## 5. IL-LAQGĦA TA' KULL ĠIMGĦA TAL-PRAESIDIUM

F'atmosfera magħmula sopranaturali bis-saħħa tat-talb sabiħ, tad-drawwiet devozzjonali u ta' l-ispirtu ħelu ta' fraternità, il-praesidium ikollu laqgħa fil-ġimgħa li fiha tingħata ħidma lil kull leġjunarju, u dan jagħti rapport tal-ħidma li jkun wettaq. Din il-laqgħa ta' kull ġimgħa hi l-qalb tal-Leġjun minn fejn id-demm imur fil-vini u fl-arterji tiegħu kollha. Hi l-mutur li minnu l-Leġjun jikseb id-dawl u l-ħeġġa tiegħu. Hi t-taħriġ kbir tal-membri flimkien fejn xi ħadd ikun f'nofshom, kif wiegħed, bla ma jidher. Fil-laqgħa tingħata l-grazzja speċjali tal-ħidma, u fejn il-membri jimtlew bi spirtu ta' dixxiplina reliġjuża. Din tfittex l-ewwel li togħġob 'l Alla u tqaddes lill-membri, imbagħad taħseb dwar kif sa torganizza ruħha aħjar biex tilħaq dawn l-iskopijiet, u wara tgħaddi biex tagħmel il-ħidma mogħtija bla ma tagħti kas tal-gosti personali.

Għalhekk il-leġjunarji għandhom iqisu l-attendenza għal-laqgħa ta' kull ġimgħa tal-praesidium bħala d-dmir ewlieni u l-aktar

qaddis tagħhom lejn il-Leġjun. Xejn aktar ma jista' jpatti għal dan: mingħajru l-ħidma tagħhom tkun bħal ġisem bla ruħ. Ir-raġuni tgħallimna u mill-esperjenza nafu li nuqqas f'dan id-dmir ewlieni jġib ħidma bla siwi u malajr ukoll it-tluq mil-Leġjun.

"Għal dawk li ma jimxux ma' Marija ngħidu l-kliem ta' Santu Wistin: 'Bene curris sed extra viam': 'tiġri tajjeb, iżda barra mit-triq.' Fejn se tasal fl-aħħar?" (Petitalot).

# 12

# L-ISKOPIJIET ESTERNI TAL-LEĠJUN

## 1. IL-ĦIDMA NFISHA

Il-Leġjun m'għandux bħala skop li ssir xi ħidma partikolari, iżda jfittex qabel kollox li jqaddes lill-membri tiegħu. Biex jikseb dan, l-ewwelnett jistenna li l-membri tiegħu jmorru għal-laqgħat tiegħu kollha. Fil-laqgħat it-talb u d-devozzjoni huma hekk marbuta u minsuġa li jħallu l-marka tagħhom fuq kull ma jsir. Iżda l-Leġjun, imbagħad, ifittex li jiżviluppa dik il-qdusija b'mod speċifiku, billi jagħtiha l-karattru t'appostolat u jħeġġiġha b'mod li żgur tikber u tixtered. Dan it-tixrid tal-qdusija m'huwiex biss it-tħaddim ta' qawwa li hi diġà żviluppata, iżda, bi speċi ta' reazzjoni, huwa parti meħtieġa fl-iżvilupp ta' dik l-istess qawwa; għaliex l-ispirtu t'appostolat l-aħjar li jitħarreġ hu bl-appostolat stess. Għalhekk il-Leġjun jitlob ukoll minn kull membru, bħala dmir essenzjali, li jagħmel kull ġimgħa xi ħidma attiva magħżula mill-praesidium. Il-ħidma toħroġ mil-laqgħa bħala att ta' ubbidjenza, u l-praesidium jista', barra minn f'xi eċċezzjonijiet imsemmija aktar 'il quddiem, iqis li kull ħidma attiva tista' tissodisfa d-dmir ta' kull ġimgħa tal-membru. Imma fil-prattika l-ispirtu tal-Leġjun jitlob li d-dmir tal-ħidma jitmexxa fuq il-ħtiġijiet attwali u, fost dawn, dawk l-aktar meħtieġa, għax il-qawwa tal-ħrara li l-Leġjun ifittex li jnissel fil-membri tiegħu titlob skop għoli u xie-

raq. Xogħol ta' ftit siwi jagħmlilha ħażin, b'mod li qlub li jkunu lesti jagħtu ħajjithom għall-erwieħ u jpattu bl-imħabba għall-imħabba ta' Kristu, u b'xogħol u sagrifiċċju għat-tbatijiet u l-mewt tiegħu, jispiċċaw biex jikkuntentaw ruħhom bi ftit u jaqgħu fil-bruda.

"Ma kenitx ħaġa ħafifa li nerġa' nsir wara li sirt. Hu tkellem u kollox sar. Imma waqt li l-ewwel darba għamilni malajr u b'kelma waħda, it-tieni darba kellu jitkellem ħafna, u jagħmel għeġubijiet u jbati wisq" (San Bernard).

## 2. L-ISKOP AKTAR MIFRUX U AKBAR: IL-ĦMIRA FIL-KOMUNITÀ

Tiswa kemm tiswa l-ħidma li ssir, il-Leġjun ma jqishiex bħala l-ogħla skop ta' l-appostolat tal-membri tiegħu u lanqas l-iskop ewlieni. Din il-ħidma tista' tieħu lil-leġjunarju sagħtejn, tlieta jew ħafna sigħat fil-ġimgħa, waqt li l-Leġjun iħares aktar 'il bogħod lejn kull siegħa ta' dik il-ġimgħa hija u tiddi bin-nar ta' l-appostolat imkebbes fi ħdanu. Is-sistema li tnissel fl-erwieħ din il-għamla ta' nar, ixxerred madwarha qawwa ta' l-għaġeb. L-ispirtu t'appostolat jidħol bħala sid, jaħkem kull ħsieb, kull kelma u kull għemil; u meta juri ruħu minn barra ma hu marbut u la ma' żmien u lanqas ma' post. L-aktar wieħed mistħi u nieqes mill-ħila jimtela b'ħila speċjali biex jinfluwenza lill-oħrajn, b'mod li jinsab fejn jinsab, u mingħajr ma jagħmel appostolat dirett, id-dnub u l-bruda jgħibu quddiemu billi jmilu quddiem qawwa akbar minnhom. L-esperjenza tgħallem dan kull fejn wieħed idawwar wiċċu. Għalhekk il-Leġjun jaħseb f'kull dar, ħanut, fabbrika, skola, uffiċċju u kull post ieħor ta' xogħol jew divertiment, fejn il-leġjunarju veru għal xi raġuni jew oħra jista' jsib ruħu u dan jagħmlu bl-istess sodisfazzjon li ġeneral iħoss meta jara li l-postijiet importanti tiegħu huma mħarsin sewwa. Imqar fejn l-iskandlu u n-nuqqas ta' fidi jinsabu fl-aqwa tagħħom, u biex ngħidu hekk qabdu għeruqhom sew, il-preżenza ta' dan it-Torri ieħor ta' David ifixkilhom milli jkomplu jikbru u jhedded dan il-ħażen. It-taħsir ma jitħalla qatt irabbi l-għeruq; isiru sforzi biex jirbħuh; isir ħaġa ta' qsim il-qalb u ta' talb; issirlu taqtigħa qawwija u bla heda, u aktarx li fl-aħħar tinkiseb ir-rebħa.

Hekk il-Leġjun jibda jlaqqa' flimkien il-membri biex jipperseveraw b'fehma waħda fit-talb mas-Sultana tagħhom. Imbagħad, jibgħathom biex jagħmlu ħidma ta' ġid f'postijiet ta' dnub u niket, u billi jitħeġġu fix-xogħol tagħhom huma nfushom jaħdmu għal ġid akbar. Fl-aħħar jitfa' ħarstu fuq it-triqat u l-mogħdijiet tal-ħajja ta' kuljum bħala skop ta' missjoni wisq aktar glorjuża. Waqt li jaf x'sar bil-ħidma ta' ftit biss, waqt li jifhem li huma bla għadd in-nies tajbin għat-tisħib, waqt li jemmen li s-sistema tiegħu, jekk il-Knisja tużaha bil-qawwa, taf tkun mezz effettiv biex issaffi dinja midinba, il-Leġjun jixtieq bi ħrara li l-membri tiegħu jitkattru biex isir Leġjun mhux biss fl-isem imma wkoll fin-numru.

Bejn dawk li jagħmlu ħidma attiva, dawk li jagħmlu ħidma awżiljarja u dawk li għalihom qed issir din il-ħidma, il-popolazzjoni kollha tista' tingħaqad u tgħaddi minn stat ta' bruda għal sħubija mħeġġa fi ħdan il-Knisja. Aħseb x'jista' jfisser dan għal raħal jew belt, li ma jibqgħux jeżistu biss fil-Knisja imma jsiru wkoll qawwa ħajja fiha li, jew direttament jew permezz tax-Xirka tal-Qaddisin, ixxerred l-influwenza tagħha sa truf id-dinja u fl-irkejjen mudlama tagħha. X'ideal — poplu sħiħ, organizzat għall-glorja t'Alla! U dan m'huwiex sempliċi ideal. Hi ħaġa l-aktar meħtieġa u tista' ssir fid-dinja ta' llum — kieku biss nerfgħu għajnejna lejn is-sema u ma nibqgħux b'idejna marbuta.

"Iva, il-lajċi huma 'ġens maħtur, saċerdozju qaddis', imsejħin ukoll biex ikunu 'l-melħ ta' l-art' u 'd-dawl tad-dinja.' Hija s-sejħa u l-missjoni speċifika tagħhom li jkunu xhieda ta' l-evanġelju fil-ħajja tagħhom u hekk idaħħlu l-evanġelju bħala ħmira fir-realtà tad-dinja fejn jgħixu u jaħdmu. Il-forzi l-kbar li jifformaw id-dinja — il-politika, il-mezzi tax-xandir, ix-xjenza, it-teknoloġija, il-kultura, l-edukazzjoni, l-industrija u x-xogħol — huma eżattament iż-żoni fejn il-lajċi huma kapaċi jeżerċitaw il-missjoni tagħhom b'mod speċjali. Jekk dawn il-forzi jkunu ggwidati minn nies li huma tassew dixxipli ta' Kristu, u li fl-istess ħin huma wkoll kompetenti sewwa fit-tagħrif u s-sengħa li jeżerċitaw fil-ħajja tagħhom, allura d-dinja tassew tinbidel minn ġewwa bil-qawwa redentriċi ta' Kristu" (Mid-diskors tal-Papa Ġwanni Pawlu II ġo Limerick, l-Irlanda, f'Ottubru ta' l-1979).

## 3. LI JGĦAQQAD LIL KULĦADD FLIMKIEN

Il-Leġjun dejjem sejjer fit-"tfittxija l-ewwel tas-Saltna t'Alla u tal-ġustizzja tiegħu" (Mt 6:33), fi kliem ieħor, fil-ħidmiet tiegħu diretti għall-erwieħ. Ma ninsewx, iżda, li dak li l-Leġjun ma fittixx ġie lilu mogħti "b'żieda." Ngħidu aħna, il-Leġjun għandu siwi soċjali. Dan hu ta' siwi nazzjonali għall-pajjiż u ta' għajnuna spiritwali għall-erwieħ li jgħammru fih.

Biex il-magna soċjali taħdem sewwa, tinħtieġ, bħal kull magna oħra, li l-partijiet tagħha jaħdmu f'armonija flimkien. Kull parti, jiġifieri kull ċittadin, għandu jagħmel sewwa dak li hu mistenni minnu, u jagħmlu bl-inqas xkiel possibbli. Jekk kull parti ma tagħtix sehemha kollu, jidħol il-ħala li jeqred l-ekwilibriju meħtieġ, u snien ir-roti ma jingranawx aktar ġo xulxin. Il-ħsara ma tistax tissewwa, għax huwa diffiċli għall-aħħar li ssib kemm saret ħsara u minn fejn ġejja; għalhekk ir-rimedju hu li jew iżżid il-qawwa tal-magna, jew tħaddimha bi spejjeż akbar. Dan ir-rimedju jissokta jħassar l-idea ta' servizz jew kooperazzjoni spontanja b'mod li kull ma tmur il-ħsara tikber. Il-komunitajiet għandhom fihom tant enerġija li jibqgħu sejrin jaħdmu mqar jekk jeħżienu nofs il-partijiet tagħhom. Iżda dan jiswielhom ħafna faqar, tbatija u nkwiet. Jinħlew flus u enerġija biex jitħaddmu partijiet li jmisshom mexjin bla tbatija jew li jmisshom tabilħaqq ikunu għejjun ta' qawwa. Ir-riżultat: problemi, taqlib, kriżijiet.

Min jista' jiċħad li dan hu li qed jiġri llum saħansitra fl-aħjar pajjiżi? L-egoiżmu hu r-regola tal-ħajja individwali. Il-mibegħda tbiddel il-ħajja ta' ħafna f'qawwa ta' qerda biss, u kull jum ġdid hu prova ġdida u universali ta' verità vitali li nistgħu nfissruha hekk: "Min jiċħad 'l Alla, min jittradixxi 'l Alla, iqarraq b'kulħadd u b'kull ma hu anqas minn Alla, b'kull ma jinsab fl-art u fis-sema" (Brian O'Higgins). L-istat m'huwiex ħlief l-għaqda tal-ħajjiet individwali flimkien; għalhekk fejn naħsbu li qatt jista' jilħaq? Meta n-nazzjonijiet huma ta' periklu u ta' kastig għalihom infushom, x'qegħdin joffru lid-dinja ħlief xi ftit mill-istess taqlib tagħhom?

Imma nissoponu li fil-komunità tidħol qawwa li tixtered b'mod li tittieħed minn wieħed għall-ieħor, u li tagħmel li l-ideat tas-sagrifiċċju personali, ta' l-imħabba ta' bejnietna, u ta' l-idealiżmu jogħġbu lill-individwu! X'bidla ssir! Jagħlqu l-ġrieħi l-kbar u l-ħajja tintrefa' 'l fuq. Nimmaġinaw nazzjon li jfassal ħajja ta' valuri

tassew tajba u jagħti lid-dinja eżempju ta' poplu sħiħ li jqiegħed il-fidi tiegħu fil-prattika u b'hekk iħoll il-problemi li jinqalgħu. Min jista' jiddubita li nazzjon bħal dan ikun dawl jiddi fid-dinja, hekk li d-dinja tintafa' f'riġlejh biex titgħallem?

Issa, ħadd ma jista' jiċħad li l-Leġjun għandu l-ħila jħajjar lil-lajċi jinteressaw ruħhom sewwa fir-reliġjon u jagħti idealiżmu mħeġġeġ lil dawk li jaqgħu taħt l-influwenza tiegħu b'mod li jaslu biex jinsew kulma jifridhom, jaqsamhom u jġellidhom fid-dinja, u jimtlew bix-xewqa li jaħdmu għall-bnedmin kollha u jħobbuhom. Dan l-idealiżmu, li għandu l-għeruq tiegħu fir-reliġjon, m'huwiex biss sentiment; huwa jġiegħel lill-individwu jaħseb kif jista' jaqdi lill-oħrajn, iġiegħlu jagħmel sagrifiċċji kbar, jogħla sa l-eroiżmu, u ma jisfax fix-xejn bħall-fwar.

Għaliex? Ir-raġuni nsibuha fil-qawwa li tmexxih. Kull qawwa ġejja minn xi ħaġa. Il-Leġjun għandu motiv l-aktar qawwi li jwasslu għal dak is-servizz lill-komunità. Dan huwa l-fatt li Ġesù u Marija kienu ċittadini ta' Nazaret. Huma ħabbew lil dik il-belt u lil pajjiżhom b'devozzjoni reliġjuża, għaliex għal-Lhud il-fidi u art twelidhom kienu minsuġa flimkien b'mod hekk divin li kienu ħaġa waħda. Ġesù u Marija għexu l-ħajja komuni tal-belt tagħhom fil-milja kollha tagħha. Kull bniedem u kull ħaġa li kien hemm kienu għalihom ta' l-akbar interess. Ma nistgħu bl-ebda mod nimmaġinawhom bħala nies indifferenti jew traskurati mqar fl-iċken ħaġa.

Illum pajjiżhom huwa d-dinja u n-Nazaret tagħhom huwa kull post. F'komunità ta' nies mgħammda Ġesù u Marija huma marbutin ma' l-individwi wisq aktar milli kienu f'ħajjithom ma' dawk tar-razza tagħhom. Imma l-imħabba tagħhom issa trid toħroġ permezz tal-Ġisem Mistiku. Jekk il-membri tiegħu jħabirku f'dan l-ispirtu biex jaqdu l-post fejn joqogħdu, Ġesù u Marija jgħaddu minn dak il-post ixerrdu l-influwenza tagħhom ta' ġid mhux biss fuq l-erwieħ imma fuq il-post ukoll. Ikun hemm titjib materjali; il-problemi jiċkienu. Fl-aħħar mill-aħħar ma nistgħu nagħmlu l-ebda bidla tassew għall-aħjar jekk mhux b'dan il-mod.

Din l-attenzjoni għad-dmir Nisrani f'kull post issir patrijottiżmu għan-nazzjon. Din il-kelma m'għandhiex tifsira ċara, għaliex x'inhu l-patrijottiżmu veru? Fid-dinja m'hemmx stampa jew mudell tiegħu. Tista' tgħid li joqorbu lejh il-għotja sħiħa u s-sagrifiċċju personali li jsiru matul xi gwerra. Iżda dawn ma jkunux imqanqlin mill-imħabba daqskemm mill-mibegħda, u tistenna

li jkunu mxaqilbin lejn il-qerda. Għalhekk hemm bżonn li wieħed jagħti mudell korrett ta' patrijottiżmu li jħobb il-paċi.

Huwa dan is-servizz spiritwalizzat lill-komunità li l-Leġjun jinkoraġġixxi taħt l-isem: Devozzjoni Vera lejn in-Nazzjon. Wieħed għandu jagħmel din il-ħidma mhux biss għax hu mqanqal minn ħsieb spiritwali, iżda għandu juża l-ħidma stess u l-kuntatti kollha li joħorġu minnha biex iġib 'il quddiem il-ħajja spiritwali. Ħidmiet li jġibu progress fil-ħajja materjali biss jgħawġu l-idea kollha tad-Devozzjoni Vera lejn in-Nazzjon. Il-Kardinal Newman jesprimi tajjeb din l-idea fondamentali meta jgħid li progress materjali li mhux marbut ma' profitt morali huwa ħaġa li tbeżżgħek sew meta taħseb fuqha. Għandu jkun hemm ekwilibriju xieraq bejn il-materjal u l-ispiritwal.

Ktejjeb fuq dan is-suġġett jista' jinkiseb mill-Concilium.

Ħarsu, popli tad-dinja! Il-Leġjun joffri nisġa ta' valuri qawwija, lesti għal min jixtieq jużahom, li jservu biex jgħaqqdu lill-bnedmin kollha f'ħidma qalbenija għal Alla. Din il-ħidma togħla 'l fuq mill-gwerer leġġendarji tar-Re Arturo, li fi kliem Tennyson, "ġabar flimkien il-kavallieri qalbiena ta' saltnatu, u tas-saltniet kollha, fl-Ordni tal-Mejda t-Tonda — għaqda glorjuża li ħaddnet fiha l-aqwa rġiel. Dawn kellhom iservu ta' mudell għad-dinja setgħana u jagħtu bidu sabiħ għal żmien ġdid."

"Għalhekk il-Knisja, li fl-istess ħin hi 'organizzazzjoni li tidher u komunità spiritwali', timxi l-istess triq ta' l-umanità kollha u taqsam l-istess esperjenzi li tgħaddi minnhom id-dinja. Hi trid isservi ta' ħmira u tkun, biex ngħidu hekk, ir-ruħ tas-soċjetà umana, hi u tiġġedded fi Kristu u tinbidel fil-familja t'Alla.

Il-Konċilju jħeġġeġ lill-Insara, bħala ċittadini ta' żewġt ibliet, biex jaqdu d-dmirijiet tagħhom fedelment fl-ispirtu ta' l-evanġelju. Inkunu niżbaljaw jekk naħsbu li għax hawn fl-art ma għandniex belt li tibqa' għal dejjem iżda nfittxu l-belt li għad trid tiġi, aħna nistgħu nwarrbu d-dmirijiet tagħna ta' din id-dinja. Jekk nagħmlu hekk inkunu qed ninsew li permezz tal-fidi tagħna aħna għandna obbligu akbar li nwettqu dawn id-dmirijiet skond is-sejħa ta' kull wieħed minna" (GS 40, 43).

"Soluzzjoni prattika ta' din il-ħtieġa u ta' dan l-obbligu enfasizzat fid-digriet tal-Konċilju nsibuha fix-xogħol li l-Leġjun beda fl-1960 u li hu magħruf bħala Devozzjoni Vera lejn in-Nazzjon. Is-suċċess li din il-ħidma kellha sa llum juri li tista' tiġi żviluppata b'mod tassew wiesa'. Iżda ħalli ngħidu bl-akbar qawwa li dak li l-Leġjun għandu x'joffri fil-qasam temporali m'huwiex xi għerf eċċezzjonali jew il-kapaċità ta' l-

esperti, lanqas xi ħila straordinarja jew numru kbir ta' ħaddiema. Huwa d-dinamiżmu spiritwali li għamel il-Leġjun qawwa dinjija, u dan jista' jintuża biex itella' 'l fuq kull sezzjoni tal-Poplu t'Alla li tagħraf il-ħtieġa tiegħu u li għandha sens biżżejjed biex tagħmel użu minnu. Imma l-inizjattiva trid tiġi mil-Leġjun. Filwaqt li jiskarta kull ħaġa li tfisser rabta żejda mad-dinja, il-Leġjun għandu dejjem iħares lejn id-dinja fid-dawl tad-digriet imsemmi. Għandu jifhem li l-bniedem irid jgħix qalb il-ħwejjeġ materjali u li s-salvazzjoni tiegħu hi bil-bosta marbuta magħhom" (Patri Thomas P. O'Flynn C.M., li kien direttur spiritwali tal-Concilium).

## 4. ĦIDMA QALBENIJA GĦAL ALLA

F'dawn iż-żminijiet meta l-periklu għar-reliġjon hu tant qawwi hemm ħtieġa ta' ħidma qalbenija. Is-sekulariżmu u n-nuqqas ta' reliġjon, megħjuna minn propaganda studjata, qegħdin iferrxu l-influwenzi qarrieqa tagħhom f'oqsma li dejjem qed jiżdiedu u jidhru li jaslu biex jaħkmu d-dinja.

Ħdejn dawn il-qawwiet tal-biża' l-Leġjun hu merħla tassew ċkejkna. Imma dak il-kuntrast innifsu jqawwi l-qalb. Il-Leġjun hu magħmul minn erwieħ magħqudin max-Xebba l-aktar setgħana. Barra dan, għandu fih prinċipji kbar, u jaf sewwa kif l-aħjar iwettaqhom. Jista' jagħti l-kas li Dak li hu setgħani jagħmel ħwejjeġ kbar għalih, u permezz tiegħu.

L-iskopijiet tal-Leġjun ta' Marija u ta' dawk il-leġjuni l-oħra li jiċħdu lil "Ġesù Kristu, is-Sid waħdieni tagħna u l-Mulej tagħna" (Ġuda 1:4) huma kontra xulxin għal kollox. Dak tal-Leġjun hu li jġib 'l Alla u r-reliġjon qrib kull ruħ; l-iskop tal-forzi l-oħra hu li jikseb dak li proprju hu kontra. Iżda wieħed m'għandux jaħseb li l-iskema tal-Leġjun nibtet f'moħħ xi ħadd bl-iskop li jopponi dan l-imperu ta' nuqqas ta' fidi. Dak li sar kien aktar sempliċi. Ġemgħa żgħira ta' nies inġabret madwar statwa tal-Madonna u qalulha: "Mexxina int". Magħqudin magħha, huma bdew iżuru sptar kbir mimli bil-morda, bl-imnikkta u bil-minsijin ta' belt kbira, u f'kull persuna minnhom huma raw lill-Iben il-maħbub tagħha. Fehmu li hu jinsab ukoll f'kull persuna oħra u li għandhom jgħinu fix-xogħol matern ta' Marija għal Ġesù f'kull persuna. Id f'id magħha, inxteħtu għall-ħidma sempliċi tagħhom, u ara, kibru u saru leġjun; u ma' l-erbat irjieħ tad-dinja dak il-Leġjun qed iwettaq mal-bnedmin dawk l-atti sempliċi ta' l-imħabba t'Alla,

u ta' l-imħabba tal-bnedmin għall-ġieħ t'Alla. U kullimkien dik l-imħabba turi dik il-qawwa tagħha biex tqanqal u tirbaħ il-qlub. Bl-istess mod, is-sistemi tad-dinja jistqarru li jħobbu u jridu jaħdmu għall-bnedmin. Jippridkaw evanġelju fieragħ ta' mħabba lejn xulxin. Miljuni jemmnu f'dak l-evanġelju. Biex imorru warajh, huma jħallu reliġjon li jaħsbu li hi bla ħajja. Minkejja dan, is-sitwazzjoni mhix xi waħda bla tama. Hemm mod kif nistgħu inreġġgħu lura għall-fidi lil dawk il-miljuni determinati, u kif insalvaw miljuni oħra bla għadd. Dik it-tama tinsab fit-twettiq ta' prinċipju kbir li jmexxi d-dinja, u li San Ġwann Vianney, il-Kurat t'Ars, ifisser hekk: "Id-dinja hi ta' dak li jħobbha l-aktar u jagħti xhieda ta' dik l-imħabba." Il-bnedmin ma jistgħux ma jarawhiex il-fidi vera, u ma jistgħux ma jitqanqlux quddiemha, għaliex din taħdem permezz ta' mħabba tassew erojka għal kull persuna. Ikkonvinċihom li l-Knisja tħobbhom l-aktar u huma jerġgħu lura għall-fidi minkejja kollox. Ikunu lesti wkoll jagħtu ħajjithom għal dik il-fidi.

Ebda mħabba komuni ma tista' tirbaħ lill-bnedmin b'dan il-mod. Lanqas Kattoliċiżmu ta' l-isem li bilkemm jiflaħ iżomm fuq saqajh ma jasal biex jikseb dan. Jista' jagħmlu biss Kattoliċiżmu li jħobb lil Kristu Sidu b'qalbu kollha, u mbagħad jilmħu u jħobbu f'kull xorta ta' bnedmin. Imma din l-imħabba kbira ta' Kristu għandha tiġi pprattikata minn numru hekk kbir li dawk li jarawha jkollhom jammettu li hi tassew karatteristika tal-Knisja. Għaldaqstant din l-imħabba għandha tidher fil-ħajja tal-korp kollu tal-lajċi.

Imma forsi m'hemmx tama li l-membri kollha tal-Knisja jitkebbsu b'dan l-ispirtu għoli? Tabilħaqq, hi ħidma ġgantija! Il-problema tidher tassew bla tarf u l-forzi tal-għadu tant qawwija li saħansitra l-kuraġġ ta' l-iktar qalb qawwija għandu mnejn jonqos. Imma Marija hi l-qalb tal-Leġjun, u dik il-qalb hi mimlija fidi u mħabba li ma jitfissrux. B'dak il-ħsieb, il-Leġjun jitfa' ħarstu fuq id-dinja u minnufih titnissel fih tama mħeġġa: "Id-dinja hi ta' dak li jħobbha l-iżjed." U mbagħad idur lejn is-Sultana kbira tiegħu kif kien għamel fil-bidu u jgħidilha: "Mexxina int!"

"Il-Leġjun ta' Marija u l-qawwiet kuntrarji, is-sekulariżmu u n-nuqqas ta' reliġjon, jaħdmu kontra xulxin. Dawk il-qawwiet, imsaħħin bil-propaganda kontinwa tal-gazzetti, televiżjoni u video, ġabulna l-abort, id-divorzju, il-kontraċezzjoni, id-drogi u kull għamla ta' indeċenza u brutalità fil-qalb ta' kull familja. Għalhekk is-sempliċità u l-innoċenza

ta' kull tarbija li titwieled tinsab miftuħa għal dawn l-influwenzi qerrieda.

Xejn ħlief il-ħidma għalenija tal-poplu Kattoliku kollu ma tasal biex tirbaħ din l-indottrinazzjoni. Għal dan l-iskop, il-Leġjun ta' Marija għandu f'idejh il-makkinarju perfett. Iżda l-makkinarju waħdu ma jiswa xejn jekk ma jkollux is-saħħa meħtieġa li biha jitmexxa. Din is-saħħa tinsab fl-ispiritwalità tal-Leġjun li tikkonsisti fi stima profonda u fiduċja sħiħa fl-Ispirtu s-Santu u fid-Devozzjoni Vera lejn l-Għarusa tiegħu l-Imqaddsa Verġni Marija, imsaħħa bil-Ħobż tal-Ħajja, l-Ewkaristija.

Meta dawn iż-żewġ qawwiet jidħlu fit-taqbida, l-ispirtu tal-Leġjun jirbaħ. Il-leġjunarji, huma u jġorru ta' kuljum is-salib tal-Mulej, jirnexxielhom jiġġieldu b'qawwa kbira kontra l-indifferenza moderna, il-permissività u d-dgħufija li qiegħda teqred lis-soċjetà ta' llum u fl-aħħar jiksbu r-rebħa" (Fr Aedan McGrath, S.S.C.).

# 13

# IT-TISĦIB

1. Il-Leġjun ta' Marija hu miftuħ għall-Kattoliċi kollha li:

1. jipprattikaw ir-reliġjon fedelment,

2. iħossu fihom ix-xewqa li jaqdu d-dmir tagħhom fl-appostolat tal-Knisja permezz tat-tisħib fil-Leġjun,

3. huma lesti jaqdu d-dmirijiet kollha kemm huma li jġib miegħu t-tisħib attiv fil-Leġjun.

2. Min jixtieq jidħol fil-Leġjun għandu japplika għat-tisħib f'wieħed mill-praesidia.

3. Kandidati taħt it-18-il sena jistgħu jintlaqgħu biss fi praesidia taż-żgħar (ara l-kapitlu 36).

4. Ħadd ma jista' jiġi milqugħ bħala kandidat għat-tisħib fil-Leġjun ta' Marija qabel ma l-president tal-praesidium li fih jixtieq jidħol, wara li jqis kollox, ikun sodisfatt li l-persuna li tixtieq tidħol għandha l-kwalitajiet mitluba.

5. Tinħtieġ prova xierqa ta' mhux inqas minn tliet xhur qabel ma l-kandidat jinkiteb bħala membru tal-Leġjun, imma l-kandidat jista' sa mill-bidunett jieħu sehem fil-ħidmiet kollha tal-Leġjun.

6. Kull kandidat jingħata kopja tat-tessera.

7. Id-dħul formali jikkonsisti essenzjalment fil-Wegħda Leġjunarja, u li isem il-kandidat jinkiteb fir-reġistru tat-tisħib tal-praesidium. Il-kliem tal-Wegħda Leġjunarja jinsab fil-kapitlu 15. Hi mqassma b'mod li tista' tinqara mingħajr tbatija.

Mons. Montini (li aktar tard sar il-Papa Pawlu VI) kiteb dan li ġej f'isem il-Papa Piju XII: "Din il-Wegħda Appostolika u Marjana saħħet lil-leġjunarji fit-taqbida Nisranija tagħhom mad-dinja kollha, l-aktar lil dawk li qegħdin isofru persekuzzjoni għall-fidi."

Il-Kardinal L. J. Suenens kiteb kummentarju fuq il-Wegħda, *It-Teoloġija ta' l-Appostolat,* li ġie ppubblikat f'diversi lingwi. Kull leġjunarju għandu jkollu f'idejh dan ix-xogħol ta' siwi kbir. Kull Kattoliku ta' l-affari tiegħu għandu wkoll jaqrah għax jiġbor fih tifsira tal-għaġeb tal-prinċipji li fuqhom jitmexxa l-appostolat Nisrani.

1. Meta ż-żmien tal-prova tiegħu jitqies li ntemm b'mod sodisfaċenti, il-kandidat jiġi mgħarraf għall-inqas ġimgħa qabel ma jiġi aċċettat. Tul dik il-ġimgħa l-kandidat għandu jfittex li jifhem sewwa l-kliem u l-ħsibijiet tal-Wegħda, biex b'hekk, waqt li jkun qed jagħmilha, jaqraha bla tlaqliq, u jifhem u jħoss il-kliem li jgħid.

2. Imbagħad, f'laqgħa tas-soltu tal-praesidium, sewwasew wara li tingħad il-Catena, waqt li l-membri kollha jibqgħu bil-wieqfa, il-vexillum jitressaq lejn il-kandidat li b'kopja tal-Wegħda f'idu x-xellugija jaqraha b'leħen għoli, u jżid ismu fejn jinsab il-vojt. Hu u jibda t-tielet paragrafu, il-kandidat iqiegħed idu l-leminija fuq il-lasta tal-vexillum, u jħalliha hemm sakemm itemm jaqra l-Wegħda. Wara dan, is-saċerdot (jekk ikun preżenti) jagħti lil-leġjunarju l-ġdid il-barka tiegħu. L-isem tal-kandidat, imbagħad, jinkiteb fil-lista tal-membri.

3. Il-membri, wara dan, jerġgħu joqogħdu bil-qiegħda, isir l-allocutio u l-laqgħa tkompli bħas-soltu.

4. Jekk il-praesidium ikun għad m'għandux vexillum, il-kandidat għandu floku jżomm f'idu xbieha tiegħu. It-tessera tkun biżżejjed.

8. Malli l-kandidat jitqies li għandu l-kwalitajiet neċessarji, m'għandux ikun hemm telf ta' żmien biex jagħmel il-Wegħda. Żewġ kandidati jew aktar jistgħu jkunu milqugħa f'daqqa. Iżda dan mhux mixtieq. Aktar ma jikber in-numru ta' dawk li jagħmlu l-Wegħda flimkien, anqas iċ-ċerimonja tkun solenni għal kull wieħed minnhom.

9. Persuni sensittivi ħafna jħossu piż kbir huma u jagħmlu l-Wegħda. Iżda dawn in-nies huma tabilħaqq ixxurtjati għax għalihom din iċ-ċerimonja jkollha solennità u serjetà speċjali li jħallu effett fuq it-tisħib tagħhom fil-futur.

10. Id-dmir li jilqa' l-kandidati, iħarriġhom fi dmirijiethom u jieħu ħsieb l-iżvilupp tagħhom fi żmien il-prova u wara, jaqa' b'mod speċjali fuq il-viċi-president, għalkemm f'din il-ħaġa kulħadd għandu jgħin.

11. Jekk kandidat għal xi raġuni ma jistax jagħmel il-Wegħda, iż-żmien tal-prova tiegħu jista' jiġġedded għal tliet xhur oħra. Il-praesidium għandu l-jedd itawwal iż-żmien tal-prova sakemm ikun żgur li l-kandidat hu addattat. Hekk ukoll jixraq li l-kandidat jingħata żmien biżżejjed biex jaħsibha. Iżda meta jgħaddu t-tieni tliet xhur, il-kandidat għandu jew jagħmel il-Wegħda mingħajr ebda riserva mentali jew iħalli l-praesidium.

Jekk membru li għamel il-Wegħda wara xi żmien jiċħadha f'moħħu, għandu jkun raġel biżżejjed u joħroġ mil-Leġjun.

Iż-żmien tal-prova u l-Wegħda huma l-bieb tal-Leġjun. Dak il-bieb m'għandux jibqa' miftuħ bi traskuraġni biex jidħol min ġie ġie, u b'hekk jitbaxxa l-livell u jitniġġes l-ispirtu.

12. Id-direttur spiritwali mhux obbligat jagħmel il-Wegħda. Iżda tkun ħaġa f'lokha, ta' gost u ġieh għall-praesidium, li jagħmel dan.

13. Il-Wegħda għandha titħalla biss għall-iskop xieraq tagħha. M'għandhiex tintuża bħala att ta' konsagrazzjoni fl-Acies jew funzjonijiet oħra. Imma, m'għandniex xi ngħidu, il-leġjunarji jistgħu, jekk jixtiequ, jgħiduha fit-talb personali tagħhom.

14. Għandna nifhmu sew iċ-ċirkostanzi ta' dawk li ma jkunux qed jattendu għal-laqgħat tal-praesidium. M'għandhomx jitħassru ismijiet bl-addoċċ mil-lista tal-membri, speċjalment f'każijiet ta' mard, anki jekk aktarx ikun sejjer jieħu fit-tul. Iżda meta xi tisħib jitqies li nqata' għal kollox, u l-isem ġie mneħħi formalment mil-lista, jinħtieġ għat-tiġdid tat-tisħib li ż-żmien tal-prova jsir mill-ġdid, u l-Wegħda terġa' ssir.

15. Għal dik li hi ħidma tal-Leġjun u għal dak l-iskop biss, il-membri jissejħu bl-isem ta' "Brother" jew "Sister" skond ma jkun il-każ.

16. Il-membri jistgħu jitqassmu fi praesidia ta' rġiel, nisa, subien, bniet, jew imħallta, skond il-ħtieġa u kif approvat mill-Curia.

Il-Leġjun beda jeżisti bħala għaqda tan-nisa, u kienu għaddew tmien snin qabel ma twaqqaf l-ewwel praesidium ta' l-irġiel. Madankollu huwa addattat ukoll bħala għaqda ta' l-irġiel, u llum hawn imwaqqfa ħafna praesidia għall-irġiel, u għal irġiel u nisa flimkien. L-ewwel praesidia fl-Amerika, fl-Afrika u fiċ-Ċina kienu ta' l-irġiel.

**Għalkemm in-nisa fil-għaqda jieħdu, għaldaqstant, il-post ta' l-unur, f'dan il-Manwal jintuża l-ġens maskil biex nitkellmu mil-leġjunarji rġiel u nisa. B'hekk nevitaw ir-ripetizzjoni monotona tal-kliem "hu jew hi."**

"Il-Knisja twaqqfet biex ixxerred is-saltna ta' Kristu mad-dinja kollha għall-glorja t'Alla l-Missier, biex il-bnedmin kollha jieħdu sehem fil-Fidwa għas-salvazzjoni tagħhom u biex permezz tagħhom id-dinja kollha tidħol f'relazzjoni ma' Kristu. L-attività kollha tal-Ġisem Mistiku biex jintlaħqu dawn l-iskopijiet tissejjaħ 'appostolat', li l-Knisja twettaq b'modi differenti permezz tal-membri kollha tagħha. Is-sejħa Nisranija, min-natura tagħha, hija wkoll sejħa għall-appostolat. F'ġisem ħaj, ebda parti ma tista' tibqa' passiva, iżda tieħu sehem fil-ħajja u l-ħidma tal-ġisem. L-istess jgħodd għall-Ġisem ta' Kristu, li hu l-Knisja: 'il-Ġisem kollu jsib ir-rabta u l-għaqda tiegħu permezz ta' l-għekiesi kollha li jservuh skond il-ħidma ta' kull waħda minnhom' (Efes 4:16). Bejn il-membri ta' dan il-ġisem teżisti, ukoll, għaqda u solidarjetà tant kbira (ara Efes 4:16) li membru li ma jaħdimx daqskemm jiflaħ biex jikber il-ġisem jista' jitqies li la jiswa għall-Knisja u lanqas għalih innifsu" (AA 2).

# 14

# IL-PRAESIDIUM

1. L-iċken taqsima tal-Leġjun tissejjaħ *praesidium.*

Din il-kelma bil-Latin kienet tintuża biex tfisser taqsima tal-Leġjun Ruman b'xi dmir speċjali, bħalma huma taqsima ta' linja militari, post fortifikat, ħarsien ta' belt. Għalhekk il-kelma *praesidium* qiegħda f'postha meta tintuża għal xi fergħa tal-Leġjun.

2. Kull praesidium għandu jissemma għal xi titlu tal-Madonna, ngħidu aħna, Sidtna Marija tal-Ħniena, jew għal xi wieħed

mill-privileġġi tagħha, ngħidu aħna, It-Tnissil bla Tebgħa, jew għal xi ġrajja mill-ħajja tagħha, ngħidu aħna, Il-Viżitazzjoni.

Hieni dak l-isqof li fi ħdan id-djoċesi tiegħu jara numru biżżejjed ta' praesidia li jiffurmaw bħal litanija ħajja ta' Marija.

3. Il-praesidium għandu awtorità fuq il-membri tiegħu kollha, u setgħa li jikkontrolla l-ħidmiet tagħhom. Il-membri mill-banda l-oħra, għandhom jobdu bil-fedeltà l-ordnijiet leġittimi kollha tal-praesidium.

4. Kull praesidium għandu jkun affiljat mal-Concilium Legionis, jew direttament jew permezz ta' kunsill approvat bħalma jingħad aktar 'il quddiem. Inkella ma jkunx hemm tisħib leġjunarju. Minn dan jiġi li ebda praesidium ġdid ma jista' jitwaqqaf mingħajr il-permess formali tal-Curia tiegħu, jew (fejn m'hemmx Curia) mingħajr il-permess ta' kunsill ogħla, jew fl-aħħarnett mingħajr dak tal-Concilium. Il-praesidium għandu jiddependi direttament minn korp ta' treġija bħal dan.

5. L-ebda praesidium ma jista' jitwaqqaf f'parroċċa mingħajr il-kunsens tal-kappillan jew ta' l-isqof. Il-kappillan jew l-isqof għandhom ikunu mistiedna jagħmlu ċ-ċerimonja tal-ftuħ.

6. Il-praesidium għandu jagħmel **laqgħa kull ġimgħa** li għandha titmexxa kif imfisser f'kapitlu 18, *Kif issir il-laqgħa tal-praesidium.*

Din ir-regola ma titbiddel qatt. Jista' jingħad u jerġa' jingħad li għal ħafna raġunijiet tajba, diffiċli ssir laqgħa kull ġimgħa, u li laqgħa darba fix-xahar jew kull ħmistax tilħaq l-iskopijiet kollha.

It-tweġiba għal dan hi li għall-ebda raġuni ma jista' l-Leġjun jaċċetta li ma ssirx laqgħa fil-ġimgħa, u ma jagħti lil ebda wieħed mill-kunsilli tiegħu s-setgħa li jbiddel din ir-regola. Li kieku kellu jitqies biss il-kontroll tal-ħidma attiva li tkun issir, laqgħa ta' darba fix-xahar forsi kienet tkun biżżejjed, għalkemm ta' min jiddubita minn dan jekk il-ħidma tkun qed issir kull ġimgħa skond ir-regola. Imma skop vitali tal-laqgħa hu t-talb ta' kull ġimgħa flimkien, u m'hemmx għalfejn wieħed jgħid li dan l-iskop ma jintlaħaqx ħlief b'laqgħa ta' kull ġimgħa.

Laqgħa ta' kull ġimgħa tista' tiswa sagrifiċċju. Jekk il-Leġjun ma jistax jitlob u jittama li jaqla' dan mill-membri, fejn huma l-pedamenti biex jibni fuqhom is-sistema tiegħu?

7. Kull praesidium għandu jkollu saċerdot bħala direttur spiritwali. Għandu jkollu wkoll president, viċi-president, segretarju u teżorier.

Dawn li ssemmew għandhom ikunu l-uffiċjali tal-praesidium u r-rappreżentanti tiegħu fil-Curia. Id-dmirijiet tagħhom jitfissru f'kapitlu 34, imma l-ewwel dmir tagħhom hu li jaqdu d-dmir ordinarju tal-ħidma, b'mod li jkunu ta' eżempju għall-membri l-oħra kollha.

8. L-uffiċjali għandhom jagħtu lill-praesidium tagħhom rapport fuq kull laqgħa tal-Curia, u b'hekk iżommu lill-membri tagħhom informati dwar dak li jkun qed isir fil-Curia.

9. Id-direttur spiritwali jinħatar mill-kappillan jew mill-isqof, u jibqa' hemm sakemm jogħġob lil dawn.

Direttur spiritwali jista' jkollu t-tmexxija ta' iktar minn praesidium wieħed.

Jekk id-direttur spiritwali ma jkunx jista' jmur għal-laqgħat tal-praesidium, jista' jibgħat saċerdot jew reliġjuż, jew f'ċirkostanzi speċjali leġjunarju addattat (li jissejjaħ Tribun), biex jagħmilha minn floku.

Għalkemm id-direttur spiritwali għandu jkun mgħarraf bil-laqgħat, mhuwiex meħtieġ għall-validità tal-laqgħa li huwa jkun preżenti.

Id-direttur spiritwali għandu jitqies b'uffiċjal tal-praesidium u għandu jara li titħares kull awtorità leġittima tal-Leġjun.

10. Id-direttur spiritwali għandu jkollu awtorità deċiżiva fil-kwistjonijiet reliġjużi jew morali kollha li jitqajmu fil-laqgħat tal-praesidium, u jista' wkoll iwaqqaf kull ħidma tal-praesidium sakemm jikseb id-deċiżjoni meħtieġa mingħand il-kappillan jew l-isqof.

"Dan il-jedd hu arma meħtieġa; imma bħal kull arma oħra għandu jintuża b'għaqal kbir u bi ħsieb, li ma jisfax mezz ta' tiġrif flok ta' ħarsien. F'għaqda mibnija u mmexxija sewwa, ma jkun meħtieġ qatt li jintuża" (Civardi: *Manwal tal-Ħidma Kattolika*).

11. Barra mid-direttur spiritwali, l-uffiċjali tal-praesidium jinħatru mill-Curia. Jekk ma tkunx teżisti Curia, l-uffiċjali jinħatru mill-korp ogħla ta' tmexxija.

Hu mixtieq li ma jsirx diskors bil-miftuħ fuq il-merti ta' dawk li jistgħu jilħqu uffiċjali, li xi wħud minnhom jistgħu jkunu preżenti fil-laqgħa. Hi għalhekk drawwa li, meta jitbattal post ta' uffiċjal, il-president tal-Curia, wara stħarriġ bir-reqqa (fuq kollox mad-direttur spiritwali tal-praesidium) bil-għan li jiżgura ruħu mill-aħjar persuna, jissottometti l-isem lill-Curia; u l-Curia, jekk jidhrilha li kollox sewwa, tista' taħtar lil dik il-persuna.

12. Kull ħatra ta' uffiċjal, barra mid-direttur spiritwali, għandha tkun għal żmien ta' tliet snin, li jista' jiġġedded għal tliet snin oħra: fi kliem ieħor, għal sitt snin b'kollox. Meta jgħaddi dan iż-żmien, uffiċjal ma jistax jissokta d-dmirijiet tal-kariga li kellu.

It-tibdil ta' uffiċjal minn kariga għal oħra, jew għall-istess kariga band'oħra, għandu jitqies b'ħatra ġdida.

Uffiċjal jista' wara intervall ta' tliet snin, jerġa' jinħatar għall-istess kariga fl-istess praesidium.

Meta uffiċjal, hi x'inhi r-raġuni, ma jtemmx iż-żmien kollu ta' tliet snin, huwa għandu jitqies li temm iż-żmien ta' tliet snin fid-data li jbattal il-kariga. Imbagħad isseħħ ir-regola li ordinarjament għandha x'taqsam mat-tiġdid tal-kariga, fi kliem ieħor:

1. jekk iħalli matul l-ewwel tliet snin jista', tul iż-żmien li kien għad fadallu jservi, jinħatar għal tliet snin oħra f'dik il-kariga; u

2. jekk iħalli matul it-tieni tliet snin, jinħtieġ jgħaddu tliet snin oħra minn meta ħalla l-kariga qabel ma jerġa' jinħatar għal dik l-istess kariga.

"Il-kwistjoni ta' kemm wieħed għandu jibqa' f'kariga għandha tinqata' fuq bażi ta' prinċipju ġenerali. Il-periklu li wieħed għandu jżomm quddiem għajnejh mill-bidu sa l-aħħar f'kull għaqda, speċjalment f'għaqda volontarja u reliġjuża, hu li din jew xi fergħa partikolari tagħha ssir ħaġa bla ħajja. Dan il-periklu hu tassew kbir. Hi xejra fil-bnedmin li bil-mod il-mod l-entużjażmu jmut, li jidħol baxx baxx spirtu ta' rutina, li l-metodi jsiru dejjem l-istess, waqt li l-ħażen li wieħed jiltaqa' miegħu jitbiddel dejjem. Dan il-proċess ta' taħsir iwassal għal ħidma bla siwi u għall-indifferenza hekk li l-għaqda ma tibqax tiġbed lejha u żżomm fiha l-aħjar xorta ta' membri, u jitnissel stat li jixbah lil dak tal-mewt. Jiġri x'jiġri, għandna noqogħdu attenti li dan ma jsirx fil-Leġjun. F'kull wieħed mill-kunsilli u l-praesidia tiegħu għandu jiġi żgurat li jkun hemm nixxiegħa t'entużjażmu li ma jaqta' qatt. Jidher ċar li l-ewwel ma wieħed għandu jaħseb huwa fl-uffiċjali, l-għejjun naturali taż-żelu. Dawn għandhom jinżammu dejjem imkebbsa bil-ħrara tal-bidu: u dan isir l-aħjar bit-tibdil. Jekk l-uffiċjali jonqsu, kollox jidbiel. Jekk huma jitilfu l-ħerqa u l-entużjażmu, il-korp li huma jmexxu jiġrilu l-istess. U l-agħar fost kollox hu li l-membri jikkuntentaw ruħhom b'dak il-mod dgħajjef li bih ikunu miexja l-affarijiet, ladarba jaħslu jidrawhom, b'mod li ma jkun hemm l-ebda tama ta' rimedju ħlief minn barra. Fit-

teorija, rimedju għal dan jista' jinstab f'regola li titlob li kull tant żmien trid terġa' tiġġedded il-kariga ta' l-uffiċjali. Imma fir-realtà dan ma jkunx jiswa, għax dawk li jrieġu lanqas biss jintebħu li jkun hemm nuqqas ta' progress, u fil-prattika jibdew iġeddu l-kariga b'mod awtomatiku.

Jidher għalhekk li l-unika triq żgura hi s-sistema li, mingħajr ebda każ tal-mertu jew ċirkostanzi oħra, jitbiddlu l-uffiċjali. Dak li jsir fl-Ordnijiet Reliġjużi jissuġġerixxi mudell ta' dak li għandu jsir fil-Leġjun, fi kliem ieħor, li ż-żmien f'kariga jkun biss għal sitt snin, u li wara l-ewwel tliet snin, ikun jinħtieġ tiġdid tal-ħatra" (Deċiżjoni tal-Leġjun li tillimita ż-żmien tal-kariga ta' l-uffiċjali).

13. "M'hemmx suldati ħżiena," qal Napuljun, "hemm biss uffiċjali ħżiena." Din hi ċanfira iebsa li tfisser li s-suldati jkunu kif jagħmluhom l-uffiċjali. Il-leġjunarji wkoll qatt ma jogħlew aktar 'il fuq mil-livell ta' spirtu u ħidma li joħolqu l-uffiċjali. Għalhekk dawn għandhom ikunu l-aħjar li jistgħu jinstabu. Jekk ħaddiem għandu jkun den tax-xogħol li jingħata, il-leġjunarju għandu jitqies den li jkun mexxej.

Il-ħatra ta' uffiċjali tajba, wieħed wara l-ieħor, għandha tfisser li l-kwalità tal-praesidium tissokta dejjem titjieb. Kull uffiċjal ġdid joqgħod b'seba' għajnejn biex il-praesidium ma jmurx lura mil-livelli ġa milħuqa. Barra minn hekk, hu jagħti s-sehem distint tiegħu, li mbagħad isir biċċa mill-ħajja tal-praesidium.

14. Hu wisq meħtieġ li l-ħatra tal-president ssir bi ħsieb u reqqa kbira. Żball f'din il-ħatra jista' jeqred il-praesidium. Il-għażla għandha ssir biss wara li kull persuna possibbli titgħarbel fid-dawl ta' dak li jingħad li hu meħtieġ fit-taqsima dwar il-president f'taqsima 2 tal-kapitlu 34. Dawk li aktarx jonqsu f'dawn l-oqsma għal ebda raġuni ma għandhom jintgħażlu, anki jekk f'oqsma oħra jkollhom merti kbar.

15. Barra minn meta jkun hemm raġunijiet għal kollox speċjali, il-Curia għandha torbot ir-riorganizzazzjoni ta' praesidium difettuż mal-bidla tal-president. Kważi f'kull każ, il-praesidium imur lura ħtija ta' traskuraġni jew nuqqas ta' ħila tal-president fit-treġija.

16. Waqt iż-żmien tal-prova, leġjunarju jista' jingħata biss kariga fi praesidium tal-kbar bħala aġent jew għal ftit żmien. Jekk ma jitneħħiex minn dik il-kariga matul iż-żmien tal-prova, isir imbagħad uffiċjal sħiħ, u ż-żmien li jkun ġa għamel jgħodd bħala parti mit-tliet snin imsemmija iktar 'il fuq.

17. Ebda membru ma jista' jħalli praesidium biex imur f'ieħor mingħajr il-kunsens tal-president ta' l-ewwel wieħed, u d-dħul ta' membru bħal dan fi praesidium ieħor għandu jsir skond il-Kostituzzjoni u r-regoli għad-dħul ta' membri ġodda; ħlief li l-prova u l-Wegħda ma jkunux meħtieġa. Dan il-permess, meta jintalab, m'għandux ma jingħatax mingħajr raġuni. F'din il-ħaġa wieħed jista' jappella lill-Curia.

18. Il-president tal-praesidium, wara li jikkonsulta l-uffiċjali l-oħra, għandu s-setgħa jissospendi lil kull membru tal-praesidium għal kwalunkwe raġuni li l-uffiċjali jidhrilhom li tkun serja biżżejjed, u ta' dan m'għandhomx obbligu jagħtu sodisfazzjon lill-praesidium.

19. Bil-kondizzjoni li wieħed jista' jappella lill-kunsill ogħla minnha, il-Curia għandha s-setgħa tkeċċi jew tissospendi lil kull membru ta' praesidium. Id-deċiżjoni ta' dan il-kunsill ogħla tkun finali.

20. F'nuqqas ta' ftehim bejn praesidia dwar t-tqassim ta' ħidma, hija l-Curia li taqta' x'għandu jsir.

21. Hu dmir essenzjali tal-praesidium li jrawwem u jżomm madwaru numru sabiħ ta' awżiljarji.

Ħares lejn riġment suldati mmexxija minn uffiċjali tajba, qal-biena, dixxiplinati bis-sħiħ u armati sa snienhom, qisu qawwa li xejn ma jista' jegħlibha! B'danakollu fih innifsu dak ir-riġment m'għandux qawwa ħlief għal żmien qasir. Huwa jinħtieġ numru kbir ta' ħaddiema li jwasslulu munizzjon, ikel, ilbies, u għajnuna medika kuljum. Wara ftit jiem ta' taqbid x'jiġri minn dan il-korp qawwi ta' rġiel, jekk isib ruħu maqtugħ minn dawn is-servizzi?

Dak li jagħmlu dawk il-ħaddiema fejjieda għar-riġment jagħ-mluh ukoll il-membri awżiljarji għall-praesidium. L-awżiljarji huma biċċa mis-sistema. Mingħajrhom il-praesidium mhux sħiħ.

L-aħjar mezz biex tinżamm rabta ma' l-awżiljarji hu l-kuntatt personali. Il-ħruġ ta' ċirkolarijiet fih innifsu ma jaqdix biżżejjed dan id-dmir hekk ta' siwi.

22. Armata dejjem taħseb għall-ġejjieni tagħha bit-twaqqif ta' skejjel għat-taħriġ militari. Hekk ukoll it-tmexxija ta' praesidium taż-żgħar għandha titqies bħala parti meħtieġa fis-sistema ta' kull praesidium tal-kbar. Tnejn mil-leġjunarji kbar għandhom jinħatru uffiċjali tal-praesidium taż-żgħar. It-taħriġ taż-żgħar jeħtieġ ċerti kwalitajiet, u għalhekk mhux kull leġ-

junarju kbir hu tajjeb għal din il-kariga. Għalhekk għandhom jintgħażlu bir-reqqa. Il-ħidma li jagħmlu f'dan il-praesidium, bħala uffiċjali, tissodisfa l-ħidma li għandhom jagħmlu bħala leġjunarji tal-praesidium tal-kbar. Huma jirrappreżentaw lill-praesidium taż-żgħar fil-Curia, jew fil-Curia taż-żgħar jekk din teżisti.

Iż-żewġ uffiċċji l-oħra għandhom jimlewhom tnejn mill-membri ż-żgħar. B'hekk dawn jiksbu taħriġ tajjeb fir-responsabbiltà. Huma jirrappreżentaw lill-praesidium tagħhom f'Curia taż-żgħar. Iż-żgħar ma jistgħux jieħdu sehem f'Curia tal-kbar.

"Ir-raġġi tax-xemx huma ħafna, imma d-dawl hu wieħed; il-friegħi ta' siġra huma ħafna, imma z-zokk hu wieħed, miżmum sewwa fuq għeruq sodi" (San Ċiprijanu: *Fuq l-Għaqda tal-Knisja*).

# 15

# IL-WEGĦDA LEĠJUNARJA

Spirtu l-Aktar Qaddis, jiena *(isem il-kandidat),*
billi nixtieq li llum niġi milqugħ bħala leġjunarju ta' Marija,
imma naf li waħdi ma nasalx biex nagħti ħidma xierqa,
nitolbok tinżel fuqi u timlieni bik,
sabiex il-qawwa tiegħek tgħin l-għemejjel fqajra tiegħi u tagħmilhom strument tal-fehmiet għolja tiegħek.

Iżda naf li inti, li ġejt biex iġġedded id-dinja f'Ġesù Kristu,
ma ridtx tagħmel dan ħlief permezz ta' Marija;
naf li mingħajrha la nistgħu nagħrfuk u lanqas inħobbuk;
naf li permezz tagħha, u lil min trid hi, meta trid hi, kemm u kif trid hi,
jitqassmu d-doni, il-virtujiet u l-grazzji tiegħek;
u nifhem li s-sigriet ta' ħidma leġjunarja sħiħa
jinsab f'għaqda sħiħa ma' dik li f'kollox hi magħquda miegħek.

Għalhekk, bl-istendard tal-Leġjun f'idejja, li jqiegħed dan kollu quddiem għajnejja,

nidher quddiemek bħala suldat u iben tagħha,
u nistqarr id-dipendenza sħiħa tiegħi minnha.
Hija l-omm tar-ruħ tiegħi.
Qalbha u qalbi huma qalb waħda;
u minn dik il-qalb waħda hija ttenni dawk il-kelmiet ta' darba:
"Ara, jiena l-qaddejja tal-Mulej";
u għal darb'oħra inti tiġi permezz tagħha biex tagħmel ħwejjeġ kbar.

Il-qawwa tiegħek tgħattini u tkebbisli ruħi bl-imħabba,
u tagħmilha ħaġa waħda ma' l-imħabba ta' Marija u marrieda tagħha li ssalva d-dinja;
sabiex nista' nkun safi f'dik li minnek tnisslet mingħajr ħtija;
sabiex permezz tiegħek jista' jikber fija wkoll Sidi Ġesù;
sabiex flimkien ma' Ommu nista' nwasslu lid-dinja u lill-erwieħ li jinħtiġuh;
sabiex huma u jiena, rebbieħa fit-taqbida, nistgħu nsaltnu magħha għal dejjem fil-glorja tat-Trinità Qaddisa.

B'fiduċja li inti tilqagħni, u tinqeda bija, u tbiddel illum id-dgħjufija tiegħi f'qawwa,
nieħu posti fil-Leġjun u nissogra nwiegħed servizz fidil.
Inbaxxi rasi f'kollox għad-dixxiplina tiegħu,
li torbotni ma' sħabi,
u tagħtina sura t'armata,
u żżommna flimkien waqt li nimxu 'l quddiem ma' Marija,
biex nagħmlu r-rieda tiegħek u nwettqu l-għeġubijiet tiegħek tal-grazzja,
li jġeddu wiċċ l-art,
u jwaqqfu, Spirtu l-Aktar Qaddis, is-saltna tiegħek fuq kulħadd.
Fl-isem tal-Missier u ta' l-Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu. Amen.

"Ġie nnutat li l-Wegħda Leġjunarja hi indirizzata lill-Ispirtu s-Santu li lejh il-Kattoliċi b'mod ġenerali juru ftit wisq devozzjoni u li għalih il-leġjunarji għandu jkollhom imħabba speċjali. Il-ħidma tagħhom, li hi l-qdusija tagħhom infushom u tal-membri l-oħra tal-Ġisem Mistiku ta' Kristu, tiddependi mill-qawwa u l-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu, u għal-hekk titlob li jkun hemm għaqda sħiħa miegħu. Jinħtieġu żewġ ħwejjeġ għal dan: attenzjoni sħiħa lejh u devozzjoni lejn il-Verġni Mbierka li magħha jaħdem b'għaqda li ma tinħallx. Aktarx li n-nuqqas ta' din

ta' l-aħħar, milli ta' dik ta' l-ewwel, kien li wassal għan-nuqqas ġenerali ta' devozzjoni vera lejn l-Ispirtu s-Santu, minkejja l-ħafna kotba li nkitbu u l-ħafna priedki li jsiru dwar dan. Il-leġjunarji diġà huma mimlija bl-imħabba għas-Sultana u l-Omm tagħhom. Jekk ma' din jgħaqqdu devozzjoni sħiħa lejn l-Ispirtu s-Santu, jidħlu bil-qawwa kollha fil-pjan divin li ried l-għaqda ta' l-Ispirtu s-Santu u Marija fil-ħidma li ġġedded id-dinja. B'hekk l-isforzi leġjunarji tagħhom ma jistgħux jonqsu li jaqilgħu żieda kbira fil-qawwa u s-suċċess.

L-ewwel talb li qatt intqal mil-leġjunarji kien is-sejħa u t-talba lill-Ispirtu s-Santu, bir-ružarju warajhom. Bl-istess talb bdiet kull laqgħa tal-Leġjun minn dakinhar 'l hawn, u għalhekk jixraq ħafna li ċ-ċerimonja tal-bidu tat-tisħib leġjunarju nnifsu titqiegħed taħt l-istess patroċinju qaddis. Dan ifakkarna f'Għid il-Ħamsin meta l-grazzja ta' l-appostolat ingħatat mill-Ispirtu s-Santu permezz ta' Marija. Il-leġjunarju, li jixtieq jimtela bl-Ispirtu s-Santu permezz ta' Marija, jirċievi bl-abbundanza d-doni tiegħu, u fost dawn imħabba tassew imkebbsa lejn Marija nfisha.

Barra minn hekk, il-għamla tal-wegħda li qed tiġi proposta hi skond id-devozzjoni leġjunarja kif narawha fl-istendard fejn tidher il-Ħamiema tmexxi l-Leġjun u l-ħidma tiegħu, permezz ta' Marija, għall-erwieħ" (Silta mill-minuti tat-88 laqgħa tal-Concilium Legionis).

[Din is-silta m'hix parti mill-Wegħda Leġjunarja].

# 16

# GRADI OĦRA TA' TISĦIB

Barra mit-tisħib attiv ordinarju, il-Leġjun għandu żewġ gradi oħra ta' tisħib:

## 1. IL-PRETORJANI

Il-grad pretorjan[1] hu grad ogħla tat-tisħib attiv, magħmul minn dawk li jaċċettaw li jżidu ma' l-obbligi ordinarji tat-tisħib:

1. li jgħidu kuljum it-talb kollu li hemm fit-tessera tal-Leġjun;
2. li jisimgħu quddiesa u jitqarbnu kuljum. Ħadd m'għandu

[1] Il-għassa pretorjana kienet ir-riġment magħżul ta' l-Armata Rumana

jibqa' lura milli jħaddan il-grad pretorjan minħabba l-biża' li aktarx ma jirnexxilux jisma' quddiesa u jitqarben kuljum preċett. Ħadd ma jista' jkun żgur minn regolarità bħal din. Kull min issoltu ma jonqosx aktar minn darba jew darbtejn fil-ġimgħa jista' bla biża' jinkiteb bħala pretorjan;

3. li jgħidu kuljum uffiċċju approvat mill-Knisja, speċjalment l-Uffiċċju Divin jew parti sostanzjali minnu, per eżempju t-tifħir ta' sbieħ il-jum u t-talb ta' fil-għaxija. Brevjarju mqassar li fih dawn is-sigħat flimkien mat-talba ta' għeluq il-jum ġie approvat għall-użu.

Kultant isir suġġeriment li flok ma jingħad uffiċċju, wieħed jagħmel meditazzjoni, jew ikun jista' jagħżel bejn uffiċċju u meditazzjoni. Iżda din il-proposta ma taqbilx ma' l-idea essenzjali tat-tisħib pretorjan li hi dik li tgħaqqad il-leġjunarji ma' l-atti uffiċjali kbar tal-Ġisem Mistiku. Ix-xogħol attiv tal-leġjunarju hu sehem fl-appostolat uffiċjali tal-Knisja. It-tisħib pretorjan ifittex li jdaħħlu aktar profondament fil-ħajja komunitarja tal-Knisja. Għalhekk jidher ċar li għandu jitlob mill-membri s-smiegħ tal-quddiesa u t-tqarbin, għax dawn huma ċ-ċerimonji ċentrali tal-Knisja li jġeddu kuljum l-att ewlieni ta' l-Insara.

Fil-Liturġija jiġi mbagħad l-uffiċċju, it-talb komunitarju tal-Knisja li bih Kristu jitlob. F'kull uffiċċju, li hu mibni fuq is-Salmi, aħna ninqdew b'talb imnebbaħ mill-Ispirtu s-Santu, u b'hekk nersqu qrib dak il-leħen komunitarju li żgur jinstama' mill-Missier. Huwa għalhekk li l-kondizzjoni tat-tisħib pretorjan hija r-reċita ta' uffiċċju u mhux il-meditazzjoni.

"Hekk kif il-grazzja tikber fina, imħabbitna għandha dejjem tieħu għamliet ġodda," qal l-Arċisqof Leen lil-leġjunarji tiegħu. Ir-reċita ta' l-uffiċċju kollu, għal dawk li jistgħu jgħiduh, tkun turi dan it-tkattir ta' mħabba.

Għandna nifhmu dan li ġej:

1. dan hu biss grad ta' tisħib u mhux fergħa ta' organizzazzjoni għaliha. Għalhekk ma jistgħux jitwaqqfu praesidia ta' pretorjani għalihom;

2. il-grad pretorjan m'għandux jitqies ħlief bħala kuntratt privat tal-leġjunarju individwali;

3. m'għandha ssir l-ebda pressjoni morali biex inħajru l-membri jinkitbu pretorjani. U għalhekk waqt li l-leġjunarji jistgħu u għandhom jiġu mħeġġa sikwit li jħaddnu dan il-grad, l-ebda isem m'għandu jittieħed jew jissemma fil-pubbliku;

4. it-tisħib isir billi jinkiteb l-isem ta' dak li jkun fil-lista speċjali;
5. id-diretturi spiritwali u l-presidenti għandhom ifittxu li jżidu l-membri pretorjani tagħhom. Iżda barra minn hekk, għandhom iżommu kuntatt mal-membri attwali biex dawn ikomplu jwettqu l-obbligi ġenerużi li daħlu għalihom.

Jekk id-direttur spiritwali jaċċetta li ismu jinkiteb fil-lista tal-pretorjani, dan isaħħaħ it-tisħib tiegħu, u jorbtu b'qawwa akbar mal-praesidium tiegħu. Barra minn hekk, dan żgur jgħin biex in-numru tal-membri pretorjani tal-praesidium jiżdied.

Il-Leġjun jistenna ħafna mill-grad pretorjan. Lil ħafna membri jmexxihom lejn ħajja ta' għaqda ikbar m'Alla permezz tat-talb. Dan ifisser li fis-sistema tal-Leġjun jinbet nukleu ta' talb, fejn aktar u aktar leġjunarji jfittxu li jindifnu fih. Bla dubju dan iħalli effett fuq iċ-ċirkolazzjoni spiritwali kollha tal-Leġjun u jagħmel li l-Leġjun jikber fl-ispirtu ta' fiduċja fit-talb fil-ħidmiet kollha tiegħu. Fil-fatt jġiegħel li l-Leġjun jifhem dejjem aktar bis-sħiħ li l-iskop ewlieni u veru tiegħu hu li jispiritwalizza lill-membri tiegħu.

"Tassew li għandkom tikbru; jien naf; dak hu d-destin tagħkom; din hi l-ħtieġa ta' l-isem Kattoliku; hi l-prerogattiva tal-wirt appostoliku. Iżda li tistenna tkabbir materjali mingħajr dak morali li jikber miegħu hi ħaġa li kważi tbeżżgħek" (Il-Kardinal Newman: *Il-Qagħda Preżenti tal-Kattoliċi*).

## 2. IT-TISĦIB AWŻILJARJU

Jistgħu jidħlu membri awżiljarji l-qassisin, ir-reliġjużi u l-lajċi. Dan it-tisħib jiġbor fih lil dawk li ma jistgħux jew ma jridux jidħlu għad-dmirijiet ta' membri attivi, iżda li jixtiequ jingħaqdu mal-Leġjun billi jidħlu biex jgħidu t-talb f'ismu.

It-tisħib awżiljarju jinqasam f'żewġ gradi:

1. il-primarju, li l-membri tiegħu jissejħu sempliċement awżiljarji; u
2. l-ogħla, li l-membri tiegħu għandhom l-isem partikulari ta' Adjutores Legionis jew adjutorjani.

M'hemm l-ebda limiti ta' età fil-każ tal-membri awżiljarji.

M'hemmx bżonn li t-talb ikun offrut direttament għal-Leġjun. Huwa biżżejjed li wieħed joffrih bħala qima lil Marija. Għalhekk jista' jagħti l-każ li l-Leġjun ma' jieħu xejn minnu; u l-Leġjun lanqas jixtieq li jieħu xi ħaġa minn dak li jista' jkun ta' ġid akbar

band'oħra. Imma billi dan it-talb huwa leġjunarju, aktarx li jwassal lis-Sultana tal-Leġjun biex titfa' għajnejha fuq il-bżonnijiet tal-Leġjun.

Iżda huwa rrikkmandat b'mod l-aktar qawwi li dan is-servizz, bħal kull servizz ieħor leġjunarju, ikun mogħti lil Marija bħala rigal mingħajr ebda rbit, biex tqassmu skond ix-xewqat tagħha. Dan itella' s-servizz għal livell ta' ġenerożità ogħla, u hekk issiwi tiegħu jikber bil-bosta. Wieħed jista' jżomm f'moħħu dan l-iskop billi jgħid kuljum xi għamla ta' offerta qasira bħal din li ġejja: "Marija Immakulata, Medjatriċi tal-grazzji kollha, jiena nħalli f'idejk kulma nista' mit-talb, mix-xogħol u mit-tbatijiet tiegħi."

Dawn iż-żewġ gradi ta' membri awżiljarji huma għal-Leġjun dak li l-ġwienaħ huma għall-għasfur. B'dawn il-ġwienaħ miftuħin permezz tal-ħafna awżiljarji li jkollu, ġwienaħ li jħabbtu qawwi bis-saħħa ritmika tat-talb fidil tagħhom, il-Leġjun jista' jitla' għal livelli ogħla ta' ideal u sforz sopranaturali. Hu jittajjar b'ħeffa kull fejn irid, u lanqas il-muntanji m'għandhom il-ħila jwaqqfu l-mixja tiegħu. Iżda jekk dawk il-ġwienaħ jingħalqu, il-Leġjun jibda miexi bla grazzja u jzappap, u l-inqas xkiel iġiegħlu jieqaf.

## IL-GRAD PRIMARJU: L-AWŻILJARJI

Dan il-grad, imsejjaħ l-awżiljarji, huwa l-ġewnaħ tax-xellug ta' l-armata tal-Leġjun li titlob. Is-servizz tiegħu jikkonsisti firreċita ta' kuljum tat-talb kollu tat-tessera, jiġifieri: is-sejħa u t-talba ta' l-Ispirtu s-Santu, ħames posti tar-rużarju u s-sejħiet li jiġu warajhom, il-Catena, u t-talbiet magħrufa bħala t-"talb ta' l-aħħar". Dan jista' jitqassam matul il-ġurnata kif jaqbel lill-membru.

Nies li għandhom id-devozzjoni li jgħidu r-rużarju kuljum, hi x'inhi l-intenzjoni tagħhom, jistgħu jidħlu awżiljarji mingħajr ma jkunu obbligati jgħidu rużarju ieħor.

"Min jitlob, jgħin l-erwieħ kollha tal-bnedmin. Jgħin lil ħutu bil-ġibda fejjieda u qawwija ta' ruħ li temmen, tagħraf u trid. Hu jagħti dak li San Pawl jitlob minna fuq kollox: talb, supplikazzjonijiet, u atti ta' radd il-ħajr f'isem il-bnedmin kollha. 'Itolbu dejjem fl-Ispirtu, b'kull xorta ta' talb u f'kull ħtieġa, ishru fih bla ma tieqfu' (Efes 6:18). Jekk ma tibqax tgħasses, tinsisti, tisforza u żżomm iebes, ma jidhirlekx li

kollox jibda jintelaq, id-dinja terġa' tbatti, u ħutek iħossu fihom infushom qawwa u serħan inqas? Iva, hekk hu tassew. Kull wieħed minna, sa ċert punt, jerfa' d-dinja, u dawk li jieqfu jaħdmu u jgħassu jgħabbu lill-oħrajn iżżejjed" (Gratry: *Il-Bidu*).

## IL-GRAD OGĦLA: L-ADJUTORJANI

Dan huwa l-ġewnaħ tal-lemin tal-Leġjun li jitlob. Huwa jiġbor fih lil dawk

1. li jgħidu kuljum it-talb kollu tat-tessera, u wkoll
2. li jaċċettaw li jisimgħu quddiesa u jitqarbnu kuljum, u li jgħidu kuljum uffiċċju approvat mill-Knisja.

Ara r-riferenza fit-tisħib pretorjan għall-valur speċjali li għandu uffiċċju.

B'hekk il-membri adjutorjani huma għall-membri awżiljarji ordinarji dak li l-membri pretorjani huma għall-attivi ordinarji. Id-dmirijiet li jżidu huma l-istess.

Nuqqas ta' darba jew tnejn f'ġimgħa fil-qadi tad-dmirijiet mistennija mill-membri ma jiġix ikkunsidrat bħala nuqqas kbir fiddmir tat-tisħib.

Mhuwiex meħtieġ li jingħad l-uffiċċju mir-reliġjużi li r-regola tagħhom ma tobbligahomx jgħiduh.

Għandu jsir sforz biex l-awżiljarju ordinarju jiġi mħajjar isir adjutorjan, għaliex dan il-grad joffri tassew stat ta' ħajja qaddisa. Dak li jingħad fit-taqsima dwar il-pretorjani għal dik li hija l-għaqda tal-leġjunarju mat-talb tal-Knisja, u l-valur speċjali ta' l-uffiċċju, jiswa ukoll għall-adjutorjani.

Appell speċjali jmur lill-qassisin u lir-reliġjużi biex isiru adjutorjani. Il-Leġjun jixtieq mill-qalb għaqda ma' din il-klassi kkonsagrata, li ġiet maħtura b'mod speċjali biex tgħaddi ħajja ta' talb u ta' intimità l-aktar kbira m'Alla u li fil-Knisja tifforma ġeneratur glorjuż ta' qawwa spiritwali. Marbut sewwa ma' dan il-ġeneratur, il-makkinarju tal-Leġjun jaħdem b'qawwa li ħadd ma jżommha.

Jekk wieħed iħares lejn dak it-tisħib jara kemm jiżdidilhom ftit mad-dmirijiet li diġà għandhom — mhux iżjed mill-Catena, it-talba tal-Leġjun, u xi invokazzjonijiet: affari ta' ftit minuti biss. Iżda permezz ta' dik ir-rabta mal-Leġjun huma għandhom issetgħa f'idejhom li jsiru l-qawwa li tmexxih.

"Agħtuni leva," qal Arkimede tal-qedem, "u fuqiex inqegħedha, u nerfa' d-dinja nfisha." Magħqudin mal-Leġjun, l-adjutorjani jsibu fih dik il-ħaġa meħtieġa fuqiex iserrħu l-leva twila tat-talb qaddis tagħhom. Dan imbagħad jikseb il-qawwa li jerfa' l-erwieħ imtaqqla tad-dinja kollha u jbiegħed il-problemi immensi tagħha.

"Fiċ-Ċenaklu, fejn bil-għoti sħiħ ta' l-Ispirtu s-Santu l-Knisja twaqqfet darba għal dejjem, Marija tibda teżerċita b'mod li jidher, fost l-appostli u d-dixxipli miġburin flimkien, il-ħidma li mbagħad tkompli teżerċita dejjem b'manjiera aktar moħbija u intima: dik li tgħaqqad il-qlub fit-talb u li tagħti ħajja lill-erwieħ permezz tal-mertu ta' l-interċessjoni setgħana tagħha. 'U lkoll qalb waħda kienu jitolbu flimkien ma' xi nisa u ma' Marija, Omm Ġesù, u ma ħutu' (Atti 1:14)" (Mura: *Il-Ġisem Mistiku ta' Kristu*).

## KONSIDERAZZJONIJIET ĠENERALI LI GĦANDHOM X'JAQSMU MAŻ-ŻEWĠ GRADI TAT-TISĦIB AWŻILJARJU

1. Servizz Akbar. Il-Leġjun jagħmel sejħa lill-awżiljarji tażżewġ gradi biex iqisu l-kondizzjonijiet meħtieġa għat-tisħib mhux bħala limitu sa fejn għandu jasal is-servizz tagħhom iżda bħala minimu li miegħu huma ġenerożament iżidu ħafna talb ieħor u ħafna attijiet magħmulin b'mod speċjali b'din il-fehma.

Nissuġġerixxu lis-saċerdoti-adjutores li jagħmlu memento speċjali fil-quddies tagħhom kollu, u kultant joffru wkoll is-sagrifiċċju tal-quddiesa għall-fehmiet ta' Marija u tal-Leġjun. Awżiljarji oħra jistgħu forsi kultant jagħtu offerta biex titqaddes quddiesa għal dik l-istess fehma, anki jekk dan jiswielhom xi sagrifiċċju.

Jagħti kemm jagħti l-awżiljarju lil-Leġjun, hu jirċievi bi ħlas daqshekk ieħor għal mitt darba, elf darba, miljun darba. U dan kif? Għax il-Leġjun jgħallem lill-membri tiegħu awżiljarji, bħalma jgħallem ukoll lill-membri attivi, kemm hi kbira Marija, idaħħalhom bħala suldati fis-servizz tagħha u jgħallimhom iħobbuha kif jixraq. Dan kollu hu ħaġa hekk kbira li lanqas kliem bħal "miljun darba" ma jkejjel dak li wieħed jikseb. Dan jerfa' l-ħajja spiritwali għal livell ogħla, u b'hekk jiżgura eternità aktar glorjuża.

2. Min jista' jiċħad lil Marija din ix-xorta ta' rigal? Għaliex hi, li

hi s-Sultana tal-Leġjun, hi wkoll is-Sultana ta' l-Univers u ta' l-oqsma u l-ħtiġijiet kollha tiegħu, b'mod li, meta tagħti lilha, tkun qed tagħti fejn l-aktar jinħtieġ, fejn it-talb jagħmel l-aktar ġid.

3. Fit-tqassim tal-ħażna mħollija f'idejha, Marija Immakulata żżomm quddiem għajnejha l-ħtiġijiet tal-ħajja ordinarja u d-dmirijiet ta' dak li jkun, u ta' l-obbligi kollha li għandu. Jista' wieħed igħid, "Nixtieq kieku nissieħeb, iżda ġa tajt kollox lil Marija bla ma żammejt xejn, jew lill-erwieħ tal-purgatorju jew lill-missjoni. Kollox tajt. Ma baqa' xejn għal-Leġjun. X'nista' nagħmel bħala awżiljarju?" Il-Leġjun iwieġeb: ikun ta' ġid kbir għal-Leġjun li jirbaħ persuna hekk ħielsa mill-egoiżmu. Ix-xewqa tiegħek li tgħin lil-Leġjun fiha nfisha hi talba oħra barra minn dak li qiegħed tagħmel, prova ta' fehma retta speċjali, sejħa li żgur tinstema' mill-ġenerożità bla tarf tal-Għassiesa tat-Teżor Divin. Jekk int issir awżiljarju żgur li hi twieġeb, u l-fehma l-ġdida tirbaħ waqt li l-fehmiet il-qodma ma jitilfu xejn. Għaliex hekk taf tagħmel din is-Sultana u Omm l-aktar tal-għaġeb li, għalkemm tkun inqdiet bl-offerta tagħna u għenet oħrajn b'idejha miftuħa mit-teżori spiritwali tagħna, b'danakollu aħna stess nisfaw aktar għonja bla ma nkunu nafu kif. Is-sehem tagħha jfisser twettiq ta' xogħol ġdid. Ikun sar tkattir tal-għaġeb. Dan hu dak li San Lwigi-Marija de Montfort isejjaħ sigriet tal-grazzja, u li hu jfisser hekk: "Kull meta l-opri tajba tagħna jgħaddu minn idejn Marija, jiksbu safa akbar, u għalhekk iżidu fil-mertu u s-siwi biex ipattu għad-dnub u jaqilgħu l-grazzja. Minħabba f'hekk l-opri tajba jistgħu jsiru ta' faraġ akbar għall-erwieħ tal-purgatorju, u jikkonvertu iktar midinbin milli kieku ma jgħaddux mill-idejn ġenerużi u verġinali ta' Marija" (DV 172).

Kull ħajja tinħtieġ il-qawwa ta' din il-bidla tal-għaġeb. Dak li għandna jittieħed mingħandna, jaqla' mgħax għoli, jagħmel ix-xogħol tiegħu, u mbagħad jerġa' għal għandna biż-żieda. Din il-qawwa nistgħu nsibuha biss fir-rigal li nagħtu lil Marija bit-tisħib awżiljarju.

4. Forsi minħabba n-numru ta' erwieħ fil-għawġ li magħhom il-leġjunarji għandhom kuntatt, Marija donnha tagħti lil-Leġjun ftit mill-qawwa tagħha tal-għaġeb li tmiss il-qalb. Il-leġjunarji ma jsibuhiex bi tqila li jdaħħlu 'l ħbiebhom f'dan is-servizz awżiljarju hekk meħtieġ għal-Leġjun, u hekk ta' siwi għall-awżiljarji nfushom. B'hekk dawn jissieħbu mal-Leġjun b'sehem fit-talb u fil-ħidmiet kollha tiegħu.

5. Insibu wkoll li t-tisħib fil-grad ta' l-awżiljarji, jew ta' l-armata tat-talb tal-Leġjun, għandu l-istess qawwa li tolqot l-immaġinazzjoni daqskemm għandu t-tisħib attiv. Nies li kieku lanqas biss jiġihom f'moħħhom li jgħidu r-rużarju kuljum, insibuhom jaqdu bil-fedeltà d-dmirijiet tagħhom bħala awżiljarji, jiġifieri jgħidu kuljum it-talb kollu li jinsab fit-tessera tal-Leġjun, ġa mfisser bir-reqqa. Ħafna nies fl-isptarijiet u fl-istituti, li kienu qatgħu qalbhom, bdew isibu interess fil-ħajja billi saru awżiljarji tal-Leġjun; waqt li fl-irħula, qtajja' sħaħ, li mingħajr dan it-tisħib kienu jgħixu f'ambjent li aktarx ibiddel ir-reliġjon f'ħaġa nofsha mejta, jekk mhux bla ħajja għal kollox, permezz tat-tisħib tagħhom awżiljarju fehmu li huma ta' importanza għall-Knisja; mhux biss, iżda sabu li qegħdin jieħdu interess fil-Leġjun qisu ħaġa tagħhom, u jaqraw b'interess tassew kbir l-iċken aħbar dwaru li jirnexxilhom isibu. Iħossu li huma stess qed jieħdu sehem fit-taqbidiet għall-erwieħ li l-Leġjun qed jitqabad f'artijiet imbiegħda. Jifhmu li dan jiddependi mit-talb tagħhom. Aħbarijiet ta' ħidmiet nobbli li jqanqlu li jsiru b'riżq l-erwieħ f'ħafna postijiet tad-dinja jimlew il-ħajja monotona tagħhom bis-sodisfazzjon li jġibu magħhom dawk l-għemejjel li jsiru fil-bogħod. Ħajjithom titbiddel b'dak il-ħsieb li tant iqanqlek, is-sens li wieħed qed jieħu sehem fi kruċjata. U anki ħajja l-iżjed qaddisa tinħtieġ tqanqil ta' ħsieb bħal dan.

6. Għandu jkun l-iskop ta' kull praesidium li jfittex li jdaħħal bħala membru awżiljarju lil kull Kattoliku fil-qasam tiegħu. B'hekk tinkiseb art tajba għat-twettiq ta' għamliet oħra t'appostolat leġjunarju. Żjara għal dan l-iskop, li tittieħed b'kumpliment, tiġi aċċettata minn kulħadd u nistgħu nistennew minnha riżultat tajjeb.

7. Aktar ma jidħlu f'dan il-grad awżiljarju membri ta' soċjetajiet u organizzazzjonijiet Kattoliċi oħra, aktar isseħħ l-għaqda mixtieqa bejn dawn il-ħidmiet. B'hekk jingħaqdu fit-talb, fil-ġibda ta' bejniethom, fl-idealiżmu, taħt il-patroċinju ta' Marija, iżda mingħajr l-anqas indħil fl-awtonomija u l-karatteristiċi tagħhom, u mingħajr ma t-talb tagħhom jittieħed mill-movimenti tagħhom. Għaliex għandna niftakru li dak it-talb awżiljarju jiġi offrut mhux għal-Leġjun iżda għall-qima ta' Sidtna Marija.

8. Min mhux Kattoliku ma jistax isir membru awżiljarju ordinarju. Iżda, għalkemm hi ħaġa li ma tantx tiġri, jekk bniedem bħal dan ikun lest li jgħid kuljum it-talb kollu tal-Leġjun, għandu

jiġi mogħti tessera u jiġi mħeġġeġ fis-servizz ġeneruż tiegħu. Għandha tittieħed nota speċjali ta' ismu biex jinżamm kuntatt miegħu. Żgur li Sidtna Marija taħseb fil-ħtiġijiet ta' dik ir-ruħ.

9. Lill-awżiljarji wieħed għandu jurihom li l-iskop tas-servizz tagħhom ta' talb hu aktar it-tiftix u t-taqbida tal-Leġjun għall-erwieħ mad-dinja kollha, milli l-ħtiġijiet lokali. Għandna nqegħdulhom quddiem għajnejhom l-idea li, għalkemm mhumiex suldati fuq il-front, madankollu huma jieħdu sehem essenzjali li jixbah lil dak tal-ħaddiema tal-munizzjon u tas-servizzi tal-provvista, ħwejjeġ li mingħajrhom dawk li jkunu qegħdin jiġġieldu ma jistgħu jagħmlu xejn.

10. M'għandniex niktbu nies bħala awżiljarji kif ġie ġie. Għandna nispjegawlhom bir-reqqa d-dmirijiet li ser jidħlu għalihom u jridu jaċċettaw li jagħmlu mill-aħjar li jistgħu biex jibqgħu fidili lejn il-kelma li jkunu taw.

11. Biex l-awżiljarji jsaħħu l-interess fis-servizz imħaddan minnhom għandu jitfissrilhom bir-reqqa x-xogħol tal-Leġjun u b'hekk

1. fil-preżent itejbu l-kwalità, u jiżguraw il-perseveranza fit-tisħib tagħhom; u
2. fil-ġejjieni jitwasslu biex isiru membri adjutorjani u attivi.

12. Jinħtieġ li jinżamm kuntatt ma' l-awżiljarji biex it-tisħib u l-interess tagħhom ma jonqsux, u dan il-kuntatt jagħti ħidma ta' siwi lil ċerti leġjunarji li l-ideal tagħhom għandu jkun li jmexxu aktar 'il quddiem lil dawk li huma fdati f'idejhom.

13. Għandna ngħarrfu lil kull awżiljarju bil-benefiċċji li jikseb bit-tisħib fil-Konfraternità tar-Rużarju Mqaddes. L-awżiljarju diġà qed jgħid aktar talb milli hu mitlub mill-Konfraternità, u għalhekk kull ma jkun fadallu jagħmel biex jidħol fil-Konfraternità hu li jinkiteb.

14. Għall-ġid ta' l-iżvilupp sħiħ tas-suldati awżiljarji ta' Marija, għandna wkoll għall-inqas infissrulhom *Id-Devozzjoni Vera lejn il-Verġni Mbierka* — jew il-konsagrazzjoni ta' ħajjitna kollha kemm hi lil Marija. Aktarx li ħafna minnhom iħaddnu bil-qalb dan is-servizz aktar sħiħ lejn Marija, li jġib miegħu l-għoti tat-teżori tagħhom spiritwali lil dik li Alla ġa għażel bħala Teżoriera tiegħu. M'għandhomx għalfejn jibżgħu, għaliex l-intenzjonijiet ta' Marija huma l-interessi tal-Qalb ta' Ġesù. Żgur li ma jħallu barra l-ebda wieħed mill-bżonnijiet tal-Knisja. Jinfirxu fuq l-appostolat kollu u fuq id-dinja kollha. Jinżlu wkoll fuq l-erwieħ

li qegħdin jissaffew fil-purgatorju. Il-ħeġġa għall-intenzjonijiet ta' Marija ifisser li qed inħaddnu l-ħtiġiet kollha ta' Ġisem il-Mulej. Għaliex l-Omm li kienet hekk ħabrieka f'Nazaret, illum ma naqqset xejn mit-tħabrik tagħha. Meta wieħed jingħaqad ma' l-intenzjonijiet tagħha, jilħaq dritt l-iskop tiegħu, li huwa r-rieda t'Alla. Imma meta l-bniedem jimxi għal rasu, kemm jilwi 'l hawn u 'l hemm! Tgħid it-triq li jaqbad twasslu xi darba fit-tmiem tal-vjaġġ?

Xi wħud jistgħu jaħsbu li din id-devozzjoni tgħodd biss għal nies li jinsabu 'l quddiem ħafna fil-ħajja tar-ruħ. Għalhekk hu importanti niftakru li kien lil nies li kienu għadhom kemm intrefgħu mill-jasar tad-dnub, u li saħansitra kien jeħtieg li jerġgħu jiftakru fl-ewwel veritajiet tal-Katekiżmu, li San Lwiġi-Marija de Montfort kellem dwar ir-rużarju, dwar id-devozzjoni lejn Marija, u dwar il-Jasar Qaddis ta' l-Imħabba.

15. Hu mixtieq u meħtieġ li titwaqqaf fost l-awżiljarji xi għamla t'organizzazzjoni b'laqgħat jew rallies għaliha. Organizzazzjoni bħal din fil-komunità sservi biex timlieha bl-ideal ta' l-appostolat u bl-ispirtu ta' talb li nsibu fil-Leġjun, b'mod li f'qasir żmien insibu 'l kulħadd iwettaq dawk l-ideali u ssir bidla kbira.

16. Konfraternità mibnija fuq tisħib awżiljarju ma jkollha xejn inqas minn kull konfraternità oħra. Anzi barra minn konfraternità din tkun ukoll il-Leġjun, bil-ħeġġa u x-xeħta kollha tiegħu. Il-laqgħat minn żmien għal ieħor ta' konfraternità bħal din iżommu l-membri aktar magħqudin ma' l-ispirtu u l-ħtiġijiet tal-Leġjun, u jħeġġuhom aktar fis-servizz tagħhom bħala awżiljarji.

17. Il-membri attivi għandhom ifittxu li jdaħħlu lil kull membru awżiljarju fil-Patrizji, għaliex dawn it-tnejn isaħħu lil xulxin b'mod ideali. Il-laqgħa tal-patrizji tilħaq l-iskop li għalih hi maħsuba l-laqgħa ta' kultant irrikkmandata għall-awżiljarji. Hija żżommhom f'kuntatt mal-Leġjun u tifformahom b'mod importanti. Minnaħa l-oħra, jekk il-patrizji jiġu mdaħħlin membri awżiljarji, dan ikun ifisser għalihom tarġa 'l fuq u pass 'il quddiem.

18. L-awżiljarji m'għandhomx jingħataw xogħol ordinarju attiv tal-Leġjun. Proposti biex jibda jsir hekk, għall-ewwel jidhru sbieħ. Tidher ħaġa tajba li tmexxi hekk 'il quddiem l-awżiljarji. Iżda meta neżaminaw dan sewwa, insibu li b'ħidma bħal din inkunu nipperikolaw li ssir ħidma leġjunarja mingħajr il-laqgħa tal-Leġjun; fi kliem ieħor inkunu nwarrbu fil-ġenb dik il-kondizzjoni li ma tista' tinfired qatt mit-tisħib attiv.

19. Fejn huwa mixtieq jew possibbli, l-awżiljarji jistgħu jieħdu sehem fl-Acies li, f'ċirkostanzi bħal dawn, tkun funzjoni li tagħtihom pjaċir u tqegħedhom f'kuntatt intimu mal-leġjunarji attivi. L-awżiljarji li jixtiequ jagħmlu l-att individwali tal-konsagrazzjoni għandhom jagħmluh wara l-leġjunarji attivi.

20. Is-sejħa li għandha titqiegħed fuq it-tessera għall-membri awżiljarji għandha tkun, "Marija Immakulata, Medjatriċi tal-grazzji kollha, itlob għalina."

21. Is-sejħa tal-Leġjun lill-membri attivi biex ikunu "dejjem għassa għall-erwieħ" tiswa wkoll għall-awżiljarji. Sewwasew bħall-membru attiv u daqsu, l-awżiljarju għandu jagħmel ħiltu kollha biex idaħħal oħrajn fis-servizz leġjunarju. B'din iż-żieda ta' ħolqa ma' oħra, il-Catena Legionis tista' ssir xibka prezzjuża ta' talb li tħaddan id-dinja kollha.

22. Sikwit jiġi ssuġġerit li t-talb tat-tisħib awżiljarju jitqassar jew jitbiddel biex ikun jista' jingħad mill-għomja, minn dawk bla skola u mit-tfal. Barra mill-fatt li bil-mod il-mod obbligu aktarx jitlef il-qawwa tar-rabta tiegħu meta jsir anqas definit, għandu jidher ċar li din il-konċessjoni ma tistax tingħata; għaliex biż-żmien din ma tkunx tista' ma tingħatax lanqas lil min jaf ftit skola, lil min jara ftit, jew lil min hu mħabbat ħafna. Il-konċessjoni maż-żmien issir regola.

Le! Il-Leġjun għandu jinsisti fuq it-twettiq tas-servizz stabbilit. Jekk dan ikun aktar minn dak li ċerti nies jistgħu jagħmlu, dawn ma jistgħux ikunu awżiljarji. Iżda jistgħu jagħtu għajnuna ta' siwi kbir, billi jitolbu għal-Leġjun kif jafu, u għandhom jiġu mħeġġa biex jagħmlu dan.

23. L-awżiljarji jistgħu jħallsu għat-tessera u għaċ-ċertifikat tat-tisħib. Iżda barra minn dan, l-ebda ħlas ma għandu jsir għat-tisħib awżiljarju.

24. Kull praesidium għandu jżomm lista tal-membri awżiljarji tiegħu bl-ismijiet u bl-indirizzi, u mqassmin f'adjutorjani u f'awżiljarji ordinarji, u minn żmien għal ieħor jissottomettiha lill-Curia jew lill-viżitaturi mqabbdin mill-Curia. Din il-lista għandha tkun eżaminata bir-reqqa biex naċċertaw li tkun miżmuma sewwa, li qed isir sforz imħeġġeġ biex jinkitbu membri ġodda, u li l-membri miktubin qegħdin minn żmien għal żmien isirulhom żjajjar biex jiġi żgurat li, wara li dawn ikunu qiegħdu idejhom fuq il-moħriet, ma jħarsux lura (ara Lq 9:62).

25. It-tisħib fil-grad awżiljarju jsir billi jinkiteb l-isem fil-lista

ta' l-awżiljarji tal-praesidium. Din il-lista għandu jieħu ħsiebha l-viċi-president.

26. L-ismijiet tal-kandidati għall-grad awżiljarju għandhom jitqiegħdu fuq lista proviżorja sakemm tkun saret prova ta' tliet xhur. Il-praesidium imbagħad għandu jiżgura ruħu li l-obbligi tat-tisħib twettqu bil-fedeltà qabel ma l-isem tal-kandidat jitqiegħed fil-lista ta' l-awżiljarji.

"Xi ħlas jagħtina t-twajjeb Ġesù tagħna għall-egħmil erojku u diżinteressat meta noffrulu minn idejn l-Omm tiegħu mqaddsa, il-ħidmiet tajba tagħna b'dak kollu li jiswew? Jekk sa minn din id-dinja jagħti l-mitt darba fil-wieħed lil dawk li għall-imħabba tiegħu jħallu ġid materjali u temporali u li jintemm, x'ikun dak il-mitt darba li hu jagħti lil dak li jissagrifika għalih il-ġid interjuri u spiritwali tiegħu kollu?" (San Lwiġi-Marija de Montfort, DV 137).

# 17

# L-ERWIEĦ TAL-LEĠJUNARJI MEJTIN TAGĦNA

Wasal tmiem it-taqbida, u leġjunarju mimli ġieħ jinsab mejjet. Issa fl-aħħar hu kkonfermat fis-servizz leġjunarju. Matul l-eternità kollha hu jibqa' leġjunarju għax il-Leġjun sawwarlu dik l-istess eternità. Il-Leġjun servieh ta' fibra u forma għall-ħajja spiritwali tiegħu. Mhux biss, iżda l-qawwa tat-talb magħqud li l-leġjunarji, kemm attivi kif ukoll awżiljarji, jgħidu kuljum u b'ħeġġa biex il-Leġjun ikun jista' jerġa' jingħaqad bla ħadd ma jintilef, għenitu biex joħroġ rebbieħ fuq il-perikli u t-tfixkil tat-triq it-twila. Kemm hu ħsieb li jfarraġ lil-leġjunarji kollha — kemm dwar dak li miet u kemm għalihom stess! Iżda f'dan il-waqt ma jonqosx in-niket għat-telfa ta' ħabib u sieħeb, u hemm bżonn it-talb biex dan is-suldat mejjet jinħeles mill-purgatorju mill-aktar fis.

Il-praesidium għandu joffri bla dewmien quddiesa għar-ruħ ta' kull membru attiv tiegħu li jmut; u kull membru ta' dak il-praesidium għandu jgħid għall-inqas darba t-talb kollu tal-Leġjun, inkluż ir-rużarju, bl-istess fehma. Iżda dan l-obbligu ma

jorbotx f'każ li jmutu xi qraba tal-membri. Mhux biss il-membri tal-praesidium partikolari, iżda kemm leġjunarji jkunu jistgħu, għandhom ifittxu li jieħdu sehem fil-quddiesa u fil-funeral.

Huwa rrikkmandat li jingħad ir-rużarju u t-talb l-ieħor tal-Leġjun waqt li tkun qiegħda ssir id-difna. Dan jista' jsir kif jispiċċa t-talb uffiċjali tal-Knisja. Barra milli tiswa għall-mejjet innifsu, din il-prattika tkun għajn ta' faraġ kbir għal nies il-mejjet, għal-leġjunarji nfushom, u għall-ħbieb kollha li jkunu hemm.

Il-Leġjun jittama li dan l-istess talb ikun ġa ntqal kemm-il darba maġenb il-katavru waqt li jkun espost qabel id-difna. U ma ninsewx li d-dmir li niftakru fil-mejjet ma jispiċċax mad-difna.

Kull sena fix-xahar ta' Novembru kull praesidium għandu joffri quddiesa għal-leġjunarji mejtin, mhux biss ta' dak il-praesidium iżda wkoll għal dawk tad-dinja kollha. F'din l-okkażjoni, kif ukoll fl-okkażjonijiet l-oħra kollha li fihom isir talb għal-leġjunarji mejtin, għandna nħaddnu kull grad ta' tisħib.

"Il-purgatorju jagħmel sehem mis-saltna ta' Marija. Hemm ukoll jinsabu wliedha li, għal żmien ta' piena li jgħaddi malajr, jistennew it-twelid tagħhom għall-glorja li ma tgħaddi qatt.

San Vinċenz Ferrer, San Bernardinu ta' Siena, Ludovik ta' Blois, kif ukoll oħrajn, isejħu lil Marija Sultana tal-Purgatorju; u San Lwiġi-Marija de Montfort jinsisti li l-ħsieb u l-għemil tagħna għandhom jaqblu ma' dak it-twemmin. Hu jixtieqna nqiegħdu f'idejn Marija s-siwi tat-talb u tat-tpattija tagħna, u jwegħedna li bi ħlas għal din l-offerta, dawk l-erwieħ li huma għeżież għalina jirbħu wisq aktar milli kieku nitolbu għalihom aħna direttament" (Lhoumeau: *Il-Ħajja Spiritwali fl-Iskola ta' San Lwiġi-Marija de Montfort*).

# 18

# KIF ISSIR IL-LAQGĦA TAL-PRAESIDIUM

**1. L-ambjent tal-laqgħa għandu jkun dejjem l-istess.** Il-membri għandhom joqogħdu bil-qiegħda madwar mejda, b'altar żgħir armat fuq wieħed mit-truf tagħha. Statwa tal-Kunċizz-

joni Immakulata (qiegħda tqassam il-grazzji) preferibbilment għolja madwar 60 ċentimetru, titqiegħed fuq tvalja bajda ta' daqs xieraq b'żewġ vażetti bil-fjuri u żewġ gandlieri bix-xemgħat jixegħlu maġenbha. Fil-lemin ta' l-istatwa u ftit 'il quddiem minnha, għandu jitqiegħed il-vexillum (li hu mfisser f'kapitlu 27).

Ritratt ta' kif jintrama' l-altar jinsab faċċata ta' paġna 17 waqt li ritratti tal-vexilla jinsabu faċċata ta' paġni 32 u 33.

Il-ħsieb hu li l-istatwa turi lis-Sultana fost is-suldati tagħha. Għalhekk l-altar m'għandux jinfired mill-mejda tal-laqgħa jew jitqiegħed b'mod li l-istatwa tiġi barra mid-dawra tal-membri. L-imħabba ta' wlied lejn l-Omm tagħna tas-sema titlob li l-armar u l-fjuri jkunu mill-aħjar li jista' jkun; l-armar ma joħloqx spiża li trid issir sikwit. Forsi permezz ta' benefattur jew b'xi mod ieħor il-praesidium jirnexxilu jakkwista l-vażetti u l-gandlieri tal-fidda. Għandu jitqies dmir ta' ġieħ min-naħa ta' xi leġjunarju li jżomm il-vexillum u l-vażetti u l-gandlieri ndaf u jleqqu, u jaħseb għall-fjuri u x-xama', li jitħallsu mill-praesidium.

Jekk assolutament wieħed ma jistax isib fjuri naturali, jistgħu jintużaw fjuri artifiċjali flimkien ma' xi weraq aħdar li joħloq l-element tan-natura ħajja.

Fi klima fejn in-nar tax-xemgħat jeħtieġ li jkun imkennen, jistgħu jitqiegħdu globi jew tubi tal-ħġieġ lixx max-xemgħat bla ma jaħbuhom.

Il-kelmiet "Legio Mariae" jistgħu jinħadmu fuq it-tvalja, iżda mhux l-isem tal-praesidium. Għandna nisħqu fuq punti ta' għaqda u mhux ta' distinzjoni.

"Il-medjazzjoni ta' Marija hija effettivament *marbuta b'mod intimu mal-maternità tagħha.* Għandha l-karattru speċjali ta' medjazzjoni ta' omm, li tagħżilha mill-medjazzjoni tal-ħlejjaq l-oħra li b'ħafna modi għandhom sehem mill-medjazzjoni waħdanija ta' Kristu u jiddependu minnha, għalkemm il-medjazzjoni ta' Marija hi wkoll medjazzjoni parteċipattiva. Hu fatt li, għalkemm hu veru li ebda ħlejqa ma tista' titqabbel mal-Verb magħmul bniedem u Feddej, fl-istess waqt hu veru wkoll li l-medjazzjoni waħdanija tal-Feddej ma teskludix, anzi toħloq, fost il-ħlejjaq, *kooperazzjoni ta' ħafna suriet,* li hi parteċipazzjoni minn għajn waħdanija. Hekk it-tjieba waħdanija t'Alla fil-fatt tissawwab b'ħafna modi fil-ħlejjaq tiegħu" (RMat 38).

**2. Puntwalment fil-ħin miftiehem,** il-membri għandhom ikunu f'posthom u l-laqgħa tibda. Iżda ma jistax ikun hemm bidu fil-

ħin (hekk meħtieġ għall-effiċjenza tal-praesidium) jekk l-uffiċjali ma jkunux hemm ftit qabel biex jagħmlu t-tħejjijiet meħtieġa.

L-ebda laqgħa tal-praesidium m'għandha qatt tibda mingħajr il-programm miktub tagħha msejjaħ il-**"Lista tax-Xogħol"**. Din għandha titlesta qabel kull laqgħa, u fuqha l-president imexxi x-xogħol. Fil-lista tax-xogħol għandu jidher bir-reqqa x-xogħol kollu li qed isir mill-praesidium, u ħdejn kull xogħol, l-ismijiet tal-membri mqabbdin jagħmluh. M'għandniex nieħdu d-diversi xogħlijiet bilfors fl-istess ordni, laqgħa wara l-oħra, iżda l-isem ta' kull membru li jidher hemm għandu jiġi msejjaħ, u jittieħed rapport mingħand kull wieħed, anki jekk ix-xogħol ikun sar minn tnejn jew aktar flimkien.

Qabel it-tmiem tal-laqgħa għandna niżguraw li kull membru jingħata x-xogħol tiegħu għall-ġimgħa ta' wara.

Il-president għandu jkollu ktieb illegat li fih kull ġimgħa tinżamm il-lista tax-xogħol.

"Ikun kemm ikun imħeġġeġ u interessanti l-idealiżmu, qatt ma għandu jservi ta' skuża għal sentiment vag u bla siwi. Kif ġa rajna, il-għerf ta' Sant'Injazju kien filli jieħu b'għaqal u metodu kulma sata' mill-enerġija reliġjuża. Il-fwar ta' l-ilma jagħli ma jiswa għal xejn, u aktarx li hu ta' xkiel, jekk ma jkollniex ċilindri u makkinarju li jħaddmuh. Kemm tinħela ħeġġa spiritwali mingħajr ma neżaminaw bir-reqqa kif nistgħu napplikawha b'mod definit! Landa petrol użata ħażin tista' ttajjar karozza m'ogħla s-sema; iżda bil-għaqal u bl-attenzjoni nistgħu ninqdew biha biex twassal il-karozza sal-quċċata tal-għolja" (Mons. Alfred O'Rahilly: *Il-Ħajja ta' Patri William Doyle*).

**3. Il-laqgħa tibda** bis-sejħa u t-talba lill-Ispirtu s-Santu li hu l-għajn tal-Grazzja, tal-Ħajja u ta' l-Imħabba, u nifirħu meta nqisu li jaslulna permezz ta' Marija.

"Mill-waqt li fih nisslet fil-ġuf tagħha l-Iben t'Alla, Marija kellha, biex ngħidu hekk, ċerta setgħa jew dritt fuq kull azzjoni ta' l-Ispirtu s-Santu f'din id-dinja, b'mod li l-ebda kreatura ma tirċievi grazzja mingħand Alla ħlief bil-medjazzjoni tagħha . . . Id-doni u l-virtujiet u l-grazzji kollha ta' l-istess Spirtu s-Santu jitqassmu minnha lil min jogħġobha, meta jogħġobha u kemm u kif jogħġobha" (San Bernardinu: *Priedka fuq it-Twelid ta' Ġesù*).

[Nota: L-aħħar biċċa ta' din id-dikjarazzjoni tinsab kważi bl-istess kliem fil-kitba ta' Sant'Albertu l-Kbir (*Bibbja Marjana, Il-Ktieb ta' Ester* I), li għex 200 sena qabel San Bernardinu].

4. **Imbagħad jingħadu ħames posti rużarju,** li tagħhom id-direttur spiritwali jibda l-ewwel, it-tielet u l-ħames, u l-membri t-tieni u r-raba'. Ħadd mill-membri m'għandu jġib ruħu bħallikieku r-rużarju kien talba siekta. L-istess dinjità u qima għandhom jingħataw lir-reċita tiegħu daqskemm kieku l-persuna maħbuba li f'ġieħha jingħad, kienet preżenti quddiem għajnejna flok l-istatwa li tirrappreżentaha.

Biex is-Sliema tingħad kif jixraq, it-tieni parti m'għandhiex tinbeda qabel tintemm l-ewwel parti, u l-Isem Qaddis ta' Ġesù għandu jitlissen bil-qima. Ir-rużarju, kemm bir-regola kif ukoll bir-rikmandazzjoni, għandu sehem importanti ħafna fil-ħajja tal-leġjunarju, u għalhekk wieħed hu mħeġġeġ li jidħol fil-Konfraternità tar-Ružarju (ara l-appendiċi 7).

Il-Papa Pawlu VI jinsisti li r-rużarju għandu jibqa' jingħad. Huwa talba fis-sens veru tal-kelma. Il-kontenut huwa kollu kemm hu bibliku. Huwa jiġbor fil-qosor u b'mod effettiv l-istorja kollha tas-salvazzjoni u jilħaq l-iskop essenzjali li juri lil Marija twettaq il-parti tagħha fid-diversi episodji ta' dik l-istorja.

"Fost l-għamliet differenti ta' talb m'hemm l-ebda waħda aqwa mir-rużarju. Hu jiġbor fih il-qima kollha li għandna nagħtu lil Marija. Hu r-rimedju għall-hemm kollu tagħna, hu l-bidu tal-grazzji tagħna kollha" (Il-Papa Ljun XIII).

"Fost it-talb kollu, ir-rużarju hu l-isbaħ u l-aktar għani fil-grazzji; hu l-aktar li jogħġob lil Marija, il-Verġni l-aktar qaddisa. Għalhekk ħobbu r-rużarju u għiduh kuljum bil-qima. Dan hu t-testment li jien inħallilkom biex bih tiftakru fija" (San Piju X).

"Għall-Insara, l-ewwel fost il-kotba hu l-evanġelju, u r-rużarju hu tassew l-evanġelju fil-qosor" (Lacordaire).

"Ma jistax ikun li t-talb ta' ħafna ma jinstamax, jekk dak il-ħafna talb isir talba waħda biss" (San Tumas t'Aquino: fuq Mt 18).

5. **Eżatt wara r-rużarju jsir il-qari spiritwali** li jsir mid-direttur spiritwali (jew, fl-assenza tiegħu, mill-president). Dan għandu jieħu madwar ħames minuti. Il-għażla tal-qari spiritwali hi libera, iżda nirrikkmandaw bil-qawwa kollha li għall-inqas fl-ewwel snin tal-praesidium il-qari għandu jittieħed mill-Manwal sabiex il-membri jsiru jafu sewwa x'fih, u biex jitħajru jistudjawh sewwa.

Meta jintemm il-qari, hi drawwa li l-membri jroddu s-salib flimkien.

"Mingħajr l-iċken dubju, Marija jistħoqqilha kull hena għax saret Omm Ġesù skond il-ġisem ('Hieni l-ġuf li ġiebek u s-sider li rdajt!'). Jistħoqqilha kull hena wkoll u b'mod speċjali għax sa mit-tħabbira ta' l-Anġlu semgħet il-kelma t'Alla u laqgħetha, *għaliex obdiet lil Alla,* u għaliex 'baqgħet tgħożż' il-kelma f'qalbha u 'kienet taħseb fuqha bejnha u bejn ruħha' (ara Lq 1:38,45; 2:19,51) u wettqitha permezz tal-ħajja kollha tagħha.

Mela, minkejja d-dehra tagħha, l-hena li lissen Ġesù meta wieġeb lil dik il-mara mhux magħrufa, m'hijiex tmieri l-hena li lissnet dik l-istess mara, għalkemm hekk qisu jidher. Iżda fil-persuna tal-Verġni Mbierka ż-żewġ heniet iltaqgħu, għax hi sejħet lilha nfisha 'l-qaddejja tal-Mulej' " (RMat 20).

**6. Il-minuti tal-laqgħa ta' qabel jinqraw** u, jekk approvati mill-membri preżenti, il-president jiffirmahom. Il-minuti għandhom jieħdu t-triq tan-nofs bla ma jkunu la twal u lanqas qosra żżejjed, u għandhom juru kull laqgħa bin-numru sewwa tagħha li jmiss.

Fit-taqsima dwar id-dmirijiet tas-segretarju nisħqu fuq is-siwi tal-minuti. Il-minuti jiġu l-ewwel fost ix-xogħol ordinarju tal-laqgħa, u għalhekk qishom il-muftieħ tagħha. Bil-kwalità tagħhom u bil-mod kif jinqraw, jagħtu xejra għall-aħjar jew għall-agħar lil dak kollu li jiġi warajhom.

Minuti tajba huma bħal eżempju tajjeb. Minuti fqajrin huma bħal eżempju ħażin; u jinħtieġ nisħqu fuq il-fatt li minuti miktubin sewwa iżda moqrija ħażin, għandna nqisuhom bħala minuti fqajrin. Dan l-eżempju għandu qawwa li jkaxkar il-membri. L-attenzjoni u r-rapporti tal-membri jiddependu mill-minuti b'mod li l-laqgħa tkun tajba jew ħażina sempliċement għax il-minuti jkunu tajba jew ħżiena. U kif tkun il-kwalità tal-laqgħa tkun il-kwalità tax-xogħol.

Għalhekk is-segretarju għandu jaħseb fuq dawn il-ħwejjeġ x'ħin ikun għaddej bix-xogħol moħbi tal-kitba tal-minuti: u l-praesidium għandu jgħasses fuqhom biex iħares l-effiċjenza tiegħu nnifsu.

"Ikun tassew ta' għajb kieku f'din il-ħaġa jiġri dak li qal Kristu li 'ulied din id-dinja jimxu bil-għaqal aktar minn ulied id-dawl' (Lq 16:8). Nistgħu naraw b'liema reqqa jieħdu ħsieb l-affarijiet tagħhom; kemm-il darba jaraw kemm għandhom jieħdu u jagħtu; kemm jagħmlu l-kontijiet tagħhom sewwa; kemm jisgħobbihom għat-telf tagħhom, u b'kemm ħeġġa jfittxu li jġibu dak li tilfu" (San Piju X).

**7. Ir-regoli prinċipali** li ġejjin għandhom jitqiegħdu fuq il-lista tax-xogħol (jew jinżammu b'mod li niżguraw li ma ninsewx naqrawhom meta jmissna) u jinqraw mill-president fl-ewwel laqgħa ta' kull xahar sewwa sew wara li jiġu ffirmati l-minuti.

IR-REGOLI PRINĊIPALI

"Id-dmir leġjunarju jitlob minn kull leġjunarju:

L-ewwel, li jattendi fil-ħin u regolarment għal-laqgħa ta' kull ġimgħa tal-praesidium, u li jagħti f'din il-laqgħa rapport sħiħ u li jinstema' tax-xogħol li jkun wettaq;

It-tieni, li jgħid kuljum il-Catena;

It-tielet, li jwettaq xogħol leġjunarju sostanzjali u attiv, bi spirtu ta' fidi u f'għaqda ma' Marija, b'mod li f'dawk li l-leġjunarju jaħdem għalihom u fil-membri sħabu, huwa jara l-Persuna ta' Sidna Ġesù Kristu u lilu jaqdi kif kienet taqdih Marija, Ommu;

Ir-raba', li jħares, dejjem u kullimkien, in-natura konfidenzjali ta' ħafna affarijiet li jiġu diskussi fil-laqgħa jew li jsir jaf bihom waqt ix-xogħol leġjunarju."

"Permezz tiegħi, Marija tixtieq tħobb lil Ġesù wkoll fil-qlub ta' dawk kollha li nista' nkebbes bl-imħabba, bis-saħħa ta' l-appostolat u tattalb tiegħi kontinwu. Jekk jiena nsir ħaġa waħda magħha hi timlieni tant bil-grazzji u bl-imħabba tagħha li nsir nixbah lil xmara dejjem imfawra, li mbagħad hi wkoll tfawwar l-erwieħ ta' l-oħrajn. Permezz tiegħi, Marija ssir tista' tħobb lil Ġesù u timlieh bil-ferħ mhux biss permezz tal-qalb tiegħi, iżda permezz ukoll ta' għadd bla qies ta' qlub li jingħaqdu ma' tiegħi" (De Jaegher: *Il-Virtù tal-Fiduċja*).

[Din is-silta m'għandhiex tinqara bħala parti mir-regoli prinċipali].

**8. Ir-rendikont tat-teżorier.** It-teżorier għandu jagħti rendikont kull ġimgħa tal-flus li daħlu u ħarġu mill-praesidium, u kemm fadal.

"Mindaqqiet l-erwieħ jintilfu minħabba nuqqas ta' flus, jew fi kliem ieħor, minħabba nuqqas ta' sehem iktar sħiħ fl-appostolat" (James Mellett, C.S.Sp.).

**9. Jittieħdu r-rapporti tal-membri.** Il-membri għandhom jibqgħu bil-qiegħda huma u jagħtu r-rapporti tagħhom. Dawn

għandhom jingħataw bil-fomm, għalkemm il-membri jistgħu jgħinu ruħhom b'xi notamenti.

Il-praesidium m'għandux jieħu nuqqas fid-dmir leġjunarju qisu ma ġara xejn. Meta xi membri ma jkunux jistgħu tassew jagħmlu l-ħidmiet tagħhom għandhom jgħidu l-għaliex, jekk jista' jkun. Meta rapport ma jingħatax, mingħajr ma jiġi mfisser l-għaliex, jagħti l-impressjoni li fin-nofs hemm it-traskuraġni, u dan iservi ta' eżempju ħażin għal kull membru.

Jekk il-membri jagħtu lix-xogħol tagħhom serjetà biżżejjed, il-bżonn ta' l-iskużi ma jinqalax sikwit. Din hi ħaġa tajba, għaliex l-iskużi jeqirdu għal kollox iż-żelu u d-dixxiplina.

Ir-rapport m'għandux ikun indirizzat lill-president waħdu. Hawn irridu naraw kif jaħdem il-moħħ tal-bniedem. Meta żewġ persuni jitkellmu ma' xulxin, leħenhom jinżel jew jogħla b'mod naturali skond id-distanza ta' bejniethom, u mhux aktar. Dan jista' jġib miegħu li kliem indirizzat lill-president ma jinstemax tajjeb biżżejjed minn dawk aktar il bogħod minnu.

Ir-rapport għandu jingħata, u kull diskussjoni fuqu għandha ssir, b'leħen li jinstema' mal-kamra kollha. Ikun kemm ikun sħiħ u fidil, rapport li ma jinstemax minn ħafna fost dawk preżenti hu, minħabba l-ħedla li jnissel fil-laqgħa, agħar milli ma jingħata rapport xejn. Li titkellem minn taħt l-ilsien mhux sinjal ta' modestja jew ħlewwa, bħalma donnhom jaħsbu x'uħud. Min hu hekk modest, min hu hekk ħelu daqs Marija? B'danakollu min jista' jimmaġinaha tomgħod kliemha jew titkellem b'mod, li dawk ta' ħdejha ma jisimgħux x'kienet tgħid? Leġjunarji, agħmlu f'dan, u f'kull ħaġ'oħra, bħas-Sultana tagħkom!

Il-presidenti m'għandhomx jaċċettaw rapporti li trid tagħmel sforz biex tismagħhom. Iżda l-ewwel ħalli jkunu bla ħtija huma nfushom. Kif jagħmel il-president, jagħmlu l-membri l-oħra kollha. Is-soltu l-membri jitkellmu b'leħen aktar baxx mill-president. Jekk dan jitkellem b'leħen moderat jew b'ton familjari, ir-rapporti tal-membri jaslu minn taħt l-ilsien. Għax il-membri li jitkellmu b'leħen għoli, meta l-president jitkellem bil-mod, jaħsbu li huma jkunu qegħdin jgħajtu, u tant ibaxxu leħinhom li ma jinstemgħux. Il-membri għandhom jinsistu li kulħadd, bil-president b'kollox, jitkellem b'leħen għoli. Id-direttur spiritwali wkoll, bħala tabib, għandu jiżgura li l-membri kollha jinstemgħu, għaliex din hija ħaġa vitali għas-saħħa tal-praesidium.

Sa ċertu punt, ir-rapport jiswa fil-laqgħa daqskemm jiswa t-

talb. Huma jsaħħu lil xulxin. It-tnejn huma meħtieġa għal-laqgħa tal-praesidium.

Ir-rapport jgħaqqad il-ħidma mal-praesidium, u għalhekk għandu juri ċar il-ħidma tal-membru — b'mod ħaj, biex ngħidu hekk, daqs stampa fuq il-liżar taċ-ċinema — biex b'hekk il-membri l-oħra jistgħu jieħdu sehem f'dik il-ħidma mentalment, jiġġudikawha, jikkummentaw fuqha, u jitgħallmu minnha. Għalhekk ir-rapport għandu juri x'ipprova jagħmel il-leġjunarju, x'kiseb u b'liema spirtu; kemm ħin ħa; x'metodi uża; x'ma kisibx u x'nies ma ntlaħqux.

Il-laqgħa għandha tkun ħajja u ferrieħa. Għalhekk ir-rapporti għandhom ikunu interessanti u jagħtu informazzjoni sħiħa lil-laqgħa. Żgur li l-praesidium ma jkunx b'saħħtu jekk il-laqgħa tkun bla ħajja, u mingħajr dubju dak il-praesidium ma jiġbidx lill-membri żgħażagħ.

Xi ħidmiet huma hekk imżewqin li tkun ħaġa ħafifa tagħmel rapport tajjeb. Ħidmiet oħra ma joffrux l-istess possibbiltajiet, u għalhekk kulma nsibu mhux tas-soltu, ikun kemm ikun żgħir, għandna niftakruh biex insemmuh fir-rapport.

Ir-rapport la għandu jkun twil wisq u lanqas qasir iżżejjed; fuq kollox m'għandux jingħata dejjem bl-istess ripetizzjoni ta' kliem. Nuqqas f'dan juri mhux biss li l-membru qed jonqos minn dmiru, iżda wkoll li l-membri l-oħra qegħdin jgħinuh f'dak in-nuqqas. Dan iwaqqa' l-idea leġjunarja kollha tal-kontroll fuq il-ħidma. Il-praesidium ma jistax jikkontrolla ħidma li fuqha ma jkollux tagħrif sħiħ.

L-appostolat tal-Leġjun hu ġeneralment diffiċli ħafna u jekk il-membri ma jisimgħux kelma li tqawwilhom qalbhom meta l-laqgħa tifli dak li ppruvaw jagħmlu, huma għandhom mnejn jitħajru jibqgħu pass lura. Dan m'għandux ikun. Huma qegħdin fil-Leġjun biex jagħmlu ġid kemm jistgħu; u aktarx ikun f'dawk il-każi fejn l-istmerrija naturali tinħass l-aktar, li jkun hemm l-aktar bżonn tal-ħidma tagħhom. Hu qabel kollox permezz tal-laqgħa li tinżamm id-dixxiplina leġjunarja. Din tirbaħ in-nuqqasijiet u twassal lill-membru biex iwettaq il-ħidma tiegħu sattmiem. Iżda jekk ir-rapport ftit jagħti tagħrif dwar x'qed jagħmel il-leġjunarju, il-praesidium ma jkollux ħlief kontroll vag fuq il-ħidma ta' dak il-membru. Il-praesidium la jħeġġu u lanqas iħarsu. Il-membru jiġi mċaħħad mill-wens u l-pariri tal-praesidium, u hu ma jistax jgħaddi mingħajr dawk il-ħwejjeġ vitali. Il-mem-

bru jsib ruħu barra mill-kontroll tad-dixxiplina leġjunarja, u dan la hu tajjeb għalih u lanqas għall-oħrajn.

Ma ninsewx li l-eżempju jkaxkar. Għalhekk meta membru jagħti rapport kif ġie ġie, dan jiġbed membri oħra biex jagħmlu bħalu. B'hekk wieħed li jixtieq jagħti servizz xieraq lil-Leġjun ikun qed jagħmillu deni tassew kbir.

L-ebda leġjunarju m'għandu jikkuntenta ruħu li jagħti biss rapport tajjeb. Hu għandu jfittex l-aqwa, u barra milli jwettaq l-appostolat b'mod perfett, hu għandu jagħti rapport li jkun mudell għall-praesidium. B'hekk iħarreġ lill-membri l-oħra kemm kif għandu jsir ix-xogħol kif ukoll kif għandu jingħata r-rapport. "L-eżempju," jgħid Edmund Burke, "hu l-iskola ta' l-umanità, u ma nitgħallmuh f'ebda skola oħra." Membru li jimxi hekk jgħolli praesidium sħiħ għall-ogħla grad ta' effiċjenza. Għax għal-kemm ir-rapport huwa biss parti mil-laqgħa, huwa madankollu l-qofol tagħha, tant li jinfluwenza lil kull ħaġa oħra tal-praesidium timxi miegħu, kemm għall-aħjar kif ukoll għall-agħar.

Aktar 'il fuq semmejna li għandna nimitaw lil Marija f'wieħed mill-aspetti tar-rapport. Barra dan, li naħsbu fiha jista' jgħinna fl-aspetti l-oħra. Ħarsa lejn l-istatwa tagħha qabel wieħed jibda r-rapport tiegħu tiżgura dan il-ħsieb. Jekk wieħed ifittex li jagħti rapport kif jaħseb li kienet tagħtih hi, żgur li jagħti rapport li, tħares kif tħares lejh, ma jkun jonqsu xejn.

"Xi Nsara jaraw f'Marija ftit aktar minn kreatura safja u ħelwa bla tarf, il-Mara l-iktar ħanina u ġentili li qatt kien hawn. B'hekk jipperikolaw li għaliha jħossu biss devozzjoni sentimentali jew, jekk huma ta' karattru qawwi, li ma jħossux ħlief ġibda żgħira lejha. Qatt ma fehmu li din il-Verġni hekk ħanina, din l-Omm hekk ġentili, hi wkoll il-Mara l-iktar qalbiena, u li qatt ma kien hawn bniedem hekk mimli b'karattru daqs din il-Mara" (Neubert: *Marija fid-Domma*).

**10. Ir-reċita tal-Catena Legionis.** F'ħin stabbilit, li l-esperjenza għallmitna li hu bejn wieħed u ieħor fin-nofs bejn l-iffirmar tal-minuti u t-tmiem tal-laqgħa (li jaħbat siegħa mill-ftuħ tal-laqgħa li s-soltu tieħu siegħa u nofs) tingħad, minn kulħadd bil-wieqfa, il-Catena Legionis (ara l-kapitlu 22, *It-Talb tal-Leġjun*).

L-Antifona tingħad mill-membri kollha flimkien; il-Magnificat jingħad vers mid-direttur spiritwali (jew fl-assenza tiegħu, mill-president) u vers mill-membri; it-talba tingħad mid-direttur spiritwali (jew mill-president) waħdu.

Is-sinjal tas-salib ma jintraddx qabel il-Catena. Jintradd minn kulħadd fl-ewwel vers tal-Magnificat. Ma jintraddx wara t-talba, għax minnufih jibda l-allocutio.

M'hemm xejn fil-Leġjun isbaħ mir-reċita flimkien tal-Catena. Kemm jekk il-praesidium hu mimli ferħ, kemm jekk mimli niket, u kemm jekk miexi għajjien fit-triq tax-xogħol ta' rutina, ir-reċita tal-Catena tasal qisha żiffa mis-sema, mimlija kollha fwieħa ta' dik li hi l-ġilju u l-warda, li tagħti r-ruħ u tferraħ b'mod tal-għaġeb. Din mhijiex tifsira pittoreska biss, kif kull leġjunarju jaf biżżejjed!

"Nisħaq speċjalment fuq il-Magnificat għax jidhirli li jista' jitqies, b'mod li l-kotra aktarx ma tifhimx, bħal dokument ta' siwi kbir wisq f'dak li għandu x'jaqsam mal-maternità ta' Marija fil-grazzja. Il-Verġni l-aktar qaddisa, ħaġa waħda kif nafuha li kienet ma' Kristu sa mill-waqt tat-tħabbira ta' l-anġlu, tqis lilha nfisha bħala r-rappreżentanta ta' 'kull nisel,' u marbuta mad-destini ta' dawk li huma tassew tagħha. Dan il-kantiku tagħha hu l-għanja tal-maternità spiritwali tagħha" (Bernard, O.P.: *Il-Misterju ta' Marija*).

"Il-Magnificat hija t-talba perfetta ta' Marija, l-għanja taż-żminijiet tal-Messija li fihom jingħaqad il-ferħ ta' Iżrael l-antik u l-ġdid. Fil-fehma ta' Sant'Irinew, fil-Kantiku ta' Marija reġa' nstema' l-ferħ t'Abraham li ħabbar il-Messija (ara Ġw 8:56), u nstemgħet profetikament minn qabel il-vuċi tal-Knisja . . . U tant hu hekk li l-Kantiku tal-Verġni xtered u sar it-talba tal-Knisja kollha ta' kull żmien" (MCul 18).

**11. L-allocutio.**[1] Meta l-leġjunarji jerġgħu joqogħdu bil-qiegħda, issir taħdita qasira mid-direttur spiritwali. Barra minn f'ċirkostanzi speċjali, din għandha tkun kommentarju fuq il-Manwal bl-iskop li biż-żmien il-membri jsiru jafu sewwa kulma fih. Għandna nagħrfu s-siwi ta' l-allocutio għax dan huwa mezz importanti fil-formazzjoni tal-membri. Il-formazzjoni tal-membri hi obbligu kbir, u tkun inġustizzja kemm lejn il-membri kif ukoll lejn il-Leġjun, jekk ma jitteħidx minnhom dak kollu li huma jistgħu jagħtu. Biex isir dan, jinħtieġ li huma jingħataw tagħrif sħiħ dwar l-għaqda tagħhom. L-istudju tal-Manwal jgħin ħafna għal dan l-iskop, iżda dan m'għandux jieħu l-post ta' l-allocutio. Il-leġjunarji jaħsbu li jkunu studjaw il-Manwal meta jaqrawh bl-

[1] L-allocutio kienet it-taħdita tal-Ġeneral Ruman lil-leġjunarji tiegħu.

attenzjoni darbtejn jew tliet darbiet. Iżda lanqas il-qari għal għaxar darbiet jew għoxrin darba ma jagħti l-grad ta' tagħrif li l-Leġjun jixtieq. Dan jinkiseb biss permezz ta' tifsir u kummentarju sistematiku tal-Manwal, kelma b'kelma, ġimgħa wara l-oħra, sena wara l-oħra, sakemm il-membri jsiru jafu sewwa kull idea li hemm fih.

Fil-każ li ma jkunx hemm id-direttur spiritwali, il-kummentarju għandu jsir mill-president jew minn membru magħżul mill-president. Nisħqu li qari biss mill-Manwal, jew minn xi dokument ieħor, mhux biżżejjed għall-allocutio.

L-allocutio m'għandux jieħu iktar minn ħames minuti jew sitta.

Id-differenza bejn praesidium fejn l-allocutio jsir bir-reqqa, u praesidium fejn isir fuq fuq, hi sewwasew bħad-differenza li hemm bejn armata mħarrġa u oħra li mhijiex.

"Jiena ili li ħassejt li minħabba li d-dinja sejra bil-ġirja mill-ħażin għall-agħar, u Alla qisu tilef il-ħakma fuq qlub il-bnedmin, hu qed jistenna aktar, bil-ħerqa u bla serħan, ħwejjeġ kbar minn dawk li għadhom fidili lejh. Hu forsi ma jistax jgħaqqad armata kbira madwar l-istendard tiegħu, iżda jrid li kull wieħed f'dik l-armata jkun *eroj,* mimli mħabba u fidil lejh f'kollox. Jekk biss jirnexxilna nidħlu f'dak iċ-ċirku setgħani t'erwieħ ġenerużi li jagħmlu l-għeġubijiet, jiena naħseb li m'hemmx grazzja li hu ma jagħtiniex biex il-ħidma li hu għandu wisq għal qalbu, il-qdusija tagħna personali, tmur 'il quddiem" (Mons. Alfred O'Rahilly: *Il-Ħajja ta' Patri William Doyle*).

**12. Meta jispiċċa l-allocutio** kulħadd irodd is-salib. Imbagħad jitkomplew ir-rapporti u x-xogħol l-ieħor tal-laqgħa.

"Huwa fatt storiku li kliem Marija kien kliem ta' mara ta' gosti raffinati b'mod tal-għaġeb. Ix-xejra naturali tagħha setgħet għamlitha, bla tbatija, poeta. Kull meta tkellmet, kliemha ħareġ b'ritmu li kien tabilħaqq poeżija. In-nisġa ta' kliemha kienet in-nisġa pittoreska ta' l-artista tal-kliem" (Lord: *Marija fid-Dinja ta' Llum*).

**13. Il-ġabra sigrieta.** Hekk kif jintemm l-allocutio ssir il-ġabra sigrieta li fiha kull membru jagħti skond kemm jista'. Din issir biex jitħallsu l-ispejjeż tal-praesidium, u tingħata għajnuna lill-Curia u lill-kunsilli ogħla. Ħalli jingħad li dawn il-korpi m'għandhomx mezz ieħor t'għajnuna jew biex iwettqu l-ħidmiet ta' treġija u tixrid tal-Leġjun barra minn dak li jaslilhom mill-praesidia (ara l-kapitlu 35, *Il-Flus).*

Il-laqgħa m'għandhiex tieqaf biex issir din il-ġabra. Il-borża għandha tgħaddi minn membru għal ieħor bla ma tagħti fil-għajn, u kull wieħed għandu jdaħħal idu fiha mqar jekk ma jagħti xejn.

Għandu jkun hemm borża apposta biex fiha jintefgħu l-offerti tal-membri. Ma jixraqx li wieħed juża ingwanta jew borża tal-karti għal din il-ġabra.

Il-ġabra hi sigrieta għax jinħtieġ li quddiem il-praesidium ma jkun hemm ebda differenza bejn dawk li jistgħu jagħtu u dawk li ma jistgħux. Għalhekk il-prinċipju tas-segretezza għandu jitħares u membru m'għandux juri lil ieħor x'ta. It-tieni, kulħadd għandu jifhem li mhux il-praesidium biss, iżda wkoll it-treġija tal-Leġjun kollu tiddependi minn dak li jingħata fil-ġabra sigrieta mil-leġjunarji individwali. Għalhekk il-ħaġa m'għandhiex titqies bħala sempliċi formalità. Dan l-obbligu ma jkunx sodisfatt billi wieħed jagħti somma tant żgħira li għalih ma tfisser xejn. Wieħed għandu jifhem li f'din il-ħaġa hu jingħata l-privileġġ li jissieħeb fil-missjoni ikbar tal-Leġjun. Għalhekk l-att li jagħti għal dan il-fond għandu jkun it-twettiq tas-sens ta' responsabbiltà u ta' ġenerożità.

Is-sigriet jinżamm biss għal dak li kull wieħed jagħti. L-ammont kollu tal-ġabra jista' jissemma, u m'għandniex xi ngħidu, għandu jinkiteb sewwa u jingħata rendikont xieraq dwaru.

"Meta Kristu jfaħħar l-offerta ta' l-armla 'li tagħti mhux miż-żejjed, imma mill-faqar tagħha' (Lq 21:3-4), aħna nissuspettaw li ħsiebu kien f'Marija, Ommu" (Orsini: *L-Istorja tal-Verġni Mbierka*).

**14. Tmiem il-laqgħa.** Meta x-xogħol ikun sar kollu, inkluż li jkun ingħata xogħol lil kull membru u inkitbet l-attendenza, il-laqgħa tagħlaq bit-talb ta' l-aħħar tal-Leġjun u bil-barka tas-saċerdot.

Il-laqgħa m'għandhiex tieħu aktar minn **siegħa u nofs** mill-ħin miftiehem li fih kellha tibda.

"Ngħidilkom ukoll li jekk tnejn minnkom fuq l-art jgħollu leħinhom flimkien biex jitolbu xi ħaġa, Missieri li hu fis-smewwiet, jagħtihielhom. Għax fejn tnejn jew tlieta jkunu miġbura f'ismi, hemm inkun jien f'nofshom" (Mt 18:19-20).

# 19

# IL-LAQGĦA U L-MEMBRU

**1. Rispett lejn il-laqgħa**

Fl-ordni kollu tan-natura, il-qawwa tgħaddi minn oġġett għal ieħor permezz ta' xi rabta, u tieqaf jekk ir-rabta tinqata'. Hekk ukoll, fis-sistema tal-Leġjun jista' jkun hemm qtugħ vitali f'xi punt. Membru jista' jmur għal-laqgħat, u b'danakollu jieħu ftit jew xejn minn dik l-ispirazzjoni, lealtà u qawwa li tfissru aktar qabel bħala l-ħajja tal-Leġjun. Għandu jkun hemm għaqda bejn il-laqgħa u l-membru u din il-għaqda ma titnissilx b'attendenza mekkanika biss min-naħa tal-membru. Jinħtieġ li fiha jidħol element biex din l-attendenza ssir ħolqa siewja bejn il-laqgħa u l-membru, u dan l-element huwa **r-rispett.** Minn dan ir-rispett lejn il-laqgħa (li jidher fl-ubbidjenza, fil-lealtà u fl-istima) jiddependi dak kollu li hemm fis-sistema tal-Leġjun.

**2. Il-praesidium għandu jkun den ta' dan ir-rispett**

Korp li fil-livell tiegħu ma jogħliex 'il fuq mil-livell tal-membri tiegħu in ġenerali, jonqsu l-element l-aktar importanti bħala gwida, u ma jdumx igawdi r-rispett tal-membri.

**3. Il-praesidium għandu jirrispetta r-regoli**

Daqskemm leġjunarju jirrispetta lill-praesidium daqstant ieħor jingħata lilu l-ispirtu leġjunarju; u billi l-qofol ta' l-ispirtu leġjunarju jinsab fl-isforz biex tinkiseb l-ogħla kwalità, il-praesidium għandu jfittex li jikseb mill-membri tiegħu l-ogħla grad ta' rispett biex hu jkun jista' jinfluwenzahom daqstant ieħor. Praesidium li jistenna mill-membri tiegħu rispett li hu stess ma jagħtix lill-kodiċi li jirregola l-ħidma tiegħu, ikun qed jibni fuq ir-ramel. Hu għal din ir-raġuni li f'dan il-Manwal ninsistu fuq il-ħtieġa ta' fedeltà sħiħa fl-ordni tal-laqgħat u fit-tmexxija ġenerali kif inhi stabbilita.

**4. Il-praesidium għandu jkun mudell ta' sodizza**

Il-Leġjun jitlob li l-laqgħat tiegħu jsiru b'livell tant għoli li jkunu ta' eżempju anki lill-membri l-aktar imħeġġa, u l-ħafna oqsma differenti tal-ħajja leġjunarja jgħinuh biex iwettaq dan id-dmir. Il-leġjunarju individwali mhux dejjem ikun jista' jwettaq id-dmirijiet tat-tisħib minħabba mard, vaganzi, jew ċirkostanzi oħra li

ma jiddependux minnu. Iżda l-praesidium, magħmul minn ħafna li ma jsibux ruħhom hekk imfixklin f'daqqa, jista' għal din ir-raġuni jogħla 'l fuq mil-limitazzjonijiet ta' l-individwu. Il-laqgħa ta' kull ġimgħa m'għandha titħalla għal ebda raġuni, barra minn meta assolutament ma tkunx tista' ssir. Jekk assolutament ma tistax issir fil-ġurnata tas-soltu għandha ssir ġurnata oħra. Il-fatt li numru kbir ta' membri ma jistgħux jattendu, mhix raġuni biex il-laqgħa ma ssirx. Ikun aħjar li l-laqgħa ssir bi ftit membri milli titħalla barra għal kollox. Tassew li ftit isir xogħol f'laqgħa bħal din, iżda l-praesidium ikun għall-inqas wettaq id-dmir l-aktar importanti tiegħu. Il-laqgħat ta' wara jistgħanew għax il-membri jħossu rispett akbar lejn ħaġa li tibqa' sejra bla ma tieqaf, minkejja dawk li jifformawha, li tibqa' soda fost in-nuqqasijiet, l-iżbalji u l-okkupazzjonijiet tagħhom ta' kull xorta. Din il-ħaġa b'xi mod tirrifletti l-karatteristika ewlenija tal-Knisja nfisha.

## 5. Sħana u dawl

Il-kamra għandha tkun imdawla sewwa, u b'temperatura tajba. Nuqqasijiet f'dawn ibiddlu f'penitenza l-laqgħat li għandhom ikunu ta' pjaċir. Dan jagħmel ħsara kbira ħafna lill-futur tal-praesidium.

## 6. Fejn joqogħdu bil-qiegħda l-membri

Għandu jkun hemm siġġijiet jew għall-anqas bankijiet, fejn il-membri joqogħdu bil-qiegħda. Jekk il-membri jixxerrdu 'l hawn u 'l hinn fuq bankijiet ta' l-iskola jew xi ħaġa oħra rranġata dak il-ħin, titnissel atmosfera ta' diżordni li fiha l-ispirtu tal-Leġjun, li hu spirtu ta' ordni, ma jsirlu l-ebda ġid.

## 7. Il-praesidia għandhom jiltaqgħu f'ħin tajjeb

Il-fatt li l-biċċa l-kbira tan-nies jaħdmu bi nhar iġib miegħu l-ħtieġa li l-laqgħat ġeneralment isiru filgħaxija jew nhar ta' Ħadd. Imma hemm ħafna li jaħdmu filgħaxija jew bil-lejl, u lil dawn wieħed għandu jaħsbilhom għal laqgħat li jsiru f'ħin tajjeb għalihom.

Hekk ukoll għandna nieħdu ħsieb dawk li jaħdmu bix-xift, jiġifieri l-ħaddiema li l-ħinijiet tax-xogħol tagħhom jitbiddlu minn żmien għal ieħor. Żewġ praesidia bil-ħinijiet tal-laqgħat tagħhom differenti ħafna minn xulxin għandhom jaħdmu id f'id biex

isieħbu fihom dawn il-membri, u l-membri jattendu f'wieħed jew f'ieħor mill-praesidia skond il-ħin liberu tagħhom. Biex jiżguraw kontinwazzjoni ta' attendenza u ħidma, jinħtieġ li l-praesidia jikkonsultaw lil xulxin sikwit.

**8. It-tul tal-laqgħa**

Il-laqgħa m'għandhiex tieħu aktar minn **siegħa u nofs** mill-ħin miftiehem li fih għandha tibda. Jekk minkejja t-tmexxija għaqlija tal-laqgħa, jinstab li bl-għeluq tal-laqgħa fil-ħin li suppost, ix-xogħol sikwit ikollu jitqassar jew isir bil-għaġla aktar milli jmissu, dan ikun sinjal li l-praesidium ikollu wisq x'jagħmel. Jista' jkun il-każ li l-praesidium irid jinqasam.

**9. Laqgħat mhux twal biżżejjed**

M'hemmx preskritt minimu fit-tul tal-laqgħat. Iżda jekk il-laqgħat sikwit jieħdu anqas minn siegħa (li minnha t-talb, il-qari spiritwali, il-minuti u l-allocutio jieħdu nofs siegħa), ikun jidher ċar li x'imkien hemm xi nuqqas. Kemm jekk ġej min-numru tal-membri, kemm jekk mill-kwantità ta' ħidmiet, kif ukoll jekk mill-kwalità tar-rapporti, dan in-nuqqas għandu jissewwa. F'oqsma industrijali, jekk hemm suq għall-prodott u l-makkinarju ma jitħaddimx b'mod li jagħti l-akbar produzzjoni li jista', dan jitqies bħala nuqqas gravi fis-sistema. Hekk ukoll is-sistema tal-Leġjun għandha titħaddem l-aktar li tista' titħaddem. Ħadd ma jista' jgħid li m'hemmx ħtieġa ta' l-ikbar ġid spiritwali possibbli.

**10. Membri li jaslu tard għal-laqgħat jew jitilqu kmieni**

Leġjunarji li jaslu wara li jkun intqal it-talb tal-bidu, għandhom joqogħdu għarkubbtejhom u jgħidu waħedhom it-talb (mit-tessera) ta' qabel ir-rużarju u s-sejħat ta' warajh. Iżda t-telfa tar-rużarju tal-praesidium ma tistax tissewwa. Hekk ukoll, membri li jkollhom jitilqu qabel l-għeluq tal-laqgħa għandhom l-ewwel jieħdu permess mingħand il-president, u mbagħad joqogħdu għarkubbtejhom u jgħidu t-talba *Taħt il-ħarsien tiegħek* u s-sejħat li jiġu wara.

Għall-ebda raġuni ma jista' membru jitħalla jiġi tard jew jitlaq kmieni ta' sikwit. Tassew li x-xogħol jista' jsir u r-rapport jingħata, iżda li wieħed ma jimportahx li jitlef it-talb tal-bidu jew it-talb ta' l-aħħar, bir-raġun jista' jittieħed li juri mentalità li ma taqbilx ma'

l-ispirtu veru tal-Leġjun, li hu spirtu ta' talb, jew ukoll li hi kontra dan l-ispirtu. Deni, mhux ġid, ikun il-frott ta' tisħib bħal dan.

**11. L-ordni hi l-għerq tad-dixxiplina**

Mingħajr spirtu ta' dixxiplina l-laqgħa tkun bħal moħħ ċar f'ġisem mifluġ. Ma jkollha ebda ħila li trażżan il-membri u tmexxihom 'il quddiem biex tifformahom. Il-Leġjun jagħraf li biex il-membri tiegħu jikbru fid-dixxiplina jinħtieġ:

1. li l-laqgħat isiru fedelment kif titlob ir-regola;
2. li dmir jiġi wara ieħor b'mod ordinat;
3. li l-affarijiet isiru f'ħinhom kif mitlub mis-sistema; u
4. li nagħrfu li Marija hija l-għajn ta' dik l-ordni.

Mingħajr dixxiplina, il-membri jkunu għal kollox ilsiera tax-xejra naturali li hemm fil-bniedem li jaħdem għal rasu, jew b'kontroll mill-inqas. Hu jwettaq xogħol skond ix-xewqa tal-mument, u kif ifettillu. Minn dan ma joħroġ l-ebda ġid.

Min-naħa l-oħra fid-dixxiplina li minn jeddna nħaddnu għal skopijiet reliġjużi, tinsab waħda mill-qawwiet l-iktar kbar fid-dinja. Dik id-dixxiplina tkun irreżistibbli jekk titħaddem b'mod sod, iżda fl-istess ħin mingħajr ħruxija, u bi tweġiba mill-qalb għas-sejħa ta' l-Awtoritajiet tal-Knisja.

Fl-ispirtu karatteristiku tiegħu ta' dixxiplina l-Leġjun għandu teżor li jista' wkoll jagħtih lill-barranin. Hu don mill-akbar għax id-dinja tilgħab bla fejda bejn in-naħat opposti ta' ħruxija u libertinaġġ. Nuqqas ta' dixxiplina interjuri jista' jinħeba wara dixxiplina qawwija esterjuri, li tkun il-frott ta' drawwa jew kmand. Fejn individwi jew komunitajiet jiddependu biss minn dik id-dixxiplina esterjuri, jiġġarrfu f'daqqa jekk, bħalma jiġri f'mumenti ta' kriżi, tonqoshom dik id-dixxiplina. Għalkemm id-dixxiplina interjuri tiswa bla tarf aktar minn kull sistema ta' dixxiplina esterjuri, m'għandniex nissoponu li ta' l-aħħar ma tiswa xejn. Tabilħaqq, waħda tinħtieġ l-oħra. Meta t-tnejn jingħaqdu flimkien fi proporzjon xieraq, minsuġin bl-iskop ħelu tar-reliġjon, aħna naqbdu f'idejna dak il-ħabel bi tlieta, li l-Iskrittura tgħid li "m'hux lakemm jinqata' " (Koħ 4:12).

**12. Il-puntwalità hi wisq importanti**

Mingħajr il-puntwalità, il-kmand tal-Mulej: "Aħseb għal darek" (Is 38:1) ma jistax iseħħ. Sistema li tħarreġ il-membri tagħha fid-diżordni, tgerfixhom mill-għeruq. Barra minn hekk, sistema

bħal din titlef dak ir-rispett li huwa l-bażi ta' kull edukazzjoni u dixxiplina vera. Żgur li traskuraġni ta' ħaġa hekk importanti, li wieħed jista' jirranġa bla tbatija, hi bluha daqs il-mod li bih, kif ngħidu, wieħed jgħarraq il-borma għal ftit melħ!

Mindaqqiet wieħed jieħu ħsieb li jqiegħed arloġġ fuq il-mejda, iżda l-laqgħa ssir qisu l-arloġġ ma jeżistix. F'każijiet oħra jservi iva għal xi ħaġa, ngħidu aħna biex jimmarka l-bidu, in-nofs u l-għeluq tal-laqgħa, iżda xejn ma jservi biex jirregola r-rapporti u x-xogħol l-ieħor; waqt li l-prinċipju tal-puntwalità u l-ordni jiswa għal kollox, mill-bidu sat-tmiem.

Jekk l-uffiċjali jonqsu f'dan, il-membri għandhom jiġbdulhom l-attenzjoni. Inkella jkunu qegħdin jgħinu f'dawk in-nuqqasijiet, u jissieħbu ma' min jagħmilhom.

## 13. Kif għandu jingħad it-talb

Xi membri bla sabar isibuha bi tqila li jikkontrollaw ruħhom saħansitra fit-talb. Xejra ħażina bħal din tista' tiġbed warajha praesidium sħiħ li jibda jgħid it-talb b'mod li jersaq ħafna lejn in-nuqqas ta' qima. Fil-fatt, jekk hemm nuqqas ftit jew wisq ġenerali, dan hu li t-talb jingħad mgħaġġel wisq. Dan qisu juri nuqqas ta' ħsieb lejn dak il-kmand li jobbliga l-leġjunarji li jitolbu bħallikieku Sidtna Marija nfisha, flok l-istatwa tagħha, kienet preżenti fosthom.

## 14. It-talb għandu jkun ħaġa waħda mal-laqgħa

Kull tant żmien isir suġġeriment li r-rużarju jista' jingħad quddiem Ġesù Sagramentat qabel ma l-membri jmorru fil-kamra tal-laqgħa. Din il-proposta ma tistax tintlaqa' minħabba l-prinċipju ġenerali li l-unità tal-laqgħa hi essenzjali għas-sistema kollha kemm hi tal-Leġjun. Bl-unità fil-laqgħa, ix-xogħol kollu jieħu karattru kollu kemm hu ta' talb. Dan jagħti frott mill-akbar ta' eroiżmu u sforz, karattru li l-laqgħa titilfu kieku l-biċċa l-kbira tat-talb kellu jingħad band'oħra. Dak is-suġġeriment ibiddel il-karattru kollu tal-laqgħa, u għalhekk tal-Leġjun innifsu, li jinbena fuq il-laqgħa. Infatti, l-assoċjazzjoni li toħroġ minn dak it-tibdil, ikunu kemm ikunu kbar il-merti tagħha, ma tibqax iżjed il-Leġjun ta' Marija. Meta għidna dan, jidher li m'hemmx għalfejn insemmu li m'għandu qatt jitħalla barra r-rużarju, jew xi parti oħra tat-talb, ikunu x'ikunu r-raġunijiet. Kif in-nifs hu meħtieġ biex il-bniedem jgħix, l-istess hu r-rużarju għal-laqgħat tal-Leġjun.

### 15. Id-devozzjonijiet tal-Knisja u l-laqgħa

Għar-raġuni li għadha kif issemmiet, meta l-membri ta' praesidium ikunu qalu t-talb tal-Leġjun f'xi knisja jew waqt xi funzjoni qabel il-laqgħa ta' kull ġimgħa, hemm l-obbligu li fil-laqgħa tal-praesidium dak it-talb jerġa' jingħad kollu.

### 16. Talb speċjali fil-laqgħa

X'uħud ta' spiss jistaqsu jekk it-talb tal-laqgħa jistax jingħad għal fehmiet speċjali. Intenzjonijiet bħal dawn jinqalgħu sikwit, u għalhekk tajjeb li niċċaraw x'għandu jsir:

1. Jekk il-mistoqsija hi jistax jingħad it-talb tal-laqgħa għal fehmiet speċjali, it-tweġiba hi li dak it-talb għandu jingħad għall-fehmiet ta' Sidtna Marija, Sultana tal-Leġjun, u għal ebda fehma oħra.

2. Jekk il-mistoqsija hi jistax mat-talb tal-Leġjun jiżdied talb ieħor għal fehmiet speċjali, it-tweġiba hi li t-talb li hemm ġa hu twil biżżejjed, u ordinarjament m'għandux jittawwal iżjed. Iżda wieħed jifhem li minn żmien għal ieħor ħwejjeġ ta' interess eċċezzjonali tal-Leġjun jistgħu jeħtieġu talb speċjali; u f'dak il-każ tista' tiżdied xi talba żgħira mat-talb ordinarju tal-laqgħa. Ninsistu li żidiet bħal dawn għandhom isiru fil-bogħod.

3. M'għandniex xi ngħidu, fehmiet speċjali jistgħu jiġu rrikkmandati lill-membri biex jiftakru fihom fid-devozzjonijiet privati tagħhom.

### 17. Jista' r-rapport imur kontra l-umiltà?

Ġie li ġara li xi membri riedu jiġġustifikaw rapport bla siwi billi jgħidu li ħassewh kontra l-umiltà li jiftaħru bil-ġid li kienu qed jagħmlu. Iżda hemm kburija li tieħu sura ta' umiltà, u li l-poeti jsejħulha d-dnub l-aktar għal qalb ix-xitan. Għalhekk, dawk il-membri għandhom joqogħdu attenti li f'dak il-ħsieb tagħhom ma jidħlux il-ħidmiet moħbija mhux ta' l-umiltà iżda tal-kburija nfisha, u x-xewqa mhix żgħira li jeħilsu l-ħidmiet tagħhom mill-kontroll sħiħ tal-praesidium. Għaliex l-umiltà vera żgur li ma ġġegħelhomx jibdew mġiba qarrieqa li, jekk il-membri l-oħra jimitawha, iġġarraf il-praesidium. Għaliex żgur li s-sempliċità Nisranija ġġiegħel lill-membri jaħarbu milli jinqatgħu għalihom, ibaxxu rashom bil-ħlewwa għar-regoli u d-drawwiet tal-għaqda tagħhom, u jagħtu bir-reqqa s-sehem tagħhom individwali, iżda

essenzjali, għall-bini tal-laqgħa li, kif diġà għidna, kull rapport li jingħata fiha hu bħal ġebla.

**18. Il-ftehim ifisser l-għaqda**

Il-ftehim, li juri minn barra l-ispirtu ta' mħabba, għandu jsaltan fuq kollox fil-laqgħa. L-effiċjenza, fis-sens leġjunarju tal-kelma, qatt ma twarrab l-idea ta' ftehim. Ġid li biex wieħed jiksbu jdgħajjef il-ftehim bejn il-membri ma tantx jista' jkun ta' siwi; waqt li dawk in-nuqqasijiet li huma essenzjalment kontra l-ftehim, fil-Leġjun għandna naħarbuhom bħall-pesta. Qegħdin nitkellmu fuq difetti bħalma huma l-arroganza, it-tiftix tan-nuqqasijiet fl-oħrajn, il-korla, it-tmaqdir ċiniku, u l-wiri ta' superjorità, li meta jidħlu fil-laqgħa l-ftehim jgħib minnufih.

**19. Ix-xogħol ta' kull wieħed għandu jinteressa lil kulħadd**

Il-laqgħa tibda bit-talb li fih kulħadd iħoss li jieħu sehem indaqs. Dan is-sentiment għandu jkun il-marka ta' kull ħaġa li tiġi wara fil-laqgħa. Għalhekk m'għandux ikun hemm kliem jew daħk bejn membru u ieħor waqt il-laqgħa. Il-membri għandhom jiġu mgħallma li kull każ hu ta' interess mhux biss għall-membru jew tnejn li jkunu jaħdmu fuqu, iżda għal dawk kollha preżenti, bħallikieku kull wieħed minnhom ikun spiritwalment qed jagħmel żjara lil kull persuna jew post imsemmijin fil-ħidma li tkun. Mingħajr dan is-sentiment il-membri ma jisimgħux b'attenzjoni xierqa r-rapporti u l-kummenti fuq ix-xogħol ta' l-oħrajn, waqt li kull mument għandu jkun mimli mhux biss bl-attenzjoni li wieħed jagħti lil rakkont interessanti ta' xi ħidma, iżda b'sens ta' kuntatt sħiħ u ta' interess personali.

**20. Il-konfidenzjalità hi ta' l-akbar siwi**

Ir-regoli prinċipali, moqrija lill-membri xahar wara ieħor, għandhom juruhom kemm hi importanti l-konfidenzjalità fil-pjan tal-Leġjun.

Nuqqas ta' qlubija f'suldat jitqies bħala għajb, iżda tradiment hu wisq u wisq agħar. Ikun traditur tal-Leġjun min jgħid lill-barranin ħwejjeġ ta' natura konfidenzjali li jkun sar jaf bihom jew iddiskutihom f'laqgħa tal-praesidium. Fl-istess ħin għandna nkunu raġonevoli f'kollox. Xi kultant nies bi ħrara żejda jistgħu jinsistu li biex ma jonqsux mill-imħabba tal-proxxmu, il-leġjunarji

ma għandhomx isemmu ismijiet fil-praesidium u lanqas jagħtu rapporti fejn ikun hemm traskuraġni tar-reliġjon.

Iżda dan is-suġġeriment li għall-ewwel jidher li hu tajjeb, hu żbaljat u fih hemm theddida għall-ħajja tal-Leġjun għax il-praesidium ma jistax jaħdem sew f'dawn il-kondizzjonijiet:

1. Din il-prattika ma taqbilx mal-prattika ġenerali tas-soċjetajiet, li kollha kemm huma għandhom id-drawwa li jiddiskutu l-każijiet tagħhom.

2. Din il-proposta tkun tfisser, b'konsegwenza loġika, li l-membri li jagħmlu ż-żjajjar flimkien ikunu jridu jżommu l-konfidenzjalità anke bejniethom stess.

3. Iċ-ċellola tal-ħidma, tat-tagħrif u ta' l-imħabba mhijiex la l-membru individwali u lanqas iż-żewġ membri li jagħmlu ż-żjajjar flimkien. Il-praesidium hu dik iċ-ċellola, u l-irqaqat tal-każi ordinarji kollha għandhom jingħataw lilu. Jekk dawn ir-rapporti ma jingħatawx, il-praesidium jitlef l-influwenza tiegħu. Taħt l-iskuża ta' l-imħabba l-interessi veri ta' l-imħabba jiġu mhedda.

4. M'hemm l-ebda xebh mal-każ tas-saċerdot, li d-dmirijiet qaddisa tiegħu jqegħduh fuq livell differenti minn dak tal-leġjunarju. Dan ta' l-aħħar, fiż-żjara tiegħu, isir jaf ftit aktar milli tista' tkun taf kull persuna oħra rispettabbli, u minn dak li jafu bih il-ġirien jew in-nies taż-żona.

5. Jekk jitwarrab mill-membri l-obbligu li jagħtu rapporti sħaħ, jitwarrab ukoll dak is-sens ta' kontroll sħiħ li hu hekk importanti fis-sistema tal-Leġjun. L-ebda parir ta' siwi jew tmexxija jew kritika ma jkun jista' jingħata, b'mod li l-idea essenzjali tal-praesidium tkun imfixkla. Il-formazzjoni u l-ħarsien tal-membri, li huma bbażati fuq ir-rapporti, isiru impossibbli. Jekk ir-rapporti li l-membri jagħtu kull ġimgħa ma jkunx fihom dettalji biżżejjed biex isir il-kontroll bir-reqqa kif issemma' aktar qabel, hi ħaġa kważi ċerta li jidħol in-nuqqas ta' għaqal li jista' jikkaġuna ħsara lil-Leġjun.

6. L-aktar ħaġa li ma titwemminx, ir-rabta tal-konfidenzjalità nfisha tillaxka. Għaliex il-garanzija tal-konfidenzjalità leġjunarja (imħarsa llum b'mod hekk tal-għaġeb) hi l-kontroll tal-praesidium fuq il-membru. Jekk dan il-kontroll jiddgħajjef, ir-rabta tal-konfidenzjalità tiddgħajjef miegħu. F'kelma waħda, il-praesidium mhux biss hu ċ-ċentru ta' l-imħabba u tal-konfidenzjalità, iżda hu l-akbar appoġġ tagħhom.

Ir-rapporti fil-laqgħa għandhom jitqiesu bħad-diskussjoni fil-familja tas-sigrieti tagħha, u l-membri għandhom jitkellmu bil-libertà kollha sakemm jintwera li xi leġjunarju ma żammx is-sigriet. U f'dak il-każ ukoll, ir-rimedju mhuwiex li nillimitaw ir-rapporti, iżda li nkeċċu t-traditur.

M'għandniex xi ngħidu, xi kultant niltaqgħu ma' xi każ rari li minħabba ċ-ċirkostanzi tiegħu m'għandna ngħidu assolutament xejn fuqu. Għandna mill-ewwel ngħidu bih lid-direttur spiritwali (jew jekk dan ma jkunx hemm lil ħaddieħor li jista' jagħtina parir) biex jara x'għandna nagħmlu.

## 21. Il-libertà tal-kelma

Jista' wieħed juri li ma jaqbilx mal-metodi tal-laqgħa? L-atmosfera tal-praesidium m'għandux ikollha karattru militari, iżda wieħed ta' familja.

Għalhekk għandna nilqgħu bil-qalb kummenti xierqa mill-membri. Iżda, m'għandniex xi ngħidu, dawk il-kummenti m'għandhomx ikunu b'ton ta' sfida jew jonqsu mir-rispett lejn l-uffiċjali.

## 22. Il-laqgħa hija l-ikbar appoġġ għat-tisħib

Hi tendenza tal-bniedem li jfittex bla sabar li jkollu riżultati li jidhru, u mbagħad jixba' b'dak li jinkiseb. Barra minn hekk, riżultati li jidhru mhumiex prova ċerta tas-suċċess fix-xogħol. Xi membri jiksbuhom malli jagħmlu l-ewwel pass, waqt li l-perseveranza erojka ta' oħrajn ma tikseb xejn. Wara sens ta' sforz moħli tiġi t-tħollija tax-xogħol, b'mod li s-siwi tax-xogħol jitqies mir-riżultati biss. Din hi art ramlija li fuqha ma jistrieħx fit-tul it-tisħib ordinarju. Hu meħtieġ li nserrħu fuq is-sod. Il-leġjunarji jsibu dan fir-rikkezza tat-talb, fir-ritwal, fl-atmosfera unika, fir-rapporti ta' dmirijiet imwettqa, fil-ħbiberija mbierka, fil-ġibda tad-dixxiplina, fl-interess ħaj, fl-ordni nfisha u dawn flimkien kull ġimgħa jifformaw il-laqgħa tal-praesidium tagħhom.

F'dawn ma nsibu l-ebda ħsieb ta' sforz moħli biex jillaxka t-tisħib, iżda kollox biex jorbtu sew. Hekk kif laqgħa tiġi regolarment wara oħra, jidher is-siwi ta' makkinarju jaħdem tajjeb li żgur jikseb l-iskop li għalih inħaseb, u li jagħti dik il-garanzija determinata ta' ħidma siewja li minnha jiddependi t-tisħib perseveranti. Jaħsbu ftit aktar il-leġjunarji, u jaraw f'dan il-mekkaniżmu l-magna tal-gwerra li Marija trid tħaddem għat-tixrid tas-saltna ta' Binha. Huma l-partijiet tagħha. It-tħaddim tagħha

jiddependi minn kif huma jagħtu ruħhom għaliha. It-tisħib fidil tagħhom ifisser li qed taħdem b'mod perfett, u Marija tinqeda bihom biex tikseb ir-riżultati li tixtieq. Dawn ikunu riżultati perfetti għaliex "Marija biss taf perfettament fejn tinsab l-ikbar glorja ta' l-Aktar Għoli" (San Lwiġi-Marija de Montfort, DV 151).

**23. Il-praesidium huwa "preżenza" ta' Marija**

Il-pariri ta' dan il-kapitlu għandhom bħala skop tagħhom l-għaqda aktar perfetta ta' l-individwi f'korp sod, lest li jaqdi fl-appostolat pastorali uffiċjali tal-Knisja. Wieħed jista' jxebbah ir-relazzjoni bejn dak l-appostolat ta' flimkien u l-appostolat individwali mar-relazzjoni li hemm bejn il-Liturġija u t-talb privat.

Dak l-appostolat huwa magħqud mal-maternità ta' Marija u sostnut minnha. Għaliex kienet Marija "li tat lid-dinja l-istess Ħajja li jġedded kollox, u li ġiet mogħnija minn Alla b'doni li jixirqu għal missjoni hekk għolja" (LG 56). Hija tkompli twettaq dik il-missjoni permezz tal-ħidma ta' dawk li jridu jgħinuha. Il-praesidium jagħtiha f'idejha ġemgħa ta' erwieħ kollha mħabba lejha, ħerqana biex jgħinuha f'dik il-missjoni. Hija ħaġa żgura li Marija taċċettaha dik l-għajnuna. Għalhekk nistgħu nħarsu lejn il-praesidium bħala forma ta' preżenza lokali ta' Marija. Permezz tiegħu hija turi d-doni singulari tagħha u ġġedded il-maternità tagħha. Hekk wieħed jista' jistenna li praesidium li hu fidil għall-ideali tiegħu jxerred madwaru l-ħajja u t-tiġdid u l-fejqan u s-soluzzjoni tal-problemi. Postijiet li għandhom xi problemi għandhom japplikaw dan il-prinċipju spiritwali.

"Agħti spalltek ħa ġġorr il-piż tiegħu, u tiddejjaqx mill-ilġiem tiegħu. Ejja għandu b'ruħek kollha, u b'ħiltek kollha żomm fi triqatu. Stħarreġ għalih u fittxu, u ssir tafu, u meta jiġi taħt idejk, titilqux; għax fl-aħħar issib il-mistrieħ li jagħti, u jinbidel f'ferħ għalik; u jkunu għalik il-ktajjen bħal kenn sod, u l-irbit tiegħu bħal ilbies ta' glorja. Il-madmad tiegħu tiżjin tad-deheb, u lġiemu ħabel tal-porpra" (Sir 6:25-30).

# 20

# IS-SISTEMA TAL-LEĠJUN MA TITBIDDILX

1. Il-membri ma jistgħux ibiddlu r-regoli u d-drawwiet kif jogħġobhom. Is-sistema mfissra hawn hi s-sistema tal-Leġjun. Kull tibdil, żgħir kemm ikun żgħir, jiftaħ il-bieb għal tibdil ieħor, sakemm f'qasir żmien jinħoloq korp li ħlief l-isem ma jkollu kważi xejn aktar mil-Leġjun. Il-Leġjun ma jaħsibhiex darbtejn li jiċħdu, anki jekk jagħmel ħidma ta' siwi.

2. L-esperjenza għallmet li l-isem ta' għaqda ftit li xejn ifisser għal xi wħud. Huma jqisuha bħala tirannija jekk ma jitħallewx jinqdew b'isem għaqda magħrufa għal xi invenzjoni ta' moħħhom.

Kultant jitfaċċaw "modernizzaturi" li, filwaqt li jħallu l-isem, iridu jbiddlu kważi kollox fil-Leġjun. Ma jarawx dawn li meta jaħtfu taħt idejhom il-Leġjun u l-membri tiegħu, ikunu qed jagħmlu l-agħar xorta ta' serq, għax hu serq fl-ordni spiritwali?

3. U xi postijiet, bħal xi persuni, minn xi daqqiet jidhrilhom li m'humiex bħall-oħrajn, u li l-każ tagħhom għandu jkollu liġijiet għalih. Għalhekk jiġri li, minn żmien għal ieħor, isiru proposti biex is-sistema tal-Leġjun titgħawweġ biex tħaddan dawn l-hekk imsejħa ċirkostanzi speċjali. Tibdiliet bħal dawn, jekk isiru, ikollhom konsegwenzi koroh. Għax jinbtu kważi dejjem, mhux minn xi ħtieġa vera (il-Leġjun ġa wera li jista' jitħaddem kullimkien), iżda minn tħaddim ta' spirtu falz ta' indipendenza. Dan ma jġib qatt il-barkiet speċjali tas-sema, u l-frott ta' dik l-indipendenza hu dejjem li jiġbed 'il barra mil-Leġjun. Imma billi mhux dejjem jirnexxilek tikkonvinċi b'dan lill-bnedmin, lil dawk li jwebbsu rashom u jħaddmu kif jidhrilhom ir-regoli tal-Leġjun, ngħidulhom biss li t-triq waħdanija li l-irġulija tistenna minnhom hi li ma jinqdewx bl-isem tal-Leġjun għall-invenzjoni tagħhom.

4. Barra minn dan, meta jġanntu minn hawn u minn hemm, kif sikwit jagħmlu nies li jaħsbu li jifhmu ħafna, qatt ma jirnexxilhom iwasslu għal dik il-ħlewwa u ispirazzjoni li fformaw il-

qawwa vera tal-bidu. Hekk ir-riżultat ta' din il-għamla ta' kirurġija jkun katavru. Imma l-aktar li tista' tinħoloq tkun magna sabiħa u xejn aktar. Meta l-konsegwenzi jkunu riżultati fqar jew falliment, ikun hemm responsabbiltà kbira x'wieħed jerfa'.

5. Id-diversi kunsilli tal-Leġjun jeżistu prinċipalment biex iħarsu bla mittiefsa s-sistema tal-Leġjun. Jiswielhom x'jiswielhom, għandhom ikunu fidili lejn dak li ġie fdat f'idejhom.

"Is-sistema tal-Leġjun ta' Marija hi mill-aktar eċċellenti" (Il-Beatu Ġwanni XXIII).

"Għandkom tilqgħu kollox, jew tiċħdu kollox; it-tnaqqis idgħajjef, u l-qtugħ jimmanka. Ma jixraqx li tilqa' kollox barra xi ħaġa li hi integrali daqs kull parti oħra" (Il-Kardinal Newman: *Essay fuq l-Iżvilupp*).

# 21

# ID-DAR MISTIKA TA' NAZARET

Id-Duttrina tal-Ġisem Mistiku ta' Kristu tista' tiġi applikata b'mod partikolari għal-laqgħat tal-Leġjun, speċjalment għal-laqgħa tal-praesidium li hi l-qalba tas-sistema tal-Leġjun.

"Fejn tnejn jew tlieta jkunu miġbura f'ismi hemm inkun jien f'nofshom" (Mt 18:20). Dan il-kliem ta' Sidna Ġesù Kristu jiżgurana li l-preżenza qawwija tiegħu fil-membri tal-Ġisem Mistiku tiegħu titkattar skond in-numru ta' dawk li jingħaqdu biex jaqduh. Hu jsemmi n-numru bħala kondizzjoni biex juri għal kollox il-qawwa tiegħu. Jista' jkun li dan hu minħabba n-nuqqasijiet individwali tagħna, billi l-virtujiet ta' kull wieħed huma hekk fqajrin li ma jħallux lil Kristu jidher sħiħ f'wieħed waħdu.

Xbieha sempliċi meħuda min-natura turi kif dan jista' jiġri. Ħġieġa kkulurita tħalli jgħaddi minnha biss id-dawl tal-kulur tagħha, waqt li ma tħallix jgħaddu l-kuluri l-oħra kollha. Iżda meta ħġieġ tal-kuluri differenti kollha jitfgħu d-dawl tagħhom flimkien, dawn jingħaqdu biex jitfgħu l-milja tad-dawl. Bl-istess mod, meta l-Insara jingħaqdu f'ċertu numru biex jaqdu lill-Mulej,

u kull wieħed joffri kwalitajiet li l-ieħor ma għandux, Alla, permezz tagħhom, ikun jista' juri l-perfezzjoni u l-qawwa tiegħu b'mod aktar sħiħ.

Meta għalhekk il-leġjunarji jiltaqgħu flimkien fil-praesidium f'isem il-Mulej u għax-xogħol tiegħu, hu jkun fosthom b'dak il-mod qawwi; jidher ċar li din il-qawwa toħroġ minnu hemmhekk (Mk 5:30).

F'dik il-familja żgħira leġjunarja flimkien ma' Ġesù hemm ukoll Ommu Marija u San Ġużepp, li għandhom mal-praesidium l-istess relazzjoni li kellhom ma' Ġesù. F'dan l-isfond għandna nqisu l-praesidium bħala xbieha tad-Dar ta' Nazaret u dan mhux bħala eżerċizzju ta' devozzjoni biss, iżda bħala ħaġa bbażata fuq ir-realtà. "Aħna għandna nqisu," jgħid Bérulle, "il-ħwejjeġ u l-misteri ta' Ġesù mhux bħala ħwejjeġ li għaddew u mietu, iżda bħala ħwejjeġ ħajja u ta' llum, anzi ta' dejjem." Hekk ukoll nistgħu nxebbhu b'sens ta' devozzjoni l-post u l-għamara tal-praesidium mal-bini u l-għamara tad-Dar Imqaddsa; u nistgħu nqisu l-mod ta' kif il-leġjunarji jħarsu lejn dawn l-affarijiet bħala prova ta' kemm jgħożżu l-verità li Kristu jgħix ġo fina u jaħdem permezz tagħna, u jrid jinqeda bl-istess affarijiet li ninqdew bihom aħna.

Dan il-ħsieb jagħti mottiv ħelu u qawwi biex nagħtu attenzjoni xierqa għall-ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu mal-praesidium u jifformaw daru.

Il-leġjunarji jista' jkollhom kontroll limitat fuq il-kamra fejn jiltaqgħu, iżda l-affarijiet l-oħra li jużaw għal-laqgħa, bħalma huma l-mejda, is-siġġijiet, l-altar u l-kotba, huma aktar taħt il-kontroll tagħhom. Kif qegħdin il-leġjunarji jgħinu lil omm il-praesidium — Dar ta' Nazaret — biex tnissel fih ukoll il-kura għaqlija tad-dar li hi bdiet ħafna żmien ilu fil-Galilija? Il-għajnuna tagħhom hi meħtieġa għaliha. Jistgħu jiċħduhielha jew jagħtuhielha bla kont — u b'hekk iħassru l-ħidma tagħha għal Kristu Mistiku. B'din l-idea quddiem għajnejhom il-leġjunarji għandhom jipprovaw jimmaġinaw kif Marija kienet iżżomm id-dar tagħha.

Kienet fqira u l-għamara tagħha kienet sempliċi. Iżda żgur li kienet sabiħa ħafna. Għax fost in-nisa u l-ommijiet ta' kull żmien din kienet unika, mogħnija b'gosti l-iżjed delikati li ma setgħux ma jidhrux f'kull ħaġa tad-dar. Imqar l-iżjed ħaġa sempliċi kellha b'xi mod is-sbuħija tagħha; kien hemm x'jiġbdek ukoll fl-affarijiet

komuni. Għax hi ħabbet, kif hi biss setgħet tħobb, dawk il-ħwejjeġ kollha minħabba dak li ħalaqhom, u li issa kien qiegħed jinqeda bihom bħala bniedem. Ħadet ħsiebhom, naddfithom u ġabithom ileqqu, u fittxet li tagħmilhom sbieħ; għax kien xieraq li jkunu perfetti. Aħna nistgħu nibqgħu ċerti li xejn ma kien hemm stunat f'dik id-dar. Ma setax ikun hemm. Għax dik id-dar ċkejkna ma kienet bħal ebda waħda oħra. Kienet il-benniena għall-fidwa, l-ambjent li fih kellu jgħix Sid id-dinja. Kull ma kien hemm fiha serva b'mod misterjuż biex isawwar lil dak li kien ħalaq kollox. Għalhekk kollox kellu jkun addattat biex jilħaq dak l-iskop tant għoli; u hekk tassew kien bl-ordni, bl-indafa, bis-sbuħija u b'ċerta reqqa li Marija fittxet li tagħtih.

Bil-mod tiegħu proprju, kollox fil-praesidium jieħu sehem fil-formazzjoni tal-membru, u għalhekk kollox għandu juri dawk il-karatteristiċi tad-Dar Imqaddsa, sewwasew kif il-leġjunarji nfushom għandhom jirriflettu lil Ġesù u lil Marija.

Awtur Franċiż kiteb ktieb jismu *Vjaġġ Madwar Kamarti.* Agħmel vjaġġ bħal dan bil-ħsieb madwar il-praesidium tiegħek u ifli b'mod l-aktar kritiku kulma jolqot il-għajn u l-widna: l-art, il-ħitan u t-twieqi; l-għamara; il-biċċiet ta' l-altar, u speċjalment l-istatwa li tirrappreżenta l-fus tal-familja, l-omm. Fuq kollox osserva l-imġiba tal-membri u l-metodu li bih titmexxa l-laqgħa.

Jekk kollox ma' kollox dak li naraw u nisimgħu ma jaqbilx mad-Dar ta' Nazaret, aktarx li l-ispirtu ta' Nazaret ma jgħammarx f'dak il-praesidium. Iżda mingħajr dak l-ispirtu, il-praesidium ikun agħar minn mejjet.

Xi mindaqqiet l-uffiċjali, bħal ġenituri indenji, iħassru lil dawk fdati f'idejhom. Insibu li l-uffiċjali għandhom kważi dejjem il-ħtija għan-nuqqasijiet tal-praesidia. Jekk il-membri mhumiex puntwali u regolari fl-attendenza, ma jagħmlux xogħol biżżejjed u jagħmluh meta jfettlilhom, jonqsu fl-imġiba tagħhom fil-laqgħa, dan isir għax in-nuqqas ta' mġiba tajba jitħalla għaddej, għax mhumiex jiġu mgħallma jagħmlu aħjar. Qegħdin jitħassru ħtija tat-taħriġ li qegħdin jirċievu mill-uffiċjali tagħhom.

Qabbel dawk in-nuqqasijiet kollha mad-Dar ta' Nazaret. Ġib quddiem għajnejk lil Sidtna Marija ma tagħti ebda kont ta' l-irqaqat u l-ordni, u tagħti lil Binha dik is-sura ta' taħriġ li jħassru! Ipprova — ħaġa tqila, iżda pprova — ġibha quddiem għajnejk liebsa bla galbu, dgħajfa, ma tistax tafdaha, indifferenti, tħalli d-Dar Imqaddsa tinqaleb ta' taħt fuq, b'mod li l-ġirien jitkellmu

fuqha bi stmerrija! M'għandniex xi ngħidu, il-ħsieb biss huwa ħaġa tal-fantasija. Iżda fost l-uffiċjali tal-Leġjun insibu numru mhux żgħir li jħallu bla mistħija l-affarijiet jaslu sa hawn fil-praesidium — Dar ta' Nazaret — li huma jgħidu li qegħdin jamministraw bħala xbieha ħajja ta' Sidtna Marija.

Iżda jekk, min-naħa l-oħra, dawk il-ħwejjeġ kollha bil-perfezzjoni tagħhom jixhdu d-devozzjoni tal-praesidium, imbagħad nistgħu nifhmu li Sidna Ġesù Kristu jinsab hemmhekk f'dik il-milja mfissra bi kliemu stess. L-ispirtu tal-Familja Qaddisa ma kienx limitat biss għad-Dar Imqaddsa, lanqas għal Nazaret, lanqas għal-Lhudija u lanqas għal xi art oħra. Għalhekk, lanqas l-ispirtu tal-praesidium m'għandu jkun limitat.

"L-imħabba tal-Kattoliċi lejn l-Omm t'Alla, li ma toqgħodx titkixxef x'kienu l-irqaqat tal-ħajja f'Nazaret, turi b'hekk sens artistiku ta' min ifaħħru. Aħna nafu li f'Nazaret hemm ħajja li l-bniedem mhux biss ma jistax jgħixha iżda bilkemm jista' jifhimha. Hawn xi ħadd fid-dinja li għandu l-ħila jpinġi dawk iż-żewġ ħajjiet ta' qawwa ogħla minn tal-bnedmin li jsibu f'dik l-istess qawwa tagħhom għaqda l-aktar sħiħa tat-tqanqil, ta' l-imħabba u tax-xewqat kollha tagħhom? Ħalli nħares mill-quċċata tal-għolja għal fuq Nazaret lejn mara bil-ġarra fuq rasha, b'tifel ta' ħmistax-il sena maġenbha, nieżla lejn il-bir. Jiena naf li bejn it-tnejn hemm imħabba li bħalha ma hemmx fost l-anġli quddiem it-tron t'Alla. Iżda naf ukoll li jien m'għandix dritt nara aktar, li ma mmutx bil-għaġeb" (Vonier: *Il-Maternità Divina*).

# 22

# IT-TALB TAL-LEĠJUN

Dan li ġej hu t-talb tal-Leġjun ta' Marija mqassam sewwasew kif għandu jingħad fil-laqgħat. Meta jingħad privatament, mhux bilfors tinżamm l-istess ordni.

Il-membri awżiljarji għandhom jgħidu dan it-talb kollu kuljum.

Ir-radd tas-salib imsemmi fil-bidu u fl-għeluq ta' kull taqsima tat-talb juri kif it-talb għandu jitqassam. Meta t-talb ma jitqassamx, ir-radd tas-salib isir biss fil-bidu u fl-aħħar.

### 1. Talb li jingħad fil-bidu tal-laqgħa

Fl-isem tal-Missier, eċċ.

Ejja, Spirtu s-Santu, imla l-qlub tal-fidili tiegħek u kebbes fihom in-nar ta' mħabbtek.

V. Ibgħat l-Ispirtu tiegħek u jinħalqu.
T. U inti ġġedded wiċċ l-art.

Nitolbu

Alla Missierna, xerred id-doni ta' l-Ispirtu Qaddis tiegħek fuq id-dinja. Inti bgħatt l-Ispirtu fuq il-Knisja tiegħek biex tibda xxandar l-evanġelju: issa ħalli l-Ispirtu jkompli jaħdem fid-dinja permezz tal-qalb ta' dawk kollha li jemmnu. Bi Kristu Sidna. Amen.

V. Mulej, iftaħli xofftejja.
T. U fommi jxandar it-tifħir tiegħek.
V. O Alla, ejja eħlisni.
T. Mulej, fittex għinni.
V. Glorja lill-Missier, eċċ.
T. Kif kien mill-bidu, eċċ. Amen.

*Imbagħad jingħadu ħames posti rużarju bis-Sliem għalik, Sultana!*

V. Itlob għalina, qaddisa Omm Alla.
T. Biex ikun jistħoqqilna dak li wegħedna Kristu.

Nitolbu

O Alla li l-Iben il-Waħdieni tiegħek qalgħelna l-premju tal-ħajja ta' dejjem bil-ħajja, il-mewt u l-qawmien tiegħu, agħtina nitolbuk, li aħna u niftakru f'dawn il-misteri fir-rużarju mqaddes tal-Verġni Mqaddsa Marija, nimxu fuq kulma fihom, u naqilgħu kulma jwiegħdu. Bi Kristu Sidna. Amen.

V. Qalb ta' Ġesù l-iżjed Qaddisa — T. Ħenn għalina.
V. Qalb bla tebgħa ta' Marija — T. Itlob għalina.
V. San Ġużepp — T. Itlob għalina.
V. San Ġwann l-Evanġelista — T. Itlob għalina.
V. San Lwiġi-Marija de Montfort — T. Itlob għalina.

Fl-isem tal-Missier, eċċ.

**2. Il-Catena Legionis:** *din għandha tingħad f'nofs il-laqgħa; u kuljum minn kull leġjunarju.*

*Antifona.* Min hija dik li tielgħa bħaż-żerniq, sabiħa donnha l-qamar, tiddi bħax-xemx, tal-biża' bħall-eżerċtu lest għat-taqbida?

Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej,*
u l-ispirtu tiegħi jifraħ f'Alla s-Salvatur tiegħi,
għax hu xeħet għajnejh fuq iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu.*
Iva, minn issa 'l quddiem kull nisel isejjaħli hienja,

għax is-setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar;*
qaddis hu l-isem tiegħu.
Il-ħniena tiegħu tinfirex f'kull żmien*
fuq dawk li jibżgħu minnu.

Hu wera l-qawwa ta' driegħu,*
xerred lil dawk li huma mkabbra f'qalbhom.
Niżżel is-setgħana minn fuq it-tron tagħhom,*
u għolla ċ-ċkejknin.

Mela b'kull ġid lil min hu bil-ġuħ,*
u l-għonja bagħathom 'il barra b'xejn.
Ħa ħsieb Iżrael, qaddej tiegħu,*
għax ftakar fil-ħniena tiegħu,

bħalma wiegħed lil missirijietna,*
b'riżq Abraham u nislu għal dejjem.
Glorja lill-Missier, u lill-Iben,*
u lill-Ispirtu s-Santu.
Kif kien mill-bidu, issa u dejjem,*
u jibqa' għal dejjem ta' dejjem. Amen.

*Antifona.* Min hija dik li tielgħa bħaż-żerniq, sabiħa donnha l-qamar, tiddi bħax-xemx, tal-biża' bħall-eżerċtu lest għat-taqbida?

V. O Marija, imnissla bla dnub.
T. Itlob għalina li nirrikorru lejk.

Nitolbu

Mulej Ġesù Kristu, Medjatur tagħna quddiem il-Missier, li l-Verġni Mqaddsa Ommok, għoġbok tagħmilha Ommna wkoll u Medjatriċi tagħna quddiemek, agħtina, fil-ħniena tiegħek, li kull min jersaq għandek biex jitolbok il-grazzji, jithenna li jaqlagħhom kollha permezz tagħha. Amen.

**3. It-Talba tal-Leġjun:** *din għandha tingħad f'għeluq il-laqgħa. Hija mqassma b'mod li jgħin kif tinqara.*

Fl-isem tal-Missier, eċċ.

Taħt il-ħarsien tiegħek nistkennu, Omm Qaddisa t'Alla; la twarrabx minn quddiemek it-talb li nagħmlulek fi ħtiġijietna, u eħlisna dejjem minn kull tiġrib, O Verġni glorjuża u mbierka.

V. (Sejħa skond l-isem tal-praesidium) T. Itlob għalina.

*[Fl-okkażjonijiet kollha barra mil-laqgħat tal-praesidium, is-sejħa li għandha tintuża mill-membri kollha tkun:]*

V. Marija Immakulata, Medjatriċi tal-grazzji kollha
T. Itlob għalina.
V. San Mikiel u San Gabrijel T. Itolbu għalina.
V. Setgħat tas-Sema, Leġjun ta' l-Anġli ta' Marija
T. Itolbu għalina.
V. San Ġwann Battista T. Itlob għalina.
V. San Pietru u San Pawl T. Itolbu għalina.

*Dan li ġej għandu jingħad flimkien sa l-ewwel Amen; imbagħad ikompli s-saċerdot waħdu.*

Mulej, nissel fina,
li qegħdin inservu taħt l-istendard ta' Marija,
dik il-milja ta' fidi fik u ta' tama fiha,
li jistgħu jirbħu d-dinja.

Agħtina fidi ħajja, mixgħula bl-imħabba,
li biha nkunu nistgħu ntemmu l-għemil kollu tagħna
mħeġġin mill-imħabba safja lejk,
u nagħrfu u naqdu dejjem lilek fil-proxxmu tagħna;

fidi qawwija u sħiħa bħal blata,
li biha qalbna tkun dejjem kwieta u soda
qalb is-slaleb, it-tiġrib u t-twegħir tal-ħajja;

fidi qalbenija li ġġagħalna
nibdew u ntemmu mingħajr tixjir ta' biża'
ħwejjeġ kbar għall-glorja tiegħek u għas-salvazzjoni ta' l-erwieħ;

fidi li tkun il-kolonna tan-nar tal-Leġjun tagħna,
li tmexxina 'l quddiem għalenija,
li tkebbes kullimkien in-nirien ta' l-imħabba t'Alla,

li tagħti d-dawl lil dawk li jinsabu fid-dlamijiet u d-dell tal-mewt,
li tħeġġeġ lil dawk li huma berdin,
li terġa' tagħti l-ħajja lill-mejtin fid-dnub,
u li tmexxi l-passi tagħna fit-triq tal-paċi;

sabiex, wara t-taqtigħa ta' din il-ħajja,
il-Leġjun tagħna jista' jerġa' jingħaqad,
bla ħadd ma' jintilef,
fis-Saltna ta' l-imħabba u tal-glorja tiegħek. Amen.

Jalla l-erwieħ tal-leġjunarji mejtin tagħna
u l-erwieħ tal-fidili kollha li għaddew minn din il-ħajja
jaqilgħu mill-ħniena t'Alla l-mistrieħ ta' dejjem. Amen.

*[Imbagħad minnufiħ is-saċerdot jagħti l-barka tiegħu; jew jekk l-ebda saċerdot ma jkun preżenti, jintradd is-salib]*

"Il-fidi ta' Marija kienet tisboq lil dik tal-bnedmin u ta' l-anġli kollha. Hi rat lil Binha fl-istalla ta' Betlehem u emmnet li kien il-Ħallieq tad-dinja. Ratu jaħrab minn Erodi u fil-fidi tagħha qatt ma ddubitat li kien is-Sultan tas-Slaten. Ratu jitwieled u emmnet li kien etern. Ratu fqir, nieqes saħansitra mill-iktar ħtiġijiet elementari, u madankollu emmnet li kien Sid il-ħolqien. Ratu mimdud fuq it-tiben, u l-fidi tagħha nebbħitha li kien Dak li jista' kollox. Ratu li ma qal lanqas kelma, u madankollu emmnet li kien l-Għerf Etern innifsu. Semgħetu jibki, u emmnet li kien il-ferħ tal-ġenna. U fl-aħħar ratu jmut, imżeblaħ b'kull mod, imsammar ma' salib, u għalkemm il-fidi ta' l-oħrajn naqset, Marija pperseverat fit-twemmin sħiħ tagħha li hu kien Alla" (Sant'Alfons Liguori).

[Din is-silta ma tagħmilx parti mit-talb tal-Leġjun].

# 23

# IT-TALB MA JITBIDDILX

Għandu jitqies li t-talb tal-Leġjun ma jistax jitbiddel. Anki fis-sejħat ebda tibdil jew żieda ma għandha ssir, u dan jiswa sew għall-qaddisin nazzjonali, lokali jew partikolari, u sew fejn tibdil jew żieda jkunu materja ta' diskussjoni.

Din hi sejħa għal sagrifiċċju. Iżda din is-sejħa qiegħda ssir biss wara li ġa sar sagrifiċċju li hu wieħed mill-akbar ta' din ix-xorta, kif jammettu malajr dawk li jafu l-pajjiż mnejn ġejjin dawn il-Kostituzzjonijiet, u li jifhmu l-imħabba unika li għandu lejn l-Appostlu Nazzjonali tiegħu.

Tassew li kieku kellhom jitħallew isiru sejħat speċjali, fih innifsu dan ma kienx ikun tibdil kbir minn dak li jsir kullimkien. Iżda fih hemm iż-żerriegħa li tieħu l-barra mis-sistema, u l-Leġjun jibża' saħansitra minn dik iż-żerriegħa.

Barra minn hekk, ir-ruħ tal-Leġjun tidher fit-talb tiegħu, u jixraq li dan, b'uniformità ta' l-akbar reqqa, juri — f'kull ilsien li bih għad jingħad tul iż-żminijiet — l-għaqda sħiħa tal-moħħ, tal-qalb, tar-regola u tal-prattika li għalihom il-Leġjun iħeġġeġ lil dawk li, ikunu fejn ikunu, iservu taħt l-istendard tiegħu.

"Hekk kif intom ulied Kristu, kunu wkoll ulied Ruma" (San Patrizju).

"Dak kollu li għalih nitlob, maħbub Mulej, agħtini l-grazzja li għalih naħdem" (San Tumas More).

# 24

# IL-PATRUNI TAL-LEĠJUN

## 1. SAN ĠUŻEPP

Fit-talb tal-Leġjun isem San Ġużepp jiġi wara s-sejħat lill-Qlub ta' Ġesù u ta' Marija, kif jiġi warajhom fis-Saltna tas-Sema. Kien il-kap tal-Familja Qaddisa u kellu responsabbiltà ewlenija u għal kollox speċjali lejn Ġesù u Marija. Dan l-ikbar fost il-

qaddisin għadu jwettaq l-istess ħidma mal-Ġisem Mistiku ta' Ġesù u l-Omm tiegħu. L-eżistenza u l-ħidma tal-Knisja, u għal-daqstant tal-Leġjun, huma megħjuna minnu. Il-ħarsien tiegħu hu kontinwu, ta' siwi u magħmul bi ħlewwa ta' missier; il-qawwa tiegħu tiġi biss wara l-qawwa materna ta' Marija, u hekk għandu jitqies mil-Leġjun. Biex inħossu l-qawwa ta' mħabbtu, jinħtieġ nifthu qalbna beraħ għaliha b'imġiba li tixhed l-interess kbir li hu jieħu fina. Hu kien dejjem f'moħħ Ġesù u Marija, u huma kienu dejjem rikonoxxenti lejh għal kulma kien jagħmel għali-hom. Hekk ukoll il-leġjunarji għandhom iżommuh f'moħħhom b'mod li ma jaqta' qatt.

Is-solennità ta' San Ġużepp, l-għarus ta' l-Imqaddsa Verġni Marija, issir fid-19 ta' Marzu.

It-tifkira ta' San Ġużepp Ħaddiem issir fl-1 ta' Mejju.

"Ma nistgħux nifirdu l-ħajja storika ta' Ġesù mill-ħajja mistika tiegħu li tissokta fil-Knisja. Mhux għalxejn il-Papiet ipproklamaw lil San Ġu-żepp protettur tal-Knisja. Ix-xogħol tiegħu baqa' dejjem l-istess fost it-tibdil taż-żminijiet u tad-drawwiet. Bħala protettur tal-Knisja ta' Kristu jissokta jwettaq xejn anqas il-missjoni tiegħu fuq l-art. Minn żmien Nazaret il-familja t'Alla kibret u xterdet ma' l-erbat irjieħ tad-dinja. Qalb Ġużeppi kibret mad-daqs tal-paternità ġdida tiegħu li tissokta, u tisboq, il-paternità mwiegħda minn Alla lil Abraham, missier kotra bla għadd. Alla ma jitbiddilx fil-mod kif jimxi magħna; ma jerġax jibdielu, u lanqas iqalleb il-pjan tiegħu kif ġieb u laħaq. Kollox unit, ordnat, konsistenti u kontinwu. Ġużeppi, il-missier putattiv ta' Ġesù, hu wkoll il-missier putattiv ta' l-aħwa ta' Ġesù, jiġifieri ta' l-Insara taż-żminijiet kollha. Ġużeppi, l-għarus ta' Marija li wildet lil Ġesù, jibqa' magħqud misterjożament magħha waqt li jissokta fid-dinja t-twelid mistiku tal-Knisja. Għalhekk il-leġjunarju ta' Marija, li qed jaħdem biex ikabbar is-Saltna t'Alla hawn fl-art, jiġifieri l-Knisja, bir-raġun jit-lob il-ħarsien speċjali ta' dak li kien il-kap tal-Knisja sewwasew kif twieldet, il-Familja Qaddisa" (Il-Kardinal L. J. Suenens).

## 2. SAN ĠWANN L-EVANĠELISTA

Imsemmi fl-evanġelju bħala "d-dixxiplu li Ġesù kien iħobb", San Ġwann jidher hemm bħala l-mudell tad-devozzjoni lejn il-Qalb ta' Ġesù. Fidil sa l-aħħar, żamm ma' dik il-Qalb sakemm raha msikkta u minfuda fil-mewt. Wara jidher bħala l-mudell tad-devozzjoni lejn il-Qalb bla tebgħa ta' Marija. Hu nnifsu kien

safi daqs anġlu u ħa l-post li Ġesù stess kien jimla. Hu baqa' jħobb lil Marija bħala iben sakemm hi wkoll temmet ħajjitha fuq din l-art.

Iżda t-tielet kelma tal-Mulej minn fuq is-salib ma kinitx biss ħsieb ta' Iben lejn Ommu l-Imbierka. Il-Mulej lemaħ f'San Ġwann lill-bnedmin kollha, imma l-iktar lil dawk li bil-fidi kienu sa jingħaqdu miegħu. B'hekk ixxandret il-maternità ta' Marija lejn il-bnedmin — il-ħafna aħwa li fosthom Kristu nnifsu kien l-ewwel. San Ġwann kien ir-rappreżentant ta' dawn l-ulied ġodda kollha, l-ewwel fost il-werrieta, mudell għal dawk li kellhom jiġu warajh, u qaddis li lejh il-Leġjun għandu jkollu qima mill-qalb.

Hu ħabb lill-Knisja u lil kull ruħ fiha, u ntefa' b'ruħu u b'ġismu għas-servizz tagħha. Kien appostlu, evanġelista u kellu l-merti ta' martri.

Hu kien is-saċerdot ta' Marija, u għalhekk hu patrun speċjali tas-saċerdot leġjunarju fis-servizz tiegħu f'dik il-għaqda li tfittex li tkun xbieha ħajja ta' Marija.

Il-festa tiegħu issir fis-27 ta' Diċembru.

"Mela kif Ġesù lemaħ lil Ommu u lid-dixxiplu li kien iħobb wieqaf ħdejha, qal lil Ommu: 'Mara, hawn hu ibnek.' Imbagħad qal lid-dixxiplu: 'Hawn hi Ommok.' U minn dak il-ħin id-dixxiplu ħadha għandu" (Ġw 19:26-27).

## 3. SAN LWIĠI-MARIJA DE MONTFORT

"Minħabba deċiżjonijiet oħra li ma kellux ikun hemm patruni partikolari u lokali, id-dħul ta' isem il-Beatu Grignion de Montfort għall-ewwel jista' jidher barra minn postu. Iżda wieħed jista' jgħid bla tlaqliq li ebda qaddis ma kellu x'jaqsam iktar minnu ma' l-iżvilupp tal-Leġjun. Il-Manwal huwa mimli bl-ispirtu tiegħu. It-talb itenni l-istess kliem tiegħu. Tabilħaqq hu s-surmast tal-Leġjun; u għalhekk il-Leġjun għandu kważi obbligu morali li jsejjaħlu fit-talb tiegħu" (Deċiżjoni li biha l-Leġjun qiegħed l-isem tal-Beatu Grignion de Montfort fil-lista tas-sejħat.)

Ġie ddikjarat qaddis fl-20 ta' Lulju ta' l-1947, u l-festa tiegħu issir fit-28 ta' April.

"Mhux biss fundatur, iżda wkoll missjunarju! U iktar minn missjunarju, għax fih nilmħu xi ħaġa aktar: hu duttur u teologu li tana Marjoloġija li bħalha ħadd qablu ma kien fassal. Għarbel hekk fil-fond l-

għeruq tad-devozzjoni Marjana, u daqshekk wessa' x-xefaq tagħha, li mingħajr dubju ta' xejn sar il-ħabbâr tal-ġrajjiet kollha ta' Marija fi żminijietna: minn Lourdes sa Fátima, mid-definizzjoni tat-tnissil bla tebgħa sal-Leġjun ta' Marija. Sar il-ħabbâr tal-miġja tas-Saltna t'Alla permezz ta' Marija, u l-prekursur tas-salvazzjoni tant mixtieqa li fil-milja taż-żminijiet il-Verġni Omm Alla għad iġġib fid-dinja permezz tal-Qalb tagħha bla tebgħa" (Federico Kardinal Tedeschini, Arċipriet ta' San Pietru: Diskors ta' l-inawgurazzjoni ta' l-istatwa ta' San Lwiġi-Marija de Montfort f'San Pietru, nhar it-8 ta' Diċembru ta' l-1948).

"Jiena qed nara ċar minn issa li għad jiġu bhejjem feroċi, jirtogħdu bir-rabja, biex iqattgħu dan il-ktejjeb bis-snien imxajtna tagħhom u lil dak li bih inqeda l-Ispirtu s-Santu biex jiktbu; jew biex jidfnuh fid-dlam u s-sikta ta' xi senduq u qatt ma jidher aktar u jintesa. Huma jattakkaw u jippersegwitaw ukoll lil dawk li jaqrawh u jipprattikawh. Iżda x'jimporta? Anzi dan ikun ta' ġid! Din id-dehra tqawwili qalbi u ġġegħelni nittama f'suċċess kbir: leġjun kbir ta' suldati qalbiena u ta' ħila ta' Ġesù u ta' Marija, irġiel u nisa lesti biex jiġġieldu kontra d-dinja, ix-xitan u n-natura mħassra tal-bniedem fiż-żminijiet li ġejjin meta l-periklu jkun wisq akbar!" [San Lwiġi-Marija de Montfort (miet fl-1716), DV 114].

## 4. SAN MIKIEL ARKANĠLU

"Għalkemm hu l-prinċep tal-qtajja' tas-sema, San Mikiel juri l-ikbar ħeġġa biex iqim lil Marija u jġiegħel lil ħaddieħor iqimha, waqt li dejjem jistenna bil-ħerqa li jkollu l-ġieħ li hi tqabbdu jmur jgħin lil xi ħadd fost il-qaddejja tagħha" (Santu Wistin).

San Mikiel kien dejjem il-patrun tal-poplu l-magħżul, l-ewwel tal-Liġi l-Qadima u mbagħad tal-Ġdida. Huwa jibqa' d-difensur leali tal-Knisja. Imma l-protezzjoni li dejjem ta lil-Lhud ma waqfitx meta huma qabdu triq oħra. Anzi saret aktar qawwija, għax jeħtiġuha u għaliex huma mir-razza ta' Ġesù, ta' Marija u ta' Ġużeppi. Il-Leġjun iservi taħt San Mikiel. Taħt l-ispirazzjoni tiegħu għandu jistinka bl-imħabba għall-konverżjoni ta' dak il-poplu, li miegħu l-Mulej għamel patt ta' mħabba għal dejjem.

Il-festa tal-"kaptan ta' l-eżerċtu tal-Mulej" (Ġoż 5:14) issir fid-29 ta' Settembru.

"Skond ir-Rivelazzjoni, l-anġli li jieħdu sehem fil-ħajja tat-Trinità fid-dawl tal-glorja, huma msejħin biex jagħtu sehemhom fl-istorja tas-salvazzjoni tal-bnedmin fil-mumenti stabbiliti mill-Providenza Divina.

'Mhumiex huma wkoll spirti qaddejja, mibgħutin biex jaqdu lil dawk li għandhom jiksbu s-salvazzjoni?' jistaqsi l-awtur ta' l-Ittra lil-Lhud (1:14). Il-Knisja temmen u tgħallem dan għax insibuh fil-Kotba Mqaddsa fejn naqraw li l-ħidma ta' l-anġli t-tajbin hija li jħarsu l-bnedmin u jħajruhom jimxu fit-triq tas-salvazzjoni" (Il-Papa Ġwanni Pawlu II, Udjenza Ġenerali tas-6 ta' Awissu ta' l-1986).

## 5. SAN GABRIJEL ARKANĠLU

F'xi liturġiji San Gabrijel u San Mikiel huma msemmija flimkien bħala rebbieħa u prinċpijiet, mexxejja ta' l-eżerċtu tassema, kaptani ta' l-anġli, qaddejja tal-glorja divina, għassiesa u gwidi tal-bnedmin.

San Gabrijel hu l-Anġlu tat-Tħabbira. Kien permezz tiegħu li t-tifħir tat-Trinità Qaddisa wasal lil Marija; li l-misteru tat-Trinità ġie mgħarraf għall-ewwel darba lill-bniedem; li tħabbret l-Inkarnazzjoni; li t-tnissil bla tebgħa ta' Marija ġie ddikjarat; li nstemgħu l-ewwel noti tar-rużarju.

Aktar 'il fuq issemmiet il-ħerqa li San Mikiel għandu għall-poplu Lhudi. Forsi wieħed jista' jgħid l-istess dwar San Gabrijel u l-Misilmin. Dawn jemmnu li kien hu li tahom ir-reliġjon li jħaddnu. Dik l-asserzjoni, għalkemm bla bażi, tirrappreżenta ċerta attenzjoni lejh. Huwa jfittex li jroddha lura b'mod xieraq, jiġifieri billi jdawlilhom moħħhom b'tagħrif dwar ir-rivelazzjoni Nisranija, li tagħha hu kien il-kustodju. Iżda waħdu ma jistax iwettaq dik il-bidla. Il-bniedem irid jikkoopera u dejjem għandu jagħti s-sehem tiegħu.

Ġesù u Marija — ħaġa li tista' tidher stramba — għandhom post għoli fil-Qur'ân. F'dak il-ktieb jidhru kważi bħal fl-Evanġelju, iżda bla ma jagħmlu xejn. Dawn iż-żewġ Persuni qaddisa jitħallew jistennew hekk fl-Islam sakemm xi ħadd jgħinhom jispjegaw il-pożizzjoni tagħhom u jinsistu għad-drittijiet tagħhom. Il-Leġjun diġà wera li għandu t-talent għal dan, u l-membri tiegħu qegħdin jiġu milqugħa tajjeb ferm mill-Misilmin. F'dak il-materjal tal-Qur'ân kemm hemm punti ta' siwi li wieħed jista' jispjega!

Il-festa ta' San Mikiel, San Gabrijel u San Rafel tiġi ċċelebrata fid-29 ta' Settembru.

"Il-Kotba Mqaddsa juruna wieħed mill-ogħla personaġġi tan-nobbiltà tal-ġenna mibgħut f'għamla li tidher biex iħabbar lil Marija l-mis-

teru ta' l-Inkarnazzjoni. Marija ġiet mitluba li ssir Omm Alla permezz t'anġlu għaliex bil-maternità divina tagħha kellu jkollha sovranità, qawwa u ħakma fuq l-anġli kollha. 'Nistgħu ngħidu,' jikteb il-Papa Piju XII, 'li l-Arkanġlu Gabrijel kien l-ewwel messaġġier mis-sema tal-missjoni regali ta' Marija' (ACR 34). Gabrijel huwa mweġġaħ bħala patrun ta' dawk li jidħlu għal missjonijiet importanti, li jwasslu aħbarijiet importanti għal Alla. Huwa wassal il-messaġġ t'Alla lil Marija. F'dak il-waqt hija kienet flok il-bnedmin kollha, u hu kien jirrappreżenta lill-anġli kollha. Il-kliem li qalu 'l xulxin, li jkompli jispira lill-bnedmin sa l-aħħar tad-dinja, ifforma ftehim li fuqu għad jinbnew 'sema ġdid u art ġdida'. Kemm kien tal-għaġeb, mela, dak li tkellem ma' Marija; kemm nonqsu jekk ngħidu li l-parti tiegħu kienet biss waħda passiva. Huwa kien imdawwal għall-aħħar u ta xhieda ta' ħila l-aktar kbira. Mimli qima lejn Marija, huwa wieġeb bis-sħiħ kull mistoqsija li għamlitlu, għax huwa kien il-kelliem u l-messaġġier t'Alla. Mil-laqgħa bejn Gabrijel u Marija ħareġ it-tiġdid tal-ħolqien. Eva l-ġdida biddlet il-ħerba li ġabet l-ewwel Eva. Adam il-ġdid, bħala r-Ras tal-Ġisem Mistiku li jħaddan l-anġli, feda mhux biss l-umanità, imma wkoll l-unur ta' l-anġli li safa' mtabba' mill-anġli l-ħżiena" (Dr Michael O'Carroll, C.S.Sp.).

## 6. SETGĦAT TAS-SEMA, LEĠJUN TA' L-ANĠLI TA' MARIJA

"Regina Angelorum! Sultana ta' l-Anġli! X'seher u ħlewwa tal-ġenna jġibilna dan il-ħsieb ta' Marija Ommna mdawra bla heda b'leġjuni ta' anġli!" (Il-Beatu Ġwanni XXIII).

"Marija hi l-ġeneral ta' l-eżerċti t'Alla. L-anġli huma s-suldati l-aktar glorjużi ta' dik li hi tal-biża' bħall-eżerċtu lest għat-taqbida!" (Boudon: *L-Anġli*).

L-anġli kienu msejħa fit-talb tal-Leġjun sa mill-bidu. Il-forma tas-sejħa kienet:

San Mikiel Arkanġlu, itlob għalina.
Imqaddsa Anġli Kustodji, itolbu għalina.

F'dan wieħed għandu jħoss li l-Leġjun kien ispirat, billi fil-bidu ma kinitx tidher daqstant ċara r-relazzjoni fil-qrib li l-anġli għandhom mal-Leġjun. Aktar ma għadda ż-żmien, aktar beda jidher ċar kemm hu xieraq li l-leġjunarji jirrikorru għand l-anġli. Fehmu li fit-taqtigħa leġjunarja fuq l-art, l-anġli qed jagħmlu l-parti tagħhom mis-sema. Din ir-rabta għandha aspetti differenti. Kull leġjunarju, kemm attiv kif ukoll awżiljarju, għandu anġlu

kustodju li jitqabad daqqa għal daqqa maġenbu. F'ċertu sens dik it-taqbida tfisser aktar għall-anġlu milli għal-leġjunarju, għax l-anġlu jifhem ċar x'hemm fin-nofs: il-glorja t'Alla u s-siwi ta' ruħ li ma tmut qatt. Għalhekk l-interess ta' l-anġlu hu mill-aktar qawwi u l-għajnuna tiegħu ma tonqos qatt. Imma l-anġli l-oħra kollha għandhom ukoll interess f'din it-taqbida. Per eżempju, dawk kollha li l-Leġjun jaħdem għalihom għandhom l-anġlu kustodju tagħhom li jagħtu l-għajnuna tagħhom.

Minbarra dan, l-eżerċtu kollu ta' l-anġli hu ħerqan li jieħu sehem fil-ġlieda. Għaliex it-taqbida tagħna hi parti minn gwerra kbira li sa mill-bidu huma għamlu bla waqfien kontra x-xitan u l-qaddejja tiegħu.

L-anġli huma mogħtija post li jimpressjona kemm fit-Testment il-Qadim kif ukoll fil-Ġdid fejn jissemmew mijiet ta' drabi. Huma meqjusa li jimxu mal-bnedmin fit-taqbida tagħhom u għandhom il-missjoni li jħarsu mill-qrib lill-bnedmin. Jidħlu f'mumenti importanti. Kemm-il darba nsibu l-frażi: "Alla bagħat l-anġlu tiegħu." Id-disa' kori ta' l-anġli kollha huma b'xi mod għassiesa: fuq il-bnedmin wieħed wieħed, fuq il-postijiet, fuq l-ibliet, fuq il-pajjiżi, fuq in-natura, u xi wħud saħansitra fuq anġli oħra sħabhom. L-Iskrittura turina li l-pajjiżi pagani wkoll għandhom l-anġli kustodji tagħhom (Dan 4:10,20; 10:13). Il-kori għandhom dawn l-ismijiet: anġli, arkanġli, kerubini, serafini, qawwiet, prinċipati, troni, virtujiet u dominazzjonijiet.

Għaldaqstant, il-fatt hu li l-anġli huma t'għajnuna kemm flimkien kif ukoll wieħed wieħed, u s-sehem li qegħdin jagħtu jixbah lil dak ta' qawwa ta' l-ajru fir-relazzjoni tagħha ma' l-armata ta' l-art.

Fl-aħħar deher ċar li s-sejħa lill-anġli kif kienet fil-bidu ma kenitx turi din il-missjoni ta' ħarsien universali li għandhom l-anġli. Ġie deċiż:

1. li tinbidel u tiġi mogħtija forma aħjar;
2. li l-kelma "Leġjun" għandha tkun marbuta ma' l-anġli. Il-Mulej innifsu darba uża dil-kelma għall-anġli u qaddisha billi b'dal-mod qegħedha fuq xufftejh. Meta kien mhedded mill-għedewwa tiegħu, huwa qal: "Taħseb int li ma nistax nitlob lil Missieri u jibgħatli issa stess aktar minn tnax-il leġjun ta' anġli?" (Mt 26:53);
3. li l-isem ta' Marija għandu jiġi mdaħħal fis-sejħa. Hija s-Sultana ta' l-Anġli. Hi tassew il-Kmandant tal-Leġjun ta' l-Anġli,

u tkun grazzja ġdida għal-Leġjun tagħna li jsellmilha b'dak it-titlu li għandu tifsira tant profonda.

Wara diskussjoni fit-tul fil-Leġjun kollu, fid-19 ta' Awissu ta' l-1962 din is-sejħa inbidlet u saret hekk:

"Setgħat tas-sema, Leġjun ta' l-Anġli ta' Marija, itolbu għalina."

It-tifkira ta' l-Anġli Kustodji ssir fit-2 ta' Ottubru.

Hemm assoċjazzjoni, imsejħa Philangeli, li għandha bħala skop li xxerred tagħrif fuq l-anġli u d-devozzjoni lejhom. Iċ-ċentru prinċipali tagħha huwa: Salvatorian Fathers, 129 Spencer Road, Harrow Weald, Middlesex HA3 7BJ, l-Ingilterra.

"Is-sovranità ta' Marija fuq l-anġli m'għandhiex tittieħed biss bħala ġieħ. Il-post regali tagħha huwa li tieħu sehem f'dak ta' Kristu, u hu jaħkem b'mod assolut u universali l-ħolqien kollu. It-teoloġi għadhom ma spjegawx il-manjieri kollha li bihom Marija ssaltan flimkien ma' Kristu Re. Imma hi ħaġa ċara li s-sovranità tagħha hija għajn t'azzjoni, u li l-effetti ta' din l-azzjoni jaslu sat-truf kemm ta' l-univers li jidher kif ukoll ta' dak li ma jidhirx. Hija tidderieġi l-ispirti t-tajba u tikkontrolla l-ħżiena. Permezz tagħha ssir dik l-għaqda li ma tinħall qatt bejn is-soċjetà tal-bnedmin u dik ta' l-anġli, li biha l-ħolqien kollu jitmexxa lejn l-iskop veru tiegħu: il-glorja tat-Trinità. Is-sovranità tagħha hija t-tarka tagħna, għaliex l-Omm u l-protettriċi tagħna għandha s-setgħa tikkmanda lill-anġli biex jgħinuna. Għaliha dan ifisser li tieħu sehem attiv ma' Binha biex jiddgħajjef u jinqered l-imperu tax-xitan fuq il-bnedmin" (Dr Michael O'Carroll, C.S.Sp.).

## 7. SAN ĠWANN BATTISTA

Huwa fatt stramb li wieħed ma jistax jispjegah malajr, kif San Ġwann Battista ma kienx imqiegħed formalment fost il-patruni tal-Leġjun qabel it-18 ta' Diċembru ta' l-1949. Dan għaliex hu marbut mas-sistema tad-devozzjoni tal-Leġjun aktar mill-qrib minn kull patrun ieħor, barra San Ġużepp.

1. Huwa t-tip tal-leġjunarji kollha; fi kliem ieħor, prekursur tal-Mulej, li mar qablu biex iħejjilu t-triq u jwittilu l-mogħdijiet. Kien mudell ta' qawwa soda u fedeltà lejn il-missjoni tiegħu li għaliha kien lest imut, u li għaliha tabilħaqq miet.

2. Barra minn hekk, huwa ġie fformat biex jaqdi l-missjoni tiegħu minn Sidtna Marija nfisha, kif il-leġjunarji kollha suppost

ikunu. Sant'Ambroġ jgħid li l-iskop ewlieni li għalih Marija qagħdet għand Eliżabetta ftit taż-żmien ġmielu kien il-formazzjoni u l-ħatra taċ-ċkejken Profeta Kbir. Il-mument ta' dik il-formazzjoni jitfakkar fil-Catena, it-talba ewlenija tagħna, li kull leġjunarju għandu jgħid kuljum.

3. Dik il-ġrajja taż-żjara lil Eliżabetta turi għall-ewwel darba lil Sidtna Marija bħala Medjatriċi, u lil San Ġwann bħala l-ewwel wieħed li gawda l-frott tagħha. Hekk San Ġwann intwera mill-ewwel bħala patrun speċjali tal-leġjunarji u tal-kuntatti leġjunarji, tal-ħidma taż-żjajjar fl-għamliet kollha tagħha, u tabilħaqq tal-ħidmiet leġjunarji kollha, għax dawn m'humiex ħlief sforzi biex naħdmu id f'id ma' Marija fil-ħidma tagħha ta' Medjatriċi.

4. Hu kien wieħed mill-elementi essenzjali fil-missjoni ta' Sidna Ġesù Kristu. Dawk l-elementi kollha għandu jkollhom post f'kull sistema li tfittex li ġġedded dik il-missjoni. Il-prekursur jibqa' meħtieġ. Jekk ma jkunx hemm hu biex jintroduċi lil Ġesù u lil Marija, jista' jagħti l-każ li ma jidhrux fejn ikunu mistennija. Il-leġjunarji għandhom jagħrfu dan il-post speċjali ta' San Ġwann, u bil-fidi tagħhom fih jgħinuh biex ikompli l-missjoni tiegħu. "Jekk Ġesù hu għal dejjem 'Dak li jiġi', hekk ukoll San Ġwann hu għal dejjem 'Dak li jiġi qablu', għax il-pjan ta' l-Inkarnazzjoni storika ta' Kristu jitkompla fil-Ġisem Mistiku tiegħu" (Daniélou).

5. Il-post li jixraq għas-sejħa lil San Ġwann hu fit-talb ta' l-aħħar, wara s-sejħa ta' l-anġli. Dan it-talb għalhekk juri l-Leġjun miexi 'l quddiem, taħt is-setgħa ta' l-Ispirtu s-Santu li juri ruħu permezz ta' Sidtna Marija bħala Kolonna tan-Nar; megħjun mil-Leġjun ta' l-Anġli taħt it-tmexxija ta' San Mikiel u San Gabrijel, quddiemu l-prekursur, San Ġwann, li jwettaq kif dejjem il-missjoni providenzjali tiegħu; imbagħad il-ġenerali tiegħu, San Pietru u San Pawl.

6. San Ġwann għandu żewġ ċelebrazzjonijiet liturġiċi. Dik tat-twelid issir fl-24 ta' Ġunju, u dik tal-martirju tiegħu fid-29 ta' Awissu.

"Jiena nemmen li l-misteru ta' San Ġwann għadu qed jitwettaq fid-dinja ta' llum. L-ispirtu u l-virtù ta' San Ġwann għandhom l-ewwel jiġu f'ruħ kull min irid jemmen f'Ġesù Kristu u jħejju għall-Mulej poplu perfett, jiddrittaw il-mogħdijiet fl-imkejjen ħorox ta' qalbu, u jwittu t-triqat. L-ispirtu u l-virtù ta' San Ġwann għadhom jiġu sa llum qabel il-miġja tas-Sid u l-Feddej" (Oriġene).

## 8. SAN PIETRU

"Bħala Prinċep ta' l-Appostli, San Pietru hu qabel kulħadd il-patrun ta' għaqda t'appostolat. Kien l-ewwel Papa, iżda jirrappreżenta s-sensiela glorjuża tal-Papiet kollha u l-Papa preżenti. Meta nsejħu lil San Pietru nkunu nfissru għal darb'oħra l-lealtà tal-Leġjun lejn Ruma, iċ-ċentru tal-fidi tagħna, l-għajn tas-setgħa, id-dixxiplina u l-għaqda" (Deċiżjoni tal-Leġjun biex isem San Pietru jitqiegħed fil-lista tas-sejħat).

Il-festa ta' San Pietru u San Pawl issir fid-29 ta' Ġunju.

"U jiena ngħidlek: Inti Pietru, u fuq din il-blata jiena nibni l-Knisja tiegħi, u s-setgħat ta' l-infern ma jegħlbuhiex. Jiena nagħtik l-imfietaħ tas-Saltna tas-Smewwiet, u kull ma torbot fuq l-art ikun marbut fis-smewwiet, u kull ma tħoll fuq l-art ikun maħlul fis-smewwiet" (Mt 16:18-19).

## 9. SAN PAWL

Ruħ li trid tirbaħ l-oħrajn trid tkun kbira u wiesgħa daqs il-baħar; biex tikkonverti lid-dinja r-ruħ jeħtieġ tkun akbar mid-dinja. Hekk kien San Pawl mill-jum meta għall-għarrieda dawl missema idda madwaru, u xeħet id-dija tiegħu ġo ruħu, u kebbes fiha x-xewqa tħeġġeġ li jimla d-dinja bl-isem u l-fidi ta' Kristu. L-Appostlu tal-Ġnus — il-ħidma tiegħu tagħtih ismu. Ħadem bla mistrieħ sakemm ix-xabla tal-bojja bagħtet l-ispirtu qatt megħlub tiegħu għand Alla; u wara, il-kitba tiegħu baqgħet ħajja, u tibqa' dejjem ħajja biex tkompli l-missjoni tiegħu.

Hi drawwa tal-Knisja li fit-talb tagħha dejjem issieħbu ma' San Pietru, ħaġa tabilħaqq ta' ġieħ. Jixraq ukoll li jkun hekk, għax flimkien dawn iż-żewġt erwieħ kbar qaddsu lil Ruma bil-martirju tagħhom.

Il-Knisja tiċċelebra l-festa tagħhom fl-istess ġurnata.

"Ħames darbiet qlajt mingħand il-Lhud l-erbgħin daqqa neqsin waħda; tliet darbiet tawni s-swat bil-virgi; darb'oħra ħaġġruni. Tliet darbiet rajt il-għarqa; għaddejt lejl u jum f'nofs ta' baħar. Għamilt safar bla għadd: sibt ruħi f'perikli ta' xmajjar, perikli mill-ħallelin, perikli minnies ta' ġensi, perikli mill-pagani, perikli fl-ibliet, perikli fid-deżert, perikli fil-baħar, perikli mill-aħwa qarrieqa. Taħbit u xogħol iebes; kemm-il darba kelli ngħaddi sahriet bla rqad, bil-ġuħ u bil-għatx; kemm-il darba kelli ngħaddi fis-sawm, fil-ksieħ u fil-għera!" (2 Kor 11:24-27).

# 25
# IX-XBIEHA TAL-LEĠJUN

1. Dan il-Manwal fih kopja tax-xbieha tal-Leġjun. L-oriġinal kien tpinġa minn artist żagħżugħ ta' ħila kbira minn Dublin bħala rigal lil-Leġjun. Din ix-xbieha, bħalma jiġri f'xogħol magħmul bi spirtu bħal dan, għandha sbuħija u ispirazzjoni mill-akbar, kif jidher ukoll mill-kopja żgħira tagħha.

2. Ix-xbieha turi b'mod tassew sħiħ, u tal-għaġeb, ix-xejra tad-devozzjoni tal-Leġjun.

3. It-talb tal-Leġjun jinsab f'din ix-xbieha. Is-sejħa u t-talba lill-Ispirtu s-Santu u r-rużarju, li flimkien jagħmlu t-talb tal-bidu, huma murija fil-Ħamiema tittajjar fuq Marija, li jimlieha bid-dawl u bin-nar ta' l-imħabba tiegħu. F'dan it-talb, il-Leġjun iqim il-mument li hu l-qofol taż-żminijiet kollha. Il-kunsens tagħha għall-Inkarnazzjoni għamel lil Marija Omm Alla kif ukoll Omm il-Grazzja Divina; għalhekk uliedha leġjunarji jintrabtu magħha permezz tar-rużarju tagħha, filwaqt li jgħożżu l-kliem tal-Beatu Piju IX: "Kont nista' nirbaħ id-dinja kieku kelli armata tgħid ir-rużarju."

Hemm ukoll xi jfakkarna f'Għid il-Ħamsin, meta kien permezz ta' Marija li waslet dik ix-xita l-oħra tal-grazzja ta' l-Ispirtu s-Santu li nistgħu nsejħulha l-Griżma tal-Knisja. Hu xandar il-Knisja b'sinjali ċari, u mlieha bin-nar ta' l-appostolat li kellu jġedded wiċċ l-art. "Kien permezz ta' l-interċessjoni l-aktar qawwija ta' Marija li l-Knisja kisbet fit-twelid tagħha x-xita tal-għaġeb tal-grazzja ta' l-Ispirtu tal-Feddej Divin" (MC 110). Mingħajr Marija dak in-nar ma jitkebbisx fi qlub il-bnedmin.

4. Il-Catena hija rappreżentata, kif juri isimha, bil-bordura għamla ta' katina. Id-dehra ta' Marija tielgħa bħaż-żerniq, sabiħa donnha l-qamar, tiddi bħax-xemx, tal-biża' bħall-eżerċtu lest għat-taqbida, tassew tixraq lill-antifona. Fuq ġbinha ġġib kewkba tlellex biex tagħżel lil dik li hi tassew il-Kewkba ta' filgħodu, imdawla sa mill-bidu bir-raġġi tal-grazzja feddejja, u tħabbar iż-żerniq tas-salvazzjoni.

Il-Magnificat jidher bl-ewwel vers tiegħu, dak il-ħsieb li dejjem kien f'moħħ Marija, imqiegħed kif jixraq fuq rasha b'ittri tan-nar. Il-Magnificat ikanta r-rebħa ta' l-umiltà tagħha. Hija r-rieda t'Alla, xejn anqas illum minn dak in-nhar, li jiddependi għar-rebħiet tiegħu mix-Xebba umli ta' Nazaret. B'dawk li huma

magħqudin magħha hu jkompli jagħmel ħwejjeġ kbar għal ismu.

Il-vers u t-tweġiba huma dawk tat-Tnissil bla Tebgħa, devozzjoni ewlenija tal-Leġjun, imfissra fis-sħiq ta' ras is-serp. Il-kliem tal-bordura:[1] "Inqajjem mibegħda bejnek u bejn il-mara, bejn nislek u nisilha, u hu jisħaqlek rasek" (Ġen 3:15) ifakkarna flistess ħaġa. Ix-xbieha turi din it-taqbida bla heda: Marija u sserp, uliedha u nisel is-serp; il-Leġjun u s-setgħat tal-ħażen li jitreġġgħu lura mxerrda u mirbuħa.

It-talba tal-Catena hi dik ta' Marija Medjatriċi tal-Grazzji Kollha, Omm Alla u Omm il-bnedmin kollha.

F'ras ix-xbieha jidher l-Ispirtu s-Santu, li jagħti d-doni tajba kollha. Fin-naħa t'isfel jidher il-globu mdawwar bit-tajbin u bilħżiena, xbieha ta' l-erwieħ kollha tad-dinja. Bejnhom it-tnejn hemm Marija mimlija bil-grazzja, imkebbsa kollha kemm hi blimħabba, li minnha jgħaddu kull interċessjoni u kull tqassim ta' grazzji. Imma l-ewwel tibda biex tagħni 'l dawk l-iktar fidili fost uliedha li, bħal San Ġwann, strieħu fuq il-Qalb ta' Ġesù u blimħabba kollha laqgħuha b'Ommhom. Il-kliem tal-bordura:[2] "Mara, hawn hu ibnek . . . Hawn hi ommok" (Ġw 19:26-27), ifakkar dik il-maternità li Marija wriet fuq il-Kalvarju fost niket bla tarf.

5. It-talb ta' l-aħħar jidher kull fejn tħares fix-xbieha. Il-Leġjun hu muri bħal armata bla għadd, lest għat-taqbida, miexi wara s-Sultana tiegħu, u bl-istendardi tagħha, "bil-kurċifiss f'idhom il-leminija, bil-kuruna tar-rużarju fix-xellugija, bl-ismijiet qaddisa ta' Ġesù u Marija f'qalbhom, u bir-rażan u t-tgħakkis ta' Kristu f'imġibithom" (San Lwiġi-Marija de Montfort, DV 59). It-talba tagħhom hi għall-fidi li tagħmel sopranaturali kull xejra u għemil ta' ħajjithom, u tqawwihom biex jitħabtu u jagħmlu kollox għal Kristu Sultan. Dik il-fidi tidher fil-kolonna tan-nar li tgħaqqad ħaġa waħda l-qlub tal-leġjunarji kollha, u twassalhom sar-rebħa, u sa l-Art Imwegħda minn Dejjem, waqt li xxerred il-ħġejjeġ ta' l-imħabba divina li jagħtu l-ħajja. Il-kolonna hi Marija li salvat id-dinja bil-fidi tagħha:[3] "Hienja dik li emmnet" (Lq 1:45), li issa,

[1] "Inimicitias ponam inter te et mulierem, et semen tuum et semen illius; ipsum conteret caput tuum" (Ġen 3:15).
[2] "Mulier, ecce filius tuus: Ecce mater tua" (Ġw 19:26-27).
[3] "Beata quae credidit" (Lq 1:45).

fost id-dlamijiet li jdawruna, tmexxi bla ma tiżbalja lil dawk li jsejħulha ħienja, sakemm jasal għalihom id-dawl ta' dejjem tal-Mulej Alla.

6. It-talb jagħlaq b'ħarsa li tgħaddi minn fuq it-taħbit t'issa tal-leġjunarji għal fuq is-sejħa ta' l-aħħar, meta l-leġjunarji fidili jinġabru spalla ma' spalla, b'ħadd minnhom nieqes, biex jingħataw il-kuruna li ma tidbiel qatt għat-tisħib tagħhom.

Sa dan it-tant issir talba għal ruħ dawk li għalihom it-taqbida ntemmet u qegħdin jistennew il-qawmien rebbieħ tagħhom mill-imwiet, u li għandhom mnejn jinħtieġu t-talb ta' sħabhom.

"Naqraw fit-Testment il-Qadim li l-Mulej mexxa l-poplu tiegħu mill-Eġittu sa l-Art Imwiegħda 'b'kolonna ta' sħab binhar, u b'kolonna tan-nar billejl' (Eż 13:21). Din il-kolonna tal-għaġeb, issa ta' sħab, issa ta' nar, kienet xbieha ta' Marija, u tal-ħidmiet differenti li tagħmel għall-ġid tagħna" (Sant'Alfons Liguori).

# 26

# IT-TESSERA

Folja żgħira msejħa *tessera,* bit-talb tal-Leġjun u bix-xbieha tiegħu, għandha tingħata lil kull membru attiv u awżiljarju.

Bil-Latin, il-kelma *tessera* kienet tfisser xi simbolu jew sinjal li jkunu jafu bih il-ħbieb sabiex huma, jew id-dixxendenti tagħhom, jingħarfu dejjem bejniethom. Bħala kelma militari kienet tfisser dik l-injama ċkejkna kwadra bil-kelma tal-qaddis miktuba fuqha li kienet titmexxa fost il-Leġjun Ruman.

Il-Leġjun ta' Marija japplika l-kelma tessera għall-folja ż-żgħira bit-talb u x-xbieha tiegħu. Hawn ukoll huma miġbura l-ideat li din

1. tixtered mal-Leġjun kollu;
2. turi l-kelma vera tal-qaddis tal-Leġjun — it-talb tiegħu; u
3. tkun sinjal ta' għaqda bejn l-aħwa fost il-leġjunarji kollha kull fejn jinsabu.

Ta' min jgħid li din l-idea ta' universalità tapplika għall-kelmiet l-oħra bil-Latin li huma użati għal xi karatteristiċi tas-sistema.

Dawn huma hekk t'għajnuna fil-komunikazzjoni bejn il-membri li fil-Leġjun ma nistgħux ngħaddu mingħajrhom. Ma tistax tiġi aċċettata l-oġġezzjoni li dawn idaħħlu element barrani fil-Leġjun. U tant rabbew għeruq li issa saru kelmiet leġjunarji. Tkun inġustizzja kbira li tneħħi mil-Leġjun dawn il-kelmiet siewja li jiddistingwuh.

"Fil-vjaġġ tagħna flimkien f'din id-dinja msejkna, aħna lkoll hekk dgħajfa li ninħtieġu l-id ta' ħuna biex tgħinna ħalli ma naqgħux f'nofs ta' triq. Iżda fl-ordni tas-salvazzjoni u tal-grazzja, Alla jrid li nkunu magħqudin flimkien b'mod speċjali. It-talb hu l-ħolqa li tgħaqqad il-qlub u l-ilħna kollha flimkien u tagħmilhom ħaġa waħda. Il-qawwa tinsab f'għaqda ta' talb; dan biss jagħmilna sodi biżżejjed biex ma nintrebħux. Ejjew mela nħaffu ngħaqqdu flimkien it-talb, l-isforzi, ix-xewqat tagħna, li huma ġa qawwija minnhom infushom, iżda li meta jingħaqdu jsiru qawwa li ma tintgħelibx" (Ramière).

# 27

# VEXILLUM LEGIONIS

## L-ISTENDARD TAL-LEĠJUN

Il-*Vexillum Legionis* hu mfassal, b'xi tibdil, fuq l-istendard tal-Leġjun Ruman. L-ajkla li kien hemm f'ras l-istendard ġiet mibdula f'ħamiema, is-simbolu ta' l-Ispirtu s-Santu. Taħt il-ħamiema tinsab traversa bil-kitba "Legio Mariae" (Il-Leġjun ta' Marija). Bejn it-traversa u l-bastun (u magħquda ma' ta' l-ewwel b'warda u ġilju) hemm gwarniċ ovali bi xbieha ta' Marija mnissla bla tebgħa (id-Domna Mirakuluża). Il-bastun hu mdaħħal fi globu b'bażi kwadra biex jista' jitqiegħed fuq mejda. Id-disinn kollu juri l-ħsieb li d-dinja għandha tintrebaħ mill-Ispirtu s-Santu permezz ta' Marija u ta' wliedha.

1. Xbieha tal-vexillum għandha tidher fuq il-karti uffiċjali tal-Leġjun.

2. Fil-laqgħat għandu jkun hemm fuq il-mejda mudell tal-

# VEXILLUM LEGIONIS

## L-Istendard tal-Leġjun




"San Lwiġi-Marija de Montfort fehem b'mod l-aktar ċar li ma tistax tifred lill-Verġni Marija mill-Ispirtu s-Santu. Il-Leġjun ta' Marija emmen b'konvinzjoni sħiħa t-tagħlim tiegħu fir-rigward ta' din il-għaqda, u għalhekk qed ifittex bil-ħerqa tagħrif aktar profond tad-duttrina ta' l-Ispirtu s-Santu" (Laurentin).

vexillum li jitqiegħed xi ħmistax-il ċentimetru 'l quddiem mill-istatwa, u xi ħmistax-il ċentimetru fuq il-lemin tagħha. Il-mudell li soltu jintuża għal fuq mejda, bil-bażi b'kollox hu għoli 32 ċentimetru. Ritratt tiegħu jidher faċċata ta' paġna 32. Vexilla tal-metall u l-oniċi jistgħu jinkisbu mill-Concilium.

3. Mudell kbir (kif jidher fir-ritratt faċċata ta' paġna 33) ikun meħtieġ għall-purċissjonijiet u għall-Acies. Bejn wieħed u ieħor dan għandu jkun żewġ metri għoli, li minnhom il-bastun ta' taħt il-globu għandu jieħu 60 ċentimetru. Il-bqija għandu jsir fuq id-disinn tal-paġna 155 bl-iskala ta' tnax għal wieħed. Il-bastun jidħol f'bażi (li mhix parti mill-vexillum) li żżommu wieqaf fl-Acies u meta ma jkunx qed jinġarr.

Dan il-vexillum il-kbir ma jinkisibx mill-Concilium, imma jista' faċilment jinħadem u jinżebagħ lokalment. Kunsilli u praesidia li jixtiequ jkollhom mudell iktar irfinut, bla dubju ta' xejn, jistgħu jinqdew b'materjali oħra flok injam. L-artist jista' jiżvolġi t-talenti tiegħu b'diversi modi.

4. Il-vexillum ta' fuq il-mejda huwa mħares bil-liġi tal-copyright u jinħtieġ il-permess formali tal-Concilium biex isiru kopji tiegħu.

"Dak l-istendard sabiħ tal-Leġjun ta' Marija" (Il-Papa Piju XI).

# 28

# IT-TREĠIJA TAL-LEĠJUN

## 1. DAK LI JGĦODD GĦALL-KUNSILLI KOLLHA

1. It-treġija tal-Leġjun, kemm lokali kif ukoll ċentrali, għandha ssir mill-kunsilli tiegħu li dmirhom, kull wieħed fil-qasam tiegħu, ikun li jaraw li sseħħ il-għaqda, li jgħożżu l-ideali oriġinali tal-Leġjun ta' Marija, li jżommu sħiħ l-ispirtu, ir-regoli u l-prattika tal-Leġjun kif miktuba fil-Manwal uffiċjali tal-Leġjun, u li jaħdmu għat-tixrid tal-għaqda.

Il-Leġjun, kull fejn jinsab, ikun tajjeb daqskemm jixtiquh hekk dawn il-kunsilli.

2. Il-kunsilli għandu jkollhom laqgħat regolari ta' sikwit, jiġifieri, bħala regola ġenerali, mhux anqas minn darba fix-xahar.

3. It-talb, l-ambjent u l-ordni tal-laqgħat tal-kunsilli għandhom ikunu l-istess kif mitlub fil-każ tal-praesidium barra li

1. ma jkunx hemm limiti għat-tul tal-laqgħat;
2. ir-regoli prinċipali jistgħu ma jinqrawx;
3. il-ġabra sigrieta tista' ma ssirx.

4. Kull kunsill għandu d-dmir ewlieni ta' lealtà lejn il-kunsill ogħla minnu.

5. Ebda praesidium jew kunsill m'għandu jitwaqqaf mingħajr il-permess formali tal-kunsill ogħla minnu, jew tal-Concilium Legionis, u l-approvazzjoni ta' l-awtorità kompetenti tal-Knisja.

6. Id-dritt li jagħlaq praesidium jew kunsill hu riżervat għall-isqof tad-djoċesi u għall-Concilium Legionis, kull wieħed indipendentement mill-ieħor. Minnufih, dak il-praesidium jew kunsill ma jibqgħalu xejn aktar x'jaqsam mal-Leġjun ta' Marija.

7. Kull kunsill għandu jkollu saċerdot bħala direttur spiritwali maħtur mill-awtorità kompetenti tal-Knisja, u jibqa' f'dik il-kariga sakemm jogħġob lil dik l-awtorità. Għandu jkollu awtorità deċiżiva fil-ħwejjeġ morali u reliġjużi kollha li jinqalgħu fil-laqgħat tal-kunsill, u s-setgħa li jwaqqaf kulma jkun qed isir, bil-ħsieb li jikseb deċiżjoni mingħand l-awtorità li ħatritu.

Id-direttur spiritwali jitqies b'uffiċjal ta' dak il-kunsill, u għandu jara li tithares kull awtorità leġittima tal-Leġjun.

8. Kull kunsill għandu jkollu wkoll president, viċi-president, segretarju u teżorier, u uffiċjali oħra li l-kunsill ogħla minnu japprova bħala meħtieġa. Huma jiġu eletti biex iservu fil-kariga tagħhom għal żmien ta' tliet snin u jkunu jistgħu jerġgħu jiġu eletti għall-istess kariga għal tliet snin oħra (jiġifieri total ta' sitt snin wara xulxin). Leġjunarju li ż-żmien tal-kariga tiegħu jkun għadda m'għandux ikompli jaqdi d-dmirijiet ta' dik il-kariga.

Meta uffiċjal, hi x'inhi r-raġuni, ma jtemmx iż-żmien kollu ta' tliet snin, huwa għandu jitqies li temm iż-żmien ta' tliet snin fid-data li jbattal il-kariga. Matul iż-żmien li kien għad fadallu jservi, huwa jista' jerġa' joħroġ għall-elezzjoni ta' dik l-istess kariga għal tliet snin oħra, żmien li jiġi kkunsidrat bħala t-tieni perijodu tiegħu. Jekk uffiċjal ma jkomplix sa l-aħħar it-tliet snin tat-tieni perijodu għandu jitqies li hu serva s-sitt snin sħaħ fil-jum li fih ħalla l-kariga.

Wara li wieħed itemm it-tieni perijodu f'xi kariga jridu jgħaddu

tliet snin biex huwa jkun jista' jerġa' jiġi elett għall-istess kariga fl-istess kunsill. Dan l-intervall mhuwiex meħtieġ meta tkun kariga differenti fl-istess kunsill jew tkun f'kunsill differenti minn dak ta' qabel.

Kull uffiċjal ta' kunsill għandu jkun membru attiv ta' xi praesidium u għandu joqgħod għar-regoli prinċipali.

9. Meta kunsill jogħla fil-grad (ngħidu aħna Curia ssir Comitium, eċċ.) iż-żmien tal-kariga ta' l-uffiċjali li jkun hemm jibqa' għaddej.

10. L-uffiċjali ta' kunsill għandhom jiġu eletti f'laqgħa normali tal-kunsill mill-membri ta' dak il-kunsill (jiġifieri l-uffiċjali tal-praesidia affiljati direttament, l-uffiċjali ta' kunsilli affiljati direttament u kull uffiċjal elett tal-kunsill) li jkunu preżenti. Kull leġjunarju jista' jikkontesta l-elezzjoni. Jekk jiġi elett u ma jkunx ġa membru ta' dak il-kunsill isir membru *ex officio*. L-elezzjonijiet kollha ta' l-uffiċjali jridu jgħaddu għar-ratifika tal-kunsill ogħla, iżda sadattant il-persuni eletti jistgħu jaqdu d-dmirijiet tal-kariga tagħhom.

11. Avviż li sa jintalbu nominazzjonijiet u li sa ssir elezzjoni għandu, jekk jista' jkun, jingħata lill-membri fil-laqgħa ta' qabel dik ta' l-elezzjoni. Hi ħaġa mixtieqa li min ikun sa jiġi nnominat ikun mgħarraf bid-dmirijiet tal-kariga.

12. Jistgħu jsiru kummenti — bil-prudenza kollha, m'għandniex xi ngħidu — dwar jekk wieħed huwiex addattat bħala kandidat. L-uffiċjali ta' kunsill jistgħu wkoll juru fehmithom li għalenija jirrikkmandaw persuna partikolari, jekk ilkoll jaqblu li dik il-persuna hi addattata bħala kandidat. Iżda dik ir-rikmandazzjoni m'għandhiex iżżomm in-nominazzjoni ta' kandidati oħra, jew li l-elezzjoni ma ssirx f'kollox kif għandha ssir.

13. L-elezzjoni għandha ssir b'vot sigriet u bil-mod kif sa jingħad:

L-elezzjoni għandha ssir għal kull uffiċjal għalih waħdu, u tinbeda bil-għażla ta' l-ogħla uffiċjal, u tibqa' nieżla sa l-għażla ta' l-iċken wieħed. **L-isem ta' kull kandidat għandu jkun formalment propost u ssekondat.** Jekk jitressaq l-isem ta' kandidat wieħed biss, ma jinħtieġx issir votazzjoni. Jekk tnejn jew aktar ikunu proposti u ssekondati, trid issir votazzjoni. Tingħata karta tal-votazzjoni lil kull membru preżenti tal-kunsill (inklużi d-diretturi spiritwali) bil-jedd għall-vot. Għandha ssir attenzjoni kbira dwar dan il-punt ta' l-aħħar: il-membri tal-kunsill biss

għandhom il-jedd jivvotaw. Meta l-karti jimtlew għandhom jiltwew sewwa u mbagħad jinġabru mill-iskrutaturi. L-isem ta' min jivvota m'għandux jidher fuq il-karta tal-vot.

Jekk il-għadd tal-voti juri li kandidat ġab maġġoranza assoluta ta' voti, jiġifieri numru ikbar minn dawk tal-kandidati l-oħra kollha magħduda f'daqqa, dak il-kandidat għandu jitqies elett. Iżda jekk ħadd ma jkun ġab maġġoranza assoluta, għandu jinqara ir-riżultat tal-votazzjoni; imbagħad terġa' ssir votazzjoni għall-istess kandidati. Jekk din it-tieni votazzjoni ma tagħtix maġġoranza assoluta lil kandidat wieħed, dak li jkun ġab l-inqas voti jaqa' u terġa' ssir votazzjoni għall-kandidati li jkun baqa'. Jekk it-tielet votazzjoni tkun ukoll bla riżultat pożittiv, nibqgħu sejrin bi tneħħija wieħed wara l-ieħor ta' min iġib l-inqas voti, u bil-votazzjoni fuq dawk li jibqgħu, sakemm wieħed mill-kandidati jikseb il-maġġoranza assoluta tal-voti kif inhu meħtieġ.

Il-fatt li l-elezzjoni hi għall-uffiċjali ta' għaqda reliġjuża m'għandux iwassal għal metodi ta' fuq fuq. L-elezzjoni għandha titmexxa b'forma stretta u xierqa, u bl-akbar ħsieb għas-segretezza ta' kull karta tal-votazzjoni.

Hu meħtieġ li jinkitbu dettalji sħaħ ta' l-elezzjonijiet fil-minuti tal-kunsill. Dawn id-dettalji għandhom jinkludu l-ismijiet ta' min ippropona u ta' min issekonda u n-numru ta' voti li ġab kull kandidat (fejn ikun hemm iżjed minn kandidat wieħed) u għandhom jintbagħtu lill-kunsill ogħla biex dan jara jekk il-kandidat elett għandux jiġi ratifikat.

14. Ir-rappreżentanti ta' praesidium jew kunsill fil-kunsill ogħla minnu jkunu l-uffiċjali tiegħu.

15. L-esperjenza wriet li l-aktar mezz effettiv biex kunsill ogħla jaqdi dmiru fis-superviżjoni tal-kunsilli tal-bogħod li huma affiljati miegħu hu li jappunta korrispondenti. Il-korrispondent iżomm ruħu f'kuntatt regolari mal-kunsill u mill-minuti li jirċievi kull xahar jipprepara rapport li jiġi ppreżentat fil-kunsill ogħla kull meta jkun meħtieġ. Il-korrispondent jattendi għal-laqgħat tal-kunsill ogħla u jieħu sehem fihom, iżda ma jkollux id-dritt li jivvota jekk ma jkunx membru tal-kunsill ogħla.

16. Bil-permess tal-kunsill nies oħra, membri tal-Leġjun jew le, jistgħu jieħdu sehem fil-laqgħat ta' dak il-kunsill bħala viżitaturi, iżda bla ma jkollhom dritt jivvotaw. Dawn in-nies huma fid-dmir li jżommu l-konfidenzjalità tal-laqgħa.

17. Il-kunsilli tal-Leġjun huma l-Curia, il-Comitium, ir-Regia,

is-Senatus u l-Concilium Legionis, u kunsilli oħra li jistgħu jitwaqqfu skond il-Kostituzzjoni.

18. L-ismijiet bil-Latin tad-diversi kunsilli jaqblu tajjeb mal-ħidmiet li huma jagħmlu.

Fil-Leġjun, Marija hi s-Sultana. Hi li ssejjaħ lill-qtajja' tal-Leġjun għat-taqbida glorjuża tagħhom, u tikkmandahom fil-kamp tat-taqbid, tħeġġiġhom u tmexxihom hi stess għar-rebħa. Mis-Sultana wieħed jgħaddi b'mod naturali għall-kunsill speċjali tagħha, jew "Concilium," li jirrappreżentaha bid-dieher u jaqsam magħha l-ħarsien tal-kunsilli l-oħra kollha tal-Leġjun.

Il-kunsilli tad-distrett ikunu essenzjalment korpi rappreżentattivi; il-kunsilli ogħla minnhom ikunu anqas rappreżentattivi minħabba fl-impossibbiltà prattika tal-ksib t'attendenza sħiħa għal-laqgħat regolari tal-kunsilli ċentrali li jirrappreżentaw inħawi kbar. Għalhekk l-ismijiet "Curia," "Comitium," "Regia," u "Senatus," ifissru l-karattru u l-grad tal-korpi rispettivi, u joqogħdu tajjeb għall-inħawi moqdija minnhom.

19. Kunsill ogħla jista' jgħaqqad mal-ħidmiet tiegħu l-ħidmiet ta' kunsill anqas minnu. Senatus, ngħidu aħna, jista' jaqdi wkoll id-dmirijiet ta' Curia. L-għaqda ta' dawn il-ħidmiet tista' tkun ta' vantaġġ għar-raġunijiet li ġejjin:

1. Is-soltu jkunu l-istess nies li jkollhom x'jaqsmu sew mat-treġija tal-kunsill ogħla u sew tad-distrett. Ikun jaqbel għal dawk il-leġjunarji jekk laqgħa waħda tista' tilħaq l-iskopijiet tat-tnejn.

2. Iżda hemm konsiderazzjoni aktar importanti. Ir-rappreżentanza normali f'kunsill ogħla tiġi minn distrett kbir, u għalhekk jista' jkun impossibbli li jkun hemm attendenza sħiħa għal-laqgħat regolari ta' sikwit li jridu jsiru. Minħabba f'hekk, numru żgħir ta' leġjunarji mħeġġa jisfaw mgħobbija b'responsabbiltà tqila u ħafna xogħol. Mingħajr ma wieħed ikun irid, ħafna mix-xogħol isir kif ġie ġie, jew jitħalla barra għal kollox, b'dannu kbir għal-Leġjun.

Il-għaqda ta' ħidmiet ta' kunsill ogħla ma' dawk ta' wieħed anqas minnu tiżgura attendenza kbira u kostanti mill-membri. Dawn mhux biss jilħqu d-dmirijiet tal-kunsill iż-żgħir, iżda jinteressaw ruħhom u jitħarrġu fil-ħidma tal-kunsill ogħla. B'hekk ikunu jistgħu jiġu mdaħħla għax-xogħol l-aktar importanti ta' ħarsien, ta' tixrid, u ta' kitba tal-kunsill ogħla.

Wieħed jista' joġġezzjona li arranġament bħal dan ifisser li t-treġija ta' art kbira titħalla' f'idejn korp li fih innifsu mhuwiex

ħlief kunsill distrettwali. Dan mhux eżatt, għaliex fil-kunsill ogħla r-rappreżentanti tad-distrett proprju jifformaw il-qalba biss tal-kunsill. Ir-rappreżentanti ta' kull kunsill affiljat għandhom id-dmir li jattendu, u bla dubju jagħmlu dan mill-aħjar li jistgħu skond il-kuxjenza tagħhom. Suġġeriment alternattiv hu li l-kunsill ogħla jaħdem għal rasu u jiltaqa', ngħidu aħna, erba' darbiet biss fis-sena. B'hekk tkun tista' tinkiseb attendenza rappreżentattiva kbira. Imma suġġeriment bħal dan, li hu suppost magħmul għall-ġid ta' treġija rappreżentattiva, fil-fatt ftit li xejn ikun hekk. Għaliex matul iż-żmien twil bejn laqgħa u oħra, dan il-kunsill ikollu bilfors iħalli l-ħidmiet tiegħu f'idejn l-uffiċjali tiegħu. Għalhekk il-ħidmiet ta' tmexxija jkunu f'idejn il-kunsill bl-isem biss. Minħabba f'hekk il-membri tiegħu malajr jitilfu s-sens ta' responsabbiltà u kull interess veru fil-ħidmiet tiegħu.

Barra minn hekk, korp li jdum daqshekk ma jiltaqa', ikun aktar qisu kungress milli kunsill. Ma jkollux il-kwalitajiet meħtieġa għat-tmexxija, li l-ewlenin fosthom huma s-sens ta' kontinwità u r-rabta mentali mal-ħidma ta' treġija u l-problemi li din iġġib magħha.

20. Kull leġjunarju għandu d-dritt jikkomunika privatament mal-Curia tiegħu jew ma' kull kunsill ogħla tal-Leġjun. F'dak li jagħmel dwar ħwejjeġ li jsir jaf b'dan il-mod, dan il-kunsill għandu jimxi b'dehen kbir u, m'għandniex xi ngħidu, iqis li jħares kif jixraq il-qagħda u l-jeddijiet ta' kull korp anqas minnu tal-Leġjun. Wieħed jista' joġġezzjona li ħruġ barra minn kif isir is-soltu fil-komunikazzjoni ma' korpi ogħla, jiġifieri permezz tal-korp immedjat tiegħu stess (praesidium jew kunsill) ikun nuqqas ta' lealtà. Dan mhux hekk. Għaliex ma nistgħux niċħdu l-fatt li għal diversi raġunijiet, l-uffiċjali minn xi daqqiet jaħbu minn korpi ogħla ħwejjeġ li jmisshom jgħarrfuhom bihom; b'mod li, jekk ma jkunx hemm mezz ieħor ta' informazzjoni, dawk il-korpi ogħla jistgħu jkunu mċaħħdin minn tagħrif meħtieġ. Kull kunsill għandu l-jedd li jkun jaf x'qed isir sewwa fil-qasam mogħti lilu; u dan il-jedd essenzjali għandu jkun imħares, għax mingħajru l-kunsill ma jkunx jista' jaħdem sewwa.

21. Kull korp leġjunarju għandu d-dmir li jgħin bil-flus lill-kunsill ogħla minnu. Dwar dan ara l-kapitli 34 u 35.

22. Il-qofol ta' kunsill leġjunarju hi d-diskussjoni sinċiera u ħielsa tax-xogħol u l-problemi tiegħu. M'huwiex biss korp għall-ħarsien u għad-deċiżjonijiet, imma skola għall-uffiċjali. Imma

dawn kif jistgħu jitħarrġu jekk ma jkunx hemm diskussjoni, jew tifsir tal-prinċipji u ideali leġjunarji, eċċ? Barra minn hekk, kulħadd għandu jieħu sehem fid-diskussjoni. Kunsill m'għandu qatt isir jixbah lil teatru fejn ftit atturi jirreċtaw quddiem udjenza siekta. Kunsill ikun biss qed jaħdem kif suppost jekk il-membri tiegħu kollha jagħtu s-sehem tagħhom. Membru ma jkunx iwettaq dmiru f'kunsill jekk ma jeħux parti attiva fih. Meta jisma' biss, jista' jieħu xi ħaġa mill-kunsill, imma ma jagħtih xejn. Tabilħaqq jista' joħroġ mil-laqgħa tal-kunsill b'moħħu vojt, minħabba l-fatt psikoloġiku li t-telqa ddallam il-memorja. Il-membru li filkunsill jibqa' dejjem sieket jixbah lil dik iċ-ċellola tal-moħħ jew tal-ġisem tal-bniedem, li għax ma taħdimx ma tagħtix dak li hu mistenni minnha, ma tilħaqx l-iskop tagħha, u tista' tkun ta' periklu għal dik il-persuna. Tkun ħasra jekk xi ħadd jisfa ta' periklu għall-korp leġjunarju li hu tant ikun jixtieq jaqdi. Li wieħed jibqa' lura, fejn il-ħidma hi tabilħaqq meħtieġa, ikun bħat-taħsir; u t-taħsir malajr jinxtered.

Għalhekk bħala prinċipju, l-ebda membru ma għandu jibqa' b'ħalqu magħluq. Għandu jagħti s-sehem sħiħ tiegħu għall-ħajja tal-korp mhux biss billi jkun preżenti u jisma', iżda wkoll billi jitkellem. Tinstama' taċ-ċajt, iżda ħalli tingħad bis-serjetà: kull membru għandu jagħmel xi rimarka għall-inqas darba fissena. Dawk li jistħu jġibu kull skuża biex ma jitkellmux, imma huma għandhom jirbħu dan-nuqqas ta' rieda u f'din il-ħaġa juru ftit minn dik il-qlubija li l-Leġjun jistenna f'kollox.

Għal dan li għadu kemm intqal, malajr xi ħadd iwieġeb li ma jistax ikun li jitkellem kulħadd fiż-żmien li jkun hemm; u bla dubju hekk hu. Imma nħallu dik il-problema għal meta tinqala'. Issoltu l-problema hi bil-kontra, jiġifieri li l-kotra ma tiħux sehem, waqt li d-diskussjoni ssir minn ftit kelliema mdorrijin jitħaddtu dejjem. Minn xi daqqiet is-skiet tal-ħafna jitgħatta bl-elokwenza tal-ftit. Ħafna drabi l-president, bil-kliem żejjed, joħnoq lill-oħrajn kollha. Wieħed għandu ħafna għax jibża' minn leħen wieħed li jitfi lil kulħadd. Minn xi daqqiet il-president jiskuża ruħu billi jgħid li jekk ma jitkellimx hu, jaqa' skiet tal-mewt. Jista' tassew ikun hekk, imma m'għandux jibża' minn dak il-waqt ta' ħemda. Dik il-ħemda tkun l-istedina l-iktar imħeġġa lill-membri biex b'leħinhom jagħtu ħajja lill-kunsill. Hija tqawwi l-qalb ta' dawk l-aktar mistħija u tiżgurahom li issa hu l-mument tagħhom; issa ma jfixklux lil ħaddieħor billi jgħidu xi ħaġa huma.

Il-president għandu jżomm bħala prinċipju li ma jgħidx kelma waħda biss bla bżonn. Hu għandu jeżamina l-mod kif imexxi l-laqgħa f'dan ir-rigward.

23. Biex tgħin il-laqgħa titkellimx b'ton ta' sfida; lanqas m'għandek tagħmel mistoqsija mingħajr ma żżid xi ħsieb għat-tweġiba, jew tqanqal diffikultà bla ma tipprova tħollha. Meta tkun negattiv biss ma tantx tkun il-bogħod minn dak is-skiet li jġib il-qerda.

24. Dak li dejjem għandna nfittxu fil-laqgħat tal-Leġjun hu li nirbħu lejna lil dak li jkun, u mhux li negħlbuh b'votazzjoni. Deċiżjoni mgħaġġla tista' tħalli l-membri mifrudin f'minoranza u maġġoranza rebbieħa, b'sentimenti mweġġgħin u b'nuqqas ta' qbil iktar minn qabel. Min-naħa l-oħra deċiżjonijiet milħuqa wara tgħarbil bis-sabar u tifsir sħiħ ta' fehmiet jintlaqgħu minn kulħadd b'mod li t-tellief jirbaħ mertu bit-telfa tiegħu, u r-rebbieħ ma jitilfux bir-rebħa.

Għalhekk meta f'ħaġa mhux kulħadd jaqbel, dawk li jkunu fil-maġġoranza għandu jkollhom sabar kbir. Jistgħu jkunu mqarrqa, u tkun ħaġa kerha wisq li tgħaddi ta' min hu mqarraq. Fejn jista' jkun, deċiżjoni għandha titħalla għal laqgħa oħra, u jekk ikun hemm bżonn għal aktar minn waħda oħra, biex tkun tista' titgħarbel bir-reqqa kollha. Il-membri għandhom jiġu mgħarrfin b'kull punt tal-kwistjoni u jiġu mħajra jitolbu għad-dawl. Għandhom jifhmu lkoll li mhux rebħa għal opinjoni hemm fin-nofs, imma tfittxija umli għar-rieda t'Alla f'dik il-ħaġa. Meta jsir hekk, jinstab li fil-biċċa l-kbira tal-każi jintlaħaq ftehim sħiħ.

25. Jekk irridu noqogħdu attenti li dejjem ikun hemm il-ftehim fil-praesidium fejn nuqqas ta' qbil ftit jinqala', kemm iktar għandna noqogħdu għassa fil-kunsilli; għaliex:

1. Hemmhekk il-membri huma anqas imdorrija jaħdmu flimkien.

2. Differenzi fil-fehmiet ikun hemm bil-bosta. Hu għalhekk wieħed mill-iskopijiet ewlenin tal-kunsilli li jġib il-ftehim. Tgħarbil ta' ħidmiet ġodda, sforzi għal livelli ogħla, ħtieġa ta' dixxiplina in ġenerali, diskussjoni dwar nuqqasijiet — dawn huma ħwejjeġ li jnisslu differenzi fil-fehmiet li jistgħu jiżviluppaw b'mod li xejn ma jogħġob.

3. Fejn ikun hemm ħafna membri, faċli ħafna li fosthom ikun hemm x'uħud li, għalkemm ikunu ħaddiema mill-aqwa, kulħadd ikun jafhom bħala nies li jfittxu x-xagħra fl-għaġina.

Dawn ikollhom influwenza ħażina fuq il-laqgħa. Il-ħila tal-ħidma tagħhom tirbħilhom il-partitarji. Joħolqu atmosfera ta' polemika li tista' tqajjem ċerta mibegħda. Fl-aħħar jiġri li dik il-laqgħa li suppost tkun mudell għal dawk ta' taħtha, lezzjoni prattika ta' mħabba bejn l-aħwa u ta' metodu kif għandu jitmexxa x-xogħol, tispiċċa biex tagħti eżempju ħażin lil-leġjunarji kollha. Il-qalb tkun titfa' l-aċidu fil-vini tal-Leġjun.

4. Sikwit jinstabu lealtajiet imqarrqa, bħalma hija x-xeħta li xxaqleb kontra kunsill ieħor fil-qrib jew wieħed ogħla, li jiġi akkużat li qabeż is-setgħat tiegħu jew li ma mexiex kif jixraq. Kemm jinħolqu u jitwemmnu malajr każijiet bħal dawn!

5. "Qatt ma jiltaqgħu nies f'numru mdaqqas li l-passjoni, l-amor proprju, il-kburija u n-nuqqas ta' twemmin, ftit jew wisq reqdin fil-wieħed u fl-ieħor, ma jiħdux in-nar u jsiru biċċa mill-għaqda tagħhom. Ukoll meta fil-poplu kollu jkun hemm it-twemmin, ukoll meta nies reliġjużi jiltaqgħu għal skopijiet reliġjużi, minkejja dan, meta jiltaqgħu f'daqqa juru f'qasir żmien din id-debbolizza li l-bniedem jitwieled biha u fl-ispirtu u fl-imġiba tagħhom, f'dak li jgħidu u jagħmlu, isibu ruħhom f'kuntrast kbir mas-sempliċità u mar-rettitudni Nisranija. Dan hu dak li l-kittieba qaddisa jifhmu b"dinja' u għalhekk iwissuna kontrieha; u t-tifsira li jagħtuha tgħodd, sa ċertu punt, għal kull ġemgħa u laqgħa ta' nies, għoljin u baxxi, nazzjonali u professjonali, lajċi u ekkleżjastiċi" (Il-Kardinal Newman: *Fid-Dinja*).

Dan il-kliem jaħsdek imma ġej minn bniedem li jaħseb fil-fond. San Girgor Nazjanzenu jgħid l-istess ħaġa fi kliem ieħor. Meta jitgħarbel, kliem li għall-ewwel jgħaġġbek, jinġabar f'dan: li d-"dinja" hija nuqqas ta' mħabba; li l-imħabba hi dgħajfa fina; li dan in-nuqqas, sa ċertu punt, jissewwa b'irbit ta' parentela, intimità u ħbiberija (meta n-numru jkun żgħir); iżda li meta jikber in-numru u tibda l-kritika u n-nuqqas ta' ftehim, in-nuqqasijiet f'dik l-imħabba jħallu riżultati tassew ta' swied il-qalb. "Alla nnifsu u l-imħabba huma ħaġa waħda," jgħid San Bernard. "Fejn ma ssaltanx l-imħabba, isaltnu l-passjonijiet u x-xewqat tal-ġisem. Jekk it-torċa tal-fidi ma taqbadx bin-nar ta' l-imħabba, ma ddumx tixgħel biżżejjed biex twassalna sa l-hena ta' dejjem . . . m'hemmx virtù vera mingħajr imħabba."

Ftit jiswielhom il-leġjunarji li jaqraw it-twissijiet ta' periklu msemmija u li jwiegħdu li bejniethom "dan ma jiġri qatt". Jista' jiġri, u jiġri żgur, jekk ikun hemm nuqqas ta' mħabba fil-laqgħat

tagħhom, jekk hemm jitħalla jiddgħajjef l-ispirtu sopranaturali. Il-għassa ma għandha tieqaf qatt. Naqraw fl-istorja li l-Leġjun Ruman qatt ma għadda lejl, lanqas waqt il-mixjiet twal, mingħajr ma waqqaf kamp, dawru bit-trunċieri, u ffortifikah bl-akbar reqqa; u dan anki jekk għal lejl wieħed biss, anki jekk il-għadu kien fil-bogħod, anki fi żmien il-paċi. B'xi ftit minn dik id-dixxiplina eżatta, il-Leġjun ta' Marija għandu jfittex li jħares il-kampijiet tiegħu (li huma l-laqgħat) mill-periklu li jidħol dan l-ispirtu qerriedi tad-"dinja." Dan il-ħarsien niksbuh billi nwarrbu l-kliem u x-xejriet kollha li jagħmlu ħsara lill-imħabba, u billi ngħaddsu l-laqgħat fl-ispirtu ta' talb u ta' devozzjoni leġjunarja sħiħa.

"Il-grazzja, mhux anqas min-natura, għandha s-sentimenti u l-ġibdiet tagħha. Għandha l-imħabba, iż-żelu, it-tamiet, il-ferħ, in-niket tagħha. Issa dawk is-'sentimenti' tal-grazzja dejjem instabu fil-milja tagħhom f'Sidtna Marija li għexet aktar bil-ħajja tal-grazzja milli b'dik tan-natura. Il-kotra kbira tal-fidili aktarx huma fl-istat tal-grazzja milli fil-ħajja tal-grazzja. Il-Verġni Mbierka, għal kollox differenti minnhom, kienet dejjem fil-grazzja u, aktar minn hekk, kienet fil-ħajja tal-grazzja, matul ħajjitha kollha fuq din l-art" (Gibieuf: *Il-Verġni Addolorata taħt is-Salib*).

## 2. IL-CURIA U L-COMITIUM

1. Meta f'belt jew distrett ikunu twaqqfu żewg praesidia jew aktar, għandu jitwaqqaf korp għat-treġija, imsejjaħ Curia. Il-Curia għandha tkun magħmula mill-uffiċjali kollha (inklużi d-diretturi spiritwali) tal-praesidia fiż-żona tagħha.

2. Meta jinstab li xi Curia, fid-distrett tagħha, barra mill-ħidmiet tagħha jinħtieġ jingħatawlha ċerti setgħat ta' ħarsien fuq Curia jew Curiae oħra, din il-Curia ogħla għandha tissejjaħ bl-isem iżjed partikolari ta' Comitium.

Il-Comitium mhux kunsill ġdid. Huwa jibqa' jagħmel il-ħidmiet ta' Curia għad-distrett tiegħu, u jmexxi l-praesidia tiegħu direttament. Minbarra dan jieħu ħsieb ta' Curia waħda jew iżjed.

Kull Curia u praesidium li jkunu affiljati direttament mal-Comitium għandhom il-jedd għal rappreżentanza sħiħa fih.

Biex ir-rappreżentanti ta' Curia ma jkollhomx jattendu għal-laqgħat kollha tal-Comitium (li flimkien mal-laqgħat tal-Curia tagħhom stess aktarx li tkun tagħbija żejda), dak li għandu

x'jaqsam ma' dik il-Curia jista' jitħalla għal kull tieni jew tielet laqgħa tal-Comitium meta r-rappreżentanti tagħha jkunu mistennija li jattendu.

Ġeneralment, Comitium m'għandux iħaddan distrett akbar minn djoċesi.

3. Id-direttur spiritwali għandu jintgħażel mill-isqof tad-djoċesi li fiha taħdem il-Curia (jew Comitium).

4. Il-Curia għandha tħaddem is-setgħat tagħha fuq il-praesidia affiljati magħha skond il-Kostituzzjoni tal-Leġjun. Għandha taħtar l-uffiċjali tagħhom (barra mid-direttur spiritwali), u tieħu ħsieb iż-żmien tal-kariga tagħhom.

Dwar kif jinħatru, ara t-taqsima 11 tal-kapitlu 14, *Il-Praesidium.*

5. Il-Curia għandha tiżgura li l-praesidia u l-membri tagħhom iħarsu r-regoli bir-reqqa.

Dawn li ġejjin għandhom ikunu fost il-ħidmiet importanti tal-Curia:

1. li tifforma u tissorvelja l-uffiċjali fid-dmirijiet tagħhom u fit-tmexxija ġenerali tal-praesidia tagħhom;

2. li jingħatalha rapport minn kull praesidium mhux inqas minn darba fis-sena;

3. li l-membri jaqsmu bejniethom l-esperjenzi tagħhom;

4. li tfittex ħidmiet ġodda;

5. li toħloq livelli għolja;

6. li tiżgura li kull leġjunarju jagħmel sewwa l-ħidma li għandu jagħmel kull ġimgħa;

7. li tkabbar il-Leġjun u li tħeġġeġ il-praesidia biex idaħħlu membri awżiljarji, jieħdu ħsiebhom u jorganizzawhom.

Għalhekk jidher ċar li jkun meħtieġ grad għoli ta' kuraġġ morali mill-Curia u speċjalment mill-uffiċjali tagħha, biex din taqdi sewwa d-dmirijiet tagħha.

6. Id-destin tal-Leġjun jinsab f'idejn il-Curiae tiegħu, u l-futur tiegħu jiddependi minn kif huma jiżviluppaw. Il-qagħda tal-Leġjun f'distrett m'għandhiex titqies soda qabel ma titwaqqaf Curia hemmhekk.

7. Leġjunarji taħt it-18-il sena ma jistgħux jattendu f'Curia tal-kbar. Iżda jekk jitqies xieraq mill-Curia tista' titwaqqaf Curia taż-żgħar li tkun tiddependi mill-Curia tal-kbar.

8. Hu assolutament meħtieġ li l-uffiċjali tal-Curia, fuq kollox il-president, ikunu jistgħu faċilment jintlaħqu mil-leġjunarji li

jagħmlu ma' dik il-Curia biex id-diffikultajiet jew suġġerimenti jew ħwejjeġ oħra li jkunu għadhom ma waslux għal diskussjoni pubblika jistħarrġuhom flimkien.

9. Hu wisq mixtieq li l-uffiċjali, l-iktar il-president, ikunu jistgħu jiddedikaw ħafna żmien għal dmirijiethom, għax ħafna jiddependi minn hekk.

10. Meta taħt Curia jkun hemm numru kbir ta' praesidia, innumru ta' rappreżentanti li jiltaqgħu fiha jkun kbir ġmielu. Dan jista' jkun ta' tfixkil rigward il-post tal-laqgħa u l-perfezzjoni fittmexxija, imma l-Leġjun jemmen li dawn jitpattew fil-wisa' minn ħwejjeġ oħra. Il-Leġjun jistenna li l-Curiae jkunu iktar minn makkinarju t'amministrazzjoni. Kull Curia hi l-qalb u l-moħħ tal-praesidia li jagħmlu magħha. Hi ċ-ċentru tal-għaqda, u għalhekk aktar ma jiżdiedu r-rabtiet (jiġifieri r-rappreżentanti) li jgħaqqduha mal-praesidia individwali, aktar tissaħħaħ dik il-għaqda, u aktar żguri jkunu l-praesidia li jnisslu l-ispirtu u l-metodu tal-Leġjun. Ikun biss fil-laqgħat tal-Curia li l-ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu mar-ruħ tal-Leġjun jiġu diskussi u mitgħallma. Minn hemm jitwasslu lill-praesidia fejn jixterdu fost il-membri.

11. Il-Curia għandha tiżgura li kull praesidium issirlu żjara minn żmien għal ieħor, jekk jista' jkun darbtejn fis-sena, bilħsieb li tħeġġu u tara jekk kollox huwiex miexi kif suppost. Hu ferm importanti li dan id-dmir ma jsirx bi spirtu ta' tmaqdir jew kritika, li twassal biex il-miġja tal-viżitaturi tkun mistkerrha, u r-rikmandazzjonijiet tagħhom ma jintlaqgħux, imma bi spirtu ta' mħabba u umiltà li jifhem li fil-praesidium li ssirlu ż-żjara hemm mhux biss x'wieħed jgħallem imma wkoll x'jitgħallem.

Il-praesidium li lilu tkun sa ssir iż-żjara għandu jkun avżat biha għall-inqas minn ġimgħa qabel.

Kultant jista' jiġri li din iż-żjara tkemmex ix-xufftejn għax tiftiehem bħala "ndħil barrani." Xejra bħal din tonqos mir-rispett lejn il-Leġjun li tiegħu dawk il-praesidia m'humiex ħlief friegħi, u li tiegħu huma mistennija jkunu friegħi fidili. Għandha l-id tgħid lir-ras, "Ma ninħtieġx l-għajnuna tiegħek"? Barra minn hekk, hu nuqqas ta' gratitudni, għaliex dawk it-taqsimiet ma jafux forsi l-ħajja tagħhom lil dak l-"indħil barrani"? Hu nuqqas ta' konsistenza, għaliex kemm jilqgħu bil-qalb mingħand l-awtorità ċentrali tagħhom ħwejjeġ li jarawhom bħala benefiċċji. Hi wkoll bluha, għaliex b'hekk huma jeħduha kontra l-esperjenza universali. Nitgħallmu mill-ħajja ta' kull organizzazzjoni (reliġjuża,

ċivili jew militari) li biex jinżammu sħaħ l-ispirtu u l-effiċjenza hemm bżonn nifhmu tajjeb u naċċettaw bla tgergir u b'mod prattiku l-"prinċipju ċentrali." Żjara regolari tat-taqsimiet ta' l-organizzazzjoni hi parti wisq meħtieġa fl-applikazzjoni ta' dak il-prinċipju, u l-ebda għamla xierqa t'awtorità ma tittraskura dmirha dwar dan.

Iżda barra mill-fatt li żjara mill-Curia hi ta' ħtieġa għall-ġid tiegħu, kull praesidium għandu jiftakar li hi parti mir-regola, u għalhekk għandu jinsisti li l-Curia ma jaqbżilhiex dan id-dmir. Naturalment, għandha tingħata merħba mill-qalb lill-viżitaturi.

Meta ssir din iż-żjara, il-viżitaturi għandhom jeżaminaw id-diversi listi tal-membri, il-minuti tas-segretarju u r-rendikont tat-teżorier, il-lista tax-xogħol, u kull ħaġ'oħra fis-sistema tal-praesidium, bl-iskop li jistħarrġu humiex miżmuma sewwa, u jiżguraw ruħhom li l-Wegħda Leġjunarja tkun saret minn kull membru li temm iż-żmien meħtieġ ta' prova.

Din iż-żjara għandha ssir minn żewġ rappreżentanti tal-Curia. Mhux bilfors ikunu uffiċjali tal-Curia; jista' jintbagħat kull leġjunarju ta' esperjenza. Il-viżitaturi għandhom jagħtu rapport bil-miktub lill-uffiċjali tal-Curia dwar ir-riżultat taż-żjara. Kopja tal-formola tar-rapport tista' tinkiseb mill-Concilium.

In-nuqqasijiet li jinstabu m'għandhomx jissemmew mill-ewwel fil-beraħ, la fil-praesidium innifsu u lanqas fil-Curia. Għandhom jiġu diskussi mad-direttur spiritwali u mal-president tal-praesidium. Jekk b'dan ma jissewwewx, għandhom jitressqu quddiem il-Curia.

12. Ir-relazzjoni tal-Curia mal-membri tagħha tixbah ħafna lil dik ta' praesidium mal-membri tiegħu. Għalhekk dak kollu li f'dawn il-paġni jingħad dwar l-attendenza u l-imġiba tal-leġjunarji fil-laqgħat tal-praesidium għandu jittieħed li jgħodd xorta waħda għall-attitudni tar-rappreżentanti tal-praesidia lejn il-laqgħat tal-Curia. Heġġa f'affarijiet oħra ma tpattix għal nuqqas min-naħa ta' l-uffiċjali li jmorru dejjem għal-laqgħat tal-Curia.

13. Il-Curia tiltaqa' kull meta u fejn trid hi bl-approvazzjoni tal-kunsill ogħla minnha. Jekk jista' jkun, dawn il-laqgħat għandhom isiru mhux inqas minn darba fix-xahar. Ara għaliex il-laqgħat isiru daqstant spiss fil-paragrafu 19 ta' l-ewwel taqsima ta' dan il-kapitlu.

14. Is-segretarju, bi ftehim mal-president, għandu jħejji minn qabel aġenda għal-laqgħa u jibgħatha lil kull direttur spiritwali

u lil kull president qabel il-laqgħa tal-praesidium li ssir sewwa-sew qabel il-laqgħa tal-Curia. Għandu jkun id-dmir tal-president li jgħarraf lir-rappreżentanti l-oħra tal-praesidium. Din l-aġenda għandha tkun proviżorja u l-membri għandhom ikunu ħielsa kemm jista' jkun li jqajmu punti oħra.

15. Il-Curia għandha tgħasses sewwa li l-praesidia ma jeħdux id-drawwa li jagħtu għajnuna materjali għax dan ikun ifisser it-tmiem ta' kull ħidma leġjunarja tabilħaqq ta' siwi. Il-verifika li ssir minn żmien għal ieħor tar-rendikont tat-teżorier, tgħin lill-Curia biex tinduna mal-ewwel fejn l-affarijiet ma jkunux mexjin sew.

16. Il-president (u m'għandniex xi ngħidu, l-istess ħaġa tgħodd għal dawk kollha fl-awtorità) għandu joqgħod attent li ma jaqax fl-iżball wisq komuni li jżomm f'idejh sa l-anqas nitfa ta' responsabbiltà. Fost id-deni li tagħmel xejra bħal din, hemm li x-xogħol jimxi bil-mod. F'postijiet kbar fejn il-ħidma hija kbira ġmielha, din tista' wkoll tipparalizza s-sistema kollha. Aktar ma għonq il-flixkun ikun dejjaq, aktar dak li jkun fih jitferra' bil-mod, sakemm x'uħud xi darba jitilfu sabarhom u jkissru għonq il-flixkun.

Iżda deni akbar minn dan hu li ċ-ċaħda ta' ftit responsabbiltà lil dawk li jifilħu jerfgħuha, isservi ta' inġustizzja kemm lejn dawk l-individwi u kemm lejn il-Leġjun. It-taħriġ ta' ftit responsabbiltà hi parti meħtieġa fl-iżvilupp ta' kwalitajiet kbar fl-individwi. Ir-responsabbiltà tista' tabilħaqq tbiddel ir-ramel f'deheb!

Is-segretarju m'għandux jintrabat biex jagħmel biss xogħol ta' kitba, u lanqas it-teżorier dak tal-kontijiet biss. L-uffiċjali kollha, u anki l-membri kbar u dawk li juru ħila, għandhom jingħataw oqsma ta' inizjattiva u kontroll li għalihom huma jkunu responsabbli — m'għandniex xi ngħidu, dejjem fidili lejn l-awtorità ta' fuqhom. L-ogħla skop għandu jkun li kull leġjunarju jimtela b'sens ta' responsabbiltà għall-ġid u għat-tixrid tal-Leġjun bħala mezz qawwi għall-għajnuna ta' l-erwieħ.

"L-opri kollha t'Alla huma mibnija fuq l-unità, għax mibnija fuqu nnifsu, li fost l-unitajiet kollha hu l-aktar waħda sempliċi u bla limiti. Hu assolutament Wieħed; u billi jidher ukoll taħt ħafna suriet fl-attributi u fl-għemejjel tiegħu kif jidhru quddiem il-moħħ tagħna, ngħidu li l-ordni u l-armonija huma l-essenza nfisha tiegħu" (Il-Kardinal Newman: *L-Ordni, ix-Xhieda u l-Istrument ta' l-Unità.* Dan il-paragrafu u t-tlieta li ġejjin, fl-oriġinal jifformaw biċċa waħda).

## 3. IR-REGIA

1. Kunsill maħtur mill-Concilium biex imexxi l-Leġjun ta' Marija f'territorju kbir, u li jkun grad inqas minn Senatus, għandu jissejjaħ Regia. Hu l-Concilium li jiddeċiedi jekk Regia għandhiex tkun affiljata mal-Concilium innifsu jew ma' Senatus.

2. Meta kunsill li diġà jeżisti jingħata l-grad ta' Regia dan ikompli jeżerċita s-setgħa li kellu qabel flimkien mar-responsabbiltajiet il-ġodda tiegħu (ara l-paragrafu 19 ta' l-ewwel taqsima ta' dan il-kapitlu).

Il-membri tar-Regia huma:

1. l-uffiċjali ta' kull korp leġjunarju li hu affiljat direttament mar-Regia, u
2. il-membri tal-kunsill li jkun ġie mogħti l-grad ta' Regia, meta dan hu l-każ.

3. Id-direttur spiritwali tar-Regia għandu jinħatar mill-isqfijiet tad-djoċesijiet li fuqhom ir-Regia teżerċita s-setgħa tagħha.

4. L-elezzjonijiet ta' l-uffiċjali tal-kunsilli affiljati direttament iridu jgħaddu għar-ratifika tar-Regia. Dawn l-uffiċjali għandhom id-dmir li jattendu għal-laqgħat tar-Regia ħlief meta ċ-ċirkostanzi ma jħalluhomx (ngħidu aħna distanza, eċċ).

5. L-esperjenza wriet li l-aktar mezz effettiv biex ir-Regia taqdi dmirha fis-superviżjoni tal-kunsilli tal-bogħod li huma affiljati magħha hu li tappunta korrispondenti. Il-korrispondent iżomm ruħu f'kuntatt regolari mal-kunsill, u mill-minuti li jirċievi kull xahar jipprepara rapport li jiġi ppreżentat fil-laqgħa tar-Regia meta jkun meħtieġ. Il-korrispondent jattendi għal-laqgħat tar-Regia u jieħu sehem fihom, iżda ma jkollux id-dritt li jivvota jekk ma jkunx membru tar-Regia.

6. Kopja tal-minuti tal-laqgħat tar-Regia għandha tintbagħat lill-kunsill li miegħu hija affiljata.

7. Kull proposta għal tibdil tal-formazzjoni tar-Regia li tista' taffettwa b'mod sostanzjali l-qalba ta' l-attendenza għal-laqgħat tinħtieġ l-approvazzjoni formali tal-Concilium, sew jekk ir-Regia hija affiljata mal-Concilium u sew jekk hi affiljata ma' Senatus.

8. Fi żmien ir-Rumani r-Regia kienet ir-residenza u l-uffiċċju tal-Pontifex Maximus; biż-żmien saret tfisser il-qorti jew belt kapitali ta' re.

"L-attributi t'Alla huma ħafna u magħżula minn xulxin, iżda Alla huwa wieħed. Alla huwa qdusija, ġustizzja, verità, imħabba, qawwa, u għerf. Hu fl-istess ħin kull wieħed minn dawn l-attributi, daqslikieku kien dak biss u l-oħrajn ma jeżistux. Dan juri li fin-Natura Divina hemm ordni li ssaltan bla qies u li b'xejn ma nifhmuha. Dan hu attribut tal-għaġeb daqs kull wieħed mill-oħrajn, u r-riżultat tagħhom kollha" (Il-Kardinal Newman: *L-Ordni, ix-Xhieda u l-Istrument ta' l-Unità*).

## 4. IS-SENATUS

1. Kunsill maħtur mill-Concilium biex imexxi l-Leġjun ta' Marija f'pajjiż għandu jissejjaħ Senatus. Dan għandu jkun affiljat direttament mal-Concilium.

F'pajjiżi fejn, minħabba d-daqs tagħhom, jew għal raġunijiet oħra, Senatus wieħed ma jkunx biżżejjed, jista' jingħata l-permess għall-ftuħ ta' żewġ Senatus jew aktar, u kull wieħed minnhom ikun affiljat direttament mal-Concilium u jmexxi l-Leġjun fiż-żona li tkun assenjata lilu mill-Concilium.

2. Meta kunsill li diġà jeżisti jingħata l-grad ta' Senatus dan ikompli jeżerċita s-setgħa li kellu qabel flimkien mar-responsabbiltajiet il-ġodda tiegħu (ara l-paragrafu 19 ta' l-ewwel taqsima ta' dan il-kapitlu).

Il-membri tas-Senatus huma:

1. l-uffiċjali ta' kull korp leġjunarju li hu affiljat direttament mas-Senatus; u

2. il-membri tal-kunsill li jkun ġie mogħti l-grad ta' Senatus, meta dan hu l-każ.

3. Id-direttur spiritwali tas-Senatus għandu jinħatar mill-isqfijiet tad-djoċesijiet li fuqhom is-Senatus jeżerċita s-setgħa tiegħu.

4. L-elezzjonijiet ta' l-uffiċjali tal-kunsilli affiljati direttament iridu jgħaddu għar-ratifika tas-Senatus. Dawn l-uffiċjali għandhom id-dmir li jattendu għal-laqgħat tas-Senatus ħlief meta ċ-ċirkostanzi ma jħalluhomx (ngħidu aħna distanza, eċċ).

5. L-esperjenza wriet li l-aktar mezz effettiv biex is-Senatus jaqdi dmiru fis-superviżjoni tal-kunsilli tal-bogħod hu li jappunta korrispondenti. Il-korrispondent iżomm ruħu f'kuntatt regolari mal-kunsill, u mill-minuti li jirċievi kull xahar jipprepara rapport li jiġi ppreżentat fil-laqgħa tas-Senatus meta jkun meħtieġ. Il-

korrispondent jattendi għal-laqgħat tas-Senatus u jieħu sehem fihom, iżda ma jkollux id-dritt li jivvota jekk ma jkunx membru tas-Senatus.

6. Kopja tal-minuti tal-laqgħat tas-Senatus għandha tintbagħat lill-Concilium.

7. Kull proposta għal tibdil fil-formazzjoni tas-Senatus li tista' taffettwa b'mod sostanzjali l-qalba ta' l-attendenza għal-laqgħat tinħtieġ l-approvazzjoni formali tal-Concilium.

"Alla hu liġi bla tarf, kif ukoll qawwa, għerf u mħabba bla tarf. Barra minn dan, l-istess idea t'ordni fiha l-idea tas-subordinat. Jekk hemm ordni fl-attributi divini, għandhom ikollhom x'jaqsmu wieħed ma' l-ieħor, u għalkemm kull wieħed hu perfett fih innifsu, għandu jaħdem b'mod li ma jtellifx il-perfezzjoni tal-bqija, u f'każi partikolari għandu jidher iċedi lill-oħrajn" (Il-Kardinal Newman: *L-Ordni, ix-Xhieda u l-Istrument ta' l-Unità*).

## 5. IL-CONCILIUM LEGIONIS MARIAE

1. Għandu jkun hemm kunsill ċentrali, li jissejjaħ il-Concilium Legionis Mariae, li jkollu l-ogħla setgħa ta' treġija tal-Leġjun. Lilu waħdu (għalkemm dejjem soġġett għad-drittijiet ta' l-Awtorità tal-Knisja kif jingħad f'dan il-Manwal) jappartjieni d-dritt li jagħmel, jibdel jew jinterpreta r-regoli; li jiftaħ jew jagħlaq praesidia u kunsilli li jaqgħu taħtu, jkunu fejn ikunu; li jiddeċiedi x'għandu jagħmel il-Leġjun f'kollox, li jkollu l-aħħar kelma f'kull nuqqas ta' qbil u appelli, fil-kwistjonijiet kollha dwar it-tisħib u fil-punti kollha dwar is-siwi ta' xi ħidmiet, u kif dawn għandhom isiru.

2. Il-Concilium Legionis Mariae jiltaqa' kull xahar f'Dublin, l-Irlanda.

3. Il-Concilium jista' jiddelega parti mill-ħidmiet tiegħu lill-kunsilli iżgħar minnu jew lil praesidia partikolari, u jista' jbiddel meta jrid is-setgħa hekk mogħtija.

4. Il-Concilium jista' jgħaqqad mal-ħidmiet proprji tiegħu dawk ta' kunsill jew kunsilli iżgħar minnu.

5. Il-Concilium Legionis Mariae għandu jkun magħmul mill-uffiċjali ta' kull korp leġjunarju li hu affiljat direttament mal-Concilium. L-uffiċjali tal-Curiae tal-kbar ta' l-Arċidjoċesi ta' Dublin jif-

formaw il-qalba ta' l-attendenza tal-laqgħat tal-Concilium. Minħabba d-distanzi u raġunijiet oħra, l-attendenza regolari tal-maġġoranza l-kbira tal-korpi l-oħra tal-Leġjun mhijiex possibbli. Il-Concilium iżomm id-dritt li jbiddel ir-rappreżentanza tal-Curiae ta' Dublin.

6. Id-direttur spiritwali tal-Concilium għandu jinħatar mill-Ġerarkija ta' l-Irlanda.

7. L-elezzjonijiet ta' l-uffiċjali tal-kunsilli affiljati direttament iridu jgħaddu għar-ratifika tal-Concilium.

8. Il-Concilium jaħtar korrispondenti biex jgħinuh jaqdi dmiru fis-superviżjoni tal-kunsilli tal-bogħod. Il-korrispondent iżomm ruħu f'kuntatt regolari mal-kunsill, u mill-minuti li jirċievi kull xahar jipprepara rapport li jiġi ppreżentat fil-laqgħa tal-Concilium meta jkun meħtieġ. Il-korrispondent jattendi għal-laqgħat tal-Concilium u jieħu sehem fihom, iżda ma jkollux id-dritt li jivvota jekk ma jkunx membru tal-Concilium.

9. Ir-rappreżentanti tal-Concilium li għandhom l-awtorità meħtieġa għandhom id-dritt jidħlu f'kull qasam leġjunarju, iżuru l-korpi leġjunarji tal-post, jagħmlu xogħol li permezz tiegħu l-Leġjun ikun aktar magħruf u jwettqu dawk il-ħwejjeġ li l-Concilium normalment jidħol għalihom.

10. Il-Concilium Legionis Mariae biss għandu d-dritt, dejjem skond il-Kostituzzjoni u r-regoli tal-Leġjun, ibiddel il-Manwal.

11. Tibdiliet tar-regola ma jistgħux isiru mingħajr il-qbil tal-biċċa l-kbira tal-korpi leġjunarji. Permezz tal-kunsilli tagħhom dawn għandhom jiġu mgħarrfa b'kull tibdil mixtieq fir-regola u jingħataw żmien biżżejjed biex ifissru l-fehmiet tagħhom dwar is-suġġett. Il-fehmiet jistgħu jintbagħtu permezz tar-rappreżentanti tagħhom li jkunu preżenti fil-laqgħa tal-Concilium, jew bil-kitba.

"Il-qawwa t'Alla hi tabilħaqq bla tarf, u fl-istess ħin subordinata għall-għerf u l-ġustizzja tiegħu; il-ġustizzja tiegħu, terġa', hi bla qies imma hija wkoll subordinata għall-imħabba tiegħu; u l-imħabba tiegħu, min-naħa l-oħra, hi bla qies imma hi subordinata għall-qdusija tiegħu bla tarf. Hemm qbil bejn attribut u ieħor b'mod li ma jfixklux lil xulxin, għax kull wieħed hu suprem fil-qasam tiegħu. Għalhekk infinità ta' infinitajiet, kull waħda taħdem fl-ordni tagħha, jingħaqdu flimkien fl-unità sempliċi bla tarf t'Alla" (Il-Kardinal Newman: *L-Ordni, ix-Xhieda u l-Istrument ta' l-Unità*).

# 29
# IL-LEALTÀ LEĠJUNARJA

L-idea kollha ta' l-organizzazzjoni hi l-għaqda tal-ħafna flimkien. Mill-membru ordinarju sa ma naslu 'l fuq fil-gradi ta' l-awtorità fil-Leġjun għandu jkun hemm il-prinċipju tar-rabta, u aktar ma dan ikun nieqes, aktar nitbiegħdu mill-prinċipju tal-ħajja.

F'organizzazzjoni volontarja, dak li joħloq din ir-rabta hija l-lealtà; il-lealtà tal-membru lejn il-praesidium, tal-praesidium lejn il-Curia tiegħu, u nibqgħu telgħin hekk il-gradi ta' l-awtorità leġjunarja sal-Concilium Legionis; u lejn l-awtoritajiet ekkleżjastiċi kullimkien. Lealtà vera tnissel biża' minn ħidma indipendenti f'leġjunarju, praesidium u kunsill. F'kull dubju, fis-sitwazzjonijiet diffiċli kollha u dwar kull ħidma jew inizjattiva ġdida, għandha tkun ikkonsultata l-awtorità proprja biex tiggwida u tagħti l-konferma.

Il-frott tal-lealtà hi l-ubbidjenza, u l-prova ta' din hi li tkun lest tilqa' sitwazzjonijiet u deċiżjonijiet li ma jdoqqulekx u, ħalli ngħiduha, li tilqagħhom bil-ferħa. Din l-ubbidjenza fil-pront u mill-qalb hi dejjem iebsa. Mindaqqiet, din l-ubbidjenza tmur hekk kontra x-xejriet naturali ta' dak li jkun li tilħaq l-eroiżmu, u tkun tabilħaqq forma ta' martirju. Hekk tkellem dwarha Sant'Injazju ta' Loyola: "Dawk li bi sforz ġeneruż jiddeċidu li jobdu, jiksbu merti kbar; l-ubbidjenza fis-sagrifiċċju tagħha tixbah lill-martirju." Il-Leġjun jistenna minn uliedu kullimkien dak l-ispirtu ta' doċilità erojka u ħelwa lejn kull għamla t'awtorità leġittima.

Il-Leġjun hu armata: l-armata tal-Verġni l-aktar umli. Għandu juri fil-ħidmiet tiegħu ta' kuljum dak li kull armata ta' din l-art tagħti bla qies: eroiżmu u sagrifiċċju, saħansitra l-akbar sagrifiċċju. Mil-leġjunarji wkoll il-ħin kollu qegħdin jintalbu ħwejjeġ li jinħtieġu sagrifiċċji mill-akbar. Ma jintalbux sikwit biex joffru ġisimhom għat-tertiq u l-mewt, bħas-suldati ta' din l-art. Iżda ħalli jogħlew għal glorja dejjem akbar fil-ħwejjeġ tar-ruħ. Ħalli jkunu dejjem imħejjija joffru s-sentimenti, il-fehmiet, l-indipendenza, il-kburija, ir-rieda tagħhom għall-ġrieħi tal-kontradizzjoni u għall-mewt ta' sottomissjoni sħiħa, meta hekk titlob l-awtorità.

"Hi ħsara kbira li ma tobdix, ladarba l-ubbidjenza hi l-qofol tal-liġi," jgħid Tennyson. Imma dak li minnu tiddependi l-ħajja tal-Leġjun jista' jitfarrak mhux biss minn diżubbidjenza volon-

tarja. L-istess ħaġa tiġri meta l-uffiċjali jonqsu mid-dmirijiet tagħhom t'attendenza u korrispondenza għax jaqtgħu l-praesidia jew il-kunsilli tagħhom mill-mewġa ewlenija tal-ħajja tal-Leġjun. L-istess ħsara kbira ssir minn dawk, sew uffiċjali sew membri, li jmorru għal-laqgħat, iżda li l-imġiba tagħhom hemmhekk, tkun xi tkun il-kawża, tkun imsawra b'mod li ġġib il-firda.

"Ġesù obda lil Ommu. Qrajtu li kulma jgħidu l-Evanġelisti dwar il-ħajja moħbija ta' Kristu f'Nazaret ma' Marija u Ġużeppi hu li 'kien jobdihom' u 'kiber fil-għerf u fis-snin' (Lq 2:51-52). Hemm xi ħaġa f'dan li ma taqbilx mad-divinità tiegħu? Żgur li le. Il-Verb sar bniedem; hu tbaxxa daqstant li wasal biex jieħu natura bħal tagħna barra d-dnub; ġie, huwa qal, 'mhux biex ikun moqdi, imma biex jaqdi' (Mt 20:28); biex 'jobdi sal-mewt' (Fil 2:8); għalhekk ried jobdi lil Ommu. F'Nazaret obda lil Marija u 'l Ġużeppi, iż-żewġ bnedmin privileġġjati li Alla qiegħed ħdejh. Sa ċertu punt Marija taqsam mal-Missier Etern l-awtorità fuq l-umanità ta' Ibnu. Ġesù seta' jgħid dwar Ommu dak li qal dwar Missieru fis-sema: 'Jiena dejjem nagħmel dak li jogħġob lilha' (Ġw 8:29)" (Marmion: *Kristu, il-Ħajja tar-Ruħ*).

# 30

# IL-FUNZJONIJIET

Kull Curia għandha d-dmir li minn żmien għal ieħor tiġbor flimkien il-membri tal-Leġjun f'kull distrett biex jistgħu jsiru jafu lil xulxin, u biex l-ispirtu t'għaqda jitħeġġeġ.

Dawn li ġejjin huma l-funzjonijiet tal-Leġjun.

## 1. L-ACIES

Fis-sistema tal-Leġjun id-devozzjoni lejn Marija hija importanti. Għalhekk kull sena għandha ssir il-konsagrazzjoni tal-leġjunarji lil Sidtna Marija. Il-konsagrazzjoni, li għandha tkun sew individwali kif ukoll kollettiva, issir fil-25 ta' Marzu, jew f'jum ieħor qrib dik id-data, u tkun magħrufa bħala l-Acies. Din il-kelma bil-Latin, li tfisser armata lesta għat-taqbida, tixraq lil

ċerimonja li fiha l-leġjunarji bħala korp jinġabru biex iġeddu l-fedeltà tagħhom lejn Marija, is-Sultana tal-Leġjun, u biex jilqgħu minn għandha saħħa u barka għal taqbida ta' sena oħra kontra l-qawwiet tal-ħażen. Barra minn hekk, din il-kelma tinsab f'kuntrast qawwi ma' praesidium, li juri lil-Leġjun mhux aktar miġbur flimkien, iżda mferrex fit-taqsimiet differenti tiegħu, kull waħda medhija fil-qasam partikolari tad-dmir tagħha.

L-Acies hi l-funzjoni l-kbira u ewlenija tal-Leġjun ta' kull sena, għalhekk jeħtieġ li titfisser sewwa l-importanza li kull membru jmur għaliha. L-idea fondamentali tal-Leġjun li fuqha hi mibnija kull ħaġa oħra hija dik li jaħdem f'għaqda ma' Marija, is-Sultana tiegħu, u fi spirtu ta' dipendenza minnha. L-Acies hi t-tifsira solenni ta' dik l-għaqda u dipendenza, it-tiġdid, individwali u kollettiv, ta' l-istqarrija leġjunarja ta' fedeltà. Għalhekk hu ċar li kull leġjunarju li jista' jmur għaliha, u ma jmurx, ftit jew xejn għandu spirtu leġjunarju fih. It-tisħib ta' nies bħal dawn mhuwiex ta' siwi għal-Leġjun.

L-Acies għandha ssir kif ser jingħad:

Dakinhar taċ-ċerimonja l-leġjunarji jinġabru jekk jista' jkun fi knisja. F'post xieraq titqiegħed statwa tal-Kunċizzjoni Immakulata, imżejna bil-fjuri u x-xema'. Quddiem l-istatwa għandu jitqiegħed mudell kbir tal-vexillum tal-Leġjun, li hu mfisser f'kapitlu 27.

Iċ-ċerimonja tibda bil-kant ta' innu u wara jingħad it-talb tal-bidu tal-Leġjun u r-rużarju. Wara ssir taħdita minn saċerdot fuq it-tifsira tal-konsagrazzjoni lil Sidtna Marija. Imbagħad tibda l-purċissjoni lejn l-istatwa. Id-diretturi spiritwali jimxu l-ewwel, wieħed wara l-ieħor. Wara dawn jimxu l-leġjunarji wieħed wieħed ukoll, barra mill-każ ta' numru kbir, meta jistgħu jimxu tnejn tnejn. Kif jasal ħdejn il-vexillum, kull wieħed (jew kull tnejn) jieqaf; imbagħad b'idu fuq il-bastun tal-vexillum itenni b'leħen sod, bħala att ta' konsagrazzjoni individwali, dawn il-kelmiet: "Jiena kollni tiegħek, Sultana u Omm tiegħi, u kull ma għandi hu tiegħek." Wara dan, il-leġjunarju jħalli l-vexillum, ibaxxi rasu u jmur f'postu. Jekk in-numru tal-leġjunarji hu kbir, l-att individwali tal-konsagrazzjoni jieħu ħafna ħin, iżda b'daqshekk is-sbuħija taċ-ċerimonja x'tirbaħ għandha u mhux x'titlef. Ikun t'għajnuna li jindaqq orgni waqt il-purċissjoni tal-leġjunarji lejn l-istatwa u lura.

Ma jaqbilx li jintuża aktar minn vexillum wieħed. Rimedju bħal

dan iqassar iva l-ħin taċ-ċerimonja, iżda ma jħallihiex magħquda ħaġa waħda. Mhux biss, iżda din il-għaġla ma ddoqqx. Il-karatteristika speċjali ta' l-Acies għandha tkun l-ordni u d-dinjità tagħha.

Meta l-leġjunarji kollha jkunu marru lura f'posthom, jingħad mis-saċerdot, b'mod li jinstama', l-att ta' konsagrazzjoni lil Marija f'isem dawk kollha preżenti. Wara dan kulħadd iqum bil-wieqfa u tingħad il-Catena. Imbagħad, jekk ikun possibbli, tingħata l-barka sagramentali; jingħad it-talb ta' l-aħħar tal-Leġjun, jitkanta innu, u l-Acies tintemm.

Ikun f'postu, naturalment, li tiġi ċċelebrata quddiesa fl-okkażjoni ta' l-Acies. Din issir minflok il-barka sagramentali, filwaqt li d-dettalji l-oħra taċ-ċerimonja jibqgħu kif inhuma. Iċ-ċelebrazzjoni tal-Misteru tal-Għid tiġbor ġo fiha u toffri lill-Missier Etern, permezz tal-"Medjatur waħdieni" u fl-Ispirtu s-Santu, il-konsagrazzjonijiet u l-offerti spiritwali kollha li tqiegħdu fl-idejn materni ta' "s-sieħba ġeneruża u l-qaddejja umli tal-Mulej" (LG 61).

Il-kliem tal-konsagrazzjoni msemmi fuq, "Jiena kollni tiegħek, eċċ." m'għandux jingħad mekkanikament jew bla ħsieb ta' xejn. Kull membru għandu jifhmu b'mod kemm jista' jkun profond u jħoss l-ogħla sens ta' gratitudni. Bħala għajnuna għal dan, wieħed għandu jistudja s-*Sintesi Marjana,* fl-appendiċi 11, paġna 355. Din tipprova tispjega s-sehem uniku li Marija għandha fis-salvazzjoni, u għalhekk il-kobor tad-dejn li kull wieħed għandu lejha. Forsi s-Sintesi tista' tkun is-suġġett ta' qari spiritwali u ta' allocutio f'xi laqgħa tal-praesidium qabel l-Acies. Hu ssuġġerit li din tintuża wkoll bħala l-att ta' konsagrazzjoni ta' flimkien fiċ-ċerimonja stess.

"Marija hi persuna li tbeżża' l-qawwiet ta' l-infern. Hi 'tal-biża' bħall-eżerċtu lest għat-taqbida' (Għan 6:10), għax bħala kmandant għaref, taf sewwa kif tqassam il-qawwa tagħha, il-ħniena tagħha u t-talb tagħha, għall-konfużjoni tal-għadu u għall-ġid tal-qaddejja tagħha" (Sant'Alfons Liguori).

## 2. IL-LAQGĦA ĠENERALI TA' KULL SENA

F'ġurnata qrib kemm jista' jkun tal-festa tal-Kunċizzjoni Immakulata, għandha ssir laqgħa tal-membri kollha. Jekk nixtiequ, nistgħu nibdewha b'ċelebrazzjoni fi knisja.

Wara għandu jkun hemm serata soċjali. Jekk ma jkunx diġà ntqal fil-funzjoni tal-knisja, it-talb kollu tal-Leġjun għandu jingħad maqsum fi tlieta bħal fil-laqgħa.

Ikun aħjar jekk dan il-programm ikun fih kontribuzzjonijiet leġjunarji biss. Barra minn ħwejjeġ rikreattivi għandu jkun hemm taħditiet jew qari ta' kitbiet ta' interess leġjunarju.

M'hemmx għalfejn infakkru lil-leġjunarji li m'għandux ikun hemm formalitajiet. Għandna noqogħdu attenti speċjalment għal dan meta ħafna leġjunarji jieħdu sehem. Din il-laqgħa għandha sservi biex dawk kollha preżenti jsiru jafu lil xulxin aħjar. Għalhekk il-programm għandu jsir b'mod li wieħed ikun jista' jiċċaqlaq u jitkellem. L-inkarigati għandhom ifittxu li ma jħallux il-membri jinġabru fi gruppi u b'hekk ixejnu l-iskop ewlieni ta' din il-laqgħa li hu li jkabbar fil-familja leġjunarja l-ispirtu t'għaqda u ta' mħabba.

"Il-ferħ kien ilibbes il-kavallerat spiritwali ta' San Franġisk b'seħer ħelu. Bħala kavalier veru ta' Kristu, Franġisku feraħ aktar milli wieħed jista' jfisser, li seta' jaqdi lis-Sid tiegħu, jimxi warajh fil-faqar u jixbhu fit-tbatija; u bħal għannej u poeta t'Alla, ħabbar lid-dinja kollha dan il-ferħ tas-sema fil-qadi, ix-xebh u t-tbatija ta' Kristu. Il-ħajja kollha ta' Franġisku kienet f'armonija ma' din in-nota fondamentali ta' ferħ. B'moħħ kalm għall-aħħar u mimli hena għanna għalih innifsu u għal Alla għanjiet ta' ferħ. Kien ifittex li jkun dejjem ferħan minn ġewwa u minn barra. Kien jaf ixerred ukoll din in-nota prinċipali ta' ferħ fost l-aħwa intimi tiegħu u jagħmel minnha armonija hekk sħiħa li dawn kienu jħossu ruħhom mgħollija f'atmosfera kważi tas-sema. B'dan il-ferħ kien ukoll mimli kliem il-qaddis lill-bnedmin ħutu. Saħansitra l-priedki tiegħu, minkejja l-penitenza li għaliha kien jistedinhom, kienu jsiru innijiet ta' ferħ, u n-nies ta' kull klassi kienu jagħmlu festa malli kien jidher fosthom" (Felder: *L-Ideali ta' San Franġisk t'Assisi*).

## 3. FUNZJONI FIL-BERAĦ

Din il-funzjoni bdiet issir mill-ewwel żminijiet tal-Leġjun. Mhix obbligatorja għalkemm hu mixtieq ħafna li ssir. Tista' ssir bħala ħarġa, pellegrinaġġ, jew funzjoni fil-beraħ. Kif jiġi deċiż mill-Curia, tista' tkun jew funzjoni tal-Curia jew tal-praesidium. Fil-każ ta' l-aħħar, żewġ praesidia jew aktar jistgħu jingħaqdu flimkien għal din il-funzjoni.

## 4. IL-FUNZJONI TAL-PRAESIDIUM

Nirrikkmandaw bil-ħerqa kollha li kull praesidium jagħmel funzjoni soċjali qrib il-festa tat-Twelid ta' Marija. F'postijiet fejn hemm ħafna praesidia, diversi praesidia jistgħu jekk iridu jingħaqdu u jagħmlu dan il-festin flimkien.

Nies addattati li m'humiex leġjunarji jistgħu jiġu mistiedna bil-ħsieb li nħajruhom jissieħbu fil-Leġjun.

Nirrikkmandaw li jingħad it-talb kollu tal-Leġjun (inkluż ir-rużarju), maqsum fi tlieta kif isir fil-laqgħa tal-praesidium. Iż-żmien li dan it-talb jieħu mill-parti rikreattiva tas-serata ma jkunx ħlief ftit minuti, iżda din il-qima lil Sidtna Marija tkun aktar minn imħallsa bis-suċċess akbar tal-funzjoni. Is-Sultana tal-Leġjun hija l-"Bidu tal-Ferħ Tagħna," u hi twieġeb billi tagħni dik l-okkażjoni b'ferħ speċjali.

Bejn il-biċċiet tal-mużika għandu jkun hemm għall-inqas taħdita qasira fuq il-Leġjun. B'hekk kulħadd ikun jista' jitgħallem xi ħaġa aktar fuq il-Leġjun, u fl-istess ħin il-programm ikun aktar imżewwaq. Divertiment waħdu jispiċċa biex idejjaq.

## 5. IL-KUNGRESS

L-ewwel kungress tal-Leġjun sar mill-Curia ta' Clare fl-Irlanda nhar Ħadd il-Għid ta' l-1939. Is-suċċess tiegħu ħajjar Curiae oħra jagħmlu l-istess, kif dejjem jiġri meta ħaġa tirnexxi, u issa din il-funzjoni saret parti mis-sistema tal-Leġjun.

Kungress għandu jkun limitat għal Comitium jew għal Curia. Laqgħat ta' daqs akbar ma jaqblux ma' l-idea ewlenija ta' kungress, u ma jagħtux il-frott mistenni. Għalhekk l-isem ta' kungress m'għandux jingħata lil laqgħat bħal dawk, jekk isiru; lanqas m'għandhom jgħaddu flok kungress. Imma nistgħu nistiednu għall-kungress viżitaturi minn distretti oħra.

Il-Concilium iddeċida li f'distrett m'għandux ikun hemm kungress aktar spiss minn darba kull sentejn. Din il-funzjoni għandha tieħu jum sħiħ. Jekk tinstab dar tar-reliġjużi, din tħoll ħafna problemi. Il-programm, jekk jista' jkun, għandu jibda bil-quddiesa, wara ssir taħdita qasira mid-direttur spiritwali jew saċerdot ieħor, u jintemm bil-Barka Sagramentali.

Il-jum jitqassam f'sessjonijiet u kull waħda jkollha s-suġġett tagħha. Kull suġġett għandu jinfetaħ bi ftit kliem minn xi ħadd li

jkun ħejja dan ix-xogħol minn qabel. Kulħadd għandu jieħu sehem fid-diskussjonijiet għax din li kulħadd jieħu sehem hija l-ħajja nfisha tal-kungress.

Intennuh għal darb'oħra li dawk li jippresiedu m'għandhomx jitkellmu ħafna u lanqas jindaħlu l-ħin kollu fid-diskussjonijiet. Il-kungressi, bħal-laqgħat ta' kunsill, għandhom jitmexxew fuq il-metodu parlamentari, jiġifieri li kulħadd jieħu sehem taħt it-treġija tal-president. Uħud minn dawk li jmexxu għandhom tendenza li jikkummentaw fuq kull ħaġa li tingħad. Din il-ħaġa hi tassew kontra l-idea ta' kungress, u ma għandhiex titħalla ssir.

Nirrikkmandaw li jkun hemm għajnuna ta' xi rappreżentanti ta' kunsill ogħla. Dawn jistgħu jagħmlu xi dmirijiet speċjali bħal dak li jippresiedu, jiftħu diskussjonijiet, u oħrajn.

Għandna nevitaw it-tlellix ta' l-oratorja, għax dan inissel atmosfera artifiċjali. Din m'hijiex l-atmosfera tal-Leġjun; fiha ma jkun hemm l-ebda ispirazzjoni; l-ebda problema ma tinħall.

Xi mindaqqiet fil-kungress jieħdu sehem il-leġjunarji kollha, xi mindaqqiet l-uffiċjali tal-praesidia biss. Fl-ewwel każ il-leġjunarji jistgħu jinqasmu għall-ewwel sessjoni skond il-karigi differenti tagħhom u l-membri ordinarji fi grupp għalihom. Kull grupp imbagħad jeżamina d-dmirijiet u l-ħtiġijiet speċjali tiegħu. Inkella l-leġjunarji jistgħu jinqasmu skond il-ħidmiet li jagħmlu. Imma wieħed jista' jagħżel jekk dan it-taqsim isirx jew le. U f'kull każ m'għandux ikun hemm taqsim iżjed fis-sessjonijiet ta' wara. Ma jaqbilx li nlaqqgħu l-membri flimkien u mbagħad nifirduhom għall-biċċa l-kbira tal-ħin. Wieħed għandu jinnota li d-dmir ta' l-uffiċjali għandu kamp akbar mir-rutina tal-ħidmiet li għandhom x'jaqsmu ma' kull waħda mill-karigi. Segretarju, per eżempju, li jillimita x-xogħol tiegħu għall-ktieb tal-minuti, ma jkunx jaqdi dmiru biżżejjed. L-uffiċjali kollha huma membri tal-Curia, u għalhekk is-sessjoni tagħhom għandha tistħarreġ metodi kif jistgħu jtejbu x-xogħol tal-Curia, sew f'dak li għandu x'jaqsam mal-laqgħat infushom, kif ukoll fit-treġija ġenerali tagħha.

Kungress m'għandux ikun qisu biss laqgħa ta' Curia, u jieħu ħsieb l-istess irqaqat u mistoqsijiet ta' treġija li jistgħu jiġu ttrattati f'Curia. Għandu jinteressa ruħu fil-prinċipji, iżda m'għandniex xi ngħidu, il-Curia għandha twettaq kull ma titgħallem fil-kungress.

Is-suġġetti li jintgħażlu għandhom ikunu dwar il-prinċipji ewlenija tal-Leġjun. B'mod ġenerali dawn huma:

1. Is-sistema ta' devozzjoni tal-Leġjun. Il-membri ma jifhmux

biżżejjed il-Leġjun jekk ma jagħrfux sewwa l-ħafna għamliet ta' devozzjoni tiegħu, u l-Leġjun ma jitħaddimx sewwa jekk dik id-devozzjoni ma tingħaqadx hekk intimament max-xogħol attiv li tkun il-motiv u l-ispirtu tiegħu; fi kliem ieħor, id-devozzjoni għandha tagħti l-ħajja lix-xogħol kollu bħalma r-ruħ tagħti l-ħajja lill-ġisem.

2. Il-kwalitajiet leġjunarji, u kif għandna niżviluppawhom.

3. Is-sistema metodika tal-Leġjun, inkluż il-mod kif isiru l-laqgħat, u s-suġġett importanti tar-rapporti tal-membri, jiġifieri kif jingħataw u kif isiru kummenti fuqhom.

4. Il-ħidmiet tal-Leġjun, inkluż it-titjib ta' metodi u t-tfassil ta' ħidmiet ġodda li jgħinu lil-Leġjun biex jilħaq lil kull persuna.

Fost ħwejjeġ oħra, fil-kungress għandha ssir taħdita speċjali fuq xi aspett tad-devozzjoni, l-idealiżmu jew id-dmir leġjunarju, minn xi direttur spiritwali jew minn xi leġjunarju li jinqala'.

Kull sessjoni għandha tibda u tagħlaq bit-talb. It-talb tal-Leġjun iservi għal tlieta minn dawk l-okkażjonijiet.

Hu assolutament meħtieġ li xi ħadd jieħu ħsieb iżomm il-ħin u l-ordni. Nuqqas f'din il-ħaġa jħassar il-ġurnata.

Għandna nagħżlu suġġetti differenti minn kungress għal ta' warajh li jsiru fl-istess distrett. F'kungress nistgħu nitħaddtu biss fuq numru żgħir ta' suġġetti, waqt li hu mixtieq li f'medda ta' snin nistħarrġu diversi suġġetti ġodda. It-tieni, ma għandna qatt inħossuna li m'aħniex mexjin 'il quddiem. Għalhekk inbiddlu, jekk mhux għal ħaġ'oħra, biex inkunu biddilna. It-tielet, is-suċċess ta' kungress li sar aktarx iwassalna biex darb'oħra nimxu fuq l-istess programm. Iżda parti minn dak is-suċċess żgur kienet inkisbet għax kien hemm ideat ġodda, u dawn jintemmu wara l-ewwel darba. Jekk irridu affarijiet ġodda biex nagħtuh aktar ħajja, kull kungress għandu jiġi ppjanat b'għaqal kbir.

"Jekk nixtiequ nafu kif ir-ruħ fidila għandha titħejja għall-miġja tal-Paraklitu Divin, ejjew immorru bil-ħsieb fiċ-Ċenaklu fejn id-dixxipli ltaqgħu flimkien. Hemmhekk, kif kien ordnalhom l-Imgħallem, huma qegħdin jissoktaw fit-talb huma u jistennew mill-għoli l-Qawwa tiġi fuqhom u tlibbishom bil-korazza għat-taqtigħa li qed tistenniehom. F'dak il-post imqaddes ta' ġabra u sliem għajnejna jieqfu b'qima fuq Marija, l-Omm ta' Ġesù, l-akbar biċċa xogħol ta' l-Ispirtu s-Santu, il-Knisja t'Alla l-Ħaj. Minnha toħroġ, bħal minn ġuf ta' omm, bil-ħidma ta' l-istess Spirtu s-Santu, il-Knisja Militanti, li din Eva l-ġdida tirrappreżenta u għadha tħaddan" (Guéranger: *Is-Sena Liturġika*).

# 31

# IT-TIXRID TAL-LEĠJUN U L-KSIB TA' MEMBRI ĠODDA

1. Id-dmir li nxerrdu l-Leġjun ma jaqax biss fuq il-kunsilli għola u lanqas fuq l-uffiċjali tal-Curia waħedhom. Huwa d-dmir ta' kull membru tal-Curia. U mhux ta' dawn biss, iżda ta' kull leġjunarju. Kull wieħed għandu jifhem dan u kull tant żmien għandu jagħti rendikont ta' kif qed jaqdi dan id-dmir. Metodu tajjeb biex jitwettaq dan id-dmir hu li nħajru lil oħrajn permezz ta' żjara jew billi niktbulhom. Iżda kull wieħed jista' jsib metodi oħra għalih innifsu.

Kieku ħafna ċentri jiġu mħeġġa biex ixerrdu l-Leġjun, dan ma jdumx ma jinbet f'kull post u l-oqsma tal-ħsad tal-Mulej jimtlew b'ħaddiema ta' rieda tajba (Lq 10:2). Għalhekk dawn is-suġġetti importanti tat-tixrid tal-Leġjun u tal-ksib ta' membri ġodda għandhom jinġiebu sikwit quddiem il-membri biex kull wieħed jagħraf kemm hu kbir id-dmir tiegħu f'dan ir-rigward.

2. Fergħa tal-Leġjun li taħdem tajjeb tkun għajn ta' ġid bla tarf. Bħalma wieħed jista' jaħseb, dan il-ġid jirdoppja bit-twaqqif ta' fergħa oħra; għalhekk kull membru (mhux l-uffiċjali biss) għandu jagħmel ħiltu biex isseħħ din il-ħaġa mixtieqa.

Hekk kif jinstab li r-rapporti tal-membri u ħwejjeġ oħra fuq l-aġenda jkollhom regolarment jitqassru biex il-laqgħa tintemm fil-ħin, ikun wasal iż-żmien meta mhux biss ikun mixtieq imma wkoll meħtieġ li l-praesidium jinqasam. Jekk ma jsirx hekk, taqa' telqa fil-ħidma li minħabba fiha l-interess fix-xogħol jonqos u n-numru tal-membri jiċkien. Il-praesidium mhux biss jitlef il-qawwa li jagħti l-ħajja lil fergħa oħra, imma jsibha bi tqila li hu stess jibqa' jeżisti.

Għall-proposta biex f'post partikolari jitwaqqaf praesidium ieħor jista' jingħad li n-numru preżenti ta' membri qed jilħaq malħtiġijiet li hemm. Kontra dan għandu jitfisser li, billi l-iskop ewlieni tal-Leġjun hu l-qdusija tal-membri tiegħu, u tal-komunità kollha permezz ta' dik il-qdusija, jiġi waħdu li ż-żieda tal-membri, imqar għal din ir-raġuni biss, għandha tkun ukoll skop ewlieni. Forsi jkun xi ftit diffiċli li f'postijiet żgħar tinstab ħidma għall-membri ġodda. Minkejja dan, membri ġodda għandhom ikunu

aċċettati u mfittxija. Il-Leġjun m'għandu qatt jaħseb fejn għandu jieqaf għaliex b'hekk jista' jagħlaq il-bieb għal materjal aħjar minn dak li ġa għandu fi ħdanu. Meta nkunu lħaqna l-ħtiġijiet li l-aktar jidhru, inħarsu aktar fil-fond. Ix-xogħol huwa meħtieġ biex il-magna taħdem. Għalhekk għandna nfittxuh, u x-xogħol jinstab.

F'postijiet fejn ġa hemm il-Leġjun għandna nfittxu li l-uffiċjali u numru mdaqqas ta' membri jinġiebu minn fergħa ġa mwaqqfa. Il-praesidia għandhom iqisuh ġieh kbir għalihom li jagħtu l-aħjar fost il-membri tagħhom għat-twaqqif ta' praesidium ġdid. Din hi l-għamla ta' tilqim li l-aktar tagħmel ġid. Praesidium imnażża' minħabba għoti bħal dan tal-membri tiegħu, isib li l-vojt malajr jimtela mill-ġdid, u l-appostolat tiegħu jitbierek b'barka akbar.

Fi bliet jew inħawi fejn l-ebda fergħa tal-Leġjun għad m'hi mwaqqfa, jistgħu ma jinstabux membri t'esperjenza leġjunarja; f'dan il-każ, il-fundaturi tal-praesidium ġdid għandhom jagħtu ruħhom aktar bil-ħerqa għall-istudju tal-Manwal u ta' kull kummentarju li jsibu fuqu.

Meta jitwaqqaf l-ewwel praesidium f'post ġdid jaqbel ħafna li jkun hemm varjetà kemm jista' jkun kbira fil-ħidma tiegħu. Dan jiżgura aktar l-interess fil-laqgħat, u b'hekk isaħħaħ il-praesidium. Barra minn hekk, wieħed ikun qed jipprovdi aħjar għall-ħila u għall-gosti diversi tal-membri.

3. Tinħtieġ kelma ta' twissija dwar il-ksib ta' membri ġodda. Hemm periklu kbir li nagħmlu kondizzjonijiet ibsin iżżejjed. Naturalment il-livell ta' dawk li ilhom fil-Leġjun ikun ogħla mil-livelli ġenerali. Dan għandna nżommuh quddiem għajnejna meta naħsbu f'membri ġodda. Ma jkunx sewwa jekk minn membru ġdid nistennew livell li l-membri l-oħra kisbu biss wara xi żmien fil-Leġjun.

Sikwit jiġri li praesidia li ftit idaħħlu membri ġodda jiskużaw ruħhom billi jgħidu li ma jsibux nies addattati. Iżda meta jintgħarblu ċ-ċirkostanzi kollha jinstab li rari dan hu minnu. Tista' tgħid li l-ħtija hi dejjem tal-praesidium innifsu. Jew għaliex:

1. l-ebda sforz serju m'hu jsir għall-ksib ta' membri ġodda; li jfisser li min-naħa tal-leġjunarji hemm traskuraġni individwali u kollettiva tad-dmir; jew inkella

2. il-praesidium qed jagħmel l-iżball li jitlob iżżejjed minn dawk li jistgħu jissieħbu, tant li kieku ntuża l-istess kejl, ħafna mill-membri tal-bidu u ta' issa ma kinux jiġu aċċettati.

Dawk li huma responsabbli jgħidu li ma għandhomx jissograw id-dħul ta' membri mhux addattati. Imma lanqas m'għandhom jiċħdu l-benefiċċji tat-tisħib kważi lil kulħadd. Kieku wieħed kellu jagħżel bejn linja iebsa żżejjed u oħra laxka żżejjed, ta' l-ewwel tkun żball akbar għax toqtol l-appostolat tal-lajċi b'nuqqas ta' ħaddiema. Tat-tieni tnissel biss xi żbalji, u dawn jistgħu jissewwew.

Il-praesidium għandu jieħu t-triq tan-nofs, iżda xi ftit tas-sogru bilfors irid jittieħed. Il-mezz waħdieni biex tara fiż-żgur jekk bniedem hux tajjeb hu li tipprovah. Wara kollox, persuna li mhix addattata, jekk qatt tidħol, malajr toħroġ minħabba t-toqol tal-ħidma.

Min qatt sama' li armata ma tkompliex iddaħħal rekluti minħabba l-biża' li jista' jidħol fiha min mhux tajjeb? Is-sistema t'armata teżisti biex tifforma u tmexxi l-kotra ta' nies komuni. Hekk ukoll il-Leġjun, li hu armata, għandu jfittex li jkollu numru kbir ta' membri. M'għandniex xi ngħidu, għandu l-provi tiegħu tat-tisħib, iżda dawk il-provi m'għandhomx ikunu daqshekk iebsa li kandidati ordinarjament tajbin ma jgħaddux minnhom. Is-sistema spiritwali u minsuġa tajjeb tal-Leġjun qiegħda biex tifforma u tikkontrolla nies li jinħtieġu formazzjoni u dixxiplina, mhux għal nies eċċezzjonali. M'għandu jgħaddi qatt minn moħħna li għandna naċċettaw biss tip ta' nies hekk għolja fil-qdusija u l-għaqal li ma jirrappreżenta xejn il-kotra tal-lajċi.

Fi ftit kliem, għalhekk, il-ħasra hi mhux li ftit huma tajbin għat-tisħib, iżda li ftit huma lesti jerfgħu t-tagħbija tiegħu. Dawn il-ħsibijiet iwasslu biex wieħed iqis dan li ġej:

3. Nies tajba jistgħu jitgerrxu u ma jidħlux għax l-atmosfera tal-praesidium hi wisq serja jew formali, jew għax għal xi raġuni oħra ma togħġobhomx.

Il-Leġjun ma jiftaħx il-bibien tiegħu għaż-żgħażagħ biss, iżda għandu b'mod speċjali jfittixhom u jieħu ħsiebhom. Jekk il-Leġjun ma jiġbidhomx lejh, jista' jingħad li mhux jilħaq l-iskop tiegħu, għax il-moviment li ma jogħġobx liż-żgħażagħ qatt ma jirnexxilu jinfluwenza l-kotra. Mhux biss, iżda ż-żgħażagħ huma l-muftieħ tal-futur. Għalhekk il-gosti xierqa taż-żgħażagħ għandna nifhmuhom u nieħdu ħsiebhom. Żgħażagħ intelliġenti, ġenerużi u mħeġġa m'għandhomx jinżammu barra għax nistennew livelli li ma jkunux addattati għaż-żgħażagħ jew li ma jkunux ħlief livelli li joqtlu kull ferħ.

4. L-iskuża tas-soltu: "M'għandix ħin" hi aktarx vera. Il-biċċa l-kbira tan-nies dejjem għandhom x'jagħmlu. Imma mhux bil-ħidmiet reliġjużi; dawn jiġu dejjem l-aħħar. Tkun tassew ħaġa ta' ġid kbir għal dawk il-persuni kieku ġġegħelhom jifhmu li l-għażla tal-valuri fil-ħajja tagħhom hi żbaljata. **L-appostolat għandu jkun fost l-ewwel għażliet** b'mod li wħud mill-ħidmiet l-oħra jċedu posthom għalih.

"Liġi ewlenija għal kull soċjetà reliġjuża hi li żżomm dejjem ħajja lilha nfisha, li tifrex il-ħidma appostolika tagħha mad-dinja kollha, u li tilħaq l-akbar numru possibbli t'erwieħ. 'Nisslu u oktru u imlew l-art' (Ġen 1:28). Din il-liġi tal-ħajja timponi ruħha bħal dmir fuq kull bniedem li jissieħeb fis-Soċjetà. Père Chaminade ifisser hekk din il-liġi: 'Għandna niksbu rebħiet għall-Verġni Mbierka, inġiegħlu 'l dawk li ngħixu magħhom jifhmu kemm hu ħelu li tkun ta' Marija, biex niġbdu ħafna minnhom ħalli jingħaqdu magħna fil-mixja tagħna 'l quddiem' " (Marjanista: *Trattat Qasir ta' Marjoloġija*).

# 32

# OĠĠEZZJONIJIET MISTENNIJA

## 1. "Il-Leġjun mhux meħtieġ hawnhekk"

Nies ta' ħeġġa li jixtiequ jdaħħlu l-Leġjun f'xi post ġdid jistgħu jistennew l-oġġezzjoni li l-Leġjun mhux meħtieġ f'dak il-post partikolari. Billi l-Leġjun mhuwiex għaqda għal xi xorta speċjali ta' ħidma, imma qiegħed fuq kollox għall-iżvilupp tal-ħeġġa u ta' l-ispirtu Kattoliku (li mbagħad jista' jkun applikat għal kull ħidma mixtieqa), oġġezzjoni bħal din tfisser, fi kliem ieħor, li f'dak il-post ma tinħtieġx ħeġġa Kattolika. Dan il-kliem waħdu jwaqqa' lilu nnifsu. Skond definizzjoni qasira ta' Patri Raoul Plus, "in-Nisrani huwa bniedem li f'idejh Alla ried jafda 'l-bnedmin sħabu."

Kullimkien, bla ebda eċċezzjoni, hemm ħtieġa kbira t'appostolat imħeġġeġ, u dan għal ħafna raġunijiet. L-ewwel, għaliex dawk il-fidili li għandhom ħila, għandu jkollhom opportunità xierqa li jgħixu l-ħajja ta' l-appostolat. It-tieni, għaliex it-tħeġġiġ t'ap-

postolat bħal dan fost il-poplu hu ferm meħtieġ illum, jekk ma rridux li r-reliġjon titbiddel f'sempliċi drawwa jew materjaliżmu. It-tielet, għaliex ħaddiema bħal dawn, bix-xogħol perseveranti u mħeġġeġ tagħhom, huma meħtieġa biex jieħdu ħsieb dawk fosthom li tilfu l-paċi f'ħajjithom jew li fihom hemm xejra li joħorġu mit-triq tas-sewwa.

Is-superjuri kollha għandhom id-dmir li jiżviluppaw għall-ogħla grad possibbli l-ispiritwalità ta' dawk li huma fdati f'idejhom. Dan jgħodd ukoll għall-appostolat, dak l-element distintiv u essenzjali tal-karattru Nisrani. Għalhekk is-sejħa għall-appostolat għandha ssir. Iżda li ssejjaħ biss mingħajr ma tipprovdi l-mezzi ma tantx huwa aħjar milli ma ssejjaħ xejn, għaliex minn fost dawk li jisimgħu s-sejħa, ftit ikollhom il-ħila joħolqu l-mezzi għalihom infushom. Għalhekk wieħed għandu jipprovdi l-mekkaniżmu billi jwaqqaf għaqda ta' l-appostolat.

## 2. "M'hawnx min hu tajjeb għat-tisħib"

Din l-oġġezzjoni s-soltu tiġi minn idea żbaljata dwar il-kwalitajiet li għandu jkollu min jidħol għall-appostolat. Għalhekk nistgħu nwieġbu b'mod ġenerali li f'kull uffiċċju, ħanut u post tax-xogħol, insibu min hu tajjeb għal-Leġjun.

Dawk li jistgħu jidħlu fil-Leġjun jafu jkunu nies ta' tagħlim jew ta' bla skola, ħaddiema jew benestanti jew fost in-nies qiegħda. M'humiex ta' kulur, razza jew klassi partikolari, imma nsibuhom fihom kollha. Il-Leġjun għandu d-don speċjali li jaf jiġbor għas-servizz tal-Knisja din il-qawwa moħbija, dan il-ġmiel ta' karattru mhux żviluppat. Mons. Alfred O'Rahilly, wara li studja l-ħidma leġjunarja, ħass li kellu jikteb hekk: "Sibt ħaġa ta' l-għaġeb, jew aħjar sibt li nstabet ħaġa ta' l-għaġeb, li hemm qlubija f'dawk li fid-dieher huma biss irġiel u nisa ordinarji; infetħu għejjun mhux magħrufa t'enerġija."

M'għandniex nistennew livelli ta' tisħib ogħla minn dawk li kellhom f'moħħhom il-Papiet meta qalu li f'kull xorta ta' klassi soċjali nistgħu niffurmaw u nħarrġu grupp magħżul għall-appostolat.

Dwar dan wieħed għandu jaqra sewwa l-paragrafu 3.2 tal-kapitlu 31, *It-Tixrid tal-Leġjun u l-Ksib ta' Membri Ġodda;* kif ukoll it-taqsima 7 tal-kapitlu 40, *Il-Leġjun bħala għajnuna lill-Missjunarju,* li jħeġġu għat-tixrid kullimkien tat-tisħib leġjunarju fost komunitajiet Insara ġodda.

Diffikultà ġenwina biex insibu membri tkun sinjal li f'dak il-post il-livell spiritwali hu tassew baxx, u flok li turi li m'għandu jsir xejn, tneħħi kull dubju tal-ħtieġa assoluta ta' xi fergħa tal-Leġjun biex tagħmilha ta' ħmira tajba. Niftakru sewwa li l-ħmira hi r-riċetta li Sidna Ġesù Kristu jagħti biex togħla l-għaġna kollha (Mt 13:33). Għandna nżommu f'moħħna li praesidium jista' jitwaqqaf bi ftit membri, b'erbgħa min-nies jew b'ħamsa jew b'sitta. Meta dawn jagħtu ruħhom għax-xogħol u jifhmu l-ħtieġa tiegħu ma jdumux ma jsibu u jdaħħlu magħhom membri tajba oħrajn.

**3. "Iż-żjajjar tal-leġjunarji ma jkunux iriduhom"**

Kieku dan kien il-każ, ma jurix ħaġ'oħra ħlief li għandu jingħażel xogħol ieħor u mhux li għandna nwarrbu l-idea tal-Leġjun bil-possibbiltajiet kollha tiegħu ta' ġid għall-membri u għall-komunità. B'danakollu, ta' min jgħid li sa issa l-Leġjun fiż-żjajjar tiegħu għadu mkien ma ltaqa' ma' diffikultajiet li ma nħallux. Jekk iż-żjajjar isiru bl-ispirtu veru ta' l-appostolat leġjunarju nistgħu ngħidu li bruda lejn il-leġjunarji normalment tixhed li hemm indifferenza reliġjuża, jew xi ħaġa agħar; u għalhekk fejn il-leġjunarji huma l-inqas mixtieqa, hemm tinsab l-akbar ħtieġa għall-ħidmiet tagħhom. Diffikultajiet ta' din il-għamla fil-bidu ma jiġġustifikawx li ż-żjajjar jinqatgħu. Il-leġjunarji li jisfidaw dan ix-xkiel ta' bruda, kważi dejjem jirnexxielhom jirbħuh, u jwarrbu wkoll l-kawżi aktar gravi li ħolquh.

Irridu niftakru li spiritwalment il-punt strateġiku hu l-familja. Min jirbaħ il-familja jirbaħ is-soċjetà. Biex nirbħu l-familja rridu mmorru fid-dar.

**4. "Iż-żgħażagħ iridu jaħdmu bis-sħiħ matul il-ġurnata, u jinħtieġu l-ħin liberu tagħhom għall-mistrieħ"**

Din tinħass ħaġa rraġunata ħafna, iżda kieku jsir hekk, id-dinja kienet tkun deżert reliġjuż, għaliex ix-xogħol tal-Knisja ma jsirx minn dawk li m'għandhomx x'jagħmlu. Barra minn hekk, mhuwiex minnu li ż-żgħażagħ fuq ruħhom iqattgħu l-ħin liberu tagħhom aktar f'divertimenti ftit jew xejn xierqa milli għall-mistrieħ veru? Biż-żmien imqassam hekk, f'xogħol matul il-ġurnata u xalar filgħaxija, hi tassew ħaġa ħafifa li ż-żgħażagħ jaqgħu f'ħajja materjalista, li fi ftit snin tħalli lill-qlub mingħajr ideal. Huma jibku ż-żgħożija li ħalliethom malajr u kaxkret magħha l-

ħwejjeġ waħdanin li kienu tgħallmu jgħożżu. U aktarx ukoll li jispiċċawha agħar minn hekk. Ma jgħidx forsi San Ġwann Grisostmu li qatt ma rnexxielu jifhem kif wieħed li ma għamel qatt xejn biex isalva lil għajru, jista' jirnexxilu jsalva ruħu?

Ikun wisq aktar bil-għaqal min iħeġġeġ lil dawk iż-żgħażagħ biex, f'tisħib leġjunarju, jagħtu lill-Mulej l-ewwel frott ta' dak il-ħin liberu tagħhom. Dak l-ewwel frott idawlilhom moħħhom tul ħajjithom kollha u jżomm il-qalb, u l-wiċċ ukoll, kalmi u żagħżugħa. U jkun għad baqgħalhom ħafna ħin għall-mistrieħ, li jgawduh għal darbtejn għax għal darbtejn ħadmu għalih!

**5. "Il-Leġjun mhuwiex ħlief waħda fost ħafna għaqdiet bl-istess ideali u bl-istess programm"**

Tassew li ssib ħafna idealiżmu, u wieħed li għandu lapes u karta fi ftit minuti jikteb programm ta' ħidmiet mixtieqa. Għalhekk huwa minnu li l-Leġjun hu biss waħda fost eluf ta' organizzazzjonijiet li jaħsbu biex jidħlu għal taqbida nobbli għall-erwieħ u għal programm ta' ħidmiet siewja. Imma hu wkoll minnu li l-Leġjun hu wieħed fost il-ftit li jippreċiżaw l-appostolat tagħhom. Idealiżmu vag, b'sejħat ġenerali lill-membri biex jagħmlu ġid lil għajrhom, ma jiksibx ħlief riżultati vagi. Il-Leġjun ibiddel it-taqbida tiegħu fi spiritwalità preċiża, fi programm preċiż ta' talb, f'ħidma preċiża ta' kull ġimgħa, f'rapport preċiż ta' kull ġimgħa u, kif jidher 'il quddiem, f'rebħa preċiża. Fl-aħħarnett, imma mhux l-inqas, il-Leġjun jibni din is-sistema tiegħu metodika fuq il-prinċipju dinamiku t'għaqda ma' Marija.

**6. "Il-ħidmiet tal-Leġjun diġà qegħdin isiru minn ħaddieħor. Il-Leġjun jista' jidħlilhom fl-għalqa"**

Hi ħaġa stramba li wieħed jisma' kliem bħal dan dwar postijiet, fejn persentaġġ għoli tal-popolazzjoni ma tipprattikax ir-reliġjon, jew mhix Kattolika, u fejn il-progress reliġjuż miexi bil-mod ħafna!

X'ħasra kieku wieħed kellu jikkuntenta ruħu bil-qagħda kif inhi, jiġifieri li f'dak il-post Erodi jkun fuq it-tron ta' qlub il-bnedmin waqt li l-Mulej u Ommu l-għażiża jibqgħu mwarrbin għal dejjem fl-istalla fqajra!

Dan il-kliem, li sikwit jagħlaq il-bieb għal-Leġjun, jingħad fl-interess t'organizzazzjonijiet li m'għandhomx ħlief isem mingħajr ħidma: armati li, għalkemm jeżistu, qatt ma jirbħu l-għadu.

Barra dan, ix-xogħol mhu jsir xejn jekk ma jsirx kif għandu jsir. Għalhekk il-ħidma ma tkunx qiegħda ssir jekk timpenja tużżani ta' ħaddiema fl-appostolat meta, proprjament, irid ikun hemm il-mijiet u anki l-eluf; u diżgrazzjatament dan hu li qed jiġri. Sikwit ukoll, in-nuqqas t'organizzazzjoni, li jidher min-numru żgħir ta' ħaddiema, ifisser nuqqas ta' spirtu u ta' metodu.

Mingħajr dubju jkun għaqli li wieħed jipprova l-Leġjun billi jagħtih imqar qasam żgħir fejn jaħdem. Dak li mbagħad jiġri jista' jiftaħ il-għajnejn, u l-membri ta' fergħa waħda żgħira, bħall-ħames ħobżiet tax-xgħir, jitkattru b'mod li jaqdu l-ħtiġijiet kollha u jagħmlu xogħol ieħor ukoll (ara Mt 14:16-21).

Il-Leġjun m'għandux programm partikolari ta' ħidmiet. Ma jitlobx bilfors ħidmiet ġodda, imma aktarx joħloq ambjent ġdid għall-ħidmiet li qed isiru mingħajr ordni, b'riżultati li jixbhu lil dawk ta' biċċa xogħol li qabel kienet tinħadem bl-id u issa qed tinħadem bl-elettriku.

**7. "Diġà hawn ħafna organizzazzjonijiet. L-aħjar li jsir hu li nqajmu l-għaqdiet li jeżistu, jew li nżidu l-ħidmiet tagħhom b'mod li jkunu jiġbru fihom dak li l-Leġjun jixtieq jagħmel"**

Dan hu aktarx argument li jwaqqa' lilu nnifsu. Il-kelma "ħafna" tista' tingħad bir-raġun kollu għal kull qasam tal-ħajja madwarna. Iżda l-ġdid ma jitwarrabx għax ġdid, u minn żmien għal ieħor isir pass kbir 'il quddiem. Hekk ukoll il-Leġjun iħoss li għandu jkollu l-opportunità li jagħti prova tiegħu nnifsu. Jekk m'huwiex "biss għaqda oħra", imma ġej minn Alla, x'telfa għal min jagħlaqlu l-bieb f'wiċċu!

Barra minn hekk, l-oġġezzjoni fuq imsemmija turi li l-ħidmiet proposti m'humiex qed isiru. F'ċirkostanzi bħal dawn, la hu raġonevoli u lanqas prattiku li twarrab makkinarju ġdid li band' oħra nstab tajjeb biex jagħmel dik il-ħidma. Kemm tinħass barra minn postha dik l-istess oġġezzjoni kieku wieħed ipoġġiha hekk: "M'hemmx għalfejn indaħħlu l-ajruplan. Diġà hawn ħafna magni f'dan il-post. Minflok ejjew niżviluppaw il-karozza u nagħmluha ttir!"

**8. "Dan hu post żgħir. M'hawnx post għal-Leġjun"**

Mhijiex ħaġa rari li tisma' dan il-kliem fuq xi postijiet li, għalkemm mhumiex kbar, għandhom isem ħażin.

Jista' jkun li raħal ikollu drawwiet tajba u, fl-istess ħin, ikun

nieqes mill-ħajja: nieqes minn kwalitajiet morali u nieqes minn interessi umani, b'mod li ż-żgħażagħ jfittxu ċentri akbar, fejn ma jsibux min jgħinhom moralment.

Il-gwaj jiġi minn nuqqas ta' idealiżmu reliġjuż, ħaġa li tiġri meta jidher li ħadd ma jagħmel aktar mid-dmirijiet essenzjali tiegħu. Fejn jgħib l-idealiżmu reliġjuż ma jibqax ħlief deżert reliġjuż (u mhux l-irħula biss huma deżerti bħal dawn). Biex iġġiegħel dak id-deżert jerġa' jħaddar, il-proċess jinħtieġ jinqaleb: oħloq grupp żgħir ta' nies appostoliċi li jxerrdu l-ispirtu tagħhom u li jwaqqfu prinċipji ġodda ta' kif wieħed għandu jgħix. Jinbdew ħidmiet addattati għall-post, il-ħajja tieħu r-ruħ, u żżgħażagħ ma jibqgħux joħorġu minn hemm.

**9. "Xi ħidmiet tal-Leġjun huma attivitajiet spiritwali li min-natura tagħhom għandhom isiru mis-saċerdot u jistgħu biss jitħallew għal-lajċi meta ma jistgħux isiru mill-kleru. S'issa jien nista' nżur il-merħla tiegħi kemm-il darba matul is-sena b'riżultati tajba"**

Tweġiba ġenerali għal din l-oġġezzjoni tinsab fil-kapitlu 10, *L-Appostolat tal-Leġjun,* u hawntaħt tingħata tweġiba aktar proprja. Iżda qabel xejn ħalli niċċarawha li l-Leġjun ma jidħol għal ebda ħidma li ma tkunx mixtieqa.

Tagħrif mill-qrib dwar dik li, bla dubju, hi waħda mill-bliet l-aktar qaddisa tad-dinja juri li fiha hemm qtajja' kbar ta' nies morda bid-dnub u bil-frugħat tad-dinja, mimlija bil-problemi kbar taċ-ċiviltà moderna. Li tħoss li kollox miexi ħarir hawn jew f'xi komunità ta' kull belt oħra għax issir żjara, tkun kemm tkun ta' siwi, darba, darbtejn jew erba' darbiet fis-sena, mhix ħaġa f'postha. Kieku kien kollox sewwa, biex insemmu ħaġa waħda, kieku ħafna nies jersqu għat-tqarbin kuljum, ftit aktar darba fil-ġimgħa, u kulħadd għall-inqas darba fix-xahar. Għaliex mela erba' jew ħames sigħat fil-ġimgħa fil-konfessjonarju huma sikwit biżżejjed? Mnejn ġej dan in-nuqqas ta' proporzjon?

Barra minn hekk, xi grad ta' intimità jew, għall-inqas, ta' kuntatt personali jinħtieġ biex jitwettaq id-dmir pastorali lejn kull ruħ fil-merħla, ir-ruħ li, kif jgħid San Karlu Borromeo, hija djoċesi kbira biżżejjed għal isqof? Kalkolu sempliċi jurina xi tfisser li tagħti mqar nofs siegħa lil kull ruħ fis-sena. U forsi tkun biżżejjed dik in-nofs siegħa? Santa Madalena Sofija Barat, barra minn pariri bla għadd bil-fomm, kitbet 200 ittra lil ruħ waħda daqsxejn iebsa. Kemm kuntatti leġjunarji damu sejrin għal għaxar snin

u aktar, u għadhom sejrin! U meta s-saċerdot, mikul bix-xogħol kif inhu, ma jistax anqas jagħti dik in-nofs siegħa? Jekk il-Leġjun kapaċi jagħtih ħaddiema mħeġġa: ħafna fejn hu qiegħed waħdu, li jobdu kull kelma li jgħidilhom, ta' għaqal sod, li għandhom il-ħila (bil-għajnuna tiegħu) li jersqu lejn l-individwi u lejn il-familji; b'doni irreżistibbli biex iħajru l-erwieħ għal ħwejjeġ ogħla; ħaddiema li jgħinuh jaqdi l-erwieħ b'ħidma aħjar mis-soltu; jagħmel sew jekk jiċħad din l-għajnuna?

"Il-Leġjun ta' Marija jagħti lis-saċerdot żewġ għajnuniet, it-tnejn ta' l-istess siwi. L-ewwel waħda, mezz ta' rebħa li jġib is-siġill ta' l-Ispirtu s-Santu — u nistaqsi lili nnifsi: Għandi l-jedd inwarrab arma hekk providenzjali? It-tieni, nixxiegħa t'ilma ħaj li għandu l-qawwa li jġedded il-ħajja spiritwali kollha tagħna — u b'mod naturali dan iwassalni għal mistoqsija oħra: Jekk xi ħadd joffrili din in-nixxiegħa tal-ħajja safja u fonda, m'huwiex dmir tiegħi li jien nixrob minnha?" (Il-Kanonku Guynot).

## 10. "Nibża' minn xi nuqqas t'għaqal min-naħa tal-membri"

Hawn jidher nuqqas ta' sens prattiku. Nistgħu allura nħallu l-ħsad għax forsi ma noqogħdux attenti u nagħmlu ħsara lil xi sbuliet! Il-ħsad, fil-każ tagħna, huma l-erwieħ: erwieħ fqar u dgħajfa, għomja u magħtuba; erwieħ fi ħtieġa u f'numru hekk kbir li hemm periklu li wieħed idaħħalha f'rasu li ma jista' jagħmel xejn għalihom. Iżda kien għal dawn li l-Mulej ried li ssir tfittxija fil-pjazez u fit-triqat, fil-mogħdijiet u fl-għelieqi, biex daru timtela bihom (Lq 14:21-23). Ħsad hekk kbir ma jsir b'ebda mod ieħor ħlief bit-twaqqif ta' battaljuni tal-lajċi. Jista' jagħti l-każ li jkun hemm xi nuqqas t'għaqal. Sa ċertu punt dan ma nistgħux nifirduh mill-ħerqa u mill-ħajja. Hemm żewġ modi biex tiżgura li ma jkunx hemm nuqqas t'għaqal: jew titlaq kollox mingħajr mistħija ta' xejn, jew tagħmel kull ħidma b'dixxiplina f'waqtha. Qalb, li bħall-Mulej tħoss għall-kotra marida, tistmerr b'biża' l-ewwel għażla u tintafa' b'ruħha u b'ġisimha għall-ħsad ta' l-erwieħ milquta.

L-istorja tal-Leġjun s'issa ma turix li wieħed għandu għalfejn jinkwieta minn nuqqasijiet t'għaqal li jkunu serji jew numerużi; u għall-inqas qiegħda tintwera dixxiplina f'waqtha.

## 11. Tfixkil fil-bidu dejjem ikun hemm

F'dan, il-Leġjun ma jkunx waħdu fost dawk li jagħmlu t-tajjeb.

Ftit rieda tajba turina li dan it-tfixkil, li fil-bidu jidher hekk ibeżża', jixbah lil bosk li mill-bogħod jidher li ma nistgħu ninfduh b'xejn; imma li meta nersqu lejh, insibu li nistgħu nidħlu malajr.

Niftakru wkoll li "dawk li jibqgħu biss jimmiraw ma jolqtu qatt; li dawk li qatt ma jissograw ma jirbħu qatt; li dejjem tkun fiżżgur ifisser li dejjem tkun dgħajjef; u li t-twettiq ta' xi ħidma ta' siwi hu l-ħlas għal bosta imperfezzjonijiet li jsiru 'l hawn u 'l hemm" (Il-Kardinal Newman).

Meta nitkellmu fuq opra tal-grazzja m'għandniex nuru daqshekk għaqal tad-dinja li ninsew li teżisti l-grazzja. M'għandniex insemmu oġġezzjonijiet u ħsarat li jistgħu jiġru mingħajr ma naħsbu fl-għajnuniet. Il-Leġjun hu mibni fuq it-talb, jaħdem għall-erwieħ, u hu kollu kemm hu ta' Marija. Għalhekk meta nitkellmu fuqu ma nsemmux il-liġijiet tal-bniedem, imma l-liġijiet t'Alla.

"Marija hi x-Xebba Waħdanija, u bħalha m'hawnx: Virgo Singularis. Meta titkellem fuqha, issemmilix il-liġijiet tal-bniedem, semmili l-liġijiet t'Alla" (Bossuet).

# 33

# ID-DMIRIJIET FONDAMENTALI TAL-LEĠJUNARJI

## 1. ATTENDENZA REGOLARI U FIL-ĦIN GĦAL-LAQGĦAT TA' KULL ĠIMGĦA TAL-PRAESIDIUM

(Ara l-kapitlu 11, *Il-Pjan tal-Leġjun*)

1. Dan id-dmir hu aktar iebes meta wieħed iħossu għajjien milli meta jħossu frisk; fil-maltemp milli fil-bnazzi; u, ġeneralment, meta wieħed jitħajjar imur band'oħra. Imma fejn hi l-prova, jekk mhux fit-tfixkil, u fejn hu l-mertu veru, jekk mhux firrebħa fuq it-tfixkil?

2. Hu eħfef li tifhem il-valur li tagħmel ħidma milli tifhem il-valur li tattendi għal laqgħa biex tagħti rapport dwar dik il-ħidma.

Minkejja dan, il-laqgħa hi l-ewwel dmir. Il-laqgħa hi għall-ħidma bħalma l-għeruq huma għall-fjura; ta' l-aħħar ma tistax tgħix mingħajr ta' l-ewwel.

3. Il-fedeltà għall-attendenza, minkejja l-ħafna bogħod biex tmur u tiġi lura, hi prova li tara l-affarijiet fl-aspett sopranaturali tagħhom, għax skond ir-raġunar ta' din id-dinja l-valur tal-laqgħa jiżen inqas mit-telf ta' żmien meħtieġ fl-ivvjaġġar. Iżda dan mhux żmien mitluf. Hu parti, u parti meritorja b'mod speċjali, mill-ħidma kollha mwettqa. Il-vjaġġ ta' Marija fil-Viżitazzjoni kien forsi żmien mitluf?

"Mal-virtujiet tagħha l-oħra, Santa Tereża għaqqdet kuraġġ l-iktar sod. Kien dejjem wieħed mill-prinċipji tagħha li għandna nagħmlu l-isforzi kollha qabel ma ngergru. Kemm-il darba marret għall-Matutin bl-isturdamenti jew b'uġigħ ta' ras qawwi! 'Jien għadni nista' nimxi,' kienet tgħid, 'u għalhekk għandi nkun f'posti.' Bis-saħħa ta' din l-enerġija bla biża' għamlet atti li kienu erojċi" (Santa Tereża tal-Bambin Ġesù).

## 2. IT-TWETTIQ TA' L-OBBLIGU TAL-ĦIDMA TA' KULL ĠIMGĦA

1. Din il-ħidma għandha tkun "sostanzjali", jiġifieri għandha tieħu lil-leġjunarju sagħtejn fil-ġimgħa. Iżda l-leġjunarji m'għandhomx jillimitaw il-ħidma tagħhom b'dan il-kejl matematiku. Il-biċċa l-kbira tal-leġjunarji jagħmlu ħafna aktar minn dak il-minimu, sa jaslu biex jagħtu ġranet sħaħ fil-ġimgħa. Hemm ħafna li jagħtu l-ġranet kollha. Il-ħidma għandha tkun dmir attiv speċifikat, mogħti mill-praesidium, u mhux xi ħaġa li jfettillu jagħmel il-leġjunarju individwali. Talb jew opri spiritwali oħra, ikunu kemm ikunu kbar, ma jissodisfawx dan l-obbligu, u lanqas ma jgħoddu bħala parti mill-ħidma attiva.

2. Il-ħidma mhijiex ħlief talb taħt għamla oħra, u r-regoli tat-talb għandhom jgħoddu għaliha. L-ebda ħidma ma tissokta fit-tul ħlief f'dan il-kwadru sopranaturali. Dmir jew ikun ħafif, u f'dan il-każ isir monotonu; jew, jekk interessanti, aktarx li jkun iebes u msieħeb b'ċanfir u b'dehra ta' nuqqas ta' suċċess. Fiż-żewġ każi, raġunijiet ta' din id-dinja malajr iġagħluna nħalluh. Flok hekk, il-leġjunarju għandu jitħarreġ biex jinfed iċ-ċpar tas-sentimenti umani li jdallmu kull ħidma, u jasal għas-sura vera tagħha

li hi sopranaturali. Aktar ma dik il-ħidma tkun tixbah lis-salib, aktar għandha tkun stmata.

3. Il-leġjunarju hu suldat, u d-dmir għal-leġjunarju m'għandux ikun ta' rġulija inqas milli hu għas-suldati ta' din id-dinja. Kulma hu nobbli u ta' ċaħda personali, u ta' qlubija u ta' qawwa fil-karattru ta' suldat, għandu jinstab fl-ogħla grad tiegħu fil-leġjunarju veru ta' Marija, u naturalment jidher fil-ħidma ta' dak il-leġjunarju.

Id-dmir ta' suldat jista' jfisser jew il-mewt, jew għassa monotona, jew il-ħasil ta' l-art tal-kwartier. Iżda f'kull każ hu d-dmir fih innifsu li jitqies u mhux x'jitlob dak id-dmir. Fiċ-ċirkostanzi kollha għandu jkun hemm l-istess fedeltà, u telfa jew rebħa ma jolqtux lid-dmir. Il-leġjunarju għandu jħares lejn id-dmir b'dan l-istess mod, u għandu jidħol għal kull ħidma, kemm jekk tkun żgħira ħafna u kemm jekk tkun iebsa ħafna, b'sens sħiħ ta' dmir.

4. Il-ħidma leġjunarja għandha ssir f'għaqda l-aktar sħiħa ma' Marija. Iżda barra minn hekk, l-iskop essenzjali ta' dik il-ħidma għandu jkun li jnissel f'dawk li għalihom issir tagħrif dwar Marija u mħabba vera lejha, tant li dawk l-erwieħ jitqanqlu biex jagħtuha xi forma ta' servizz. Tagħrif dwar Marija u devozzjoni lejha huma meħtieġa għas-saħħa u l-iżvilupp ta' l-erwieħ. "Għaliex hi msieħba fil-misteri Divini, u tista' tabilħaqq tissejjaħ l-għassiesa tagħhom. Wara Ġesù Kristu hi l-aktar pedament nobbli li fuqu tistrieħ il-fidi tal-ġenerazzjonijiet kollha" (AD 5). Il-leġjunarji huma mistiedna jiżnu kliem ieħor ta' San Piju X, li jġiegħlek taħseb: "Malli d-devozzjoni lejn il-kbira Marija tkun tefgħet filfond l-għeruq tagħha fl-erwieħ, imbagħad, u mhux qabel, dak li jaħdem għal dawk l-erwieħ jarahom jagħtu frott ta' virtù u ta' qdusija, skond kemm kienet kbira l-ħidma tiegħu għalihom."

"Ftakru li, bħal Sidna Ġesù Kristu fuq il-Kalvarju, qegħdin tissieltu f'taqbida li għad tirbħu. Tibżgħux mill-armi li hu sann, u lanqas li tieħdu sehem fil-ġrieħi li hu ġarrab. X'jimporta jekk ir-rebħa tiġi fi żmienkom jew warajkom? Issoktaw bħal qabel fil-ħidma bis-sabar: u ħallu lill-Mulej jieħu ħsieb il-bqija, għax mhix biċċa tagħna li nkunu nafu ż-żmien jew il-waqt li l-Missier għażel fis-setgħa tiegħu. Qawwu qlubkom, erfgħu l-piż tal-kavallerat tagħkom bil-qlubija qatt mirbuħa ta' dawk il-bnedmin ta' ruħ kbira li mietu qabilkom" (T. Gavan Duffy: *Il-Prezz ta' Jum li qed Iżernaq*).

## 3. L-GĦOTI TA' RAPPORT VERBALI FIL-LAQGĦA DWAR IL-ĦIDMA MWETTQA

Dan hu dmir importanti ħafna u wieħed mill-fatturi ewlenin li jgħinu biex il-ħidma tal-Leġjun tibqa' dejjem interessanti. Ir-rapport hu maħsub biex jilħaq dan il-għan daqskemm biex jingħata t-tagħrif lil-laqgħa. Prova tajba tal-ħila tal-leġjunarju hi l-ħsieb li jagħti biex jipprepara r-rapport, u l-mod li bih jagħtih. Kull rapport hu ġebla fil-bini tal-laqgħa, u s-saħħa ta' din tiddependi mill-perfezzjoni tar-rapporti. Kull rapport maqbuż jew difettuż hu daqqa ta' ħarta lil-laqgħa, li hi l-għajn tal-ħajja.

Parti importanti mit-taħriġ tal-membru għandha tkun li jitgħallem il-metodi li jużaw il-membri l-oħra, kif joħroġ mir-rapporti tagħhom, u li jisma' l-kummenti li l-leġjunarji t'esperjenza jagħmlu fuq ir-rapporti tiegħu. Minn dan jiġi li jekk rapport jagħti biss ftit tagħrif, dan ma jistax ikun t'għajnuna la għall-membru li jagħtih u lanqas għal dawk li jisimgħuh.

Għal tagħrif aktar fit-tul dwar ir-rapport u l-mod kif jiġi mogħti, ara t-taqsima 9 tal-kapitlu 18, *Kif issir il-Laqgħa tal-Praesidium.*

"Ftakar kemm San Pawl jisħaq biex l-Insara jgħinu, jieħdu ħsieb u jitolbu għall-'*bnedmin kollha;* għax Alla jrid li kulħadd isalva . . . għax Kristu ta lilu nnifsu bħala prezz tal-fidwa għal kulħadd' (1 Tim 2:6). U dan il-prinċipju ta' l-universalità tad-dmir u ta' l-oġġett tiegħu jtennih ukoll San Ġwann Grisostmu b'dan il-kliem sublimi: 'Insara, għad tagħtu kont mhux tagħkom infuskom biss, iżda tad-dinja kollha' " (Gratry: *Il-Bidu*).

## 4. GĦANDHA TINŻAMM KONFIDENZJALITÀ SĦIĦA

mil-leġjunarji dwar dak li jisimgħu fil-laqgħat jew waqt ix-xogħol tagħhom. Dan it-tagħrif jiksbuh bħala leġjunarji, u li jxandruh ikun tradiment kbir kontra l-Leġjun. Naturalment għandhom jingħataw rapporti fil-laqgħa tal-praesidium, iżda hawn ukoll għandu jkun hemm prudenza. Dan is-suġġett hu diskuss aktar fit-tul fit-taqsima 20 tal-kapitlu 19, *Il-Laqgħa u l-Membru.*

"Ħares sewwa dak li kien fdat f'idejk" (1 Tim 6:20).

## 5. KULL MEMBRU GĦANDU JKOLLU NOTEBOOK

li fih iżomm tagħrif fil-qosor tal-każijiet. Dan isir:
1. biex il-ħidma ssir bis-serjetà li jixirqilha;
2. biex il-każijiet ta' l-imgħoddi u oħrajn mhux mitmuma ma jintesewx;
3. għax mingħajr l-għajnuna tiegħu ma jistax isir rapport xieraq;
4. biex jgħinna nidraw naħdmu bl-ordni;
5. biex dan it-tagħrif miktub tax-xogħol li sar ikun t'għajnuna siewja f'dik is-siegħa li tiġi fuq kulħadd meta n-nuqqas ta' suċċess tal-mument jitfa' d-dell tiegħu fuq is-suċċess ta' l-imgħoddi.

Dan it-tagħrif għandu jinkiteb b'mod li ma jinftehimx (jiġifieri noħolqu kodiċi li nifhmuh aħna biss), biex dawk li ma jkunux leġjunarji ma jsirux jafu bi ħwejjeġ delikati. Dan it-tagħrif m'għandu qatt jinkiteb quddiem dawk li għandhom x'jaqsmu miegħu.

"Ħa jsir kollox kif imur u bl-ordni" (1 Kor 14:40).

## 6. IR-REĊITA KULJUM TAL-CATENA LEGIONIS (IL-KATINA TAL-LEĠJUN) MINN KULL LEĠJUNARJU

magħmula prinċipalment mill-Magnificat, it-talba ta' Marija nfisha, l-innu ta' filgħaxija tal-Knisja, "l-aktar umli u li juri gratitudni, kif ukoll l-aktar sublimi u għoli fost il-kantiċi kollha" (San Lwigi-Marija de Montfort, DV 255).

Kif ifisser l-isem, din hi l-ħolqa bejn il-Leġjun u l-ħajja ta' kuljum tal-membri tiegħu kollha, kemm attivi kif ukoll awżiljarji, u r-rabta li tgħaqqadhom wieħed ma' l-ieħor, u ma' l-Omm tagħhom Imqaddsa. L-isem jissuġġerixxi wkoll l-obbligu li tingħad kuljum. L-idea ta' katina magħmula minn ħoloq, li fiha kull ħolqa hi meħtieġa għall-perfezzjoni tal-katina sħiħa, għandha tkun għal kull leġjunarju bħal twissija biex ma jkunx ħolqa maqsuma fil-katina tat-talb ta' kuljum tal-Leġjun.

Il-leġjunarji li xi ċirkostanzi ġagħluhom ma jibqgħux membri attivi (u dawk ukoll li għal raġunijiet inqas serji telqu mil-Leġjun) għandhom jgħożżu din il-prattika sabiħa u jżommu għall-inqas din ir-rabta mal-Leġjun sħiħa tul ħajjithom kollha.

"Meta nitkellem familjarment ma' Ġesù, kull darba nagħmel dan f'isem Marija u, sa ċertu punt, fil-persuna tagħha. Permezz tiegħi hi tixtieq tgħaddi għal darb'oħra dawk is-sigħat ta' intimità ħelwa u ta' tenerezza li ma titfissirx li hi għaddiet minnhom f'Nazaret mat-Tfajjel maħbub tagħha. Bil-għajnuna tiegħi hi tkun tista' titgħaxxaq titkellem miegħu għal darb'oħra; bis-saħħa tiegħi tista' tgħannqu u trossu magħha kif darba għamlet f'Nazaret" (De Jaegher: *Il-Virtù tal-Fiduċja*).

## 7. IR-RELAZZJONIJIET BEJN IL-MEMBRI

Il-leġjunarji ma jsibuhiex bi tqila biex iħarsu b'mod ġenerali d-dmir li jħobbu l-membri sħabhom, iżda mindaqqiet ma jiftakrux li dak id-dmir jitlob ukoll minnhom id-drawwa li jagħdru dak li huma jqisu bħala xi difett fi sħabhom. Nuqqas f'din il-ħaġa jċaħħad lill-praesidium mill-ħlewwa tiegħu u jista' jkun kaġun li oħrajn ma jibqgħux membri.

Min-naħa l-oħra l-membri kollha għandhom ikunu intelliġenti biżżejjed u jifhmu li t-tisħib tagħhom fil-Leġjun hu indipendenti għal kollox mill-fatt li għandhom president jew membru li jaqblu miegħu jew le, min-nuqqasijiet reali jew immaġinarji ta' rispett, u min-nuqqas t'apprezzament jew ta' qbil, jew ċanfir jew ċirkostanzi oħra li jista' jkun hemm.

It-tgħakkis tagħna nfusna għandu jkun il-bażi ta' kull ħidma flimkien. Mingħajru anki l-aħjar ħaddiema jistgħu jkunu ta' theddida għall-organizzazzjoni. Huma dawk li jrażżnu l-individwalità tagħhom, u jaddattaw ruħhom bis-sħiħ u bl-akbar armonija mas-sistema, li jaqdu l-aħjar lil-Leġjun. Min-naħa l-oħra, min jgħid jew jagħmel xi ħaġa li titbiegħed mill-ħlewwa li għandha tkun il-marka tal-Leġjun, jista' jiftaħ arterja li twassal għal konsegwenzi l-aktar koroh. Għalhekk kulħadd għandu jfittex li jagħmel dak li jgħaqqad, u mhux dak li jifred.

Meta nitħaddtu dwar l-imġiba ta' leġjunarju ma' leġjunarju, inħossu li għandna nitkellmu b'mod speċjali dwar dak li superfiċjalment, għalkemm ħażin, jissejjaħ "għira ċkejkna". L-għira rarament hija ħaġa ċkejkna fiha nfisha. Din tfisser qrusa fil-qalb ta' l-individwu. Tidħol kważi fir-relazzjonijiet umani kollha u tavvelenahom. F'min hu qalbu ħażina hi qawwa feroċi li ġġennen, kapaċi tagħmel ħwejjeġ l-aktar tal-biża'. Iżda tittanta wkoll lil dawk li huma ħielsa mill-egoiżmu, u lil dawk ta' qalbhom safja, permezz tan-natura tagħhom li taf tħobb u tħoss ħafna. Kemm

teħodha bi kbira li oħrajn jeħdulek postok, li tara lil ħaddieħor jgħaddik fil-virtù jew fix-xogħol, li jwarrbuk biex postok jeħduh iż-żgħażagħ! Kemm hu kiefer tara lilek innifsek mitfi! L-aktar erwieħ qaddisa ħassew dik il-weġgħa moħbija, u minnha tgħallmu kemm kienu tassew dgħajfa. Għax dak l-imrar hu tabilħaqq xrara ta' mibegħda li malajr tista' ssir nar qerriedi.

Jista' jkun hemm serħan jekk wieħed jinsa. Iżda l-leġjunarju għandu jfittex ħwejjeġ ogħla minn paċi bħal din. M'għandu jikkuntenta ruħu b'xejn inqas mir-rebħa, li tikseb merti kbar fuq in-natura ħarxa lesta għat-taqbida. B'hekk issir il-bidla sħiħa ta' l-għira, nofsha mibegħda, f'imħabba għal kollox Nisranija. Iżda kif tista' tinkiseb ħaġa hekk tal-għaġeb? Dan isir billi jitqiegħed bis-sħiħ fil-prattika d-dmir tal-leġjunarju lejn il-membri sħabu u lejn dawk ta' madwaru li fihom tgħallem jara u jqim lil Sidu. Kull tniggiża t'għira għandu jilqagħha b'din ir-riflessjoni: dak il-bniedem, li għax kiber ġagħalni nħoss, mhuwiex ħlief il-Mulej. Għalhekk għandi nagħmel bħal San Ġwann Battista. Nimtela bil-ferħ li Ġesù jikber minn fuq dahri. Jeħtieġ jikber hu u niċkien jiena.

Din l-attitudni hi qaddisa sa l-eroiżmu. Biha jsiru ħwejjeġ kbar, u tinfetaħ triq beraħ għal Marija biex hi teħles minn kull tebgħa ta' frugħa lil ruħ li minnha għandu jgħaddi d-dawl li jdawwal lil ħaddieħor (Ġw 1:7); biex hi tifforma dixxiplu ieħor bla egoiżmu li jħejji t-triq għall-Mulej.(Mk 1:2).

Kull prekursur għandu dejjem jixtieq li hu nnifsu jintefa biex jidher dak li hu qed iħabbar. L-appostlu dejjem jifraħ jara lil dawk ta' madwaru jikbru u qatt ma jgħaddilu minn moħħu jkejjel il-progress tagħhom ma' tiegħu. Mhuwiex appostlu min jixtieq li kulħadd jikber sakemm dan il-kobor ma jitfix il-kobor tiegħu! Dak il-ħsieb għajjur juri li fejn jidħol hu, wieħed irid l-ewwel post, waqt li l-appostlu għandu dejjem iqiegħed lilu nnifsu l-aħħar. Iżjed minn hekk, l-ispirtu ta' l-għira ma jistax joqgħod flimkien ma' dak ta' l-appostolat veru.

"Bl-ewwel kliem tagħha ta' qima u mħabba mill-qalb, Marija tagħti dik l-ewwel ċaqliqa qaddisa li ssaffi lil dawk l-erwieħ billi terġa' tnissel mill-ġdid lil Ġwanni l-Battista, u fl-istess ħin tkabbar il-ġieħ ta' Elizabetta.

Iżda jekk dawk l-ewwel kelmiet għamlu ħwejjeġ hekk kbar, x'għandna ngħidu fuq il-ġranet, il-ġimgħat, ix-xhur li ġew wara? Marija qiegħ-

da tagħti l-ħin kollu. U Eliżabetta tirċievi — u għax ma ngħiduhiex bla tlaqliq? — tirċievi mingħajr għira. Dik Eliżabetta, li fiha Alla kien sawwar ukoll maternità mirakoluża, titbaxxa quddiem il-kuġina żagħżugħa tagħha, mingħajr l-iċken imrar f'qalbha li ma kenitx hi l-magħżula tal-Mulej. Eliżabetta ma ġithiex għira għal Marija; u aktar 'il quddiem Marija ma tħosshiex kapaċi tgħir għall-imħabba li Binha ta lill-appostli tiegħu. Lanqas Ġwanni l-Battista ma jgħir għal Ġesù meta d-dixxipli tiegħu jħalluh biex imorru wara Ġesù! Bla ebda sinjal ta' mrar jarahom jitilquh, waqt li jgħid biss: 'Dak li hu ġej minn fuq hu fuq kulħadd . . . Jinħtieġ jikber hu u niċkien jiena' (Ġw 3:31,30)" (Perroy: *L-Umli Verġni Marija*).

## 8. IR-RELAZZJONIJIET BEJN DAWK LI JAGĦMLU Ż-ŻJAJJAR FLIMKIEN

Il-leġjunarji għandhom dmir speċjali lejn sħabhom li jagħmlu ż-żjajjar magħhom. Hawn hu n-numru mistiku "tnejn": is-simbolu ta' l-imħabba li minnha jiddependi kull frott. Il-Mulej "bagħathom tnejn tnejn qablu" (Lq 10:1). Iżda bi "tnejn" m'għandniex nifhmu biss tnejn min-nies li jinzertaw jaħdmu flimkien, iżda għaqda bħal dik li kien hemm bejn David u Ġonatan, li qlubhom kienu minsuġa waħda ma' l-oħra. Kull wieħed ħabb lill-ieħor bħalu nnifsu (1 Sam 18:1).

"(Huma) jiġu lura d-dar b'għana ta' ferħ, iġorru l-qatet f'idejhom" (S 126:6).

Ikun fl-irqaqat iż-żgħar li l-għaqda bejn viżitatur u ieħor tintwera u tikber. Wegħdiet miksura, laqgħat mitlufa, nuqqas ta' puntwalità u nuqqas ta' mħabba bil-ħsieb jew bil-kliem, nuqqasijiet żgħar t'edukazzjoni, arroganza: dawn huma ħwejjeġ li jifirduhom minn xulxin. F'dawn iċ-ċirkostanzi l-għaqda m'hijiex possibbli.

"Wara d-dixxiplina reliġjuża, l-akbar garanzija ta' barka u frott għal soċjetà reliġjuża tinstab fl-imħabba ta' l-aħwa, fil-għaqda sħiħa. Għandna nħobbu lil ħutna kollha kemm huma bħala l-ulied privileġġjati u magħżula ta' Marija. Kulma nagħmlu lil kull wieħed minnhom, Marija tgħoddu daqs kieku magħmul lilha nfisha, jew aħjar lil Binha Ġesù, ladarba sħabna huma kollha msejħa bis-saħħa tal-vokazzjoni tagħhom, biex isiru, ma' Ġesù u f'Ġesù, ulied Marija" (Marjanista: *Trattat Qasir ta' Marjoloġija*).

## 9. ID-DĦUL TA' MEMBRI ĠODDA

Wieħed mid-dmirijiet ta' kull leġjunarju għandu jkun li jdaħħal membri ġodda. Aħna għandna l-kmandament li nħobbu lil għajrna bħalna nfusna. Għalhekk jekk il-Leġjun hu għalik għajn ta' barka, int m'għandekx tfittex li dik il-barka tgħaddiha lill-oħrajn? Jekk wieħed jara li bil-ħidma tiegħu l-erwieħ intrefgħu, m'għandux forsi jfittex li jxerred dik il-ħidma?

U fl-aħħarnett, jista' l-leġjunarju ma jfittixx jikseb membri ġodda jekk jirrifletti li l-Leġjun żgur imexxihom 'il quddiem fl-imħabba u s-servizz ta' Marija? Din hi, wara Ġesù nnifsu, l-akbar barka li l-ħajja jista' jkollha. Għax Alla ried li permezz ta' Marija, dipendenti minn Kristu u qatt mifruda minnu, il-ħajja sopranaturali tagħmel l-għeruq, tikber u tiffjorixxi.

Jekk ma nersqux lejhom u nħajruhom, ħafna nies qatt ma jaslu biex iħaddnu t-triq nobbli li għaliha qalbhom tixxennaq, u li twassal għal ħwejjeġ hekk tal-għaġeb għalihom stess u, permezz tagħhom, għal erwieħ oħra.

"Quddiemu jsib il-bniedem kemm-il triq
Għall-ġid jew għat-telfien: kif hu jixtieq.
Ir-ruħ qalbiena lejn l-għoljiet tittajjar
U r-ruħ għażżiena 'l isfel biss titħajjar.
Bejn dawn it-tnejn jitnikkru lkoll il-bqija.
F'toroq oħrajn bid-dlam u ċ-ċpar mgħottija.
Jinfetħu żewġ triqat lil kull maħluq:
It-triq li tiegħu 'l isfel, l-oħra 'l fuq.
Jagħżel kull bniedem liema triq irid:
Fiha ssib ruħu d-deni jew il-ġid" (John Oxenham).

## 10. L-ISTUDJU TAL-MANWAL

Huwa importanti ħafna li kull membru jistudja l-Manwal bir-reqqa. Hu t-tifsir uffiċjali ta' dak li hu l-Leġjun. Fih jinsab miġbur, fil-qosor kemm jista' jkun, dak li kull leġjunarju ta' l-affari tiegħu jeħtieġ ikun jaf dwar il-prinċipji, il-liġijiet, il-metodi u l-ispirtu ta' l-organizzazzjoni. Il-membri, u fuq kollox l-uffiċjali, li ma jafux il-Manwal ma jistgħu qatt iħaddmu s-sistema kif jixraq; u min-naħa l-oħra, tagħrif aktar fil-fond ikabbar dejjem l-effiċjenza. Quddiem għajnejna sseħħ ħaġa mhux tas-soltu, li l-interess jiżdied maż-żmien, u l-kwalità mal-kwantità.

Sikwit tinstama' l-għajta ta' "Twil wisq!" u, ħaġa li ma tistennihiex, mindaqqiet minn nies li fil-ħin li kuljum jgħaddu fil-qari tal-ġurnali jkunu jistgħu jaqraw il-biċċa l-kbira tal-Manwal.

"Twil wisq! Irqaqat żejda!" Forsi l-istudent serju tal-liġijiet ta' pajjiżu, jew tal-mediċina, jew tax-xjenza militari, jitkellem hekk dwar manwal ta' dan id-daqs li jiġbor fih kulma wieħed hu mistenni jkun jaf dwar ix-xjenza partikolari li qed jistudja? Żgur li flok jgħid jew jaħseb hekk, f'ġimgħa jew tnejn jitgħallem bl-amment kull idea, u kull kelma wkoll f'dak il-ktieb. Tassew li "ulied din id-dinja jimxu bil-għaqal aktar minn ulied id-dawl ma' min hu tal-qatgħa tagħhom" (Lq 16:8).

U jingħad kontra l-Manwal li hu mimli b'ideat diffiċli u suġġetti għolja b'mod li ħafna mill-membri żgħar u aktar sempliċi tagħna bilkemm jistgħu jifhmuh. Għalhekk għax ma jsirx manwal eħfef għal min hu bħalhom? Bilkemm jinħtieġ jingħad li suġġeriment bħal dan ma jaqbilx mal-liġijiet elementari tat-tagħlim li jitolbu li l-istudent jitwassal pass pass f'art mhux magħrufa. M'hemm l-ebda tagħlim jekk wieħed jifhem ħaġa kollha kemm hi qabel jitgħallimha; u meta ma jitqiegħed xejn aktar ġdid quddiem il-moħħ, il-ħidma tat-tagħlim tkun intemmet. Għax għandu l-leġjunarju jistenna li jifhem il-Manwal mal-ewwel, aktar milli student għandu jistenna li jifhem minnufih l-ewwel ktieb ta' l-iskola? L-iskop ta' l-iskola u l-idea kollha ta' l-edukazzjoni huma li jiċċaraw dak li qabel ma kienx ċar u jfehmuh bħala tagħlim.

"Il-kliem ukoll hu tqil!" Iżda ma nistgħux forsi nitgħallmuh? Il-kliem tal-Manwal mhux daqshekk għoli; nistgħu nifhmuh billi nistaqsu u nfittxu f'xi dizzjunarju. Fil-fatt hu msawwar sewwasew bil-kliem tal-gazzetti ta' kuljum li jaqrahom kulħadd. Min qatt sema' li sar xi suġġeriment biex dawk il-gazzetti jinkitbu bi kliem aktar ħafif? U mhuwiex fl-interess personali ta' kull leġjunarju u tal-fidi tiegħu, li jitgħallem sewwa x'ifisser il-kliem li nstab meħtieġ biex bih jitfissru sewwa l-prinċipji spiritwali u prinċipji oħra tal-Leġjun?

Dak li ntqal dwar il-kliem tal-Manwal għandu jittenna wkoll dwar l-ideat tal-Manwal. Mhumiex ideat li ma jiftehmux. "M'għandux ikun hemm fit-tagħlim tal-Knisja qasam ogħla ta' tagħlim li l-ftit biss jistgħu jifhmuh" (L-Arċisqof John Charles McQuaid). Dan intwera bil-fatt li leġjunarji bla għadd, nies ordinarji u bi ftit tagħlim ukoll, fehmu sew dawk l-ideat, u għamluhom l-għajxien u l-fibra ta' ħajjithom. Dawk l-ideat lanqas ma

huma żejda. Fil-fatt jeħtieġ li nifhmuhom biżżejjed biex l-appostolat isir sewwa, għax huma prinċipji komuni, fi kliem ieħor, huma l-istess ħajja ta' l-appostolat. Jekk ma nagħrfux biżżejjed dawk il-prinċipji, l-appostolat jitlef it-tifsira vera tiegħu, l-għeruq spiritwali tiegħu, u ma jkollu l-ebda dritt li jissejjaħ Nisrani. Bejn l-appostolat Nisrani u ħidma xejn ċara li "tagħmel il-ġid" hemm bogħod daqs kemm hemm bejn is-sema u l-art.

Għalhekk l-ideat ta' l-appostolat fil-Manwal għandna nagħmluhom biċċa minna nfusna, u l-praesidium għandu jagħmilha ta' surmast. Dan jinkiseb bil-qari spiritwali, permezz ta' l-allocutio, u billi l-leġjunarji jiġu mħeġġa jaqraw u jistudjaw sistematikament il-Manwal. It-tagħrif m'għandux jibqa' teoretiku. Kull għamla ta' ħidma attiva għandha tintrabat mat-tagħlim li jaqbel magħha, u b'hekk tingħata tifsir spiritwali.

Meta darba staqsewh kif issir għaref, San Tumas t'Aquino wieġeb: "Aqra ktieb wieħed. Fittex li tifhem sewwa kull ma taqra jew tisma'. Fittex iċ-ċertezza f'dak li hu dubjuż." Dak l-imgħallem għaref ma kienx qed jitkellem minn dan jew dak il-ktieb kbir, iżda kellu f'moħħu kull ktieb tajjeb maħsub għat-tagħlim. Għalhekk il-leġjunarji għandhom jilqgħu l-kliem tiegħu biex jitkebbsu għal studju bir-reqqa tal-Manwal.

Barra minn dan, il-Manwal jiswa bħala katekiżmu. Fih insibu preżentazzjoni b'mod sempliċi, iżda mifruxa, tar-reliġjon Kattolika, u li taqbel mad-digrieti tal-Konċilju Vatikan II.

"Għalkemm kien isostni li l-għarfien jiġi mid-dawl intern, San Bonaventura kien jaf sewwa bit-taħbit li l-istudju jitlob. U hekk, mill-kitba ta' San Girgor, jagħti bħala tixbiha ta' l-istudju l-miraklu tat-tieġ ta' Kana tal-Galilija. Kristu ma ħalaqx l-inbid mix-xejn, iżda l-ewwel ordna lill-qaddejja jimlew il-ġarar tagħhom bl-ilma. Hekk ukoll l-Ispirtu s-Santu ma jagħtix id-dehen u l-għerf spiritwali lil min ma jimliex il-ġarra tiegħu, jiġifieri moħħu, bl-ilma, jiġifieri b'dak li jinkiseb bl-istudju. Bla sforz ma jistax ikun hemm tagħrif. It-tagħrif tal-veritajiet eterni hu l-ħlas tal-ħidma ta' studju li l-ebda bniedem ma jista' jaħrab" (Gemelli: *Il-Messaġġ Franġiskan lid-Dinja*).

## 11. LI B'XI MOD INKUNU DEJJEM GĦASSA

Sakemm tippermetti l-prudenza, il-leġjunarju għandu jfittex li jdaħħal l-ispirtu tal-Leġjun f'kulma jagħmel fil-ħajja ta' kuljum,

u jkun dejjem b'għajnejh miftuħa għall-okkażjonijiet biex imexxi 'l quddiem l-iskop ġenerali tal-Leġjun, li hu li jġarraf is-saltna tad-dnub, jeqridha minn għeruqha u jħawwel fuq il-ħerba tagħha l-istendard ta' Kristu Sultan.

"Bniedem jiltaqa' miegħek fit-triq u jitolbok sulfarina. Kellmu, u għaxar minuti wara jistaqsik għal Alla" (Duhamel). Mela għaliex ma tiżgurax ruħek minn dak il-kuntatt li jagħti l-ħajja billi tkun int li l-ewwelnett titolbu sulfarina?

Sikwit jiġri, u dan sa jasal biex isir drawwa, li l-Kristjaneżmu nifhmuh u nipprattikawh f'sens parzjali biss, jiġifieri bħala reliġjon individwalistika li l-iskop waħdani tagħha huwa l-ġid tarruħ tagħna bla ma jimpurtana xejn minn għajrna. Dan hu n-"nofs Kristjaneżmu" li l-Papa Piju XI tant jikkundanna. Il-kmandament li għandna nħobbu 'l Alla b'qalbna kollha, b'ruħna kollha, u b'moħħna kollu; u 'l għajrna bħalna nfusna (Mt 22:37-39), jidher li waqa' f'widnejn li jridu jibqgħu torox.

Hi xhieda ta' din l-idea wisq żbaljata dik li nqisu l-livelli leġjunarji bħala għamla ta' qdusija maħsuba biss għall-erwieħ magħżulin; għax dawn huma biss il-livelli elementari tal-Kristjaneżmu. Mhijiex ħaġa ħafifa li nifhmu kif nistgħu ninżlu wisq 'l isfel minnhom, u fl-istess ħin ngħidu li qegħdin nagħtu lil għajrna l-imħabba attiva mitluba mill-Preċett il-Kbir, li hi parti millistess imħabba t'Alla; tant hu hekk li mingħajrha nħassru l-idea Nisranija. "Aħna għandna nsalvaw flimkien. Aħna għandna naslu għand Alla flimkien. X'jgħidilna Alla jekk xi wħud minna jaslu għandu mingħajr l-oħrajn?" (Péguy).

Dik l-imħabba għandha titfawwar fuq il-bnedmin kollha mingħajr distinzjoni, u tingħata lil kull wieħed u lil kulħadd flimkien, mhux bħala tqanqil tal-qalb biss, iżda f'għamla ta' dmir, servizz u sagrifiċċju tagħna nfusna. Il-leġjunarju għandu jkun eżempju bnin ta' dan il-Kristjaneżmu veru. Jekk id-Dawl veru ma nagħmluhx jiddi quddiem il-bnedmin bil-ħafna raġġi qawwija tiegħu, fi kliem ieħor b'eżempji prattiċi ta' ħajja tassew Nisranija, mhux biss ikun hemm il-periklu, iżda ċ-ċertezza li dan id-Dawl ma jkunx rifless fil-ħajja komuni tal-Kattoliċi. Dawn il-Kattoliċi jistgħu jinżlu sal-minimu meħtieġ biex ma jmorrux l-infern. Dan ikun ifisser li r-reliġjon tneżżgħet mill-karattru nobbli u mhux egoista tagħha, fi kliem ieħor saret l-oppost ridikolu ta' dak li għandha tkun, u għalhekk la tista' tirbaħ lil ħadd u lanqas iżżomm lil ħadd.

Li nkunu għassa jfisser dixxiplina. Li nibqgħu dejjem għassa jfisser dixxiplina bla heda. Għalhekk kliemna u ilbiesna, imġibitna u għemilna, ikunu sempliċi kemm ikunu, m'għandhom qatt jagħtu eżempju ħażin. In-nies ikunu b'seba' għajnejn għan-nuqqasijiet ta' dawk li jarawhom attivi fil-kawża tar-reliġjon. Nuqqasijiet li f'ħaddieħor bilkemm jiġbdu l-attenzjoni, fil-leġjunarju jitqiesu ta' għajb, u jgħarrqu ħafna l-isforzi tiegħu biex jagħmel il-ġid lill-oħrajn. U dan lanqas m'hu kontra r-raġuni. Mhijiex forsi ħaġa loġika li tistenna livell għoli minn dawk li qegħdin iħajru lil oħrajn għal ħwejjeġ ogħla?

Iżda hawn ukoll, bħal fil-ħwejjeġ kollha, għandna nkunu raġonevoli. Dawk li ma tonqoshomx ir-rieda tajba m'għandhomx, għax jafu bin-nuqqasijiet tagħhom, jibqgħu lura mill-appostolat għax dan ifisser it-tmiem ta' kull appostolat. Lanqas m'għandhom jaħsbu li forsi tkun ipokrisija li jħajru lil ħaddieħor għall-perfezzjoni li huma għad m'għandhomx. "Le," jgħid San Franġisk de Sales, "mhijiex ipokrisija li titkellem aħjar milli ġġib ruħek. Li kien hekk, Mulej Alla tagħna, fejn insibu ruħna? Żgur li kien ikollna nżommu ħalqna magħluq."

"L-iskop tal-Leġjun ta' Marija hu li jmexxi għall-ħajja Kattolika normali. Ngħidu 'normali'; u mhux 'komuni'. Fi żminijietna hawn tendenza li naħsbu li Kattoliku 'normali' hu wieħed li jipprattika r-reliġjon għall-ġid tiegħu biss mingħajr ma jinteressa ruħu mis-salvazzjoni ta' ħutu. Ħsieb bħal dan iwaqqa' għaċ-ċajt l-idea ta' x'inhu l-Kattoliku veru, u tabilħaqq il-Kattoliċiżmu nnifsu. Kattoliċiżmu komuni mhuwiex Kattoliċiżmu normali. Donnu l-idea li ħafna għandhom ta' 'Kattoliku tajjeb' jew ta' 'Kattoliku prattikanti' tinħtieġ titgħarbel bir-reqqa u titfisser mill-ġdid. Wieħed mhuwiex Kattoliku jekk jinżel 'l isfel minn ċertu minimu t'appostolat, u dan il-minimu indispensabbli, li minnu jiddependi l-Aħħar Ġudizzju, mhux qed jintlaħaq mill-kotra ta' l-hekk imsejħa Kattoliċi prattikanti. Din hi qagħda traġika, dan hu żball fondamentali" (Il-Kardinal Suenens: *It-Teoloġija ta' l-Appostolat*).

## 12. IL-LEĠJUNARJU GHANDU JITLOB KIF UKOLL JAĦDEM

Għalkemm ir-reċita tal-Catena Legionis hu d-dmir waħdani ta' kuljum li l-Leġjun jitlob mill-membri attivi tiegħu, dawn huma mħeġġa ħafna li fil-programm tagħhom ta' kuljum idaħħlu t-

talb kollu tat-tessera. Id-dmir tal-membri awżiljarji jitlob dak it-talb, u jkun għajb għall-membri attivi jekk jagħtu anqas minn dak li jagħtu n-numru kbir t'awżiljarji. Tassew li l-awżiljarju ma jagħmilx xogħol attiv. Minkejja dan, żgur li l-membru awżiljarju jiswa aktar lis-Sultana tal-Leġjun mill-membru attiv li jaħdem bla ma jitlob. Dan huwa l-maqlub tal-fehma tal-Leġjun li jqis it-tisħib attiv bħala l-ponta tal-lanza ta' l-attakk tiegħu u l-awżiljarji bħala l-manku biss.

Barra minn hekk, il-ħeġġa u l-perseveranza ta' l-awżiljarji jiddependu ħafna mill-konvinzjoni tagħhom li huma qegħdin jgħinu f'servizz ta' sagrifiċċju personali, u tabilħaqq ta' eroiżmu wisq akbar minn tagħhom. Għal din ir-raġuni wkoll, il-membru attiv għandu jkun ta' mudell u ispirazzjoni għall-awżiljarju. Iżda bilkemm jista' jkun t'ispirazzjoni vera jekk is-servizz tiegħu ta' talb ikun anqas minn dak mitlub mill-awżiljarju, u li għalhekk iġegħlek tiddubita min minnhom qed jaqdi l-Leġjun aħjar.

Kull leġjunarju, kemm attiv kif ukoll awżiljarju, għandu jinkiteb fil-Konfraternità tar-Rużarju Mqaddes. Il-benefiċċji tat-tisħib huma immensi (ara l-appendiċi 7).

"Fit-talb kollu, l-Isem wisq Imqaddes ta' Ġesù jissejjaħ għall-inqas bil-ħsieb, anki jekk ma jingħadx espressament il-kliem 'bi Kristu Sidna', għax Kristu hu l-Medjatur meħtieġ li quddiemu għandu jitressaq it-talb. Barra minn hekk, meta min jitlob ikellem direttament lil Alla l-Missier jew jafda t-talba tiegħu f'idejn xi anġlu jew qaddis bla ma jsemmi l-isem wisq imqaddes ta' Marija, f'dan il-każ għandna ngħidu l-istess ħaġa dwar Marija kif għidna dwar l-Iben Divin tagħha. Bħalma bil-ħsieb l-Isem tiegħu dejjem jissejjaħ għax hu l-Medjatur meħtieġ, hekk ukoll l-isem ta' l-Omm tiegħu mbierka, li hi msieħba miegħu, hu wkoll imsejjaħ bil-ħsieb ma' tiegħu fit-talb kollu. Meta nitolbu 'l Alla, nistgħu ngħidu li nitolbu lilha wkoll. Meta nitolbu lil Kristu bħala bniedem, b'hekk ukoll nitolbu lilha. Kull meta nitolbu lil xi qaddis, nitolbu lilha wkoll" (Canice Bourke O.F.M. Cap.: *Marija*).

## 13. IL-ĦAJJA INTERJURI TAL-LEĠJUNARJI

"Ngħix, imma mhux iżjed jien," jgħid l-Appostlu, "iżda jgħix fija Kristu" (Gal 2:20). Ħajja interjuri tfisser li l-ħsibijiet, ix-xewqat u l-ġibdiet li jkollna jiċċentraw fuq il-Mulej. Biex naslu għal dan irid ikollna bħala mudell lill-Verġni Mbierka. Hija kienet dejjem

timxi l-quddiem fil-qdusija, għaliex il-progress spiritwali huwa, fuq kollox, progress fl-imħabba, u f'Marija l-imħabba baqgħet tikber matul ħajjitha kollha.

"L-Insara kollha, ikunu x'ikunu l-kondizzjonijiet ta' ħajjithom, huma msejħin għall-milja tal-ħajja Nisranija u għall-perfezzjoni ta' l-imħabba . . . Il-fidili kollha huma mistiedna u għandhom l-obbligu li jfittxu l-qdusija u l-perfezzjoni ta' l-istat tagħhom" (LG 41, 42). Il-qdusija hi xi ħaġa li tista' tinkiseb. "Il-qdusija kollha tikkonsisti fl-imħabba t'Alla, u l-imħabba kollha t'Alla tikkonsisti filli nagħmlu r-rieda tiegħu" (Sant'Alfons Liguori).

"Biex inkunu nistgħu nagħrfu x'inhi fil-fatt ir-rieda t'Alla għalina, neħtieġu dejjem li: nisimgħu u nilqgħu l-kelma t'Alla u tal-Knisja, nitolbu bil-ħerqa u mingħajr ma nieqfu, infittxu direttur spiritwali li jmexxina bl-għerf u bl-imħabba, u nagħrfu fedelment id-doni u t-talenti li tana Alla kif ukoll id-diversi ċirkostanzi soċjali u storiċi li fihom ngħixu" (CL 58).

Il-formazzjoni spiritwali tal-leġjunarji fil-livell tal-praesidium tgħin ħafna fl-iżvilupp tal-qdusija tagħhom. Iżda wieħed għandu jagħraf li d-direzzjoni spiritwali li tingħata hija kollettiva. Ladarba kull membru huwa individwu uniku bi ħtiġijiet personali, hi ħaġa mixtieqa li d-direzzjoni kollettiva tkun megħjuna bid-direzzjoni individwali, u għalhekk il-membru jfittex li jkollu "direttur spiritwali għaref u kollu mħabba" (op. cit.).

Hemm tliet ħtiġijiet essenzjali fil-ħajja Nisranija: it-talb, il-mortifikazzjoni u s-sagramenti, u dawn huma marbuta ma' xulxin.

### 1. It-Talb

It-talb għandu jkun kemm privat kif ukoll pubbliku, għaliex in-natura tagħna għandha żewġ aspetti, dik individwali u dik soċjali. Id-dmir tat-talb jobbligana l-ewwelnett bħala individwi, iżda l-komunità kollha, magħquda flimkien b'rabtiet soċjali, hija wkoll obbligata titlob. Il-liturġija, li tinkludi l-quddiesa u l-Liturġija tas-Sigħat, hija t-talb pubbliku tal-Knisja. Il-Konċilju Vatikan II jikkummenta: "In-Nisrani huwa tassew imsejjaħ biex jitlob flimkien ma' l-oħrajn, imma għandu wkoll jidħol f'kamartu biex, fil-moħbi, jitlob lill-Missier. Barra minn hekk, kif jgħallem l-Appostlu, għandu jitlob bla heda" (SC 12). Il-forom tat-talb privat jinkludu l-"meditazzjoni (jew talb mentali), l-eżami tal-kuxjenza, l-irtiri, żjajjar lil Ġesù Sagramentat, u devozzjonijiet speċjali lill-Imqaddsa Verġni Marija, speċjalment ir-rużarju" (MD 186). "Fil-

waqt li dawn imantnu l-ħajja spiritwali ta' l-Insara, iwassluhom ukoll biex jieħdu sehem bi profitt kbir fil-funzjonijiet pubbliċi kollha, u jżommu t-talb milli jiddeġenera f'ċerimonja vojta" (ibid. 187).

Il-qari spiritwali privat, minbarra li jiżviluppa l-konvinzjonijiet Insara, jgħin ħafna l-ħajja tat-talb. Wieħed għandu jagħti preferenza lill-qari tat-Testment il-Ġdid, b'kummentarju Kattoliku adattat (ara DVrb 12) u l-kitbiet spiritwali klassiċi li wieħed jagħżel skond il-bżonnijiet u l-ħila tiegħu. Huwa f'dan il-qasam li l-gwida "għaref" huwa importanti b'mod speċjali. Il-ħajjiet tal-qaddisin miktubin b'ħila jagħtu bidu tajjeb għall-ħajja spiritwali. Iwasslulna sejħa li tiġbidna lejn dak li hu tajjeb u erojku. Il-qaddisin huma d-duttrina u l-prattika tal-qdusija li aħna nistgħu naraw. Jekk nidħlu sikwit fil-kumpanija tagħhom ma ndumux ma nimitaw il-kwalitajiet tagħhom.

Kull leġjunarju għandu, jekk jista' jkun, jagħmel irtir bil-magħluq darba fis-sena. Il-frott ta' l-irtiri u tar-riflessjoni huwa viżjoni aktar ċara ta' dak li Alla jkun isejħilna għalih matul ħajjitna u rieda aktar soda biex insegwuh bil-fedeltà.

## 2. Il-Mortifikazzjoni jew iċ-ċaħda tagħna nfusna

Din tfisser li mmutu għalina nfusna biex inħallu lil Kristu jgħix il-ħajja tiegħu fina u li naqsmu din il-ħajja b'mod aktar sħiħ ma' l-oħrajn. Hi dixxiplina fuqna nfusna biex inħobbu lil Alla u lill-proxxmu ħalli nagħtu glorja lil Alla. Il-ħtieġa ta' din iċ-ċaħda teżisti għaliex bid-dnub tan-nisel l-intellett tagħna ddallam, ir-rieda tagħna ddgħajfet u l-passjonijiet tagħna malajr jiġbduna lejn id-dnub.

L-ewwel ħaġa li hemm bżonn hi li nwettqu bil-qalb dak li l-Knisja tordnalna dwar ġranet u żmien ta' penitenza u l-mod kif għandhom jiġu osservati. Meta nsegwu bir-reqqa s-sistema tal-Leġjun inkunu qed nitħarrġu sew fil-mortifikazzjoni.

Wara dawn għandna naċċettaw bil-ferħa minn idejn Alla "s-slaleb, it-tiġrib u t-twegħir tal-ħajja." Mingħajr dubju għandna nikkontrollaw is-sensi tagħna, speċjalment x'nippermettu lilna nfusna li naraw, li nisimgħu u li ngħidu. Dan kollu jgħinna nikkontrollaw is-sensi interni tal-memorja u ta' l-immaġinazzjoni. Il-mortifikazzjoni tinkludi wkoll ir-rebħa fuq il-għażż, fuq il-burdati u fuq ix-xejriet egoistiċi. Bniedem li jċaħħad lilu nnifsu jkollu manjieri tajba u jogħġob lil dawk li jgħix viċin tagħhom, kemm

fid-dar kif ukoll fuq il-post tax-xogħol. L-appostolat personali, li huwa l-iskop aħħari tal-ħbiberija, jimplika ċertu tgħakkis, għaliex bih wieħed jimpenja ruħu li jagħmel lil ħbiebu kuntenti bilqalb tajba u d-delikatezza tiegħu. "Sirt kollox ma' kulħadd," jgħid San Pawl, "biex insalva lil kulħadd" (1 Kor 9:22). L-isforzi li nagħmlu biex inrażżnu l-ġibdiet perikolużi u nxettlu d-drawwiet it-tajba jservu wkoll bħala tpattija għal dnubietna u għaddnubiet ta' l-oħrajn fil-Ġisem Mistiku. Jekk Kristu, ir-Ras, bata minħabba dnubietna, hu xieraq li aħna nissieħbu miegħu fittbatija. Jekk Kristu, l-innoċenti, ħallas għalina li aħna ħatjin, żgur li aħna, il-ħatjin, imissna nagħmlu xiħaġa. Kulfejn jidher li qed jsir id-dnub, l-Insara ġenerużi għandhom iħossu l-ħtieġa li jwettqu atti pożittivi ta' riparazzjoni.

### 3. Is-Sagramenti

L-għaqda ma' Kristu għandha l-bidu tagħha fil-Magħmudija, l-iżvilupp tagħha fil-Griżma ta' l-Isqof, u l-milja u n-nutriment qawwi tagħha fl-Ewkaristija. Dawn is-sagramenti huma ttrattati band'oħra f'dan il-Manwal, u għalhekk hawn se nsemmu s-sagrament li fih Kristu jkompli jeżerċita l-maħfra ħanina tiegħu permezz ta' persuna li taġixxi minfloku, is-saċerdot Kattoliku. Għandu diversi ismijiet: qrar, penitenza, rikonċiljazzjoni. Qrar, għaliex huwa stqarrija sinċiera tad-dnubiet imwettqa; penitenza, għaliex juri l-bidla; rikonċiljazzjoni, għaliex permezz tas-sagrament il-midneb jerġa' jitħabbeb m'Alla, mal-Knisja tiegħu u ma' l-umanità kollha. Il-qrar hu marbut mill-qrib ma' l-Ewkaristija, għaliex il-maħfra ta' Kristu tasal għandna permezz tal-merti tal-mewt tiegħu, l-istess mewt li aħna niċċelebraw fl-Ewkaristija.

Ħalli kull leġjunarju jwieġeb għas-sejħa ta' Kristu biex jiltaqa' miegħu fis-sagrament tar-rikonċiljazzjoni, u li jagħmel dan ta' spiss u b'mod regolari, "għaliex b'dan il-mod nikbru fl-għarfien veru tagħna nfusna u fl-umiltà Nisranija, neqirdu l-vizzji tagħna, inbegħdu l-bruda u t-traskuraġni spiritwali, insaffu l-kuxjenza u nsaħħu r-rieda, niksbu direzzjoni spiritwali soda u l-grazzja tkompli tiżdied bil-qawwa tas-sagrament innifsu" (MC 87). Millesperjenza tagħhom ta' kemm jirċievu beneficċji mis-sagrament tar-rikonċiljazzjoni, il-leġjunarji jitħeġġu jaqsmu dak il-ġid ma' l-oħrajn billi jħajruhom iqerru.

Fil-qosor, is-salvazzjoni ta' l-erwieħ u l-qdusija tagħhom, kif ukoll il-bidla Nisranija tad-dinja sseħħ biss bħala konsegwenza

tal-ħajja ta' Kristu fl-erwieħ. Fil-fatt dan hu l-aktar punt importanti.

"L-*ispiritwalità* Marjana, flimkien mad-*devozzjoni* li sseħibha, issib għajn ta' għana bla qies bl-esperjenza storika ta' individwi u tad-diversi komunitajiet Insara mxerrdin fost il-ħafna popli u nazzjonijiet tad-dinja. Hawn irrid infakkar, fost ħafna xhieda u għalliema ta' din l-ispiritwalità, il-figura ta' San Lwiġi-Marija Grignion de Montfort li jipproponi konsagrazzjoni lil Kristu permezz ta' Marija, bħala mezz mill-aqwa għall-Insara biex jgħixu bil-fedeltà kollha l-wegħdiet tagħhom tal-Magħmudija" (RMat 48).

"Hemm rabta organika bejn il-ħajja spiritwali tagħna u d-dommi. Dawn huma dwal fil-mixi tal-fidi tagħna, li jdawluh u jiżgurawh. Min-naħa l-oħra, jekk ħajjitna hi dritta, kemm il-fehma tagħna u kemm qalbna jkunu miftuħin biex jilqgħu d-dawl tad-dommi tal-fidi" (KKK 89).

## 14. IL-LEĠJUNARJU U S-SEJĦA NISRANIJA

Il-Leġjun jipproponi stil ta' ħajja aktar milli t-twettiq ta' xi ħidma. Hu jagħti taħriġ li għandu l-iskop li jinfluwenza kull aspett tal-ħajja, u kull siegħa ta' dik il-ħajja. Il-leġjunarju li hu leġjunarju biss fil-ħin tal-laqgħa u meta jkun qed iwettaq il-ħidma, ma jkunx jgħix l-ispirtu tal-Leġjun.

L-iskop tal-Leġjun huwa li jgħin lill-membri tiegħu u 'l dawk kollha li jiġu f'kuntatt magħhom jgħixu s-sejħa Nisranija tagħhom fil-milja tagħha. Dik is-sejħa għandha l-bidu tagħha fil-Magħmudija. Bil-Magħmudija l-bniedem isir Kristu ieħor. "Aħna mhux biss sirna Kristu ieħor, iżda Kristu nnifsu" (Santu Wistin).

Fil-Magħmudija sirna ġisem wieħed fi Kristu, għalhekk kull membru tal-Knisja tiegħu jaqsam miegħu l-missjoni ta' Saċerdot, Profeta u Sultan.

Aħna nieħdu sehem fil-missjoni *saċerdotali* ta' Kristu permezz ta' l-adorazzjoni, kemm dik privata u kemm dik pubblika. L-aqwa forma t'adorazzjoni huwa s-sagrifiċċju. Bis-sagrifiċċju spiritwali aħna noffru lilna nfusna u kulma nagħmlu lil Alla, il-Missier tagħna. Meta jitkellem dwar il-lajċi, il-Konċilju Vatikan II jgħid: "Il-ħidmiet kollha tagħhom, it-talb u l-appostolat, il-ħajja tażżwieġ u tal-familja, ix-xogħol ta' kuljum, il-mistrieħ tar-ruħ u tal-ġisem, u saħansitra t-tbatijiet tal-ħajja li wieħed iġorr bis-sabar;

jekk dawn jitwettqu fl-Ispirtu, kollha jsiru sagrifiċċji spiritwali ll jogħġbu lil Alla permezz ta' Ġesù Kristu (ara 1 Pt 2:5). Fiċ-ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija dawn is-sagrifiċċji huma bit-tjieba kollha offerti lill-Missier flimkien ma' l-offerta tal-ġisem tal-Mulej u hekk, filwaqt li bl-għemil qaddis tagħhom ikunu jadurawh kullimkien, il-lajċi jikkonsagraw lil Alla d-dinja nfisha" (LG 34).

Aħna nieħdu sehem fil-missjoni *profetika* (ta' tagħlim) ta' Kristu. Huwa "xandar is-saltna ta' Missieru kemm bix-xhieda ta' ħajtu u kemm bil-qawwa tal-kelma tiegħu" (LG 35). Bħala Nsara lajċi, aħna rċevejna l-ħila u r-responsabbiltà li naċċettaw l-evanġelju bil-fidi u nxandruh bil-kelma u bl-għemil. L-aqwa servizz li nistgħu nagħtu lill-bnedmin huwa li nitkellmu fuq il-veritajiet tal-fidi: li ngħidu, per eżempju, x'inhu Alla, x'inhi r-ruħ tal-bniedem, x'inhu l-iskop tal-ħajja u x'jiġri wara l-mewt. Fuq kollox nitkellmu fuq Sidna Ġesù Kristu li għandu l-verità sħiħa. M'hemmx bżonn tkun kapaċi targumenta u ġġib il-provi għal dak li tgħid, imma li tkun taf dawn il-veritajiet u tkun qed tgħixhom. Għandek tagħraf ukoll id-differenza li dawn jagħmlu u titkellem dwarhom b'mod intelliġenti waqt li twassal biżżejjed it-tifsir tagħhom biex tħajjar lil dak li jkun ifittex aktar informazzjoni.

Is-sħubija fil-Leġjun tgħin biex wieħed jitgħallem aktar dwar il-fidi u dwar kif jgħixha. Il-motivazzjoni qawwija u l-esperjenza tgħinu wkoll biex jitkellem fuq ir-reliġjon ma' nies li ma jafhomx. Iżda n-nies li għandhom l-akbar dritt għall-imħabba appostolika tagħna huma dawk li niltaqgħu magħhom regolarment fid-dar, fl-iskola, fis-sengħa tagħna, fil-professjoni, f'attivitajiet soċjali u dawk ta' mistrieħ. Normalment dawn in-nies ma jiffurmawx parti mix-xogħol li jingħata lilna mill-praesidium, iżda lil dawn xorta waħda rridu nieħdu ħsiebhom.

Aħna nieħdu sehem fil-missjoni *regali* ta' Kristu billi nirbħu fina nfusna s-saltna tad-dnub u bis-servizz li nagħtu lil għajrna, għaliex issaltan tfisser isservi. Kristu qal li ġie biex jaqdi, mhux biex ikun moqdi (Mt 20:28). Aħna nieħdu sehem, fuq kollox, f'din il-missjoni ta' Kristu billi nagħmlu x-xogħol tagħna sewwa, ikun x'ikun, fid-dar u barra d-dar, għall-imħabba t'Alla u bħala servizz lill-oħrajn. Meta nagħmlu l-ħidma sewwa aħna nkomplu x-xogħol tal-ħolqien u ngħinu biex id-dinja ssir post aħjar u isbaħ għalina lkoll. L-Insara lajċi għandhom il-privileġġ li jinfiltraw u jipperfezzjonaw l-ordni temporali, jiġifieri l-affarijiet kollha tad-dinja, bl-ispirtu ta' l-evanġelju.

Fil-Wegħda Leġjunarja aħna nitolbu li nsiru strumenti tal-fehmiet għolja ta' l-Ispirtu s-Santu. Mingħajr dubju, l-għemil tagħna għandu dejjem ikun misjuq minn ħsibijiet sopranaturali, iżda n-natura tagħna għandha toffri lill-Ispirtu s-Santu għodda li tkun perfetta kemm jista' jkun.

Kristu hu Persuna Divina, iżda n-natura umana tiegħu kellha sehem f'dak kollu li huwa għamel: fl-intelliġenza umana tiegħu, f'leħnu, fil-ħarsa tiegħu, fil-mod kif kien iġib ruħu. In-nies, inklużi t-tfal, li jinnotaw ħafna, kienu jħobbu joqogħdu fil-kumpanija tiegħu. Kulħadd kien jilqgħu bil-qalb meta jmur jiekol għandu.

San Franġisk de Sales kien bniedem li l-imġiba u l-manjieri tiegħu għenuh bis-sħiħ biex iressaq ħafna erwieħ lejn Alla. Kien hu li rrikmanda li dawk kollha li jridu juru mħabba lejn għajrhom għandhom ikabbru fihom infushom dawk li sejjaħ "il-virtujiet iż-żgħar": ħbiberija, ħlewwa, imġieba tajba, stima, paċenzja u mogħdrija, speċjalment ma' nies diffiċli.

" L-identità tad-demm tnissel bejn Ġesù u Marija xebh fil-formazzjoni, fattizzi, xeħtiet, gosti u virtujiet. Mhux biss għax l-identità tad-demm ħafna drabi toħloq xebh bħal dan, iżda għax fil-każ ta' Marija (billi l-maternità tagħha kienet att sopranaturali għal kollox, l-effett ta' grazzja mill-ikbar) din il-grazzja ħadet b'mod partikolari dan il-prinċipju ftit jew wisq ġenerali tan-natura, u żviluppatu f'Marija b'mod li għamlitha f'kollox ix-xbieha u r-ritratt ta' l-Iben divin tagħha; b'mod li kull min kien jara lilha, seta' jammira fiha x-xbieha l-aktar perfetta ta' Ġesù Kristu. Din l-istess relazzjoni tal-maternità waqqfet bejn Marija u Binha intimità mhux biss fir-rabtiet u fit-tisħib tal-ħajja, iżda wkoll fil-mod kif fetħu qalbhom ma' xulxin bla ma żammew xejn moħbi bejniethom, b'mod li hi kienet mera li tirrifletti l-ħsibijiet, is-sentimenti, l-aspirazzjonijiet, ix-xewqat u l-iskopijiet kollha ta' Ġesù, kif min-naħa l-oħra hu rrifletta b'manjiera aktar għolja, bħal f'mera bla tebgħa, il-miraklu tas-safa, imħabba, lealtà u karità bla tarf li kienet ir-ruħ ta' Marija. Marija, għalhekk, setgħet tgħid bi dritt ikbar mill-Appostlu tal-Ġnus: 'Ngħix, imma mhux iżjed jien, iżda jgħix fija Kristu' (Gal 2:20)" (De Concilio: *Insiru Nafu lil Marija*).

# 34
# ID-DMIRIJIET TA' L-UFFIĊJALI TAL-PRAESIDIA

## 1. ID-DIRETTUR SPIRITWALI

Il-Leġjun iqis is-suċċess tiegħu biss minn kemm il-kwalitajiet spiritwali jkunu żviluppati fil-membri tiegħu u minn kemm dawn juruhom fil-ħidma tagħhom. Minn dan jiġi li l-muftieħ tal-praesidium hu d-direttur spiritwali, li qabel kulħadd għandu d-dmir jimla l-membri b'dawk il-kwalitajiet. Għandu jattendi għal-laqgħat tal-praesidium, u flimkien mal-president u l-uffiċjali l-oħra, jieħu ħsieb li r-regoli jitħarsu, u li s-sistema tal-Leġjun taħdem kemm fl-ispirtu kif ukoll fl-irqaqat. Għandu jgħasses għall-abbużi kollha, u għandu jara li titħares kull awtorità leġittima tal-Leġjun.
Jekk il-praesidium tiegħu jkun den t'ismu, fih id-direttur spiritwali jkollu ż-żelu u l-possibbiltajiet speċjali tal-parroċċa tiegħu. Iżda l-praesidium jiddependi mid-direttur spiritwali għall-ħidma tiegħu, li għandha tkun siewja u iebsa. Jiddependi minnu għall-ħeġġa, għax it-telqa tar-ruħ u t-tfixkil mill-oħrajn jinħtieġ jintrebħu. Jistenna li d-direttur spiritwali jkun il-għajn li tagħti l-ħajja lill-ispiritwalità tiegħu. Tabilħaqq, il-praesidium tant jiddependi mid-direttur spiritwali li l-Papa Piju XI jgħidha hekk: "Xortija f'idejk." Tkun ħasra jekk f'każ wieħed biss dik il-fiduċja tingħata lil min ma tkunx tixraqlu; jekk imqar ġemgħa żgħira ta' nies, li tixtieq tagħmel l-aħjar li tista' għal Alla, għal Marija u għall-erwieħ, titħalla titlef it-triq it-tajba, bħal merħla mingħajr ir-ragħaj tagħha! X'jgħid kieku r-Ragħaj ewlieni għal wieħed bħal dan li hu wkoll stennieħ li jkun "ir-ruħ ta' l-assoċjazzjoni, l-ispirazzjoni ta' kull ħidma tajba, il-għajn taż-żelu?" (Il-Papa Piju XI).
Id-direttur spiritwali għandu jqis lill-praesidium tiegħu kif surmast tan-novizzi jqis lil dawk fdati f'idejh. Huwa għandu jfittex bla heda li jiżviluppa x-xejra spiritwali tal-membri, u jnissel fihom għemil u kwalitajiet li jixirqu lil leġjunarju ta' Marija. Insibu li dawk il-kwalitajiet spiritwali jogħlew safejn jiġu mitluba jogħlew b'mod li d-direttur spiritwali ma jkollux għalfejn jibża' jagħmel is-sejħa tiegħu għall-ogħla virtù, jew iqiegħed quddiem il-membri tiegħu ħidma li biex titwettaq titlob kwalitajiet erojċi. Anki l-impossibbli jkollu jċedi għall-grazzja; u l-grazzja tingħata lil min

jitlobha. Iżda għandu jinsisti wkoll għal fedeltà soda fl-irqaqat iż-żgħar ta' dmirhom, għaliex din hija l-bażi essenzjali għal rebħ kbir. Għalkemm il-karattru jintwera f'waqtiet importanti, hu f'waqtiet żgħar li jinbena.

Huwa jieħu ħsieb li l-membri tiegħu ma jersqux lejn il-ħidma tagħhom bi spirtu t'egoiżmu u b'hekk jiżgura li minn hemm la jerġgħu lura minfuħin bis-suċċess u lanqas qalbhom maqtugħa b'dak li jidhrilhom li ma rnexxiex; lesti, jekk jintalbu, jerġgħu jagħmlu għal elf darb'oħra dmir li ma jogħġobhomx jew li jdejjaqhom.

Huwa jieħu ħsieb li mal-ħidma bla biża' u bir-reqqa, huma jżidu t-talb u l-mortifikazzjoni, u jgħallimhom li sewwasew meta jonqsu l-mezzi ordinarji kollha, meta l-affarijiet f'għajnejn il-bnedmin jidhru bla tama, huma jistgħu jirrikorru b'fiduċja l-aktar ċerta lejn is-Sultana tal-Leġjun, Ommhom, u jaqilgħu r-rebħa.

Essenzjalment ikun id-dmir tad-direttur spiritwali tal-Leġjun ta' Marija li jimla l-membri tiegħu kollha b'imħabba mdawla u l-aktar imħeġġa lejn l-Omm t'Alla, u fuq kollox lejn dawk il-privileġġi tagħha li l-Leġjun iqim b'mod speċjali.

Hu u jibni bis-sabar ġebla fuq oħra, ikun jista' jittama li jibni f'kull membru fortizza spiritwali li xejn ma jirnexxilu jġarrafha.

Bħala membru tal-praesidium, id-direttur spiritwali għandu jieħu sehem fit-tmexxija tiegħu, fid-diversi diskussjonijiet u ħidmiet tiegħu, u "skond ma titlob il-ħtieġa, jagħmilha ta' għalliem, ta' kunsillier u ta' gwida" (San Piju X). Iżda għandu joqgħod attent li ma jsibx ruħu jerfa' wkoll id-dmirijiet tal-president. Jekk ikun hemm xejra għal din il-ħaġa, din ma tkunx għall-ġid tal-praesidium. Jekk ma' l-influwenza tiegħu bħala saċerdot, u l-esperjenza kbira tiegħu tal-ħajja, huwa jieħu f'idejh u jmexxi l-praesidium, jispiċċa biex il-laqgħa joħnoqha. Wieħed isib li meta jiġi diskuss xi każ, dan isir f'għamla ta' djalogu bejn id-direttur spiritwali u l-leġjunarju li jkun, djalogu li fih il-president u l-membri l-oħra ma jeħdux sehem, għax jibżgħu li jekk jidħlu fin-nofs juru li jridu jindaħlu fil-ġudizzju tad-direttur spiritwali. Meta tieqaf din id-diskussjoni ħielsa u bejn il-membri kollha tal-każijiet li jinqalgħu, il-laqgħa titlef l-element ewlieni tas-sbuħija tagħha, il-qawwa ewlenija tagħha tat-tagħlim, u l-akbar għajn tas-saħħa tagħha. Praesidium bħal dan jibqa' b'idejh marbuta meta d-direttur spiritwali ma jattendix għal-laqgħa, u jista' jispiċċa jekk dan jitilqu.

"Bħal kull membru ieħor, hu għandu jieħu l-akbar interess f'kulma jingħad fil-laqgħa. Iżda ma jkunx lest li jinqeda b'kull kelma li tingħad biex ideffes l-ideat tiegħu. Għandu bla dubju jindaħal meta jinħtieġ il-parir jew l-esperjenza tiegħu. Iżda għandu jagħmel dan bil-għaqal kollu, bla ma jitfi l-president, bla ma jifga l-laqgħa; u min-naħa l-oħra għandu jindaħal biżżejjed biex jgħallem lill-membri kif u safejn għandhom jinteressaw ruħhom f'każijiet mhux tagħhom" (L-Isqof Helmsing).

Fil-każ li l-praesidium ikollu xi studju bħala ħidma, id-direttur spiritwali għandu jgħasses il-għażla tal-kotba li jinqraw. Għandu jifli bir-reqqa x-xogħol, u ma jħallix li jitressqu duttrini lill-membri ħlief dawk li jaqblu għal kollox mat-tagħlim veru tal-Knisja.

Hekk kif tingħad il-Catena, id-direttur spiritwali għandu jagħmel taħdita qasira, jekk jista' jkun f'għamla ta' kummentarju fuq il-Manwal (ara taqsima 11, *L-Allocutio,* tal-kapitlu 18, *Kif issir il-Laqgħa tal-Praesidium*). Fl-assenza tad-direttur spiritwali dan id-dmir jaqa' fuq il-president.

Hekk kif jingħad it-talb ta' l-aħħar, id-direttur spiritwali jagħti l-barka lill-membri.

"Kristu tabilħaqq waqqaf saċerdozju li kellu mhux biss jirrappreżentah u jidher floku, iżda li f'ċertu sens ikun hu nnifsu — fi kliem ieħor, biex hu jkun jista' jeżerċita setgħat divini permezz tiegħu. Għalhekk id-devozzjoni u l-qima lejn is-saċerdot huma devozzjoni u qima diretti lejn is-saċerdozju etern li fih il-ministru uman jieħu sehem" (Benson: *Il-Ħbiberija ta' Kristu*).

"Is-saċerdot għandu jkun sid il-għalqa li, f'kull siegħa tal-ġurnata minn tlugħ ix-xemx sa nżulha, joħroġ fil-pjazez biex isejjaħ lill-ħaddiema għall-għalqa tad-dwieli tal-Mulej. Mingħajr dik is-sejħa tiegħu, hemm periklu kbir li l-biċċa l-kbira minnhom jibqgħu hemm 'il-jum kollu ma jagħmlu xejn' (Mt 20:6)" (Civardi).

## 2. IL-PRESIDENT

1. Dmir ewlieni tal-president għandu jkun li jattendi għallaqgħat tal-Curia li magħha hu affiljat il-praesidium, u li b'dan u b'mezzi oħra jżomm il-praesidium magħqud sewwa mal-korp ewlieni tal-Leġjun.

2. Fil-laqgħat tal-praesidium, il-president għandu joqgħod

f'ras il-mejda u jmexxi x-xogħol. Għandu jqassam il-ħidma u jieħu mingħand il-membri r-rapporti tal-ħidma tagħhom. Għandu jiftakar li hu qiegħed hemm bħala dak li l-Leġjun jafda fih għat-twettiq fidil tas-sistema fl-irqaqat kollha tagħha. Nuqqas f'dan ix-xogħol fdat f'idejh ikun att ta' infedeltà lejn il-Leġjun. L-armati tad-dinja jsejħulu tradiment u jagħtu lill-ħati l-eħrex kastigi.

3. Għandu qabel kollox l-obbligu li jara li l-kamra tkun lesta għal-laqgħa (fi kliem ieħor, lesta bid-dawl, sħana, siġġijiet, eċċ.) biex il-laqgħa tibda fil-ħin miftiehem.

4. Għandu jibda l-laqgħa puntwalment fil-ħin miftiehem, jieqaf x'ħin imissu biex tingħad il-Catena, u jagħlaq fil-ħin li suppost. Biex jagħmel hekk, huwa ssuġġerit li l-president iżomm arloġġ quddiemu fuq il-mejda.

5. Għandu jagħmel l-allocutio fl-assenza tad-direttur spiritwali jew jitlob lil xi membru ieħor biex jagħmlu.

6. Għandu jgħallem u jissorvelja l-uffiċjali l-oħra fit-twettiq ta' dmirijiethom.

7. Għandu jkun dejjem attent għal membri li jkollhom talenti speċjali biex jirrikkmandhom lill-Curia meta jkun hemm xi postijiet vakanti t'uffiċjali fil-praesidium tiegħu jew band'oħra. L-effiċjenza ta' praesidium tiddependi minn kemm huma tajbin l-uffiċjali tiegħu, u għalhekk ikun ta' l-akbar ġieħ għall-president li jrawwem uffiċjali ta' mertu u b'hekk jaħseb għall-futur tal-Leġjun.

8. Għandu jżomm livelli għolja ta' spiritwalità u żelu għal-leġjunarji sħabu kollha, iżda mhux b'mod li jagħmel hu ħidma li għandha ssir mill-membri tiegħu. Jekk il-president jagħmel dan, ikun tabilħaqq juri żelu, iżda ma jagħtix eżempju tajjeb, għaliex ma jkunx qed iħalli jimxu warajh lil dawk li għalihom hu maħsub l-eżempju.

9. Għandu jiftakar li rapporti mogħtija minn taħt l-ilsien huma l-għadu tal-laqgħa. Huwa stess għandu jitkellem b'leħen li jinstama' mal-kamra kollha. Jekk jillaxka f'dan, isib li l-membri tiegħu jibdew jagħtu rapporti li trid tisforza biex tismagħhom u li l-laqgħa malajr titmewwet.

10. Għandu jkun id-dmir tiegħu li jara li kull membru jagħti rapport xieraq, li jinkuraġġixxi b'mistoqsijiet għaqlin lill-membri mistħija jew li m'għandhomx esperjenza, u min-naħa l-oħra, li jrażżan dawk ir-rapporti li għalkemm fihom infushom ikunu tajbin ħafna, aktarx li jieħdu wisq aktar ħin milli jmisshom.

11. Kemm it-treġija tajba tal-laqgħa tippermetti, il-president għandu jitkellem mill-anqas possibbli. Dan ifisser li għandu jevita l-eċċessi u jieħu t-triq tan-nofs. Eċċess minnhom hu li la jrażżan u lanqas iħajjar, b'mod li l-laqgħa titħalla kważi timxi waħedha. Meta jsir hekk jiġri li xi membri bilkemm jitkellmu waqt li oħrajn ma jieqfu qatt. B'dan il-"ftit" ta' wieħed u ż-"żejjed" ta' ieħor ipattu għal xulxin, il-praesidium jidher donnu li jkun qed jagħmel il-ħidma tiegħu fiż-żmien xieraq. Iżda, m'hemmx għalfejn ngħidu, din it-taħlita ta' żewġ ħwejjeġ ħżiena ma tagħmilx waħda tajba, bħalma taħwida moħbija mhijiex ordni perfett.

L-eċċess l-ieħor hu kliem żejjed. Xi presidenti għandhom il-marda li jreddnu l-ħin kollu, u b'hekk

1. jieħdu għalihom il-ħin li hu tal-membri l-oħra, u

2. jaqilbu l-idea ta' praesidium li mhux suppost tkun sistema ta' taħditiet, iżda li l-membri flimkien jaħsbu fuq "dak li hu tal-Missier" (Lq 2:49),

3. aktar minn hekk, kliem żejjed mill-president iħannen lill-membri jaqgħu f'telqa li fiha ma jkunux iridu jiftħu ħalqhom.

Kull wieħed minn dawn l-eċċessi hu taħriġ ħażin għall-aħħar għall-membri.

12. Għandu jkabbar l-ispirtu ta' fraternità fil-praesidium, għax jaf li meta jispiċċa dan, ikun spiċċa kollox. Huwa stess għandu jħares dan l-ispirtu billi jieħu interess sinċier f'kull wieħed mill-membri tiegħu, u billi dejjem jagħti eżempju ta' umiltà kbira. Għandu jagħti widen għall-kliem tal-Mulej: "Min irid ikun l-ewwel fostkom għandu jkun l-ilsir tagħkom" (Mt 20:27).

13. Għandu jħeġġeġ lill-membri tiegħu ħalli jgħidu l-fehma tagħhom u jgħinu minn jeddhom fil-każijiet ta' sħabhom, u b'hekk jiżviluppa fihom sens ħaj ta' interess fil-ħidmiet kollha tal-praesidium.

14. Għandu jkun żgur li l-ħidma ta' kull leġjunarju qiegħda ssir:

1. bi spirtu xieraq;

2. kif għandha ssir;

3. li tabilħaqq jinkiseb il-ġid kollu li l-Leġjun jixtieq li jinkiseb f'kull każ;

4. li kull tant żmien il-ħidmiet li kienu jsiru qabel jerġgħu jinbdew; u

5. li jinżamm ħaj fost il-membri l-ispirtu t'inizjattiva billi minn żmien għal ieħor jinbdew ħidmiet ġodda.

15. Għandu jieħu mill-membri l-ogħla grad ta' sforz u sagrifiċċju personali li huma kapaċi jagħtu. Jekk minn leġjunarju ta' ħila tintalab xi ħidma żgħira, ma' dak il-leġjunarju ssir inġustizzja kbira huwa u jitħabat biex jikseb il-ħajja ta' dejjem. M'hawn ħadd li ma jieħux l-affarijiet bil-lajma jekk jiġi imħajjar jagħmel hekk. Il-president għandu għalhekk iħeġġeġ lil kull membru biex jimxi 'l quddiem għaliex Alla jrid minn kull bniedem l-aktar li jista' jagħtih.

16. In-nuqqasijiet ta' praesidium aktarx huma n-nuqqasijiet tal-president. Jekk il-president iħalli nuqqasijiet jibqgħu għaddejjin, dawn jerġgħu jiġru, u jsiru agħar minn qabel.

17. Il-president jmexxi l-laqgħa mal-ħamsin darba fis-sena, u billi mhuwiex ħlief bniedem bħal ħaddieħor, jista' jiġri li xi drabi jinzerta b'burdata ħażina. Meta jkun hekk, għandu jfittex li ħadd ma jinduna b'dan, għax xejn ma jittieħed aktar malajr mill-buri. Meta din tibda f'wieħed, aktar u aktar jekk dan ikun fl-awtorità, tista' malajr teqred grupp sħiħ.

18. President li jħoss li l-praesidium miexi lejn drawwiet ta' traskuraġni jew lejn nuqqas ta' spirtu, għandu jistħarreġ dan privatament ma' l-uffiċjali tal-Curia biex jara x'inhu l-aħjar li jsir; u jekk huwa jintalab li jerġa' jsir membru ordinarju, għandu umilment joqgħod għal dik id-deċiżjoni li tkun kollha barka għalih.

19. Bħal kull uffiċjal u membru ieħor, hu għandu jaqdi d-dmirijiet tat-tisħib billi jwettaq il-ħidma ordinarja tal-praesidium. Kienet tkun ħaġa żejda li nsemmu din ir-regola fil-każ tal-president li kieku l-esperjenza ma writniex il-kuntrarju.

20. Fl-aħħarnett, m'għandu qatt jonqos li jkollu dawk il-ħwejjeġ li awtorità kbira fuq l-appostolat tal-lajċi (il-Kardinal Pizzardo) jisħaq li għandhom jidhru b'mod speċjali f'kull mexxej ta' dak il-moviment: il-virtù li jbaxxi rasu għall-awtorità ekkleżjastika, l-ispirtu ta' ċaħda tiegħu nnifsu, ta' mħabba u ftehim ma' organizzazzjonijiet oħra u mal-membri ta' dawk l-organizzazzjonijiet.

"Mill-mument li tawni f'idejja l-ħarsien ta' l-erwieħ rajt mill-ewwel li din il-ħidma ma kontx niflaħ għaliha, u filwaqt li malajr stkennejt f'dirgħajn il-Mulej, għamilt bħal dawk it-trabi li jaħbu wiċċhom fuq spallejn missierhom meta jbeżżgħuhom. 'Int qed tara, Mulej,' jien tnehidt, 'li jien żgħira wisq biex nitma' liċ-ċkejknin tiegħek, iżda jekk permezz tiegħi inti trid tagħti lil kull ruħ dak li jgħodd għaliha, imlieli idejja; u bla ma nħalli l-kenn ta' dirgħajk, u bla ma lanqas indawwar rasi, inqas-

sam it-teżori tiegħek lill-erwieħ li jersqu lejja jitolbuni l-ikel. Meta jsibuh jogħġobhom, jiena nifhem li dan ma jafuhx lili, iżda lilek; waqt li jekk, għall-kuntrarju, igergru mill-imrar tiegħu, ma ninkwieta ruħi xejn, iżda nfittex niżgurahom li ġej minn għandek u nieħu ħsieb li ma nagħtihomx ħaġ'oħra' " (Santa Tereża tal-Bambin Ġesù).

## 3. IL-VIĊI-PRESIDENT

1. Hu d-dmir tal-viċi-president li jattendi għal-laqgħat tal-Curia.

2. Għandu jmexxi l-laqgħat tal-praesidium meta ma jattendix il-president. Iżda wieħed għandu jifhem li din il-kariga ma ġġib l-ebda dritt għall-presidenza li ssir vakanti.

Il-parir li ġej, meħud mill-manwal tas-Soċjetà ta' San Vinċenz de Paul, jgħodd ukoll għall-viċi-president ta' praesidium: "Meta l-president ikun assenti, aktar u aktar jekk fit-tul, wieħed għandu jifhem li l-viċi-president ikollu s-setgħat kollha tiegħu, u jieħu postu f'kollox. Assoċjazzjoni m'għandha qatt tieqaf minħabba l-assenza ta' xi membru, u dan hu li jiġri jekk il-membri ma jissograw jagħmlu xejn fl-assenza tal-president. Għalhekk minnaħa tal-viċi-president, mhux biss hu dritt, iżda dmir tal-kuxjenza li jimla f'kollox post il-president meta dan ikun assenti, biex meta jerġa' lura ma jsibx li minħabba l-assenza tiegħu kollox ikun mar lura."

3. Għandu jgħin lill-president fit-treġija tal-praesidium u fittwettiq tax-xogħol. Sikwit naħsbu li dmiru jibda biss meta l-president ikun assenti. Dan hu żball li jagħmel ħsara kemm lill-viċipresident kif ukoll lill-praesidium. L-idea korretta hi li l-viċi-president għandu jikkoopera f'kollox mal-ħidma tal-president. It-tnejn għandhom ikunu għall-praesidium dak li l-missier u l-omm huma għall-familja, jew kif il-kap kmandant u dak ta' warajh huma għall-armata. Il-viċi-president huwa l-id il-leminija tal-president. Hu għandu jkun uffiċjal attiv u mhux tar-riserva jew wieħed passiv. Waqt il-laqgħat, ix-xogħol speċjali tiegħu hu li jieħu ħsieb il-ħwejjeġ bla għadd li l-president ma jistax jaħseb fihom, iżda li minnhom tista' tiddependi t-tmexxija tajba tal-praesidium.

4. Fuq il-viċi-president jaqa' partikolarment id-dmir li jieħu ħsieb il-membri. Għandu jsir jaf il-membri ġodda meta jattendu

l-ewwel darba u jilqagħhom fil-praesidium; jintroduċihom mal-membri l-oħra, qabel jew wara l-laqgħa; jara li jingħataw ix-xogħol, li jitgħallmu d-dmirijiet tagħhom bħala membri (inkluż dak tar-reċita ta' kuljum tal-Catena), u li jsiru jafu li hemm il-grad pretorjan b'dak kollu li jitlob mill-membri.

5. Għandu jżomm l-attendenza waqt il-laqgħa.

6. Għandu jżomm il-listi kollha tat-tisħib attiv, pretorjan, adjutorjan u awżiljarju, u f'kull każ bil-membri mqassma f'dawk effettivi u f'dawk li għadhom fil-prova. Għandu jara li l-membri awżiljarji jiġu nviżtati meta jagħlqilhom iż-żmien tal-prova, u jekk baqgħu fidili lejn l-obbligi tagħhom, jinkitbu fil-lista tal-membri effettivi.

7. Għandu javża lill-membri attivi ġodda meta jkun se jagħlqilhom iż-żmien tal-prova u għandu jlesti kollox biex jagħmlu l-Wegħda.

8. Għandu jinduna meta xi membru jkun qiegħed ifalli l-laqgħat, u mbagħad, bil-kitba jew b'xi mezz ieħor, ifittex li dan ma jħallix il-praesidium għal kollox.

Hi ħaġa ċara li, bejn dawk li t-tisħib tagħhom qatt ma niddubitaw minnu u dawk li jħallu malajr il-praesidium għax mhumiex addattati, ikun hemm ħafna li l-perseveranza tagħhom fit-tisħib tiddependi minn ċirkostanzi esterni jew aċċidentali. Membri bħal dawn jibqgħu fil-praesidium bil-ħila tal-kura speċjali ta' uffiċjal ġentili inkarigat mit-tisħib. Ta' min jiftakar ukoll li hu aktar importanti għal-Leġjun li ma jitlifx membru li ġa għandu, milli jikseb wieħed ġdid. Għaldaqstant il-ħidma ta' dan l-uffiċjal, jekk issir bir-reqqa, tkun direttament responsabbli għal ħafna għemil tajjeb u rebħiet spiritwali, twassal malajr għat-twaqqif ta' praesidia ġodda, u fiha nfisha tkun appostolat ta' għamla tassew speċjali.

9. Għandu jieħu ħsieb li d-dmir tat-talb għall-membri mejtin ma jkunx ittraskurat. Dak id-dmir hu mfisser fil-kapitlu 17.

10. Għandu jżur lill-membri morda, jew jiżgura li jżuruhom membri oħra.

11. Għandu jżomm taħt għajnejh il-membri l-oħra fl-isforzi tagħhom biex idaħħlu membri awżiljarji, u speċjalment adjutorjani, u wara jżommu kuntatt magħhom.

"In-novizzi kienu jfissru l-istagħġib tagħhom lil Santa Tereża meta kienu jarawha taqralhom il-ħsibijiet l-aktar moħbija tagħhom. 'Hawn

hu s-sigriet tiegħi,' fissritilhom, 'li qatt ma nagħmlilkom osservazzjoni bla ma nsejjaħ il-Verġni Mbierka. Nitlobha ddawwalni fuq dak li jagħmlilkom l-akbar ġid; u jiena sikwit nistagħġeb b'dawk il-ħwejjeġ li mbagħad ngħallimkom. Jiena u nkellimkom, inħoss li m'iniex imqarrqa meta nemmen li jkun Ġesù li jkellimkom b'fommi' " (Santa Tereża tal-Bambin Ġesù).

## 4. IS-SEGRETARJU

1. Is-segretarju għandu jattendi għal-laqgħat tal-Curia.

2. Hu d-dmir tas-segretarju li jżomm il-minuti tal-praesidium. Il-minuti għandhom jiġu ppreparati b'reqqa kbira u għandhom jinqraw b'leħen ċar. Il-minuti għandhom importanza kbira fil-laqgħa, kemm mill-mod kif jinqraw u kemm minn dak li jkun fihom. Minuti moqrijin sewwa, la twal iżżejjed u lanqas qosra wisq, li naturalment ikunu swew lis-segretarju taħbit ġmielu, huma bidu tajjeb għall-bqija tal-laqgħa, u jgħinu mhux ftit għall-effiċjenza tagħha.

3. Is-segretarju għandu jieħu ħsieb l-għodda tiegħu jekk jixtieq jikseb riżultati tajba. Il-moħħ tal-bniedem jaħdem b'mod li anki segretarju tajjeb, jekk jikteb b'lapes jew pinna miksura fuq karta ħażina, ġeneralment ma jiktibx minuti xierqa. Għalhekk il-minuti għandhom jinkitbu bil-linka fuq ktieb ta' kwalità tajba, jew jiġu ttajpjati.

4. Is-segretarju ma jissodisfax l-obbligu tax-xogħol lejn il-praesidium bit-twettiq tad-dmirijiet tiegħu bħala segretarju.

5. Għandu jagħti bla telf ta' żmien it-tagħrif u d-dokumenti kollha li tista' titolbu l-Curia, u jkun responsabbli għall-korrispondenza ġenerali tal-praesidium. Għandu jieħu ħsieb ukoll li l-praesidium ikollu dejjem kulma jinħtieġ għal dik li hi kitba.

6. Uħud mid-dmirijiet tas-segretarju jistgħu jingħataw mill-president lil membri oħra tal-praesidium.

"L-evanġelju jgħid: 'Marija kienet tgħożż f'qalbha dawn il-ħwejjeġ kollha' (Lq 2:51). 'Għaliex mhux fuq il-parċmina wkoll?' staqsa Botticelli. U bla ma qagħad jgħarbel il-ħaġa aktar fil-fond, hekk pinġa l-aktar perfett fost l-innijiet ta' estasi u gratitudni: b'idu l-leminija anġlu joffri klamar waqt li bix-xellugija jżomm karta li l-Verġni Mbierka għadha kif kitbet fuqha l-Magnificat b'ittri gotiċi kollha tiżjin. Il-Bambin imbaċċaċ tagħha għandu l-arja ta' profeta, u l-id żgħira tiegħu donnha

qiegħda tmexxi s-swaba' t'ommu — dawk is-swaba' ħajja, sensittivi, kważi intelliġenti li l-imgħallem Fjorentin dejjem jassoċja sewwa ma' l-espressjoni ta' l-idea tiegħu tal-Verġni Mbierka. Il-klamar ukoll għandu hawn it-tifsira tiegħu. Għalkemm mhux tad-deheb, lanqas miksi bil-ġawhar bħall-kuruna miżmuma fil-għoli mill-anġli, madankollu jfisser hu wkoll id-destin trijonfali tas-Sultana tas-sema u l-art. Huwa jħabbar dak kollu li sa l-aħħar taż-żminijiet għad jinkiteb fl-istorja tal-bnedmin biex jitwettaq dak li l-qaddejja umli tal-Mulej ħabbret dwar il-ġieħ tagħha nfisha" (Vloberg).

## 5. IT-TEŻORIER

1. It-teżorier għandu jattendi għal-laqgħat tal-Curia.
2. Għandu jkun responsabbli għall-ħlasijiet li l-praesidium ikollu jagħti jew jieħu, u jżomm rendikont bil-miktub tal-kontijiet kollha.
3. Għandu jieħu ħsieb li ssir il-ġabra sigrieta f'kull laqgħa.
4. Għandu jħallas flus biss taħt l-ordni tal-praesidium, u jżomm il-flus li għandu f'idejh għan-nom tal-praesidium skond kif dan jiddeċiedi.
5. Għandu jżomm quddiem għajnejh ir-rikmandazzjoni dwar il-flus żejda, li hemm fil-kapitlu 35 fuq *Il-Flus,* u minn żmien għal ieħor għandu jsemmi din il-ħaġa fil-praesidium.

"Marija hi d-dispensatriċi tat-Trinità kollha, għax hi tfarragħ u tagħti l-inbid ta' l-Ispirtu s-Santu lil kull min trid hi u kemm trid hi" (Sant' Albertu l-Kbir).

"Marija hi t-teżoriera u t-teżor tagħha hu Ġesù Kristu. Hu Ġesù nnifsu li hi għandha u hu lilu nnifsu li hi tagħti" (San Pietru Ġiljan Eymard).

# 35

# IL-FLUS

1. Kull korp leġjunarju għandu jgħin bil-flus lill-kunsill li miegħu jkun affiljat. B'din il-kondizzjoni u bil-patt li jitħarsu t-twissijiet li

ġejjin, kull korp leġjunarju għandu s-setgħa kollha fuq il-flus tiegħu, kif ukoll responsabbiltà għad-dejn li jagħmel.

2. Korp m'għandux jikkuntenta ruħu li jagħti tant fil-mija jew l-inqas li jista'. Hu rrikmandat li l-flus żejda li jibqa' wara li l-praesidium ikun ħaseb għall-bżonnijiet tiegħu kollha, jintbagħtu lill-Curia għall-ħtiġijiet ġenerali tal-Leġjun. F'din il-ħaġa kif ukoll fil-ħwejjeġ l-oħra, ir-relazzjonijiet tal-praesidium mal-Curia tiegħu għandhom ikunu bħal dawk ta' iben m'ommu: ta' l-aħħar tfittex b'ħeġġa l-ġid ta' l-ewwel u dan min-naħa tiegħu jfittex li jagħti kull għajnuna li jista' biex il-piżijiet ta' l-omm jitħaffu.

Sikwit issib praesidia li ma jifhmux biżżejjed li l-amministrazzjoni ġenerali tal-Leġjun tiddependi mill-kontribuzzjonijiet tagħhom. Insibu li dak li l-praesidia jagħtu jlaħħaq biss mal-ħtiġijiet essenzjali tal-Curiae u minn xi daqqiet lanqas ilaħħaq ma' dawn. Minħabba f'hekk il-Curiae ma jistgħux jgħinu lill-kunsilli ta' fuqhom sabiex dawn ikunu jistgħu jilħqu ma' l-ispejjeż kbar li jkollhom x'jaqsmu mal-ħidma tat-tixrid, tal-ftuħ u tażżjajjar tal-fergħat, u ma' spejjeż oħra li jinqalgħu. Dan ifisser li b'hekk ħidma ta' siwi kbir tal-Leġjun tiġi mfixkla; u hija ħasra meta nafu li ġejja biss min-nuqqas ta' ħsieb.

3. Il-praesidium għandu jressaq quddiem il-Curia kull proposta għal spejjeż mhux tas-soltu, biex din tkun tista' tara jekk jistax ikun hemm xi konsegwenzi kuntrarji.

4. Il-Curia tista' tagħti għajnuna ta' flus lil xi praesidium, iżda m'għandhiex tidħol responsabbli għall-ispejjeż ta' xi ħidma li dak il-praesidium ikun qed iwettaq. Dik ir-responsabbiltà hi tal-praesidium innifsu. Il-ħtieġa ta' dan ir-regolament hi ċara. Minbarra, kull grupp responsabbli għat-tmexxija ta' xi każin, hostel jew ħidmiet oħra, sempliċement billi jiġi fformat bħala praesidium, kien ikun jista' jitlob lill-praesidia l-oħra jkunu kolletturi tiegħu.

Minn dan jiġi li ebda praesidium ma jista' jitlob lil praesidium ieħor jew lill-Curia biex dawn jgħinuh fil-ġbir ta' flus ħlief bħala favur.

5. Għal kull ħruġ jew dħul ta' flus, jekk mhux mill-praesidium għall-ħidma tiegħu stess jew viċi-versa, jinħtieġ il-permess tal-Curia.

6. Fil-każ ta' praesidium jew kunsill leġjunarju li, jew ma jibqax jeżisti, jew li ma jibqax jaħdem bħala korp leġjunarju, il-flus u l-proprjetà l-oħra leġjunarja jgħaddu f'idejn il-kunsill li kellu fuqu.

7. Id-direttur spiritwali ma jkollu l-ebda responsabbiltà personali għad-dejn li ma sarx fuq il-parir tiegħu.

8. Il-kotba tat-teżorier għandhom jiġu verifikati kull sena. Hu ssuġġerit li għal dan id-dmir jintgħażlu żewġ membri tal-praesidium innifsu jew tal-kunsill (skond ma jkun il-każ), li fosthom ma jkunx hemm it-teżorier.

9. Żgur li Sidtna Marija qatt ma ħliet xejn fl-amministrazzjoni ta' darha. Għalhekk m'hemmx għalfejn ngħidu li kull korp leġjunarju għandu jinqeda bil-proprjetà u bil-flus tiegħu bil-ħsieb u bil-għaqal.

"L-umanità kollha kemm hi tifforma ħaġa waħda. Hi korp li fih kull membru jirċievi u għandu wkoll x'jagħti. Il-ħajja għandha tiċċaqlaq u ddur. Tilħaq lil kulħadd; min iwaqqafha, jitlifha. Min jitlifha minn jeddu, isibha. Jekk ruħ trid tgħix, jinħtieġ titferragħ f'ruħ oħra. Kull don t'Alla hu qawwa li, biex titħares u titkattar għandna ngħadduha lill-oħrajn" (Gratry: *Ix-Xahar ta' Marija*).

# 36

# PRAESIDIA LI JINĦTIEĠ JISSEMMEW GĦALIHOM

## 1. PRAESIDIA TAŻ-ŻGĦAR

1. Praesidia għal persuni ta' taħt it-tmintax-il sena jistgħu jitwaqqfu bil-permess tal-Curia u taħt xi kondizzjonijiet speċjali li jistgħu jkunu meħtieġa (ara t-taqsima 22 tal-kapitlu 14).

2. Il-mod waħdieni biex titgħallem il-Leġjun hu li tħaddem is-sistema tiegħu. Sikwit nagħmlu taħditiet liż-żgħażagħ biex inħajruhom jidħlu għall-appostolat meta joħorġu fid-dinja. Iżda taħditiet bħal dawn, ikunu kemm ikunu tajbin, m'humiex ħlief għadam niexef meta nxebbhuhom mal-ġisem ħaj li hija l-prattika. Barra minn dan, fehma jew xewqa li tibda ħidma t'appostolat, mingħajr xi taħriġ, hi ta' siwi żgħir. Fejn hemm nuqqas ta'

esperjenza malajr jidħol il-biża', jew jekk wieħed jibda għal rasu żgur li ma jasalx.

3. Għandha titqies bħala kondizzjoni essenzjali li għall-inqas il-president ta' praesidium bħal dan ikun wieħed kbir. Hu wkoll mixtieq li jkun hemm uffiċjal ieħor kbir biex jieħu post il-president meta dan ma jkunx jista' jattendi għal-laqgħa, u biex il-praesidium jaħseb għall-possibbiltajiet ta' tixrid. Jekk dawn il-leġjunarji kbar jibqgħu membri tal-praesidium tal-kbar, il-ħidma li jagħmlu bħala uffiċjali tal-praesidium taż-żgħar tissodisfa l-obbligu tal-ħidma ta' kull ġimgħa. Imma jekk ikunu membri tal-praesidium taż-żgħar biss huma għandhom iwettqu ħidma sostanzjali u attiva, daqs kull membru ieħor kbir. Dawn l-uffiċjali għandhom, kemm jista' jkun, ikunu leġjunarji t'esperjenza, li jifhmu sewwa s-sistema tal-Leġjun, u li għandhom, barra minn dan, il-ħila jwettqu f'dawn il-leġjunarji żgħażagħ dak li l-Leġjun jistenna mit-twaqqif tal-praesidium. Dak l-iskop m'huwiex prinċipalment it-twettiq ta' xi ħidmiet ta' siwi, iżda li l-membri tiegħu jitħarrġu, isiru spiritwali u jitħejjew biex jieħdu posthom fil-fillieri ordinarji tal-Leġjun meta jtemmu l-iskola.

4. Naturalment l-allocutio jkollu siwi doppju fis-sistema minħabba li ħafna mil-leġjunarji żgħar, meta jaqraw il-Manwal waħedhom, ma jirnexxilhomx jifhmuh sewwa. Id-direttur spiritwali għaldaqstant (jew il-president, fl-assenza tiegħu) għandu jibbaża kull allocutio fuq il-Manwal. L-ewwel għandu jaqra biċċa żgħira minnu, imbagħad ifissirha bir-reqqa u bi kliem hekk ħafif li jiżgura ruħu li kull membru jkun fehemha sewwa. Il-Manwal għandu jiġi mifli b'dan il-mod ġimgħa wara l-oħra mill-bidu sat-tmiem, u wara jerġa' jinbeda mill-ġdid. Imma t-tmiem tat-tisħib taż-żgħar jasal hekk malajr li jista' ma jkunx hemm żmien li tfisser l-istess ħaġa darbtejn lill-istess leġjunarji. Għalhekk kull allocutio difettuż ifisser opportunità moħlija, telfa li ma tistax tissewwa.

5. Jekk il-Manwal ikun jista' jiġi studjat silta wara l-oħra skond il-metodu mitlub fl-appendiċi 10, *L-Istudju tal-Fidi,* dan iservi ta' kors ta' l-akbar siwi mingħajr ma jinħass qisu sempliċement "xi xogħol ta' l-iskola." Ikun taħriġ ta' siwi kbir għal dawn il-membri li għad ikunu l-kolonni tal-Leġjun tal-kbar.

6. Il-ħidmiet li jitwettqu minn praesidia tal-kbar aktarx li ma jkunux jistgħu jsiru minn praesidium taż-żgħar. Għalhekk jinħtieġ ħsieb kbir biex kull ġimgħa tinstab għal kull wieħed mill-

membri ħidma sostanzjali u attiva skond il-ħila tiegħu. Ħafna leġjunarji żgħar għandhom ħila jagħmlu ħidma li ssir mill-kbar u tabilħaqq l-ebda leġjunarju żgħir li għalaq is-sittax-il sena ma għandu jingħata ħidma li ma naċċettawhiex għall-kbar. Il-ħidmiet tal-praesidium għandhom ikunu ta' ħafna għamliet. Ħidmiet differenti jgħallmu b'modi differenti. Iżda mhux kull membru jista' jagħmel il-ħidmiet kollha, u għalhekk l-aħjar li jista' jsir biex jitħarreġ fihom kollha, hu li jara kif dawn qegħdin isiru mill-membri l-oħra. Barra minn dan, b'hekk jiżdied l-interess waqt il-laqgħa tal-praesidium.

7. Ħidma ta' mhux inqas minn siegħa fil-ġimgħa, jiġifieri nofs dak li l-kbar huma mistennija jagħmlu, tista' titqies biżżejjed għall-membri żgħar.

8. Dawn huma suġġerimenti ta' ħidmiet għal-leġjunarji żgħar:

1. Iqassmu d-Domna Mirakuluża kif sa jingħad. F'kull laqgħa tal-praesidium tingħata domna jew tnejn (numru determinat) lil kull leġjunarju. Il-leġjunarji għandhom iqisu dawn id-domni bħala munizzjon ta' balal li bħala suldati ta' Marija għandhom jużawhom bl-aħjar mod possibbli billi jagħtuhom, jekk jista' jkun, lil dawk li m'humiex Kattoliċi jew lil Kattoliċi berdin. Din l-idea tixgħel l-immaġinazzjoni u tqanqal għas-sagrifiċċju. Għandhom jiġu mgħallma kif iwieġbu għal dak li aktarx isaqsuhom, u kif jistgħu jagħmlu l-ġid minn kull okkażjoni.

2. Jiktbu membri awżiljarji ġodda. Din il-ħidma tiġbor fiha t-tagħlim tat-talb tal-Leġjun lill-membri ġodda, kif ukoll iż-żjajjar ta' kultant lill-awżiljarji biex jiżguraw li għadhom fidili lejn dmirijiethom.

3. Jipprovaw isibu għall-inqas persuna oħra kull ġimgħa li tisma' quddiesa kuljum, jew tipprattika xi devozzjoni, jew tidħol f'xi sodalità, l-Appostolat tat-Talb jew xi għaqda Kattolika.

4. Iwasslu t-tfal għall-quddiesa u għas-sagramenti.

5. Jgħinu l-quddiesa.

6. Jgħallmu l-katekiżmu u jħajru t-tfal imorru għal-lezzjonijiet tal-katekiżmu.

7. Iżuru lit-tfal fi sptar, f'istitut jew fid-dar tagħhom.

8. Iżuru lill-morda u lill-għomja u jaqduhom f'dak kollu li jkollhom bżonn.

9. Nisħqu bil-qawwa kollha li kull praesidium taż-żgħar għandu jkollu għall-inqas żewġ membri fuq kull waħda mit-tliet ħidmiet imsemmija l-aħħar, jiġifieri 6, 7 u 8. Jekk dawn il-ħidmiet

isiru sewwa jservu ta' taħriġ mill-aqwa għal-leġjunarji żgħar li jagħmluhom, u jistabilixxu l-livell xieraq għall-ħidmiet l-oħra tal-praesidium.

10. Membru żgħir jista' jagħmel il-ħidma tiegħu flimkien ma' leġjunarju kbir.

11. Fil-każ ta' praesidia interni hu mixtieq li l-membri jiġu mogħtija xogħol attiv li jsir barra. Iżda s-superjuri, attenti għar-responsabbiltà tagħhom, jistgħu jibżgħu li jsir xi abbuż minn dan il-privileġġ, u jistgħu jaħsbu f'perikli oħra. Dwar dan il-biża' ta' min jgħid li:

1. kieku dawk il-leġjunarji kienu barra fi praesidia taż-żgħar kienu jwettqu dik l-istess ħidma ordinarja;
2. hu permezz tat-taħriġ li wieħed jaħseb għall-futur.

Jekk ma tingħatax libertà issa ma jistgħux jitħarrġu għal meta jkollhom il-libertà kollha. Dik il-ħidma li ssir barra, imħarsa mid-dixxiplina doppja tal-kulleġġ u tal-Leġjun, tista' sservi ta' preparazzjoni ideali.

12. M'hemm xejn xi jżomm li jitwaqqaf praesidium f'kulleġġ fejn l-istudenti jmorru d-dar għall-vaganzi u b'hekk ma jkunx possibbli li l-laqgħat isiru f'dak iż-żmien. Fil-vaganzi l-membri jkunu jistgħu forsi jaħdmu fil-praesidium tal-belt jew raħal tagħhom.

13. Għandu jkun spjegat lill-membri li l-qdusija personali tagħhom mhix biss l-iskop ewlieni tal-Leġjun iżda wkoll l-għajn ewlenija tal-ħidma tal-Leġjun. Għalhekk għandhom jiġu mħeġġa biex jitolbu u jagħmlu s-sagrifiċċji għall-fehmiet tal-praesidium. Iżda dawn l-opri tajba m'għandhomx jingħataw lill-membri bħala xogħol u m'għandhomx jissemmew fir-rapport. Ħalli jingħad b'enfasi qawwija li l-opri spiritwali ma jistgħux isiru flok il-ħidma attiva. Jekk isiru, għandhom ikunu bħala żieda mal-ħidma attiva.

14. Il-membri għandhom jippreparaw sew ir-rapporti tagħhom u l-uffiċjali għandhom iħarrġuhom kif jixraq dwar kif għandhom jagħtu r-rapport. Min-natura tagħhom, il-ħidmiet li jsiru ma tantx jipprovdu materjal għal rapport interessanti jew dettaljat; għalhekk ikun meħtieġ sforz speċjali biex wieħed jagħmel il-laqgħa interessanti u mżewqa.

15. Il-ħsieb li huma ħaġa waħda mal-leġjunarji l-kbar, huma u jissieltu fit-taqbidiet tal-Mulej f'ċirkostanzi ibsin u sikwit perikolużi, u jidħlu għal ħafna ħidmiet qalbenija, jixgħel l-immaġi-

nazzjoni ta' dawn il-leġjunarji żgħażagħ u jagħti ħajja lill-ħidma tagħhom li hi anqas mifruxa. Kull ma hemm fis-sistema tal-Leġjun jgħin dan il-proċess. Dan iħares lilhom, u permezz tagħhom lil ħafna oħrajn, mit-tendenza li jqisu lir-reliġjon bħala sempliċi rutina ta' bilfors. Jekk din l-idea titfa' l-għeruq f'dawn is-snin ta' formazzjoni, issir ħsara li lanqas l-akbar suċċess skolastiku ma jpatti għaliha.

16. Ir-regola tal-prova ma tgħoddx għall-membri żgħar; lanqas ma jagħmlu l-Wegħda Leġjunarja u lanqas jieħdu sehem f'Curia tal-kbar. Iżda f'kull ħaġa oħra, ir-rutina sħiħa ta' talb, sistema u laqgħat, inkluża l-ġabra sigrieta, għandha tkun osservata bir-reqqa, sewwasew bħal fil-każ ta' praesidium tal-kbar. Meta l-membri jgħaddu mit-tisħib taż-żgħar għal dak tal-kbar, għandu jsir iż-żmien normali tal-prova.

17. Leġjunarju kbir li jattendi fi praesidium taż-żgħar u li jkun għad m'għamilx il-Wegħda fil-praesidium tal-kbar għandu jagħmilha fil-praesidium taż-żgħar. Il-membri żgħar jimpressjonaw ruħhom ħafna b'dik iċ-ċerimonja u ġġagħalhom jistennew bil-herqa l-jum meta huma stess jilħqu l-milja tat-tisħib billi jagħmlu l-Wegħda.

18. Ta' spiss jiġi ssuġġerit li t-talb tal-Leġjun jitbiddel biex jitħaffef it-tisħib tat-tfal. Li dawn il-proposti mhux ta' min jilqagħhom għandu jidher ċar mill-qari ta' dan il-kapitlu li juri li t-tisħib taż-żgħar għandu jixbah kemm jista' jkun lil dak tal-kbar. Il-kelma "żgħir" m'għandhiex titqies bħallikieku tfisser "ħaġa bla siwi." Għandna nqiegħdu ideali għolja ta' ħidma u devozzjoni quddiem il-membri żgħar, għaliex dawn huma mistennija jagħmluha ta' mexxejja fost tfal oħrajn. Jidher ċar li dan il-livell ma jista' jintlaħaq minn ebda tifel li, wara ftit tifsir, ma jkollux ħila jgħid u jifhem it-talb kollu tal-Leġjun.

19. Hekk ukoll isiru suġġerimenti biex ikun hemm Manwal simplifikat għaż-żgħar. Dan hu diskuss fit-taqsima 10 tal-kapitlu 33, *Id-Dmirijiet Fondamentali tal-Leġjunarji.*

20. Il-ġenituri, u kull min għandu awtorità, għandhom jikkooperaw bis-sħiħ mal-programm leġjunarju li minnu jiddependu ħafna affarijiet. Dawk iż-żgħażagħ qegħdin jiġu fformati f'dak li San Lwiġi-Marija de Montfort isejjaħ "leġjun ta' suldati qalbiena ta' Ġesù u Marija, lest biex jiġġieled kontra d-dinja, ix-xitan u n-natura mħassra fiż-żminijiet li ġejjin, meta l-periklu jkun wisq akbar" (DV 114). Sempliċi fl-ideat u fil-għamla tiegħu daqs

taljola jew lieva jew mezz ieħor li jkattar il-qawwa, il-Leġjun jista' jagħti ħajja lit-tagħlim Nisrani kollu kemm hu u jbiddlu f'qawwa li tqanqal għal kull skop Nisrani. Iżda din il-qawwa tibda wkoll tinxtered sa minn issa. Timla l-ħin ta' l-iskola, tal-logħob, tad-dar, u kull ħin ieħor, b'idealiżmu qaddis u prattiku. Tagħti lill-membri attitudni ġdida li ma tagħmilx ħaġ'oħra ħlief iġġiegħel lid-dinja tidher xort'oħra għalihom — attitudni ġdida:

1. Lejn il-Knisja, malli jifhmu li huma s-suldati tagħha b'post preċiż fit-taqtigħa tagħha, u b'responsabbiltà fit-tixrid tagħha.

2. Lejn id-dmirijiet tagħhom ta' kuljum. Kif ftit dawl hu biżżejjed biex iddawwal kamra, hekk ukoll il-ħidma żgħira tal-Leġjun tagħti tifsira ġdida lil kull ma jsir tul il-ġimgħa. Dak li l-membri jitgħallmu u jagħmlu fil-praesidium iwettquh fil-ħajja tagħhom ta' kuljum.

3. Lejn għajrhom li fih tgħallmu jaraw u jservu lil Kristu.

4. Lejn darhom, li huma tgħallmu jimlew bl-istess atmosfera ta' Nazaret.

5. Lejn l-għajnuna fid-dar (jew fl-iskola, jekk il-praesidium ikun għall-istudenti interni) fl-ispirtu tal-Leġjun, jiġifieri ta' Marija f'Nazaret, ifittxu x-xogħol flok jipprovaw jaħarbuh; jagħżlu x-xogħol li jdejjaqhom l-aktar; jagħmlu bil-qalb imqar l-inqas qadjiet, ikunu dejjem ġentili u jagħmlu x-xogħol bl-attenzjoni; jaħdmu dejjem għal Ġesù u jżommu dejjem f'moħħhom il-preżenza tiegħu.

6. Lejn l-iskola, għax sa ċertu punt xorbu l-ideali leġjunarji, u għalhekk l-iskola, l-għalliema, il-kotba, ir-regolamenti, u l-istudju jarawhom f'dawl ieħor. Għaldaqstant jiksbu mill-iskola dak li oħrajn ma jiksbux. U għalhekk, anki kieku l-Leġjun kien ifisser tassew ħin misruq mill-istudju (li hi l-oġġezzjoni komuni), fl-aħħar mill-aħħar l-effett ikun profitt li ma jitqiesx.

7. Lejn "id-dmir" u "d-dixxiplina." Dawn iż-żewġ ħwejjeġ ta' l-akbar siwi, li ż-żgħażagħ tant joboghdu għax jifhmuhom ħażin, isiru jinftehmu tajjeb u sbieħ meta jingħaqdu ma' dawk iż-żewġ kelmiet l-oħra "Marija" u "Leġjun."

8. Lejn it-talb, meta jifhmu li m'huwiex sempliċement dmir imnissel minn drawwa, iżda għajn ta' qawwa, il-għajnuna fil-ħidma tagħhom, u l-għotja ta' valur tagħhom lit-teżor tal-Leġjun, u għalhekk lill-Knisja.

21. Ma tidhirx li hi pretensjoni żejda li ngħidu li fit-tħaddim

xieraq ta' praesidium fuq il-metodu msemmi hawn fuq tinsab waħda mill-akbar qawwiet edukattivi li jistgħu jolqtu liż-żgħażagħ. Dan inissel fihom kull kwalità li jitlob il-karattru Nisrani, u jservi ta' forma li minnha joħorġu numru kbir ta' żgħażagħ qaddisa u li tista' tafda fihom, hena għall-ġenituri u għas-superjuri tagħhom, u ta' għajnuna għall-Knisja.

22. Iżda dan il-programm kollu, dawn it-tamiet kollha, jisfaw fix-xejn jekk il-praesidium taż-żgħar ma jagħtix lill-membri tiegħu ħidma xierqa, jew jekk ma jħarisx ir-regolamenti. Dak il-praesidium hu forma falza. Qed jippreġudika lill-membri u lil kulħadd kontra l-Leġjun. Ikun ta' ġid għal-Leġjun jekk jingħalaq.

"Ma nistgħux inqisu ż-żgħażagħ sempliċement bħala oġġett tal-ħidma pastorali tal-Knisja; fil-fatt huma, u għandhom jiġu mħeġġin biex ikunu, żgħażagħ attivi fi ħdan il-Knisja, *fuq quddiem fil-ħidma ta' l-evanġelizzazzjoni u jieħdu sehem fit-tiġdid tas-soċjetà.* Iż-żgħożija hi żmien li fih iż-żgħażagħ *isibu* b'qawwa liema bħalha x'inhu l-'jien' u 'l-għażla tal-ħajja' tagħhom. Hi żmien li fih *jikbru* biex jagħmlu progress 'fil-għerf, fis-snin u fil-grazzja, quddiem Alla u quddiem il-bnedmin' (Lq 2:52)" (CL 46).

## 2. PRAESIDIA FIS-SEMINARJI

"Hi ħaġa importanti ħafna li s-saċerdoti t'għada jkunu pprepa-rati biex jikkooperaw mal-lajċi. Il-Konċilju jgħid, 'Huma għandhom jaċċettaw li jisimgħu lil-lajċi, jagħtu kas tax-xewqat tagħhom qishom kienu ħuthom, u jagħrfu l-esperjenza u l-kompetenza tagħhom fl-oqsma differenti ta' l-attività umana . . .' Is-Sinodu reċenti wkoll insista li nsejħu lil-lajċi għal xogħol pastorali: 'L-istudent għandu jsir kapaċi jipproponi u jintroduċi lill-Insara lajċi, speċjalment liż-żgħażagħ, għal vokazzjonijiet differenti . . . Fuq kollox hemm bżonn li jkun jaf jgħallem u jgħin lil-lajċi fis-sejħa tagħhom li jkunu preżenti fid-dinja u jbiddluha bid-dawl ta' l-evanġelju, billi hu jirrikonoxxi dan ix-xogħol tagħhom u jħares lejh b'sens t'apprezzament' " (PDV 59).

Jidher ċar li hu ta' siwi kbir għall-qassisin u għar-reliġjużi tal-futur li jkollhom tagħrif biżżejjed dwar organizzazzjoni effettiva u mxerrda bħalma hu l-Leġjun ta' Marija. Iżda tagħrif akkademiku jkun dgħajjef wisq meta xxebhu ma' l-esperjenza miksuba permezz tas-sħubija fl-għaqda. Għalhekk il-ftuħ ta' praesidia

għas-seminaristi hu ta' importanza kbira. F'każi fejn ma jkunx possibbli jinfetħu praesidia interni l-istudenti jibbenefikaw ħafna jekk isiru membri ta' praesidia esterni. Kemm fi praesidium estern u kemm f'wieħed intern il-membri jitgħallmu sewwa t-teorija u l-prattika tal-Leġjun, u jingħataw dik li wieħed jista' jsejħilha l-filosofija sħiħa ta' l-appostolat. Meta mbagħad jibdew il-missjoni tagħhom, huma jkollhom idea ċara ta' kif il-Leġjun u l-gruppi l-oħra ta' l-appostolat għandhom jagħmlu x-xogħol tagħhom.

Wieħed għandu jinnota dan li ġej, speċjalment f'dak li għandu x'jaqsam mal-praesidia interni:

1. Jinħtieġ li jinstab ħin biżżejjed għal-laqgħa ta' kull ġimgħa. Ma tkunx ħaġa ħafifa li tmexxi laqgħa f'anqas minn siegħa, u għandu jsir kull sforz biex insibu ftit ħin aktar. L-ordni tal-laqgħa, kif imfisser f'dan il-Manwal, għandu jitħares bir-reqqa.

2. Ta' importanza kbira hu l-għoti ta' ħidma attiva lil kull membru. Mingħajr ħidma sostanzjali m'hemmx praesidium. Ta' l-anqas siegħa fil-ġimgħa għandha tiġi ddedikata għal xogħol attiv — dan għaliex il-ħin huwa limitat, għax mhix ħaġa ħafifa li ssib ħidma addattata fiċ-ċirkostanzi tal-ħajja fis-seminarju u għax l-istudju tal-Manwal għandu jingħata attenzjoni speċjali. In-nuqqas ta' varjetà li jista' jkun hemm fil-ħidma għandu jitpatta bi spirtu għoli. Il-ħidma għandha ssir b'mod l-aktar perfett u b'enfasi fuq il-għaqda ma' Marija.

Wieħed irid jagħżel ħidmiet skond iċ-ċirkostanzi u r-regoli tas-seminarju. Dawn huma xi ħidmiet li jistgħu jsiru: iż-żjajjar fid-djar, fl-isptarijiet u f'istituzzjonijiet oħra, tagħlim lil dawk li se jsiru Kattoliċi, tagħlim tal-katekiżmu u tħejjija ta' adulti u ta' tfal għas-sagramenti. Huwa importanti ħafna li l-ħidmiet li jsiru jaqblu għal kollox mal-programm tat-taħriġ pastorali li jfasslu s-superjuri.

3. Ir-rapporti mogħtija fil-praesidium m'għandhomx ikunu frażijiet ta' rutina. Għandhom ikunu ħajjin u interessanti. Is-suċċess miksub f'din il-ħaġa jwassal lill-membri jsiru mgħallmin fis-sengħa tal-għoti tar-rapporti u jkunu kapaċi jgħallmuha lil dawk il-leġjunarji li aktar 'il quddiem għad ikunu fdati f'idejhom.

4. M'għandhiex tingħata mill-praesidium ħidma li hi ta' karattru dixxiplinari jew ta' superviżjoni biss. Ħidma bħal din tasal biex iġġiegħel lil sħabhom jistmerru l-leġjunarji u mbagħad il-Leġjun innifsu.

5. It-tisħib għandu jkun għal kollox volontarju. Kull ħaġa li tidher li hi bilfors jew inkella ta' rutina tal-kulleġġ ikollha l-effett oppost. Biex jagħmlu enfasi fuq il-libertà tat-tisħib fil-Leġjun, tkun idea tajba jekk il-laqgħa tal-praesidium issir waqt il-ħin liberu.

6. Il-praesidium għandu jitmexxa, kemm dwar il-laqgħat kif ukoll dwar il-ħidmiet, b'mod li ma jfixkel f'xejn l-orarju u r-regolamenti tal-post. Min-naħa l-oħra, il-kondizzjonijiet għat-tisħib attiv fil-Leġjun m'għandhomx jitbiddlu, għax dan itellef l-iskop kollu li għandu jinkiseb. Fil-prattika nsibu li l-fedeltà fit-tmexxija ta' praesidium bħal dan tqawwi l-attitudni ta' l-istudenti lejn il-vokazzjoni tagħhom, lejn l-istudju, u lejn id-dixxiplina tal-post.

# 37

# SUĠĠERIMENTI DWAR ĦIDMIET

F'dan il-kapitlu jingħataw metodi għat-twettiq ta' l-obbligu ta' ħidma leġjunarja li l-esperjenza wriet li jħallu ħafna frott. Iżda dawn m'humiex ħlief suġġerimenti, u ħtiġijiet partikolari naturalment jitolbu ħidmiet partikolari. Nisħqu li ħidma iebsa u qalbiena m'għandhiex titħalla barra mil-Leġjun, li hu dejjem lest għat-twettiq ta' ħidma bħal din. Ħidmiet ta' siwi żgħir ma jagħmlux ġid lill-ispirtu tal-leġjunarji.

Kull praesidium, bħala prinċipju, għandu jagħmel xi ħidma li tista' tissejjaħ erojka. Sa mill-bidu wkoll m'għandux ikun impossibbli li jinstabu żewġ membri lesti għal ħidma bħal din, u dawn għandhom jiġu inkarigati minnha. L-eżempju tagħhom, imbagħad, itejjeb il-kwalità li l-membri sħabhom, kważi mingħajr ma jridu, jimitawha. Meta l-livell ġenerali jkun tgħolla b'dan il-mod, iż-żewġ qalbenin tal-bidu jintbagħtu għal darb'oħra fuq xogħol ieħor erojku. Dan **il-proċess li dejjem iżżid** it-twettiq ta' xogħol erojku joħloq mezz biex il-livell tal-praesidium jibqa' dejjem jogħla. Għaliex il-limitazzjonijiet tan-natura umana ma jeżistux fl-ordni sopranaturali. Iżjed ma wieħed jintreħa f'idejn Alla, iżjed isib fejn jimraħ u fejn ikun jista' jagħmel iktar xogħol.

Iżda minnufih insibu min ma jaqbilx ma' dan. L-idea ta' perikli għar-reliġjon tbażża' ħafna nies. Dawn jagħmlu ħafna storbju bl-ilmenti tagħhom li "ma jixraqx" u li hu "nuqqas ta' prudenza." Iżda d-dinja ma titkellimx b'dak il-mod dgħajjef, u l-Leġjun ma għandux ikun inqas imħeġġeġ. Jekk jinħtieġ li xi xogħol isir għall-erwieħ, u jekk tinħtieġ kwalità tajba għall-formazzjoni tal-karattru tal-komunità Nisranija, il-prudenza għandha ċċedi u l-qlubija għandha tiġi qabilha. Iżen dan il-kliem tal-Kardinal Pie: "Meta l-prudenza tkun kullimkien, il-qlubija ma tkun imkien iż-jed. Issibu li l-prudenza toqtolna."

Tħallux il-prudenza toqtol lil-Leġjun.

## 1. APPOSTOLAT FIL-PARROĊĊA

Uħud mill-metodi li bihom il-leġjunarji jistgħu jgħinu biex jikber l-ispirtu komunitarju veru huma dawn:

1. li jżuru l-familji (ara taqsima 2 ta' dan il-kapitlu);
2. li jmexxu servizzi para-liturġiċi fil-Ħdud u fil-festi kmandati f'postijiet fejn m'hemmx saċerdot biex iqaddes;
3. li jmexxu klassijiet tat-tagħlim tar-reliġjon;
4. li jżuru u jieħdu ħsieb ta' persuni b'diżabbiltà, tal-morda u ta' l-anzjani, u meta jkun hemm bżonn, li jirranġaw biex iżurhom saċerdot;
5. li jgħidu r-rużarju ħdejn persuna li mietet u fil-funerali;
6. li jgħinu lill-assoċjazzjonijiet Kattoliċi u s-soċjetajiet tal-parroċċa, inklużi l-konfraternitajiet u s-sodalitajiet, fejn dawn jeżistu, billi jsibulhom membri ġodda u jinkoraġġixxu lill-membri preżenti biex jipperseveraw;
7. li jgħinu f'kull ħidma appostolika u missjunarja li tiġi organizzata bl-approvazzjoni tal-parroċċa, u b'hekk jagħtu sehemhom biex b'xi mod kull ruħ titwassal fi ħdan il-Knisja. B'hekk niżguraw li kemm l-individwu kif ukoll il-komunità isibu hemm il-wens tagħhom.

Hemm xi ħidmiet oħra tal-parroċċa li, għalkemm importanti, ma jissodisfawx l-obbligu tax-xogħol tal-leġjunarji kbar ħlief f'xi każi speċjali. Fost dawn il-ħidmiet insibu: ix-xogħol tas-Soċjetà ta' l-Altar, it-tindif u t-tiżjin tal-knisja, servizz t'għajnuna waqt funzjoni reliġjuża, l-għajnuna tal-quddies u oħrajn. Fejn ikun meħtieġ, il-leġjunarji jistgħu jorganizzaw u jissorveljaw it-twettiq

ta' dawn il-ħidmiet, li jkunu għajn ta' barka għal min jagħmilhom. Il-leġjunarji imbagħad ikunu jistgħu jidħlu għax-xogħol aktar diffiċli li jagħmlu kuntatt dirett ma' l-erwieħ.

"Nixtieq, bħall-Omm tal-Grazzja, naħdem għal Alla. Nixtieq ningħaqad magħha bil-ħidmiet u s-sagrifiċċji tiegħi għas-salvazzjoni tiegħi u tad-dinja kollha, kif il-Bibbja tgħid fuq il-Makkabin li fl-entużjażmu qaddis tagħhom, 'ma ħasbux li jsalvaw huma biss, iżda daħlu wkoll biex isalvaw kemm setgħu minn sħabhom' " (Gratry: *Ix-Xahar ta' Marija*).

## 2. IŻ-ŻJAJJAR FID-DJAR

Iż-żjajjar fid-djar ma kinux l-ewwel ħidma tal-Leġjun. Iżda malajr saru l-ħidma l-aktar għal qalbu, il-ħidma speċjali tiegħu kullimkien u t-triq li biha jikseb l-ikbar ġid. Huwa x-xogħol karatteristiku tal-Leġjun.

Permezz ta' dawn iż-żjajjar, wieħed jista' jagħmel kuntatt personali ma' ħafna nies u jurihom l-imħabba li l-Knisja tħoss għal kull persuna u għal kull familja. "Il-kura pastorali tal-Knisja ma tasalx biss sal-familji Nsara li joqogħdu fil-qrib, imma trid twessagħha għall-qies tal-Qalb ta' Ġesù, u turi ħerqa akbar għall-familji kollha, huma min huma, u l-aktar għal dawk li jkunu f'qagħda diffiċli jew li mhix regolari. Għal kull familja l-Knisja għandu jkollha kelma ta' verità, ta' tieba, ta' mogħdrija, ta' tama u ta' simpatija kbira fid-diffikultajiet tagħha, li xi kultant jkunu tassew tal-biki. Lill-familji kollha għandha toffrilhom l-għajnuna tagħha b'ġenerożità kbira biex kull familja tista' tasal biex tkun dak li Alla l-Ħallieq ried li tkun il-familja sa 'mill-bidu', u li Kristu ġedded bil-grazzja tiegħu ta' salvazzjoni" (FC 65).

Il-praesidium għandu jistudja l-metodi li jista' juża biex jidħol fil-familji. Naturalment, il-leġjunarji għandhom jintroduċu lilhom infushom u jispjegaw lill-familja għalfejn marru għandha. Żjajjar għall-konsagrazzjoni tal-familja lill-Qalb ta' Ġesù, biex isir ċensiment tal-parroċċa u għat-tixrid tal-qari Kattoliku, kif hemm spjegat fil-paġni li ġejjin, huma fost uħud mill-metodi li wieħed jista' juża biex jidħol fid-djar.

Il-firxa ta' l-appostolat leġjunarju għandha tħaddan mhux biss lill-Kattoliċi li qegħdin jgħixu ħajja Nisranija, iżda lil kulħadd. Kuntatt jista' jsir ma' nies li mhumiex Kattoliċi, ma' nies li mhu-

miex Insara, u ma' Kattoliċi li nqatgħu mill-Knisja. Wieħed għandu jkun attent għal dawk li ż-żwieġ tagħhom mhuwiex regolari kif ingħad aktar 'il fuq, għal dawk li jinħtieġu t-tagħlim, għannies li jgħixu waħedhom u għall-morda. Għandna nħarsu lejn kull familja bil-ħsieb li nagħtuha xi servizz.

Fiż-żjarat tagħhom il-leġjunarji għandhom jixhdu l-umiltà u s-sempliċità. In-nies jista' jkollhom ideat żbaljati dwar iż-żjara, forsi jistennew li jisimgħu xi lezzjoni mogħtija b'ton superjuri. Għall-kuntrarju ta' dan, il-leġjunarji għandhom l-ewwel joqogħdu jisimgħu minflok jitkellmu. Wara li jkunu semgħu bir-rispett u bis-sabar kollu, huma jkunu rebħu d-dritt li l-oħrajn jisimgħu lilhom.

"Wieħed ma jistax ma jurix l-importanza tal-ħidma t'evanġelizzazzjoni fil-familja fi ħdan l-evanġelizzazzjoni fl-appostolat tal-lajċi.

Fi żminijiet differenti ta' l-istorja tal-Knisja, u anke fil-Konċilju Vatikan II, il-familja kien ferm jistħoqqilha t-titlu sabiħ ta' 'Knisja domestika'. Dan ifisser li f'kull familja Nisranija għandhom jiltaqgħu l-ħafna dimensjonijiet tal-Knisja kollha. Barra minn hekk, il-familja, bħall-Knisja, għandha tkun il-post li fih l-evanġelju jiġi mxandar u li minnu l-evanġelju jixxandar.

Ġo familja li tagħraf din il-missjoni, il-membri kollha jevanġelizzaw u jkunu evanġelizzati. Il-ġenituri mhux biss jgħaddu l-evanġelju lil uliedhom, imma jistgħu jirċievu mingħand uliedhom dan l-istess evanġelju kif huma jgħixuh fil-fond ta' ħajjithom.

Familja bħal din issir mezz ta' evanġelizzazzjoni għal ħafna familji oħra u għall-ambjent li fih tkun tgħix. Familji fejn il-ġenituri ma humiex ta' l-istess reliġjon għandhom ukoll id-dmir li jxandru lil Kristu lil uliedhom fil-milja ta' l-impenn ta' Magħmudija komuni; barra minn hekk jaqa' fuqhom ukoll ix-xogħol tqil li jsiru ħaddiema għall-għaqda" (EN 71).

## 3. IL-KONSAGRAZZJONI TAL-FAMILJI LILL-QALB TA' ĠESÙ

It-tixrid tad-devozzjoni tal-konsagrazzjoni tal-familji lill-Qalb ta' Ġesù jipprovdi introduzzjoni tajba ħafna għaż-żjajjar tal-leġjunarji u jwassalhom li jsiru ħbieb tal-familji li jżuru.

L-ideali u l-metodi li għandhom ikunu t-timbru ta' kif nersqu lejn il-familji huma mfissra fid-dettall f'kapitlu 39, *Punti Kardinali ta' l-Appostolat tal-Leġjun.* Hemm issir enfasi biex kemm jista'

jkun ma titħalla barra ebda familja, u biex f'kull dar isir b'imħabba kbira sforz perseveranti ma' kull persuna, anzjana jew żagħżugħa mingħajr eċċezzjoni, biex kull individwu jagħmel għall-inqas pass wieħed 'il quddiem fil-ħajja spiritwali.

Il-membri li jintgħażlu għal dan ix-xogħol jistgħu japplikaw għalihom f'kollox it-Tnax-il Wegħda tal-Qalb ta' Ġesù. L-għaxar waħda, "Jiena nagħti lis-saċerdoti l-grazzja li jmissu l-qlub l-iktar iebsa," sa ċertu punt tgħodd ukoll għal dawk li jmorru biex jagħmlu dan ix-xogħol f'isem is-saċerdot. B'qalbhom qawwija b'dan il-ħsieb, il-leġjunarji jmorru b'fiduċja sħiħa biex jissieltu mal-każijiet imlaqqma "bla tama".

Iż-żjara għall-konsagrazzjoni hija l-introduzzjoni li tħalli l-aktar frott u toħloq mill-ewwel ambjent ta' tjieba sempliċi li tħaffef it-triq biex il-leġjunarji u l-familja jsiru jafu lil xulxin, tgħin biex iż-żjajjar ikomplu jsiru, u tħaffef l-iżvilupp ta' l-appostolat leġjunarju.

Il-missjoni ta' Marija hi li twaqqaf is-saltna ta' Ġesù. Għalhekk jixraq li l-Leġjun ta' Marija, b'mod speċjali, jxerred il-konsagrazzjoni tal-familji lill-Qalb ta' Ġesù. Dan jiġbed fuqu l-grazzji speċjali ta' l-Ispirtu s-Santu.

"Tħobb il-familja jfisser li tagħraf tirrispetta l-valuri tagħha u dak kollu li tista' tagħmel billi dejjem aktar iġġibhom 'il quddiem. Tħobb il-familja jfisser li tagħraf il-perikli u d-deni li qegħdin jhedduha, biex tegħlibhom. Tħobb il-familja jfisser li tħabrek biex toħolqilha ambjent li jgħinha tiżviluppa. U barra dan, hi sura mill-aqwa ta' mħabba li terġa' tagħti lill-familja Nisranija ta' llum, spiss imġarrba min-niket u l-qtigħ il-qalb minħabba d-diffikultajiet li żdidulha, fiduċja sħiħa fiha nfisha, fl-għana tagħha li tikseb min-natura u mill-grazzja, fil-missjoni li Alla fdalha. 'Iva, jeħtieġ li l-familji ta' żmienna jmorru lura għall-oriġini tagħhom. Jeħtieġ jimxu wara Kristu' (AAS 72/1980)" (FC 86).

## 4. IĊ-ĊENSIMENT TAL-PARROĊĊA

Din il-ħidma toħloq mezz tajjeb ferm biex wieħed jiltaqa' mal-Kattoliċi li għandhom bżonn min jieħu ħsiebhom jew li ma baqgħux jipprattikaw ir-reliġjon, fi kliem ieħor dawk li tilfu kull rabta mal-Knisja. Magħmulin f'isem is-saċerdot, iż-żjajjar għandhom isiru, jekk jista' jkun, bieb bieb. Il-persuni li ssirilhom żjara jkunu jistennew li nitolbuhom tagħrif dwar ir-reliġjon, u ġeneralment

jagħtuhulna bil-qalb. Ħafna mit-tagħrif li jinkiseb jista' jservi, għal żmien twil, ta' bażi għall-ħidma min-naħa tas-saċerdot u tal-leġjunarji.

Iżda li ssibhom hu biss l-ewwel pass u l-aktar wieħed ħafif. Li treġġa' kull wieħed minn dawn lura fil-merħla għandu jitqies, sa ċertu punt, bħala missjoni fdata minn Alla lil-Leġjun, missjoni li għandha titħaddan bil-ferħ u titkompla bi spirtu li ma jċedi qatt. Għal ebda raġuni li tiddependi minnu, m'għandu l-Leġjun jonqos fit-twettiq ta' din il-missjoni, tkun kemm tkun twila t-taqbida, tqila l-ħidma, kbir iċ-ċanfir, ibsin il-każijiet, bla tama l-ġejjieni.

Barra minn hekk, intennu li għandna nieħdu ħsieb bl-imħabba kollha mhux biss ta' l-indifferenti, iżda ta' kulħadd.

"Fil-qasam taż-żelu appostoliku tal-Knisja aħna għandna missjoni uffiċjali, għamla providenzjali ta' ħidma, arma speċjali għalina. Din hi li mmorru għand l-erwieħ mhux biss f'isem Marija u taħt il-patroċinju tagħha, iżda wkoll u fuq kollox li naħdmu bil-ħila kollha tagħna biex nimlew lil dawk l-erwieħ b'imħabba ta' wlied lejha" (Marjanista: *Trattat Qasir ta' Marjoloġija*).

## 5. IŻ-ŻJAJJAR FL-ISPTARIJIET, INKLUŻI DAWK PSIKJATRIĊI

Iż-żjajjar fi sptar tal-fqar kienet l-ewwel ħidma li l-Leġjun qatt għamel, u għal xi żmien kienet l-unika waħda. Kienet ħidma mimlija barka għall-għaqda żagħżugħa, u l-Leġjun jixtieq li l-praesidia jieħdu dejjem ħsieb dan ix-xogħol. Dan li ġej, miktub f'dak iż-żmien, jagħti eżempju ta' l-ispirtu li bih dan ix-xogħol għandu dejjem isir:

"Imbagħad issejħet leġjunarja b'isimha, u bdiet ir-rapport tagħha. Dan kien rapport dwar żjajjar fi sptar. Kien rapport qasir, iżda wera intimità kbira mal-pazjenti. Ftit mistħija, ammettiet li l-pazjenti kienu jafu l-ismijiet ta' ħutha kollha. Warajha ġiet sieħbitha. Jidher li l-ħidma ssir minn tnejn flimkien. Jidhirli li barra milli f'dan hemm l-eżempju ta' l-appostli, dan il-mod jgħin lil dak li jkun biex ma jħallix iż-żjajjar ta' kull ġimgħa mil-lum għall-għada.

Rapport jiġi wara ieħor. F'xi swali jiltaqgħu ma' xi ħaġa ġdida, u r-rapport hu itwal, iżda l-biċċa l-kbira tar-rapporti huma qosra.

Ħafna mir-rapporti jġiegħluk titbissem, ħafna huma kommoventi, u kollha huma sbieħ fil-konvinzjoni ċara li tixhed lil Min raw fil-persuna tal-pazjent. Hemm prova ċara ta' dan f'kull rapport. Iva, ħafna nies ma jagħmlux ma' nieshom dak li hawn jingħad li sar, b'mod sempliċi u naturali, ma' l-aktar imsejkna tal-poplu tagħna. Ma' l-attenzjoni kbira u mal-ħlewwa li juru waqt iż-żjajjar, il-leġjunarji jżidu wkoll it-twettiq ta' ħafna qadjiet: il-kitba t'ittri, it-tfittxija ta' ħbieb u qraba li jkunu abbandunawhom u qadi ieħor. Jidher ċar li xejn m'hu hekk żgħir jew mistmerr li l-membri ma jidħlux għalih.

Fil-laqgħa nqrat ittra li pazjenta kitbet lill-viżitaturi tagħha. Frażi minnha kienet tgħid: 'Minn mindu sirtu biċċa minn ħajti.' Kienet tixbah lil xi rumanz tal-ħabba gozz, u kulħadd daħak. Iżda mbagħad ġibt quddiem għajnejja persuna waħedha f'sodda ta' sptar, li għaliha dak il-kliem kien ifisser ħafna, u l-ħsieb imlieni bil-kommozzjoni. Irriflettejt ukoll li għalkemm dak il-kliem intqal dwar persuna waħda, seta' jingħad l-istess għall-pazjenti kollha. Daqshekk hi ħaġa tal-għaġeb il-qawwa ta' għaqda li tista' tlaqqa' f'kamra waħda ħafna nies flimkien, u minn hemm tibgħathom biex iwettqu missjoni ta' anġli fil-ħajja t'eluf li d-dinja ta' barra ma tiftakarx iżjed fihom" (Fr Michael Creedon, l-ewwel direttur spiritwali tal-Concilium Legionis Mariae).

Il-leġjunarji għandhom jinqdew biż-żjajjar tagħhom biex jgħallmu lill-pazjenti ħalli jkollhom idea ċara tat-tbatijiet tagħhom, u biex isofruhom bl-ispirtu li jixraq.

Għandna nipperswaduhom li dak li jqisu daqshekk intollerabbli, fil-fatt jifformahom fuq ix-xbieha ta' Kristu, u din hi grazzja kbira. "Il-Mulej," tgħid Santa Tereża ta' Ġesù, "ma jistax jagħtina grazzja akbar minn ħajja li tixbah lil dik ta' l-Iben maħbub tiegħu." Mhux diffiċli li tfiehem lin-nies dan l-aspett tat-tbatija, li meta jirnexxilhom jifhmuh, ineħħi mit-tbatija nofs l-imrar tagħha.

Għandna ngħinuhom jifhmu l-kobor tat-teżori spiritwali li huma jistgħu jiksbu billi ntennulhom sikwit dak li qal San Pietru t'Alkantara lil wieħed li sofra għal żmien twil marda l-aktar ħarxa b'sabar li jgħaġġeb: "O marid ixxurtjat, Alla wrieni kemm hi kbira l-glorja li inti mmeritajt bil-marda tiegħek. Int immeritajt aktar milli oħrajn jistgħu jaqilgħu b'talb, sawm, sahriet, swat u penitenzi oħra."

Tkun ħaġa tajba li dawn it-teżori spiritwali, miksubin mill-fonti waħdanija tat-tbatija, jintużaw għal skopijiet diversi. Barra minn

hekk, ma jkunx daqshekk qawwi l-ideal meta wieħed joffriħom għalih innifsu. Għalhekk il-leġjunarju għandu jfisser l-idea ta' l-appostolat tat-tbatija. Għandna ngħallmu lill-pazjenti biex jinteressaw ruħhom fl-affarijiet spiritwali tad-dinja billi joffru t-teżori tat-tbatijiet tagħhom għall-bżonnijiet tagħha bla għadd, u billi jagħmlu kampanja li l-qawwa tagħha ħadd ma jkun jista' għaliha għaliex hi fl-istess ħin talb u penitenza.

"Idejn bħal dawn, mgħollijin lejn Alla," jgħid Bossuet, "iħarbtu l-battaljuni iżjed mill-idejn li jitqabdu."

Interess personali f'dak li qegħdin jitolbu għalih jgħin lill-pazjenti jissoktaw jitolbu. Għalhekk hu importanti li jissemmewlhom ħtiġijiet u ħidmiet partikolari (speċjalment dawk tal-leġjunarju nnifsu) u li dawn jiġu mfissra lilhom.

Wieħed mill-ewwel skopijiet għandu jkun li niktbuhom awżiljarji, u aktar tard adjutorjani. Dawn il-membri jistgħu jingħaqdu fi gruppi biex imbagħad huma jħajru lil ħaddieħor. Il-pazjenti għandhom ukoll jiġu mħajra jgħinu lil xulxin b'kull mod ieħor li jistgħu.

Iżda jekk dawk il-gradi ta' tisħib jirnexxu, għaliex il-grad attiv għandu jibqa' barra? Ħafna sptarijiet psikjatriċi għandhom praesidia magħmula mill-pazjenti. Li jkollhom dawn fl-isptar ifisser li tkun bdiet tiffermenta fost il-pazjenti ħmira ta' qawwa spiritwali kbira. Dawk il-leġjunarji jsibu ħin kemm iridu x'jiddedikaw għall-ħidmiet tagħhom fost il-pazjenti l-oħra, u jistgħu jiksbu grad ta' qdusija tassew għoli. Is-siwi tat-tisħib leġjunarju għall-pazjenti, anki bħala għajnuna għall-fejqan, deher hekk ċar li kullimkien ġie magħruf mit-tobba ta' dawk il-postijiet.

Meta jaħsbu li m'huma tajbin għal xejn u li huma ta' piż għal ħaddieħor, xi pazjenti jġarrbu l-akbar imrar. Għalhekk meta wieħed jispjegalhom dan il-mod ġdid ta' kif iħarsu lejn il-ħajja, huma jħossu ferħ kbir f'qalbhom għaliex jifhmu li huma ta' siwi f'idejn Alla.

Ix-Xirka tal-Qaddisin żgur taħdem b'qawwa kbira bejn il-leġjunarji u dawk li huma jżuru, fi kliem ieħor, fl-għamla ta' bidla siewja ta' piżijiet u benefiċċji. Ma nistgħux forsi nissoponu li l-pazjenti qegħdin iħallsu f'isem il-leġjunarji xi sehem mid-dejn ta' tbatija li kull bniedem għandu jħallas? Iżda kieku kull bniedem isofrih hu stess, kieku d-dinja ssir kollha mimlija morda; b'mod li x'uħud jingħatalhom il-privileġġ li jbatu iktar minn sehemhom ħalli l-ħidma tad-dinja tista' tibqa' sejra.

U x'jista' jagħti l-leġjunarju f'dan il-bdil spiritwali? Xejn iktar minn sehem fl-appostolat tiegħu, billi l-marid ma jistax (u minn daqqiet lanqas hu lest) jagħmel dik il-parti ta' l-obbligu tiegħu ta' Nisrani.

Hekk kull wieħed jibbenefika b'mod tal-għaġeb bis-saħħa ta' l-ieħor. Iżda din mhix sempliċi kwistjoni li wieħed jirbaħ kemm ikun tilef. Għaliex ir-rebħ ta' kull wieħed jisboq bil-wisq it-telf tiegħu skond il-prinċipju Nisrani li dak li tagħti jroddlok il-mija fil-wieħed (ara taqsima 20 tal-kapitlu 39, *Punti Kardinali ta' l-Appostolat tal-Leġjun).*

"'Jiena l-qamħ ta' Kristu,' jgħid Sant'Injazju t'Antjokja. 'Biex nista' nsir ħobż li jixraq 'l Alla għandi nintaħan minn snien l-iljuni.' Tiddubita qatt li l-aħjar fost is-slaleb, l-iktar żgur, l-iktar divin, hu dejjem dak li Kristu jibagħtilna mingħajr ma jistaqsina. Kattar il-fidi tiegħek f'dan it-tagħlim hekk għażiż għall-qaddisin imsawrin fil-forma ta' Nazaret. Qim, bierek u faħħar 'l Alla fil-kontradizzjonijiet u fil-provi kollha li jiġu direttament minn idejh, u minkejja l-istmerrija tan-natura tiegħek, għid b'qalbek kollha, 'Fiat,' jew aħjar, 'Magnificat!' " (Mateo Crawley-Boevey).

## 6. ĦIDMA GĦALL-IKTAR IMSEJKNIN U MNIKKTIN TAL-POPLU

Din titlob iż-żjajjar fil-postijiet fejn jinġemgħu; u fid-djar fejn jgħammru, hostels, u ħabsijiet; u forsi wkoll it-treġija ta' hostels immexxija minn leġjunarji, residenti jew le.

Malli l-Leġjun ikollu f'xi post membri t'esperjenza u kapaċi biżżejjed, għandu jieħu f'idejh din il-ħidma għall-iżgħar fost l-iżgħar ta' Kristu. Sikwit insibu li din il-ħidma mhix issir u dan iġib miegħu żebliħ għall-isem Kattoliku.

M'għandu jkun hemm l-ebda rokna li fiha l-Leġjun ma jidħolx fit-tfittxija tiegħu għan-ngħaġ mitlufa tad-Dar ta' Israel. Il-biża' fieragħ huwa l-ewwel xkiel. Iżda fieragħ jew mhux il-biża', **xi ħadd għandu jidħol għal din il-ħidma.** Jekk leġjunarji kapaċi u mħarrġa, imħarsin mis-sistema tagħhom ta' talb u dixxiplina, ma jaslux biex jagħmluha, allura min jista' jidħol għaliha?

Qabel ma l-Leġjun f'xi post ikun jista' tabilħaqq jgħid li l-membri tiegħu jafu personalment u b'xi mod għandhom kuntatt ma' kull wieħed li jagħmel parti mill-klassijiet żvinturati, il-ħidma tie-

għu għandha titqies li għadha ma żviluppatx biżżejjed, u l-isforzi għal dan l-iskop għandhom jiżdiedu.

L-ebda bniedem li jfittex il-ħwejjeġ prezzjużi u rari ta' din l-art m'għandu jfittex dak li tixtieq qalbu b'ħeġġa ikbar mil-leġjunarju li jitħabat wara dawn l-isfortunati tad-dinja. It-tfittxija tiegħu tista' tkun iċ-ċans waħdani tagħhom għall-ħajja ta' dejjem. Sikwit huma hekk imbiegħda minn kull ma jista' jkunilhom ta' ġid, li l-ħabs, bla ma jindunaw, ikun għalihom grazzja kbira.

Barra minn hekk, f'din il-ħidma għandu jidher l-ispirtu ta' suldat fuq il-kamp tal-battalja. Naturalment il-leġjunarji jiltaqgħu mat-tfixkil. Aktarx li ma' 'l-iżbandoli u l-vleġeġ' ta' kliem iebes jistgħu jiżdiedu ħwejjeġ agħar. L-'isparar' ta' daqqiet, u l-'kanunati' ta' ġrieħi jistgħu jiġu mdawra fuqhom. Ħwejjeġ bħal dawn jistgħu jumiljaw u jweġġgħu, iżda m'għandhomx ibeżżgħu; saħansitra bilkemm għandhom iħawdu. Hawn tinsab il-prova ta' kemm huma sħaħ l-istqarrijiet qalbiena li ta' sikwit jgħaddu minn moħħ il-leġjunarju, u li jiġu mtennija kemm-il darba minnu. Hu tkellem fuq taqbida. Tkellem fuq it-tfittxija għall-agħar nies; issa li sabhom ma jkunx ta' kelmtu jekk igerger. Għaliex għandu jistagħġeb meta jara l-ħżiena jġibu ruħhom ħażin, u l-agħar fosthom iġibu ruħhom ħażin ħafna?

Fi ftit kliem, f'kull ċirkostanza ta' tfixkil kbir jew quddiem il-periklu, il-leġjunarju għandu jgħid lilu nnifsu: "Żmien ta' gwerra!" Din il-frażi li lill-poplu fil-gwerra tħeġġu għas-sagrifiċċju, għandha ssaħħaħ lil-leġjunarju fit-taqbida għall-erwieħ, u żżommu fuq il-ħidma tiegħu meta ħafna oħrajn jieqfu.

Jekk hemm xi verità fi kliemna meta nsemmu l-erwieħ bħala prezzjużi u eterni għandna nkunu lesti li nħallsu xi prezz għalihom. Liema prezz, u min se jħallsu? It-tweġiba hi li jekk qatt persuni lajċi jintalbu biex jieħdu xi riskju, min se jkunu dawn jekk mhux dawk li qegħdin jagħmlu ħilithom biex ikun jistħoqqilhom it-titlu ta' leġjunarji ta' Marija? Jekk qatt ikun hemm il-ħtieġa ta' sagrifiċċji kbar mingħand il-Kattoliċi lajċi, mingħand min tistennihom jekk mhux mingħand dawk li volontarjament u b'mod tant solenni daħlu biex jaqdu lil dik li baqgħet wieqfa fuq il-Kalvarju? Żgur li ma jonqsux jekk jiġu msejħa jagħmlu dan!

Iżda dawk li jmexxu jistgħu jonqsu għaliex jibżgħu żżejjed għal dawk li huma jmexxu. Għalhekk id-direttur spiritwali u l-uffiċjali kollha huma mħeġġin iwaqqfu livelli li jixbhu xi ftit lil dawk tal-Kolossew. Din il-kelma aktarx li ma tiftihemx f'dawn

iż-żminijiet meta kollox qed isir bil-kalkolu. Iżda l-Kolossew kien kalkolu wkoll: il-kalkolu ta' ħafna nies ta' min jammiraħom — mhux aktar b'saħħithom u mhux iktar dgħajfin mil-leġjunarji ta' Marija — li qalu lilhom infushom: "Xi prezz għandu wieħed jagħti għal ruħu?" Il-Kolossew jiġbor biss f'kelma waħda dak li b'ħafna kliem jingħad fil-kapitlu 4 dwar *Is-Servizz Leġjunarju,* u l-iskop ta' dak il-kapitlu mhux li jfisser sempliċi sentiment.

Il-ħidma għall-klassijiet minsija u abbandunati tkun dejjem iebsa u waħda li tieħu ħafna żmien. In-nota fondamentali tagħha għandha tkun sabar mill-ikbar. Qed nitkellmu dwar tip ta' nies li jintrefgħu biss wara ħafna waqgħat. Jekk waqt li qed nittrattaw magħhom inqiegħdu d-dixxiplina fl-ewwel post ma niksbu xejn. F'qasir żmien is-sistema iebsa li tinħoloq biex tikkurahom, titlef l-individwi kollha, u jkollha bħala pazjenti lil dawk li l-inqas jinħtieġu kura. Għalhekk il-ħidma għandha timxi fuq **il-prinċipju tal-valuri bil-maqlub,** fi kliem ieħor għandna ninxteħtu b'mod speċjali fuq dawk il-każijiet li saħansitra l-ottimist isejjaħ bla ebda tama, u li l-imħuħ imħassrin u n-nuqqas ta' tweġiba tagħhom għall-ewwel sejħat donnhom jagħtuna raġun jekk insejħulhom hekk. L-ivvizzjati, dawk li jixtiequ d-deni, dawk li huma mimlijin mibegħda, l-imwarrbin u l-abbandunati minn għaqdiet u nies oħra, l-iskart ta' l-ibliet, għandna nkomplu ninteressaw ruħna fihom b'fehma sħiħa, minkejja ċanfir, ingratitudni ħarxa, u minkejja li jidhrilna li m'aħniex nirnexxu. Numru ġmielu minn dawn joħolqu ħidma li ddum sejra għomor ta' bniedem.

Naturalment, ħidma bħal din, imwettqa skond dawn l-ideat, titlob kwalitajiet erojċi u għandna nħarsu lejha b'mod għal kollox sopranaturali. Il-ħlas għal tbatija hekk kbira jinsab filli naraw lil dawk li batejna għalihom fl-aħħar imutu fil-ħbiberija t'Alla. X'ferħ imbagħad li tkun ikkooperajt ma'

"Dak li bis-sabar ta' jiem bla għadd
Għolla mit-tajn għall-ħajja ġens li jfaħħar 'l Alla!"
(Il-Kardinal Newman: *Il-Ħolma ta' Gerontius*).

Tkellimna fit-tul fuq din il-ħidma partikolari għax għandha x'taqsam tassew ma' l-ispirtu kollu tal-Leġjun. Barra minn hekk, fost is-servizzi mogħtija lill-Knisja, hi ta' l-ikbar siwi. Għax hi stqarrija speċjali tal-prinċipju Kattoliku li mqar l-inqas fost il-bnedmin għandhom għalina importanza li m'għandhiex x'taqsam ma' kemm huma jiswew jew kemm jogħġbu lilna: li fihom għandna naraw, inqimu u nħobbu lil Kristu.

Din l-imħabba nipprovaw li hi ġenwina jekk nuruha f'ċirkostanzi diffiċli. Din il-prova essenzjali tikkonsisti filli nħobbu lil dawk li n-natura umana waħedha ġġagħalna ma nħobbuhomx. Hawn għandna l-prova żgura ta' l-imħabba vera u mħabba falza lejn l-umanità. Hi pern tal-fidi, punt kritiku tar-Reliġjon Nisranija, għaliex din il-għamla ta' mħabba assolutament ma tistax teżisti mingħajr l-ideal Kattoliku. L-idea stess tkun ħaġa tal-fantasija jekk nifirduha mill-għeruq li jagħtuha tifsir u ħajja. Kieku l-umanità fiha nfisha kellha tkun il-kriterju li nimxu fuqu, kollox kien jitqies skond kemm jidher li jiswa għall-umanità. Ħaġa li għall-umanità tkun żgur bla siwi, taħt sistemi bħal dawn, loġikament ikollha titqies sewwasew kif jitqies id-dnub fis-sistema Nisranija, fi kliem ieħor, bħala ħaġa li jiġri x'jiġri għandha tinqered.

Dawk li juru l-imħabba Nisranija vera fl-ogħla forom tagħha permezz tas-sagrifiċċji tagħhom u ma jħallux lill-bnedmin jitqarrqu bl-imitazzjoni tagħha, jagħtu lill-Knisja l-ogħla servizz.

"Hi ħaġa iebsa, tgħid inti, li ġġerragħ lil min jagħmel il-ħażen. Iżda sewwasew għal din ir-raġuni għandek b'imħabba tagħti ruħek għalih. L-iskop tiegħek għandu jkun li tbiegħdu mid-drawwiet ħżiena tiegħu, u tmexxih 'il quddiem lejn il-virtù. Iżda, inti twieġeb li hu ma jimpurtahx x'tgħid int, lanqas jagħmel kif tgħidlu. Iżda kif int hekk żgur minn dan? Qatt ħajjartu u ppruvajt tirbħu? Inti twieġeb li sikwit irraġunajt miegħu. Iżda kemm sikwit? Ħafna drabi, tgħid, darba, darbtejn u aktar. U dak tqisu b'sikwit? Kieku kellek tissokta tagħmel dan ħajtek kollha, m'għandek la tnaqqas l-isforzi tiegħek u lanqas taqta' qalbek. Ma tarax kif Alla nnifsu jibqa' jħajjarna permezz tal-Profeti tiegħu, permezz ta' l-Appostli tiegħu, u permezz ta' l-Evanġelisti tiegħu? U x'jirnexxilu jagħmel? L-imġiba tagħna hi dak kollu li għandha tkun? Infittxu li nobduh f'kollox? Jaħasra kemm aħna 'l bogħod milli nagħmlu hekk. Iżda minkejja dan, hu qatt ma jieqaf jiġri warajna bis-sejħat tiegħu. U għaliex? Għaliex m'hemmx ħaġa egħżeż minn ruħ. 'Għax xi jkun jiswielu l-bniedem jekk jikseb id-dinja kollha u mbagħad jitlef ħajtu?' (Mt 16:26)" (San Ġwann Grisostmu).

## 7. ĦIDMIET GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ

"Ġesù kellu għożża kbira u ġenerożità liema bħalha għat-tfal: għalihom refa' l-barka tiegħu u wegħedhom ukoll is-Saltna tas-Smewwiet (ara Mt 19:13-15; Mk 10:14). Ġesù, b'mod speċjali, jgħolli s-sehem attiv li t-tfal għandhom fis-saltna tas-smewwiet. Huma simbolu mill-

aqwa u xbieha mill-isbaħ ta' dawk il-kondizzjonijiet morali u spiritwali li huma meħtieġa biex wieħed jidħol fis-Saltna t'Alla u jgħix ħajja mogħtija kollha kemm hi lil Alla: 'Tassew ngħidilkom, li jekk intom ma terġgħux issiru bħat-tfal iż-żgħar, żgur li ma tidħlux fis-Saltna tas-Smewwiet. U għalhekk l-ikbar wieħed fis-Saltna tas-Smewwiet huwa dak li jċekken lilu nnifsu bħal dan it-tfajjel żgħir. U kull min jilqa' tfajjel bħal dan minħabba f'ismi, ikun jilqa' lili' (Mt 18:3-5; ara Lq 9:48)" (CL 47).

Kieku l-ħarsien taż-żgħażagħ fil-fidi u fl-innoċenza jista' jkun żgurat, kemm ikun glorjuż il-futur! Bħal ġgant li stejqer, il-Knisja, imbagħad, tkun tista' tagħti ruħha għall-missjoni tagħha tal-konverżjoni tad-dinja pagana u ttemmha f'qasir żmien. Kif inhuma l-affarijiet illum, l-akbar sforz tagħha qed imur għall-kura iebsa tal-ġrieħi interni.

Barra minn hekk, hu eħfef li żżomm bniedem bogħod mill-ħażen milli treġġgħu lura għas-sewwa. Il-Leġjun jieħu ħsieb it-tnejn, għax it-tnejn huma vitali. Iżda żgur m'għandux iħalli l-eħfef fost iż-żewġ ħidmiet: dik tal-ħarsien. Ħafna tfal jistgħu jiġu meħlusa mid-diżastru bl-istess ħidma li wara trid issir biex jintrefa' żagħżugħ wieħed li tħassar.

Xi aspetti tal-problema huma dawn li ġejjin:

**1. L-attendenza tat-tfal għall-quddies**

Fi programm ta' ħidma għal-leġjunarji, wieħed isqof qiegħed it-tmexxija ta' kruċjata biex it-tfal jisimgħu l-quddiesa tal-Ħadd bħala l-iktar ħaġa ta' siwi. Sostna li waħda mill-kawżi ewlenin tal-problemi kollha li jinqalgħu aktar il-quddiem hi li t-tfal ma jmorrux dejjem għall-quddies. Żjara nhar ta' Ħadd filgħodu fid-djar tat-tfal (li l-ismijiet tagħhom jinġabru mir-reġistri ta' l-iskola, eċċ.) tkun ta' siwi kbir ħafna.

Waqt li qegħdin fuq dan is-suġġett, għandna niftakru li huwa rari li t-tfal ikunu ħżiena minnhom infushom. Fejn insibuhom jonqsu f'dan id-dmir Kattoliku elementari nistgħu nkunu żguri li huma vittmi ta' l-indifferenza u l-eżempju ħażin tal-ġenituri tagħhom, u l-appostolat leġjunarju għandu jitwettaq b'dan il-gwaj ieħor quddiem għajnejh.

Fil-każ ta' tfal, aktar minn ta' bnedmin oħra, żjajjar ta' meta jfettlilna jew li ma jibqgħux sejrin fit-tul iħallu ftit frott jew xejn.

**2. Iż-żjajjar lid-djar tat-tfal**

Dwar iż-żjajjar tat-tfal fi djarhom stess, nisħqu fuq konside-

razzjoni importanti. Din hi li d-dħul ġo familji li għal ħafna raġunijiet ma jistax isir minn ħaddiema ta' l-appostolat, iseħħ malajr meta bi skop ċar tiegħu jkollu l-kuntatt mat-tfal ta' dik il-familja. Għax hu fatt ġej mill-imġieba naturali tal-ġenituri lejn uliedhom, li ż-żelu għal uliedhom jiġi qabel iż-żelu għalihom infushom. Ġeneralment il-ġenituri jieħdu ħsieb l-interessi ta' wliedhom imqar jekk ma jkun jimpurtahom xejn minnhom infushom. B'xi mod, anki l-iktar qalb iebsa tirtab meta taħseb f'uliedha. Xi nies jistgħu jkunu mejta għar-reliġjon, iżda xi tqanqil fil-fond ta' qalbhom iġagħalhom ma jixtiqux l-istess xorti lil uliedhom, u bla ma jafu kif, jifirħu meta jilmħu ċ-ċaqliq tal-grazzja f'uliedhom. Minn dan jiġi li dak li b'manjieri ħżiena, u bi vjolenza wkoll, ikeċċi lil dawk li jersqu lejh għal xi missjoni spiritwali, ma jfixkilx lill-istess ħaddiema meta l-missjoni tagħhom hi għal uliedu.

Meta jitħallew jidħlu fid-dar, leġjunarji ta' ħila jafu kif għandhom iġiegħlu lill-membri kollha tal-familja jħossu l-qawwa ta' l-appostolat tagħhom. Interess sinċier f'uliedhom is-soltu jħalli impressjoni tajba fuq il-ġenituri. Dan nistgħu ninqdew bih b'mod għaqli biex inrawmu fil-kbar iż-żerriegħa tas-sopranaturali ħalli kif it-tfal kienu l-muftieħ tad-dar tal-ġenituri tagħhom, huma jsiru wkoll il-muftieħ ta' qalbhom, u fl-aħħar ta' ruħhom.

### 3. It-tagħlim tad-Duttrina lit-tfal

Ma' din il-ħidma ta' l-ikbar siwi għandhom jiżdiedu ż-żjajjar fid-djar tat-tfal li l-attendenza tagħhom mhijiex sodisfaċenti, jew biex nuru interess personali fit-tfal u nagħmlu kuntatt mal-membri l-oħra tal-familja. Waqt li qegħdin fuq dan is-suġġett nosservaw li l-Leġjun jista' jaqdi l-iskop ta' fergħa lokali tal-Konfraternità tad-Duttrina Nisranija (ara l-appendiċi 8).

L-eżempju li ġej juri kemm ħalliet frott is-sistema tal-Leġjun fil-klassijiet tal-katekiżmu ta' nhar ta' Ħadd f'parroċċa kbira. Minkejja l-isforzi mħeġġa tas-saċerdoti anki b'appelli minn fuq l-altar, l-attendenza tat-tfal kienet niżlet bejn wieħed u ieħor għal ħamsin. F'dan iż-żmien twaqqaf praesidium li mal-ħidma tat-tagħlim żied iż-żjajjar fid-djar tat-tfal. Kienet biżżejjed ħidma ta' sena biex l-attendenza fil-klassijiet telgħet bejn wieħed u ieħor għal 600. U dan in-numru tal-għaġeb ma jiġborx fih il-ġid spiritwali li sar lil numru kbir ta' nies bla kont li kienu qraba tat-tfal.

Fil-ħidmiet kollha, il-ħsieb ewlieni tal-leġjunarju għandu jkun:

"Kif kienet tqis u timxi ma' dawn uliedha Marija?" F'din il-ħidma, iktar minn f'ħidmiet oħra, dak il-ħsieb għandu jkun dejjem quddiemna. Hemm tendenza naturali li mat-tfal nitilfu l-paċenzja. Iżda nuqqas agħar ikun li nagħtu lil dan it-tagħlim ton ta' sempliċi ħidma profana, b'mod li dawn il-klassijiet jitqiesu mit-tfal bħala sigħat oħra ta' skola. Jekk jiġri dan, disgħin fil-mija talħsad jispiċċa biex jintilef. Għalhekk aħseb għal darb'oħra: "Kif kienet kieku Omm Ġesù tgħallem lil dawn it-tfal li f'kull wieħed minnhom tara lill-Maħbub tagħha?"

Fil-każ tat-tfal, it-tagħlim bl-amment u l-mezzi awdjoviżivi huma importanti. Tinħtieġ ukoll attenzjoni speċjali l-għażla talmaterjal li wieħed juża, li għandu jkun jaqbel f'kollox mat-tagħlim tal-Knisja.

Hemm indulġenza parzjali għal min jgħallem id-duttrina kif ukoll għal min jirċievi dak it-tagħlim (EI 20).

### 4. L-iskola mhux Kattolika jew ta' l-istat

Il-ħajja ta' tifel li ma jmurx fi skola Kattolika hi waħda ta' kriżi kontinwa, u nistgħu nsibuha ħaġa tqila li ma nħalluhiex issir iktar tard waħda mill-problemi l-kbar. Il-Leġjun jieħu f'idejh u jwettaq b'ħiltu kollha dawk ir-rimedji li l-awtoritajiet tal-Knisja jkunu approvaw għal kull post.

### 5. Gruppi għaż-żgħażagħ

Għal tfal li jmorru fi skejjel tajbin, il-kriżi tiġi meta jaslu f'età li joħorġu mill-iskola. F'dik l-età huma jinqatgħu mill-iskola blinfluwenzi tajba tagħha, bit-trażżin u l-ħarsien tagħha u bil-prekawzjonijiet sħaħ tagħha. Xi drabi kienu jiddependu għal kollox minn dawk l-għajnuniet minħabba li fi djarhom ma kellhomx influwenzi ta' reliġjon u ta' kontroll.

Il-problema tkompli tikber billi huma ma jibqgħux taħt dawn l-influwenzi tajbin proprju f'età meta jkollhom diffikultajiet morali kbar, u sfortunatament ukoll f'età meta dawk iż-żgħażagħ ma jibqgħux iktar tfal u lanqas ma jkunu saru kbar. Naturalment huwa diffiċli taħseb biżżejjed minn qabel għal din l-età ta' bidla, u minħabba f'hekk wieħed jispiċċa ma jagħmel xejn. Imbagħad meta jgħaddi dak iż-żmien ta' bidla, u s-sistema ta' adulti maturi tistedinhom għal ħdanha, dan aktarx ikun għalxejn. Ikunu diġà daqu s-seħer perikoluż tal-libertà.

Għalhekk il-kontroll li jkun hemm fl-iskola jinħtieġ li jitkompla

sa ċertu punt meta dawk it-tfal joħorġu minnha. Metodu rrikkmandat hu li taħt il-ħarsien tal-Leġjun, jitwaqqfu gruppi għażżgħażagħ, jew għall-inqas sezzjonijiet għaż-żgħażagħ fis-soċjetajiet li jkun hemm. Qabel ma t-tfal jaslu biex jitilqu mill-iskola, l-awtoritajiet jgħaddu l-ismijiet ta' dawn it-tfal lil-leġjunarji. Dawn imbagħad iżuru d-djar tagħhom biex isiru jafuhom u jipperswaduhom jidħlu fil-grupp. Lit-tfal li jibqgħu ma jidħlux f'dan il-grupp kif ukoll dawk li ma jattendux regolarment għandhom isirulhom żjajjar speċjali.

Kull leġjunarju għandu jingħata numru ta' membri żgħażagħ tal-grupp li tagħhom hu jidħol responsabbli. Qabel kull laqgħa l-leġjunarju jmur għand dawk il-membri biex ifakkarhom fiddmir li għandhom li jattendu. Irtir, jekk jista' jkun bil-magħluq, u xi divertiment flimkien darba fis-sena għandhom jifformaw parti minn dik is-sistema.

M'hemmx mezz aħjar, anzi m'hemmx mezz aktar dirett, biex niżguraw li ż-żgħażagħ fiż-żmien ta' wara l-iskola jersqu għassagramenti regolarment.

Il-każi ta' żgħażagħ li joħorġu minn ċentri korrettivi jew minn orfanatrofji jinħtieġu attenzjoni speċjali fuq l-istess linja. Mindaqqiet dawn iż-żgħażagħ huma mingħajr ġenituri; mindaqqiet huma vittmi ta' ġenituri ħżiena.

**6. It-tmexxija ta' ċentri għat-tfal, gruppi ta' Scouts u ta' Girl Guides, sezzjonijiet taż-Żgħażagħ Ħaddiema Nsara, klassijiet tal-ħjata, fergħat tas-Sant'Infanzja, eċċ.**

Dawn aktarx isiru bħala twettiq ta' l-obbligu ta' ħidma ta' xi membri tal-praesidium milli bħala ħidma tal-praesidium kollu. Iżda jkun għal kollox floku li l-praesidium jagħti ruħu biss għattwettiq ta' xi ħidma speċjali bħal dawk imsemmija. Iżda f'dan il-każ għandna nifhmu li l-praesidium jagħmel laqgħa għaliha u mmexxija għal kollox skond ir-regola. Ma jpattix għal-laqgħa jekk, kif xi ħadd issuġġerixxa, il-membri, bħala parti mill-ħidma speċjali tagħhom ta' filgħaxija, jiltaqgħu flimkien biex jgħidu t-talb, jaqraw il-minuti u jagħtu bil-għaġla xi rapporti. B'dan il-mod forsi jitħares l-essenzjal tal-laqgħa, iżda jekk wieħed jaqra l-kapitlu 11 dwar *Il-Pjan tal-Leġjun* jara kemm ftit jidher mill-ispirtu tar-regola f'dan il-metodu.

Hi x-xewqa tal-Leġjun li waqt kull sessjoni ta' ħidma speċjali taħt il-kontroll tal-Leġjun, it-talb tal-Leġjun jingħad fil-bidu, fin-

nofs u fl-għeluq. Jekk ma jkunx possibbli li ndaħħlu r-rużarju, għall-inqas għandu jingħad il-bqija tat-talb tat-tessera.

**7. Formola leġjunarja għaż-żgħażagħ**

Jidher li jinħtieġ nagħtu xi prinċipji li jmexxu lil-leġjunarji li qegħdin jieħdu ħsieb ta' clubs jew gruppi ta' żgħażagħ. Ġeneralment il-metodi li jintużaw jiddependu għal kollox mill-individwi li jieħdu ħsieb dawn il-gruppi. Għalhekk insibu numru kbir ta' sistemi li jvarjaw minn dawk b'laqgħa kuljum sa dawk b'laqgħa fil-ġimgħa u minn dawk li fihom divertiment jew tagħlim tekniku biss sa dawk li fihom reliġjon biss. Naturalment dawn is-sistemi differenti jagħtu riżultati differenti, u mhux dejjem għall-aħjar. Per eżempju, divertiment biss huwa taħriġ dubbjuż għaż-żgħażagħ, anki jekk naħsbu li 'jżommhom bogħod mill-għawġ'. "Xogħol dejjem u logħob qatt jagħmel lit-tifel skantat," jgħid proverbju Ingliż magħruf sewwa. Iżda xi ħadd moħħu jilħaqlu żied qawl ieħor ma' dan li hu aktar veru: "Logħob dejjem u xogħol qatt jagħmel lit-tifel sfrattat."

Is-sistema tal-praesidium uriet li hi forma tajba għal kull tip ta' nies u ta' ħidma. Nistgħu noħolqu sistema tixbah lil dik tal-praesidium, sempliċi u uniformi, li wieħed jista' jħaddem għaż-żgħażagħ in ġenerali?

Xi esperimenti għallmuna li pjan fuq il-linji li ġejjin jaħdem mhux ħażin, u l-praesidia li jmexxu gruppi ta' żgħażagħ huma mħeġġa jippruvawh:

1. L-akbar età 21 sena; m'hemmx età minima; il-firda skond l-età hi mixtieqa.

2. Kull membru għandu jattendi regolarment għal-laqgħa ta' darba fil-ġimgħa. Jekk grupp jiltaqa' iktar minn darba fil-ġimgħa, mhux bilfors li wieħed jimxi fuq dawn ir-regoli fil-laqgħat l-oħra.

3. Kull membru għandu jgħid kuljum il-Catena Legionis.

4. Fil-laqgħa ta' kull ġimgħa għandu jintrama l-altar tal-Leġjun jew fuq mejda, bħal fil-każ tal-laqgħa tal-praesidium, jew għalih, jew fil-għoli biex ikun fis-sod.

5. F'kull laqgħa għandu jingħad it-talb tal-Leġjun bir-rużarju, imqassam kif isir fil-laqgħa tal-praesidium.

6. It-tul tal-laqgħa kollha m'għandux ikun inqas minn siegħa u nofs, iżda jista' jkun itwal.

7. Mhux inqas minn nofs siegħa għandha tingħata għax-xogħol meħtieġ u għat-tagħlim. Il-bqija tal-ħin jista' jintuża għar-

rikreazzjoni. B'"xogħol" nifhmu l-amministrazzjoni li naturalment iġġib magħha t-tmexxija ta' ċerti gruppi, ngħidu aħna, ta' każin tal-football jew sport ieħor, eċċ. B'"tagħlim" nifhmu kull xorta ta' taħriġ jew tagħlim edukattiv, reliġjuż jew profan, li jingħata.

8. Kull membru għandu jitqarben għall-inqas darba fix-xahar.

9. Il-membri għandhom jiġu mħajrin jidħlu membri awżiljarji tal-Leġjun, u wieħed għandu jdaħħlilhom f'moħħhom l-idea ta' servizz lill-proxxmu u lill-komunità.

"Faċli li nitkellmu fit-tul fuq il-ħafna tagħlimiet li nistgħu nieħdu mill-ħajja attiva ta' San Ġwann Bosco. Nagħżel waħda biss għas-siwi kbir u dejjiemi tagħha, jiġifieri dwar x'kien jidhirlu mir-relazzjonijiet li għandu jkun hemm bejn dawk li jgħallmu u dawk li jitgħallmu, superjuri u sudditi, għalliema u studenti fi skola jew kulleġġ jew seminarju. Kien bir-raġun jistmerr għall-aħħar dak il-qtugħ mis-sudditi, is-separazzjoni mill-oħrajn, iż-żamma ta' dinjità eżaġerata, li mindaqqiet bi prinċipju, mindaqqiet minħabba nuqqas ta' ħsieb, mindaqqiet minħabba sempliċi egoiżmu, iżomm lis-superjuri u l-għalliema maqtugħin għalihom hekk li dawk li Alla fdalhom biex iħarrġuhom u jifformawhom bilkemm ikunu jistgħu jersqu lejhom. San Ġwann Bosco qatt ma nesa l-kliem: 'Qegħduk f'ras il-mejda? Tintefaħx! Kun magħhom bħallikieku wieħed minnhom; aħseb fihom' (Sir 32:1)" (Il-Kardinal Bourne).

## 8. IL-BOOK-BARROW

Il-leġjunarji jistgħu jieħdu ħsieb ta' book-barrow jew librerija li tinġarr f'post pubbliku, l-aħjar fi triq minn fejn jgħaddu ħafna nies, jew fil-viċin. L-esperjenza wriet is-siwi tassew kbir ta' din bħala ħidma leġjunarja. M'hemmx mezz iktar ta' siwi biex jitwettaq appostolat sħiħ għat-tajbin, għall-berdin u għall-ħżiena, jew biex il-Knisja titqiegħed quddiem l-għajnejn ta' ħafna li ma jaħsbux fuq affarijiet spiritwali. Għalhekk il-Leġjun jixtieq bil-ħerqa li f'kull ċentru kbir ikun hemm għall-inqas waħda minn dawn.

Din għandha tkun magħmula b'mod li turi l-ikbar numru possibbli ta' kotba. Għandu jkollha ħażna sewwa ta' pubblikazzjonijiet reliġjużi li ma jiswewx wisq flus. Dawk li jieħdu ħsiebha għandhom ikunu leġjunarji.

Barra minn dawk li jiġu jaraw x'fiha bl-iskop li jixtru, din tiġbed

lejha kull xorta ta' nies: Kattoliċi xewqanin li jitkellmu ma' nies ta' l-istess reliġjon tagħhom; nies li ma jħabblux rashom u nies indifferenti li jersqu bil-ħsieb biss li jqattgħu ż-żmien jew għax imqanqlin mill-kurżità; nies b'nofs ħajra li huma barra mill-Knisja u li ma jixtiqux ikollhom x'jaqsmu magħha iktar direttament minn hekk. Dawn kollha jitħajru jitkellmu mal-leġjunarji inkarigati mill-kotba jekk il-membri jkunu ġentili magħhom u jisimgħuhom. Dawn għandhom ikunu mħarrġin iqisu kull mistoqsija u kull xiri ta' xi ħaġa bħala stedina biex jibdew kuntatt ta' ħbiberija. Dan il-kuntatt għandu jservi biex lil dawk li jiltaqgħu magħhom imexxuhom lejn ħsieb u għemil ta' ħajja aħjar. Il-Kattoliċi jiġu mħajra jissieħbu f'"xi ħaġa Kattolika." Dawk li m'humiex Kattoliċi tingħatalhom għajnuna biex jifhmu aħjar il-Knisja. Fi tmiem il-kuntatt wieħed jitlaq bil-fehma li jrid iħaddan il-prattika tal-quddiesa bit-tqarbin ta' kuljum; ieħor irid isir leġjunarju attiv jew awżiljarju, jew jidħol fil-patrizji; it-tielet irid jagħmel paċi m'Alla; ieħor biż-żerriegħa tal-konverżjoni f'qalbu. Dawk li jżuru l-belt jieħdu interess fil-Leġjun (li forsi ma kinux isiru jafu bih li ma kienx għall-book-barrow) u jistgħu jitħajru jwaqqfuh fejn joqogħdu huma.

Iżda l-leġjunarji m'għandhomx jibqgħu jistennew li n-nies tersaq lejn il-book-barrow. M'għandhomx jibqgħu lura milli jersqu huma lejn in-nies fil-qrib, mhux bilfors biex ibiegħu aktar kotba, iżda biex joħolqu kuntatt, li jista' jintuża kif ġie mfisser fil-paragrafu ta' qabel.

M'hemmx għalfejn infakkru lil-leġjunarji li parti essenzjali ta' din il-ħidma hi li għandhom ikomplu jieħdu interess f'dawk li jsiru jafu permezz ta' dan ix-xogħol u fil-ħbiberiji li nbdew.

Il-proposta biex jinbeda dan ix-xogħol dejjem iġġib magħha l-oġġezzjoni li jinħtieġu Kattoliċi mħarrġin sewwa biex jidħlu għalih, u minn dawn ma ssibx. Tassew li tagħlim speċjali tad-duttrina Kattolika jkun ta' siwi kbir. Iżda n-nuqqas ta' dan m'għandux iżomm lil-leġjunarji li ma jibdewx, għax l-aktar ħaġa importanti hi l-ġibda personali. Kif jgħid il-Kardinal Newman: "In-nies jinfluwenzawna, l-ilħna jħolluna, il-ħars jaħkimna, l-għemejjel iħeġġuna. Ħafna persuni jgħixu u jmutu għall-prinċipju: l-ebda bniedem ma jmut martri għal teorija." F'kelma waħda, il-ħeġġa u l-ħlewwa jiswew aktar minn għerf profond. Dan ta' l-aħħar aktarx iħajjar il-moħħ lejn baħar fond u triqat imgħawġin li ma jwasslu mkien, waqt li stqarrija sinċiera: 'ma nafx, iżda nipprova nitkixxef', iżżomm id-diskussjoni fuq pedamenti sodi.

Insibu li l-biċċa l-kbira tad-diffikultajiet li nisimgħu jiġu minn injoranza kbira, u li leġjunarju ordinarju hu kapaċi biżżejjed biex iwieġeb għalihom. Diffikultajiet inqas ħfief jittieħdu lill-praesidium jew lid-direttur spiritwali.

Attakki kontra l-Knisja dwar imġiba ħażina, persekuzzjoni, u nuqqas ta' żelu nistgħu niddiskutu fuqhom bla ma nispiċċaw qatt, bla tama li nsibu tweġiba li tissodisfa lil kulħadd. Jista' jkun hemm xi ftit tal-verità f'uħud mill-akkużi, u b'hekk it-taħwid ikompli jikber. Hu għal kollox impossibbli, anki jekk wieħed ikun jaf ħafna, li tissodisfa lil min jikkritika fuq dawn, u punti oħra żgħar. Dak li l-leġjunarju għandu jagħmel hu li jfittex li jressaq dejjem id-diskussjoni lejn il-punti l-aktar sempliċi tagħha: jinsisti li Alla żgur ħalla xi messaġġ lid-dinja. Din il-bnedmin isejħulha reliġjon. Ir-reliġjon, bħala l-leħen t'Alla, għandha bilfors tkun waħda ċara, dejjem xorta, ma tiżbaljax, u għandu jkollha l-awtorità divina.

Dawn il-karatteristiċi wieħed isibhom biss fil-Knisja Kattolika. M'hemm l-ebda korp jew sistema oħra li biss tippretendi li għandha dawn il-karatteristiċi. Barra mill-Knisja nsibu biss kontradizzjoni u taħwid, b'mod li kif jgħid il-Kardinal Newman bi kliem ta' qawwa li tfarrak: "Jew ir-Reliġjon Kattolika hi tassew il-miġja tad-dinja li ma tidhirx fid-dinja tagħna, jew li xejn m'hemm pożittiv, xejn dommattiku 'l fejn sejrin."

Għandu jkun hemm Knisja vera. Knisja vera waħda biss jista' jkun hemm. Fejn hi din, jekk mhijiex il-Knisja Kattolika? Bħal daqqiet mogħtija dejjem fuq l-istess post, din il-linja sempliċi li biha nersqu lejn il-verità għandha effett tal-għaġeb. Il-qawwa tagħha tidher lil min hu sempliċi. Min hu għaref ma jsibx tweġiba għaliha f'qalbu għalkemm jista' jkompli jitkellem dwar id-dnubiet tal-Knisja. Fakkar lil dan bi ftit kliem iżda bil-ħlewwa, li l-provi tiegħu jipprovaw iktar milli jaħseb hu. L-oġġezzjonijiet tiegħu jgħoddu kontra kull sistema reliġjuża oħra għall-inqas daqskemm jgħoddu kontra l-Knisja Kattolika. Kieku jista' jipprova li l-Knisja hi falza billi jipprova li l-ministri tagħha żbaljaw, b'hekk ikun irnexxielu jipprova biss li fid-dinja ma hemm ebda reliġjon vera.

Spiċċa ż-żmien meta Protestant kien jippretendi li s-setta partikolari tiegħu biss kellha l-verità. Illum jgħid b'mod aktar umli li l-Knejjes kollha għandhom biċċa jew aspett tal-verità. Iżda biċċa mhijiex biżżejjed. Dik il-pretensjoni qisha stqarrija li

m'hawnx verità li nafu biha u li m'hemmx triq biex insibuha. Għax jekk Knisja għandha xi tagħlim li hu veru u għalhekk ieħor li hu falz, kif sejrin nagħrfu l-veru mill-falz? Meta nagħżlu, nistgħu nieħdu dak li hu falz! Għalhekk il-Knisja li tgħid fuq it-tagħlim tagħha: "Xi ħaġa minn dan hi vera" mhijiex t'għajnuna, mhijiex gwida għat-triq. Biha u mingħajrha xorta waħda.

Għalhekk ejjew intennu l-argument sakemm jidħol f'moħħhom: Knisja vera waħda biss jista' jkun hemm; Knisja li ma tistax tikkontradixxi ruħha; li għandu jkollha l-verità kollha, u tkun tista' tgħid x'differenza tgħaddi bejn dak li hu veru u dak li hu falz.

"Id-dinja ma tistax issib min jgħinha aktar qawwi minnek. Id-dinja għandha l-appostli, il-profeti, il-martri, il-konfessuri, il-verġni, qlub tajba li lilhom nitlob. Iżda inti, Sultana tiegħi, inti ogħla minn dawn l-intercessuri. Dak li huma kollha jistgħu jagħmlu miegħek, inti waħdek tista' tagħmlu mingħajrhom. U għaliex? Għax inti Omm il-Feddej tagħna. Jekk inti tiskot, ħadd ma jitlob, ħadd ma jiġi jgħinna. Jekk inti titlob, kulħadd jitlob, kulħadd jgħin" (Sant'Anselmu: *Oratio Eccl.*).

## 9. KUNTATT MAL-FOLLA

L-appostolat għandu l-għan li jwassal l-għana kollu tal-Knisja lil kull persuna. Il-bażi ta' din il-ħidma għandha tkun l-influwenza individwali u perseveranti ta' ruħ ħerqana fuq ruħ oħra, dik li nsejħulha bl-isem tekniku ta' "kuntatt." Aktar ma jiddgħajjef il-"kuntatt" personali aktar tiddgħajjef l-influwenza vera. Aktar ma n-nies isiru folla, aktar jistgħu jaħarbulna. Jista' jiġri li nħallu l-folla tbegħidna mill-persuna. Kull folla hi magħmula minn individwi li kull wieħed minnhom jirrappreżenta ruħ ta' siwi bla qies. Kull membru ta' dik il-folla għandu l-ħajja privata tiegħu jew tagħha, imma ħafna mill-ħin tagħhom jgħadduh f'xi tip ta' folla: fit-triq jew miġbura flimkien f'xi post. Aħna rridu nbiddlu dawk il-folol f'individwi biex hekk inkunu nistgħu nagħmlu kuntatt ma' ruħhom. Kemm tħares bil-ħerqa l-Verġni Mbierka lejn dawk il-folol! Hija l-Omm ta' kull ruħ individwali miġbura fihom. Żgur li tinsab imħassba fuq il-ħtiġijiet tagħhom, u żgur qalbha hija mxennqa biex xi ħadd jgħinha fil-ħidma tagħha li tieħu ħsiebhom bħala omm.

Diġà ntwera s-siwi ta' book-barrow f'post pubbliku; iżda jista'

jsir ukoll appostolat ġenerali mal-folla bħala ħidma għaliha. Jekk nersqu lejn in-nies u nitolbuhom bl-edukazzjoni biex inkellmuhom fuq il-fidi, nistgħu naslu biex nagħmlu kuntatti li jħallu l-frott. Dan jista' jsir fit-toroq, fil-ġonna, fil-ħwienet, ħdejn l-istazzjonijiet tal-ferrovija u tal-karozzi tal-linja u f'postijiet pubbliċi oħra fejn jinġabru n-nies. L-esperjenza turina li meta wieħed jersaq lejn in-nies bil-mod imsemmi, ġeneralment jiġi milqugħ tajjeb. Il-leġjunarji li jidħlu għal dan ix-xogħol għandhom jiftakru li l-mezzi tal-kuntatt tagħhom huma l-kliem u l-manjieri li jużaw. Għalhekk għandhom juru moderazzjoni u rispett. Fid-diskussjoni m'għandhom jgħidu l-ebda kelma li biha jagħtu l-impressjoni li qegħdin jiġġieldu mal-persuna l-oħra, ebda ħaġa li biha jidhru li qegħdin jippridkawlhom jew jiddettawlhom, ebda ħaġa li biha juru li huma b'xi mod superjuri. Għandhom jemmnu bil-qawwa kollha li Marija, Sultana ta' l-Appostli, issaħħaħ anki l-aktar kelma dgħajfa tagħhom u li hija ħerqana bla tarf biex tagħmel li l-appostolat tagħhom jagħti l-frott.

## 10. ĦIDMA GĦALL-KATTOLIĊI LI JAĦDMU FIL-FAMILJI

Din tista' titwettaq bħala parti mill-ħidma taż-żjajjar, jew bħala ħidma speċjali għaliha. Mitfugħin sikwit fi ħdan familji bierda jew kontra l-fidi, meqjusin bħala sempliċi magni, iżolati, sikwit ikunu emigranti jew immigranti, mingħajr ħbieb u f'qagħda li jsiru midħla ta' nies li jiltaqgħu magħhom b'kumbinazzjoni, aktarx b'periklu kbir għalihom, dawk il-Kattoliċi li jaħdmu fil-familji għandhom bżonn min jieħu ħsiebhom u jgħinhom b'mod speċjali. Il-kuntatt li jsir magħhom huwa appostolat ta' min ifaħħru.

Għalihom, iż-żjajjar regolari ta' leġjunarji li jħabirku għall-ġid tagħhom huma bħal raġġi ta' dawl. Ġeneralment l-iskop ikun li jwassluhom jidħlu membri ta' xi soċjetà jew każin Kattoliku, jiltaqgħu ma' ħbieb bil-għaqal, u forsi f'ħafna każi jidħlu membri fil-Leġjun. Din il-ħidma tgħin biex ħafna jaqbdu mogħdijiet ġodda u iktar hienja li jwasslu għall-ħarsien u l-qdusija tagħhom.

"Ma' l-ewwel daqqa t'għajn żgur konna nistennew li l-Omm kbira t'Alla f'din il-ħajja stess kellha tirċievi glorja u dinjità kbira. Imma kemm kien xort'oħra dak li l-Providenza t'Alla għamlet fir-realtà! Insibu lil Marija fid-dar tagħha fqira taqdi dmirijiet umli tad-dar: tiknes, taħsel il-ħwejjeġ, issajjar, ġejja u sejra mill-bir b'ġarra fuq rasha, u medhija

f'dik l-għamla ta' xogħol li, minkejja l-eżempju ta' Ġesù, Marija u Ġużeppi, aħna nissugraw insejħulu baxx. Idejn Marija żgur kienu ħomor u xierfa bix-xogħol; hi kienet sikwit taħdem ħafna u tkun għajjiena; it-taqtigħ ta' qalb tagħha kien bħal dak ta' mara ta' ħaddiem" (Vassall-Phillips: *L-Omm ta' Kristu*).

## 11. ĦIDMA GĦAN-NIES LI JAĦDMU FIS-SERVIZZI U NIES LI MA JGĦIXUX F'POST FISS

Iċ-ċirkostanzi tal-ħajja ta' dawn in-nies iwassluhom biex jittraskuraw ir-reliġjon u jesponuhom għal ħafna perikli. Għalhekk l-appostolat fosthom hu mixtieq doppjament.

1. Id-dħul fil-kwartieri militari mhux dejjem jista' jkun ħaġa ħafifa għal nies li mhumiex fis-servizz. Ħidma ta' siwi fost is-suldati għalhekk tista' titlob it-twaqqif ta' praesidia magħmula minnhom stess. Dan ġa sar f'ħafna postijiet b'suċċess tassew kbir.

2. Ħidma għall-baħħâra titlob li jsiru żjajjar fuq il-vapuri u li jitwaqqfu diversi faċilitajiet fuq l-art. Il-praesidia li jidħlu għal din il-ħidma għandhom jissieħbu mal-għaqda internazzjonali li hemm għal dan l-iskop, l-Apostolatus Maris, li għandha fergħat fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi tal-baħar.

3. Il-leġjunarji għandhom juru rispett mill-ikbar għad-dixxiplina militari jew navali. Għemilhom m'għandu qatt imur kontra r-regolamenti jew id-drawwiet tal-militar. Fil-fatt għandhom ifittxu li jwasslu lil dawn biex jgħidu bla tlaqliq li dan l-appostolat jagħmel ġid lin-nies tagħhom f'kollox u hu ta' ġid għal dawk is-servizzi stess u li, aktar minn ġid, hu ħtieġa pożittiva.

4. Nies li jivvjaġġaw, iż-żingari u n-nies taċ-ċirku huma fost in-nies li ma jgħixux f'post fiss li għandhom jinġiebu fi ħdan l-appostolat leġjunarju. L-immigranti u r-rifuġjati wkoll għandhom ikunu l-mira ta' dan l-appostolat.

"Fost it-tibdil kbir li qiegħed iseħħ fid-dinja ta' llum, l-emigrazzjoni ħolqot fenomenu ġdid: nies li mhumiex Insara qegħdin isiru numerużi ħafna f'pajjiżi bi tradizzjoni Nisranija. Din is-sitwazzjoni qed toħloq opportunitajiet ġodda ta' kuntatti u ta' bdil kulturali, u tħeġġeġ lill-Knisja biex timpenja ruħha ħalli tilqagħhom, tkellimhom, tgħinhom u, f'kelma waħda, turihom fraternità. Fost l-emigranti, ir-rifuġjati għandhom post speċjali u ħaqqhom l-akbar attenzjoni. Illum hawn ħafna

miljuni ta' rifuġjati fid-dinja, u n-numru tagħhom dejjem qed jiżdied. Dawn ikunu ħarbu minn qagħda ta' moħqrija politika, minn qagħda ta' miżerja li ma tixraqx lill-bniedem, minn qagħda l-aktar traġika ta' nuqqas kbir ta' ikel u ilma. Il-Knisja għandha tilqa' lil dawn in-nies fil-qasam tal-ħidma pastorali tagħha" (RM 37b).

## 12. IT-TIXRID TA' LETTERATURA KATTOLIKA

Il-ħajja ta' ħafna bnedmin, bħal Santu Wistin ta' Ippona u Sant' Injazju ta' Loyola, turina li kotba importanti li qraw fuq rakkomandazzjoni ta' nies li huma kellhom fiduċja fihom kienu l-mezz li wassalhom biex jagħmlu ħwejjeġ akbar. It-tixrid tal-qari Kattoliku hu mezz mill-aqwa biex isiru kuntatti spiritwali ma' varjetà kbira ta' nies, u wieħed imbagħad jista' jitkellem magħhom fuq punti tal-Fidi Kattolika. Jekk it-tagħlim reliġjuż ma jibqax sejjer, l-adulti li llum qegħdin jgħixu f'dinja sekularizzata jkunu fi żvantaġġ kbir. Il-Knisja tgħallimhom stil ta' ħajja u huma jgħixu f'dinja li għandha valuri differenti. Il-leħen tad-dinja jinstama' aktar minn dak tal-Knisja. Dan l-iżbilanċ għandu jiġi rranġat. L-obbligu tan-Nisrani hu li jirbaħ id-dinja għal Kristu. Dan jitlob li aħna jkollna l-attitudni u l-valuri t-tajbin — dawk li huma Nsara.

Mingħajr ma wieħed inaqqas is-siwi tal-mezzi l-oħra tal-komunikazzjoni, il-qari b'attenzjoni, jiġifieri qari biex wieħed jitgħallem, huwa għajn qawwija ta' ideat li jinfluwenzawna. Ftit qari li jsir regolarment ikun wisq aktar t'għajnuna minn ħafna qari magħmul darba fil meta wieħed ikollu l-aptit. Hi problema kbira li tħajjar in-nies jaqraw kotba reliġjużi. Irridu noħolqu fihom interess għal kotba reliġjużi, u biex dak l-interess ma jtirx marriħ, irid ikun faċli għalihom li jsibu kotba bħal dawn. Hawnhekk jinsab kamp t'appostolat fejn il-Kattoliku jista' jaħdem.

Minbarra l-kotba u fuljetti reliġjużi, insibu wkoll gazzetti u rivisti Kattoliċi li l-iskop tagħhom huwa

1. li jirrapportaw b'mod oġġettiv dak li jkun qed jiġri fid-dinja u jagħmlu analiżi serja ta' dawn il-ġrajjiet;
2. li jikkoreġu ideat mgħawġin jew skiet dwarhom li jsir bi skop;
3. li jikkummentaw u jiggwidaw dwar dak li jkun qed jidher fil-mezzi tal-komunikazzjoni;
4. li jagħtu sens ta' sodisfazzjon u jqawwu l-interess f'dak li jkun qed jiġri fil-Knisja Universali; u

5. li jkabbru l-ġibda għall-qari li l-aktar jiswa.

Minbarra l-kelma stampata, il-materjal awdjoviżiv huwa importanti ħafna fil-ħidma biex wieħed jgħaddi l-Fidi lill-oħrajn.

Qabel ma wieħed juża xi materjal dwar ir-reliġjon, hemm dejjem il-ħtieġa li jikkonferma ma' xi awtorità kompetenti li dak il-materjal jaqbel tassew mat-tagħlim tal-Knisja. Pubblikazzjonijiet li jsejħu lilhom infushom Kattoliċi għandu tassew ikun jisthoqqilhom dan l-isem. "Mhuwiex l-isem li joħloq il-fiduċja fil-ħaġa, iżda l-ħaġa li toħloq il-fiduċja fl-isem" (San Ġwann Grisostmu).

Fost il-metodi tajbin li nużaw biex inxerrdu l-qari Kattoliku insibu dawn li ġejjin:

1. li nagħmlu żjarat dar, dar, għall-abbonamenti;
2. li nwasslu fid-djar gazzetti jew rivisti;
3. li mmexxu librerija jew kiosk tal-Knisja;
4. li mmexxu f'post pubbliku book-barrow jew librerija li tinġarr;
5. li nużaw il-Patrizji biex inħajru għal aktar qari marbut massuġġett diskuss.

Il-kotba għandhom jitqiegħdu b'mod li jolqtu l-għajn, u jinżammu bl-ordni. Meta nagħmlu reklam għall-Knisja Kattolika mhemmx post għal mezzi ta' nofs kedda.

Waqt iż-żjajjar fid-djar li l-leġjunarji jagħmlu biex iqassmu l-qari Kattoliku huma għandhom jipprovaw jinfluwenzaw għall-ġid lil kull membru tal-familja.

"Marija hi l-imsieħba li ma tinfired qatt minn Ġesù. Kullimkien u dejjem l-Omm hi maġenb Binha. Għalhekk dak li jgħaqqadna m'Alla, dak li jagħtina l-ħwejjeġ tas-sema, m'huwiex Kristu waħdu, iżda dawk it-tnejn qaddisa: il-Mara u n-Nisel tagħha. Għalhekk li tifred lil Marija minn Ġesù fil-kult reliġjuż ifisser li teqred l-ordni li waqqaf Alla nnifsu" (Terrien: *L-Omm tal-Bnedmin*).

## 13. IT-THEĠĠIĠ GĦALL-PRATTIKA TAL-QUDDIES KULJUM U D-DEVOZZJONI LEJN L-EWKARISTIJA

"Hu mixtieq li numru kbir kemm jista' jkun ta' fidili jieħdu sehem kuljum b'mod attiv fis-sagrifiċċju tal-quddiesa, jissaħħu b'qalb safja u qaddisa bit-Tqarbin Imqaddes u jirringrazzjaw lil Kristu l-Mulej għal grazzja hekk kbira. Għandhom iżommu f'moħħhom

il-kliem li ġej: 'Ix-xewqa ta' Ġesù Kristu u tal-Knisja li l-fidili kollha jersqu kuljum għat-tqarbin tikkonsisti fuq kollox f'dan: li l-fidili, magħquda m'Alla permezz tas-Sagrament, ikollhom il-qawwa biex jirbħu l-passjonijiet tagħhom, biex jippurifikaw ruħhom mill-ħtijiet żgħar ta' kuljum u biex jevitaw id-dnubiet aktar serji li għalihom hi soġġetta d-dgħufija tal-bnedmin' (AAS 38/1905). U jinħtieġ isir aktar. Il-liġijiet tal-Liturġija jordnaw li s-Sagrament imqaddes jinżamm fil-knejjes bl-ogħla ġieħ u f'post l-aktar distint. Il-fidili m'għandhomx jonqsu li kull tant jagħmlulu viżta. Viżti bħal dawn huma wirja ta' gratitudni, sinjal ta' mħabba u dmir ta' rikonoxxenza lejn Kristu l-Mulej dejjem preżenti fis-Sagrament imqaddes" (MF 66).

Aktarx li dan jitwettaq mhux tant bħala xogħol fih innifsu daqskemm li nżommuh f'moħħna u napplikawh b'ħeġġa kbira bħala parti ewlenija minn kull attività leġjunarja (ara l-kapitlu 8, *Il-Leġjunarju u l-Ewkaristija*).

"Naraw kif l-Ewkaristija bħala sagrifiċċju u sagrament ta' għana bla tarf, tiġbor fiha dak kollu li s-salib offra 'l Alla u kiseb għall-bnedmin. Hi fl-istess ħin id-demm tal-Kalvarju u n-nida tas-sema: id-demm li jgħajjat għall-ħniena, u n-nida li tagħti l-ħajja u li terfa' x-xitla midbiela. Hi l-prezz imħallas għalina, u l-barka miġjuba lilna. Hi l-ħajja u l-prezz tal-ħajja. Is-salib ma kienx jiswa iktar, lanqas iċ-Ċena, u lanqas it-tnejn flimkien; dan kollu jibqa' għal dejjem u hu miżgħud bit-tamiet ta' l-umanità. Għal dawn ir-raġunijiet, il-quddiesa tissejjaħ sewwa l-misteru tal-fidi; mhux biss għax id-domma Nisranija kollha — li hi d-domma tal-waqgħa tagħna f'Adam, u t-tiġdid tagħna f'Ġesù Kristu — tinġabar kollha fiha; imma wkoll u fuq kollox għaliex id-dramm, l-għemil erojku li bih seħħew dik ir-refgħa sublimi tal-bniedem u l-ħlas l-aktar abbundanti għat-telfiet tagħna ta' qabel, jissokta fostna permezz tagħha. U mhijiex ripetizzjoni simbolika biss, iżda twettaq fostna realment dak li għamel Kristu nnifsu" (De La Taille: *Il-Misteru tal-Fidi* ).

## 14. IL-KSIB TA' AWŻILJARJI U L-KURA TAGĦHOM

Kull praesidium li jaf sewwa x'tiswa l-qawwa tat-talb, għandu jfittex li jkollu lista twila ġmielha ta' membri awżiljarji. Hu d-dmir ta' kull leġjunarju li jdaħħal l-awżiljarji u jfittex li jżomm kuntatt magħhom.

Ikkunsidra l-ġenerożità ta' dawn l-awżiljarji li jagħtu lil-Leġjun sehem mill-ħajja prezzjuża ta' ruħhom. X'possibbiltajiet ta' qdusija jinsabu fihom! Il-Leġjun għandu lejhom dejn l-aktar kbir. Dan id-dejn jista' jħallsu b'mod speċjali billi jmexxi lil dawn l-awżiljarji lejn il-perfezzjoni. Sew il-membri attivi u sew l-awżiljarji huma wlied il-Leġjun. Il-membri attivi huma l-ulied il-kbar; u l-Omm tal-Leġjun, bħal f'kull familja, tistenniehom jgħinuha biex tieħu ħsieb l-ulied iż-żgħar. Hi mhux biss tissorvelja dik l-għajnuna, iżda tagħmilha effettiva b'mod li fil-kura ta' l-awżiljarju mil-leġjunarju attiv jinsabu ħwejjeġ tal-għaġeb għalihom it-tnejn. Fir-ruħ ta' l-awżiljarju jitla' sur ta' qdusija; u għal-leġjunarju attiv hemm il-ħlas tal-bennej.

Din il-ħidma għall-awżiljarji tant fiha potenzjal li jsir il-ġid li donnha titlob l-attenzjoni speċjalizzata ta' xi membri ta' spiritwalità kbira tal-praesidium, li jwettquha bl-ispirtu ta' l-"ulied il-kbar."

"Naħseb li hi ħaġa ċara li f'dawn iż-żminijiet koroħ ta' dnub u ta' mibegħda lejn Alla, l-Imgħallem divin tagħna jrid jiġbor madwaru leġjun t'erwieħ magħżula, mogħtija b'ruħhom u ġisimhom għalih u għall-interessi tiegħu. Fuqhom hu jixtieq li jista' jorbot dejjem għall-għajnuna u għall-faraġ; erwieħ li ma jistaqsux: 'Kemm għandi nagħmel?' iżda aktarx, 'Kemm nista' nagħmel għall-imħabba tiegħu?'; leġjun t'erwieħ li jagħtu u ma jqisux il-prezz, erwieħ li jiddispjaċihom biss li ma jistgħux jagħmlu iżjed, u jagħtu iżjed, u jbatu iżjed għal dak li għamel daqshekk għalihom. F'kelma waħda, erwieħ li mhumiex bħall-bqija tal-bnedmin, u li forsi fl-għajnejn tad-dinja jistgħu jidhru boloħ; għaliex għalihom il-kelma tal-qaddis hi s-sagrifiċċju u mhux il-kumdità tagħhom infushom" (Mons. Alfred O'Rahilly: *Il-Ħajja ta' Patri William Doyle*).

"Imbagħad il-leġjun t'erwieħ ċkejkna, vittmi ta' l-Imħabba ħanina, jikber fin-numru u jsir 'bħall-kwiekeb tas-sema u r-ramel tal-baħar.' Ikun ibeżża' lix-xitan; ikun t'għajnuna għall-Verġni Marija biex hi tgħaffiġlu għal kollox ir-ras kburija tiegħu" (Santa Tereża tal-Bambin Ġesù).

## 15. ĦIDMA GĦALL-MISSJONI

L-interess fil-missjoni jifforma parti integrali minn ħajja tassew Nisranija. Dan jinkludi t-talb, l-għajnuna materjali u t-trawwim

tal-vokazzjonijiet missjunarji, kulħadd skond iċ-ċirkostanzi tiegħu.

Il-leġjunarji jistgħu, ngħidu aħna, jieħdu ħsieb fergħa tas-Sant' Infanzja u jiġbru madwarhom numru ta' tfal u jħeġġuhom biex iħobbu l-missjoni. Jew ukoll jistgħu jiġbru madwarhom grupp ta' persuni li ma jistgħux jaqdu d-dmirijiet kollha ta' membri attivi fil-Leġjun, jorganizzawhom fuq il-bażi tal-grad awżiljarju, u jqabbduhom iħitu, jagħmlu paramenti sagri, eċċ. Hawn jinsabu tliet ħidmiet magħmula f'daqqa:

1. il-leġjunarju jqaddes lilu nnifsu;
2. iħeġġeġ ħafna oħrajn iqaddsu lilhom infushom;
3. tingħata għajnuna b'mod prattiku lill-ħidma għall-missjoni.

Dwar din il-ħidma jinħtieġ nisħqu b'mod speċjali fuq żewġ punti li nistgħu ngħidu jgħoddu wkoll għall-ħidmiet kollha:

1. L-ebda praesidium m'għandu jinbidel f'sempliċi aġenzija ta' ġbir, ikun x'ikun l-iskop tiegħu.

2. Is-sorveljanza u t-tmexxija ta' nies okkupati fil-ħjata jissodisfaw waħedhom l-obbligu tal-ħidma leġjunarja. Iżda x-xogħol tal-ħjata waħdu ma jitqiesx li hu sostanzjali u attiv għal leġjunarju kbir, barra minn f'ċirkostanzi speċjali bħalma huma, ngħidu aħna, persuni b'diżabiltà fiżika.

"L-erba' Opri — l-Opra għall-Propagazzjoni tal-Fidi, l-Opra ta' San Pietru Appostlu, l-Opra tas-Sant'Infanzja u l-Unjoni Missjunarja — għandhom għan wieħed li jqanqlu spirtu missjunarju universali fost il-Poplu t'Alla" (RM 84).

## 16. INĦEĠĠU GĦALL-IRTIRI

Wara li l-leġjunarji jkunu ħadu sehem f'irtir u raw kemm ħadu ġid minnu, huma għandhom jorganizzaw irtiri, ixerrdu l-idea tagħhom u jipprovaw idaħħluhom fejn għad mhumiex isiru.

Dan jirrikmandah il-Papa Piju XI fl-enċiklika hawn taħt imsemmija, lil dawk "il-għaqdiet ta' lajċi li jixtiequ jgħinu lill-Ġerarkija Appostolika bil-ħidmiet Kattoliċi. Fl-irtiri mqaddsa jaraw ċar is-siwi ta' l-erwieħ u jitkebbsu bix-xewqa li jgħinuhom. Bl-istess mod huma jitgħallmu l-ispirtu jbaqbaq ta' l-appostolat, il-għaqal li jibdewh, il-kuraġġ biex itemmuh."

Għandna ninnotaw l-enfasi magħmula minn dak il-Papa kbir fuq il-formazzjoni ta' l-appostli. Kultant dak l-iskop ma jintlaħaqx

u għalhekk ma jkunx hemm appostli. F'każi bħal dawn huwa ta' min jiddubita mis-siwi ta' dawk l-irtiri.

Il-leġjunarji m'għandhomx jibżgħu jwasslu l-ġid ta' l-irtiri għaliex m'hemmx possibbiltà li jipprovdu post fejn wieħed jorqod. L-esperjenza tgħallem li irtir li jħalli ħafna ġid jista' jsir f'ġurnata waħda, minn filgħodu sa filgħaxija: anzi m'hemmx mod ieħor li bih tista' twassal is-sistema ta' l-irtiri lill-kotra. Kważi kull bini b'xi btieħi miegħu jista' jintuża għal dan l-iskop, u l-ispiża biex ikun hemm ikla ħafifa ma tkunx kbira.

"L-Imgħallem Divin innifsu kien sikwit jistieden lill-appostli tiegħu għas-skiet għażiż ta' l-irtir: 'Ejjew miegħi intom biss weħidkom f'xi post imwarrab, u strieħu ftit' (Mk 6:31). Meta ħalla din l-art ta' dwejjaq biex imur fis-sema, ried li dawn l-istess appostli u dixxipli jitnaddfu u jipperfezzjonaw ruħhom fis-sala ta' fuq f'Ġerusalemm fejn waqt li għal għaxart ijiem 'ilkoll qalb waħda kienu jitolbu' (Atti 1:14), tħejjew biex jilqgħu l-Ispirtu s-Santu: irtir memorabbli tassew, li nistgħu nsejħulu l-ewwel eżerċizzi spiritwali; irtir li minnu l-Knisja ħarġet mogħnija bil-virtù u bil-qawwa ta' dejjem; u fejn taħt l-għajnejn tal-Verġni Omm Alla u megħjuna bil-ħarsien tagħha twaqqfu dawk li bir-raġun kollu jistgħu jissejħu l-prekursuri ta' Ħidma Kattolika" (MN 5).

## 17. PIONEER TOTAL ABSTINENCE ASSOCIATION OF THE SACRED HEART

Ħidma ta' min ifaħħarha għall-praesidium tista' tkun, bla dubju, li nsibu membri ġodda għal din l-assoċjazzjoni. L-iskop ewlieni tagħha huwa li tagħti glorja lil Alla billi ġġib 'il quddiem l-idea tal-moderazzjoni u l-astinenza f'dak li hu xorb alkoħoliku. Il-mezzi ewlenin biex tilħaq dan l-iskop huma t-talb u s-sagrifiċċju personali. Il-membri huma ispirati mill-imħabba personali tagħhom lejn Ġesù Kristu

1. li ma jkunux jiddependu mill-alkoħol, ħalli jagħmlu l-ġid;
2. li jpattu għad-dnubiet ta' l-intemperanza, inklużi dnubiethom stess;
3. li permezz tat-talb u tas-sagrifiċċju tagħhom infushom, jiksbu l-grazzja u l-għajnuna għal dawk li jixorbu żżejjed u għal dawk li qegħdin ibatu bħala riżultat tax-xorb żejjed.

Id-dmirijiet ewlenin tal-membri huma:

1. li tul ħajjithom kollha ma jixorbux xorb alkoħoliku;

2. li jgħidu darbtejn kuljum l-Offerta Erojka;
3. li jilbsu l-emblema fejn tidher.

L-Offerta Erojka hija din:

> Għall-akbar glorja u konsolazzjoni tiegħek,
> O Qalb Qaddisa ta' Ġesù,
> għal imħabbtek
> jien irrid nagħti eżempju tajjeb,
> niċħad lili nnifsi,
> biex inpatti għad-dnubiet ta' dawk li ma jrażżnux
> lilhom infushom fix-xorb alkoħoliku
> u għall-konverżjoni ta' dawk li jixorbu żżejjed,
> jien niċċaħħad tul ħajti kollha minn xorb li jsakkar.

Jeżisti ftehim:

1. li praesidium jista' jsir Pioneer Centre bl-approvazzjoni tad-direttur ċentrali ta' l-assoċjazzjoni;
2. li f'żoni fejn diġà hemm ċentru ta' l-assoċjazzjoni, bl-approvazzjoni ta' dak iċ-ċentru, il-praesidium ikun affiljat ma' dak iċ-ċentru bl-iskop li l-leġjunarji jagħmlu l-assoċjazzjoni aktar magħrufa u jdaħħlu fiha membri ġodda (ara l-appendiċi 9).

## 18. KULL POST GĦANDU L-ĦTIĠIJIET SPEĊJALI TIEGĦU

Biex jilħqu l-iskopijiet tal-Leġjun, il-leġjunarji jużaw kull mezz ieħor li ċ-ċirkostanzi tal-post jitolbu u li l-awtorità leġjunarja tkun approvat, naturalment dejjem taħt it-tmexxija ta' l-Awtorità tal-Knisja. Għal darb'oħra nisħqu li l-attitudni lejn ħidmiet li nistgħu nidħlu għalihom għandha tkun waħda ta' ħeġġa u ta' qlubija.

Kull egħmil ta' eroiżmu mwettaq taħt il-bandiera Kattolika għandu effett l-aktar qawwi, fuq kif jaħsbuha n-nies ta' dak il-post. Kollha, anki dawk bla reliġjon, jinħasdu u jibdew iħarsu lejn ir-reliġjon b'mod aktar serju. Dawk il-livelli ġodda jbiddlu l-mod tal-ħajja tal-popolazzjoni kollha.

" 'Tibżgħux,' qal Ġesù. Għalhekk, ejjew inneħħu kull biża'. Ma rridu lil ebda beżżiegħi fostna. Jekk qatt kien hemm il-ħtieġa li nirrepetu dik il-kelma ta' Kristu, 'Tibżgħux', bla dubju ta' xejn dan għandna nagħmluh fejn jidħol l-appostolat. Għaliex il-biża' ma jħalli l-moħħ jagħmel xejn u jeqred fina l-ħila li naħsbu b'mod korrett. Għalhekk,

nerġa' ngħid dan: il-biża' għandna nwarrbuh 'il bogħod minna — il-biża' ta' kull xorta, ħlief biża' wieħed: il-biża' li nixtieq ngħallimkom: il-biża' t'Alla. Jekk ikollkom dan, intom ma tibżgħux min-nies, u lanqas mill-ispirtu tad-dinja.

U għal dik li hi prudenza, din għandha tkun kif insibuha mfissra fl-Iskrittura Mqaddsa, li wkoll tfakkarhielna ħafna drabi: il-prudenza ta' wlied Alla, il-prudenza ta' l-ispirtu. M'għandhiex tkun, għax mhijiex, il-prudenza tal-ġisem: dgħajfa, għażżiena, stupida, egoista, nieqsa minn kollox" (Taħdita tal-Papa Piju XI nhar is-17 ta' Mejju ta' l-1931).

# 38

# IL-PATRIZJI

Il-Moviment tal-Patrizji twaqqaf fl-1955. L-iskop tiegħu hu li jkabbar it-tagħrif reliġjuż tal-poplu, li jgħallem lin-nies jispjegaw lilhom infushom u li jinkuraġġihom għall-appostolat. Huwa beda bħala prova, iżda baqa' bla ma nbidel. Għalkemm għall-ewwel kien hemm diversi suġġerimenti biex isiru tibdiliet, instab li dawn ma kinux ħlief ripetizzjonijiet ta' metodi oħra, bħalma huma l-klassi tal-katekiżmu, is-sistema tat-taħdita, is-sessjoni tal-mistoqsija u tweġiba. Dawn għandhom il-ħtieġa partikolari tagħhom, imma ma jħollux dik li hi aktarx il-problema fondamentali tal-Knisja: l-injoranza reliġjuża fil-kbar u l-ilsien tqil tal-lajċi meta jiġu biex jitkellmu fuq ir-reliġjon. Dan il-moviment wera li huwa effettiv f'dan il-qasam u għalhekk għandu jkun imħares bir-reqqa. Is-sistema tiegħu hija bbilanċjata b'eżattezza kbira. Ma' l-inqas ċaqlieqa wieħed jista' jbiddlu f'ħaġa differenti għal kollox, bħalma fuq radju bl-inqas ċaqliqa taqbad stazzjon ieħor.

Dawk is-sistemi l-oħra qegħdin għal persuna jew numru ta' persuni li jafu l-affarijiet tagħhom u li għandhom bħala xogħol it-tagħlim ta' l-oħrajn: waqt li l-metodu tal-Patrizji hu dak tal-Leġjun innifsu: numru ta' nies jagħmlu x-xogħol f'għaqda bejniethom. Ilkoll jaħdmu flimkien, ifittxu li jitgħallmu b'mod attiv.

Meta niflu x'inhu l-Patrizji nsibu li dan il-moviment huwa tas-sew iben il-Leġjun, għaliex għandu fih l-elementi karatteristiċi kollha li flimkien jifformaw il-Leġjun innifsu. Il-moviment huwa l-applikazzjoni tas-sistema tal-Leġjun fil-qasam tat-tagħlim reliġjuż.

F'dan il-qasam tippresiedi Marija. Kienet hi li niżżlet lil Ġesù mis-sema u tatu lid-dinja. Hi tieħu ħsieb ta' dak kollu li hu ried jgħaddi lill-bnedmin. Dan il-post ewlieni tagħha jidher fl-altar tal-Leġjun li għandu jkun il-punt ċentrali tal-laqgħa tal-Patrizji. Il-Patrizji jinġabru madwarha biex jitkellmu dwar il-Knisja fl-aspetti kollha tagħha, jiġifieri, dwar Ġesù li jkun qiegħed f'nofshom bħalma wiegħed. Din hija forma għolja ta' talb li ssir ħafifa bil-varjetà tal-laqgħa; ma tkunx ħaġa ħafifa li tgħaddi sagħtejn sħaħ fit-talb regolari. Din hi waħda mir-raġunijiet għaliex il-moviment jispiritwalizza waqt li jkun jgħallem.

Fil-praesidium, l-ewwel ħtieġa hija li kull membru jagħti rapport verbali. Il-moviment tal-Patrizji jistenna xi ħaġa tixbah lil dak ir-rapport; li jwassal lil kull wieħed biex jgħid xi ħaġa. L-ambjent u t-tmexxija tal-laqgħa għandu jkollhom dan l-iskop. L-atmosfera trid tkun ta' ħbiberija, ta' stima, tabilħaqq dik ta' familja tajba li fiha, għalkemm x'uħud jgħidu iżjed minn oħrajn, issib li koll qegħdin jesprimu l-opinjonijiet tagħhom. Dan it-ton jiddependi minn kemm id-difetti li jħassruh ma nħalluhomx jidħlu. It-tattika li ġeneralment issib fid-diskussjonijiet pubbliċi hi mibnija fuq attakki, kundanni u twaqqigħ għaċ-ċajt. Jekk dawn jidħlu fil-laqgħa tal-Patrizji, il-membri żgur ma jidhrux aktar 'l hemm.

Jekk jinħoloq l-ispirtu ta' familja fejn l-"iċken persuni" jħossuhom li qegħdin f'darhom, il-pedamenti tal-Patrizji jkunu tqiegħdu f'posthom. Kulma jgħid wieħed aktarx li jqanqal 'xrara' mingħand ieħor, bħalma kull ħolqa ta' katina tiġbed oħra warajha. Il-vojt fit-tagħrif jimtela, punti mifrudin jittieħdu biex jifformaw il-mużajk tad-duttrina Kattolika. Waqt li t-tagħrif u l-interess jikbru, l-individwi jsiru dejjem aktar ħaġa waħda mal-Ġisem Mistiku ta' Kristu u tidħol fihom il-ħajja tiegħu.

Fil-karatteristiċi l-oħra tagħha, il-proċedura tal-Patrizji hija wkoll l-applikazzjoni tad-duttrina u t-teknika tal-Leġjun. Huwa importanti li l-leġjunarji jifhmu dan sewwa biex jagħmlu l-ħidma tal-Patrizji bl-istess konvinzjoni li biha jagħmlu dik tal-praesidium. B'hekk huma jkunu armati tajjeb għall-ħidma li jkollhom quddiemhom.

Hija tassew ħasra li l-Kattoliċi ma jitkellmux fuq ir-reliġjon ma' dawk barra mill-Knisja, u rari ma' dawk li huma fiha. Instabet kelma biex tfisser dan in-nuqqas Nisrani: mutiżmu. Il-Kardinal Suenens jiġbor dan kollu fil-qosor hekk: "Jingħad li dawk barra

mill-Knisja ma jridux jisimgħu. Imma l-verità hi li l-Kattoliċi ma jridux jitkellmu." Il-pożizzjoni tidher li hi dik li l-Kattoliku ordinarju ġeneralment ma jgħinx lil bniedem ieħor f'dik li hi reliġjon. Nies li jistaqsu sinċerament ma jsibux min jagħtihom it-tagħrif li jfittxu, u tinħoloq l-impressjoni żbaljata li l-Kattoliċi ma jimpurtahomx mill-konverżjonijiet.

Dan in-nuqqas kbir donnu jhedded il-karattru Nisrani nnifsu, għaliex il-Kristjaneżmu mhux egoiżmu. Imma l-qagħda mhix kerha daqskemm tidher. Ġeneralment dak is-skiet u dik id-deħra ta' indifferenza ġejjin min-nuqqas ta' fiduċja:

1. Dawk il-persuni jħossu żżejjed li ma jafux ir-reliġjon kif imisshom. Għalhekk huma jaħarbu kull okkażjoni li tista' turi kemm huma dgħajfin.

2. Ukoll fejn wieħed jaf ir-reliġjon sewwa, il-punti tad-duttrina jkunu mferrxin, bħalma nsibu fil-katekiżmu. Il-moħħ ma jkunx għamel ix-xogħol l-ieħor li jorbothom sewwa flimkien bħalma jkunu l-partijiet, ngħidu aħna, f'karozza jew fil-ġisem tal-bniedem. Il-problema tkompli tikber billi ħafna partijiet huma neqsin u oħrajn mhumiex proporzjonati għal xulxin. U meta ngħaqqduhom ma' xulxin, dak li jkollna jkun bħal magna li l-partijiet tagħha ma jaqblux ma' xulxin, u li għalhekk ma taħdimx.

3. F'ħafna każi hemm injoranza hekk kbira li l-fidi ma ssibx tagħlim biżżejjed fuqiex tistrieħ. Dawn ikunu nies ta' nofs twemmin, u hekk kif jiltaqgħu ma' ambjent nieqes mir-reliġjon jitfarrku għal kollox.

Din hi l-problema.

Il-moviment tal-Patrizji hu għaqda mmexxija mil-Leġjun. Kull fergħa għandha tkun affiljata ma' praesidium, u titmexxa minn leġjunarju attiv. Praesidium jista' jieħu ħsieb ta' aktar minn fergħa waħda, u kull fergħa għandu jkollha direttur spiritwali magħżul bl-approvazzjoni tad-direttur spiritwali tal-praesidium. Reliġjuż jista' jagħmilha ta' direttur spiritwali, u fejn l-awtorità tal-Knisja tippermetti, lajk ukoll.

Il-kelma *patrizji,* bħal ħafna kliem oħra li jintużaw fil-Leġjun, ġejja minn kelma ta' Ruma antika. Il-patrizji kienu l-ogħla fost it-tliet gradi tas-soċjetà, jiġifieri l-patrizji, il-plebej u l-ilsiera. Iżda l-iskop tal-Patrizji tagħna huwa li jgħaqqad il-gradi kollha tas-soċjetà f'nobbiltà waħda spiritwali. Barra minn hekk, il-patrizji kienu mistennija jkunu mimlijin bl-imħabba għal art twelidhom u bir-responsabbiltà għat-titjib tagħha. Hekk ukoll il-Patrizji

tagħna għandhom jgħinu lill-Knisja, għax il-Knisja hi art twelidhom spiritwali. Ir-regola ma tinsistix li jkunu nies tajbin jew li jkunu Kattoliċi prattikanti, imma biss li fis-sens wiesa' tal-kelma jkunu Kattoliċi. Kattoliċi li huma anti-Kattoliċi akkaniti ma jidħlux f'din il-kategorija.

Sakemm l-isqof ma jidhirlux xort'oħra, dawk li mhumiex Kattoliċi m'għandhomx jattendu għal-laqgħat.

Il-laqgħa tal-Patrizji ssir kull xahar. Hu essenzjali li l-laqgħa tibda fil-ħin u ssir regolarment. M'għandhomx jitħallew laqgħat barra ħlief meta tassew ma jkunux jistgħu jsiru. Membru mhux bilfors jattendi għal kull laqgħa. Huwa meħtieġ li jinstab xi mezz biex il-membri jiġu mfakkra fil-laqgħa li jkun imiss.

Huwa mixtieq li fergħa ma jkollhiex aktar minn ħamsin membru, u anki b'dan in-numru l-fergħa jinħolqulha d-diffikultajiet.

**Ambjent**

M'għandux ikun hemm ambjent ta' teatru b'palk u udjenza; imma lanqas m'għandu jkun hemm atmosfera ta' diżordni. Kemm jista' jkun is-siġġijiet għandhom jitqiegħdu f'għamla ta' nofs ċirku bil-mejda tgħaqqad iż-żewġt itruf. Fuq il-mejda jkun hemm l-altar tal-Leġjun li tiegħu l-vexillum hu parti l-iżjed meħtieġa.

Il-laqgħa għandu jkollha dak kollu li jista' jiġbdek, inklużi l-kumditajiet materjali tad-dawl, sħana jew frisk, u postijiet biżżejjed fejn wieħed joqgħod bil-qiegħda.

L-ispejjeż jitħallsu mill-flus ta' ġabra sigrieta, u rendikont tal-flus għandu jingħata f'kull laqgħa.

**Kif issir il-laqgħa**

1. Il-laqgħa tibda bit-talba tal-Patrizji li tingħad minn kulħadd flimkien u bil-wieqfa.

2. Issir taħdita, li tista' tinqara, minn lajk fuq is-suġġett magħżul għad-diskussjoni. Din għal ebda raġuni m'għandha tieħu aktar minn 15-il minuta. Lanqas m'hemm għalfejn tieħu daqshekk. Jekk iddum aktar, hija tkun bħal kull ħaġa żejda — ta' ħsara. M'hemmx għalfejn li l-lajk ikun espert. Li wieħed ikun espert jista' jfisser għerf profond u tul bla tarf, li fil-bidu tal-laqgħa jista' jirvinaha. Min-naħa l-oħra sar suġġeriment li m'hemmx bżonn ta' diskors ippreparat. Imma naturalment huwa meħtieġ li jsir xi tiftix minn qabel fuq is-suġġett. Dan jista' biss ikun żgu-

rat tassew billi tqabbad lil xi ħadd jagħmlu. Il-laqgħa għandu jkollha l-materjal biex tista' taħdem.

3. Wara t-taħdita ssir diskussjoni ġenerali. Il-partijiet l-oħra kollha tal-laqgħa huma marbuta ma' din il-parti u għandhom jitmexxew biex din taħdem sewwa kemm jista' jkun. Ma tistax issir diskussjoni jekk il-membri individwali ma jitkellmux. Il-problema tal-Patrizji hi li tħajjar jitkellmu nies li għall-ewwel ma jkunux jinqalgħu jew jibqgħu lura. Din il-problema għandha tinħall għall-ġid tagħhom infushom u tal-Knisja.

Għaldaqstant għandha tingħata kull għajnuna, u kull ħaġa li tista' tfixkel għandha titwarrab. Attitudni goffa lejn kliem żbaljat jew bla sens (u minn dan tistenna ħafna) toqtol il-moviment. Iġġib fix-xejn l-iskop tal-Patrizji li huwa li jwassal lil kull wieħed biex juri kif jaħsibha. Għalhekk, il-libertà tal-kelma tiġi qabel kollox u għandha tkun inkoraġġita imqar jekk wieħed jgħid il-ħmerijiet. Wieħed għandu jiftakar li dawn l-istess ħwejjeg qegħdin jingħadu barra fejn ħadd ma jikkoreġihom.

Mela, l-aqwa ħaġa hija li l-membri jitkellmu u mhux li juru għerfhom jew li jkunu eżatti. Dawk li jafu jitkellmu tajjeb aktarx li jibbrillaw l-aktar, imma huma l-membri komuni li jwettqu l-akbar ħidma; lil dawk li jibżgħu jitkellmu dawn iħarrġuhom jgħidu xi ħaġa.

Mil-lat psikoloġiku huwa importanti li dak li jingħad, jingħad lil-laqgħa u mhux lil xi bniedem li jispikka. L-idea hi li meta wieħed jispiċċa jitkellem, kull wieħed li jkun semgħu jibqa' wiċċ imb'wiċċ, biex ngħidu hekk, ma' dak li jkun intqal bħala ħaġa li tinħtieġ il-kummenti, bħallikieku dik kienet diskursata bejn tnejn. F'dan il-każ it-tweġiba malajr tiġi, u din il-ħerqa biex tingħata tweġiba hi eżattament is-sitwazzjoni li wieħed għandu jfittex li joħloq fil-Patrizji.

Żgur li dan il-bilanċ psikoloġiku jisfa mfixkel jekk il-moħħ tal-membri jkun distratt fuq xi ħaġa oħra. Ngħidu aħna, ikun hemm distrazzjoni bħal din jekk min imexxi jdawwar l-attenzjoni lejh innifsu billi jdeffes xi kumment jew ukoll xi apprezzament; jew jekk min jagħmel it-taħdita joqgħod jaqbeż kull darba dwar punti mqajma fit-taħdita tiegħu; jew jekk id-direttur spiritwali jwieġeb għal kull diffikultà hekk kif tinqala'. Kull xejra f'dawk id-direzzjonijiet tkun ta' qerda. Tbiddel il-laqgħa f'diskussjoni għolja li fiha ftit individwi jagħmlu l-mistoqsijiet u jkollhom tweġiba mingħand ftit esperti.

Huwa mixtieq li tinħoloq atmosfera li fiha dawk li s-soltu jibqgħu siekta jagħmlu kuraġġ u jgħidu x'jaħsbu.

Min ikun qed imexxi għandu jħalli għaddej xi kliem 'l hawn u 'l hemm li ma jkollux x'jaqsam. Li ssejjaħ bniedem biex jibqa' fuq is-suġġett jista' jkollu l-effett li jiskuraġġixxi l-membri kollha. Imma jekk il-kliem li m'għandux x'jaqsam iwassal lill-oħrajn barra mis-suġġett, allura min ikun qed imexxi għandu jreġġagħhom lura lejn is-suġġett.

Biex jitkellmu, il-membri għandhom iqumu bil-wieqfa. Aktarx li wieħed jitkellem aktar bil-libertà jekk jibqa' bil-qiegħda; imma dan iġib il-periklu li d-diskussjoni tispiċċa biex issir sempliċement tpaċpiċa bla ordni bejn ftit mill-membri.

Il-membri jistgħu jitkellmu aktar minn darba. Imma persuna li għadha ma tkellmitx ikollha d-dritt titkellem qabel min diġà tkellem.

4. Siegħa wara l-ftuħ tal-laqgħa d-diskussjoni titwaqqaf. Immedjatament qabel dan il-punt jingħata r-rendikont tal-flus, u l-membri jiġu mfakkra li l-ġabra sigrieta ssir hekk kif id-direttur spiritwali jtemm it-taħdita tiegħu.

5. Imbagħad tiġi servuta xi ħaġa ħafifa (bħal te jew kafè u gallettini). Din hi karatteristika essenzjali tal-laqgħa u m'għandhiex titħalla barra. Permezz tagħha jintlaħqu ħafna skopijiet importanti:

1. tagħti lill-Patrizji xeħta soċjali li tħalli l-ġid;
2. il-membri juru lil xulxin kif jaħsbuha;
3. l-ilsna jinħallu;
4. ikun jista' jsir kuntatt spiritwali.

Kien hemm min issuġġerixxa li jitneħħew l-ikel u x-xorb, u l-intervall isir għall-iskopijiet l-oħra. Fil-prattika ma tkunx ħaġa ħafifa li ssib raġuni biex tagħmel l-intervall mingħajr ma toffri xi ħaġa.

Dan l-intervall idum 15-il minuta.

6. Imbagħad issir taħdita mid-direttur spiritwali li tieħu 15-il minuta. Kollox ikun ħejja t-triq għal din it-taħdita u kulħadd jismagħha b'attenzjoni l-aktar kbira. Hija ingredjent essenzjali li tibni bl-ordni u bl-eżattezza l-materjal kollu tad-diskussjoni, li ttellgħu sa l-ogħla livell, u li timla l-membri bix-xewqa li jħobbu aktar 'l Alla u jaħdmu iżjed għalih.

Xi ħadd staqsa: għaliex din it-taħdita ma ssirx fl-aħħar tal-laqgħa, x'ħin wieħed jista' jqis kulma jkun intqal qabel? It-tweġi-

ba hi li t-taħdita għandha bħala skop li tagħti materjal ta' siwi għal aktar diskussjoni. Dan ma jistax iseħħ jekk it-taħdita ssir fl-aħħarnett. Hemm raġuni oħra għal dan. Din hi li mhux dawk kollha li jkunu preżenti jkunu fehmu għal kollox it-taħdita, u f'dan il-każ il-"prinċipju ta' l-interpretazzjoni" (imfisser aktar 'il quddiem) jibda jaħdem waqt il-kumplament tad-diskussjoni.

7. Wara t-taħdita tad-direttur spiritwali, id-diskussjoni ġenerali tkompli sa 5 minuti qabel it-tmiem.

8. Imbagħad:

1. min ikun qed imexxi jesprimi fil-qosor l-apprezzament tal-membri lil min ikun għamel it-taħdita; m'għandu jkun hemm l-ebda vot formali ta' ringrazzjament;

2. jiġi magħżul is-suġġett għal-laqgħa ta' wara. Is-suġġetti għandhom ikollhom x'jaqsmu mar-reliġjon. Suġġetti li huma biss akkademiċi, kulturali, letterarji jew ekonomiċi għandhom jiġu evitati;

3. jingħataw avviżi oħra.

9. Wara tingħad flimkien u kulħadd bil-wieqfa t-talba ta' l-aħħar, li hija l-Kredu.

10. Il-laqgħa tagħlaq bil-barka tas-saċerdot. Waqt il-barka kulħadd jibqa' bil-wieqfa biex ma jsirx l-istorbju li wieħed jisma' meta numru ta' nies jipprovaw jinżlu għarkubbtejhom qalb is-siġġijiet f'kamra ffullata.

Hekk il-ħin kollu tal-laqgħa huwa sagħtejn. Huwa meħtieġ ħafna li wieħed iżomm il-ħin preċiż mill-bidu sa l-aħħar. Jekk xi punt jieħu ħin aktar milli suppost jieħu, il-punti l-oħra jkollhom ħin inqas u l-bilanċ tal-laqgħa jintilef. Skeda li fiha fil-qosor it-taqsim tal-laqgħa u l-ħinijet tidher f'paġna 273.

M'għandux fl-aħħar jingħata fil-qosor dak li jkun intqal. M'hemmx għalfejn wieħed jikkonfondi jekk xi punti importanti jitħallew mingħajr konklużjoni. Ikun hemm laqgħa oħra u mbagħad oħra u fl-aħħar kollox ikun diskuss.

M'hemmx obbligu ta' ħidma. L-ebda xogħol ma jingħata fil-laqgħa. Il-membri m'għandhom jiġu mġiegħla jagħmlu l-ebda attività. Imma l-kuntatti li joħolqu ħbiberija għandhom jintużaw biex imexxuhom 'il quddiem b'kull mod possibbli, speċjalment billi jsiru membri tal-Leġjun, attivi, awżiljarji, jew adjutorjani. Jekk jintuża tajjeb, il-moviment tal-Patrizji jista' jitfa' dawl hekk qawwi li jkun ta' ġid għal kull min jgħix fil-komunità.

## XI PRINĊIPJI TAL-PATRIZJI

### 1. Il-psikoloġija tal-grupp

In-nies jinħtieġu l-għajnuna ta' xulxin, u naturalment huma jingħaqdu fi gruppi. Il-grupp ikollu l-influwenza tiegħu qawwija daqskemm huma qawwija r-regoli u l-ispirtu tiegħu. L-individwi jagħmlu ħilithom biex jilħqu l-livell tal-grupp li minnu jagħmlu sehem, fatt li jista' jkollu kemm effetti tajbin kif ukoll ħżiena. Huma ma jibqgħux biss passivi. Huma jieħdu sehem fil-ħajja tal-grupp. Jekk fil-grupp iħossuhom li qegħdin f'posthom, huma jkunu element qawwi fih. Jekk napplikaw dan għall-Patrizji, insibu li pressjoni kwieta imma li ma tistax tiqfilha tibda taħkem fuq kulħadd, bla ma tħalli barra lanqas lil dawk l-aktar lura, biex dak li jisimgħu jagħmluh biċċa minnhom infushom u biex iżommu l-livelli b'manjieri oħra. M'għandniex xi ngħidu, jista' jiġri li waqt li grupp jagħmel dan kollu, jibqa' ma jagħmilx progress huwa stess. Biex dan ma jiġrix fil-Patrizji, għandu jkun hemm xi membri intelliġenti li joffru sensiela ta' ideat interessanti. Bil-qawwa ta' dik il-psikoloġija tal-grupp, dawn l-ideat jidħlu fil-moħħ tal-membri, u hekk il-grupp isir dejjem aħjar.

### 2. Il-waqfien li jdejjaq

Wieħed jista' jiddejjaq meta jkun hemm skiet twil wara li jitkellem xi ħadd. Min ikun qed imexxi tiġih it-tentazzjoni li jibda jagħfas fuq il-membri biex jitkellmu. Imma din tkun tattika ħażina. Toħloq sens ta' għeja u kulħadd iħoss ruħu mingħajr aptit li jiftaħ ħalqu. Wieħed għandu jiftakar li l-familji ma jħossux il-ħtieġa ta' diskors li ma jaqta' qatt, u li hemm ċertu mistrieħ fis-skiet ta' kultant. Għalhekk meta jaqa' dak is-skiet, kulħadd għandu joqgħod kalm bħallikieku qegħdin id-dar. Is-skiet imbagħad jinkiser. Meta jiġri dan aktarx li jkun hemm atmosfera ta' kalma li fiha l-membri jħollu lsienhom.

### 3. Soluzzjoni mitfugħa lura

Hemm żewġ manjieri ġenerali biex tħoll problema. Waħda hi li jkollok tweġiba mingħand espert mill-ewwel. L-oħra hi li tipprova tħollha waħdek. L-ewwel waħda tidher li hija diretta u ħafifa, u ħafna mill-edukazzjoni hi bbażata fuqha. Id-difetti tagħha huma li ħafna drabi l-istudent ma jifhimx aktar minn nofs it-tweġiba, u li l-moħħ u s-sens ta' responsabbiltà ma jiġux żvilup-

pati. It-tieni metodu huwa itqal, għax il-problema tibqa' f'idejn dawk li qegħdin jitgħallmu. Għandhom jagħmlu l-isforzi tagħhom. Meta joħorġu bit-tweġiba tagħhom xejn raffinata, jiġu mmexxija mill-espert u jerġgħu jiġu mħollija waħedhom biex jipprovaw jilħqu ftit aktar 'il fuq. L-aħħar riżultat ta' dan il-metodu ta' **għajnuna bl-isforz individwali** huwa li l-istudenti jkunu tgħallmu tassew. It-tweġiba tkun waslet bil-mod, bix-xogħol tagħhom stess u għalhekk jifhmuha aħjar, jiftakruha, u jħarsu lejn il-futur bil-kuraġġ. Dan hu l-metodu tal-Patrizji. Barra minn hekk jinħtieġ ukoll li meta tingħad ħaġa li mhix eżatta, l-awtorità ma tikkoreġihiex mill-ewwel, imma għandha tħalliha fid-diskussjoni. Aktarx li l-membri stess jikkoreġuha. Jekk ma jikkoreġuhiex, u tkun xi ħaġa gravi, għandha ssir korrezzjoni iżda mhux b'mod li jista' jumilja lil xi ħadd. Aħseb kif Marija kienet tgħallem lil Binha.

**4. Il-mistoqsijiet**

Meta ssir taħdita, il-kelliem jagħraf li hi ħaġa mixtieqa li joħloq reazzjoni fis-semmiegħa, u għalhekk jistedinhom jagħmlu xi mistoqsijiet. Xi wħud jagħmlu mistoqsijiet; min ikun għamel it-taħdita mbagħad iweġibhom. Għall-kuntrarju, il-moviment tal-Patrizji ma jiħux gost b'dan, u jikkunsidrah bħala ħaġa li twaqqaf id-diskussjoni — qisu bħal difett li jaqta' l-kurrent elettriku. Ħafna nies għall-ewwel ma jkollhomx ħaġ'oħra x'joffru ħlief jagħmlu mistoqsijiet lil xi ħadd mill-membri importanti. Jekk wieħed jipprova jweġibhom, id-diskussjoni taqla' daqqa ta' ħarta u l-kamra titbiddel fi klassi ta' l-iskola fejn il-membri żgur ma joqogħdux.

L-aqwa regola hawn hija li kull min jagħmel xi mistoqsijiet dwar is-suġġett għandu jżid jgħid kif jaħsibha hu dwar it-tweġiba. Dan il-mod instab ta' siwi biex idawwar il-mistoqsija għal ġol-kurrent tad-diskussjoni.

**5. Il-prinċipju tal-bini fil-Patrizji**

Li tibni t-tagħlim billi żżid, biex ngħidu hekk, ġebla fuq oħra hi ħaġa tajba. Imma dak li jiġri fil-Patrizji aktar huwa tkattir milli żieda. Dan il-moviment jibni b'ġebel ħaj fis-sens li kull rimarka li tingħad toħroġ minn dak li jkun intqal qabel, u jkollha effett fuqu. Xi opinjonijiet jisfaw xi ftit mibdula, u ideat ġodda jieħdu l-ħajja. Din l-attività kkomplikata, imħaddma mill-grazzja, mingħajr dubju toħloq f'kull moħħ ferment li jagħti l-frott. Imma hija toħloq ukoll effett ġenerali, jiġifieri fuq il-grupp kollu. Dan l-

effett nistgħu nxebbhuh ma' kurrent qawwi. Huwa jiġbor il-karattri u l-ħsibijiet tal-membri f'moviment pożittiv dejjem miexi 'l quddiem. Meta fidi bierda u attitudni indifferenti lejn ir-reliġjon jirċievu din il-qawwa u din it-tmexxija, il-ħajja ta' ħafna tinbidel għall-aħjar.

**6. Il-karigi prinċipali**

Bħalma l-praesidium jiddependi mill-uffiċjali tiegħu, hekk il-moviment tal-Patrizji jiddependi minn dawk li jmexxuh. Dawn għandhom joqogħdu attenti li ma jaqbżux barra mid-dmirijiet tagħhom. Jekk jonqsu f'dan huma jnaqqsu minn dak li l-membri ordinarji huma mistennija jagħmlu. Huma jitilfu t-triq u l-laqgħa ssir tixbah klassi ta' l-iskola. Huwa meħtieġ bil-bosta li d-direttur spiritwali, min imexxi l-laqgħa, u l-lajk li jagħmel it-taħdita jżommu l-ħin u l-limiti l-oħra maħsuba għalihom, tkun xi tkun it-tentazzjoni li tħajjarhom jagħmlu l-kontra. Il-biċċa l-kbira tan-nies ma jħossuhomx komdi meta jitkellmu quddiem esperti u persuni t'awtorità. Għalhekk dawk in-nies prinċipali għandhom iġibu ruħhom skond il-kliem ta' Sidna Ġesù Kristu stess biex jirnexxilhom jgħallmu lill-oħrajn: "Tgħallmu minni għaliex jiena ta' qalb ħelwa u umli" (Mt 11:29). Wieħed jista' jgħid li aktar ma huma jagħmluha bħallikieku mhumiex hemm waqt id-diskussjoni, din aktar timxi bil-libertà. Imma dan m'għandux jorbothom għal kollox għall-ħinijiet miżmuma għalihom; huma jistgħu jidħlu fid-diskussjoni bħall-membri ordinarji, biss għandhom jibqgħu ftit lura.

**7. Il-"prinċipju ta' l-interpretazzjoni"**

Fost il-karatteristiċi l-aktar importanti tal-Patrizji, insibu l-"prinċipju ta' l-interpretazzjoni". B'dan il-mod, ħsibijiet, li għal raġuni jew oħra l-biċċa l-kbira tal-membri jsibuhom tqal biex jifhmuhom, jiġu spjegati b'mod li jista' jifhimhom kulħadd. Dan ifisser li ħsibijiet għolja u ideat tqal jistgħu jissemmew fid-diskussjoni u mbagħad jiġu spjegati b'mod li jifhmuhom ukoll il-membri ta' ftit skola. Din il-kapaċità li tqiegħed l-aktar għaref u l-inqas għaref f'pożizzjoni li jifhmu wieħed lill-ieħor hi tassew ġawhra ta' prezz kbir. Din taħdem hekk: nissoponu li t-taħdita tal-bidu (jew xi rimarka oħra) hi hekk għolja li għaxra fil-mija biss mill-membri preżenti jifhmuha. Minħabba f'hekk, kieku kienet lezzjoni tassoltu, it-taħdita kienet tkun moħlija. Imma fil-Patrizji, x'uħud mill-għaxra fil-mija li fehmu t-taħdita jibdew jiddiskutuha. Fil-prattika

huma jagħmlu dan bi kliem mhux ogħla mil-livell tal-biċċa l-kbira tal-membri, u hekk it-taħdita tqila tibda titniżżel b'mod li kulħadd jifhimha. Imbagħad jitkellmu oħrajn, u fl-aħħar tiġri ħaġa li tixbah ħafna t-tħin tal-qamħ fi dqiq fin. Il-punti tqal kollha li jkunu ssemmew fit-taħdita jiġu, biex ngħidu hekk, interpretati jew mibdulin biex jidħlu fil-moħħ tal-membri kollha. B'dan il-mod xejn minn dak li jingħad fil-Patrizji ma jintilef.

Din il-karatteristika tal-Patrizji għandha siwi uniku f'postijiet bħal fl-artijiet tal-missjoni. Hemm ix-xogħol tal-missjunarju huwa li jgħallem il-Kattoliċiżmu kollu kemm hu lil nies li l-lingwa tagħhom hu ma jifhimhiex għal kollox u li l-mentalità tagħhom hija differenti minn tiegħu. Il-qawwa ta' l-interpretazzjoni tal-Patrizji sservi bħal pont fuq il-wied li jqarribhom lejn xulxin.

### 8. Nagħtu 'l Alla xi ħaġa fuqiex jaħdem

Din il-ħaġa tinvolvi ħafna aktar milli ġġib vjaġġ ġebel u tibnih f'biċċa bini. Hemm il-prinċipju tal-grazzja li, billi tisboq in-natura, tagħmilna kapaċi nibnu bini wisq akbar minn dak li jippermetti l-materjal.

Għandna nifhmu li fil-qasam tad-duttrina rrivelata ħadd m'għandu tweġibiet sħaħ. Il-fidi u l-grazzja għandhom jidħlu dejjem. Imqar l-aktar argumenti għarfa mhux dejjem jirnexxilhom jgħaqqdu l-imħuħ differenti, imma wieħed jagħmel żball jekk jgħid li l-argumenti anqas għarfa huma għalhekk bla siwi. Fil-fatt Alla jieħu f'idejh imqar l-aktar kliem dgħajjef li wieħed jgħid u jagħmel xi ħaġa bih. Meta kulħadd ikun għamel mill-aħjar li seta', il-wied li donnu l-ebda pont ma seta' jinbena fuqu, aktarx li jisfa mirbuħ. Jekk il-wied kienx inqas wiesa' milli wieħed ħaseb, jew jekk dak li l-bnedmin taw kienx akbar milli kien jidher, jew jekk Alla meliex il-vojt li kien hemm — ma nistgħux ngħiduh. Imma x-xogħol ikun sar kollu.

Dan li għidna hawn fuq għandu jkun dejjem il-mod kif naħsbu u naħdmu — u mhux biss fil-Patrizji imma f'oqsma oħra wkoll. Kulħadd għandu jgħid xi ħaġa, ukoll jekk jaf li ma tkunx biżżejjed. Sforz żgħir hu aħjar minn xejn. Il-konverżjoni tad-dinja tiddependi mill-applikazzjoni ta' l-isforz Kattoliku. Ma jkunx hemm sforz biżżejjed sakemm il-Kattoliċi jibqgħu jgħidu bejnhom u bejn ruħhom: "Jien ma nafx biżżejjed u għalhekk aħjar noqgħod lura." Imma din ta' l-aħħar hija s-sitwazzjoni li l-aktar niltaqgħu magħha, u li fiha l-moviment tal-Patrizji jfittex jagħti l-għajnuna tiegħu.

## IT-TALBA TAL-PATRIZJI

(Tingħad bil-wieqfa minn kulħadd flimkien)

Fl-isem tal-Missier, eċċ.
Maħbub Mulej,
bierek l-għaqda tal-Patrizji
li fiha aħna dħalna
bl-iskop li nersqu aktar lejk
u lejn Marija, Ommok, li hija Ommna wkoll.

Għinna biex nagħrfu l-Fidi Kattolika tagħna,
biex il-veritajiet tagħha li jbiddlu l-qalb jistgħu jaħdmu fina.
Għinna wkoll biex nifhmu l-għaqda sħiħa tiegħek magħna,
li biha aħna mhux biss ngħixu fik, imma wkoll niddependu minn xulxin,
b'mod li jekk xi wħud jonqsu, oħrajn ibatu u jistgħu jintilfu.

Agħtina l-ħila li nifhmu x'piż tqil, imma glorjuż, aħna b'hekk għandna fuq spallejna,
u li nixxennqu li nerfgħuh għalik.
Aħna nagħrfu s-sura ta' bnedmin li aħna:
kemm in-natura tagħna tibqa' lura,
kemm m'aħniex denji noffrulek is-servizz tagħna.

Imma aħna għandna fiduċja li inti tħares lejn il-fidi tagħna
aktar milli lejn id-dgħufija tagħna,
u lejn il-ħtiġijiet tax-xogħol tiegħek
aktar milli lejn l-għodda dgħajfa.

Għalhekk, waqt li ngħaqqdu leħinna mat-talb t'Ommna Marija,
aħna nitolbu mingħand il-Missier tiegħek tas-sema u mingħandek
il-grazzja ta' l-Ispirtu s-Santu:
biex joqgħod magħna,
biex jgħallimna d-duttrina tiegħek li tagħti l-ħajja,
biex jagħtina dak kollu li neħtieġu.

Agħmel ukoll li wara li nkunu rċevejna ħafna,
nagħtu bil-qalb;

għaliex hekk biss tista' d-dinja tirċievi l-frott
ta' l-Inkarnazzjoni u tal-mewt tiegħek l-aktar ħarxa.

Tħallix li xogħol u tbatija hekk kbar jinħlew fix-xejn.
Amen.
Fl-isem tal-Missier, eċċ.

## AĠENDA GĦAL-LAQGĦA

0.00 Talba tal-Patrizji *(tingħad flimkien bil-wieqfa).*
Taħdita minn lajk **(mhux aktar minn 15-il minuta).**
0.15 Diskussjoni.
0.59 Rendikont tal-flus, u l-membri jiġu mfakkra li l-ġabra sigrieta ssir hekk kif tispiċċa t-taħdita tas-saċerdot.
1.00 Intervall għat-te.
1.15 Taħdita minn saċerdot **(mhux aktar minn 15-il minuta).**
1.30 Titkompla d-diskussjoni.
Ġabra sigrieta.
1.55 Avviżi (kelma ta' ringrazzjament lil-lajk li għamel it-taħdita, data u suġġett għal laqgħa oħra, eċċ.).
2.00 Il-Kredu *(jingħad minn kulħadd bil-wieqfa).*
Barka tas-saċerdot *(waqt li kulħadd jibqa' bil-wieqfa).*

## Fergħat taż-żgħar u fil-kulleġġi

Fil-każi li ġejjin, fejn ikun tassew impossibbli li wieħed jimxi fuq is-sistema normali, jiġifieri:
1. fil-fergħat ta' kulleġġi u ta' istituzzjonijiet, u
2. fil-fergħat li l-membri tagħhom huma lkoll taħt it-18-il sena;
il-laqgħa tista' ssir b'dan il-mod mqassar (b'kollox tieħu siegħa u nofs):

0.00 Talba tal-Patrizji, u wara taħdita minn lajk **(mhux aktar minn 5 minuti).**
0.05 Diskussjoni **(40 minuta).**
0.45 Intervall **(10 minuti)** (it-te jista' jitħalla barra).
0.55 Taħdita mid-direttur spiritwali **(10 minuti).**
Il-ġabra sigrieta tista' titħalla barra.
1.05 Titkompla d-diskussjoni **(20 minuta).**
1.25 Avviżi bħal fuq.
1.30 Il-Kredu, eċċ., bħal fuq.

"Il-laqgħa tal-Patrizji hija ħaġa tal-familja. Diskursata fil-familja fuq ħwejjeġ li jinteressawna lkoll, bil-miftuħ, sinċiera u mill-qalb, hi waħda mill-affarijiet tal-ħajja tad-dar li tagħtik pjaċir. Aħna l-Insara, bħala aħwa ta' Kristu, nifformaw parti mill-familja t'Alla. Li naħsbu fuq il-fidi tagħna, li nitkellmu fuqha u li niddiskutu kif għandha tkun imħaddma, fl-ispirtu li fih il-Mulej u l-appostli kienu jitkellmu filgħaxija dwar it-tagħlim tal-jum wara ġurnata ta' missjoni fil-Galilija — dan hu l-ispirtu tal-Patrizji.

Li nagħrfu lil Ġesù Kristu bħala l-għalliem tal-għaġeb u ta' min iħobbu, is-sid u l-Mulej li huwa, ifisser li aħna għandu jkollna moħħna mimli bil-veritajiet tiegħu li jsalvawna, u nħossuna f'postna meta nitkellmu fuq ir-reliġjon, bħalma nħobbu nitkellmu fuq uliedna, fuq darna, fuq ix-xogħol tagħna. L-Ispirtu s-Santu jagħtina d-dawl biex nifhmu l-verità ta' Kristu. F'laqgħa tal-Patrizji, aħna naqsmu dan id-dawl ma' oħrajn, u aħna, min-naħa tagħna, nitgħallmu mingħandhom. Hemm inkunu xhieda ta' Kristu u qalbna titħeġġeġ fina meta hu jitkellem permezz tal-fomm tal-proxxmu tagħna.

Fil-Patrizji, u permezz tagħhom, Alla jersaq aktar fil-qrib; il-veritajiet tiegħu jistampaw ruħhom f'moħħna aktar fil-fond; u l-Knisja bħala qasam ta' l-isforzi tagħna ssir għalina aktar reali. Moħħ jieħu d-dawl minn moħħ ieħor, il-qlub jitħeġġu bil-fidi, Kristu jikber ġewwa fina" (Fr P. J. Brophy).

# 39

# PUNTI KARDINALI TA' L-APPOSTOLAT TAL-LEĠJUN

## 1. L-ERWIEĦ MA NERSQUX LEJHOM ĦLIEF MA' MARIJA

Mindaqqiet Marija tinżamm lura minħabba l-preġudizzji ta' dawk li ma tantx għandhom qima lejha. Dan il-metodu li nagħmlu bih id-duttrina Kattolika tingħoġob aktar jista' jaqbel ma' kif jaħsibha l-moħħ tal-bniedem, iżda ma jirriflettix il-ħsieb t'Alla. Dawk li jagħmlu hekk mhux qegħdin jifhmu li ma tistax tħalli barra s-sehem ta' Marija fil-Fidwa, bħalma ma tistax tippriedka l-Kristjaneżmu mingħajr Kristu. Għax Alla nnifsu ħaseb u ra li

Ġesù m'għandux ikun imħabbar jew imwassal jew mogħti jew muri lill-bnedmin mingħajr Marija.

**Sa mill-bidu u qabel id-dinja hi kienet fil-ħsieb t'Alla**

Kien Alla nnifsu li l-ewwel beda jitkellem dwarha u jfasslilha destin, bla dubju ta' xejn, uniku. Għaliex dak il-kobor kollu tagħha kellu bidu 'l bogħod ħafna fl-imgħoddi. Beda qabel it-twaqqif tad-dinja. Sa mill-bidu l-ħsieb ta' Marija kien quddiem il-Missier Etern, flimkien ma' dak tal-Feddej li fid-destin tiegħu hija kellha sehem. Daqshekk kmieni wieġeb Alla għal kliem id-dubbjuż: "Xi ħtieġa għandu Alla ta' l-għajnuna ta' Marija?" Alla seta' ma nqeda xejn biha, sewwasew kif seta' ma nqediex b'Ġesù nnifsu. Iżda fil-pjan li għoġbu jagħżel inkluda lil Marija. Dan il-pjan qegħedha maġenb il-Feddej sa mill-ewwel waqt li l-Feddej innifsu kien imħabbar. Dan il-pjan mar aktar 'il quddiem; taha sehem xejn inqas minn dak t'Omm il-Feddej, u għalhekk neċessarjament ta' dawk magħqudin mal-Feddej.

B'hekk sa minn dejjem Marija kienet mgħollija fid-dinjità, waħedha fost il-ħlejjaq u li ma tistax tipparagunaha lanqas ma' l-ogħla fosthom, differenti fil-ħsieb t'Alla, differenti fit-tħejjija li ħadet; u għalhekk kif jixraq magħżula mill-oħrajn kollha fl-ewwel profezija tal-Fidwa magħmula lix-xitan: "Jien inqajjem mibegħda bejnek u bejn il-mara, bejn nislek u nisilha, u hu jisħaqlek rasek u int tisħaqlu għarqubu" (Ġen 3:15). Hawn għandna l-Fidwa li kellha titwettaq fil-milja taż-żmien miġbura fil-qosor minn Alla nnifsu. Bla dubju Marija għandha tkun f'ordni għaliha waħedha; sa minn qabel twelidha, u wara wkoll, il-għadu tax-xitan; taħt il-Feddej, iżda warajh sewwa, u bħalu (Ġen 2:18), u maqtugħa mill-oħrajn kollha. L-ebda profeta — lanqas il-Battista — mhu qiegħed ħdejh hekk, l-ebda sultan, l-ebda mexxej, l-ebda appostlu, l-ebda evanġelista — lanqas San Pietru u San Pawl infushom; lanqas l-akbar fost il-papiet u r-ragħajja u d-dutturi; l-ebda qaddis; la David, la Salamun, la Mosè, lanqas Abraham. L-ebda wieħed minnhom! Waħedha fost il-ħlejjaq kollha li għad qatt jeżistu, hi maħtura minn Alla bi Msieħba fis-Salvazzjoni.

**Rivelata fil-profezija b'mod ħaj u ċar**

Il-pjan tal-profezija jissokta: "Ix-Xebba," "ix-Xebba u l-Iben," "il-Mara," "il-Mara u Binha," "is-Sultana bil-qiegħda fuq il-lemin

tas-Sultan," kliem li kull darba jiżgurana li mara kellha tkun element ewlieni fis-salvazzjoni tagħna. X'għamla ta' futur iħabbar dan dwarha? L-ikbar ħwejjeġ li jistgħu jingħadu dwarha forsi ma jidhrux li joħorġu minn dan b'mod loġiku? Bilkemm nirrealizzaw kemm hu qawwi u konkluživ id-dawl li l-profezija titfa' fuq din il-kwistjoni tal-post ta' Marija fir-reliġjon Nisranija. Il-profezija hi dell ta' ħaġa li għad trid tiġri, ħarsa li tinfed iż-żmien flok l-ispazju, xbieha mċajpra ta' dak li jista' jiġri fil-bogħod. Profezija bilfors trid tkun inqas ħajja, inqas ċara, inqas reali mill-verità li titkellem fuqha. Iżda bilfors ukoll trid iżżomm proporzjon armonjuż ma' dik il-verità. Profezija li fissret Fidwa bħala mwettqa minn Mara u Binha flimkien (u ħadd aktar ma' dawn it-tnejn), li jisħqu ras ix-xitan, ma tkun taqbel xejn ma' Fidwa li fil-fatt twarrab il-Mara fil-ġenb. Għalhekk, jekk profezija jixirqilha dan l-isem, u jekk is-salvazzjoni hi l-ħidma ta' l-Inkarnazzjoni u l-mewt ta' Ġesù Kristu fin-nisġa ta' ruħ il-bniedem tul ħajtu kollha (u l-Knisja u l-Iskrittura Mqaddsa flimkien jiddikjaraw hekk); mela fis-sistema Nisranija lil Marija għandna nsibuha ma' Ġesù, qatt mifruda minnu fil-ħidma tiegħu ta' Fidwa, Eva l-Ġdida, dipendenti minnu, iżda meħtieġa għalih — tabilħaqq xejn inqas minn Medjatriċi tal-grazzji kollha, kif fil-qosor il-Knisja Kattolika tfisser il-missjoni ħanina tagħha. Jekk dak li lemħet il-profezija hu tassew l-art t'Alla, mela dawk li jċekknu lil Marija huma barranin għal dik l-art.

**Hekk ukoll it-tħabbira tal-Mulej turi s-sehem ewlieni tagħha**

Il-profeziji jaslu fil-quċċata tagħhom; issa qorob it-twettiq taddestin tagħha, imfassal sa mill-bidu.

Ikkonsidra t-twettiq tal-għaġeb tal-pjan ħanin t'Alla. Kun preżenti bl-ispirtu għall-ikbar konferenza tal-paċi li qatt saret. Hija konferenza tal-paċi bejn Alla u l-bnedmin, u jisimha t-tħabbira ta' l-anġlu. F'dik il-konferenza deher f'isem Alla wieħed mill-ogħla anġli tiegħu, u għall-bnedmin dehret waħda li l-Leġjun għandu l-privileġġ iġib isimha. Kienet biss xbejba ġentili, iżda d-destin tal-bnedmin kollha kien jiddependi minnha f'dik il-ġurnata. L-anġlu ġie b'aħbar tal-għaġeb. Ipproponielha l-Inkarnazzjoni. Ma ħabbarhiex biss. Il-libertà tagħha ta' għażla ma nkisritx: hekk li għal ftit ħin id-destin tal-bnedmin kien fil-keffa. Il-Fidwa kienet ix-xewqa ħerqana t'Alla. Iżda f'din, bħal fil-ħwejjeġ kollha inqas minnha, hu ma riedx jisforza r-rieda tal-bnie-

dem. Hu ried joffri d-don ta' siwi bla tarf iżda kien jiddependi mill-bniedem jekk jaċċettahx, u l-bniedem kien ħieles li jiċħdu. Kien wasal il-waqt mistenni mill-ġnus kollha, sewwasew kif minn dak in-nhar 'l hawn il-ġnus kollha jħarsu lura lejh. Kien il-waqt deċiżiv taż-żminijiet kollha. Kien hemm waqfien ta' ftit mumenti. Dik ix-xebba m'aċċettatx minnufih; għamlet mistoqsija, u ngħatat it-tweġiba. Kien hemm waqfien ieħor, u mbagħad lissnet il-kliem: "Ħa jsir minni skond kelmtek!" (Lq 1:38), dak il-kliem li niżżel 'l Alla fl-art, u ffirma il-patt il-kbir tal-paċi għall-bnedmin.

**Il-Missier għamel il-Fidwa tiddependi minnha**

Kemm ftit jifhmu l-konsegwenzi kollha ta' dak il-kunsens tagħha! Saħansitra l-biċċa l-kbira tal-Kattoliċi ma jifhmux l-importanza tas-sehem li Marija wettqet. L-Għorrief tal-Knisja jgħidu hekk: Kieku dik ix-xebba ċaħdet l-offerta tal-maternità li saritilha, it-tieni Persuna tat-Trinità Qaddisa ma kinitx issir bniedem fiha. X'ħaġa tal-għaġeb! "Kif titkexkex meta taħseb li Alla rabat il-miġja tal-Feddej mal-kliem 'Ħa jsir minni' (Lq 1:38) tax-xebba ta' Nazaret; li dan il-kliem kellu jkun it-tmiem tad-dinja l-qadima, il-bidu tal-ġdida, it-twettiq tal-profeziji kollha, il-waqt tat-tibdil taż-żminijiet kollha, l-ewwel leħħa tal-kewkba ta' filgħodu li għandha tħabbar it-tlugħ tax-xemx tal-ġustizzja. Hu kliem li sakemm ir-rieda tal-bniedem kellha ħila twettaq, niseġ il-patt li niżżel is-sema fuq l-art, u għolla l-bnedmin sa ħdejn Alla!" (Hettinger). X'ħaġa tassew tal-għaġeb! Ifisser li hi kienet it-tama waħdanija tal-bnedmin. Iżda d-destin tal-bnedmin kien fis-sod f'idejha. Hi tat dak il-kunsens li għalkemm aħna ma nistgħux nifhmuh għal kollox, is-sens komun jgħidilna li kellu jkun, b'mod li ma nistgħux nifhmu, l-iktar att qalbieni li qatt sar fid-dinja — att li bħalu fiż-żminijiet kollha ebda kreatura oħra ħliefha qatt ma setgħet tagħmel. Imbagħad ġie għandha l-Feddej; mhux għandha biss, iżda permezz tagħha, għand l-imsejkna bnedmin li f'isimhom kienet tkellmet. Miegħu ġabet kulma tfisser il-fidi, u l-fidi hi l-ħajja vera tal-bnedmin. Xejn iktar ma jgħodd. Għall-fidi għandna nħallu kollox. Għandna nagħmlu wkoll kull sagrifiċċju biex niksbuha. Hi l-ħaġa waħdanija li tiswa fid-dinja. Għalhekk ikkonsidra li l-fidi tal-ġnus kollha kienet marbuta mal-kliem ta' dik ix-xebba; il-fidi ta' dawk li mietu sa llum, u tal-miljuni bla għadd li għad iridu jiġu, il-fidi tal-bnedmin kollha.

**M'hemmx Kristjaneżmu veru mingħajr Marija**

Bi tpattija għal dan id-don bla tarf, il-ġnus kollha għandhom, minn issa 'l quddiem, isejħu lil dik ix-xebba, imbierka. Lil dik li ġabet il-Kristjaneżmu fuq l-art, ma nistgħux niċħdulha post fil-kult Nisrani. Iżda xi ngħidu għall-ħafna f'din id-dinja li ftit jistmawha, għall-ħafna li jonqsuha mir-rispett, għall-ħafna li jagħmlu agħar minn hekk? Jaħsbu qatt dawn in-nies li kull grazzja li għandhom jafuha lilha? Ifittxu qatt jifhmu li kieku f'dak il-lejl huma tħallew barra mill-kliem tagħha ta' kunsens, il-Fidwa kieku qatt ma waslet għalihom fuq l-art? Kieku ġara hekk ma kienu jiksbu xejn mill-frott tal-Fidwa. Fi kliem ieħor, ma kienu jkunu Nsara xejn imqar jekk jgħajtu "Mulej! Mulej!" il-jum kollu u kul-jum (Mt 7:21). U min-naħa l-oħra, jekk huma tassew Insara u jekk waslilhom id-don tal-ħajja dan waslilhom biss għax qalgħethulhom hi, għax kienu inklużi fil-kunsens tagħha. F'kelma waħda, il-Magħmudija li tagħmel lil bniedem bin Alla, tagħmlu fl-istess ħin bin Marija.

Għalhekk il-gratitudni — gratitudni prattika — lejn Marija għandha tkun is-sinjal ta' kull Nisrani. Il-Fidwa hi d-don tal-Missier u ta' Marija flimkien. Għalhekk mal-kliem ta' ringrazzjament lill-Missier għandha titla' kelma ta' ringrazzjament lil Marija.

**L-Iben dejjem insibuh m'Ommu**

Kienet ir-rieda t'Alla li s-saltna tal-grazzja ma tibdiex mingħajr Marija. Kien il-pjaċir tiegħu li l-affarijiet jissoktaw bl-istess manjiera. Meta xtaq iħejji lil San Ġwann Battista għall-missjoni tiegħu li jmur qablu, hu qaddsu biż-żjara ħanina ta' l-Omm tiegħu mqaddsa fil-Viżitazzjoni. Fl-ewwel lejl tal-Milied dawk li ma laqgħux lil Marija ma laqgħux lilu. Ma fehmux li magħha keċċew lil dak li kienu jistennew. Meta r-ragħajja — rappreżentanti tal-poplu l-magħżul — sabu 'l dak li kien imwiegħed lill-ġnus kollha, sabuh magħha. Li kieku tbiegħdu minnha ma kinux isibuh. Nhar l-Epifanija, il-ġnus tad-dinja ġew milqugħa mill-Mulej fil-persuna tat-tliet slaten, iżda sabuh biss għax sabu lilha. Li kieku rruftaw li jersqu lejha ma kinux jaslu għandu.

Dak li kien sar fis-satra f'Nazaret kellu jkun ikkonfermat fil-beraħ fit-Tempju. Ġesù offra lilu nnifsu lill-Missier, iżda kien f'dirgħajn Marija, u kien b'idejha li ġie offrut, għax it-tarbija kienet ta' ommha; mingħajr Marija l-Preżentazzjoni ma setgħetx issir.

Nimxu 'l quddiem u nitgħallmu mis-Santi Padri li l-Mulej ma

daħalx fil-ħajja tiegħu pubblika mingħajr il-kunsens tagħha. Hekk ukoll it-talba tagħha f'Kana tal-Galilija kienet il-bidu tal-mirakli u ta' l-għeġubijiet u għemejjel kbar li bihom hu wettaq il-missjoni tiegħu.

**Kristu flok Adam; Marija flok Eva; is-Salib flok is-siġra**

Meta fuq il-Kalvarju waslet l-aħħar xena li temmet id-dramm terribbli tal-Fidwa, Ġesù kien imdendel fuq is-siġra tas-salib, u Marija kienet taħt is-salib, mhux sempliċement għax kienet Omm li tħobbu, mhux b'xi kumbinazzjoni, iżda sewwasew kif kienet preżenti fl-Inkarnazzjoni. Kienet hemm f'isem il-bnedmin kollha ttenni solennement l-offerta tagħha ta' Binha għall-ġid tal-bnedmin. Il-Mulej ma offriex ruħu lil Missieru mingħajr il-kunsens u l-offerta tagħha magħmulin f'isem uliedha kollha; is-salib kellu jkun is-sagrifiċċju tagħhom u tiegħu. "Għax daqs-kemm tassew batiet u kienet għoddha mietet ma' Binha fit-tbatijiet tiegħu" — dan hu kliem il-Papa Benedittu XV — "hekk ukoll tassew ċediet id-drittijiet materni tagħha fuq dak Binha għall-ħelsien tagħna, u ssagrifikatu kemm kien fis-setgħa tagħha, biex tberred il-ġustizzja t'Alla. Għalhekk bir-raġun nis-tgħu ngħidu li ma' Kristu hi fdiet id-dinja."

**L-Ispirtu s-Santu dejjem jaħdem magħha**

Nagħmlu pass 'il quddiem lejn Għid il-Ħamsin — dik l-okkażjoni tal-għaġeb meta l-Knisja ntefgħet għall-missjoni tagħha. Marija kienet hemm. Kien għat-talb tagħha li l-Ispirtu s-Santu niżel fuq il-Ġisem Mistiku, u ġie biex jgħammar fih "bil-kobor u l-qawwa, il-ġieħ, is-sebħ u t-tifħir" (1 Kron 29:11). Marija ġġed-ded lejn il-Ġisem Mistiku ta' Kristu kull servizz li hi offriet mal-ġisem veru tiegħu. Din il-liġi tgħodd għal Għid il-Ħamsin li kien speċi ta' Epifanija ġdida. Marija hi meħtieġa għall-wieħed kif kienet meħtieġa għall-oħra. U hekk dwar l-affarijiet divini kollha għal dejjem: jekk Marija titħalla barra, ma jitħarisx il-pjan t'Alla, ikun xi jkun it-talb, il-ħidma u t-taħbit tagħna. Jekk Marija ma tkunx hemm, il-grazzja ma tingħatax. Dan il-ħsieb jimmutana. Jista' jġegħelna nistaqsu: "Dawk li jħallu lil Marija barra jew li joffenduha ma jaqilgħux grazzji?" Iva, jaqilgħu tabilħaqq grazzji għax il-fatt li ma jagħrfux lil Marija jista' jiġi skużat minħabba l-injoranza kbira tagħhom. Iżda xi dritt fqajjar għas-sema! U x'su-ra ta' mġiba lejn dik li tgħinna! Barra minn hekk, il-grazzji li jin-

qalgħu f'ċirkostanzi bħal dawn huma biss ftit minn dawk li jmisshom ikunu maqlugħa, b'mod li l-ħidma ta' ħajja sħiħa tkun, fil-parti l-kbira tagħha, inħliet fix-xejn.

**X'post għandna nagħtuha?**

Xi wħud jitbeżżgħu u jgħidu li hu insult 'l Alla li nagħtu setgħa universali bħal din lil kreatura. Iżda jekk Alla għoġbu hekk, kif noffendu d-dinjità tiegħu? Kemm tkun bluha kieku wieħed kellu jgħid li l-forza tal-gravità tnaqqas is-setgħa t'Alla! Il-liġi tal-gravità għamilha Alla u din twettaq l-iskopijiet tiegħu fin-natura kollha. Għax għandu wieħed jaħseb li nonqsu mill-qima jekk nagħtu daqshekk setgħa lil Marija fid-dinja tal-grazzja? Jekk il-liġijiet magħmulin minn Alla għan-natura jixhdu l-qawwa tiegħu, għaliex il-liġi magħmula minnu għal Marija tagħmel xort' oħra milli tixhed it-tjubija u l-omnipotenza tiegħu?

Iżda wkoll jekk naqblu li Marija għandha tkun meqjuma, tibqa' l-kwistjoni ta' kif u kemm. "Kif," jistaqsi xi ħadd, "għandi nqassam it-talb tiegħi lil Marija, lill-Persuni Divini u lill-qaddisin? Kemm għandi nqimha sewwa sew: la biż-żejjed u lanqas bin-nieqes?" Oħrajn imorru 'l hemm iżjed, u d-diffikultà tagħhom tkun din: "Ma nagħtix forsi dahri 'l Alla jekk it-talb tiegħi nindirizzah lilha?"

Dawn id-dubji kollha ġejjin mill-fatt li napplikaw ħsibijiet tad-dinja għall-ħwejjeġ tas-sema. Nies bħal dawn qegħdin jaħsbu dwar il-Missier, l-Iben u l-Ispirtu s-Santu u Marija u l-qaddisin bħallikieku kienu statwi, b'mod li meta nduru lejn waħda għandna bilfors nagħtu daharna lill-oħrajn. Nistgħu ninqdew b'ħafna eżempji biex nispjegaw aħjar il-pożizzjoni vera. Iżda ħaġa tal-għaġeb, l-aktar soluzzjoni ħafifa u fl-istess ħin l-aktar qaddisa biex inħollu diffikultajiet bħal dawn tinsab fir-rikmandazzjoni: "Intom għandkom tabilħaqq tagħtu kollox 'l Alla, iżda agħtuhulu ma' Marija." Insibu li din il-qima lejha, li tidher hekk esaġerata, hi ħielsa minn dak it-tfixkil li jiġi meta wieħed joqgħod ikejjel u jnaqqas.

**Kull ħidma għandha tikkonferma l-kunsens tagħha**

Il-ġustifikazzjoni ta' dan il-metodu għandna nsibuha fit-tħabbira ta' l-anġlu. F'dak il-waqt il-bnedmin kollha kienu magħquda ma' Marija, ir-rappreżentanta tagħhom. Kliemha kien jinkludi kliemhom, u sa ċertu punt hi kienet tinkludi lilhom. Alla ħares

lejhom permezz tagħha. Issa, il-ħajja ta' kuljum tan-Nisrani mhijiex ħaġ'oħra ħlief il-formazzjoni tal-Mulej f'dak il-membru tal-Ġisem Mistiku tiegħu. Din il-formazzjoni ma titwettaqx mingħajr Marija. Hi frott u sehem mill-Inkarnazzjoni oriġinali, b'mod li Marija hi l-Omm vera tan-Nisrani daqskemm hi ta' Kristu. Il-kunsens u l-ħsieb tagħha matern huma meħtieġa biex Kristu jikber kuljum fir-ruħ individwali, daqs kemm kienu meħtieġa biex Kristu ħa l-ġisem fil-bidu. X'ifisser dan kollu għan-Nisrani? Ifisser bosta ħwejjeġ importanti, fosthom dik li huwa għandu b'rieda sħiħa u b'qalbu kollha jagħraf il-pożizzjoni ta' Marija bħala rappreżentanta tiegħu fl-offerta tas-sagrifiċċju, mibdija fit-tħabbira u mitmuma fuq is-salib, u li kisbet il-Fidwa. Għandu jaċċetta l-ħwejjeġ li hi għamlet f'ismu, biex ikun jista' jgawdi bla mistħija u fil-milja tagħhom, il-benefiċċji bla qies li b'hekk jaslulu. U dik l-aċċettazzjoni ta' liema għamla għandha tkun? Ikun biżżejjed att magħmul darba biss? Sib it-tweġiba għal din il-mistoqsija fid-dawl tal-fatt li kien permezz ta' Marija li kull att fil-ħajja tiegħu sar att Nisrani. Mhux forsi raġonevoli u xieraq li kull att għandu jkollu xi sinjal ta' rikonoxximent u ta' gratitudni lejha? Għalhekk it-tweġiba hi bħal dik ġa mogħtija: "Għandek tagħtiha kollox."

**Faħħar il-Mulej ma' Marija**

Għall-inqas żommha b'xi mod dejjem f'moħħok. Għaqqad il-fehma u r-rieda tiegħek ma' tagħha b'mod li kull att li tagħmel tul il-jum, kull talba li tlissen, tagħmilhom magħha. F'xejn m'għandek tħalliha barra. Sew jekk titlob lill-Missier, sew lill-Iben, sew lill-Ispirtu s-Santu, jew lil xi qaddis, għandu jkun dejjem talb f'għaqda ma' Marija. Hi ttenni l-kliem miegħek. Xofftejha u xofftejk jifformaw il-kliem flimkien, u hi tieħu sehem f'kollox. B'hekk hi tkun aktar milli biss maġenbek. Hi tkun qisha fik; ħajtek hi inti u hi flimkien; tagħtu 'l Alla dak li għandkom bejnietkom.

Devozzjoni bħal din, li tħaddan kollox, lejn Marija tagħraf tajjeb ħafna s-sehem li Marija tat u tkompli tagħti kuljum fl-opra tas-salvazzjoni. Hi wkoll l-aktar devozzjoni ħafifa lejha. Tħoll id-dubji ta' dawk li jgħidu: "Kemm?" u ta' dawk li jibżgħu li jiġrilhom li dak li jagħtu lilha jeħduh 'l Alla. Iżda xi Kattoliċi wkoll jistgħu jgħidu: "Dan iżżejjed." Imma din id-devozzjoni fejn tonqos kontra r-raġuni? U fejn iċċaħħad 'l Alla mid-dritt tiegħu? Dan in-nuqqas aktar insibuh f'dawk li għalkemm jgħidu li huma

għajjura għad-dinjità t'Alla, ma jridux iwettqu l-pjan li huwa għamel; li jgħidu li jħarsu l-Iskrittura bħala l-kelma qaddisa t'Alla, iżda ma jridux jisimgħu l-versi li jgħollu lil Marija bħala dik li Alla għamel magħha ħwejjeġ kbar, u li kull nisel isejħilha hienja (Lq 1:48-49).

Lil dawn kollha li jiddubitaw, l-aħjar ħaġa hi li nkellmuhom ċar fuq din id-devozzjoni sabiħa u perfetta. U tabilħaqq kif jistgħu l-leġjunarji jitkellmu fuq Marija xort'oħra? Billi nċekknu u nnaqqsu biss, inħalluha misteru. Jekk Marija hi dell jew idea sentimentali, jiġi li għandhom raġun mhux il-Kattoliċi, iżda dawk li jitkellmu dwarha mingħajr ma jagħtuha importanza! U minnaħa l-oħra, l-istqarrija tad-drittijiet tagħha kollha u tal-post essenzjali tagħha fil-ħajja Nisranija fiha sfida li l-ebda qalb li fuqha l-grazzja għandha xi effett, ma tista' taħrab minnha. Imbagħad, eżami bil-kwiet ta' dak li twettaq Marija, lil nies bħal dawn iwassalhom f'riġlejha.

L-iskop tal-Leġjun hu li jkun mera ta' Marija. Jekk ikun fidil lejn dan l-ideal, il-Leġjun ikollu sehem mid-don tagħha glorjuż li jitfa' d-dawl fil-qlub ta' dawk li jinsabu fid-dlamijiet tan-nuqqas ta' twemmin.

"Sant'Albertu l-Kbir, l-imgħallem ewlieni ta' San Tumas t'Aquino, għandu frażi sabiħa fil-kummentarju fuq it-taqsima ta' l-evanġelju dwar it-tħabbira, li bejn wieħed u ieħor tgħid li Bin Marija jagħmel il-kobor t'Ommu bla tarf, għaliex xi ħaġa mill-perfezzjoni bla tarf li hi proprja tal-frott tinsab ukoll fis-siġra li tagħti il-frott.

Il-Knisja Kattolika fil-prattika tqis lil Omm Alla bħala setgħa bla tarf fis-saltna tal-grazzja. Hi meqjusa bħala l-Omm tal-mifdijin minħabba l-universalità tal-grazzja tagħha. Bis-saħħa tal-maternità divina tagħha, Marija hi bla dubju s-setgħa sopranaturali l-iktar kbira, l-iktar effiċjenti, l-iktar universali, fis-sema u fl-art, barra mit-Tliet Persuni Divini" (Vonier: *Il-Maternità Divina*).

## 2. GĦANDNA NURU SABAR U ĦLEWWA BLA TARF MAR-RUĦ LI HI TA' SIWI BLA TARF

L-imġiba iebsa m'għandha tidħol qatt fil-ħidma tal-Leġjun. Il-kwalitajiet essenzjali għas-suċċess, fuq kollox meta jkollna x'naqsmu mal-bniedem imwarrab u mal-midneb, huma dawk ta' ħlewwa u mogħdrija bla heda. Fil-ħajja, aħna l-ħin kollu nip-

perswadu rwieħna li każijiet partikolari jkun ħaqqhom ċanfir jew kelma iebsa. Ngħidu dak il-kliem u wara jiddispjaċina li għidnieh. Jista' jkun li f'kull każ inkunu żbaljajna. Għaliex ma niftakrux, qabel ma jkun tard, li huwa mit-trattament ħażin, kollu mistħoqq, li jiġu l-ebusija tal-qalb u l-ħażen li aħna nilmentaw minnhom? Il-fjura li kienet tiftaħ taħt il-qawwa tas-sħana ħelwa tal-ħniena u l-mogħdrija, tagħlaq għal kollox fl-arja kiesħa. Mill-banda l-oħra, l-arja ta' mogħdrija li l-leġjunarju twajjeb jieħu miegħu, il-fatt li hu lest jisma' u jidħol b'qalbu kollha fil-każ li jiġi rrakkontat, huma ta' ħlewwa hekk irreżistibbli li l-bniedem l-aktar stinat, mistagħġeb b'dan, f'ħames minuti jċedi art li lanqas wara sena ta' twiddib u ċanfir ma kienet tkun tista' tintrebaħ.

Nies diffiċli bħal dawn ġeneralment ftit ikun jonqoshom biex jinfexxu fir-rabja. Min jirritahom iżjed iġagħalhom jidinbu u jwebbsu rashom. Min jixtieq jgħinhom għandu jiġbidhom lejn in-naħa l-oħra. U jirnexxilu jagħmel dan billi juża magħhom sabar u rispett mill-akbar.

Kull leġjunarju għandu jistampa bin-nar f'ruħu dan il-kliem li l-Knisja tapplika għall-Verġni Mbierka: "Għax tifkirti oħla mill-għasel, u sehmi minn xehda għasel" (Sir 24:20). Oħrajn jistgħu jiksbu ġid b'metodi aktar qawwija. Iżda għal-leġjunarju hemm triq waħda biss biex iwettaq il-ħidma t'Alla — it-triq tal-ġentilezza u tal-ħlewwa. Qatt m'għandu jitbiegħed minn din it-triq, ikunu x'ikunu ċ-ċirkostanzi. Jekk jitbiegħed minnha, ma jiksibx ġid; x'aktarx ħsara jagħmel. Il-leġjunarji li joħorġu mis-saltna ta' Marija, jitilfu l-kuntatt ma' dik li minnha jiddependi x-xogħol tagħhom. X'jistgħu mbagħad jittamaw li jirbħu?

L-ewwel praesidium tal-Leġjun kien mogħti l-isem ta' Sidtna Marija tal-Ħniena. Dan ġara għaliex l-ewwel ħidma li daħal għaliha kienet żjajjar lil sptar immexxi mis-Sorijiet tal-Ħniena. Il-leġjunarji ħasbu li kienu huma li qegħdin jagħżlu dak l-isem, iżda min jista' jiddubita li kien tabilħaqq ingħata mill-Verġni ħelwa nfisha, u b'hekk uriet il-kwalità li biha r-ruħ leġjunarja għandha tingħaraf?

Ġeneralment il-leġjunarji ma nsibuhomx bierda fit-tfittxija tal-midneb. Sikwit jiġru bla heda għal snin twal wara xi midneb li jwebbes rasu. Iżda kultant wieħed jiltaqa' ma' nies li huma prova iebsa għall-fidi, it-tama u l-imħabba ta' dak li jkun. Dawn in-nies jidhru li huma barra mill-klassi tal-midinbin komuni: nies ta' ħżunija mill-agħar, t'egoiżmu ppersonifikat jew qerq bla tarf,

jew li huma mimlijin b'mibegħda lejn Alla jew jeħduha qatta bla ħabel kontra r-reliġjon. Donnhom ma jistgħu jintlaqtu b'xejn, m'għandhom ebda xrara ta' grazzja jew ħjiel ta' l-ispiritwal. Huma hekk ta' min jistmerrhom għal kollox li bilkemm tista' temmen li Alla nnifsu ma jistmerrhomx ukoll. X'jista' qatt jara fihom fost kruhat hekk tal-biża' biex iġagħluh jixtieq l-ikbar intimità magħhom fit-tqarbin imqaddes, jew il-kumpanija tagħhom fis-sema?

It-tentazzjoni naturali li bniedem bħal dan nitilquh għal riħu hi kważi irreżistibbli. Iżda minkejja dan, il-leġjunarju m'għandux iċedi. Dawn ir-raġunamenti umani huma kollha foloz. Tabilħaqq, Alla jħobb b'tant ħrara lil dik ir-ruħ ħażina u sfigurata li hu bagħat lil Ibnu, il-Mulej l-aktar għażiż, għal dik ir-ruħ, u qiegħed magħha issa wkoll!

Hawn tinsab ir-raġuni għall-perseveranza leġjunarja, imfissra wisq tajjeb minn Monsinjur R. H. Benson: "Kieku l-midneb ma jagħmel xejn bid-dnub tiegħu ħlief li jkeċċi minnu 'l Kristu, kieku ruħ bħal din nistgħu nitilquha. Hu għaliex — fil-frażi tal-biża' ta' San Pawl — ir-ruħ tal-midneb iżżomm lil Kristu, terġa' ssallbu u twaqqgħu għat-tmaqdir (Lhud 6:6) li ma nistgħux inħalluha sejra għal riħha."

Xi ħsieb li jwerwrek! Kristu s-Sultan tagħna, biex ngħidu hekk, f'idejn l-għadu tiegħu! Xi ħsieb li jħeġġiġna għall-ħidma tul ħajjitna kollha, għall-eħrex taqbida li qatt tista' ssir, għat-tfittxija bla heda għar-ruħ li għandna nikkonvertuha biex tintemm l-agunija ta' Kristu! Kull ħaġa naturali għandha tinxteħet f'dak in-nar qawwi ta' att ta' fidi mħeġġa li tagħraf u tħobb u tieqaf ma' Kristu msallab f'dak il-midneb. Hekk kif l-azzar l-aktar iebes jinħall fis-sħana tan-nar qawwi, hekk ukoll il-qalb l-aktar iebsa tirtab fil-fjamma ta' dik l-imħabba li ma tintrebaħx.

Lil leġjunarju t'esperjenza kbira ma' midinbin l-aktar stinati f'belt kbira, staqsewh jekk qatt kienx iltaqa' ma' xi ħadd li qatagħlu qalbu għal kollox. Bħala leġjunarju ma riedx jammetti li jeżistu nies ta' dik ix-xorta. Għalhekk wieġeb li ħafna kienu jbeżżgħuh iżda ftit kienu jaqtgħulu qalbu. Meta ssikkawh, fl-aħħar stqarr li kien jaf b'wieħed li seta' jissejjaħ bla tama.

Dakinhar stess filgħaxija, ingħatatlu ċanfira li ħasditu għal kollox. Bla ebda ħsieb iltaqa' fit-triq ma' dik il-persuna li kien semma. Tkellem magħha għal tliet minuti u sar il-miraklu ta' konverżjoni sħiħa u dejjiema!

"Fil-ħajja ta' Santa Madalena Sofija tolqotna ġrajja li fiha naraw b'liema mogħdrija ġriet fedelment wara ruħ. Għal tlieta u għoxrin sena l-qaddisa baqgħet imqabbda b'imħabba bla heda ma' ruħ li l-providenza t'Alla kienet laqqgħet magħha: nagħġa mitlufa li, kieku ma kenitx il-qaddisa, qatt ma kienet issib il-merħla. Minn fejn kienet ġiet Julie ħadd qatt ma kien jaf — Julie qatt ma qalet l-istorja tagħha xorta waħda darbtejn. Iżda kienet waħedha u fqira, ta' natural diffiċli u kapriċċuż, tip li diffiċli tiltaqa' miegħu fil-ħajja ta' kuljum, kien jingħad; qarrieqa, perikoluża, vulgari, li tisħon sa tintilef barra minn sensiha. Iżda l-qaddisa fiha rat biss ruħ li r-Ragħaj it-Tajjeb sab f'postijiet perikolużi u fdaha f'idejha biex tieħu ħsiebha. Ħaditha bħala bintha, kitbitilha aktar minn mitejn ittra u sofriet ħafna minħabba fiha. Għalkemm imħallsa bil-kalunnja u bl-ingratitudni, il-qaddisa ma qatgħetx qalbha, ħafritilha darba wara l-oħra u dejjem baqgħet tittama . . . Julie mietet seba' snin wara l-qaddisa fil-paċi m'Alla" (Monahan: *Santa Madalena Sofija Barat*).

## 3. IL-KURAĠĠ LEĠJUNARJU

Kull professjoni titlob l-għamla ta' kuraġġ partikolari tagħha, u lil dak il-membru li ma jkollux dak il-kuraġġ tgħoddu b'inden. Il-Leġjun jitlob fuq kollox il-kuraġġ morali. Kważi kull ħidma tagħna tikkonsisti filli navviċinaw nies biex inressquhom eqreb lejn Alla. F'dan mindaqqiet niltaqgħu ma' stmerrija jew nuqqas ta' ftehim taħt diversi għamliet, li ma jwasslux għall-mewt daqs il-balal tal-gwerra iżda, kif turi l-esperjenza, aħna lesti anqas li naffrontawhom. Għax fost l-eluf li ma jibżgħux mix-xita ta' l-isparar u tal-balal, bilkemm issib wieħed li ma jerġax lura minn fejn ikun hemm biss biża' ta' ftit żeblił, jew kliem ta' korla, jew kritika, jew ukoll ħars ta' żufjett, jew għax jibża' li jaħsbuh li qed jippriedka jew jagħmilha ta' qaddis.

"Min jaf x'jaħsbu? Min jaf x'jgħidu?" hi r-rimarka li tkessħek, u li tieħu post il-ħsieb li l-appostli ħassewhom ferħana talli ġew meqjusa bħala nies li jistħoqqilhom li jkunu mmaqdra minħabba l-isem ta' Ġesù (Atti 5:41).

Fejn dan il-biża', magħruf minn kulħadd bħala rispett uman, ma jitrażżanx, ftit li xejn issir ħidma għall-erwieħ. Hares ħarsa madwarek u ara t-traġedja ta' dan. Kullimkien il-Kattoliċi jgħixu fost komunitajiet kbar ta' nies li ma jemmnux, jew mhux Kattoliċi, jew Kattoliċi mhux prattikanti. Ħamsa fil-mija minn dawn

jistgħu jintrebħu bl-ewwel sforz serju li jwasslilhom individwalment it-tagħlim Kattoliku. Dawk il-ħamsa fil-mija, imbagħad, iservu ta' mezz għall-konverżjoni ta' qtajja' kbar. Iżda dak l-isforz ma jsirx. Dawk il-Kattoliċi jixtiequ kieku jagħmluh, iżda ma jagħmlu xejn, għax il-qawwiet tagħhom għall-ħidma jinfilġu mill-velenu mortali tar-rispett uman. Għal nies differenti, dan ta' l-aħħar jieħu ismijiet differenti: "prudenza li kulħadd għandu jkollu," "rispett għall-opinjonijiet ta' l-oħrajn," "ħidma bla tama," "nuqqas ta' treġija," u ħafna frażijiet oħra sbieħ; iżda li bihom nispiċċaw biex ma nagħmlu xejn.

Jingħad fil-ħajja ta' San Girgor Tawmaturgu li waqt li kien qed imut, staqsa lil ta' madwaru kemm kien baqa' nies fil-belt li ma kinux jemmnu. "Sbatax biss," wiġbuh malajr. L-isqof moribond waqaf jaħseb ftit fuq in-numru li qalulu u rrimarka: "Sewwasew in-numru ta' dawk li sibt jemmnu meta sirt isqof hawn." Beda bi sbatax biss jemmnu, u bil-ħidma tiegħu wassal il-fidi lil kulħadd barra sbatax! Tassew tal-għaġeb! Iżda l-grazzja t'Alla ma nħlietx tul il-mijiet ta' snin li għaddew. Il-fidi u l-kuraġġ jistgħu jġagħluha tagħmel l-istess illum. Il-fidi normalment ma tonqosx, iżda l-kuraġġ iva.

Il-Leġjun, li jaf b'dan, għandu jiġġieled bis-sħiħ kontra l-ħidma ta' l-ispirtu tar-rispett uman fil-membri tiegħu. L-ewwelnett, billi jeħodha kontra l-ħidma tiegħu bil-qawwa ta' dixxiplina soda. It-tieni, billi jgħallem lil-leġjunarji jqisu r-rispett uman bħalma s-suldat iqis il-ġjufija. Għandhom ikunu mgħallma jeħduha kontra l-ġibdiet tiegħu, u għandhom jifhmu li l-imħabba, il-lealtà u d-dixxiplina huma, wara kollox, ħwejjeġ ta' siwi żgħir jekk ma jnisslux fihom sagrifiċċju u kuraġġ.

Leġjunarju bla kuraġġ! X'nistgħu ngħidu għal dan ħlief napplikaw il-kliem ta' San Bernard: "X'għajb li tkun membru delikat ta' Ras inkurunata bix-xewk!"

"Jekk titqabad biss meta tħossok lest għat-taqbida, fejn ikun il-mertu tiegħek? X'jimporta anki jekk m'għandekx kuraġġ, sakemm iġġib ruħek bħallikieku kont tassew kuraġġuż? Jekk tħossok għażżien wisq biex tiġbor biċċa ħajta, u b'danakollu tagħmel hekk għall-imħabba ta' Ġesù, ikollok mertu akbar milli kieku għamilt ħaġa aktar nobbli, meta int imbuttat mill-entużjażmu. Flok jisgħobbik, ifraħ, li waqt li jħallik tħoss id-dgħufija tiegħek, il-Mulej qed jagħtik okkażjoni li ssalva numru akbar t'erwieħ" (Santa Tereża tal-Bambin Ġesù).

## 4. ĦIDMA SIMBOLIKA

Hu prinċipju fondamentali tal-Leġjun li f'kull ħidma għandna nagħtu l-aħjar li nistgħu. Ħafifa jew tqila, il-ħidma għandna nagħmluha fl-ispirtu ta' Marija.

Hemm raġuni oħra importanti. F'ħidmiet spiritwali qatt ma tista' tkejjel sa fejn għandek tasal. Meta nkunu qed nagħmlu kuntatt ma' ruħ, f'liema punt nistgħu ngħidu "biżżejjed"? U dan naturalment jgħodd b'qawwa partikolari għall-ħidmiet aktar ibsin. Quddiem dawn nibdew inkabbru t-tfixkil u nilagħbu bil-kelma "impossibbli." Bosta mill-ħwejjeġ li nsejħu "impossibbli" m'huma impossibbli xejn. Ftit ħwejjeġ huma impossibbli għal min hu bieżel u bil-għaqal. Iżda ndaħħluha f'rasna li huma impossibbli, u mbagħad bl-imġiba tagħna nagħmluhom hekk.

Iżda mindaqqiet niltaqgħu ma' ħidmiet li huma impossibbli tassew, fi kliem ieħor, li l-isforzi kollha tal-bniedem ma' jaslux. Żgur li jekk nistrieħu fuq ix-xejra naturali tagħna, aħna ma nidħlux għal dik li nqisu ħidma għalxejn f'dawk il-każi li jidhru, jew tassew huma, impossibbli. Forsi dan jista' jfisser li lanqas biss inħarsu lejn tliet kwarti mill-ħidma l-aktar importanti li qiegħda tistenna biex issir. B'hekk inkunu qed inwaqqgħu t-taqbida kbira u tal-għaġeb tal-Kristjaneżmu għal ġlieda fiergħa. Għalhekk is-sistema tal-Leġjun titlob sforz fiċ-ċirkostanzi kollha, jiswielna x'jiswielna — sforz bħala prinċipju ewlieni. Kemm fl-ordni naturali kif ukoll f'dak sopranaturali, li ma nemmnux fl-impossibbli hu l-muftieħ għall-possibbli. B'dik ix-xejra biss nistgħu nħollu l-problemi. Anzi nistgħu mmorru pass ieħor 'il quddiem u ngħidu bla dubju li meta nagħmlu hekk inkunu nobdu l-evanġelju, fejn insibu li għal Alla xejn mhu impossibbli. Hi t-tweġiba tat-twemmin tagħna għas-sejħa tal-Mulej innifsu li jkollna fidi li titfa' l-muntanja fil-baħar.

Li naħsbu f'rebħa spiritwali bla ma fl-istess ħin inqawwu l-ispirtu tagħna biex ikollna rieda li ma tibża' minn xejn ikun sempliċi bluha.

Għax jagħraf dan, il-ħsieb ewlieni tal-Leġjun hu li jqawwi l-ispirtu tal-membri tiegħu.

"Kull ħaġa impossibbli tinqasam f'disgħa u tletin tarġa, kull waħda minnhom possibbli," hi l-għajta leġjunarja li donnha fiha kontradizzjoni. Iżda dik l-idea fiha sens tal-għaġeb. Tifforma l-pedamenti tas-suċċess. Tfisser fil-qosor il-filosofija tas-suċ-

ċess. Għax jekk il-moħħ jiċċassa quddiem dak li jidher impossibbli, il-ġisem jittieħed minnu, u bħalu ma jagħmel xejn. F'ċirkostanzi bħal dawn *kull* diffikultà naturalment issir impossibbiltà. Meta tiltaqa' ma' xi ħaġa bħal dik, tissokta dik l-għajta ta' għerf, aqsamha; ifred u irbaħ. Ma tistax titla' fuq il-bejt b'qabża waħda, iżda tista' titla' mit-taraġ — tarġa tarġa. Hekk ukoll fl-eqqel tad-diffikoltà tiegħek itla' tarġa. M'hemmx għalfejn tħabbel rasek fuq it-tarġa li jmiss; għalhekk ħsiebek f'dik l-ewwel tarġa. Meta tkun tlajtha, it-tieni taraha quddiemek minnufih jew wara ftit. Itlagħha u tara t-tielet — u mbagħad oħra. U wara serbut minn dawn — forsi mhux id-disgħa u tletin tal-frażi msemmija, li ġejja biss mill-ktieb ta' dak l-isem — wieħed isib li għadda mill-bieb ta' l-impossibbli u daħal f'art ta' l-ikbar tama.

Osserva: l-enfasi qiegħda fuq il-ħidma. Tkun kemm tkun kbira d-diffikoltà, għandna nagħmlu xi pass. Dan il-pass, m'għandniex xi ngħidu, għandu jkun qawwi kemm jista' jkun. Iżda jekk ma nkunux nistgħu nagħmlu pass qawwi, allura għandna nagħmlu pass inqas qawwi. U jekk lanqas dan ma nistgħu nagħmlu, allura għandu jsir ġest attiv (jiġifieri mhux talba biss) li, għalkemm bla siwi prattiku li jidher, għall-inqas iressaq lejn l-iskop jew għandu x'jaqsam miegħu. Dan il-ġest finali ta' sfida hu dak li l-Leġjun isejjaħ "Ħidma Simbolika." Meta nirrikorru għalih, dan ixejjen l-impossibbiltà li nkunu ħloqna aħna. U min-naħa l-oħra b'din il-ħidma aħna nidħlu bi spirtu ta' fidi f'taqbida drammatika ma' l-impossibbiltà vera.

Ir-riżultat jista' jkun it-tiġrif ta' dawk il-ħitan ta' Ġeriko.

"Mas-seba' darba l-qassisin daqqew it-trombi u Ġożwè qal lill-poplu: 'Għajjtu, għax takom il-Mulej il-belt'. . . U għajjat il-poplu, u daqqew it-trombi, u malli l-poplu sama' d-daqq tat-trombi għajjtu għajta kbira, u l-ħitan iġġarrfu u l-poplu tala' għall-belt, kulħadd minn fejn kien, u qabdu l-belt f'idejhom" (Ġoż 6:16-20).

## 5. GĦANDU JSIR XOGĦOL ATTIV

Il-Leġjun mingħajr l-ispirtu tiegħu jkun bħal kull ġisem ieħor bla ħajja. Dak l-ispirtu tal-Leġjun, li hekk ibiddel għal kollox il-membri tiegħu, mhux qiegħed itir madwarna fl-arja jistenniena li neħduh man-nifs. Le! Dak l-ispirtu vitali hu dak li l-grazzja tnissel minn sforz. Jiddependi mix-xogħol li qed isir u mill-mod

li bih isir mil-leġjunarji individwali. Jekk m'hemmx sforz, l-ispirtu jitbaxxa u jista' jmut.

Minħabba li

1. ma nkunux irridu nidħlu għal xogħol li jitqies tqil, jew
2. ma jkollniex ħila nagħżlu sewwa x-xogħol li wieħed isib bil-kotra anki fl-iċken postijiet, iżda fuq kollox għaliex
3. nibżgħu ħafna mill-kritika kuntrarja;

jista' jkollna tendenza li naħarbu xogħol attiv jew li nagħtu lill-membri xogħol bla siwi. Iżda kulħadd hu mwissi li l-makkinarju leġjunarju hu maħsub biex jara li jsir xogħol sostanzjali u attiv. M'hemmx skop li titwaqqaf is-sistema jekk xogħol bħal dan ma jsirx. Armata li ma tridx titqabad: x'isem mhux floku! Hekk ukoll il-membri ta' praesidium li ma jidħolx għal xi għamla ta' xogħol attiv, m'għandhomx dritt jissejħu leġjunarji ta' Marija. Intennu li opri spiritwali ma jissodisfawx l-obbligu ta' xogħol attiv.

Il-praesidium li ma jaħdimx, mhux biss jitbiegħed mill-iskop leġjunarju li juri appostolat qawwi fil-prattika, iżda jagħmel inġustizzja kbira oħra lil-Leġjun. Joħloq l-impressjoni li l-Leġjun mhux tajjeb għat-twettiq ta' ċertu xogħol, filwaqt li l-verità hi li l-Leġjun, għalkemm għandu l-ħila kollha, lanqas biss m'hu jitħaddem għal dak ix-xogħol.

## 6. IL-KONTROLL TAL-ĦIDMA MILL-PRAESIDIUM

Il-ħidma għandha tingħata mill-praesidium. Il-membri mhumiex ħielsa li jużaw isem il-Leġjun għal xi ħidma li jfettlilhom jidħlu għaliha. Iżda din ir-regola m'għandhiex tiftiehem b'mod hekk ristrett li ma tħallix lill-membri jinqdew b'xi okkażjoni li tiġihom biex jagħmlu xi ġid. Infatti l-leġjunarju għandu jqis ruħu sa ċertu punt li hu dejjem fis-servizz. Xogħol li niltaqgħu miegħu bla mistenni jista' jissemma' u jingħata rapport dwaru fl-ewwel laqgħa, u jekk il-praesidium jara li hu xogħol li ta' min ikomplih, isir parti mill-ħidma normali tal-Leġjun. Iżda f'dan kollu l-praesidium għandu joqgħod attent. F'ħafna nies ta' rieda tajba hemm tendenza naturali li jagħmlu kollox minbarra dak li huma suppost jagħmlu, li jiġru 'l hawn u 'l hinn flok ma joqogħdu għall-ħidma li tingħatalhom. Dawn in-nies jagħmlu iktar ħsara milli ġid, u jekk ma jitrażżnux jagħmlu ħafna ħsara lid-dixxiplina leġjunarja.

Malli wieħed ma jibqax jagħraf is-sens ta' responsabbiltà lejn il-praesidium, jiġifieri jinsa li hu messaġġier li jitlaq mill-praesidium tiegħu b'ordnijiet ċari, u jerġa' lura biex jirrapporta fuq it-twettiq tal-ħidma mogħtija, il-ħidma nfisha malajr tieqaf, jew inkella ssir għajn ta' periklu għal-Leġjun. Jekk isir xi żball gravi minħabba ħidma indipendenti bħal din, il-ħtija jeħodha l-Leġjun għalkemm l-iżball ikun sar minħabba nuqqas ta' ħarsien tas-sistema tal-Leġjun.

Meta leġjunarji entużjasti żżejjed igergru li l-isforzi tagħhom biex jagħmlu l-ġid qegħdin jiġu mfixkla mid-dixxiplina żejda, ikun tajjeb li tiġi studjata l-kwistjoni fuq il-linji msemmija. Iżda jinħtieġ ukoll li tingħata attenzjoni li xi lment bħal dan ma jkunx ibbażat fuq il-fatti. L-iskop essenzjali tad-dixxiplina hu li tmexxi lill-bnedmin 'il quddiem, mhux li żżommhom lura; iżda xi nies donnhom m'għandhomx idea oħra ta' kif iħaddmu l-awtorità ħlief li jgħidu "le" jew inkella jżommu żżejjed.

## 7. ŻJAJJAR TA' TNEJN FLIMKIEN BIEX TITĦARES ID-DIXXIPLINA LEĠJUNARJA

Iż-żjajjar għandhom isiru minn tnejn flimkien. Hu u jordna hekk, il-Leġjun għandu f'moħħu l-iskopijiet li ġejjin. L-ewwel, il-ħarsien tal-leġjunarji. Ġeneralment mhumiex it-toroq daqskemm id-djar infushom li jżuru li jitolbu din il-prekawzjoni. It-tieni, iż-żjajjar minn tnejn flimkien huma għajn ta' inkuraġġiment ta' wieħed lill-ieħor. Huma t'għajnuna kontra r-rispett uman jew biża' komuni meta jsiru żjajjar f'postijiet jew djar diffiċli fejn wieħed jistenna li jkollu laqgħa bierda. It-tielet, iqiegħdu s-siġill tad-dixxiplina fuq il-ħidma. Jiżguraw puntwalità u fedeltà fiż-żjajjar li jkollhom isiru. Jekk ikun imħolli waħdu, wieħed ma jarahiex bi kbira li jbiddel il-ħin, jew iħalli għal kollox iż-żjara tiegħu tal-ġimgħa għal darb'oħra. Għeja, maltemp, stmerrija naturali li tmidd għonqok għal żjara li ma togħġbokx, kollha jagħmlu tagħhom jekk ma jkunx hemm appuntament x'jinżamm ma' ħaddieħor. Ir-riżultat ikun li ż-żjajjar isiru bla ordni u b'mod irregolari u bla suċċess, u fl-aħħar jitħallew għal kollox.

Dak li s-soltu jsir f'sitwazzjoni li tinħoloq minħabba li leġjunarju ma jżommx appuntament ma' sieħbu hu dan li ġej. Jekk il-ħidma, ngħidu aħna, tkun żjara fi sptar, jew ħidma oħra fejn jidher

ċar li ma hemm assolutament ebda periklu, il-leġjunarju jista' jmur għaliha waħdu. Jekk, għall-kuntrarju, hi ħidma li tqiegħed lil-leġjunarju f'ċirkostanzi diffiċli jew fejn hemm ambjent bla ġieh, il-leġjunarju m'għandux jagħmel iż-żjara waħdu. Il-permess imsemmi aktar 'il fuq li tagħmel iż-żjara waħdek għandu jitqies bħala ħaġa eċċezzjonali. Il-praesidium għandu jqisu nuqqas kbir li wieħed, darba wara l-oħra, ma jżommx l-appuntament fiż-żjajjar.

Din il-kondizzjoni dwar iż-żjajjar minn tnejn flimkien m'għandhiex tiftiehem li t-tnejn għandhom jitkellmu flimkien ma' l-istess nies. Ngħidu aħna fil-każ ta' sala fi sptar, ikun floku, u difatti hekk għandu jsir, li ż-żewġ leġjunarji jinfirdu u jduruha kull wieħed għalih waħdu u jkellmu morda differenti.

## 8. GĦANDNA NĦARSU N-NATURA INTIMA TAL-ĦIDMA LEĠJUNARJA

Il-Leġjun għandu jgħasses kontra l-periklu li jinqdew bih dawk li, mimlijin ħeġġa żejda, iridu jġibu bidla fis-soċjetà. Il-ħidma leġjunarja hi fuq kollox ħidma moħbija. Tibda fil-qalb tal-leġjunarju individwali u tiżviluppa f'din il-qalb spirtu ta' żelu u ta' imħabba. Permezz ta' kuntatt dirett, personali u perseveranti ma' l-oħrajn, il-leġjunarji jfittxu li jgħollu l-livell spiritwali tal-komunità kollha. Il-ħidma ssir bil-kwiet, fis-satra u bil-ħlewwa. Għandha tfittex mhux tant li teqred direttament abbużi kbar daqskemm li timla l-komunità bi prinċipji u sentimenti Kattoliċi, b'mod li l-abbużi jmutu waħedhom għaliex ma jibqgħalhomx ħamrija tajba. Tqis li r-rebħa vera tagħha tinsab fl-iżvilupp kontinwu, għalkemm mindaqqiet bil-mod, ta' ħajja u xejra Kattolika qawwija fost il-poplu.

Hu importanti li n-natura intima taż-żjajjar leġjunarji tkun imħarsa bir-reqqa. Ma titħarisx jekk il-leġjunarji jieħdu fama li huma jitkixxfu l-abbużi biex ixandruhom pubblikament. Ikun hemm tendenza li n-nies jiddubitaw miż-żjajjar tal-leġjunarji fi djarhom, kif ukoll minn kull ħidma oħra tagħhom. Flok li jinżammu bi ħbieb li wieħed jista' jafda fihom, jaqgħu taħt is-suspett li huma jagħmlu ħidma ta' tkixxif f'isem l-għaqda tagħhom. Żgur li l-preżenza tagħhom tkun mistmerra, u dan ikun ifisser it-tmiem tas-siwi veru tal-Leġjun.

Għalhekk dawk li huma inkarigati mill-ħidmiet leġjunarji għandhom joqogħdu attenti li isem il-Leġjun ma jorbtuhx ma' skopijiet li, għalkemm tajba fihom infushom, jitolbu metodi li ftit li xejn jaqblu ma' dawk tal-Leġjun. Hawn għaqdiet speċjali biex jikkumbattu l-abbużi sfaċċati ta' żminijietna. Ħalli l-leġjunarji jinqdew bihom meta jinħtieġ, u jgħinuhom bħala individwi privati. Iżda l-Leġjun għandu jissokta jkun fidil lejn it-tradizzjoni u l-metodi tiegħu.

## 9. HU MIXTIEQ LI Ż-ŻJAJJAR ISIRU BIEB BIEB

Iż-żjajjar tal-Leġjun għandhom, kemm jista' jkun, isiru bieb bieb, ikunu min ikunu n-nies li joqogħdu hemm. In-nies jistgħu jieħdu għalihom jekk jaħsbu li qegħdin jiġu magħżula minn fost l-oħrajn biex nieħdu ħsiebhom.

Lanqas m'għandhom jinqabżu d-djar ta' dawk li nsibu li mhumiex Kattoliċi — jekk mhux għal raġunijiet serji. Dawn m'għandniex nersqu lejhom bi spirtu t'aggressjoni reliġjuża, iżda biex inwaqqfu bidu ta' ħbiberija. Meta ngħidulhom li qegħdin inżuru d-djar kollha biex insiru nafu lil dawk li joqogħdu fihom naslu biex niġu milqugħin tajjeb f'ħafna djar ta' dawk li m'humiex Kattoliċi, ċirkostanza li l-Providenza divina tista' tinqeda biha bħala strument tal-grazzja għal dawk "in-ngħaġ l-oħra" li hi tixtieq iġġibhom ġewwa l-merħla. Ħbiberija ma' Kattoliċi ta' tip appostoliku teqred ħafna preġudizzji; u rispett lejn il-Kattoliċi bla dubju jġib miegħu rispett lejn il-Kattoliċiżmu. Jistgħu jistaqsuna għal tagħrif, jitolbuna kotba, u minn dan kollu jistgħu jinbtu ħwejjeġ akbar.

## 10. MA TISTAX TINGĦATA GĦAJNUNA MATERJALI

M'għandhiex tingħata għajnuna materjali, lanqas fl-iċken għamliet; u l-esperjenza turi li jinħtieġ jingħad li ħwejjeġ użati jidħlu f'din il-kategorija.

B'din ir-regola l-Leġjun ma jiddisprezzax l-att fih innifsu talgħoti tal-għajnuna materjali. Jiddikjara biss li għal-Leġjun dan mhux prattikabbli. L-għotjiet lill-fqar huma opra tajba. Jekk dan

isir bi ħsieb sopranaturali hu opra mill-aqwa. Is-sistemi ta' ħafna għaqdiet kbar huma mibnijin fuq dan il-prinċipju; u hawn ta' min isemmi s-sistema tas-Soċjetà ta' San Vinċenz de Paul li lejn l-eżempju u l-ispirtu tagħha l-Leġjun bi pjaċir jiddikjara ruħu obbligat ħafna, tant li jista' jgħid li l-għeruq tiegħu jinsabu f'dik il-għaqda. Iżda lil-Leġjun hu mogħti qasam ieħor ta' ħidma. Is-sistema tiegħu hi mibnija fuq il-prinċipju li l-ġid spiritwali għandu jiġi mwassal lil kull individwu fis-soċjetà. Dan il-programm u l-programm l-ieħor ta' l-għoti ta' għajnuna materjali fil-prattika ma jmorrux flimkien għaliex:

1. Nies li ma jinħtiġux l-għajnuna rari jieħdu pjaċir bi żjajjar ta' għaqda li tagħti għajnuna materjali. Dawk in-nies ikunu jibżgħu li żjara bħal din tagħti x'jaħsbu lill-ġirien li huma qegħdin jirċievu għajnuna materjali. Hekk il-praesidium li jieħu fama li jagħti għajnuna materjali, malajr jara l-qasam tax-xogħol tiegħu jiċkien bil-bosta. **Għal soċjetajiet oħra l-għajnuna materjali tista' tkun il-muftieħ li jiftħilhom il-bieb. Għal-Leġjun hija l-muftieħ li bih jissakkar barra.**
2. Dawk li jistennew li jirċievu xi ħaġa, u jkunu diżappuntati, iħossu ruħhom ittrattati ħażin u għalhekk l-ebda influwenza leġjunarja ma jkollha effett fuqhom.
3. Anki fost dawk li għandhom bżonn għajnuna materjali l-Leġjun ma jiksibx ġid spiritwali billi jagħtiha. Ħa jħalli l-Leġjun din l-għajnuna lil dawk l-għaqdiet li l-ħidma speċjali tagħhom hi din, u li jingħataw grazzja speċjali għaliha. Żgur li lil-leġjunarji ma tingħatalhomx grazzja għaliha, għaliex b'din l-għajnuna jiksru r-regola tagħhom. Il-praesidium li jonqos f'din il-ħaġa jsib ruħu maqbud f'ħafna komplikazzjonijiet serji, u ma jġib xejn lil-Leġjun ħlief dispjaċir.

Xi leġjunarji jistgħu jsemmu bi skuża d-dmir li jagħmlu karità skond kemm jistgħu u jinsistu li huma ma jixtiqux jagħtu għajnuna materjali bħala leġjunarji iżda bħala individwi privati. Eżami ta' dan l-argument jurina kemm komplikazzjonijiet ta' bilfors jinħolqu b'hekk. Hu l-każ — u hu dak li s-soltu jiġri — ta' xi ħadd li ma kienx jagħti għajnuna bħal din qabel ma daħal fil-Leġjun. Fiż-żjajjar tiegħu jiltaqa' ma' nies li jidhirlu li jinħtieġu għajnuna materjali ta' xi għamla jew oħra. Hu ma jagħti xejn dak in-nhar taż-żjara uffiċjali tal-Leġjun, iżda xi ġurnata oħra jerġa' jmur hemm "bħala persuna privata" u jagħti l-għajnuna materjali. Żgur li jkun jikser ir-regola tal-Leġjun dwar l-għoti tal-

għajnuna materjali, u żgur li ż-żjara mtennija mhijiex ħlief logħba. Huwa jkun għamel l-ewwel żjara bħala leġjunarju. Il-każi jsir jaf bihom bħala leġjunarju. Dawk li jingħataw l-għajnuna jsiru jafuh bħala leġjunarju; u żgur li ma jittendux bil-logħba li jkun għamel. Għalihom dak li jkun sar hu sempliċement għajnuna materjali mogħtija mil-Leġjun, u l-Leġjun jammetti li huma jkunu ġġudikaw sewwa.

Niftakru li d-diżubbidjenza jew nuqqas t'għaqal ta' membru wieħed f'din il-ħaġa tista' tagħmel ħsara lill-praesidium kollu. Il-fama li qed nagħtu għajnuna materjali malajr tixtered. Ma tinħtieġx mitt każ. Tnejn huma biżżejjed.

Jekk leġjunarju għal xi raġuni jixtieq jgħin f'xi każ partikolari, għaliex ma jeħlisx lil-Leġjun minn ħafna komplikazzjonijiet billi jagħti bla ma jidher permezz ta' xi ħabib jew xi għaqda li qiegħda għalhekk? Jekk ma jridx jagħmel hekk, fiċ-ċirkostanzi huwa jkun jidher li aktar qed ifittex il-ħlas ta' din id-dinja milli tas-sema għall-att ta' karità tiegħu.

Iżda l-leġjunarji m'għandhomx ikunu indifferenti għall-każi ta' faqar u bżonn li huma bilfors jiltaqgħu magħhom fiż-żjajjar tagħhom u għandhom jgħarrfu b'każijiet bħal dawn lill-għaqdiet li qegħdin għal dik ix-xorta t'għajnuna li l-każ ikun jitlob. Iżda jekk l-isforzi kollha ma jirnexxilhomx jiksbu l-għajnuna mixtieqa, il-Leġjun m'għandux jidħol biex jagħtiha hu. Dan mhux xogħlu u ma nistgħux nimmaġinaw li f'komunità moderna ma jinstabux nies jew xi għaqda oħra li jieħdu ħsieb persuna li jistħoqqilha għajnuna.

"Il-ħniena li nuru mal-fqar meta ngħinuhom fil-bżonnijiet tagħhom hi bla dubju mfaħħra ħafna minn Alla. Iżda min sa jiċħad li għandhom post wisq ogħla ż-żelu u l-isforz għall-ħidma ta' tagħlim u persważjoni li bihom jingħata lill-erwieħ mhux ġid ta' din id-dinja li jintemm iżda l-ġid li jibqa' għal dejjem?" (AN 8).

Ħafna każi wrew li din ir-regola tista' tkun interpretata b'mod ristrett ħafna. Għalhekk huwa meħtieġ jingħad li xogħlijiet ta' qadi mhumiex għajnuna materjali. Anzi, dawn il-ħidmiet huma tassew ta' min jagħmilhom. U jwaqqgħu l-akkuża li l-leġjunarji ħsiebhom biss biex jitkellmu fuq ir-reliġjon iżda huma indifferenti għall-bżonnijiet li wieħed jista' jkollu. Il-leġjunarji għandhom jipprovaw is-sinċerità ta' kliemhom billi jkunu ġenerużi bla tarf f'imħabbithom u fis-servizz tagħhom f'kull ħidma li r-regoli jippermettu.

## 11. IL-ĠBIR TAL-FLUS

Jekk ninqdew regolarment biż-żjajjar leġjunarji għall-ġbir tal-flus, dan jaqa' fl-istess kategorija bħall-għoti ta' għajnuna materjali, u xorta waħda hu ħaġa li fil-Leġjun ma tistax issir.

Wieħed b'hekk jista' jikseb il-flus, iżda qatt l-atmosfera għall-ksib ta' ġid spiritwali, u jagħti prova l-aktar ċara ta' dak li nifhmu meta ngħidu: "trekken iċ-ċenteżmi u tberbaq il-liri."

## 12. M'HEMMX POLITIKA FIL-LEĠJUN

L-ebda korp leġjunarju m'għandu jħalli l-influwenza jew il-bini tiegħu jintużaw għal skop politiku jew biex jgħinu lil xi partit politiku.

## 13. FITTEX U TKELLEM MA' KULL RUĦ

Il-qofol tal-ħidma reliġjuża hi x-xewqa li tilħaq lil kull individwu, li ddaħħal fil-qasam ta' l-appostolat tagħha mhux biss lit-traskurati, mhux biss lill-fidili, mhux biss lill-fqar jew lill-isfortunati, iżda lil KULĦADD.

Fuq kollox, l-għamliet ta' traskuraġni reliġjuża l-aktar ta' min jistmerrhom m'għandhomx ibeżżgħu lil-leġjunarju. Ikun kemm ikun jidher abbandunat u bla tama, m'hemm ħadd li fih il-fidi, il-kuraġġ u l-perseveranza tal-leġjunarju ma jiksbux frott. Min-naħa l-oħra, jekk nieħdu ħsieb il-ħażen l-aktar serju biss, inkunu nċekknu l-missjoni tal-Leġjun, u dan ma jistax jiġi aċċettat. Il-ġibda speċjali għat-tfittxija tan-nagħġa li ntilfet jew li tinsab f'idejn il-ħalliel, m'għandhiex twassal lil-leġjunarju biex jinsa li hemm qasam ikbar taħt għajnejh, fejn hu għandu jħeġġeġ dik il-kotra kbira li, għalkemm imsejħa minn Alla għall-qdusija, qiegħda tikkuntenta ruħha b'ħajja ta' sempliċi twettiq tad-dmirijiet essenzjali. Issa, biex iġġiegħel nies, li s'issa kkuntentaw ruħhom bis-sempliċi twettiq ta' l-obbligi tagħhom, iħaddnu xogħol ta' ħeġġa u devozzjoni, jinħtieġ isiru żjajjar fit-tul li jitolbu ħafna sabar. Iżda jekk, kif jgħid Fr Faber, qaddis wieħed jiswa daqs miljun Kattoliku ordinarju; u jekk, kif tgħid Santa Tereża ta' Ġesù, ruħ waħda mhix qaddisa iżda li qiegħda tfittex il-qdu-

sija, hi aktar għażiża għal Alla minn eluf li qegħdin jgħixu l-ħajja komuni, mela kemm hija ħaġa ta' sodisfazzjon li jirnexxilek twassal lil ħafna biex jagħmlu l-ewwel passi fit-triq li tħalli fil-ġenb il-ħajja ordinarja.

## 14. ĦADD M'HU ĦAŻIN IŻŻEJJED BIEX JINTREFA'; ĦADD M'HU TAJJEB IŻŻEJJED

Lanqas wieħed biss minn dawk li nkunu ltqajna magħhom fiż-żjajjar ma għandu jitħalla fl-istess livell li nsibuh fih. M'hemm ebda wieħed hekk tajjeb li ma jistax jitressaq wisq aktar lejn Alla. Il-leġjunarji sikwit isibu ruħhom javviċinaw nies wisq aktar qaddisa minnhom, iżda f'dan il-każ ukoll m'għandhomx jiddubitaw mill-ħila tagħhom li jagħmlu ġid kbir. Għandhom ħila jagħtuhom ideat ġodda, devozzjonijiet ġodda. Jistgħu jagħtu ħajja ġdida lil xi opra tajba li qed issir. Żgur li jirnexxilhom jagħtuhom eżempju tajjeb bil-prattika ferrieħa tal-ħajja appostolika tagħhom. Għalhekk tant jekk ikollhom x'jaqsmu mal-qaddis kif ukoll mal-midneb, il-leġjunarji għandhom jibqgħu sejrin bix-xogħol tagħhom b'tama qawwija fil-ħsieb li mhumiex hemm bil-faqar spiritwali tagħhom infushom, iżda bħala rappreżentanti tal-Leġjun ta' Marija, "magħqudin mar-ragħajja tagħhom u ma' l-isqfijiet tagħhom, mas-Santa Sede u ma' Kristu" (UAD 58).

## 15. APPOSTOLAT VAG HU TA' SIWI ŻGĦIR

F'kull każ l-iskop għandu jkun li nwettqu ġid imdaqqas u definit. Jekk jista' jkun ġid kbir għandu jsir lil numru kbir ta' nies; jekk le, għandu jsir ġid kbir lil numru iżgħar; qatt tikkuntenta ruħek li tagħmel ġid żgħir lil numru kbir. Il-leġjunarju li qed jimxi fit-triq ta' l-aħħar jista' ma jkunx qed jagħti servizz tajjeb għax qed jgħodd b'magħmul xogħol li skond l-ideat tal-Leġjun hu ftit iktar minn mibdi. U ħaddieħor ma jarax il-ħtieġa li jerġa' jwettaq dak l-istess xogħol. Iżda hemm periklu ieħor fil-fatt li fil-mument ta' qtigħ il-qalb, il-ftit ġid magħmul lil ħafna jidher li fir-realtà ma kien ta' siwi għal ħadd. U meta l-leġjunarju jħoss li mhux jagħmel xogħol ta' siwi, huwa stess ikun fil-periklu li jħalli l-Leġjun.

## 16. IS-SIGRIET TAL-QAWWA FUQ L-OĦRAJN HI L-IMĦABBA

Nisħqu li ġid veru u estensiv jista' jsir biss bit-twaqqif ta' ħbiberija bejn il-leġjunarji u dawk li huma jmorru jżuru. Ġid magħmul xort'oħra jkun żgħir jew bla siwi. Dan għandna nżommuh quddiem għajnejna speċjalment fil-każ taż-żjajjar għall-konsagrazzjoni lill-Qalb ta' Ġesù. Għalkemm din il-ħidma fiha nfisha hija ħaġa mill-isbaħ u għajn ta' barka, m'għandhiex titqies bħala l-iskop ewlieni. Żjara li minnha malajr tinkiseb il-konsagrazzjoni u mbagħad tieqaf hemm, f'għajnejn il-Leġjun tikseb biss ftit mill-frott mistenni. Ħafna żjajjar twal lil kull familja minn żewġ leġjunarji jfissru progress bil-mod, u għalhekk hemm bżonn ta' ħafna leġjunarji u ħafna praesidia.

## 17. IL-LEĠJUNARJU JARA U JAQDI LIL KRISTU F'KULL PERSUNA LI JAĦDEM GĦALIHA

Imkien u f'ebda każ m'għandhom iż-żjajjar isiru bi spirtu filantropiku jew b'sempliċi ħasra umana għall-imsejknin. "Kull ma għamiltu ma' wieħed mill-iżgħar fost dawn ħuti, għamiltuh miegħi" (Mt 25:40). B'dawn il-kelmiet imnaqqxa f'qalbu, il-leġjunarju għandu jara l-Mulej f'għajru (li huma l-bnedmin kollha mingħajr għażla) u jagħti s-servizz b'dan l-ispirtu. Il-ħażin, l-ingrat, l-imnikket, l-imkasbar, l-imkeċċi, dawk li jnisslu fina l-ikbar stmerrija naturali: dawn kollha għandna narawhom f'dan id-dawl ġdid. Huma żgur l-iċken fost l-aħwa ta' Kristu, u bil-kelmiet ta' Kristu quddiem għajnejna, għandna naqduhom b'mod rispettuż u mill-aħjar li nistgħu.

Il-leġjunarju għandu dejjem jiftakar li huwa jagħmel iż-żjara mhux bħala superjur lil wieħed inqas minnu, lanqas bħal wieħed lil ieħor daqsu, iżda bħala bniedem umli lil superjur tiegħu, bħal qaddej lill-Mulej. Hu n-nuqqas ta' dan l-ispirtu li jnissel l-imġiba arroganti. Il-viżitatur li jġib ruħu hekk ma jikseb la ġid sopranaturali u lanqas naturali. Wieħed jissaporti l-preżenza tiegħu biss meta jwassal xi rigal. Mill-banda l-oħra, il-viżitatur ġentili u li jagħder, meta jitlob bl-umiltà biex jidħol fid-djar fejn iħabbat, jiġi milqugħ bil-ferħ, għalkemm ir-rigali tiegħu mhumiex materjali; u malajr jibni l-pedamenti ta' ħbiberija vera. Il-leġjunarji

għandhom jiftakru li nuqqas ta' sempliċità fl-ilbies jew fi kliemhom itella' ħajt bejnhom u bejn dawk li jmorru jżuru.

## 18. PERMEZZ TAL-LEĠJUNARJU, MARIJA THOBB U TIEHU ĦSIEB TA' BINHA

Il-kliem ta' leġjunarju li fisser is-suċċess ta' żjara xejn sabiħa u iebsa ħafna bħala waħda li fiha "irnexxielna nġagħluhom jieħdu pjaċir bina," jiġbor fil-qosor b'mod tal-għaġeb il-metodi tal-Leġjun. Biex tqanqal din l-imħabba, jinħtieġ l-ewwel turiha: tħobb lil dawk li żżur. M'hemmx manjiera oħra, diplomazija oħra, muftieħ ieħor għall-qawwa vera fuq l-oħrajn. Santu Wistin jesprimi l-istess ħsieb meta jgħid: "Ħobb, u agħmel li trid."

F'paragrafu miktub b'sengħa kbira dwar il-ħajja ta' San Franġisk t'Assisi, Chesterton isostni dak il-prinċipju proprju tar-Reliġjon Nisranija: "San Franġisk ra x-xbieha t'Alla mkattra bosta drabi iżda qatt monotona. Għalih bniedem kien dejjem bniedem u qatt ma kien jgħib ġo folla kbira iktar milli kien jgħib f'deżert. Hu kien iweġġaħ lill-bnedmin kollha; jiġifieri mhux biss kien iħobbhom iżda kien jirrispettahom ukoll. Dak li tah il-qawwa personali straordinarja tiegħu kien dan: li mill-Papa sat-tallâb, mis-Sultan tas-Sirja fit-tinda sabiħa tiegħu sal-ħallelin imqattgħin herġin inkiss inkiss mill-bosk, ma kien hemm l-ebda bniedem li ħares ġo dawk l-għajnejn kannella tiegħu mħeġġa biżżelu mingħajr ma kien żgur li Franġisku Bernardone kellu interess personali fih, fil-ħajja interjuri u individwali tiegħu, mill-mument li fih twieled sal-pont tal-mewt; li Franġisku kien jistmah u jieħdu bis-serjetà."

Iżda jista' wieħed iħobb meta jrid b'dan il-mod? Iva, billi jara f'dawk li jiltaqa' magħhom il-persuna tal-Mulej. B'dan il-ħsieb biss l-imħabba titkebbes. Jerġa' huwa żgur li Marija trid li nuru lejn il-Ġisem Mistiku ta' l-Iben maħbub tagħha mħabba sewwasew bħal dik li hi kienet turi fi grad għoli lejn il-ġisem attwali tiegħu. F'dan hi tgħin lil-leġjunarji tagħha. Meta ssib fihom l-inqas xrara, ix-xewqa ta' l-imħabba, hija tagħmilha ħuġġieġa kbira.

## 19. KULL BIEB JINFETAĦ LIL-LEĠJUNARJU UMLI U RISPETTUŻ

Wieħed mingħajr esperjenza jitmeżmeż mill-"ewwel żjara,"

iżda kemm jekk ġdid kif ukoll jekk imħarreġ, il-leġjunarju li jifhem sewwa il-pariri li hemm fl-aħħar paragrafu tat-taqsima 17 ta' dan il-kapitlu, għandu f'idejh il-muftieħ għal kull dar.

Intennu: wieħed ma jidħolx għand familja b'xi dritt, iżda biss bil-permess ta' min joqgħod hemm. Jinħtieġ tersaq bl-umiltà u bir-rispett kollu, b'imġiba bħal dik li wieħed juri meta jidħol fil-palazzi tal-kbarat. Stqarrija tal-missjoni li wieħed ġie biex jagħmel, flimkien ma' talba umli biex jitħalla jgħaddi ġewwa, is-soltu tiftaħ il-bieb beraħ, u ġġib stedina biex wieħed joqgħod bil-qiegħda. Imbagħad il-leġjunarji għandhom jiftakru li mhumiex hemm biex iċanfru jew biex jagħmlu ruxxmata mistoqsijiet, iżda biex jiżirgħu ż-żerriegħa ta' dik il-ħbiberija intima li tiftaħ il-bibien tal-għarfien u ta' l-influwenza.

Intqal li l-qawwa speċjali ta' l-imħabba hi li tifhem lill-oħrajn. F'din id-dinja msejkna m'hawnx ħtieġa akbar minn dan id-don. Għaliex "il-biċċa l-kbira tan-nies jidhru li jbatu meta jħossu li huma minsijin. Qalbhom sewda għax ħadd ma jieħu ħsiebhom, għax ma jsibu 'l ħadd ma' min jifthu qalbhom" (Duhamel).

M'għandniex inħabblu rasna żżejjed jekk fil-bidu jinqalgħu xi diffikultajiet. Anki fejn in-nies juru apposta nuqqas ta' mġiba tajba, meta aħna nġibu ruħna bl-umiltà, min jonqosna aktarx jistħi, u l-ħsad jinkiseb aktar tard.

L-interess fit-tfal joħloq okkażjoni biex wieħed jitkellem. Jistgħu jsiru mistoqsijiet dwar it-tagħlim reliġjuż tagħhom u kemm jersqu sikwit għas-sagramenti — mistoqsijiet li jekk isiru kmieni fid-diskursata dwar il-kbar infushom, dawn jistgħu ma jiħdux pjaċir bihom; u permezz tat-tfal, jistgħu jingħataw lill-ġenituri lezzjonijiet b'riżultati tajba.

Qabel ma nitilqu għandna nħallu t-triq miftuħa għal żjara oħra. L-istqarrija sempliċi li wieħed ħa pjaċir jagħmel iż-żjara, u li jittama li jerġa' jiltaqa' mal-familja, tagħmel it-tluq tal-leġjunarji naturali u tħejji tajjeb it-triq għal żjara oħra.

## 20. KIF INĠIBU RUĦNA FL-ISTITUZZJONIJIET

Huma u jżuru xi istituzzjoni, il-leġjunarji għandhom jiftakru li qegħdin hemm biss bil-permess, bħala mistednin, daqs li kieku qegħdin f'dar privata. L-uffiċjali tal-post dejjem iħarsu xi ftit bis-suspett lejn il-viżitatur li jmur hemm biex jagħmel att ta' karità.

Fiż-żjajjar tiegħu lill-morda dan għandu mnejn jinsa li għandu juri wkoll rispett lejn l-impjegati u lejn ir-regolamenti tal-post. Il-leġjunarju m'għandu jonqos qatt f'din il-ħaġa. Iż-żjajjar m'għandhom isiru qatt f'ħin mhux tajjeb għall-morda; lanqas m'għandhom jieħdu mediċini jew affarijiet ipprojbiti lill-morda; lanqas m'għandhom iżommu ma' wieħed jew ma' l-ieħor fil-kwistjonijiet interni tal-post. Xi pazjenti jistqarru li huma vittmi ta' trattament ħażin mill-impjegati jew minn pazjenti sħabhom; iżda mhijiex biċċa tal-leġjunarji li jirrimedjaw dawn l-ilmenti, anki jekk ikunu minnhom tassew. M'għandniex xi ngħidu, għandhom jisimgħu b'mogħdrija dawn l-istejjer ta' dwejjaq u jfittxu li jnisslu s-sabar, iżda ġeneralment il-ħaġa għandha tieqaf hemm. Jekk il-leġjunarju jħoss stmerrija għal dak li jkun sama', iservih ta' żfog li jiddiskuti l-kwistjoni fil-praesidium. Dan jara ċ-ċirkostanzi fl-isfond kollu, u jagħti parir x'passi l-aħjar jittieħdu jekk ikun meħtieġ.

## 21. IL-LEĠJUNARJU M'GĦANDUX JAGĦMILHA TA' MĦALLEF

Mhux biss l-imġiba, iżda — aktar u aktar importanti — il-moħħ tal-leġjunarju għandu jkollu l-marka ta' dan ir-rispett delikat. Ma jaqbilx mal-missjoni tal-leġjunarju li jagħmilha ta' mħallef ta' għajru, jew li jieħu l-livelli tal-ħsieb u l-imġiba tiegħu nnifsu bħala kejl li kulħadd għandu jaqbel miegħu. M'għandux jaħseb li dawk li f'ħafna ħwejjeġ ma jaqblux miegħu, li ma jridux jilqgħuh jew ukoll li jeħduha kontra tiegħu, huma bilfors nies ta' karattru ħażin.

Hemm ħafna nies li għemilhom jidher li jistħoqqlu jkun ikkritikat. Iżda l-leġjunarju m'għandux ikun hu li jikkritika. Nies bħal dawn huma sikwit bħall-qaddisin li kienu akkużati inġustament. Ta' min jgħid ukoll li l-ħajja ta' ħafna tidher kerha minħabba abbużi gravi. Iżda Alla biss jara l-qalb u jista' jiġġudika l-qagħda vera. Għaliex kif jgħid Gratry: "Ħafna lanqas biss għandhom il-benefiċċju ta' l-ewwel tagħlim. Jitwieldu mingħajr patrimonju morali, u aktarx jingħataw biss prinċipji u eżempji mgħawġin biex isostnuhom fil-vjaġġ tagħhom f'din il-ħajja iebsa. Iżda hekk ukoll, xejn m'hu mistenni mill-bniedem ħlief dak li ngħatalu."

Hemm ħafna wkoll li jagħmlu wirja bil-ġid tagħhom u li f'ħaj-

jithom ma jafu b'ebda ċaħda. L-ispirtu ta' żminijietna hu li nitkellmu dwar dawn bi kliem li jweġġa'. Iżda hawn ukoll il-leġjunarju għandu jirrifletti. Dejjem jista' jagħti l-każ li nies bħal dawn ikunu jixbhu lil Nikodemu li ġie bil-moħbi bil-lejl għand il-Mulej u għamel ħafna miegħu, kisiblu ħafna ħbieb, ħabbu b'qalbu kollha, u fl-aħħar kellu l-privileġġ uniku li jassistih fid-difna tiegħu.

Il-parti tal-leġjunarji qatt m'hi li jagħmluha ta' mħallfin jew ta' kritiċi. Għandhom dejjem jaħsbu kif il-għajnejn tal-ħniena ta' Marija kienu jħarsu lejn dawk iċ-ċirkostanzi u lejn dawk in-nies. Mela ħalli l-leġjunarji jfittxu li jġibu ruħhom kif kieku kienet iġġib ruħha hi.

Kienet waħda mid-drawwiet t'Edel Quinn li qatt ma tagħti tort lil ħadd qabel ma tieħu l-każ li jkun għand il-Verġni Mbierka.

## 22. KIF INĦARSU LEJN IL-KRITIKA KONTRA TAGĦNA

Jissemma sikwit f'dawn il-paġni kemm il-biża' ta' kritika kuntrarja jifleġ saħansitra lil dawk ta' rieda mill-aqwa. Għalhekk ikun t'għajnuna li naħsbu fuq il-prinċipju li ġej. Skop ewlieni tal-Leġjun — dak li bih jikseb l-ikbar riżultati — huwa li joħloq livelli għolja ta' kif wieħed jaħseb u jaġixxi. Il-membri jiddeċiedu li jgħixu ħajja t'appostolat, u b'hekk jaslu għal ideal għoli ta' ħajja lajka. Bis-saħħa ta' l-istint misterjuż li jwassal lill-bnedmin biex jimitaw, saħansitra meta ma jkunux iridu, dawk il-ħwejjeġ li jolqtuhom, huma jħossu ruħhom miġbudin fi gradi differenti biex jersqu lejn dak l-ideal. Wieħed mis-sinjali li jkun twaqqaf ideal effettiv hu li ħafna jfittxu li jimxu fuqu bla ħabi u bil-qalb. Sinjal ieħor u iktar komuni hu li jidhru sinjali ta' nuqqas ta' qbil miegħu. Għaliex ideal bħal dan hu ċanfira kontra l-livelli iktar baxxi. Hu tniggiża għall-kuxjenza ta' ħafna u, bħal kull tniggiża oħra, tqanqal ir-reazzjoni tajba ta' dieqa u protesta, reazzjoni li warajha malajr tiġi x-xewqa li wieħed jintrefa' 'l fuq. Iżda jekk ma jkun hemm ebda reazzjoni, dan ikun sinjal li ma twaqqafx ideal effettiv.

Għalhekk m'hemmx għalfejn tinkwieta ruħek iżżejjed jekk il-ħidmiet leġjunarji jqanqlu xi ftit tal-kritika; dejjem bil-kondizzjoni li dik il-kritika ma tkunx il-frott ta' metodi difettużi. Ftakar dejjem fi prinċipju kbir ieħor li għandu jmexxi l-isforz appostoliku: "In-

nies jintrebħu biss bl-imħabba u bit-tjieba, bl-eżempju sieket u meqjus li ma jumiljahomx u ma jġegħilhomx iċedu bilfors. Ma jeħdux pjaċir li jkunu attakkati minn bniedem li m'għandux ħsieb ieħor ħlief dak li jegħlibhom" (Giosuè Borsi).

## 23. M'GHANDNA QATT NAQTGHU QALBNA

Xi mindaqqiet ħidmiet magħmula bl-akbar dedikazzjoni u bi qlubija għal żmien twil ftit jagħtu frott. Il-leġjunarji ma jorbtux qalbhom ma' riżultati li jidhru, iżda madankollu ma jagħmlilhomx ġid li fix-xogħol tagħhom iħossu li kulma jagħmlu jkunu għamluh għalxejn. Jekk jirriflettu li l-fatt li ma ħallewx isir imqar dnub wieħed biss ifisser rebħ bla qies, dan għalihom ikun ta' faraġ u jqawwihom għal sforzi akbar. Għaliex dak id-dnub kien ikun deni bla qies, deni li jiġbed warajh serbut bla tarf ta' konsegwenzi ta' hemm kbir. "Tkun kemm tkun żgħira l-massa ta' kewkba, din ikollha effett fuq l-ekwilibriju tal-kwiekeb kollha. Hekk ukoll, Mulej, moħħok biss jista' jifhem kif l-iċken ċaqliqa tal-pinna żgħira tiegħi tiġri fuq din il-karta hi marbuta maċ-ċaqliqiet tas-smewwiet, tikkontribwixxi għalihom u tagħmel sehem minnhom. L-istess ħaġa tiġri fid-dinja intellettwali. L-ideat jgħixu u għandhom ġrajjiet l-aktar ikkomplikati tagħhom f'dik id-dinja intellettwali, dinja ogħla bla qies mid-dinja materjali; dinja magħquda u kompatta wkoll fil-komplessità kbira, abbundanti u l-aktar varja tagħha. Kif jiġri fid-dinja materjali u intellettwali, hekk jiġri wkoll fid-dinja morali bla tarf akbar" (Giosuè Borsi). Kull dnub iriegħed lil dik id-dinja. Iweġġa' r-ruħ ta' kull bniedem. Mindaqqiet l-ewwel ħolqa f'dan il-proċess tidher meta wieħed iwassal lil ieħor għad-dnub. Iżda jidher jew le, dnub iwassal għal dnub ieħor. Bl-istess mod, dnub li ma nħalluhx isir, ibiegħed ieħor. U hekk ukoll, forsi dak it-tieni ma jbigħedx lit-tielet, u jibqgħu sejrin hekk sakemm dik il-katina tiġbor fiha d-dinja kollha u tinfirex fil-medda taż-żminijiet kollha? Għalhekk forsi wieħed ikun qed jgħaġġibha meta jgħid li kull midneb li jikkonverti fl-aħħar mill-aħħar jirrappreżenta kotra sabiħa, miexja warajh għall-ġenna?

Għalhekk li ma tħallix isir dnub gravi jiġġustifika ħidma l-aktar iebsa, anki l-isforz ta' ħajja sħiħa, għaliex b'hekk kull ruħ tħoss il-fjamma ta' grazzja barranija. Jista' jagħti l-każ li l-ħelsien minn dak id-dnub ikun mument ta' destin, il-bidu ta' proċess ta' qaw-

mien spiritwali li biż-żmien ibiddel poplu sħiħ minn ħajja pagana għal waħda ta' virtù.

## 24. IS-SINJAL TAS-SALIB HU SINJAL TA' TAMA

Madankollu l-periklu prinċipali ta' qtigħ il-qalb ma jinsabx fir-reżistenza, tkun kemm tkun qawwija, tal-qawwiet li l-Leġjun isib ruħu mħejji għat-taqbida kontriehom. Dan insibuh fid-dwejjaq li l-leġjunarju ma jistax ma jħossx meta jonqsuh għajnuniet u ċirkostanzi li hu jħoss li għandu dritt għalihom. Ħbieb jonqsuh, nies tajba jonqsuh, il-għodda tiegħu tonqsu; u kull fejn idawwar wiċċu, kollox jagħtih bil-ħarta. Xi ħsad ta' ġid jista' jinġabar, jidhrilna, li ma kienx għall-minġel li ma jaqtax, li ma kienx għan-nuqqasijiet fil-kamp tagħna stess, li ma kienx dak is-salib li qed jgħaffiġna!

Dan in-nuqqas ta' sabar minħabba l-ftit ġid li tista' tagħmel lill-erwieħ jista' jkun ta' periklu. Jista' jġib qtigħ ta' qalb li lanqas il-qawwiet tal-għadu ma kellhom ħila joħolqu.

Għandna dejjem niftakru li l-ħidma tal-Mulej iġġib il-marka tal-Mulej innifsu, il-marka tas-salib. Mingħajr dak it-timbru ta' min jiddubita mill-karattru sopranaturali tal-ħidma: riżultati veri ma jistgħux jinkisbu. Janet Erskine Stuart tfisser dan il-prinċipju mod ieħor: "Jekk tħares lejn l-Istorja Sagra," hi tgħid, "lejn l-istorja tal-Knisja, u lejn l-esperjenza tiegħek innifsek li tikber kull sena, issib li l-ħidma għal Alla qatt ma titwettaq f'kondizzjonijiet ideali, qatt kif konna nimmaġinaw jew nagħżlu." Fi kliem ieħor, u dan hu ħsieb tassew tal-għaġeb, dik iċ-ċirkostanza stess li għall-moħħ limitat tal-bniedem tidher li mhijiex qiegħda tħalli dawk il-kondizzjonijiet ikunu ideali u li qiegħda tħassar il-prospetti għall-ħidma, mhijiex ta' tfixkil, iżda ta' ħtieġa għas-suċċess; mhijiex tebgħa, iżda siġill; mhijiex piż mejjet fuq l-isforz, iżda żejt li jmexxih u jgħinu biex jilħaq l-iskop tiegħu. Għaliex Alla dejjem jogħġbu juri l-qawwa tiegħu billi jikseb suċċess f'kondizzjonijiet li jidhru bla tama, u billi jwettaq l-ogħla pjani tiegħu bi strumenti dgħajfa.

Iżda l-leġjunarji għandhom jinnotaw din il-kondizzjoni importanti: biex dak it-tfixkil ikun ta' ġid ma jridx ikun ġej mit-traskuraġni leġjunarja. Il-Leġjun m'għandux jistenna li jikseb grazzja mill-ħtijiet tiegħu f'xi għemil jew tħollija ta' għemil.

## 25. IS-SUĊĊESS HU FERĦ. IN-NUQQAS TA' SUĊĊESS HU BISS SUĊĊESS LI JINKISEB AKTAR TARD

Jekk inħarsu lejha sewwa, il-ħidma għandha tkun għajn ta' ferħ bla tarf. Is-suċċess hu ferħ. In-nuqqas ta' suċċess hu penitenza u eżerċizzju ta' fidi; ferħ ogħla għal-leġjunarju għaqli li fih jara biss suċċess akbar li jinkiseb aktar tard. Barra minn hekk, hu pjaċir naturali li tkun milqugħ bi tbissima rikonoxxenti ta' dawk il-ħafna li japprezzaw tabilħaqq iż-żjara tiegħek. Iżda l-ħars suspettuż ta' l-oħrajn għandu jġib faraġ akbar, għax f'dak il-ħars nilmħu li hemm xi ħaġa tassew mhux flokha li ma ntbaħniex biha. Skond l-esperjenza leġjunarja, bniedem b'sentiment veru Kattoliku, anki jekk ikun xi ftit traskurat fir-reliġjon, jilqa' tajjeb il-viżitatur li jurih ħbiberija u mogħdrija, filwaqt li mġiba kuntrarja sikwit tkun sinjal li dik ir-ruħ tinsab fil-periklu.

## 26. KIF INĦARSU LEJN IN-NUQQASIJIET TAL-PRAESIDIA U TAL-LEĠJUNARJI

Għandna nieħdu paċenzja bin-nuqqasijiet tal-praesidia u tal-leġjunarji individwali. Il-fatt li ż-żelu jikber hekk bil-mod, li t-titjib jidher ftit li xejn, u li n-nuqqasijiet umani sfortunatament jidhru żżejjed, m'għandux iġib qtigħ il-qalb. F'ċirkostanzi bħal dawn, ir-riflessjonijiet li ġejjin insibuhom t'għajnuna.

Jekk dawk il-leġjunarji bil-qawwa tas-sistema tal-Leġjun u influwenzati bit-talb u d-devozzjoni tagħha, ma jinstabux kif għandhom ikunu, kif kienu jkunu, mela, mingħajr il-Leġjun? Barra minn hekk, x'inhuma l-livelli spiritwali ta' komunità li m'għandhiex ħila tagħti l-ftit ħaddiema tajba li huma meħtieġa biex ikollha praesidium tajjeb?

Jidher ċar li l-konklużjoni hi li għandna nagħmlu minn kollox biex dawk il-livelli spiritwali ngħolluhom. L-aħjar mezz, fil-fatt l-uniku mezz biex isir dan, huwa li ndaħħlu ħmira appostolika li taħdem fil-poplu sa ma tkun għoliet l-għaġna kollha (Mt 13:33). Għalhekk il-materjal appostoliku li jkun hemm għandna nieħdu ħsiebu b'paċenzja u ħlewwa li ma jintrebħux. L-ispirtu Kattoliku nnifsu hu ħaġa li ġeneralment tikber bil-mod. Għaliex mela tistenna li l-ispirtu appostoliku jikber minnufih? Jekk jidħol il-qtigħ ta' qalb, ir-rimedju waħdani jkun spiċċa.

## 27. L-EBDA INTERESSI PERSONALI

Il-Leġjun m'għandux iħalli lilu nnifsu jsir strument għall-interessi personali u materjali ta' xi wieħed mill-membri tiegħu. U tabilħaqq l-ebda leġjunarju m'għandu jkollu bżonn jiġi mwissi biex ma jinqediex bit-tisħib tiegħu b'mod mhux xieraq, sew fil-Leġjun kif ukoll barra minnu.

## 28. L-EBDA RIGALI LILL-MEMBRI

Frieghi tal-Leġjun ma jistgħux jagħtu flus jew rigali lill-membri tagħhom. In-numru ta' rigali bħal dawn, jekk jitħallew isiru, ikun kbir u ta' piż finanzjarju. Dan m'għandux jitħalla jsir, speċjalment minħabba n-numru kbir ta' nies li ma tantx jistgħu, nies li l-Leġjun għandu l-pjaċir li jkollu fi ħdanu.

Għalhekk, jekk praesidia jew korpi oħra leġjunarji jridu jfakkru xi ġrajja speċjali fil-ħajja ta' xi membru, ħalli jagħmlu dan billi joffrulu bukkett spiritwali.

## 29. L-EBDA GĦAŻLA TA' KLASSI FIL-LEĠJUN

Ġeneralment il-Leġjun hu kontra li jitwaqqfu praesidia li jistgħu jidħlu membri fihom klassi jew sezzjoni waħda biss tal-komunità. Dawn huma ftit mir-raġunijiet:

1. Sikwit, meta nagħmlu għażla naslu li nħallu barra, bi ħsara għall-ispirtu t'aħwa.

2. L-aħjar metodu għad-dħul ta' membri ġodda normalment huwa dak li l-membri jħajru lil ħbiebhom, u dawn jistgħu ma jkunux intitolati li jidħlu fi praesidium ta' sezzjoni partikolari.

3. Kważi dejjem jiġri li l-praesidia li jaħdmu l-aħjar ikunu dawk li jkollhom membri minn oqsma differenti tas-soċjetà.

## 30. L-ISKOP TAGĦNA GĦANDU JKUN LI NFITTXU DAK LI JGĦAQQADNA

Il-Leġjun għandu jfittex b'fehma sħiħa li jikkombatti kontra l-firdiet u l-piki bla għadd tad-dinja. Din il-ħidma għandha tibda

mill-ewwel ħolqa ta' l-organizzazzjoni leġjunarja, il-praesidium innifsu. Tkun ħaġa fiergħa għal kollox għal-Leġjun li jitkellem dwar l-għaqda fejn hemm il-firda jekk fl-istess ħin l-ispirtu ta' firda jidher fi ħdanu stess. Għalhekk ħalli l-Leġjun jaħseb fuq l-għaqda u l-imħabba tal-Ġisem Mistiku, u jipprova jorganizza kollox b'dan l-ispirtu. Meta jkun ġabar flimkien bħala membri ta' l-istess praesidium nies li d-dinja kienet qed iżżomm mifruda, il-Leġjun ikun akkwista ħaġa tassew kbira. Il-kuntatt ta' l-imħabba jkun sar, u mbagħad, bħal marda qaddisa li tittieħed, joħroġ barra b'qawwa li tista' titqabad mat-taħwid tad-dinja u teqirdu.

## 31. ILLUM JEW GĦADA L-LEĠJUNARJI GĦANDHOM IMIDDU GĦONQHOM GĦALL-ĦIDMA L-IKTAR IEBSA

L-għażla tal-ħidma tista' tnissel dubju. Jista' jkun hemm problemi serji, iżda forsi s-saċerdot jibża' jafdahom lil praesidium ġdid. Motivi ta' biża' ġeneralment m'għandniex inħalluhom jirbħu, ħalli ma jkunx jista' jingħad minna dak li qal San Piju X li l-ikbar tfixkil għall-appostolat jinsab fil-biża' jew aħjar fil-ġjufija tat-tajbin. Iżda jekk id-dubji jibqgħu hemm, ħalli l-bidu jsir b'attenzjoni, u ħalli l-praesidium jibda minn ħidma iktar ħafifa. B'laqgħa wara oħra, u kif tinkiseb l-esperjenza, jibda jidher ċar li x'uħud mill-membri huma kapaċi għall-ħidma l-iktar iebsa. Ħalli dawn jiġu mogħtija l-ħidma li dwarha fil-bidu kien hemm id-dubji; imbagħad oħrajn tingħatalhom ħidma skond il-ħtieġa, u skond il-ħila li juru li għandhom. Anki jekk żewġ leġjunarji biss jingħataw ħidma iebsa, din ikollha effett qawwi fuq il-ħidma tal-membri l-oħra.

## 32. KIF INĦARSU LEJN IL-PERIKLU

Meta nżommu s-sistema, jonqos kemm jista' jkun il-biża' li jinqalgħu ħwejjeġ mhux mixtieqa, iżda forsi l-element tal-periklu jista' jibqa' jeżisti f'xi ħidma importanti. Jekk meta nqisu l-ħaġa bil-kalma naraw

1. li ħidma li minnha tiddependi s-salvazzjoni ta' l-erwieħ ser tibqa' għal kollox jew parti minnha bla ma ssir, u
2. li jkun sar kulma hu possibbli għall-ħarsien mill-periklu;

allura għandna nħallu l-attakk jibqa' sejjer bl-aħjar nies. Hi ħaġa li lanqas biss għandha tgħaddi minn moħħna li l-leġjunarji jibqgħu jħarsu bla ma jagħmlu xejn waqt li ħuthom ikunu sejrin jiġġarrfu. "Ibiegħed Alla minna l-kalma ta' l-injoranti. Ibiegħed Alla minna s-sliem tal-ġwejjef" (De Gasparin).

## 33. IL-LEĠJUN GHANDU JKUN QUDDIMNETT FIT-TAQBIDA TAL-KNISJA

Il-leġjunarji jieħdu sehem fil-fidi li Marija kellha fir-rebħa ta' l-Iben tagħha — il-fidi tagħha li bil-mewt u l-qawmien tiegħu rebaħ is-setgħa kollha tad-dnub fid-dinja. Skond il-grad ta' l-għaqda tagħna ma' Marija, l-Ispirtu s-Santu jqiegħed dik ir-rebħa għad-dispożizzjoni tagħna fit-taqbid kollu tal-Knisja. B'dan f'moħħhom, il-leġjunarji għandhom ikunu t'ispirazzjoni għall-Knisja kollha bil-fiduċja u l-kuraġġ li bihom jidħlu biex iħollu l-problemi u jattakkaw il-ħażen tal-mument.

"Aħna għandna nifhmu x'inhi sewwa din il-gwerra. Qegħdin niġġilduha mhux sempliċement biex inkabbru l-Knisja, iżda biex inwasslu 'l-erwieħ jingħaqdu ma' Kristu. Hija dik il-gwerra l-aktar stramba, li qegħdin niġġilduha mhux kontra l-għadu, iżda *favur* l-għadu. U l-kelma 'għadu' m'għandniex inħalluha tfixkilna.
Kull bniedem li ma jemminx huwa, bħal kull Kattoliku, persuna b'ruħ li ma tmut qatt, li hi xbieha t'Alla u li għaliha Ġesù miet fuq is-salib. Ikun kemm ikun jaħdem kontra l-Knisja jew kontra Kristu, l-iskop tagħna hu li nikkonvertuh, mhux li nirbħulu. Ma għandna qatt ninsew li x-xitan irid lil ruħu fl-infern bħalma jrid lil tagħna u li għalhekk għandna niġġieldu max-xitan għalih. Jista' jkun li jkollna neħduha kontra xi persuna biex ma nħalluhiex tqiegħed fil-periklu erwieħ oħrajn; iżda dejjem inkunu rridu nirbħuha għas-salvazzjoni ta' ruħha stess. Huwa bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu li għandna niġġieldu. L-Ispirtu s-Santu hu l-Imħabba tal-Missier u ta' l-Iben; għalhekk jekk is-suldati tal-Knisja jiġġieldu bil-mibegħda huma jkunu jiġġieldu kontra tiegħu" (F. J. Sheed: *L-Ewwel Passi fit-Teoloġija*).

## 34. IL-LEĠJUN GHANDU JXERRED KULL ĦAĠA KATTOLIKA

Il-leġjunarji m'għandhomx jittraskuraw l-użu tal-labtijiet, domni, u badges approvati mill-Knisja. It-tqassim ta' dawn u t-tixrid

ta' devozzjoni lejhom huma mezzi li bihom, kif urewna miljuni ta' eżempji, hi r-rieda t'Alla li l-grazzja tingħatalna bix-xaba'.

Għandhom jiftakru b'mod speċjali fil-Labtu tal-Karmnu li hu l-libsa ta' Marija nfisha. "X'uħud jinterpretaw letteralment il-kliem 'Min imut liebes din il-libsa ma jintilifx.' San Klawdju de la Colombière ma jippermetti ebda restrizzjoni: 'Wieħed jista' jitlef il-labtu tiegħu, iżda min ikun liebes il-labtu fis-siegħa tal-mewt, isalva' " (Patri Raoul Plus).

Hekk ukoll, għandhom iġibu 'l quddiem it-tjieba fil-familji billi jħeġġuhom biex ikollhom kruċifissi u statwi fi djarhom, idendlu stampi reliġjużi mal-ħitan, u jżommu l-ilma mbierek u kuruni tar-rużarju mbierka għar-rebħ ta' l-indulġenzi. Dar fejn is-sagramentali tal-Knisja huma mżebilħin, tqiegħed ruħha fil-periklu kbir li bil-mod il-mod tabbanduna s-sagramenti. L-affarijiet esterni li jgħinu d-devozzjoni jiġbdu b'mod speċjali l-attenzjoni tat-tfal, u f'dar mingħajr statwa jew stampa reliġjuża isibuha iebsa li jifhmu l-karattru veru u intimu tal-fidi.

## 35. VIRGO PRAEDICANDA: GĦANDNA NWASSLU U NGĦALLMU L-VERĠNI MBIERKA LILL-BNEDMIN KOLLHA, GĦALIEX HI L-OMM TAGĦHOM

Ħsieb li kien ħafna għall-qalb tal-Papa Ljun XIII kien li Marija hi Omm il-bnedmin kollha, u li Alla poġġa ż-żerriegħa ta' l-imħabba għaliha f'kull qalb, anki f'dawk li jobogħduha jew li ma jafux biha. Din iż-żerriegħa tqiegħdet fil-qalb biex tikber, u bħal kull ħaġa oħra tista' tiġi mkabbra billi wieħed jagħtiha l-ħtiġijiet tagħha. L-erwieħ għandhom jiġu avviċinati u mogħtija t-tagħrif meħtieġ biex jifhmu li Marija hi tassew l-Omm tagħhom.

Il-Konċilju Vatikan II ipproklama dik il-maternità universali ta' Marija (LG 53, 65), u ddikjara li Marija tant hija l-għajn u l-mudell ta' l-appostolat li l-Knisja, fl-isforzi tagħha biex issalva l-bnedmin kollha, għandha tiddependi minnha. (LG 65).

Il-Papa Pawlu VI jrid li kullimkien, u l-aktar fejn hemm ħafna li m'humiex Kattoliċi, il-fidili jkunu mgħallmin bis-sħiħ dwar il-maternità ta' Marija biex huma jkunu jistgħu jaqsmu dak it-teżor ta' għerf. Minbarra dan huwa jafda l-ġeneru uman kollu fil-qalb tagħha mimlija mħabba biex hija twettaq il-missjoni tagħha li tmexxi l-erwieħ kollha lejn Kristu. Fl-aħħarnett, biex iqiegħed

f'dawl ċar id-dmir tagħha ta' omm u d-dmir li tgħaqqad flimkien il-membri kollha tal-familja umana, il-Papa jagħti lil Marija t-titlu li għandu tifsira tant kbira: "Omm il-Għaqda."

Għalhekk jiżbaljaw bil-kbir dawk li jaraw il-Verġni Mbierka bħala tfixkil għall-konverżjonijiet li għandu jitneħħa. Hija l-Omm tal-grazzja u tal-għaqda b'mod li mingħajrha l-erwieħ ma jsibux it-triq. Il-leġjunarji għandhom jagħmlu użu l-ħin kollu minn dan il-prinċipju fl-isforzi tagħhom biex jikkonvertu l-erwieħ; fi kliem ieħor, għandhom jispjegaw lil kulħadd dik li kultant, iżda b'mod żbaljat, tissejjaħ id-devozzjoni leġjunarja lejn Marija. Din mhix xi ħaġa tal-Leġjun, li tgħallimha biss mingħand il-Knisja.

"Il-Knisja minn dejjem uriet lill-Verġni Marija bħala mudell għall-Insara, mhux daqstant minħabba l-mod kif kienet tgħix, u wisq anqas minħabba l-ambjent soċjali u kulturali tagħha li llum kważi ma għadu jeżisti mkien. Marija hija mudell għall-Insara għaliex fil-ħajja tagħha dejjem laqgħet għal kollox u b'mod responsabbli r-rieda t'Alla (ara Lq 1:38); għaliex semgħet il-kelma t'Alla u għexitha; għaliex kull ma għamlet f'ħajjitha kien frott ta' l-imħabba u ta' l-ispirtu ta' servizz; għaliex kienet l-ewwel u l-aktar dixxiplu perfett ta' Kristu. Dan kollu jiswa bħala mudell għal kulħadd u għal dejjem" (MCul 35).

# 40

# "MORRU XANDRU L-EVANĠELJU LILL-ĦOLQIEN KOLLU"

(Mk 16:15)

## 1. L-AĦĦAR TESTMENT TIEGĦU

L-aħħar kliem, ukoll jekk jingħad b'mod konfuż jew dgħajjef, għandu solennità kbira. X'għandna għalhekk naħsbu dwar l-aħħar kmand ta' Sidna Ġesù Kristu lill-Appostli, dak li jissejjaħ it-testment tiegħu, mogħti f'mument aktar solenni minn dak tas-Sinaj — jiġifieri bħala l-ġabra tal-liġijiet tiegħu kollha f'din id-

dinja u magħmul sewwa sew qabel it-tlugħ tiegħu fis-sema? Waqt li qed jitkellem, huwa diġà kien liebes bl-istess maestà tat-Trinità: "Morru fid-dinja kollha, xandru l-Evanġelju lill-ħolqien kollu" (Mk 16:15).

Dak il-kliem jagħti t-tifsira vera tal-Kristjaneżmu. Il-fidi għandha tibqa' tfittex lill-bnedmin bħal nar li ma jintefix. Mindaqqiet dak in-nar lanqas biss jitqabbad. Il-bnedmin ma jiġux imfittxin, la dawk fil-merħla u lanqas dawk barra minnha. Iżda jekk dak il-kmandament li Kristu għamlilna qabel tela' s-sema ma nagħtux kas tiegħu, ikollna nħallsu prezz għoli, il-prezz tat-telfien tal-grazzja, it-tnaqqis u t-taħsir jekk mhux ukoll il-qerda ta' l-istess fidi. Ħares madwarek u ara kemm postijiet diġà ħallsu dak il-prezz li jkexkex.

Meta Kristu qal lill-ħolqien kollu, hu ried jifhem *KOLLU*. Tabilħaqq quddiem għajnejh kellu lil kull wieħed "li għalih libes il-kuruna u sofra s-salib, l-imsiemer u l-lanza; il-ħarsa ta' għajb miċ-ċorma; hemm bla tarf, niket bla qies; telqa u wġigħ l-iżjed ħorox u l-mewt infisha fuq il-Kalvarju."

Tbatija hekk ħarxa m'għandhiex tintrema. Id-demm prezzjuż għandna issa ndewquh lil kull wieħed li għalih inxtered bil-kotra. Dak il-kmand Nisrani jeħodna b'qawwa kbira lejn il-bnedmin kullimkien: lejn l-iċken, lejn l-ikbar, lejn dawk fil-qrib, lejn dawk fil-bogħod, lejn in-nies komuni, lejn l-aktar ħżiena, lejn id-dwejra l-aktar imbiegħda, lejn l-imnikktin, lejn il-bniedem dijaboliku, lejn il-fanal l-aktar imwarrab, lejn il-lebbruż, lejn min hu minsi, lejn il-vittmi tax-xorb u tal-vizzju, lejn il-klassijiet perikolużi, lejn dawk li jgħixu fl-għerien u fil-karwani, lejn dawk li jissieltu fuq il-kamp tal-battalja, lejn dawk mistoħbijin, lejn il-postijiet mistmerra, lejn il-moħba l-iżjed fil-fond, lejn il-wesgħat miksija bis-silġ, lejn id-deżert jikwi bix-xemx, lejn il-ġungla sfiqa, lejn l-art bl-ilma qiegħed, lejn il-gżira li ma tidhirx fil-mappa, lejn it-tribù mhix magħrufa, 'il barra lejn il-parti tad-dinja li ma nafu xejn dwarha, biex naraw jekk lil hemm, sa truf l-art fejn tistrieħ il-qawsalla, jinstabx xi ħadd! F'din it-tfittxija ħadd m'għandu jaqbżilna, li ma jmurx it-twajjeb Ġesù jċanfarna.

Il-Leġjun għandu jkun, biex ngħidu hekk, moħħu dejjem iberren fuq l-aħħar kmand ta' Kristu. Għandu jkun l-ewwel prinċipju tiegħu li kullimkien iwaqqaf xi għamla ta' kuntatt ma' kull ruħ. Jekk dan isir, u dan jista' jsir, imbagħad il-kmand tal-Mulej ikun qed jersaq lejn it-twettiq tiegħu.

Ninnotaw li l-Mulej ma jordnax li nikkonvertu lil kull bniedem, iżda biss li nersqu lejn kull wieħed. Ta' l-ewwel tista' tkun ħaġa impossibbli għall-bniedem, iżda mhux impossibbli li nersqu lejn kull maħluq. U x'jiġri jekk dan **il-kuntatt ma' kulħadd u bla distinzjoni** jsir? Żgur li xi ħaġa tiġri, għaliex il-Mulej ma jikkmandax li jittieħdu passi li ma jfissru xejn jew bla ħtieġa. Meta nkunu rsaqna lejn il-bnedmin inkunu għall-inqas obdejna l-kmand t'Alla, u dak hu l-importanti. Dak li jiġri wara jista' jkun tabilħaqq it-tiġdid tan-nirien ta' Għid il-Ħamsin.

Ħafna ħaddiema ħabrieka jaħsbu li meta jaħdmu b'kemm għandhom saħħa u ħila, huma jagħmlu dak kollu li Alla jistenna minnhom. Jaħasra sforz bħal dan li jagħmluh waħedhom ma joħodhomx 'il bogħod: il-Mulej ma jkunx kuntent b'dak l-isforz tagħhom waħedhom u lanqas ma jagħmel tajjeb hu għal dak li huma ma jipprovawx jagħmlu. L-appostolat għandna nidħlu għalih bħal **kull ħidma oħra** li ma tistax issir minn bniedem waħdu, jiġifieri billi nqanqlu u norganizzaw sakemm ikun hemm ħaddiema biżżejjed.

Dan il-prinċipju ta' tħejjija, dan l-isforz li nsieħbu oħrajn fl-istess ħidmiet tagħna, hu parti vitali mid-dmir li għandna lkoll. Dak id-dmir jgħodd mhux biss għal dawk li fil-Knisja għandhom pożizzjoni għolja, mhux biss għas-saċerdoti, iżda għal kull leġjunarju u kull Kattoliku. Meta l-mewġiet żgħar ta' l-appostolat jiġu minn kull min jemmen, dawn jikbru u jsiru dilluvju universali.

"Issibu li l-qawwa tagħkom fil-ħidma tkun dejjem daqs ix-xewqat u l-progress tagħkom fil-fidi, għax fil-benefiċċji tas-sema ma jsirx l-istess kif isir fil-benefiċċji ta' l-art; m'intomx marbutin ma' qies jew limitazzjonijiet meta tirċievu d-don t'Alla. Il-għajn tal-grazzja divina dejjem tnixxi, u m'hi suġġetta għal ebda limitazzjoni preċiża, m'għandha ebda kanal fiss li jrażżan l-ilmijiet tal-ħajja. Ejjew ikollna għatx qawwi għal dawk l-ilmijiet u nifthu qlubna biex nirċevuhom. Aktar ma tkun kbira l-fidi tagħna, aktar inkunu kapaċi nirċievu" (San Ċiprijanu ta' Kartaġni).

## 2. IL-LEĠJUN GĦANDU JIMMIRA GĦAR-RUĦ INDIVIDWALI

"Il-mejda ffullata għat-tqarbin fil-quddiesa m'għandniex inħalluha tagħmina b'mod li ma narawx l-eżistenza ta' kuntrasti li

jwaħħxu: familji sħaħ f'ħajja ħażina, jew anke inħawi sħaħ madwarna mħassra u ta' min jistmerrhom, fejn il-ħażen qisu fuq ittron bis-segwitu tiegħu madwaru. It-tieni, għandna niftakru li għalkemm f'dawn l-inħawi hemm ħażen fuq ħażen, u dan hu ta' min jistmerru doppjament, il-ħażen m'hu xejn inqas ikraħ fejn hu mferrex. It-tielet, għalkemm naraw hemmhekk il-frott misjur — il-frott tal-ħażen tal-Baħar il-Mejjet — l-għeruq jinsabu fil-ħamrija ta' kull rokna tal-pajjiż. Fejn bil-mod dieħla t-traskuraġni jew id-dnub venjal qed jgħolli rasu, ikun hemm il-bidu ta' ħwejjeġ li jwerwru. Kull fejn jinsab il-ħaddiem, hemm ħidma x'issir. Jekk mhux ħaġ'oħra, għid kliem ta' faraġ lil xi anzjan fqir fi sptar, jew għallem it-tfal żgħar iroddu s-salib u jwieġbu l-mistoqsija: 'Min ħalaq id-dinja?' U għalkemm forsi ftit tintebaħ, tkun qed tagħti daqqa ta' ħarta ħarxa lill-makkinarju kollu tal-ħażen. Ir-raba', u dan hu messaġġ ta' tama għall-ħaddiem appostoliku li spiss jaħsel jaqta' qalbu quddiem ħażen kbir, it-taqlib u d-diżordni li għadna kif fissirna m'humiex ħwejjeġ li ma jistgħux jitfejqu. Hemm rimedju, u rimedju wieħed biss, u dan insibuh fit-twettiq bil-ħeġġa u bis-sabar tas-sistema reliġjuża tal-Knisja.

Taħt dik il-qoxra xierfa ta' ħażen, li saħansitra dehra ċkejkna tagħha ġġiegħlek titriegħed, tinsab fidi li f'mumenti tajba tixxennaq għat-tajjeb. Għalhekk l-agħar vittma ta' dak il-ħażen tista' titreġġa' lura lejn is-saċerdot u s-sagramenti jekk ikun hemm xi ħadd lest biex iħeġġiġha u jinkuraġġiha u jkellimha fuq ħwejjeġ aħjar u juriha t-tama li kollox jista' jissewwa. Meta tkun irċeviet is-sagramenti, isir fiha tiġdid li qatt ma jista' jixxejjen għal kollox. Sikwit tidher il-qawwa kbira li toħroġ minn Kristu fis-sagramenti tiegħu, u aħna nibqgħu mistagħġbin li l-miraklu tal-konverżjoni, bħal dak ta' Santu Wistin jew tal-Madalena, għalkemm fiċ-ċokon, qed jerġa' jsir.

Għal oħrajn, il-fejqan ma jkunx daqstant sħiħ. Huma ma jkunux jistgħu jrażżnu l-ġibda tad-drawwiet ħżiena u ta' xejriet ta' l-imgħoddi. Ikun hemm waqgħat u qawmien mill-ġdid. Dawn forsi qatt ma jistgħu jitbiddlu f'dawk li jissejħu ċittadini tajba, iżda s-sopranatural jista' jidħol biżżejjed f'ħajjithom biex fl-aħħar iwassalhom fil-port. L-iskop il-kbir ikun intlaħaq.

Fil-fatt, ftit ikun hemm nuqqas ta' suċċess għal-leġjunarju ta' fidi sinċiera u qalbenija, ikunu fejn ikunu jew ikunu liema jkunu l-postijiet mudlama tal-ħażen li hu jew hi jaħdmu fihom. Ir-regola

hi sempliċi: xerred is-saltna tas-sagramenti u d-devozzjonijiet popolari, u d-dnub jgħib minn quddiemek. Agħmel il-ġid kullimkien, u terfa' 'l kulħadd 'il fuq: biżżejjed li tinfed il-linja ta' l-għadu f'xi punt minnha. Fassal l-għodda skond il-ħtieġa. F'post hemm sitt familji li ma jmorrux għall-quddies u ma jersqux lejn is-sagramenti u ma jridu jafu b'xejn. Forsi jirnexxilek tħajjar lil xi waħda minn dawn li tagħmel xi ħaġa li titlob grad iċken ta' kooperazzjoni. Ikkonsagra dik il-familja lill-Qalb ta' Ġesù u tkun ksibt ir-rebħa. Jogħlew huma u jgħollu 'l-oħrajn magħhom. Fl-aħħar, nies li bl-eżempju ħażin kaxkru lil xulxin 'l isfel, jisfaw ta' ispirazzjoni għal xulxin" (Fr Michael Creedon, l-ewwel direttur spiritwali tal-Concilium Legionis Mariae).

"Dan il-ħalliel seraq il-ġenna! Lil ħadd qablu ma saritlu wegħda bħal din — la lil Abraham u lanqas lil Iżakk, la lil Ġakobb u lanqas lil Mosè jew lill-profeti u lanqas lill-Appostli. Il-ħalliel daħal l-ewwel, qabel dawn kollha! Imma l-fidi tiegħu wkoll għelbet lil tagħhom! Ra 'l Ġesù jbati, u qiemu bħallikieku kien fil-glorja. Rah imsammar fuq is-salib, u talbu bħallikieku lemħu fuq it-tron. Rah ikkundannat, u talbu favur bħallikieku lil xi sultan. O ħalliel ta' l-għaġeb! Int rajt bniedem imsallab, u xandart 'l Alla!" (San Ġwann Grisostmu).

## 3. IR-RELAZZJONI SPEĊJALI LI GĦANDNA MAL-KNEJJES ĦUTNA TAT-TRADIZZJONI ORTODOSSA

Il-Papa Pawlu VI jgħid li "l-missjoni ewlenija tal-Knisja" (EN 14) hi l-ħidma tagħha biex twassal il-messaġġ ta' Sidna Ġesù Kristu lil kull persuna. Din il-ħidma hi marbuta mill-qrib mal-ħidma l-kbira l-oħra tagħha, dik li tfittex ir-rikonċiljazzjoni u l-għaqda bejn l-Insara. Infakkru hawn it-talba ta' Ġesù fl-Aħħar Ikla, "Li jkunu lkoll ħaġa waħda. Kif inti fija, Missier, u jiena fik, ħa jkunu huma wkoll ħaġa waħda fina, biex hekk id-dinja temmen li inti bgħattni" (Ġw 17:21).

B'riżultat tal-Konċilju Vatikan II (1962-1965), l-Għaqda bejn l-Insara hija waħda mill-ħidmiet l-aktar importanti tal-Knisja Kattolika f'dawn iż-żminijiet, għaliex kif l-istess Konċilju jirrimarka, "il-firda fost l-Insara tmur ċar u tond kontra r-rieda ta' Kristu, hija ta' skandlu għad-dinja u tagħmel ħsara lill-iskop l-aktar qaddis: ix-xandir ta' l-evanġelju lill-bnedmin kollha" (UR 1).

Fid-dawl ta' dan, għandha importanza kbira s-silta li ġejja

tal-Papa Ġwanni Pawlu II mill-Ittra Appostolika *Orientale Lumen* li kitibha biex tgħin ħalli terġa' sseħħ l-għaqda ma' l-Insara kollha tal-Lvant:

"Aħna lkoll nemmnu li t-tradizzjoni venerabbli u antika tal-Knejjes tal-Lvant hija parti integrali mill-wirt tal-Knisja ta' Kristu. Għalhekk l-ewwel ħtieġa għall-Kattoliċi hi *li huma jkunu familjari ma' dik it-tradizzjoni* biex jixorbu mill-benna tagħha u jgħinu fil-proċess ta' l-għaqda bejn l-Insara bl-aħjar mod possibbli għal kull parti.

Ħutna l-Kattoliċi tal-Lvant jagħrfu sew li huma x-xhieda ħajja ta' din it-tradizzjoni, flimkien ma' ħutna l-Ortodossi. Il-membri tal-Knisja Kattolika tat-tradizzjoni Latina wkoll għandhom ikunu midħla sew ta' dan it-teżor u hekk iħossu, flimkien mal-Papa, xewqa ħerqana li *l-manifestazzjoni sħiħa tal-kattoliċità tal-Knisja* terġa' sseħħ għall-Knisja u għad-dinja, murija mhux bi tradizzjoni waħda, u anqas u anqas b'komunità waħda kontra l-oħra; u li aħna wkoll ingħatalna l-grazzja li nduqu fil-milja tiegħu l-wirt divin, rivelat u sħiħ, tal-Knisja universali li hu miżmum u jikber fil-ħajja tal-Knejjes tal-Lvant kif ukoll f'dawk tal-Punent" (n. 1).

Aktar 'il quddiem, meta l-Papa jitkellem fuq il-Knejjes Ortodossi, hu jgħid,

*"Rabta verament mill-qrib diġà tgħaqqadna magħhom. Għandna kważi kollox l-istess; u fuq kollox, għandna l-istess xewqa ħerqana u sinċiera għall-għaqda"* (n. 3).

Dawk il-Knejjes Ortodossi huma verament il-Knejjes Ħutna. Aħna għandna nkabbru b'kull mod possibbli r-rikonċiljazzjoni u l-għaqda bejnietna skond ix-xewqa ta' Kristu u fl-ispirtu tal-pariri li hemm fid-dokument *Unitatis Redintegratio* tal-Konċilju Vatikan II.

Fit-taqsimiet li ġejjin ta' dan il-kapitlu, dak li jingħad b'referenza għall-konverżjoni ta' dawk li m'humiex Kattoliċi, ma japplikax għall-ħutna tal-Knejjes Ortodossi.

## 4. IT-TFITTXIJA GĦALL-KONVERŻJONIJIET LEJN IL-KNISJA

"Il-Knisja," iddikjara solennement il-Papa Piju XI, "ma għandhiex raġuni oħra għall-eżistenza tagħha ħlief dik li xxerred is-

Saltna ta' Kristu, u b'hekk twassal il-bnedmin biex jieħdu sehem mill-Fidwa tiegħu u jsalvaw." Hu għalhekk ta' swied il-qalb li hawn Kattoliċi jgħixu fost qtajjiet ta' nies li m'humiex fil-Knisja, u ftit li xejn jagħmlu sforz biex jikkonvertuhom. Mindaqqiet dan jiġi mill-fatt li l-problema li nieħdu ħsieb dawk li huma fil-merħla hi meqjusa hekk serja li dawk barra mill-merħla jisfaw minsija qishom m'humiex parti mill-problema. Għandu forsi għalfejn wieħed jistagħġeb li fl-aħħar mill-aħħar, la dawk fil-merħla ma jiġu mħarsa u lanqas dawk li għadhom barra ma jinġiebu ġewwa?

La titqarraqx: il-fidi għandha titwassal lil kull bniedem li għadu barra mill-Knisja. Il-biża', ir-rispett uman u kull tfixkil ieħor għandhom jgħibu għal kollox quddiem ix-xewqa qawwija li inti taqsam dak id-don tal-fidi ma' dawk li għadhom mingħajru. L-evanġelju għandu jitwassal lil kull bniedem. L-isforzi għal dan l-iskop, qal San Franġisk Saverju, għandhom ikunu bħal dawk ta' nies barra minn sensihom. Iżda oħrajn jagħtu parir li wieħed juża l-prudenza. Tassew jiddependi ħafna mill-prudenza fl-isfera vera tagħha, li tikkonsisti filli toqgħod attent għall-ħidma meħtieġa u mhux ixxekkilha. F'organizzazzjoni, il-post veru tal-prudenza hu dak tal-brejk, waqt li kważi dejjem isir l-iżball li nikkonsidrawha bħala l-magna. U mbagħad tistagħġeb bin-nuqqas ta' ħidma. O, kemm hemm bżonn ta' dawk il-bnedmin barra minn sensihom li ma jaħsbux bi prudenza egoista, li jwarrbu l-biża' żejjed bla ma jaqgħu f'dawk li l-Papa Ljun XIII sejjaħ eċċessi kriminali: nuqqas ta' prudenza u dik l-hekk imsejħa prudenza. Għaliex l-erwieħ qiegħda tkaxkarhom ix-xmara dejjem tiġri tażżmien. L-isforz li jsir tard jiġbor erwieħ oħra, iżda mhux lil dawk l-erwieħ; l-abiss ta' l-eternità jkun diġà belagħhom lil dawk!

"Jekk toqgħod tgħid u tirrepeti li l-bnedmin m'humiex lesti biex jirċievu l-evanġelju, tispiċċa biex int ma tkun lest qatt biex tagħtihulhom" (Il-Kardinal L. J. Suenens).

Nies barra mill-Knisja jitħabtu ma' baħar ta' dubji li minnu qalbhom tixtieq is-serħan; iżda dawn għandhom bżonn ikunu żgurati li fil-Knisja hemm tassew il-fidi u l-kalma. L-ewwel pass biex nikkonvinċuhom għandu jkun li nersqu lejhom. Kif jistgħu jifhmu l-verità jekk ħadd ma jurihielhom? (Atti 8:30-31). Kif jistgħu jitwarrbu l-ideat żbaljati, kultant esaġerati, jekk il-Kattoliċi jibqgħu siktin għal kollox dwarhom? Kif jistgħu l-għedewwa tal-Knisja, bil-bruda esterna tal-Kattoliċi, jindunaw bis-sħana moħ-

bija tal-fidi? U forsi m'għandhomx ikunu skużati li jaħsbu li t-twemmin Kattoliku, li rari juri entużjażmu, m'hu differenti xejn jew kważi xejn min-nuqqas ta' twemmin li huma jammettu li għandhom?

Hemm tendenza li naħsbu li jkun sar biżżejjed meta l-prinċipji Kattoliċi jixxandru bil-mezzi tal-komunikazzjoni jew b'taħditiet pubbliċi. Iżda tabilħaqq l-isforzi tagħna jonqsu mill-qawwa tagħhom aktar ma l-kuntatt personali jkun nieqes. Kieku l-konverżjonijiet kienu jiddependu mill-kuntatt mal-kotra b'mezzi bħal dawn, iż-żmien preżenti ta' teknoloġija kien ikun wieħed ta' konverżjonijiet bla għadd. Iżda għall-kuntrarju, insibuha bi tqila li nżommu saħansitra l-merħla Kattolika bla mittiefsa.

Le! Biex ikun tassew effettiv, il-kuntatt jinħtieġ li jkun individwali u intimu. Tista' tinqeda bil-media biex tqanqal u tħeġġeġ f'xi pjan li jsir biex dawk "in-ngħaġ l-oħra" jitressqu lejn ir-Ragħaj it-Tajjeb, iżda l-qofol ta' dak il-pjan għandu jkun is-sejħa ta' persuna lil persuna oħra. Skond il-liġijiet li jmexxu d-dinja spiritwali, kif jgħid il-Beatu Federiku Ozanam, ma nistgħux ngħollu ruħ 'il fuq jekk ma nkunux miġbudin lejha. Fi kliem ieħor, għandha taħdem il-liġi ta' l-imħabba, u rigal mingħajr il-bniedem li jagħtih m'hu xejn. Iżda ta' sikwit il-Kattoliku jieħu attitudni ta' wieħed li ma jista' jagħmel xejn. Jaħseb li ħafna minn dawk li huma barra mill-Knisja għandhom għeruq iebsa wisq fil-preġudizzji u fl-injoranza biex jiċċaqalqu. Tassew li hemm ħafna preġudizzji, u dawn huma tradizzjonali, kważi mweldin magħhom u msaħħin bit-tagħlim. Allura x'riżorsi għandu l-Kattoliku biex jaffronta sitwazzjoni bħal din? M'għandux għalfejn jibża'. Fit-tagħlim tal-Knisja, ukoll jekk imfisser b'mod sempliċi, għandu xabla tleqq li l-qawwa tagħha ddeskrivieha wisq tajjeb il-Kardinal Newman bil-kliem nobbli li ġej: "Inħoss bis-sħiħ fija l-qawwa tas-sewwa, u l-ħila tagħha li tirbaħ. Is-sewwa għandha fuqha barka minn Alla. Ix-xitan jista' biss idewwem ir-rebħa tagħha; ma jistax iżommha."

Iżda l-Kattoliku għandu wkoll jiftakar fi prinċipju ieħor li għalih għandu jkun fidil: "Is-sewwa qatt ma tisħon waqt li tiġġieled ma' l-iżball. L-iżball qatt m'hu kalm waqt li jiġġieled mas-sewwa" (De Maistre). Kif ġie mtenni kemm-il darba f'dawn il-paġni, wieħed irid jersaq lejn dawk li jrid jirbaħ kif kieku kien jersaq ir-Ragħaj Divin fi tfittxija bħal din. Wieħed m'għandux joqgħod jargumenta jew jipprova jsodd ħalq l-ieħor. Kull kelma għandha

turi l-umiltà, l-imħabba, is-sinċerità. Kemm il-għemil kif ukoll il-kliem għandhom jixhdu ħaġa essenzjali, li huma ġejjin minn konvinzjoni ġenwina. Fejn hemm din il-konvinzjoni dawn rari jiġu milqugħa ħażin, u ma jonqsux li jħallu impressjoni qawwija li fil-biċċa l-kbira tal-każi tispiċċa bil-konverżjoni.

"Għandna dejjem niftakru," qal Dr. Williams, li kien Arċisqof ta' Birmingham, "li r-reliġjon tittieħed bl-eżempju, aktar milli bit-tagħlim. Hi fjamma li titqabbad minn bniedem għal ieħor. Tix-tered bl-imħabba u b'ebda mod ieħor. Neħduha biss mingħand nies li nqisu bi ħbiebna. Dawk li aħna nqisu bħala bierda jew għedewwa ma jħajruniex għar-reliġjon."

Jekk il-kuntatt personali hu neċessarju, ħaddiem wieħed ma jistax jieħu ħsieb ta' ħafna każijiet. Għalhekk għal ħafna kon-verżjonijiet hemm bżonn ta' ħafna ħaddiema. Il-leġjunarji għan-dhom ikunu numerużi.

Dan li ġej għandu jkun ikkonsidrat bħala parti minn kull pjan:

1. Għandna nistudjaw mhux sempliċement biex inkunu nafu nargumentaw, iżda biex inkunu kapaċi ngħinu lil min sinċera-ment jixtieq jitgħallem.

2. Għandna nżuru lil dawk li jkunu kkonvertew biex niżguraw irwieħna li jkollhom ħbieb Kattoliċi, jew biex indaħħluhom fil-Leġjun, jekk ikunu addattati. Ħadd ma jinqala' iktar minnhom biex iwieġeb id-diffikultajiet ta' dawk li qabel kienu sħabhom.

3. Għandna nfittxu (bil-għajnuna ta' listi ta' ismijiet li niksbu mingħand dawk li jispeċjalizzaw fit-tagħlim) lil dawk li bdew xi kors ta' tagħlim u ma komplewhx. L-esperjenza turi li n-nuqqas ta' perseveranza ma jkunx ġej min-nuqqas ta' xewqa li jsiru Kattoliċi, iżda minn ċirkostanzi tal-mument li jwaqqfu l-atten-denza; imbagħad ma' jerġgħux jibdew jattendu jew għax jistħu jew għax jibqgħu jħallu mil-lum għall-għada.

4. Jinqalgħu ħafna okkażjonijiet li jsir kuntatt effettiv ma' persuni li m'humiex Kattoliċi jekk il-leġjunarji jġibu ruħhom magħhom b'mod Nisrani u naturali. Lill-Kattoliċi fid-dubju, fin-niket jew f'xi tfixkil, il-leġjunarju jagħtihom parir li jitolbu, jew ifittex li jħajjarhom jaqraw xi ħaġa li tista' tgħinhom. Ikellimhom fuq l-imħabba t'Alla u l-maternità ta' Marija u b'hekk ifarraġhom u jqawwilhom qalbhom. Hekk ukoll nistgħu nagħmlu użu tajjeb miż-żminijiet ta' prova li sikwit persuni li m'humiex Kattoliċi jsibu ruħhom fihom, iżda ma naħtfux l-opportunità. Jidhrilna li ma għandniex nitkellmu fuq ir-reliġjon. Nesprimu biss sentimenti

tad-dinja li la jfarrġu, la juru fidi u lanqas jiksbu xejn. Iżda ħalli l-leġjunarji jinqdew b'dawk l-okkażjonijiet perfetti ta' kuntatt. F'dawk il-waqtiet, meta l-bniedem jaħsibha mod ieħor, il-kliem spiritwali jiġi milqugħ bil-ferħa u nistgħu nwassluh biex jagħti l-frott.

5. F'ħafna postijiet inbdiet sistema ta' rtiri ta' ġurnata għal persuni li m'humiex Kattoliċi. Ġeneralment ikun hemm quddiesa, tliet taħditiet, ħin għall-mistoqsijiet, ikla ta' nofsinhar, te, Barka Sagramentali u mindaqqiet film b'kummentarju ħaj. Jekk tinstab dar tar-reliġjużi, dan jagħti l-atmosfera ideali u jneħħi ċerti ideat żbaljati u preġudizzji.

Il-proċedura hi li nagħżlu ġurnata u mbagħad nistampaw l-inviti li jkun fihom il-programm. Permezz tal-leġjunarji tal-post u l-mezzi l-oħra kollha possibbli, ngħaddu dawn l-inviti lil persuni li m'humiex Kattoliċi u nfissrulhom l-idea ta' l-irtir. Meta nużaw tajjeb dawn l-inviti nqanqlu reazzjoni pożittiva f'dak li jkun. Għalhekk qatt ma għandna nqassmuhom bl-addoċċ, qishom xi karti tar-reklami. Għandna nżommu lista lil min inkunu qassamna dawn l-inviti u wara għandna niċċekkjaw jekk attendewx jew le. L-invit għandna nagħtuh biss lil nies li juruna li aktarx imorru għall-irtir.

Il-fatt li l-leġjunarju ħa invit ifisser li jkun inkariga ruħu li jsib lil xi ħadd lest biex imur għall-irtir. Sakemm ma jilħaqx dan l-iskop, l-invit jibqa' jċanfru f'idejh, tifkira ħajja ta' ħidma li ma saritx.

Hi drawwa li kull persuna li mhix Kattolika tkun akkumpanjata mill-persuna Kattolika li permezz tagħha tkun marret għall-irtir. L-iskop ta' dan hu li l-persuna li mhix Kattolika ma tħossx ruħha bħal ħuta barra mill-ilma fl-ambjent il-ġdid, li jkollha min iweġibha għal xi diffikultajiet u jkun hemm min iħeġġiġha biex tirrikorri għand is-saċerdot matul il-ġurnata. Is-skiet mhux obbligatorju. L-irtiri huma miftuħin għall-irġiel u għan-nisa. L-iskop tagħhom għandu jkun imħares dejjem sewwa. M'għandniex nistiednu għal dawn l-irtiri lil dawk li jkunu diġà kkonvertew u lill-Kattoliċi traskurati.

Aktar ma jikber in-numru ta' dawk li jiġu mħajra, aktar jikber in-numru ta' dawk li jattendu għall-irtir; u aktar ma jattendu għall-irtir, aktar ikun hemm konverżjonijiet. L-esperjenza turi li dawn il-proporzjonijiet huma marbuta ma' xulxin. Għalhekk jekk nirdoppjaw in-numru ta' l-ewwel kuntatti (li bla dubju nistgħu nagħmlu) jirdoppja n-numru ta' konverżjonijiet.

"Li jkunu lkoll ħaġa waħda. Kif inti fija, Missier, u jiena fik, ħa jkunu huma wkoll ħaġa waħda fina" (Ġw 17:21).

"Neħħi s-sehem li l-Verġni Mbierka tagħti għax-xhieda ta' l-evanġelju, ħassar ix-xhieda tagħha għall-Kristjaneżmu, u għandek issib li mhux biss kissirt ħolqa, iżda neħħejt dak stess li kien jgħaqqad flimkien il-katina kollha; ma tagħmilx biss fetħa jew qasma fil-bini, iżda tkun neħħejt il-pedamenti. It-twemmin fl-għeġubijiet ta' l-Inkarnazzjoni, it-twemmin taż-żminijiet kollha, it-twemmin tad-dinja, jistrieħu lkoll fuq punt wieħed ta' xhieda, fuq ħaġa waħda, fuq leħen wieħed: dak ta' l-Imqaddsa Verġni Marija" (Il-Kardinal Wiseman: *L-Għemejjel tat-Testment il-Ġdid*).

## 5. L-EWKARISTIJA BĦALA STRUMENT TAL-KONVERŻJONI

Spiss jintilef ħafna żmien f'argumenti li, anki jekk bil-provi, ma jiġbdu 'l ħadd lejn il-Knisja. L-iskop fid-diskussjonijiet kollha għandu jkun li nwasslu lil dawk barra mill-Knisja biex jieħdu idea tat-teżori li hemm fiha. M'hemmx mod aħjar li bih nistgħu nagħmlu dan milli nippreżentaw id-duttrina ta' l-Ewkaristija.

Anki dawk li jafu lil Kristu ftit ħafna u ma jifhmuhx, huma mimlijin bl-ammirazzjoni lejh. Minn dak li jafu fuqu bis-saħħa ta' xhieda umana jammettu li hu kellu qawwa fuq in-natura li qatt ma dehret bħalha, b'mod li l-elementi obdewh; il-mejtin irxuxtaw; u għall-kmand tiegħu l-mard għeb. Għamel dawk il-ħwejjeġ kollha direttament bil-qawwa tiegħu stess għaliex, għalkemm bniedem, kien ukoll Alla l-Etern innifsu li ħalaq kollox, li l-kelma tiegħu hija l-istess qawwa.

L-Iskrittura tgħid kif dak il-Bniedem-Alla, fost għeġubijiet oħra bla għadd, waqqaf il-miraklu ħelu ta' l-Ewkaristija. "Ġesù ħa l-ħobż f'idejh, qal il-barka, qasmu, newlu lid-dixxipli u qal: 'Ħudu, kulu, dan hu ġismi' " (Mt 26:26). Din hi kitba tal-għaġeb, iżda kemm hemm nies li għadhom ma jafu xejn dwarha! "Iebes dan il-kliem! Min jiflaħ jisimgħu?" (Ġw 6:60). L-oġġezzjoni ta' anki x'uħud mid-dixxipli tiegħu dwiet mal-medda taż-żminijiet bi ħsara bla tarf għall-erwieħ: "Kif jista' dan jagħtina ġismu biex nikluh?" (Ġw 6:52). Dawk id-dixxipli setgħu kważi jkunu skużati għan-nuqqas ta' fidi tagħhom, għax ma kinux fehmu n-natura reali ta' dak li kien fosthom. Iżda x'inhu li jdallam l-imħuħ ta'

dawk li jagħrfu d-divinità u b'hekk l-omnipotenza ta' Kristu? Dawn għandhom żgur jaraw kemm kienet tkun ħaġa qarrieqa, u għalhekk ħaġa li m'għandhiex tgħaddilna minn moħħna, li dik l-istess Persuna Divina, hi u tkellem solennement lin-nies sempliċi, tgħidilhom "ġismi" waqt li fehmet "mhux ġismi." Ħa jifhmu l-loġika qawwija ta' Pascal: "Kemm nistmerr din il-bluha ta' min ma jemminx fl-Ewkaristija. Jekk l-evanġelju hu veru; jekk Kristu hu Alla; fejn hi d-diffikultà f'din il-ħaġa?"

Kunċett li jqanqal bħalma hi l-Ewkaristija joffri sfida li ma tistax ma tagħtix kasha. Jekk quddiem għajnejn persuni li m'humiex Kattoliċi nżommu mixgħula l-ħin kollu din l-akbar glorja tal-Knisja, fl-aħħar dawn jibdew jaħsbu fil-fond fuq din il-verità, hekk li ħafna jaslu biex jirraġunaw bejnhom u bejn ruħhom: "Jekk dan hu minnu, kemm hu kbir dak li jien qed nitlef!" Fil-weġgħa ta' dan il-ħsieb huma jħossu l-ewwel ġibda qawwija lejn id-dar vera tagħhom.

Bosta nies serji barra mill-Knisja jaqraw l-Iskrittura, u b'meditazzjoni u b'talb sinċier ifittxu li joħorġu lil Ġesù mill-imgħoddi mċajpar ta' l-istorja, waqt li jifirħu jekk l-immaġinazzjoni tagħhom toħloq xbieha ħajja tal-Mulej medhi fl-opri tiegħu ta' mħabba. O, li kieku dawn l-erwieħ jaslu biex jifhmu li fil-Knisja hemm il-miraklu ta' l-Ewkaristija, li jista' jressaq fl-isfera tal-ħajja tagħhom preżenti lil Ġesù kif inhu, kollu kemm hu fir-realtà fiżika kollha tiegħu, bid-divinità kollha tiegħu! Kieku jistgħu jifhmu li b'dan il-mezz ikunu jistgħu jmissuh, jitkellmu miegħu, jikkontemplawh jew jaħsbu fuqu iktar mill-qrib, bil-wisq iktar intimament milli għamlu l-ħbieb maħbubin tiegħu f'Betanja! Anzi aktar minn hekk! Permezz tat-tqarbin imqaddes, magħqudin ma' Marija, ikunu jistgħu jagħtu lil dak il-ġisem divin l-imħabba kollha ta' Omm, u b'hekk sa ċertu punt jirringrazzjawh b'mod xieraq għal dak kollu li għamel għalihom. Iva, il-ġid bla tarf ta' l-Ewkaristija jinħtieġ biss ikun imfisser lill-qtajja' barra mill-Knisja biex iġagħalhom jixxennqu għad-dawl. Imbagħad Ġesù jagħtihom l-għarfien tal-ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu miegħu. Bħad-dixxipli sejrin lejn Għemmaws, qalbhom titkebbes fihom, hu u jkellimhom fit-triq u jagħtihom it-tifsir ta' dak "il-kliem iebes" tiegħu: "Ħudu, kulu, dan hu ġismi" (Mt 26:26). U jinfetħulhom għajnejhom u jagħrfuh waqt il-qsim tal-Ħobż divin (Lq 24:13-35).

F'dan il-għarfien ta' l-Ewkaristija, l-ideat żbaljati u l-preġudizzji li qabel kessħu l-moħħ u dallmu d-dehra tas-sema, idubu bħas-

silġ fix-xemx taħraq, b'mod li dak li kien miexi bla ma jara, ilissen b'qalbu mfawra: "Ħaġa waħda naf: li jien kont agħma u issa qiegħed nara" (Ġw 9:25).

"Sidtna Marija tas-Santissimu Sagrament hi Marija li bħala dispensatriċi universali tal-grazzja tirċievi s-setgħa assoluta li tiddisponi mill-Ewkaristija u l-grazzji li l-Ewkaristija tiġbor fiha. Għax dan is-sagrament hu l-iktar mezz li jiswa għas-salvazzjoni, l-aqwa frott tal-Fidwa li Ġesù Kristu ġab. Għalhekk imiss lilha li tagħmel lil Ġesù magħruf u maħbub f'dan is-sagrament. Imiss lilha li xxerred l-Ewkaristija mad-dinja kollha, li tkattar il-knejjes u tħawwilhom fost il-ġnus li ma jemmnux, li tiddefendi t-twemmin fl-Ewkaristija kontra l-eretiċi u l-ħżiena. Hi l-ħidma tagħha li tħejji l-erwieħ għat-tqarbin, li tqanqalhom biex iżuru sikwit lil Ġesù Sagrament u jishru quddiemu bla heda. Marija hi t-teżor tal-grazzji kollha li tiġbor fiha l-Ewkaristija, ta' kulma jwassal lejha, ta' kulma joħroġ minnha" (Tesnière: *Ix-Xahar tal-Madonna tas-Santissimu Sagrament*).

## 6. IL-POPOLAZZJONIJIET BLA RELIĠJON

Il-problema kbira ta' nuqqas ta' reliġjon hi mxerrda ħafna. F'bosta mill-ibliet il-kbar tad-dinja, distretti sħaħ li huma Kattoliċi ta' l-isem qegħdin jgħixu ħajja li fiha l-quddiesa, is-sagramenti, u t-talb daqs kieku ma jeżistux. Studju ta' każ minn dawn wera li minn popolazzjoni ta' 20,000, il-Kattoliċi prattikanti kienu biss 75. F'każ ieħor 400 biss minn 30,000 kienu jisimgħu l-quddies, u f'ieħor 40,000 minn 900,000. Sikwit in-nuqqas ta' reliġjon f'postijiet bħal dawn jitħalla jiżdied u jikber mingħajr tfixkil. L-ebda sforz li jixraqlu dan l-isem ma jsir biex is-sitwazzjoni titjieb. Jingħad li sforz dirett ikun għal xejn jew jagħti fastidju, u forsi jkun perikoluż. U ħaġa li ma titwemminx, argumenti bħal dawn jaċċettawhom ukoll dawk li jqisuha ħaġa naturali li l-missjunarji għandhom imorru sat-trufijiet tad-dinja biex iħabbtu wiċċhom ma' kull xorta ta' periklu u saħansitra mal-mewt.

L-aktar ħaġa li ssewwidlek qalbek dwar dawn il-postijiet hi li l-kleru fil-prattika ma jitħalliex jagħmel dak l-isforz dirett. Waħda mill-komplikazzjonijiet kefrin tal-ġenn tan-nuqqas ta' reliġjon hi li l-vittmi tiegħu jduru kontra l-missirijiet spiritwali tagħhom u jkeċċuhom 'il bogħod minnhom. Hawn insibu s-siwi eċċezzjonali tal-Leġjun. Huwa jirrappreżenta s-saċerdot, u jwettaq il-pjani tiegħu; iżda hu biċċa mill-poplu, u għalhekk ma jistax jiġi

mwarrab. Jgħix il-ħajja tal-poplu, b'mod li dawk bla reliġjon ma jistgħux joqtlu l-ħidma tiegħu, u lanqas iżommuh bl-attakki tal-gideb tagħhom milli jersaq lejhom, kif jistgħu jagħmlu malajr kontra grupp separat bħalma hu l-kleru.

**Xi prezz jista' jagħti l-bniedem biex isalva ħajtu?** (Mk 8:37)

Xi sforz għandu jagħmel bniedem biex isalva lil għajru? Għandu jkun bilfors sforz mill-ikbar, saħansitra sal-periklu tal-mewt, jekk ikun meħtieġ. Dawk il-postijiet kbar bla reliġjon għandhom jiġu evanġelizzati bl-istess determinazzjoni li biha huma evanġelizzati l-artijiet imbiegħda tal-missjoni. M'aħniex ngħidu li m'għandniex nagħtu kas ta' dawk li jgħidu li "m'hemmx tama", jew ta' dawk li jsostnu li "hemm il-periklu". Jista' jkun li xi ħaġa li jgħidu twassal għas-suċċess u għall-ħarsien tal-ħidma leġjunarja. Iżda fl-ebda ċirkostanza ma għandha xi kelma tagħhom titħalla tifleġ dak l-attakk. Għandu jkollna fidi kbira, jekk irridu neqirdu dawk il-muntanji tal-ħażen; fidi tixbah lil dik li jsemmi Sant'Injazju ta' Loyola meta qal li kienet hekk kbira l-fiduċja tiegħu f'Alla li kien lest biex jitilqilha għal bejn sema u ilma f'dgħajsa mingħajr imqadef u mingħajr qlugħ.

Naraw li l-leġjunarji ma jsibux il-martirju jistenniehom, iżda grad għoli ta' suċċess qiegħed hemm jistenniehom. Numru ġmielu t'erwieħ fil-fatt ikunu jistennew li ssirilhom l-ewwel sejħa diretta.

**Metodu kif nersqu lejn l-erwieħ**

F'kondizzjonijiet bħal dawn, fejn l-obbligi l-aktar elementari tar-reliġjon ħadd ma jagħti kashom, il-leġjunarji jistgħu jibdew billi jisħqu bil-qawwa kollha fuq il-ħtieġa l-aktar importanti: is-smigħ tal-quddies. Għandhom jitħejjew fuljetti li jfissru bi kliem ħafif, iżda li jolqot, il-ġmiel u l-qawwa tal-quddiesa. Jekk dawn ikun fihom stampa bil-kulur li tfisser aħjar is-suġġett, l-effett ikun akbar. B'numru minn dawn il-fuljetti f'idejhom, il-leġjunarji jżuru d-djar waħda wara l-oħra. Lil min ikun irid, jagħtuh fuljett, u jekk jista' jkun ikellmuh bil-ħlewwa fuq is-sagrifiċċju tal-quddiesa. M'hemmx għalfejn li l-leġjunarji jiġu mfakkra li l-imġiba tagħhom f'kull ċirkostanza għandha tkun waħda ta' sabar u ħlewwa bla tarf; qatt m'għandhom jagħmlu mistoqsijiet biss; qatt m'għandhom iċanfru 'l ħadd għax ikun traskurat.

Għall-ewwel, il-leġjunarji jistgħu jintlaqgħu ħażin, iżda għal

dan ipattu l-ħafna suċċessi li jiġu malajr. Wieħed għandu jimxi fuq il-metodi ordinarji taż-żjajjar tal-Leġjun li l-idea fondamentali tagħhom hija li jsir sforz biex titwaqqaf ħbiberija vera man-nies li l-leġjunarji jżuru. Meta jintrebaħ dak, ikun intrebaħ kważi kollox.

Kull każ fejn wieħed jerġa' jibda jipprattika r-reliġjon, għandu jitqies bħalma s-suldati fil-gwerra jqisu r-rebħ ta' post importanti, għaliex kull konverżjoni tiġbed oħrajn warajha. Hekk kif ir-rebħiet jiżdiedu, l-opinjoni pubblika tibda tinbidel. F'dak il-post innies kollha jkollhom għajnejhom fuq il-leġjunarji. Kollha jitkellmu, jikkritikaw, jaħsbu; u qlub li kienu berdin jibdew jitqanqlu. Jgħaddu s-snin u kull sena jkollha lista ġmielha ta' rebħiet. Għal ħafna snin ix-xejra tal-popolazzjoni lejn ir-reliġjon tkun tidher li ma nbidlitx. Imbagħad, sewwasew kif biċċa drapp li tkun mikula bil-kamla, għalkemm tidher sħiħa, malli tmissha, malajr issir trab, bl-istess mod tiġri xi ħaġa li turi li l-qlub tal-poplu reġgħu lura lejn Alla.

**Ir-riżultat ta' l-isforz**

Dwar ċerta belt b'popolazzjoni ta' 50,000 ruħ kien jista' jingħad li kważi ħadd ma kien jipprattika r-reliġjon tiegħu. Din issitwazzjoni ta' traskuraġni ħżienet b'kull xorta t'abbużi. F'ħafna bnadi tal-belt is-saċerdot ma kienx jista' jidher fit-triq mingħajr ma jkun insultat. Twaqqaf praesidium bi spirtu ta' fidi, u nbdiet il-ħidma taż-żjajjar li, iżda, kienet tidher bla tama. Kulħadd stagħġeb bil-ħafna riżultati immedjati li bdew jiżdiedu fin-numru u fl-importanza, hekk kif il-leġjunarji żdiedu u kisbu l-esperjenza. Wara tliet snin ta' suċċess mhux mistenni, l-awtoritajiet tal-Knisja ħassew il-kuraġġ li jistiednu l-irġiel għal tqarbina ġenerali, u stennew attendenza ta' mitejn. In-numru ta' dawk li fil-fatt resqu kien 1,100, li wera li l-popolazzjoni kollha kienet tqanqlet sħiħ fit-tliet snin t'appostolat. Wieħed seta' jara li l-iskop kien se jintlaħaq: f'dik il-belt il-ġenerazzjoni l-ġdida kienet se titwieled f'atmosfera ġdida. Il-qdusija kienet se ssaltan fejn darba l-quddiesa kienet imżebilħa kullimkien, u l-ministri tagħha mwaqqgħin għaż-żufjett. Postijiet oħra fl-istess ċirkostanzi għandhom ifittxu rimedju bl-istess manjiera.

"Ġesù wieġeb u qalilhom: Emmnu f'Alla. Tassew ngħidilkom, li jekk xi ħadd jgħid lil din il-muntanja, 'Intrafa' u nxteħet il-baħar,' bla ma

joqgħod jitħasseb f'qalbu imma jemmen li dak li jgħid ikun se jsir, isirlu żgur. Għalhekk ngħidilkom: kull ma titolbu fit-talb tagħkom, emmnu li tkunu ġa qlajtuh, u jingħatalkom" (Mk 11:22-24).

## 7. IL-LEĠJUN BĦALA GĦAJNUNA LILL-MISSJUNARJU

**Is-sitwazzjoni Missjunarja**

B'attività missjunarja hawn nifhmu dik l-attività li hija mmirata lejn popli u gruppi li għadhom ma jafux bi Kristu jew li ma jemmnux bih, li fosthom il-Knisja għadha ma qabditx art u li l-kultura tagħhom għadha nieqsa għal kollox mill-Kristjaneżmu.

Fost dawk li jridu jiġu evanġelizzati jeżistu differenzi kbar fil-livelli tal-kultura, ta' l-edukazzjoni u tal-kondizzjonijiet soċjali. Imqar fit-territorju ta' l-istess pajjiż wieħed isib kemm bliet kbar kif ukoll irħula żgħar imxerrdin ma' l-erbat irjieħ. Hemm wkoll kuntrasti kbar bejn is-sinjur u l-fqir, nies b'edukazzjoni għolja u oħrajn bla skola xejn, kif ukoll razez u ilsna differenti.

Jekk nieħdu n-nies kollha tad-dinja nsibu li n-numru ta' dawk li ma jafux bi Kristu qed jikber b'rata ogħla minn dik tan-nies li verament jemmnu fih.

F'din l-għalqa immensa jidħol il-missjunarju: il-qassis, ir-reliġjuż jew il-lajk. Dan jiġi minn barra l-pajjiż u għalhekk isib ċertu tfixkil minħabba d-differenza tar-razza, tal-lingwa u tal-kultura. L-esperjenza u t-taħriġ iwassluh biex iħosshom inqas tqal, iżda bilkemm jirnexxilu qatt jirbaħhom għal kollox.

F'territorju ġdid il-missjunarji jridu jibdew il-ħidma tagħhom billi jifformaw komunitajiet Insara tal-post li biż-żmien isiru Knejjes li jistgħu jmexxu weħidhom. Dawn imbagħad ikunu huma stess li jwettqu x-xogħol ta' l-evanġelizzazzjoni.

Fil-bidu huma jfittxu li malajr kemm jistgħu, jagħmlu ħafna kuntatti u ħafna ħbieb. Fejn ikun possibbli l-missjunarji jdaħħlu xi servizzi ta' ħtieġa, bħalma huma l-iskejjel u l-kliniċi, biex ikunu xhieda għal Kristu u jżidu l-kuntatti. Minn fost dawk li jikkonvertu jintgħażlu l-katekisti u nies oħra li jgħinu fil-knisja.

Il-missjunarju jew il-katekista lokali jistgħu jgħallmu biss lil dawk li jkunu jixtiequ. Min joħloq dik ix-xewqa f'persuna oħra, fil-fatt ikun iħajjarha tikkonverti. Bl-għajnuna t'Alla, dan aktarx iseħħ permezz ta' kuntatt ma' xi Kattoliku lajk, u biss wara jkun hemm il-kuntatt ma' saċerdot. Din il-ħbiberija tikber bil-mod il-mod sakemm tasal għal fiduċja sħiħa. Ħafna drabi dawk li jmor-

ru jfittxu s-saċerdot jgħidulu, "Jien ġejt għax għandi ħabib li hu Kattoliku."

Il-Leġjun, bħala għodda li għaddiet mill-prova u rnexxiet, joffri lilu nnifsu lill-missjunarju mħabbat għax-xogħol tal-konverżjoni. Lil dawk li jikkonvertu l-Leġjun jgħinhom ukoll biex jipperseveraw. B'membri mil-lokal u taħt id-direzzjoni spiritwali talmexxejja tal-missjoni sakemm jieqaf fuq saqajh, il-Leġjun jibda jgħallem, jifforma u jqanqal lil dawk li jikkonvertu biex jevanġelizzaw lill-oħrajn b'mod kontinwu u sistematiku. Il-membri tal-Leġjun ma jiġux minn barra l-komunità, kif jiġi l-missjunarju. Diġà jinsabu fiha, u bil-formazzjoni li jingħataw huma jsiru kapaċi jkunu d-dawl, il-melħ u l-ħmira tal-komunità, sewwasew bħall-Insara tal-bidu.

## It-tixrid tal-Leġjun

Hekk kif in-numru tal-membri jibda jikber u l-livell tagħhom jitjieb, ikun jinħtieġ li jinfetħu praesidia ġodda biex il-membri jitħarrġu kif jixraq. Forsi d-diretturi spiritwali jkunu jistgħu jieħdu ħsieb aktar minn praesidium wieħed. Forsi wkoll ikun possibbli li wieħed iqabbad xi katekisti u nies oħra t'esperjenza jagħmluha ta' presidenti biex jgħinu u jħarrġu l-membri tal-praesidia. Kull praesidium ġdid ifisser bejn għaxra u għoxrin suldat jitqabdu għall-fidi.

Is-suċċess fil-pjan taż-żieda tal-praesidia mbagħad ikun ifisser li biż-żmien kull saċerdot ikun organizza l-isforzi ta' numru kbir ta' ħaddiema fil-qasam ta' l-appostolat. Ir-riżultat ikun li filfatt huwa jibda jwettaq ħidmiet li jixbhu ħafna lil dawk ta' isqof djoċesan bl-eċċezzjoni biss tad-dmirijiet l-aktar għolja. L-isqof innifsu jsib li għandu f'idejh ġerarkija ta' ħaddiema, kbira fin-numru u li taħdem bis-sħiħ għall-fidi, li permezz tagħha huwa jkun jista' jippriedka l-evanġelju lil kull bniedem fit-territorju tiegħu.

Dak li qed jiġi ssuġġerit hawn mhuwiex xi pjan li qatt ma ġie mħaddem, iżda l-frott t'esperjenza ta' ħafna snin ta' suċċess fl-evanġelizzazzjoni f'diversi artijiet tal-missjoni u f'ħafna sitwazzjonijiet differenti.

## Dmir definit lil kull leġjunarju

Fil-pjan li jkun propost, kull leġjunarju jiġi mogħti kamp definit fejn jaħdem. Kull kamp ta' xogħol jiġi studjat bir-reqqa u maqsum fi dmirijiet individwali li jingħataw lil-leġjunarji, u kull mem-

bru jingħata r-responsabbiltà sħiħa biex jagħmilhom sew. Il-leġjunarji għandhom jifhmu li huma u jaqdu dmirijiethom, iqiegħdu ruħhom minn jeddhom għad-dispożizzjoni tas-saċerdot. Permezz tiegħu huma jkunu magħqudin mal-missjoni tal-Knisja. Wieħed mill-iskopijiet ewlenin tas-sistema tal-Leġjun għandu jkun dak li nfiehmu lil kull membru din ir-responsabbiltà u nippreparawh biex iħaddanha kif jixraq.

Fost id-dmirijiet adattati għal-leġjunarji fl-artijiet tal-missjoni insibu dawn:

1. li jippreparaw għaż-żjajjar li l-missjunarju jagħmel kull tant żmien fil-missjonijiet imbiegħda;
2. li jgħallmu 'l-katekumeni, ifittxu oħrajn ġodda u jħeġġuhom għal attendenza regolari;
3. li jħajru lill-Kattoliċi traskurati, jew li tbiegħdu mis-sagramenti, biex jersqu mill-ġdid għall-prattika sħiħa tal-fidi;
4. li jmexxu servizzi para-liturġiċi;
5. li jservu bħala Ministri Straordinarji ta' l-Ewkaristija;
6. li jieħdu ħsieb il-bżonnijiet spiritwali ta' dawk li jkunu qed imutu u, wara mewthom, jaraw li ssirilhom difna Nisranija.

Il-ħtiġijiet tal-lokal waħedhom juruna x'għemejjel oħra ta' ħniena għandhom isiru, kemm dawk li jolqtu r-ruħ u kemm dawk li jolqtu l-ġisem.

**Għandhom il-leġjunarji jkollhom ħafna tagħlim tar-reliġjon?**

Il-grad ta' tagħlim jiddependi mit-tip ta' xogħol li wieħed ikun mistenni jagħmel. Bla dubju, biex twassal persuna għall-konverżjoni u tħeġġiġha tippersevera, tagħlim bażiku tal-fidi hu biżżejjed. Dan jidher ċar ħafna mit-tixrid mgħaġġel tal-Knisja fl-ewwel żminijiet tagħha. F'ħafna każi, il-konverżjonijiet saru bil-ħidma ta' membri dgħajfa u oppressi ta' dik is-soċjetà qawwija, sinjura u ta' ħafna tagħlim li fiha kienu jgħixu. Hawn mhux qed nitkellmu dwar tagħlim formali, li hu dejjem meħtieġ, iżda dwar l-isforz ta' ruħ li tferra' l-aqwa rigal tagħha f'ruħ oħra. Dan iseħħ bl-akbar mod effettiv meta wieħed jagħmel din il-ħidma ma' persuna tal-kategorija tiegħu; iżda l-esperjenza turina li d-differenzi soċjali jistgħu jintrebħu malajr ħafna. Il-Kattoliku li hu konvint minn twemminu, anki jekk ikun nieqes mit-tagħlim, għandu stampa ċara tal-fidi tiegħu u għandu l-ħila jgħaddiha lil bniedem ieħor li jkun jixtieq jinfluwenza. Iżda hu jibqa' lura milli jagħmel dan sakemm ma jkunx imċaqlaq mis-saħħa ta' xi orga-

nizzazzjoni jew minn xi tqanqila qawwija. Is-sistema tal-Leġjun tipprovdi dik il-qawwa li timbotta permezz tal-motivazzjoni u x-xogħol t'appostolat. Bħala riżultat tal-formazzjoni li jkun ħa, il-membru minn jeddu jidra joqgħod attent biex f'kull opportunità li tinqala' jitkellem dwar il-fidi tiegħu.

**Il-Leġjun ifisser Marija qegħda taħdem**

It-twaqqif tal-Leġjun ifisser l-applikazzjoni għall-ħidma missjunarja ta' żewġ qawwiet kbar:

1. il-prinċipju ta' organizzazzjoni metodika li magħha ġġib dejjem żieda fl-interess u fil-qawwa; u
2. dak l-element l-iktar qawwi, is-setgħa materna ta' Marija li s-sistema Marjana tal-Leġjun tiġbed fil-milja tagħha u xxerred fuq l-erwieħ permezz t'appostolat imħeġġeġ.

Tabilħaqq id-dawl tal-fidi ma jistax jixtered ħlief f'għaqda magħha. Sforzi li mhumiex taħt il-patroċinju tagħha huma bħaż-żejt mingħajr il-lampa. Forsi r-rebħiet kbar għall-fidi huma daqs-hekk rari llum għaliex m'aħniex napprezzaw biżżejjed dan il-fatt. Fiż-żminijiet tal-bidu ġnus sħaħ ikkonvertew fi żmien qasir. San Ċirillu ta' Lixandra stqarr mingħajr tlaqliq fil-Konċilju t'Efesu li sar fis-sena 431 li kien bis-saħħa ta' Marija li dawk il-ġnus kollha ntrebħu għal Kristu. Barra minn hekk, il-patrun kbir tal-missjonijiet, San Franġisk Saverju, iddikjara li mill-esperjenza tiegħu seta' jgħid li kull fejn naqas li jqiegħed ix-xbieha ta' l-Omm Divina f'riġlejn is-Salib tal-Feddej, dawk il-pajjiżi qamu kontra l-evanġelju li kien wasslilhom.

Jekk permezz ta' l-appostolat leġjunarju din il-ħidma l-aktar fejjieda ta' Marija nħalluha tinħass fl-artijiet tal-missjoni, għaliex dawk iż-żminijiet imsemmijin minn San Ċirillu m'għandhomx jerġgħu jiġu fuq l-art, b'mod li pajjiżi u ġnus sħaħ iwarrbu l-iż-balji tagħhom, u bil-ferħa jħaddnu l-fidi Nisranija?

"Kemm hi preżunzjoni belha, jew kemm hi sublimi u tas-sema l-ispirazzjoni li issa ħakmet lil dawk is-sajjieda! Ġib għal mument quddiem għajnejk dak li ndaħlu għalih. Prinċep, imperu jew repubblika qatt ma fasslu pjan hekk għoli. Mingħajr ma raw l-ebda tama t'għajnuna umana, dawn il-Galilej qasmu d-dinja bejniethom biex xi darba jiksbuha kollha. Fasslu pjan ċar biex ibiddlu r-reliġjon imwaqqfa fid-dinja kollha, sew jekk falza sew jekk parzjalment vera, sew jekk Lhudija, sew jekk pagana. Xtaqu jwaqqfu kult ġdid, sagrifiċċju ġdid, liġi ġdida għaliex, qalu, ċertu Bniedem li l-bnedmin sallbu f'Ġerusalemm hekk ordna" (Bossuet).

## 8. IL-PEREGRINATIO PRO CHRISTO

Ix-xewqa li tilħaq u tkellem lil kull ruħ għandha tibda b'dawk li huma fil-qrib, iżda m'għandhiex tieqaf hemm. Din ix-xewqa għandha timxi 'l quddiem u tmur lil hemm miċ-ċirku tal-ħajja normali. Biex wieħed jilħaq dak l-iskop hemm mezz li jagħmel din il-ħidma aktar ħafifa: il-moviment leġjunarju msejjaħ il-Peregrinatio Pro Christo. Dan l-isem huwa meħud mill-epika missjunarja tal-patrijiet tal-punent, li baqgħet tissemma fil-ktieb klassiku ta' Montalembert. Dak il-grupp kbir ta' patrijiet qalbiena "telaq minn artu, minn art twelidu u minn dar missieru" (Ġen 12:1) fis-seklu sitta u fis-seklu sebgħa u ġera ma' l-Ewropa kollha biex jerġa' jibni l-fidi li kienet iġġarrfet mal-waqgħa ta' l-Imperu Ruman.

Bl-istess idealiżmu l-Peregrinatio Pro Christo jibgħat gruppi ta' leġjunarji li għandhom il-ħin u l-mezzi biex imorru għal xi żmien, aktarx qasir, f'postijiet imbiegħda fejn il-qagħda reliġjuża hija ħażina. Hemm huma jagħmlu "l-missjoni delikata, iebsa u xejn popolari li juru li Kristu huwa l-Feddej tad-dinja. Din il-ħidma għandu jagħmilha l-poplu" (Il-Papa Pawlu VI). Postijiet fil-qrib ma jikkwalifikawx għall-Peregrinatio. Jekk jista' jkun il-Peregrinatio Pro Christo għandu jsir f'pajjiż barrani.

Din l-insistenza fuq il-ħtieġa li wieħed imur f'art oħra u jissogra f'ħidmiet għall-fidi, imqar għaż-żmien qasir ta' ġimgħa jew tnejn, tista' tbiddel il-mentalità leġjunarja u tixgħel l-immaġinazzjoni ta' kulħadd.

## 9. L-INCOLAE MARIAE

Tabilħaqq, qlub ġenerużi f'ħafna każi ma jkunux kuntenti li jagħtu ġimgħa jew tnejn biss għall-appostolat bogħod minn arthom, imma jkunu jixtiequ joffru żmien ħafna itwal. Leġjunarji bħal dawn, li jistgħu jsibu l-mezzi biex joqogħdu fil-post magħżul u li jistgħu joqogħdu hemm għal sitt xhur, sena jew anki aktar mingħajr ħsara għall-familja jew għal xi impenji oħra tagħhom, jistgħu jinħatru mill-Concilium, minn Senatus jew minn Regia biex jagħmlu ħidma missjunarja bħal din għal żmien addattat. L-approvazzjoni ta' l-awtoritajiet tal-post magħżul hija naturalment meħtieġa. Dawn il-voluntieri huma magħrufa bħala

Incolae Mariae, kliem li jfisser li huma jmorru joqogħdu għal xi żmien f'post imbiegħed, fi spirtu ta' sagrifiċċju permezz ta' Marija.

## 10. L-EXPLORATIO DOMINICALIS

Exploratio Dominicalis hu l-isem li bih hu magħruf dak li jista' jissejjaħ Peregrinatio żgħir, u li jista' jitfisser bħala t-tfittxija ta' nhar ta' Ħadd għall-erwieħ.

Kull praesidium fid-dinja hu mħeġġeġ biex, jekk jista' jkun bħala korp, jiddedika għall-inqas Ħadd fis-sena għal żjara f'xi post — jekk jista' jkun wieħed bil-problemi — ftit 'il bogħod, imma fl-istess ħin mhux hekk fil-bogħod li jeħodlok ħafna ħin biex tasal. L-Exploratio mhux bilfors ikun limitat għal ġurnata waħda; jista' jkun possibbli li jsir fuq jumejn jew tlieta. L-Exploratio Dominicalis joffri l-mezz lill-biċċa l-kbira tal-membri ta' praesidium (f'ħafna każi lill-membri kollha) biex jidħlu għal ħidma bħal din. Wieħed jifhem li għall-biċċa l-kbira tal-leġjunarji ma jkunx possibbli li jmorru Peregrinatio Pro Christo, għalkemm ikunu jixtiequ ħafna li jagħmlu dan.

L-esperjenza turina li jeħtieġ intennu bil-qawwa dak li l-Concilium saħaq fuqu kemm-il darba, jiġifieri li l-Exploratio Dominicalis huwa essenzjalment ħidma ta' praesidium. Il-kunsilli u l-praesidia huma mitluba jżommu dan il-punt f'moħħhom meta jkunu jorganizzaw l-Exploratio Dominicalis.

# 41

# "IL-KBIRA FOSTHOM L-IMĦABBA"

(1 Kor 13:13)

Marija kienet hekk għal kollox mimlija bl-imħabba li nstabet denja li ssir omm, u ġġib fid-dinja lil dak li hu l-istess Imħabba. Il-Leġjun ta' Marija, li għall-ħajja tiegħu jiddependi mid-devozzjoni lejha u l-imitazzjoni tagħha, jinħtieġ jingħaraf b'din l-istess

kwalità ta' mħabba qawwija. Għandu jkun mimli bl-imħabba; imbagħad biss jista' jwassal l-imħabba lid-dinja. Huwa importanti, għalhekk, li d-direttivi li ġejjin ikunu osservati bir-reqqa.

1. **Għad-dħul fil-Leġjun** m'għandux ikun hemm diskriminazzjoni: la soċjali, la ta' razza, la nazzjonali, lanqas ta' lewn. Il-prova waħdanija għandha tkun li wieħed ikun addattat għat-tisħib. L-appostolat leġjunarju jikseb saħansitra iktar b'ħidma indiretta, jiġifieri bħala ħmira fil-komunità, milli direttament bil-ħidmiet li jkun qed iwettaq. Jekk il-komunità, kollha kemm hi, għandha tinġieb għal kollox taħt l-influwenza tal-ħidma leġjunarja, jiġi li l-Leġjun għandu jkollu fost il-membri tiegħu rappreżentanti ta' kull sezzjoni tal-komunità.

2. **Bejn il-membri tal-Leġjun** għandu jkun hemm sempliċità naturali u mħabba sinċiera bejn kulħadd mingħajr ebda distinzjoni. Jekk għandu jkun hemm imħabba lejn dawk li l-leġjunarju jidħol biex jaqdihom, l-imħabba tiegħu lejn sħabu m'għandhiex tkun inqas għolja. Ix-xewqa li tingħażel mill-oħrajn hi xhieda tan-nuqqas tal-kwalità ewlenija meħtieġa għat-tisħib, li hija l-ispirtu ta' mħabba. L-idea kollha tal-Leġjun hija waħda ta' mħabba u simpatija qawwijin li qabel ma jxerrdu s-sħana madwarhom, għandhom l-ewwelnett jaqbdu ħuġġieġa waħda fid-dar tal-Leġjun nnifsu. "Minn dan jagħraf kulħadd li intom dixxipli tiegħi, jiġifieri, jekk ikollkom l-imħabba bejnietkom" (Ġw 13:35).

L-imħabba li nipprattikaw bejnietna bħala membri tal-Leġjun malajr naslu biex nipprattikawha ma' kulħadd. Firdiet li l-membri jirranġaw bejniethom iħejju t-triq biex jiġu rranġati firdiet oħra bejn il-barranin.

3. **Lejn organizzazzjonijiet oħra** li l-iskopijiet tagħhom jaqblu mal-missjoni tal-Knisja, il-leġjunarji għandu jkollhom dispożizzjoni li jikkooperaw magħhom u jgħinuhom kull meta jkun possibbli. Mhux il-Kattoliċi kollha jistgħu jidħlu membri fil-Leġjun, għax dak li jitlob għat-tisħib mhux ħafif. Minkejja dan, kulħadd għandu jiġi mħajjar biex b'xi mod jieħu sehem fil-ħidma tal-Knisja. Il-leġjunarji jistgħu jgħinu f'dan bl-appostolat tagħhom u bil-kuntatti personali. Iżda għandna noqogħdu attenti biex, tkun xi tkun l-għajnuna li nagħtu, din ma toħloqx tant diffikultajiet għal-leġjunarji li tkun ta' ħsara għall-appostolat tagħhom stess. Huwa importanti wkoll li nagħrfu liema tip t'għajnuna għandna nagħtu, lil min u sa fejn. Dwar dan wieħed għandu jirreferi wkoll għat-taqsimiet *Il-kontroll tal-ħidma mill-praesidium*

(kapitlu 39, numru 6) u *Għandna nħarsu n-natura intima tal-ħidma leġjunarja* (kapitlu 39, numru 8).

4. **Lejn ir-ragħajja tal-Knisja** għandu jkun hemm l-imħabba ta' wlied dovuta lilhom bħala missirijiet spiritwali u mexxejja tagħna. Il-leġjunarji għandhom jaqsmu magħhom l-ansjetajiet tagħhom u jgħinuhom bit-talb u, kemm jista' jkun, bix-xogħol attiv, biex huma jkunu aktar jistgħu jirbħu d-diffikultajiet tagħhom u jagħmlu dmirijiethom b'suċċess akbar.

Ladarba r-ragħajja tal-Knisja għandhom id-dmir, mogħti lilhom minn Alla, li jgħaddu lill-bnedmin l-oħra l-verità divina u l-grazzji tas-sagramenti, il-leġjunarji għandhom iħossu r-responsabbiltà li jiġbdu n-nies lejn dawk li jwasslulhom ir-rigali divini, u li fejn ir-relazzjoni magħhom tkun inkisret il-leġjunarji jirranġawha.

Dan hu meħtieġ b'mod speċjali fil-każ ta' nies li, bir-raġun jew le, tbiegħdu mis-saċerdoti.

Nies li jkollhom xi marda serja jistgħu jdumu jittrattienu ħafna biex ikellmu tabib. Ħafna drabi jrid ikun xi ħadd tal-familja jew ħabib biex jagħmlilhom il-kuraġġ meħtieġ.

Meta fin-nofs hemm is-saħħa spiritwali, ħafna jiddependi mill-kwalità ta' mħabba ta' dawk li jkunu qrib il-persuna li tinħtieġ l-għajnuna.

Il-formazzjoni tal-leġjunarji tgħinhom jieħdu l-inizjattiva biex jidħlu bejn l-erwieħ u s-saċerdot, u biex jagħmlu dan b'mod ġentili u raffinat. Din tkun forma ta' mħabba tassew ħelwa. Huma jaġixxu bħala rappreżentanti tar-Ragħaj it-Tajjeb, li permezz tal-magħmudija, isejħilhom biex jaħdmu fl-għalqa tiegħu.

"Li kont nitkellem bl-ilsna tal-bnedmin u ta' l-anġli bla ma kelli l-imħabba, kont inkun qisni strument tar-ram iżarżar jew platti jċekċku. U kieku kelli d-don tal-profezija u kont naf il-misteri kollha u l-għerf kollu, kieku kelli l-fidi tiegħi sħiħa li nqanqal il-muntanji, imma ma kellix imħabba, jiena ma kont inkun xejn. U kieku kelli nqassam ġidi kollu fil-karità u nagħti ġismi għall-ħruq bla ma jkolli mħabba, xejn ma jkun jiswieli ta' ġid. L-imħabba taf tistabar u tħenn: l-imħabba m'hijiex għajjura, ma tintefaħx biha nfisha, ma titkabbarx fuq l-oħrajn; ma tagħmilx dak li mhux xieraq, ma tfittixx dak li hu tagħha, xejn ma tinkorla; ma żżommx f'qalbha għad-deni, ma tifraħx bl-inġustizzja, imma tifraħ bil-verità; kollox tagħder, kollox temmen, kollox tittama, kollox tissaporti. L-imħabba ma tintemm qatt. Jgħibu l-profeziji, jisktu l-ilsna, jgħib il-għerf" (1 Kor 13:1-8).

# APPENDIĊI 1

# Ittri u Messaġġi tal-Papiet

## Il-Papa Piju XI lil-Leġjun ta' Marija

16 ta' Settembru ta' l-1933

Aħna nagħtu barka l-aktar speċjali lil dan ix-xogħol sabiħ u qaddis — il-Leġjun ta' Marija. Ismu stess juri x'inhu. Ix-xbieha ta' Marija Immakulata fuq l-istendard tiegħu tixhed b'mod ċar ħwejjeġ għolja u qaddisa.

Il-Verġni Mbierka hi omm il-Feddej u omm tagħna lkoll. Hija tikkoopera fil-Fidwa tagħna, għaliex kien sewwasew taħt is-salib li hija saret ommna. Din is-sena aħna qegħdin niċċelebraw iċ-ċentinarju ta' dik il-kooperazzjoni u ta' dik il-maternità universali ta' Marija.

Jiena nitlob għalikom biex tkunu tistgħu twettqu b'ħeġġa dejjem akbar dak l-appostolat ta' talb u ta' ħidma li intom dħaltu għalih. Meta intom tagħmlu dan, Alla jagħmel lilkom ukoll kooperaturi fil-Fidwa. Dan huwa l-isbaħ mod li bih turu l-gratitudni tagħkom lejn il-Feddej.

Pius PP. XI

# Il-Papa Piju XII lil-Leġjun ta' Marija

SEGRETERIA DI STATO
DI SUA SANTITÀ

Mill-Vatikan
22 ta' Lulju ta' l-1953

Għażiż Sur Duff,

Għandi l-unur li ġejt imqabbad mill-Qdusija Tiegħu biex inwassal messaġġ ta' merħba u inkuraġġiment lil-Leġjun ta' Marija mwaqqaf xi tletin sena ilu fl-art għammiela ta' l-Irlanda Kattolika.

Il-Qdusija Tiegħu segwa b'interess ta' missier matul is-snin il-progress tal-Leġjun hu u jkabbar l-armata ta' dawk is-segwaċi leali u qalbiena ta' Marija li qegħdin jissieltu kontra l-qawwiet tal-ħażen fid-dinja ta' llum; u hu jifraħ magħkom li issa qed jilmaħ l-istendard tal-Leġjun imwaqqaf fl-erbat irjieħ tad-dinja.

Jixraq wisq għalhekk li l-leġjunarji ta' Marija jirċievu f'dan iż-żmien kelma t'apprezzament rikonoxxenti għall-ġid imwettaq kif ukoll ta' inkuraġġiment biex jissoktaw b'ħerqa dejjem akbar u jkomplu jaħdmu ġenerożament mal-Knisja fil-missjoni li Alla fdalha li tressaq il-bnedmin kollha taħt it-treġija ta' Kristu, li hu t-triq, il-verità u l-ħajja.

Is-siwi ta' l-għajnuna li jagħtu f'dan l-appostolat jitqies l-aktar mill-formazzjoni spiritwali soda tagħhom li taħt it-tmexxija għaqlija tad-diretturi spiritwali tiżviluppa ħafna fihom fid-dieher spirtu tassew appostoliku, u ġġiegħel il-ħidmiet kollha tagħhom jintgħarfu minn ubbidjenza sħiħa lejn id-direttivi tas-Santa Sede u minn lealtà lejn l-isqfijiet lokali li jmexxuhom. Il-leġjunarji għandhom ifittxu it-treġija tagħhom u jaqduhom fedelment. Mimlijin b'dan il-karattru sopranaturali ta' l-appostlu lajk ġenwin, huma jimxu 'l quddiem b'kuraġġ qaddis u jissoktaw ikunu t'għajnuna qawwija għall-Knisja fit-taqbida spiritwali tagħha kontra l-qawwiet tad-dlamijiet.

Waqt li jitlob lil Marija biex tidħol għal-leġjunarji tagħha fid-dinja kollha, il-Qdusija Tiegħu, b'sinjal ta' l-imħabba speċjali tiegħu, riedni nwassal lilek personalment, lid-diretturi spiritwali u lill-membri attivi u awżiljarji kollha tal-Leġjun il-Barka Appostolika.

B'sentimenti ta' stima għolja u ta' rispett reliġjuż,

Għoddni dejjem tiegħek f'Ġesù Kristu,

Pro-Segretarju.

Is-Sur Francis Duff,
Concilium Legionis Mariae,
De Montfort House,
North Brunswick Street,
Dublin, l-Irlanda.

# Il-Papa Ġwanni XXIII lil-Leġjun ta' Marija



Lill-uffiċjali u l-membri tal-Leġjun ta' Marija fid-dinja kollha, bħala sinjal ta' l-imħabba tagħna ta' missier u bħala rahan ta' frott spiritwali dejjem aktar abbundanti għax-xogħol tagħhom, li jistħoqqlu kull tifħir, Aħna nagħtu minn qalbna Barka Appostolika speċjali.

Mill-Vatikan, 19 ta' Marzu ta' l-1960

Il-Leġjun ta' Marija jippreżenta l-wiċċ veru tal-Knisja Kattolika.

Lil-leġjunarji ta' Franza, 13 ta' Lulju ta' l-1960.



# Il-Papa Pawlu VI lil-Leġjun ta' Marija

SEGRETERIA DI STATO
DI SVA SANTITA
N. 34614

Belt tal-Vatikan
6 ta' Jannar ta' l-1965

Għażiż Sur Duff,

L-ittra li inti bgħatt dan l-aħħar lill-Qdusija Tiegħu l-Papa, ispirata minn sentimenti devoti t'iben, tatu gost u sodisfazzjon. Il-Qdusija Tiegħu jixtieq jieħu din l-okkażjoni biex jibgħat il-messaġġ tiegħu ta' tifħir u inkuraġġiment lil-Leġjun ta' Marija, li, imwaqqaf fil-bidu fl-atmosfera qaddisa ta' l-Irlanda Kattolika, issa xerred il-ħidma siewja tiegħu f'kull kontinent.

Il-Qdusija Tiegħu jikkonsidra li messaġġ bħal dan jistħoqq bil-bosta lill-moviment tiegħek minħabba l-iskopijiet qaddisa tiegħu u l-ħafna attivitajiet li ħoloq u żviluppa hekk bil-għaqal, b'vantaġġ kbir għall-appostolat Kattoliku. Hekk il-Leġjun wera li hu strument effettiv b'mod ta' l-għaġeb biex jibni u jxerred is-Saltna t'Alla.

Il-Qdusija Tiegħu għadu jiftakar sewwa l-laqgħat li kellu miegħek meta huwa kien fis-servizz ta' dan is-Segretarjat ta' l-Istat. Kien b'mod speċjali minn dawk it-taħditiet li huwa seta' jieħu idea ċara ta' l-ispirtu li jagħti l-ħajja lill-moviment tiegħek u li jifforma s-sigriet tal-qawwa tiegħu. Tabilħaqq, l-ispirtu tal-Leġjun ta' Marija, filwaqt li huwa sostnut kif jixraq bil-ħajja spiritwali qawwija tal-membri tiegħu, bid-dixxiplina tagħhom, bil-mod kif huma mogħtija għas-salvazzjoni tal-proxxmu tagħhom, bil-lealtà soda lejn il-Knisja, għandu wkoll bħala karatteristika li tagħżlu għalih fiduċja l-aktar qawwija fis-setgħa tal-Verġni Mbierka.

Filwaqt li jara fiha l-mudell, il-gwida, il-ferħ u l-għajnuna tal-membri kollha tiegħu, il-Leġjun ta' Marija, bil-ħidmiet tiegħu jurina ċar u jwassalna biex nifhmu kemm l-appostolat għandu tassew jieħu l-ispirazzjoni tiegħu minn dik li tat 'il Kristu lid-dinja u kienet magħquda miegħu hekk fil-qrib fil-Fidwa.

Il-Qdusija Tiegħu, għalhekk, għandu l-pjaċir li jafda f'dan l-ispirtu tal-Leġjun, li diġà ħarreġ f'kull parti tad-dinja numru kbir t'appostli mħeġġa u xhieda erojċi ta' Kristu, speċjalment f'dawk il-pajjiżi fejn il-fidi tinsab attakkata u ppersegwitata.

Konvint li r-riżultati miksuba s'issa mil-leġjunarji mhux biss ma jnaqqsux imma jkomplu jżidu bla heda fihom kollha l-enerġija u l-isforzi tagħhom għal iżjed appostolat, il-Qdusija Tiegħu jesprimi lilek u lil dawk kollha li jaħdmu miegħek il-gratitudni profonda tiegħu; u jħeġġiġkom ilkoll li tkomplu bl-istess imħabba għall-Knisja, dejjem taħt it-tmexxija ta' l-isqfijiet fil-ħidmiet ta' l-appostolat u fi spirtu ta' koòperazzjoni attiva ma' l-għaqdiet Kattoliċi l-oħra kollha.

Filwaqt li jqiegħed il-korpi numerużi tal-membri tiegħek taħt il-protezzjoni materna ta' l-Imqaddsa Marija, il-Qdusija Tiegħu, b'imħabba jagħti lilek, lil kull leġjunarju, lid-diretturi spiritwali u l-ħidmiet kollha tal-Leġjun il-Barka Appostolika speċjali tiegħu ta' missier.

Waqt li niżgurak mill-istima tiegħi mill-qalb,

Għoddni sinċerament tiegħek fi Kristu,



Is-Sur FRANK DUFF,
President tal-Leġjun ta' Marija,
Concilium Legionis Mariae,
De Montfort House,
North Brunswick Street,
DUBLIN.

# APPENDIĊI 2

## SILTIET MILL-KOSTITUZZJONI DOMMATIKA DWAR IL-KNISJA, *LUMEN GENTIUM,* TAL-KONĊILJU VATIKAN II

Din il-Kostituzzjoni għandha tinqara kollha kemm hi. Għaliex dan id-dokument iwassalna biex nifhmu aktar fil-fond il-Ġisem Mistiku ta' Kristu u hekk joffri lill-Knisja ħajja aktar żgura u glorjuża. Dawn li ġejjin huma ftit mis-siltiet li għandhom x'jaqsmu b'mod speċjali mal-qofol tal-Leġjun — Marija bħala l-Omm tal-Ġisem Mistiku. Għalhekk wieħed m'għandux jeħodhom minflok id-dokument sħiħ. Id-dokument iqiegħed lil Marija quddiemna fi sfond ġdid. Marija hi, wara Kristu, il-membru ewlieni u l-aktar nobbli tal-Ġisem Mistiku. Jekk irridu nżommu sewwa l-proporzjonijiet ta' l-istruttura kollha tal-Knisja, Marija għandha tkun meqjusa bħala parti tal-Knisja li ma tistax tinfired minnha.

**Artiklu 60.** Fi kliem l-Appostlu, wieħed biss hu l-medjatur: "Wieħed hu Alla, u wieħed hu l-medjatur bejn Alla u l-bniedem, il-Bniedem Kristu Ġesù, li ta lilu nnifsu bħala prezz tal-fidwa għal kulħadd" (1 Tim 2:5-6). Iżda l-ħidma ta' Marija bħala omm il-bnedmin, bl-ebda mod ma ddallam jew tnaqqas din il-medjazzjoni unika ta' Kristu, iżda aktar turi kemm hi qawwija. Iżda l-qawwa tal-Verġni Mbierka li tagħti s-saħħa lill-bnedmin ħierġa mhux minn xi ħtieġa interna iżda mir-rieda t'Alla. Toħroġ mill-merti bla tarf ta' Kristu, tistrieħ fuq il-medjazzjoni tiegħu, tiddependi għal kollox minnha u tiġbed il-qawwa kollha tagħha minnha. Bl-ebda mod ma tfixkel l-għaqda intima tal-fidili ma' Kristu anzi, bil-maqlub, tagħmilha aktar sħiħa.

**Artiklu 61.** Il-predestinazzjoni tal-Verġni Mbierka bħala l-Omm t'Alla kienet marbuta ma' l-inkarnazzjoni tal-Verb divin. Fil-ħsieb tal-Providenza divina hi kienet l-Omm twajba tal-Feddej divin hawn fl-art, u fuq l-oħrajn kollha u b'mod waħdieni s-sieħba ġeneruża u l-qaddejja umli tal-Mulej. Hi nisslet lil Kristu, wilditu, rabbietu, offrietu lill-Missier fit-tempju u qasmet it-tbatijiet ta' Binha hu u jmut fuq is-salib. Għalhekk b'mod mill-aktar waħdieni hi kkoperat fil-ħidma tal-Feddej bl-ubbidjenza, bil-fidi, bit-tama u bl-imħabba tbaqbaq tagħha biex terġa' tingħata l-ħajja sopranaturali lill-erwieħ. Għal din ir-raġuni hija Omm għalina lkoll fl-ordni tal-grazzja.

**Artiklu 62.** Din il-maternità ta' Marija fl-ordni tal-grazzja tkompli bla waqfien mill-mument ta' l-iva tagħha li hija fedelment tat fit-Tħabbira u li hija żammet bil-kuraġġ kollu taħt is-salib, sakemm il-magħżulin kollha jaslu fil-glorja li ma tintemm qatt. Meta ttellgħet is-sema hija ma warrbitx dan is-sehem tagħha fis-salvazzjoni tal-bnedmin iżda għadha tidħol għalina b'kull mod biex Alla jagħtina l-grazzji meħtieġa għas-salvazzjoni ta' dejjem. Bl-imħabba tagħha ta' Omm hi tieħu ħsieb ta' l-aħwa ta' Binha li għadhom fid-dinja mdawra b'perikli u diffikultajiet sakemm jittieħdu d-dar tagħhom imqaddsa. Għalhekk il-Knisja ssejjaħ lill-Verġni Mbierka bit-titoli ta' Avukata, Għajnuna, Benefattriċi u Medjatriċi. Iżda wieħed irid jifhem li b'daqshekk ma jittieħed xejn, u lanqas jiżdied, mad-dinjità u qawwa ta' Kristu, li hu waħdu l-Medjatur.

**Artiklu 65.** Waqt li l-Knisja ġa laħqet fil-Verġni l-iżjed imbierka l-perfezzjoni li biha hija mingħajr tebgħa u mingħajr tikmixa (ara Efes 5:27), il-fidili għadhom jitħabtu biex jirbħu d-dnub u jikbru fil-qdusija. U għalhekk jerfgħu għajnejhom lejn Marija, li tiddi bħala mudell ta' kull virtù għall-komunità kollha tal-magħżulin. Bil-meditazzjoni devota fuqha u bil-kontemplazzjoni tagħha fid-dawl tal-Verb li sar bniedem, il-Knisja tidħol b'qima akbar u b'mod aktar profond fil-misterju wisq għoli ta' l-Inkarnazzjoni u ssir tixbah dejjem iżjed lill-Għarus tagħha. Għaliex Marija, li ħadet sehem hekk essenzjali fil-ġrajja tal-Fidwa, b'ċertu mod tgħaqqad fiha nfisha l-artikli kbar kollha tal-fidi u turihom marbutin tajjeb flimkien bħala duttrina. Fejn hija ppridkata u meqjuma, hija ssejjaħ lil dawk li jemmnu biex jersqu lejn Binha, lejn is-sagrifiċċju tiegħu, u lejn l-imħabba tal-Missier. Hija u tfittex il-glorja ta' Kristu, il-Knisja ssir dejjem aktar tixbah lil dan il-mudell nobbli tagħha, u tkompli miexja dejjem 'il quddiem fil-fidi, fit-tama, u fl-imħabba hija u tfittex ir-rieda t'Alla f'kollox u twettaqha. Għalhekk fil-ħidma appostolika tagħha l-Knisja tafda, kif jixraq, f'dik li welldet lil Kristu li kien imnissel mill-Ispirtu s-Santu u mwieled mill-Verġni, biex permezz tal-Knisja huwa jista' jitwieled u jikber fil-qlub tal-fidili. Fil-ħajja tagħha l-Verġni kienet ix-xempju ta' dik l-imħabba ta' omm li biha għandhom ikunu mimlijin dawk kollha li jieħdu sehem fil-missjoni appostolika tal-Knisja li tagħti l-ħajja mill-ġdid lill-bnedmin.

"Sa mit-tħabbira ta' l-anġlu l-maternità ta' Marija hija l-ewwel formazzjoni, b'mod mistur, tal-Knisja. F'dak il-mument f'Ġesù u f'Marija tarawx biss l-għaqda ta' Iben u Ommu, imma ta' Alla u l-bniedem, tal-Feddej u l-ewwel persuna mifdija minnu. Il-bnedmin kollha huma msejħin biex jidħlu u jsiru ħaġa waħda f'dik il-Għaqda li hija l-Knisja. U fil-persuni ta' Ġesù u ta' Marija, il-Knisja takkwista mhux biss l-essenza tagħha, iżda, saħansitra minn dan il-waqt, hija tieħu l-karatteristiċi prinċipali tagħha. Hija waħda u qaddisa b'mod perfett. Nistgħu ngħidu li hi Kattolika, jiġifieri universali f'dawk iż-żewġ Membri universali. Dak li jonqos huwa biss il-Kattoliċità fl-att u fl-appostolat" (Laurentin).

# APPENDIĊI 3

## SILTIET MILL-KODIĊI TAL-LIĠI KANONIKA DWAR ID-DMIRIJIET U D-DRITTIJIET TAL-LAJĊI

Kan. 224 Il-lajċi fidili ta' Kristu għandhom id-dmirijiet u d-drittijiet li nsibu fil-kanoni ta' dan it-titlu, kif ukoll id-dmirijiet u d-drittijiet li jgħoddu għall-fidili kollha ta' Kristu u dawk imsemmijin f'kanoni oħra.

Kan. 225 §1 La darba l-lajċi, bħall-fidili kollha ta' Kristu, bil-magħmudija u l-griżma ta' l-isqof, huma mibgħutin minn Alla jagħmlu l-appostolat, huma marbutin bid-dmir ġenerali u għandhom id-dritt, kemm individwalment u kemm fl-għaqdiet, li jimpenjaw ruħhom biex il-messaġġ divin tas-salvazzjoni jsir magħruf u jiġi aċċettat mill-bnedmin tad-dinja kollha. Dan id-dmir hu aktar urġenti f'ċirkostanzi fejn il-poplu jista' jisma' l-evanġelju u jsir jaf lil Kristu biss permezz tagħhom.

§2 Huma għandhom ukoll id-dmir speċifiku, kull wieħed skond il-kondizzjoni tiegħu, li jinfiltraw u jipperfezzjonaw dak li hu temporali bl-ispirtu ta' l-evanġelju. B'dan il-mod, speċjalment fit-twettiq tax-xogħol sekulari tagħhom u qadi ieħor ta' l-istess natura, huma għandhom jagħtu xhieda għal Kristu.

Kan. 226 §1 Dawk li huma miżżewġin huma marbuta bi dmir speċjali, skond l-istess sejħa tagħhom, biex jagħmlu ħilithom ħalli jibnu l-poplu t'Alla permezz taż-żwieġ u l-familja tagħhom.

§2 Il-ġenituri, għaliex taw il-ħajja lil uliedhom, għandhom id-dmir l-aktar serju u d-dritt li jedukawhom. Għalhekk hi qabel kollox ir-responsabbiltà tal-ġenituri Nsara li jiżguraw l-edukazzjoni Nisranija ta' wliedhom skond it-tagħlim tal-Knisja.

Kan. 227 Huwa dritt tal-lajċi kollha segwaċi ta' Kristu li jgawdu l-istess libertà fl-affarijiet sekulari bħalma jgawdu ċ-ċittadini kollha. Għalhekk meta jeżerċitaw din il-libertà għandhom ikunu dejjem żguri li dak li jagħmlu jkun mimli bl-ispirtu ta' l-evanġelju u għandhom jagħtu kas tat-tagħlim tal-Knisja propost mill-maġisteru. Għandhom joqogħdu attenti, meta tkun kwistjoni t'opinjoni, li ma jipproponux bħala l-ħsieb tal-Knisja, ħsieb li jkun tagħhom biss.

Kan. 228 §1 Il-lajċi li huma adattati jistgħu jiġu aċċettati mir-Ragħajja tal-Knisja biex jingħataw karigi u jwettqu ħidmiet ekklesjastiċi li skond il-provedimenti tal-liġi jistgħu jsiru minnhom.

§2 Il-lajċi li jkunu magħrufa għad-dehen, għall-prudenza u għall-integrità tagħhom huma adattati biex jgħinu lir-Ragħajja tal-Knisja bħala esperti jew kunsilliera u anki f'kunsilli skond il-liġi.

Kan. 229 §1 Il-lajċi għandhom id-dmir u d-dritt li jiksbu t-tagħlim Nisrani, kulħadd skond il-ħila u l-kondizzjoni tiegħu, biex ikunu jistgħu jgħixu skond dak it-tagħlim, ixerrduh u, jekk ikun meħtieġ, jiddefenduh, u biex ikunu kapaċi jagħtu s-sehem tagħhom fix-xogħol t'appostolat.

§2 Huma għandhom id-dritt ukoll li jiksbu tagħlim aktar sħiħ fix-xjenzi sagri li jiġi mogħti fl-universitajiet u fil-fakultajiet tal-Knisja, jew fl-istituti tax-xjenzi reliġjużi, billi jattendu għal-lezzjonijiet u jiksbu l-gradi akkademiċi.

§3 Hekk ukoll, jekk in-normi li l-persuna hi addattata jkunu ġew osservati, huma jistgħu jirċievu mingħand l-awtorità leġittima tal-Knisja mandat biex jgħallmu x-xjenzi sagri.

Kan. 230 §1 Il-lajċi rġiel li l-età u t-talenti tagħhom jissodisfaw il-kondizzjonijiet mitluba b'digriet tal-Konferenza Episkopali, jistgħu jingħataw il-ministeru stabbli ta' lettur u t'akkoltu permezz tar-rit liturġiku preskritt. Iżda l-għotja ta' dan il-ministeru ma ġġib magħha ebda dritt għall-manteniment jew għall-ħlas min-naħa tal-Knisja.

§2 Il-lajċi jistgħu jingħataw għal xi żmien kariga ta' lettur għall-funzjonijiet tal-liturġija. Bl-istess mod, kull per-

suna lajka tista' tagħmilha ta' kummentatur, kantur jew tagħmel xi xogħol ieħor bħal dan li jkun skond il-liġi tal-Knisja.

§3 Fejn il-ħtiġijiet tal-Knisja jitolbu s-servizz ta' saċerdot, u dan ma jkunx hemm, il-lajċi, avolja ma jkunux letturi jew akkolti, jistgħu jagħmlu wħud mill-ħidmiet ta' l-imsemmija letturi u akkolti, bħal dik li jeżerċitaw il-ministeru tal-kelma, jippresiedu t-talb liturġiku, jamministraw il-magħmudija u jqarbnu skond kif tipprovdi l-liġi.

Kan. 231 §1 Il-lajċi li jintrabtu biex iwettqu xi servizz partikolari fil-Knisja, sew jekk permanenti u sew jekk għal ċertu żmien, għandhom id-dmir li jiksbu l-formazzjoni xierqa biex iwettqu s-servizz tagħhom b'mod kuxjenzjuż, bil-ħeġġa u bil-għaqal kollu li hemm bżonn.

§2 Mingħajr preġudizzju għal dak li jgħid Kanone 230 §1, huma għandhom dritt għal ħlas deċenti li jixraq lill-kondizzjoni tagħhom u li bih, meta mqabbel ukoll ma' dak li timponi l-liġi ċivili, ikunu jistgħu jgħixu huma u l-familja tagħhom. Bl-istess mod huma għandhom dritt li jkollhom l-assigurazzjoni, sigurtà soċjali u l-benefiċċji mediċi mħarsa.

# APPENDIĊI 4

## IL-LEĠJUN RUMAN

Il-Leġjun Ruman aktarx kien l-armata l-aktar famuża li d-dinja qatt rat. Is-sigriet li wasslu biex joħroġ dejjem rebbieħ kien jinsab fl-ispirtu tal-għaġeb tal-membri tiegħu. Is-suldat kellu jgħaqqad il-personalità tiegħu ma' dik tal-Leġjun, li minnu kien jagħmel parti. Ubbidjenza għamja lejn il-kmandant tiegħu kienet mitluba b'mod li kien mistenni jobdi "ad nutum," jiġifieri "għall-inqas sinjal," kienu x'kienu l-merti ta' l-uffiċjal jew is-simpatiji u l-antipatiji tas-suldat. Ħadd ma kien jista' jgerger għax m'għoliex fil-grad, u jekk wieħed kien iħossu offiż, dan ma kellux jitħalla jidher la bil-kliem u lanqas bl-għemil. Ghalhekk ilkoll imxew flimkien qishom bniedem wieħed, ghaliex immexxijin minn skop waħdieni, kull wieħed marbut mal-mexxej u lkoll marbutin bejniethom. Spalla ma' spalla u għalenija l-armati

tagħhom kienu jgħassu d-dinja, u kull fejn dehru, żammew għoljin il-prestiġju ta' Ruma u l-liġi tagħha. Il-lealtà tagħhom għamlithom irreżistibbli quddiem il-għadu, waqt li l-kuraġġ qatt mirbuħ u l-perseveranza stinata tagħhom kienu jifilġu l-għadu u jġegħluh jew iċedi jew jaħrab. Huma kienu l-għassiesa ta' quddiem nett ta' l-Imperu; lilhom kienet tmiss il-ħidma iebsa li jgħassuh u jżommuh sħiħ. Eżempji bħal dawk taċ-ċenturjun Ruman misjub f'postu bil-wieqfa meta skavaw Pompej, jew il-magħruf Leġjun Teban imbiċċer mal-ġenerali tiegħu, San Mawrizju, Sant'Esuperju u San Kandidu fil-persekuzzjoni ta' Massimjanu, juru l-qlubija tagħhom li qatt ma ċċedi.

L-ispirtu tal-Leġjun Ruman, fi ftit kliem, kien spirtu ġej minn sottomissjoni lejn l-awtorità, sens ta' dmir dejjem sħiħ, perseveranza fit-tfixkil, qawwa fit-tbatija, u fedeltà lejn il-kawża waħdanija li kienet twassalhom biex jaqdu dmirhom bir-reqqa kollha.

Dak kien l-ideal pagan ta' servizz sod. Il-leġjunarju ta' Marija għandu wkoll ikollu din il-qawwa, iżda magħmula sopranaturali u ħelwa b'kuntatt ma' dik li l-aktar taf tgħallem is-sigriet tas-servizz ħelu u kollu mħabba.

"Wieqaf quddiem is-salib, iċ-ċenturjun ra l-Feddej imut. Milqut bil-għajta li l-Feddej lissen qabel ħa l-aħħar nifs, igglorifika 'l Alla billi qal: 'Dan il-bniedem kien tassew Bin Alla!' (Mk 15:39). U l-leġjunarji li kienu miegħu għassa ta' Ġesù, kif raw l-art titheżheż u jiġri dak kollu, mtlew b'biża' liema bħalu u qalu: 'Dan kien tassew Bin Alla!' (Mt 27:54).

Is-suldati ta' l-armata Rumana kienu, għalhekk, l-ewwel li kkonvertew.

Il-Knisja tal-ġejjieni, li kellha tissejjaħ il-Knisja Rumana, bdiet b'manjiera misterjuża fuq il-Kalvarju l-ħidma li kienet imsejħa tagħmel fid-dinja. Kienu r-Rumani li offrew il-vittma, u għollewha quddiem il-kotra. Dawn, li aktar 'il quddiem kellhom ikunu l-għassiesa tal-għaqda tal-Knisja, ma ridux iqattgħu l-libsa ta' Ġesù. Dawn l-għassiesa tal-fidi kienu l-ewwel li kitbu u ħarsu d-domma ewlenija tal-fidi l-ġdida — il-fatt li n-Nazzarenu kien Sultan. Ħabbtu fuq sidirhom waqt li s-sagrifiċċju ntemm, u qalu: 'Dan kien tassew Bin Alla!' Fl-aħħarnett, b'dik l-istess lanza li fetħet it-triqat kollha tad-dinja għall-evanġelju, fetħu l-Qalb Qaddisa ta' l-Imgħallem, minfejn ħarġu nixxigħat ta' barka u ta' ħajja sopranaturali. Billi l-bnedmin kollha huma ħatja tal-mewt tal-Feddej, billi kollha xarrbu jdejhom b'demmu, u billi għalhekk il-Knisja tal-ġejjieni ma setgħetx tkun rappreżentata ħlief mill-ħatjin, ma jidhirx forsi li r-Rumani, kmieni sa miż-żmien tal-Kalvarju, donn-

hom kienu, bla ma jafu, qegħdin jibdew id-destin tagħhom immortali u jagħtu prova tiegħu?

Is-salib kien imwaħħal b'mod li Ġesù kien jagħti dahru lejn Ġerusalemm, waqt li wiċċu kien iħares lejn il-punent, lejn il-Belt Eterna" (Bolo: *It-Traġedja tal-Kalvarju*).

# APPENDIĊI 5

## IL-KONFRATERNITÀ TA' MARIJA SULTANA TAL-QLUB KOLLHA

1. San Lwiġi-Marija de Montfort, fit-trattat tiegħu dwar *Id-Devozzjoni Vera lejn il-Verġni Mbierka,* ifisser ix-xewqa li dawk kollha li jipprattikaw din id-devozzjoni jingħaqdu f'konfraternità (DV 227). Din ix-xewqa saret realtà fl-1899 meta l-Konfraternità ta' Marija Sultana tal-Qlub Kollha twaqqfet f'Ottawa, il-Kanada. Din il-konfraternità hija mmexxija mill-Kumpanija ta' Marija jew il-Missjunarji ta' Montfort.

2. Il-konfraternità hi magħmula minn dawk l-Insara li jixtiequ jgħixu l-wegħdiet tal-magħmudija billi jikkonsagraw lilhom infushom kompletament lil Kristu permezz ta' Marija, jiġifieri bil-prattika perfetta tad-devozzjoni vera lejn Marija kif mgħallma minn San Lwiġi-Marija de Montfort. Dan il-qaddis ifissirhielna filqosor bil-kliem li ġej:

"Din id-devozzjoni tikkonsisti filli nagħtu lilna nfusna kollna kemm aħna lil Marija, biex inkunu għal kollox ta' Ġesù permezz tagħha. Biex dan isir irridu nagħtuha:

1. il-ġisem tagħna bis-sensi u l-membri tiegħu;
2. ir-ruħ tagħna bil-kapaċitajiet tagħha;
3. il-ġid materjali li għandna u dak kollu li għad nakkwistaw fil-futur;
4. il-ġid interjuri u spiritwali, jiġifieri l-merti tagħna, il-virtujiet u l-opri tajba ta' l-imgħoddi, ta' issa u ta' li ġej.

Fi kliem ieħor irridu nagħtuha dak kollu li għandna kemm fl-ordni tan-natura kif ukoll fl-ordni tal-grazzja u dak li qatt jista' jkun tagħna, fl-ordni tan-natura, fl-ordni tal-grazzja u fl-ordni tal-glorja fis-sema. Dan nagħmluh mingħajr ebda riserva: ma

nżommu għalina lanqas laqxa, xagħra waħda jew l-iċken opra tajba. U nagħtu għall-eternità kollha mingħajr ma nippretendu jew nistennew ebda ħlas għall-offerta jew għas-servizz tagħna ħlief il-ġieħ li aħna ta' Ġesù Kristu permezz ta' Marija u f'Marija, ukoll kieku l-Omm tagħna ma kenitx, kif fil-fatt hi dejjem, l-aktar ġeneruża u l-aktar waħda li tapprezza fost il-ħlejjaq kollha t'Alla" (DV 121).

3. Il-kondizzjonijiet huma:

1. Li dak li jkun jikkonsagra lilu nnifsu lil Ġesù Kristu, l-Għerf Etern li sar bniedem, permezz ta' Marija, skond il-forma ta' San Lwiġi-Marija de Montfort. Għandu jkun hemm preparazzjoni tajba għal din il-konsagrazzjoni u jkun xieraq li tingħażel ġurnata speċjali, bħal xi waħda mill-festi tal-Madonna. Il-konsagrazzjoni għandha tiġġedded kuljum billi wieħed jgħid talba bħal: "Jiena kollni tiegħek, u kulma għandi noffrihulek, O Ġesù l-aktar ħelu, permezz ta' Marija, l-Omm qaddisa tiegħek." Din it-talba tissodisfa wkoll l-offerta ta' filgħodu ta' l-Appostolat tat-Talb. Talba oħra tista' tkun dik li hi tant għall-qalb tal-Leġjun: "Jiena kollni tiegħek, Sultana u Omm tiegħi, u kulma għandi huwa tiegħek."

2. Li dak li jkun jinkiteb f'wieħed miċ-ċentri:

| | |
|---|---|
| *L-Ingilterra* | Montfort House, Burbo Bank Road, Liverpool L23 6TH |
| *L-Istati Uniti* | Montfort Fathers, 26 South Saxon Ave., Bay Shore, N.Y. 11706 |
| *Franza* | 2 rue des Couvents, 85290 Saint-Laurent-Sur-Sèvre |
| *Il-Belġju* | Dietsevest 25, 3000 Leuven |
| *Il-Kanada* | 4000 Bossuet, Montréal, Québec H1M 2M2 |
| *L-Italja* | via Romagna 44, 00187 Roma |

3. Li dak li jkun jgħix abitwalment u dejjem (din hi l-qofol tad-devozzjoni) fi stat ta' dipendenza sħiħa mir-rieda ta' Marija skond l-eżempju mogħti mill-Iben t'Alla f'Nazaret, billi jagħmel kollox permezz tagħha, magħha, fiha u għaliha; b'mod li jibda jqisha taħdem dejjem f'għaqda miegħu, tmexxi l-isforzi kollha tiegħu, u tamministra l-frott tiegħu kollu (ara l-kapitlu 6 dwar *Id-Dmir tal-Leġjunarji lejn Marija*).

4. "Is-sħubija f'din il-konfraternità ġġib magħha l-għaqda spiritwali mal-familja kollha ta' De Montfort.

Il-membri jkunu jridu jiċċelebraw dawk il-festi liturġiċi li huma

kemm is-simbolu kif ukoll it-twettiq ta' din il-komunità. Jiċċelebraw b'mod speċjali t-Tħabbira tal-Mulej fil-25 ta' Marzu, li hija l-festa prinċipali ta' din il-konfraternità; il-Milied, fil-25 ta' Diċembru; il-Kunċizzjoni Immakulata, fit-8 ta' Diċembru; il-festa ta' San Lwiġi-Marija de Montfort, fit-28 t'April.

Bl-istess mod il-membri jieħdu sehem mill-ġid spiritwali li Sidtna Marija għaniet bih il-familja ta' De Montfort, li 'tagħti lilha nfisha kompletament b'mod tal-għaġeb lil dak li jagħtiha kollox' " (Queen, Mejju-Ġunju 1992, p. 25).

5. Biex wieħed jifhem u jipprattika kif jixraq din id-devozzjoni jinħtieġ jaqra mhux darba, iżda sikwit *Id-Devozzjoni Vera lejn il-Verġni Mbierka* ta' San Lwiġi-Marija de Montfort, u l-ktieb iżgħar tiegħu, *Is-Sigriet ta' Marija.*

"Id-duttrina tal-medjazzjoni universali ta' Marija u tal-maternità spiritwali tagħha fissirha wisq ċar San Piju X, b'mod speċjali fl-enċiklika *Ad Diem Illum,* li fis-sostanza tagħha hi meħuda mill-ktieb dwar id-devozzjoni vera ta' San Lwiġi-Marija. Il-Papa qaddis kien ammiratur imħeġġeġ ta' dan it-trattat ċkejken u tant famuż. Hu kien jirrikkmanda ħafna biex kulħadd jaqrah, u ta l-barka appostolika tiegħu lil dawk kollha li jaqrawh. Barra minn hekk insibu f'dik l-enċiklika tiegħu fuq Marija mhux biss il-ħsibijiet l-iktar familjari ta' dak il-qaddej kbir ta' Marija, iżda sikwit l-espressjonijiet tiegħu stess" (Mura: *Il-Ġisem Mistiku ta' Kristu*).

"Dawk li huma l-ilsiera mimlija mħabba ta' Ġesù f'Marija għandu jkollhom devozzjoni speċjali lejn Ġesù, il-Verb t'Alla, fil-misteru kbir ta' l-Inkarnazzjoni li taħbat fil-25 ta' Marzu. Dan hu l-misteru li hu speċjalment marbut ma' din id-devozzjoni. Din il-festa kienet imnebbħa mill-Ispirtu s-Santu:

1. Biex inkunu nistgħu nagħtu qima u nimitaw id-dipendenza meraviljuża li Alla l-Iben għażel li jkollu minn Marija għall-glorja t'Alla l-Missier, u għas-salvazzjoni tagħna. Din id-dipendenza tidher l-aktar ċar f'dan il-misteru fejn Ġesù jagħmel lilu nnifsu priġunier u lsir fil-ġuf ta' l-Omm imbierka tiegħu, u fejn huwa ried li jkun dipendenti minnha f'kollox.

2. Biex inroddu ħajr 'l Alla għall-grazzji speċjali li ta lil Marija, fuq kollox li għażilha biex tkun l-Omm l-aktar denja tiegħu. Din l-għażla saret fil-misteru ta' l-Inkarnazzjoni.

Dawn huma ż-żewġ għanijiet ewlenin tal-jasar ta' Ġesù f'Marija" (San Lwiġi-Marija de Montfort, DV 243).

# APPENDIĊI 6

## ID-DOMNA TAL-KUNĊIZZJONI IMMAKULATA MSEJĦA D-DOMNA MIRAKULUŻA

"Imbagħad il-Verġni Mbierka qaltli: 'Agħmel domna fuq dan il-mudell. Dawk li jilbsuha meta tkun imbierka jaqilgħu grazzji kbar, speċjalment jekk jilbsuha m'għonqhom. Il-grazzji jkunu bix-xaba' għal dawk li għandhom fiduċja'" (Santa Katerina Labouré).

Il-leġjunarji għandhom jgħożżu ħafna din id-domna li ntrabtet b'mod ċar ma' l-istorja tal-għaqda tagħhom. Ma kenitx ħaġa maħsuba minn qabel li statwa magħmula fuq il-mudell ta' l-1830 żejnet il-mejda fl-ewwel laqgħa; b'danakollu hija kienet tiġbor fil-qosor, iżda b'mod qawwi, ix-xejra tad-devozzjoni tal-għaqda li twieldet madwarha.

Ġie mbagħad irrakkomandat l-użu tad-domna fix-xogħol tal-leġjunarji. L-invokazzjoni li tidher fuq id-domna bdiet tingħad f'dik l-ewwel laqgħa u issa tingħad kuljum minn kull membru bħala parti mill-Catena. Id-disinn tad-domna sar parti mill-vexillum tal-Leġjun.

Li d-domna kellha tidħol b'dawn il-ħafna manjieri fis-sistema ta' devozzjoni tal-Leġjun jagħtik x'taħseb. Jekk dan ġarax b'kumbinazzjoni, jew jekk kinitx għal darb'oħra waħda mid-dispożizzjonijiet ħelwin u tal-għaġeb tal-Providenza, jista' jingħad mill-konsiderazzjonijiet li ġejjin:

1. L-iskop tad-domna hu t-tixrid tad-devozzjoni lejn il-Kunċizzjoni Immakulata. Iżda d-domna tirrappreżenta lil Marija wkoll bħala Medjatriċi tal-grazzji, u b'hekk turiha għal kollox fl-aspetti differenti li hi meqjuma bihom fil-Leġjun, jiġifieri Marija Immakulata, Omm u Medjatriċi.

Barra x-xbieha tal-Kunċizzjoni Immakulata, hemm ukoll dik tal-Qalb bla tebgħa ta' Marija fuq in-naħa l-oħra tad-domna. Ta' l-ewwel turi lil Marija bla tebgħa fit-tnissil tagħha; tat-tieni turiha bla ħtija għal dejjem.

2. In-naħa l-oħra tad-domna turi x-xbihat tal-Qalb Qaddisa ta' Ġesù u tal-Qalb bla tebgħa ta' Marija li kienu msejħin it-tnejn fit-talb tal-bidu tal-Leġjun sa mill-ewwel laqgħa tiegħu.

Din ix-xbieha taż-żewġt lqlub, waħda minfuda b'kuruna tax-xewk u l-oħra b'sejf, u t-tnejn b'salib fuqhom u l-ittra M, tfakkar fil-Passjoni u l-Kompassjoni li qalgħulna dawk il-grazzji li l-leġjunarji jitolbu li jkollhom il-privileġġ li jwasslu lill-bnedmin l-oħra flimkien ma' Marija.

3. Ċirkostanza tal-għaġeb hija li kien fil-mument preċiż taċ-ċentinarju tad-dehra lil Santa Katerina Labouré (li kellha x'taqsam ma' Franza b'mod speċjali) li l-Eminenza Tiegħu l-Kardinal Verdier, Arċisqof ta' Pariġi, fetaħ l-udjenza li fiha ta l-approvazzjoni u l-barka tiegħu lil-Leġjun.

Hekk wieħed jista' kważi jgħid li d-domna saret ħaġa waħda mal-Leġjun b'mod li l-missjoni tal-leġjunarju tiġbor fiha dik tad-domna. Il-leġjunarju qisu bħal domna mirakuluża ħajja, strument umli tal-grazzji ta' Sidtna Marija lid-dinja.

Ċerti Kattoliċi, ħerqanin li juru rwieħhom "progressivi u intellettwali," tismagħhom iwaqqgħu għaċ-ċajt din id-domna, kif ukoll id-domni l-oħra u l-labtijiet, u jgħodduhom bħala affarijiet ta' superstizzjoni. Din l-attitudni ta' disprezz għas-sagramentali approvati mill-Knisja turi nuqqas ta' ħsieb. Hija tmur ukoll kontra l-fatti, għaliex m'hemm l-ebda dubju li l-użu tad-domna ġie mbierek kemm-il darba b'mod tal-għaġeb. Kif il-leġjunarji huma inkuraġġiti jqisu ruħhom bħala suldati, hekk ukoll għandhom iħarsu lejn id-domna bħala l-munizzjon speċjali tagħhom. Żgur li Marija tagħtiha setgħa doppja f'idejn il-leġjunarji tagħha.

Biċ-ċerimonja tad-dħul wieħed isir membru ta' l-Assoċjazzjoni tad-Domna Mirakuluża mingħajr il-ħtieġa li jinkiteb formalment. Il-membru awtomatikament jissieħeb fl-indulġenzi kollha marbuta ma' din l-assoċjazzjoni.

Il-festa tal-Madonna tad-Domna Mirakuluża taħbat fis-27 ta' Novembru.

"Marija ġabet fid-dinja l-appostoliċità nfisha — dak li ġie biex iġib in-nar fuq l-art, u ried li dan jaqbad. Il-parti tagħha ma kenitx tkun sħiħa kieku Marija ma kenitx fil-qalba ta' l-ilsna tan-nar li l-Ispirtu ta' Binha bagħat fuq l-Appostli biex iqabbadhom bil-messaġġ tiegħu saħansitra sa tmiem id-dinja. Għid il-Ħamsin kien il-Betlehem spiritwali ta' Marija, l-Epifanija ġdida tagħha, li fiha, bħala Omm tiegħu qiegħda ħdejn il-maxtura ta' Kristu Mistiku, ixxandru għal darb'oħra lil ragħajja oħra u slaten oħra" (L-Isqof Fulton Sheen: *Il-Ġisem Mistiku ta' Kristu*).

# APPENDIĊI 7

## IL-KONFRATERNITÀ TAR-RUŻARJU MQADDES

1. Din hija għaqda li tiġbor f'familja waħda kbira lil dawk il-fidili li jintrabtu li jgħidu l-ħmistax-il posta tar-rużarju għall-anqas darba fil-ġimgħa. Li tkun membru ta' familja jfisser li taqsam il-ġid mal-membri l-oħra tagħha. Dawk li jidħlu fil-Konfraternità tar-Rużarju huma mistiedna jqiegħdu f'idejn Marija mhux biss ir-rużarju li jgħidu, iżda wkoll il-merti ta' l-opri, tat-tbatijiet u tat-talb kollu tagħhom biex jitqassmu kif hi jidhrilha l-aħjar fost il-membri l-oħra u għall-bżonnijiet tal-Knisja. Il-konfraternità waqqafha l-Beatu Alan de la Roche, patri Dumnikan, fl-1470. It-tixrid tagħha hu responsabbiltà speċjali tal-familja Dumnikana. Għaldaqstant dawk kollha li jinkitbu jieħdu sehem mill-benefiċċji spiritwali ta' l-Ordni.

2. Il-fatt li San Lwiġi-Marija de Montfort mhux biss kien membru tal-konfraternità, iżda ta ruħu bil-ħerqa għat-tixrid tagħha, għandu jingħata importanza kbira mil-leġjunarji. Id-dokument interessanti li ġej għadu jeżisti: "Aħna, il-Provinċjal ta' l-Ordni tal-Predikaturi (id-Dumnikani), ngħidu u niddikjaraw li Lwiġi-Marija Grignion de Montfort, Fratell tat-Terz'Ordni tagħna, b'ħerqa kbira, b'edifikazzjoni u frott, ixandar kullimkien il-Konfraternità tar-Rużarju fil-missjonijiet kollha li hu jagħti bla ma jaqta' fl-ibliet u fl-irħula."

3. Biex wieħed jissieħeb irid jinkiteb fir-reġistru ta' knisja fejn il-konfraternità hi mwaqqfa. Biex jirbaħ il-ħafna indulġenzi u privileġġi tas-sħubija, hu meħtieġ li wieħed jimmedita mill-aħjar li jista' l-misteri waqt li jkun jitlob. Kien San Lwiġi-Marija de Montfort li qal li "l-meditazzjoni hi r-ruħ tar-rużarju" (Is-Sigriet tar-Rużarju 61).

L-obbligu li jingħadu l-ħmistax-il posta għall-anqas darba fil-ġimgħa ma jorbotx taħt dnub. Ir-rużarju ta' kuljum jissodisfa fil-wisa'. Ir-rużarju mhux bilfors jingħad f'daqqa. Il-posti jistgħu jingħadu waħda waħda, jew aktar, kull darba kif inkunu nistgħu. Mhemmx obbligu ta' laqgħat jew ħlas.

4. X'uħud mill-vantaġġi tal-konfraternità huma dawn li ġejjin:

1. il-ħarsien speċjali ta' Sidtna Marija, Sultana tar-Rużarju;

2. sehem fl-opri tajba u fil-benefiċċji spiritwali kollha tal-membri ta' l-Ordni Dumnikan u tal-Konfraternità tar-Rużarju fid-dinja kollha;

3. sehem wara l-mewt fit-talb u s-suffraġji magħmula għall-mejtin mill-istess Ordni u konfraternità;

4. tista' tintrebaħ indulġenza plenarja fil-ġurnata li tinkiteb, u fil-festi tal-Milied, tal-Għid, tat-Tħabbira tal-Mulej (l-Inkarnazzjoni tal-Mulej), ta' Sidtna Marija mtellgħa s-sema, tal-Madonna tar-Rużarju, ta' l-Immakulata Kunċizzjoni u tal-Preżentazzjoni tal-Mulej fit-Tempju.

5. Barra mill-indulġenzi li wieħed jirbaħ bħala membru ta' din il-konfraternità, hemm indulġenza plenarja mogħtija għal ħames posti rużarju li wieħed jgħid, waqt li jimmedita l-misterji, fi knisja jew oratorju pubbliku, jew mal-familja, jew f'komunità reliġjuża (din tinkludi l-Leġjun). Indulġenza parzjali hija mogħtija kull meta r-rużarju jingħad f'ċirkostanzi oħra.

6. Il-kondizzjonijiet għar-rebħ ta' l-indulġenza plenarja huma:

1. Qrara sagramentali — qrara waħda tkun biżżejjed għar-rebħ t'aktar minn indulġenza waħda.

2. Tqarbina — kull darba li wieħed jixtieq jirbaħ indulġenza plenarja.

3. Talba skond il-fehma tal-Papa — Missierna u Sliema jew xi talba oħra li wieħed jogħġbu jgħid, jissodisfaw din il-kondizzjoni. Għar-rebħ ta' kull indulġenza plenarja t-talb irid jerġa' jingħad.

4. Hu meħtieġ ukoll li wieħed ikun ħieles minn kull ġibda għad-dnub, anke għad-dnub venjal.

"Ir-rużarju mqaddes hu l-isbaħ fjura ta' l-Ordni tagħna. Jekk qatt jiġri li din il-fjura tidbiel, minnufih il-ġmiel u l-isplendur ta' l-Istituzzjoni tagħna jidhru jonqsu u jgħibu. U mill-banda l-oħra, meta dik il-fjura terġa' tieħu r-ruħ, tniżżel fuqna minnufih in-nida tas-sema, tagħti lis-siġra l-fwieħa tal-grazzja, u ġġiegħalha tnissel, bħal minn għeruq ta' tjubija, frottijiet ta' virtù u ta' ġieh" (de Monroy O.P.).

# APPENDIĊI 8

## IT-TAGħLIM TAD-DUTTRINA

F'xi pajjiżi l-Konfraternità tad-Duttrina Nisranija kellha, u għad għandha, sehem importanti fl-organizzazzjoni tat-tagħlim tad-duttrina. Ħafna leġjunarji huma involuti fix-xogħol tal-konfraternità u l-Leġjun japprova bis-sħiħ din il-ħidma tagħhom.

Skond id-Direttorju Kateketiku Ġenerali (il-Kongregazzjoni Sagra tal-Kleru 1971) f'kull djoċesi hemm uffiċċju kateketiku bħala parti mill-Curia djoċesana. Permezz tiegħu, l-isqof, bħala l-kap tal-komunità u għalliem tad-duttrina, imexxi u jżomm taħt għajnejh l-attività kateketika kollha tad-djoċesi.

Huwa importanti li nżommu f'moħħna li t-tagħlim tad-duttrina hu għan-nies ta' kull età u għal kull livell t'edukazzjoni, kif jurina l-Papa Ġwanni Pawlu II (CT 16).

"Bil-qalb nirringrazzjakom lilkom ilkoll, f'isem il-Knisja, għalliema lajċi tal-katekeżi fil-parroċċi, lill-irġiel u lin-nisa li huma aktar numerużi madwar id-dinja, li qegħdin tiddedikaw ruħkom għall-edukazzjoni reliġjuża ta' ħafna ġenerazzjonijiet. Ix-xogħol tagħkom huwa sikwit umli u moħbi, iżda intom twettquh bl-entużjażmu u l-ġenerożità. Hija wkoll ħidma mill-aktar importanti ta' l-appostolat lajk, ħidma li hi meħtieġa b'mod speċjali fejn, għal diversi raġunijiet, it-tfal u ż-żgħażagħ ma jingħatawx fi djarhom it-tagħlim u l-prattika xierqa tar-reliġjon" (CT 66).

"It-tielet lezzjoni hi li l-katekeżi kienet dejjem, u żgur li għad tibqa', ħidma li għaliha l-Knisja kollha għandha tibqa' responsabbli, u għandha tixtieq li tkun responsabbli. Iżda l-membri tal-Knisja għandhom responsabbiltajiet differenti, li huma ġejjin mill-missjoni ta' kull wieħed. Minħabba d-dmir tagħhom, ir-ragħajja tal-Knisja għandhom, f'livelli differenti, ir-responsabbiltà ewlenija li jġibu 'l quddiem, jiggwidaw u jikkoordinaw il-katekeżi. Min-naħa tiegħu l-Papa jifhem tajjeb ir-responsabbiltà ewlenija tiegħu f'dan il-qasam. Filwaqt li jiltaqa' ma' sitwazzjonijiet li jħassbuh, huwa jsib ħafna oħrajn li jimlewh bil-ferħ u bit-tama" (CT 16).

# APPENDIĊI 9

## PIONEER TOTAL ABSTINENCE ASSOCIATION OF THE SACRED HEART

(Ara kapitlu 37)

1. Meta ċentru tal-Pioneers li diġà jeżisti jaċċetta li jkollu praesidium marbut miegħu bl-iskop li jfittex u jdaħħal membri ġodda għall-Pioneer Association, il-praesidium jingħata l-karti, letteratura, kotba, ċertifikati u emblemi biex ikun jista' jaħdem għal rasu. Dawn l-affarijiet iridu jitħallsu minn qabel.

2. Il-ksib ta' membri u li niktbuhom fil-Pioneer Association jista' jingħata u jkun ittrattat bħal kull xogħol ieħor ta' praesidium.

3. L-applikazzjonijiet għas-sħubija fil-Pioneer Association għandhom jiġu pproċessati fil-laqgħa ta' kull *ġimgħa* tal-praesidium bħalma jsir minn kull Pioneer Centre fil-laqgħa tax-*xahar*.

4. N.B. Il-korrispondenza kollha lill-Pioneer Association għandha tiġi indirizzata lid-Direttur Ċentrali, Pioneer Total Abstinence Association, 27 Upper Sherrard Street, Dublin 1, l-Irlanda.

# APPENDIĊI 10

## L-ISTUDJU TAL-FIDI

Xi membri, jew anki l-membri kollha, tal-praesidium jistgħu jżidu l-istudju max-xogħol l-ieħor tagħhom biex aktar jimxu 'l quddiem. Ċerti praesidia, ngħidu aħna l-praesidia interni, taż-żgħar u dawk li għandhom bħala ħidma speċjali t-tagħlim, għandhom jidħlu għalih kważi bi dmir.

L-ispirtu qawwi ta' talb u s-sistema ta' spiritwalità tal-Leġjun jassiguraw tħejjija tal-għaġeb għal studju bħal dan, u jbiegħdu l-iżvantaġġi li mindaqqiet jista' jġib miegħu. Is-sistema ma żżomx lil dawk li jaħsbu li m'għandhom bżonn ħadd, l-imkabbrin

b'għerfhom, u oħrajn bħal dawn, li jidħlu biss fil-Leġjun biex ifixklu u jitilqu. Min-naħa l-oħra, is-sistema żżomm fit-tisħib lil dawk li t-tlellix li malajr itir mar-riħ ta' l-istudju ma jirnexxilux iżomm.

Barra minn hekk, is-suċċess ta' l-istudju jkun żgurat għaliex jidħlu għalih bi spirtu t'għaqda ma' dik li t-tfittxija tagħha għad-dawl kienet hekk umli u hekk sempliċi li hi dejjem il-mudell perfett għall-ksib ta' dan id-dawl: "Kif ikun dan?" (Lq 1:34). Lilha mbagħad ingħata dak li hu l-Għerf divin, il-Verità eterna, id-Dawl veru. Hi tibqa' l-għassiesa ta' dan it-teżor. Lejha għandhom jersqu dawk li jixtiequ jieħdu minnu. Fil-laqgħa ta' kull ġimgħa dawk il-leġjunarji jaraw mezz biex jinġabru madwar l-Omm ħelwa tagħhom, u biex jgħaqqdu jdejhom ma' tagħha hekk mimlija bit-teżori tal-għerf li qegħdin ifittxu.

B'hekk il-karatteristika li tolqtok hi li l-leġjunarju jersaq lejn il-ħidma tiegħu ta' studju iktar bħala devozzjoni milli bħala eżerċizzju tal-moħħ. Aspett ieħor li jagħżel l-istudju hu li dan mhux ibbażat fuq is-sistema ta' konferenzi. L-ewwelnett, għax din mhux addattata għas-sistema tal-praesidium, iżda, iżjed u iżjed, għax il-bniedem hu hekk magħmul li jintelaq quddiem sitwazzjoni fejn wieħed jew ftit jieħdu f'idejhom ix-xogħol kollu u r-responsabbiltà kollha bħalma jagħmel il-konferenzier. Barra minn hekk, fil-prattika konferenza togħla sa l-ogħla livell tal-moħħ ta' xi wħud mis-semmiegħa, u b'hekk toħloq diffikultajiet għall-biċċa l-kbira tas-semmiegħa. Dak li jiġri hu li s-suġġett ma jifhmuhx għal kollox u, kif bilfors jiġri, jinsewh malajr. Jerġa', hu tassew kbir il-proporzjon ta' dawk li jisimgħu konferenza għolja b'kondizzjoni mentali li tapprezza, iżda li hi għal kollox passiva.

Għall-kuntrarju, fis-sistema tal-Leġjun il-membru m'għandux jintelaq. Kull wieħed hu mistenni jagħti rendikont tal-ħidma tiegħu. Dan jiżgura fil-każ tal-membru — veru li fi grad differenti iżda bl-istess qawwa — li huwa jidħol għall-isforz u għar-responsabbiltà li, fis-sistema ta' konferenzi, jaqgħu kważi għal kollox fuq il-konferenzier. Il-membru mhux qiegħed biex jisma' biss. L-istat mentali tiegħu hu attiv, mhux biss passiv. Bla ebda dubju l-membru qed jaħdem. Fl-istess ħin il-progress tiegħu ikun ikkontrollat u mgħasses.

Ir-rapport ta' kull membru jingħata bil-qiegħda. Quddiemu għandu l-ktieb li studja fuqu. Noti li seta' ħa, jżommhom ħdejh.

Xejn m'hemm madwaru li jġiegħlu jibqa' lura. Hu jagħti r-rapport tiegħu fi kliemu u jwassal il-ħsibijiet u d-diffikultajiet tiegħu b'mod li jdoqq ħafif u familjari f'widnejn il-membri l-oħra kollha. Jista' jkun hemm kummenti u mistoqsijiet mill-oħrajn. Imbagħad jiġi r-rapport l-ieħor. Naraw li l-laqgħa timxi 'l quddiem mhux bħal karozza bil-passiġġieri li tgħaddi mtajra kemm kemm tmiss ma' l-art, iżda bħal moħriet u xatba li jaqilbu l-art ta' taħt fuq. Meta kapitlu ta' ktieb ikun ġie eżaminat kemm-il darba b'rapport wara l-ieħor tal-membri tal-praesidium, żgur li jkunu fehmuh il-membri kollha, u għalhekk jiftakruh.

Ix-xogħol ta' l-istudju hu ħaġa waħda max-xogħol ġenerali tal-praesidium, u għalhekk żgur li jkun imħeġġeġ bl-ispirtu attiv tal-Leġjun li jġiegħel lill-membri jinqdew fil-prattika bit-tagħlim tagħhom. Għal dak l-iskop, praesidia li mxew 'il quddiem fl-istudji għandhom jaraw jekk jeħdux f'idejhom klassijiet, xogħol ta' tagħlim, xogħol fil-Catholic Evidence Guild u mezzi oħra biex ixerrdu t-tagħlim speċjali li l-membri jkunu kisbu. Ma jistax jonqos li dawn il-praesidia jxerrdu fil-Leġjun xewqa akbar ta' tagħlim fuq il-veritajiet tal-fidi. It-tagħlim miksub fil-Leġjun għandu jinfirex fost il-poplu in ġenerali permezz tat-triqat bla għadd ta' kuntatt leġjunarju. B'hekk isir pass lejn "it-tneħħija ta' dak l-akbar diżunur tal-popli Kattoliċi, id-diżunur ta' l-injoranza fir-Reliġjon Qaddisa" (Il-Papa Piju XI: Motu Proprio tad-29 ta' Ġunju ta' l-1923).

L-ewwel ktieb li għandu jiġi studjat huwa l-Manwal tal-Leġjun. Tabilħaqq dan hu dmir essenzjali tal-membri, għaliex jekk ma nifhmux sewwa s-sistema tal-Leġjun, ma nistgħux napplikawha b'suċċess għall-ħidma ta' studju jew għal xi għamla oħra ta' ħidma. Kulħadd iqisu għemil ta' ġenn li tibni dar bla ma tieħu ħsieb il-pedamenti. Ikun daqshekk ieħor fieragħ li tfittex li tibni l-istudju fuq il-pedamenti tas-sistema tal-Leġjun bla ma tagħti lil din is-sistema s-saħħa li tinkiseb biss minn tagħrif sħiħ dwarha.

Il-fergħat ta' studju li jistgħu jittieħdu bl-ikbar siwi taħt it-treġija tad-direttur spiritwali huma: it-Teoloġija Dommatika u l-Apoloġetika, l-Iskrittura Mqaddsa, ix-Xjenza Soċjali, il-Liturġija, l-Istorja tal-Knisja u t-Teoloġija Morali.

Parti determinata tal-laqgħa — jekk jista' jkun parti mill-ħin ta' wara l-allocutio — għandha titħalla għal din il-ħidma. Attenzjoni speċjali għandha tingħata lil din il-parti ta' l-aġenda biex

tipprovdi qafas sod għal din it-taqsima tal-laqgħa u jkun żgurat li ma tiżviluppax f'sempliċi diskussjoni bla metodu.

Taqsima tal-kors tiġi mogħtija f'kull laqgħa lill-membri biex dawn jistudjawha għal rashom. Dawn għandhom jinxteħtu għal dan ix-xogħol bi grad għoli ta' reqqa u devozzjoni leġjunarja, għax hemm tendenza li bla ma jinduna, wieħed jibda jagħmel xogħol bla kont u bla siwi. Dan l-istudju m'għandu l-kontroll effettiv ta' ħadd ħlief dak ta' l-għajnejn tas-sema. Barra minn dan, il-praesidium m'huwiex klassi ordinarja ta' l-iskola. Wieħed malajr jagħmel rapport li jgħaddi, anki meta l-istudju jkun sar bla kont.

F'kull laqgħa l-membri għandhom jagħtu rapport individwali dwar ix-xogħol tagħhom tal-ġimgħa. Fir-rapporti tagħhom jistgħu jsemmu xi diffikultà li jkunu ltaqgħu magħha tul il-qari tal-ġimgħa. Iżda l-membri m'għandhomx jitħallew isemmu ċerti diffikultajiet li bi ftit sforz ieħor jistgħu jħolluhom waħedhom.

Il-membri għandhom jiġu inkuraġġiti biex kemm jista' jkun jgħinu ruħhom u jagħmlu sforz huma stess. Wieħed għandu jieħu ħsieb ukoll li d-diskussjonijiet ma jaqbdux triqat mhux meħtieġa jew mhux mixtieqa, u li punti profondi wisq, jew li b'xi mod iħawdu jew li ma jkollhomx x'jaqsmu mas-suġġett, ma jitkomplewx. F'dawn il-materji kollha l-għajnuna ewlenija għandha naturalment tiġi mid-direttur spiritwali.

Nisħqu li l-obbligu tal-ħidma ta' kull membru jista' jintlaħaq biss b'għamla ta' ħidma sostanzjali u attiva kull ġimgħa. Dan l-obbligu ma jintlaħaqx, lanqas f'parti minnu, bl-istudju.

"Kemm huma intimament magħquda s-safa u d-dawl! L-erwieħ l-aktar safjin huma dawk li Alla jagħtihom l-aktar dawl. Hu għalhekk li Sidtna Marija hi l-aktar imdawla fost il-ħlejjaq kollha. Fuqha ntqal li hi ddawwal lill-anġli. Iżda hi ddawwal ukoll lill-bnedmin, u l-Knisja ssejħilha t-Tron ta' l-Għerf. Minn dan jiġi li l-istudju tagħna u l-kontemplazzjonijiet tagħna, il-ħajja kollha tagħna għandhom jikkonċentraw ruħhom dejjem aktar madwar dik il-Mara, l-iktar imbierka fost in-nisa kollha, l-Omm ta' Dawl id-dawl, tal-Kelma magħmula bniedem. Għaliex Alla libbes bix-xemx lil dik il-kreatura li m'hawnx bħalha, u qegħedha biex titfa' d-dawl ta' Ġesù fuq id-dinja kollha u f'kull ruħ li tinfetaħ biex tilqgħu" (Sauvé: *L-Intimità ta' Marija*).

# APPENDIĊI 11

## SINTESI MARJANA, LI TIĠBOR FIL-QOSOR KEMM JISTA' JKUN IL-PARTI TAL-GĦAĠEB TAL-KOOPERAZZJONI MOGĦTIJA LIL MARIJA FIL-PJAN KOLLU TAS-SALVAZZJONI. JEKK IKUN MIXTIEQ, TISTA' TINGĦAD FL-ACIES BĦALA L-ATT TAL-KONSAGRAZZJONI LI JSIR FLIMKIEN; TISTA' TINGĦAD UKOLL (BL-EWWEL PARAGRAFU MĦOLLI BARRA) F'OKKAŻJONIJIET OĦRA

Sultana u Omm tagħna,

Il-ftit ħin li aħna qgħadna quddiem l-istendard tiegħek tana biss żmien għal espressjoni l-aktar qasira ta' l-imħabba tagħna. Issa ninsabu aktar ħielsa biex inħallu 'l qlubna juruk x'qegħdin iħossu u biex dak l-att ċkejken ta' konsagrazzjoni nesprimuh fi stqarrija aktar sħiħa tal-fidi tagħna fik.

Aħna nifhmu l-kobor bla tarf ta' l-obbligazzjoni tagħna lejk. Int tajtna lil Ġesù li hu l-għajn ta' kull ġid tagħna. Kieku ma kontx int, aħna għadna sa llum fid-dlamijiet tad-dinja l-mitlufa, taħt is-sentenza tal-mewt tal-qedem. Minn dak l-abbiss ta' miżerja, il-Providenza divina riedet li teħlisna. Għoġobha li tinqeda bik f'dak il-pjan tal-ħniena, u fdatlek f'idejk ħidma li ma setgħetx tkun aktar nobbli. Għalkemm tiddependi għal kollox mill-Feddej, int ġejt magħżula bħala s-sieħba tiegħu, mgħollija qrib tiegħu daqskemm kreatura setgħet qatt togħla, b'mod li hu ma ried jagħmel xejn mingħajrek.

Int kont miegħu sa mill-eternità fl-intenzjoni tat-Trinità Qaddisa, taqsam id-destin tiegħu: imħabbra miegħu fl-ewwel profezija bħala l-Mara li minnha hu kellu jitwieled: marbuta miegħu fit-talb ta' dawk li kienu jistennew il-miġja tiegħu: magħmula ħaġa waħda miegħu fil-grazzja bit-tnissil tiegħek bla tebgħa li fdiek b'mod tal-għaġeb: magħquda miegħu fil-misteri kollha tal-ħajja tiegħu fl-art mit-tħabbira ta' l-anġlu sas-salib. Imwettqa fil-glorja miegħu bit-tlugħ tiegħek fis-sema: imqiegħda maġenbu fuq it-tron tiegħu, u tamministra miegħu s-saltna tal-grazzja.

Mill-ġens uman kollu, inti waħdek kont safja biżżejjed u qawwija biżżejjed fil-fidi u fl-ispirtu biex issir Eva l-Ġdida li, ma' Adam il-Ġdid, kellek issewwi l-ħsara tal-Waqgħa. It-talba

tiegħek, ġa mimlija bl-Ispirtu s-Santu, ġabet lil Ġesù hawn fid-dinja. Ir-rieda u l-ġisem tiegħek nissluh. Il-ħalib tiegħek sostnieh. Bl-imħabba straordinarja tiegħek huwa seta' jikber fiż-żmien u fis-saħħa u fil-għerf. B'mod reali inti sawwart lil dak li għamel lilek. Imbagħad meta waslet is-siegħa li fiha kellha ssir l-offerta, int tajt minn rajk il-Ħaruf divin għall-missjoni tiegħu u għall-mewt tiegħu fis-sagrifiċċju fuq il-Kalvarju, waqt li ġarrabt miegħu l-milja tat-tbatija li tixbah lil tiegħu — hekk li int kont tmut flimkien miegħu li kieku ma kellikx tibqa' ħajja biex tieħu ħsieb il-Knisja li kienet għadha titwieled.

Wara li kont b'dan il-mod l-għajnuna tiegħu, dejjem magħquda miegħu fil-ħidma kollha tal-Fidwa, inti bqajt miegħu bl-istess mod, u bl-istess mod bqajt meħtieġa għalih fis-saltna Nisranija. Inti sirt omm ukoll ta' dawk kollha li għalihom huwa miet. Inti tieħu ħsieb il-bnedmin bħala ommhom l-istess bħalma kont tagħmel miegħu, għaliex aħna ninsabu fih. Kull ruħ tibqa' fdata lilek biex tħarisha bis-sabar, sakemm fl-aħħar int twellidha għall-ħajja li ma tispiċċa qatt.

Kif biex iseħħ il-pjan tas-salvazzjoni Alla ried jinqeda bik mill-bidu sat-tmiem, hekk ukoll kien meħtieġ li int tkun imdaħħla fil-qima tagħna. Huwa dmir tagħna li napprezzaw dak li għamilt, u permezz tal-fidi tagħna, ta' l-imħabba tagħna, tal-ħidma tagħna, nipprovaw nagħrfuh kif jixraq.

Wara li wrejniek b'dan il-mod il-kobor u l-ħlewwa bla tarf taddejn tagħna lejk, x'hemm iżjed xi ngħidulek ħlief li ntennu b'qalbna kollha: "Aħna kollna tiegħek, Sultana u Omm tagħna, u kulma għandna huwa tiegħek."

"Din hija l-ewwel darba li Konċilju Ekumeniku ppreżenta ġabra hekk sħiħa tat-tagħlim Kattoliku dwar il-post li l-Imqaddsa Marija għandha fil-Misteru ta' Kristu u tal-Knisja. Imma dan jaqbel ma' l-iskop, li l-Konċilju għażel għalih innifsu, li juri l-Knisja Mqaddsa kif inhi. Għaliex Marija hi marbuta mal-Knisja b'mod mill-aktar qrib. Kif ġie ddikjarat b'mod l-aktar sabiħ: 'Hija l-aktar parti nobbli tagħha, l-aqwa parti, il-parti speċjali, il-parti l-aktar eċċellenti' (Rupert: *Dwar l-Apokalissi*).

Tabilħaqq ir-realtà tal-Knisja ma tikkonsistix biss fil-ġerarkija tagħha, fil-liturġija tagħha, fis-sagramenti tagħha, fid-dikjarazzjonijiet ġuridiċi tagħha. L-essenza l-aktar profonda tagħha, l-ewwel għajn tas-setgħa effikaċi tagħha biex tqaddes, wieħed għandu jfittixhom fil-għaqda mistika tagħha ma' Kristu. Din l-għaqda ma nistgħux inqisuha bħala xi ħaġa mifruda minn dik li hija l-Omm tal-Verb li sar bniedem,

u li Ġesù Kristu ried jgħaqqad miegħu hekk intimament biex iwettaq is-salvazzjoni tagħna. Dan jispjega l-għaliex f'dik id-dehra tal-Knisja għandha tiġi mdaħħla kif jixraq il-kontemplazzjoni kollha mħabba ta' l-għeġubijiet li Alla għamel fl-Omm Qaddisa tiegħu. Meta wieħed ikun jaf id-duttrina Kattolika eżatta dwar Marija huwa jkollu f'idejh mezz li bih jifhem sewwa l-Misteru ta' Kristu u tal-Knisja.

U hekk hu li aħna nipproklamaw lill-Imqaddsa Marija bħala l-Omm tal-Knisja, jiġifieri tal-poplu kollu t'Alla, tal-fidili u tar-ragħajja tagħhom" (Il-Papa Pawlu VI: Taħdita waqt il-Konċilju Vatikan II).

[Din is-silta mhijiex parti mis-sintesi].




Meta timxi warajha, ma toħroġx minn triqtek;
meta ssejħilha, ma taqtax jiesek;
meta taħseb fiha, ma jiġrix ħsiebek;
imwieżen minnha, ma taqax;
imħares minnha, ma tibżax;
megħjun minnha, ma tegħjiex;
immexxi minnha, tasal sat-tmiem.

(San Bernard).

"Per te, O Maria, resurrectionis nostrae tesseram certissimam tenemus."

"Permezz tiegħek, O Marija, għandna garanzija żgura li nerġgħu nqumu mill-imwiet" (Sant'Efrem).

# Werrej ta' kwotazzjonijiet mill-Bibbja


ĠENESI
1: 5 .............. 19
1:28 ............ 185
2:18 ............ 275
3:15 ............ 28, 152, 275
12: 1 ............ 328

EŻODU
13:21 ............ 153
20:12 .............. 61

ĠOŻWÈ
5:14 ............ 144
6:16-20 ....... 288

1 SAMWEL
18: 1 ............ 199

1 KRONAKI
29:11 ............ 279

SALMI
77 .............. 51
116:12 .............. 22
126: 6 ............ 199

KOHÈLET
4:12 ............ 125

L-GĦANJA TA' L-GĦANJIET
6:10 ..... 17, 146, 151, 175, 177

BIN SIRAK
6:25-30 ....... 131
24:20 ............ 283
32: 1 ............ 248

ISAIJA
5: 4 .............. 22
38: 1 ............ 125

DANJEL
4:10-20 ....... 142
10:13 ............ 142

SAN MATTEW
5:13,14 ......... 81
6:33 .............. 82
7:21 ............ 278
13:33 .... 187, 304
14:16-21 ....... 189
16:18-19 ....... 150
16:26 ............ 242
18 ............ 113
18: 3-5 ......... 243
18:19-20 ....... 121
18:20 ............ 133
19:13-15 ....... 242
20: 6 ............ 214
20:27 ............ 216
20:28 .... 175, 210
22:37-39 ....... 203
22:39 ............ 200
25:40 ...... 58, 297
26:26 .... 319, 320
26:53 ............ 147
27:54 ...... 55, 342

SAN MARK
1: 2 ............ 198
3:35 .............. 32
5:30 ............ 134
6:31 ............ 259
8:37 ............ 322
10:14 ............ 242
11:22-24 ....... 324
12:30 .............. 44
15:39 ............ 342
16:15 .... 309, 310

SAN LUQA
1:27 .............. 17
1:32 .............. 50
1:34 ............ 352
1:35 .............. 50
1:38 . 28, 36, 97, 114, 277, 309
1:45 ..... 114, 152
1:48 .............. 61
1:48-49 ....... 282
2:19 ............ 114
2:49 ............ 216
2:51 61, 114, 220
2:51-52 ....... 175
2:52 ...... 57, 229
9:48 ............ 243
9:62 ............ 108
10: 1 ............ 199
10: 2 ............ 182
11:27-28 ........ 114
14:21-23 ....... 191
16: 8 ..... 114, 201
21: 3-4 ......... 121
24:13-35 ....... 320

SAN ĠWANN
1: 7 ........... 198
2: 5 ............. 48
3:30 ........... 198
3:30-31 ....... 199
6: 1-14 ........ 47
6:51 ............. 56
6:52 ........... 319
6:60 ........... 319
8:29 ........... 175
8:56 ............ 119
9:25 ........... 321
10: 3 ............. 67
12:24-25 ........ 37
13:20 ............. 68
13:35 ........... 330
13:38 ............. 23
15: 5 ............. 75
17:21 .... 313, 319
19:25 ............. 57
19:26-27
29, 143, 152
19:27 ............. 38

L-ATTI TA' L-APPOSTLI
1:14
30, 103, 259
2: 4 ............. 30
2:10 ............. 69
2:43 ............. 30
5:41 ........... 285
8:30-31 ....... 315
9: 4-5 .......... 58

RUMANI
11:33 ............. 26
12: 1-2 .......... 21

1 KORINTIN
2: 8 ............. 55
9:22 ........... 208
12:12 ............. 61
12:21 ........ 62, 70
12:25 ............. 60
13: 1-8 ........ 331
13:13 ........... 329
14:40 ........... 196

2 KORINTIN
11:24-27 ....... 150
11:27 ............. 22

GALATIN
2:20
67, 205, 211

EFESIN
1: 4 ............. 75
1:22-23 ......... 59
4:12 ............. 70
4:13-15 ......... 60
4:15-16 ......... 60
4:16 ............. 90
5: 2 ............. 22
5:23 ............. 59
5:25-26 ......... 75
5:27 ........... 338
5:30 ........ 59, 60
6:11 ............. 21
6:18 ........... 101

FILIPPIN
1:29 ............. 63
2: 8 ........... 175
2:12 ............. 62

KOLOSSIN
1:24 ............. 62

1 TESSALONIKIN
4: 3 ............. 75
5:17 ........... 206

1 TIMOTJU
2: 5-6 ......... 337
2: 6 ........... 195
6:20 ........... 195

2 TIMOTJU
2: 3 ............. 38
2:11-12 ......... 63
4: 7 ............. 23

LHUD
1:14 ........... 145
6: 6 ........... 284
9:14 ............. 57

1 PIETRU
2: 4-10 ......... 66
2: 5 ...... 30, 210
2: 9 ............. 81

ĠUDA
1: 4 ............. 85

1 ĠWANNI
4:15-21 ......... 59
4:19-21 ......... 61
5: 4 ............. 26

# Werrej ta' kwotazzjonijiet mid-Dokumenti tal-Magisteru tal-Knisja


DOKUMENTI TAL-KONĊILJU VATIKAN II

AA 2 ... 90
3 ... 66
4 ... 20
20 ... 20
DVrb 12 ... 207
GS 13 ... 17
40 ... 84
43 ... 84
LG 7 ... 61
10 ... 12
33 ... 12
34 ... 210
35 ... 210
38 ... 12
39 ... 75
41 ... 206
42 ... 206
53 ... 308
55 ... 28
56 ... 131
60 ... 13, 337
61 ... 177, 337
62 ... 338
65 ... 308, 338
PO 6 ... 70
SC 12 ... 206
48 ... 53
51 ... 53
56 ... 53
UR 1 ... 313

DOKUMENTI OHRA TAL-MAĠISTERU

AAS 38/1905 p. 401 ... 256
72/1980 p. 791 ... 235
ACR 34 ... 146
AD ... 345
5 ... 194
AD 12 ... 54
AN 8 ... 294
CIC 224-231 ... 339-341
CL 9 ... 66
20 ... 62
27 ... 71
46 ... 229
47 ... 243
58 ... 206
CT 16 ... 350
66 ... 350
EI 20 ... 245
EN 14 ... 313
71 ... 234
FC 65 ... 233
86 ... 235
ISE 4 ... 30
KKK 89 ... 209
MC 87 ... 208
110 ... 151
MCul 17 ... 54
18 ... 119
20 ... 57
35 ... 309
MD 186 ... 206
187 ... 207
MF 66 ... 256
MN 5 ... 259
OL 1 ... 314
3 ... 314
PDV 59 ... 229
RM 37b ... 254
84 ... 258
RMat 14 ... 26
20 ... 114
38 ... 111
44 ... 56
48 ... 209
SM l-ewwel parti ... 29
UAD 58 ... 296

# Werrej tal-Papiet u ta' kwotazzjonijiet mill-kitbiet tagħhom


BENEDITTU XV
Marija, ko-redentriċi ..... 279

IL-BEATU ĠWANNI XXIII
Ittra lil-Leġjun ..... 334
Il-Leġjun ta' Marija .. 19, 133
Marija u l-anġli ..... 146

ĠWANNI PAWLU II
L-Anġli ..... 144
L-evanġelizzazzjoni tażżgħażagħ ..... 81
Indirizz lil-leġjunarji ..... 11
L-Insara tal-Lvant ..... 314
Il-lajċi bħala ħmira ..... 12
It-tagħlim tad-Duttrina .. 350

SAN KLEMENT I
Il-Leġjun Ruman u l-Ġisem Mistiku ..... 21

LJUN XIII
Eċċessi kriminali ..... 315
Il-maternità ta' Marija ... 308
Ir-Rużarju ..... 113

PAWLU VI
L-evanġelizzazzjoni ..... 313
Ittra lil-Leġjun ..... 335
Marija Omm il-Għaqda . 308
Marija Omm il-Knisja ... 357
Peregrinatio Pro Christo . 328
Ir-Rużarju ..... 113
Il-Wegħda Leġjunarja .... 88

SAN PIETRU
21, 69, 139, 149, 150, 275

IL-BEATU PIJU IX
Marija ..... 26
Ir-Rużarju ..... 151

SAN PIJU X
Id-direttur spiritwali ..... 213
L-ikbar tfixkil għall-appostolat ..... 306
Lajċi appostoliċi ..... 69
Marija u l-fidi ..... 194
Marija Medjatriċi ..... 345
Ir-Rużarju ..... 113, 114

PIJU XI
Id-direttur spiritwali ..... 212
L-Ewkaristija ..... 55
L-irtiri ..... 258
L-isem tal-Leġjun ..... 17
Ittra lil-Leġjun ..... 332
Il-Knisja ..... 314
Lajċi appostli ..... 68, 69
"Nofs Kristjaneżmu" ..... 203
Prudenza, biża' u appostolat ..... 212, 261
Is-saċerdoti u l-appostolat tal-lajċi ..... 69, 71
L-istendard tal-Leġjun . 156
It-tagħlim reliġjuż ..... 353

PIJU XII
L-Anġlu Gabriel u Marija ..... 146
L-appostolat tal-Leġjun . 66
Ittra lil-Leġjun ..... 333
Marija u l-Fidwa ..... 41
Il-Wegħda Leġjunarja .... 88

# Werrej ta' Awturi u Persuni oħra ta' Interess


ABRAHAM ........... 142, 275, 313
ADAM ........................... 28, 279
ADAM, Karl ......................... 54
ALBERTU l-Kbir, Sant'
112, 221, 282
ALIGHIERI, Dante ................. 34
AMBROĠ, Sant' .................. 149
ANSELMU, Sant' ................ 251
AQUINO, San Tumas t'
35, 113, 202, 282
ARKIMEDE ......................... 103
ATANASJU, Sant' ........... 49, 72

BARAT, Santa Madalena Sofija
190, 285
BENSON, Mons. Robert Hugh
214, 284
BERNARD, O.P. ...................119
BERNARD, San
27, 55, 60, 80, 164, 286, 357
BERNARDINU, San ......110, 112
BÉRULLE, Kardinal Pierre de134
BOLO ................................. 343
BONAVENTURA, San ... 33, 202
BORROMEO, San Karlu ...... 190
BORSI, Giosuè ................... 302
BOSCO, San Ġwann ........... 248
BOSSUET, Jacques
192, 238, 327
BOTTICELLI, Sandro ........... 220
BOUDON, Henri Marie ......... 146
BOURKE, Canice O.F.M. Cap.
205
BOURNE, Kardinal Francis . 248
BROPHY, Fr P.J. ................. 274
BURKE, Edmund ................. 118
BYRON, George Gordon ....... 42

CHAMINADE, Beatu Guillaume-Joseph ........................... 185
CHAUTARD, Jean Baptiste ... 69
CHESTERTON, Gilbert Keith
298
CIVARDI, Luigi .............. 92, 214
COUSIN, Louis ..................... 48
CRAWLEY-BOEVEY, Fr Mateo
239
CREEDON, Fr Michael
76, 78, 237, 313

ĊIPRIJANU, San ................... 96
ĊIPRIJANU ta' Kartaġni, San 311
ĊIRILLU ta' Lixandra, San ... 327

DANIÉLOU, Kardinal Jean S.J.
149
DAVID .................. 72, 199, 275
DE BLOIS, Ludovik ..............110
DE CONCILIO, Joseph ........ 211
DE GASPARIN .................... 307
DE JAEGHER, S.J. .......115, 197
DE LA COLOMBIÈRE, San Klawdju .......................... 308
DE LA ROCHE, Beatu Alan O.P.
348
DE LA TAILLE, Maurice S.J. 256
DE MAISTRE ...................... 316
DE MONROY, Anthony O.P.. 349
DE MONTFORT, San Lwiġi-Marija ....... 30, 33, 37, 44, 46, 51, 104, 107, 109, 110, 131, 137, 143, 144, 152, 155, 196, 209, 227, 343, 344, 345, 348
DE PAUL, San Vinċenz ........ 218
DE SALES, San Franġisk
204, 211
DOYLE, William S.J.
112, 120, 257
DUFF, Frank...... 11, 16, 333, 335
DUHAMEL, George ..... 203, 299

EFREM, Sant' ..................... 357
ELIJA .................................. 72
ELIŻABETTA, Santa .... 149, 198
ERODI ......................... 140, 188
ERSKINE-STUART, Janet ... 303
ERKOLE ............................... 42
ESUPERJU, Sant' ............... 342
EUDES, San Ġwann ............. 63
EVA ...................... 28, 146, 279
EYMARD, San Pietru Ġiljan
56, 221

FABER, Fr Frederick William
30, 295
FELDER, Hilarion O.F.M. Cap.
178
FERRER, San Vinċenz ........ 110
FRANĠISK t'Assisi, San
178, 298

GABRIEL, San, Arkanġlu
139, 145, 149
GAVAN-DUFFY, Tom ........... 194
GEMELLI, Agostino O.F.M. .. 202
GIBIEUF, Guillaume ............ 165
GIRGOR, San ..................... 202
GIRGOR Nazjanzenu, San .. 164
GIRGOR Tawmaturgu, San . 286
GRATRY, Alfons
31, 102, 195, 223, 233, 300
GRISOSTMU, San Ġwann
32, 188, 195, 242, 255, 313
GROU, Jean-Nicolas S.J. ...... 38
GUÉRANGER, Prosper O.S.B.
181
GULIJA ................................ 72
GUYNOT, Kanonku E .......... 191

ĠAKOBB ............................ 313
ĠONATAN .......................... 199
ĠOŻWÈ ............................ 288
ĠUŻEPP, San
134, 137, 141, 148, 175, 253

ĠWANN Battista, San
139, 148, 198, 199, 275, 278
ĠWANN l-Evanġelista, San
137, 142, 152

HELMSING, Isqof Charles H 214
HETTINGER, Franz ............ 277

ILDEFONSU, Sant' ................ 27
INJAZJU t'Antjokja, Sant'
112, 239
INJAZJU ta' Loyola, Sant'
174, 254, 322
IRINEW, Sant' ..................... 119
IŻAKK ................................ 313

KANDIDU, San ................... 342
KEMPIS, Tumas ta' .......... 20, 34

LABOURÉ, Santa Katerina
346, 347
LACORDAIRE, Henri O.P. ... 113
LAMBE, Alfonso .................... 12
LAURENTIN, Fr René .. 155, 339
LECKY, William Edward ......... 71
LEEN, Arċisqof James, C.S.Sp.
99
LÉPICIER, Alexis Henri .......... 51
LHOUMEAU, Antonin .......... 110
LIGUORI, Sant'Alfons
140, 153, 177, 206
LJUN ................................... 72
LORD, Daniel S.J. ............... 120

MARIJA ta' Magdala, Santa . 312
MARJANISTA
77, 78, 185, 199, 236
MARMION, Beatu Columba
O.S.B. .......................... 175
MASSIMJANU ..................... 342
MAWRIZJU, San ................. 342
McGRATH, Aedan S.S.C. ...... 87
McQUAID, Arċisqof John
Charles ......................... 201

MELLETT, James C.S.Sp. ... 115
MIKIEL, San, Arkanġlu
139, 144, 145, 146, 149
MONAHAN, Maud ............... 285
MONTALEMBERT, Charles . 328
MONTINI, Mons. Giovanni
Battista ............................ 88
MORE, San Tumas ............. 141
MOSÈ .................... 72, 275, 313
MURA, E ............... 60, 103, 345

NAPULJUN ........................... 94
NEUBERT, Emile ................ 118
NEWMAN, Kardinal John Henry
51, 67, 72, 84, 100, 133, 164,
169, 171, 172, 173, 192, 241,
249, 250, 316
NIKODEMU ......................... 301

O'CARROLL, Michael C.S.Sp.
146, 148
O'FLYNN, Thomas C.M. .. 74, 85
O'HIGGINS, Brian ................. 82
O'RAHILLY, Mons. Alfred
67, 112, 120, 186, 257
ORIGENE ........................... 149
ORSINI ................................ 121
OXENHAM, John ................ 200
OZANAM, Beatu Federiku
44, 316

PASCAL, Blaise .................. 320
PATRIZJU, San ................... 141
PAWL, San, Appostlu
21, 58, 59, 62, 67, 69, 72, 139,
149, 150, 208, 275, 284
PÉGUY, Charles ................. 203
PERROY ............................. 199
PETITALOT ..................... 66, 79
PIE, Kardinal Louis-Edouard 232
PIETRU t'Alkantara, San ..... 237
PIZZARDO, Kardinal Giuseppe
69, 217
PLUNKETT, Joseph Mary .... 372
PLUS, Raoul S.J. ......... 185, 308

QUINN, Edel ................. 12, 301

RAFEL, San, Arkanġlu ......... 145
RAMIÈRE, Henri S.J. ........... 154
RIBERI, Kardinal Antonio ....... 68
RIPLEY, Kanonku Francis J ... 70

SALAMUN ........................... 275
SAUVÉ, Charles ................. 354
SAVERJU, San Franġisk
315, 327
SHEED, Francis J. ............... 307
SHEEN, Isqof Fulton J ......... 347
SUENENS, Kardinal Leon-
Joseph
88, 142, 204, 262, 315

TEDESCHINI, Kardinal Federico
144
TENNYSON, Alfred ........ 84, 174
TEREŻA ta' Ġesù, Santa
21, 237, 295
TEREŻA tal-Bambin Ġesù, San-
ta ..... 193, 218, 220, 257, 286
TERRIEN, Jean-Baptiste ..... 255
TESNIÈRE .......................... 321
TOHER, Fr Michael ............... 16

VASSALL-PHILLIPS O.R.,
C.SS.R. ........................... 253
VERDIER, Kardinal Jean ..... 347
VIANNEY, San Ġwann Marija 86
VLOBERG, Maurice ............ 221
VON DEUTZ, Rupert O.S.B. 356
VONIER, Anschaire O.S.B.
136, 282

WHITTIER, John Greenleaf ... 15
WILLIAMS, Arċisqof ............ 317
WISEMAN, Kardinal Nicholas
319
WISTIN, Santu .... 19, 39, 64, 65,
79, 144, 209, 254, 298, 312

# Werrej tas-Suġġetti


Acies ..................... 89, 108, 175-177
Adam il-Ġdid ............... 40, 146, 355
Adjutorjani, membri ............ 102-109
Affiljazzjoni ............................ 15, 91
Alla u Marija ............................... 26
Allocutio 119-120, 214, 215, 224, 353
Altar tal-Leġjun 18, 27, 110, 154, 264
Anġli ta' Marija, Leġjun ta'
139, 146-148, 149
*Apostolatus Maris* ..................... 253
Appendiċi ........................... 332-357
Appostolat (ara wkoll Hidma)
185, 204, 251
— ibbażat fuq Marija
26, 29, 32-48, 160, 188
— definit ................ 188, 296, 325
— dinjità tiegħu ............... 65, 203
— l-ewwel għażla .......... 185, 296
— fil-ħajja ta' kuljum ......... 80, 202
— tal-lajċi ...................... 12, 66-68
— tal-Leġjun ................. 13, 65-74
— fil-parroċċa ..... 68, 71, 232, 235
— punti kardinali ............ 274-309
— vag ...................................... 296
*Appostolat tat-Talb* .................... 225
Apprentista, Mgħallem u ......... 73-74
Armar tal-laqgħa
— tal-Patrizji ........................... 264
— tal-praesidium .............. 18, 110
*Assoċjazzjoni tad-Domna Mirakuluża* .......................... 347
Attendenza
77, 89, 115, 130, 168, 192
Attitudni f'istituzzjoni ................. 299
Attivi, membri ........................ 87-90
Awtoritàjiet tal-Knisja u l-Leġjun
19, 32, 91, 125, 157, 166, 172, 174
Awżiljarji
— membri
95, 100-109, 205, 238, 256
— reklutaġġ u kura ... 95, 238, 256
— żjajjar .......... 95, 108, 219, 256

Baħħâra .................................... 253
Barka Sagramentali .......... 177, 318
Barka tas-saċerdot ...... 88, 121, 267
Bibbja, qari tal- .................. 207, 353
Bidu tal-Leġjun ..... 17-19, 27, 48, 58,
85, 98, 236, 283, 333, 335, 346
Biża' .... 285-286, 289, 290, 306, 315
Book-barrow ............. 248-251, 255

Catena
108, 115, 118, 138, 151, 196, 215
*Catholic Evidence Guild* ........... 353
Comitium .................... 160, 165-169
Concilium Legionis Mariae
19, 91, 157, 160, 172-173, 174
Curia
— tal-kbar ................ 92, 165-169
— taż-żgħar ..................... 96, 166

Ċaħda tagħna nfusna ......... 12, 207
Ċensiment tal-parroċċa ..... 233, 235

Dar mistika ta' Nazaret ....... 133-136
Dawk li m'humiex Kattoliċi ........ 105,
225, 249, 285, 292, 308, 315, 319
Determinazzjoni 21-25, 75, 240, 282
Devozzjoni tal-Leġjun, xejra tad-
25-32, 126, 194, 209
Devozzjoni lejn Marija
— għeruq ta' l-appostolat tal-Leġjun ................................ 29
— titlob l-appostolat ........... 38-40
— tixrid tad- 13, 31, 194, 200, 308
*Devozzjoni Vera lejn il-Verġni Mbierka* ........44-48, 106, 343-345
*Devozzjoni Vera lejn in-Nazzjon* .. 84
Devozzjonijiet fil-knisja u l-laqgħa 127
Dħul ta' membri ................. 87, 218
Difetti fil-praesidia, fil-membri .... 304
Direttur spiritwali (ara wkoll Saċerdot)
76, 89, 91, 92, 100, 113, 116,
119-120, 143, 157, 165, 166, 168,
170, 171, 173, 186, 212-214, 223,
224, 240, 263, 325, 333, 354
Dixxiplina ............................ 22, 335
— fil-laqgħa .......................... 125
— u Marija ............................ 228
Djar
— foqra ................................. 239
— tat-tfal ............................... 243
— żjajjar fid-
187, 233-236, 243, 290, 292
Dmir u dixxiplina ................. 23, 191
— ewlieni ............................77, 115
Dmirijiet
— tal-leġjunarji
29, 32-48, 115, 192-211
— tat-tisħib ............................ 115
— ta' l-uffiċjali tal-praesidia
212-221

Domna Mirakuluża
18, 154, 225, 346-347
Duttrina Nisranija .............. 244, 350

Elezzjoni ta' l-uffiċjali .......... 157-159
Emigranti .......................... 252, 253
Eroiżmu 126, 174, 239, 260, 306, 315
Erwieħ nersqu lejhom ma' Marija
274-282
Eva Ġdida 40, 55, 146, 181, 276, 355
Ewkaristija .............................. 52-57
- devozzjoni lejn ............ 34, 255
- u l-konverżjoni ........... 319-321
- u l-leġjunarju
52-57, 205-211, 319
- u Marija ........................ 54, 320
Exploratio Dominicalis ............. 329

Familja Qaddisa ................ 133, 141
Familji, żjajjar fil-
187, 233-236, 243, 290, 292
Ferħ ......................... 178, 179, 184
Fidi
- ta' Marija ............. 20, 140, 152
- spirtu ta' .......... 12, 20, 24, 139
- studju dwar il- ............. 351-354
Fidwa tiddependi fuq Marija ....... 277
Fittex u tkellem ma' kulħadd ...... 295
Flus .......................... 161, 221-223
- ġbir ta' .............................. 295
Formazzjoni tal-membri
73, 205-211, 227, 333
Fraternità
164, 197, 199, 216, 305, 330
Frott tal-Leġjun ...................... 71-72
Ftehim ifisser għaqda
128, 163, 197, 330
Funzjonijiet ....................... 175-181

*Girl Guides* ................................. 246
Gradi ta' tisħib ............................ 98
Griżma ta' l-Isqof ....................... 208

Ġabra sigrieta .... 120, 157, 227, 266
Ġbir ta' flus ........................ 258, 295
Ġelożija ......................................... 197
Ġentilezza u Ħniena
197, 228, 282, 297, 322
Ġesù (ara n-nota fl-aħħar ta' dan il-werrej) .................................. 371
Ġisem Mistiku ta' Kristu
51, 57, 58-65, 83, 90, 97, 99,
107, 279-281, 297-298, 306, 337

Għajnuna lill-missjunarju .... 324-327
Għajnuna materjali ..... 169, 292-294
Għaqda
— fil-laqgħa ........................... 126
— spirtu ta'
30, 141, 163, 174, 175, 309
Għaqdiet
— tal-parroċċa ....................... 232
— għaż-żgħar ......................... 245
Għassa, inkunu dejjem . 80, 202-204
Għazla ta' klassi, l-ebda ..... 305, 330
Għeluq ta' Curia jew praesidium 157

Ħabs ................................. 239, 299
Ħadd mhu ħażin iżżejjed ........... 296
Ħaddiema
— fil-familji ............................ 252
— bix-shift ............................. 123
Ħajja interjuri tal-leġjunarju
205-209, 335
Ħidma (ara wkoll Appostolat)
— attiva ............ 79, 115, 193, 224,
225, 226, 230, 231, 288, 354
— dawk li jaħdmu flimkien 115, 199
— diffiċli .... 22, 186, 239, 285, 306
— li diġà qed issir .................. 188
— erojka .................................. 231
— iebsa u qalbenija
71, 231, 239-242, 284, 288
— għall-imsejknin u mnikktin . 239
— infittxu l-iebes
239, 284, 288, 306
— kontroll ........ 117, 128, 195, 289
— għall-missjoni ..................... 257
— natura intima ....... 115, 128, 291
— obbligu ............................... 193
— qalbenija għal Alla
21-25, 85-86, 231, 284
— simbolika ...................... 287-288
— sostanzjali .... 79, 115, 193, 224,
225, 226, 230, 231, 288, 354
— suġġerimenti ............... 231-260
— u talb .................................. 204
— tinteressa lil kulħadd .......... 128
— twettiq tagħha .................... 193
— għaż-żgħar .......................... 225
— għaż-żgħażagħ ........... 242-248
Ħielsa minn
— diskriminazzjoni ................. 330
— għażla ta' razza
83, 186, 305, 324, 330
— ġelożija ............................... 197
— politika ................................ 295

Ħielsa minn *(ikompli)*
— qtigħ ta' qalb ......... 24, 302-304
— rispett uman ....... 285, 306, 315
Ħlewwa u sabar ................. 282-284
Ħmira ............ 12, 80, 187, 304, 330
Ħniena ........ 197, 228, 282, 297, 322
Ħtieġa u dinjità tal-Leġjun
65, 182, 185, 203
Ħtiġijiet ta' kull post ................... 260

Idealiżmu u ħidma ................. 12, 71
Imħabba ............ 129, 164, 297, 329
— lejn għaqdiet oħra ............. 330
— fi ħdan il-Leġjun ................ 330
— il-kbira fosthom ........... 329-331
— ta' Marija .................. 152, 329
— lejn ir-ragħajja tal-Knisja .... 331
— is-sigriet tal-qawwa fuq l-oħrajn
22, 86, 203, 297, 302
Impenn ........................................ 12
Imsejknin u mnikktin ... 239, 309-311
Incolae Mariae ......................... 328
Indulġenzi ................. 245, 347, 349
Interessi personali ..................... 305
Irtiri
— inħeġġu għalihom ............. 258
— għal dawk li m'humiex Kattoliċi
318
— għal-leġjunarji .................... 207
— bil-magħluq ........................ 207
Isem tal-Leġjun
12, 17-19, 81, 283, 332
Istituzzjoni, attitudni f' ............... 299
Itemm il-ġirja .............................. 23

Katekiżmu, tagħlim tal-
232, 244, 350, 351, 353
Kif inħarsu lejn
— kritika kuntrarja ................. 301
— periklu ....................... 239, 306
Knisja, il- ........ 11-13, 16, 17, 19, 21, 31, 33, 45, 52, 54, 59, 61, 65-67, 69, 71, 75, 81, 84, 86, 90, 99, 102, 103, 105, 106, 110, 119, 127, 142, 143, 145, 151, 181, 186, 187, 196, 201, 206, 208, 209, 214, 228, 229, 232-235, 241, 243, 245, 248-251, 254-256, 261, 262, 265, 274, 276, 277, 283, 307-309, 312, 314-316, 318-320, 324, 326, 331, 333-337, 339, 342, 348, 350, 354, 356
Konċilju Vatikan II .............. 12, 202, 206, 209, 234, 308, 313, 337, 356

Konfidenzjalità
— l-importanza ta'
115, 128-130, 159, 195
— sħiħa ........................... 115, 195
*Konfraternità*
— *tad-Duttrina Nisranija*. 244, 350
— *ta' Marija, Sultana tal-Qlub Kollha* ......................... 343-345
— *tar-Rużarju*
106, 113, 205, 348-349
Konsagrazzjoni
— tal-familji .................. 234, 313
— lil Marija .. 33, 44, 106, 175, 348
— lill-Qalb ta' Ġesù
233, 234, 297, 313
Kontroll tal-ħidma mill-praesidium 289
Konverżjonijiet .. 249, 271, 284, 294, 309, 314-318, 319-321, 324
Koperazzjoni ma' l-oħrajn
95, 216, 290, 330
Korrispondent .... 159, 170, 171, 173
Kristu (ara nota fl-aħħar ta' dan il-werrej) ................................. 371
Kritika ........................................ 301
Ksib ta' membri ġodda
— attivi ...................... 66, 81, 105, 182-185, 186, 200, 297
— awżiljarji .............. 95, 105, 256
— għal għaqdiet oħra ............ 232
Kulur tal-Leġjun ......................... 49
Kungress ........................... 179-181
Kunsilli ............................... 156-173
Kuntatti mal-folla ................ 251-252
Kuntatti personali
22, 35, 74, 190, 251, 315
Kura tal-membri ......... 106, 218, 256
Kuraġġ ................................. 21-25, 174, 231, 240, 285-286, 333, 341

Labtu tal-Karmnu ....................... 308
Lajċi appostli, ħtieġa ta' ............... 66
Laqgħa
— akkomodazzjoni ................. 123
— appoġġ għat-tisħib ............ 130
— attendenza
77, 89, 115, 130, 168, 192
— devozzjonijiet fil-knisja ....... 127
— ftehim ................................. 128
— f'ħin addattat ...................... 123
— kemm għandha ddum 124, 157
— kif issir ........................ 110-121
— konfidenzjalità
115, 128, 130, 195

Laqgħa *(ikompli)*
— kull ġimgħa ........ 77, 78, 91, 115
— libertà tal-kelma ............... 130
— u l-membru ................ 122-131
— min jasal tard .................... 124
— min jitlaq kmieni ................ 124
— min ma jattendix ........... 89, 219
— mudell ta' sodizza ............. 122
— puntwalità .................. 115, 125
— rispett ....................... 122, 133
— sehem fiha . 128, 161, 180, 216
— sħana, dawl ...................... 123
— it-talb ħaġa waħda ............ 126
— talb speċjali ...................... 127
— tul biżżejjed ...................... 124
Laqgħa ġenerali ta' kull sena ..... 177
Laqgħat, kull kemm isiru
— tal-kunsilli .......................... 157
— tal-praesidium ........ 78, 91, 123
Latin, kliem bil- ................. 153, 160
Lealtà leġjunarja ............... 174-175
Leġjun
— ta' anġli ............................ 146
— appostolat lajk ..................... 67
— appostolat tal- ................ 65-74
— appostolat u Marija
29, 32-48, 115, 160
— bħala għajnuna lill-missjunarju
324-327
— ifisser Marija qegħda taħdem
131, 327
— "mhux meħtieġ hawnhekk"? 185
— pjan tal- ......................... 74-79
— fuq quddiem ...................... 307
— Ruman ........ 17, 21, 48, 55, 98,
119, 153, 154, 165, 341-342
— ta' siwi fil-parroċċa ....... 71, 232
— skop tal- ............................. 19
— skopijiet esterni tal- ......... 79-86
— spirtu tal- ............................ 20
Leġjunarju
— u l-Ewkaristija ................ 52-57
— u l-Ġisem Mistiku ........... 58-65
— lealtà ... 150, 161, 167, 174-175
— m'għandux jagħmilha ta'
mħallef ............................. 300
— sejħa Nisranija ................. 209
— u t-Trinità Qaddisa .......... 48-52
Letteratura, tixrid tal- ... 233, 254-255
Lhud ................................. 83, 144
Li jgħaqqad lil kulħadd flimkien 82-84
Libertà tal-kelma ............... 130, 161
Liġi Kanonika, Kodiċi tal- ........... 339
Lista tax-xogħol ......................... 112
Liturġija
— ta' l-Ewkaristija f'għaqda ma'
Marija ........................... 54-55
— tal-Kelma ............................ 54

Maġisteru tal-Knisja, dokumenti tal-
8, 360
Manwal ................................ 19, 119,
156, 172, 173, 200, 224, 353, 371
Mara tad-dar ta' Nazaret, il-
39, 134, 223
Marija
— dmirijiet lejn ..................... 32-48
— fidi ................ 20, 115, 139, 152
— ħeġġa .................................. 12
— ħlewwa ............................. 282
— fil-ħsieb t'Alla .................... 275
— imħabba ............................ 329
— Immakulata .......................... 27
— inressquha lejn id-dinja ........ 31
— intenzjonijiet . 61, 101, 107, 127
— kuraġġ ............ 25, 37, 43, 276
— mara tad-dar ta' Nazaret
39, 134, 223
— Medjatriċi tal-grazzji kollha
17, 27, 33, 50, 54, 64,
101, 149, 152, 276
— Omm il-Għaqda ................ 309
— Omm il-Knisja ............. 13, 357
— l-Omm tagħna ............. 28, 332
— rivelata fil-profezija .... 275, 355
— sehem essenzjali
26, 33, 275, 337
— spirtu ta' ......................... 12, 20
— tieħu ħsieb Binha ........ 115, 298
— umiltà ...................... 20, 34-38
Marija u
— l-anġli ........................ 146, 276
— l-appostolat tal-Leġjun
29, 31-48, 81, 115, 160, 335
— il-bidu tal-Leġjun .................. 18
— l-Ewkaristija ............ 54-57, 320
— il-Ġisem Mistiku ............. 60-62
— il-konverżjonijiet
30-32, 274, 308, 317, 327
— il-Patrizji ........................... 262
— il-quddiesa ...................... 53-55
— l-Ispirtu s-Santu
50, 112, 151-152, 279
— t-Trinità Qaddisa ..... 50-52, 355
Media ..................... 81, 86, 254, 316
Meditazzjoni ................. 33, 99, 206

Mejtin, Leġjunarji 109-110, 153, 219
Membri (ara wkoll Laqgħa, Tisħib)
— meta ma jistgħux jibqgħu ..... 89
— morda ..... 89, 219
Mgħallem u apprentista ..... 73-74
Ministri Straordinarji ta' l-Ewkaristija 326
Minuti ..... 114, 220
Misilmin ..... 145
Missjoni ..... 257, 324-327
Missjunarja, sitwazzjoni ..... 324
Mod kif
— tagħti r-rapport ..... 115, 127
— tgħid it-talb ..... 126
Morda ..... 236
— leġjunarji ..... 89, 219
"Morru xandru l-Evanġelju" . 309-329
Mortifikazzjoni ..... 23, 207

Naraw u naqdu lil Kristu ..... 115, 297
Natura intima tal-ħidma
115, 128, 195, 291
Nies adatti għal-Leġjun ..... 186
Nies li jduru minn post għal ieħor 253
Notebook ..... 196
Nuqqas t'għaqal ..... 191, 289
Nuqqas ta' suċċess ..... 77, 130, 304

Obbligu tax-xogħol kull ġimgħa . 193
Oġġezzjonijiet
72, 182, 185-192, 228, 249
*Opra ta'*
— *Propagazzjoni tal-Fidi* ..... 258
— *San Pietru Appostlu* ..... 258
— *Sant'Infanzja* ..... 246, 258
Ordni u metodu ..... 75, 110, 125, 130
— l-għeruq tad-dixxiplina ..... 125
Ortodossi ..... 313-314

Papiet, ittri u messaġġi
11-13, 332-336, 361
Parroċċa
— appostolat fil- . 68, 71, 232, 235
— ċensiment ..... 235
— għaqdiet fil- ..... 232
Patrizji ..... 107, 255, 261-273
— prinċipji ..... 268
— psikoloġija tal-grupp ..... 268
— talba tal- ..... 272
Patruni tal-Leġjun ..... 141-150
Peregrinatio Pro Christo ..... 328, 329
Perfezzjoni tat-tisħib ..... 76
Periklu ..... 239, 306
Perseveranza
23, 42, 76, 192, 240, 283, 333
Persuni b'diżabiltà ..... 232, 258
*Philangeli* ..... 148
*Pioneer Total Abstinence Association of the Sacred Heart* . 259, 351
Pjan tal-Leġjun ..... 74
Politika ..... 295
Popolazzjonijiet bla reliġjon 321-323
Praesidia
— fis-seminarji ..... 229-231
— taż-żgħar ..... 223-229
Praesidium ..... 90-96
— funzjoni soċjali ..... 179
— għeluq ..... 157
— kif issir il-laqgħa ..... 110-121
— kontroll fuq il-ħidma ..... 289
— "preżenza" ta' Marija ..... 131
President ..... 76, 91, 100,
113, 116, 157, 162, 166, 168,
169, 186, 214-217, 224, 240
Pretorjani ..... 98-100
Problemi ..... 12, 82, 131
Prova, żmien tal-
87-89, 94, 109, 227
Puntwalità ..... 115, 125

Qalb ta' Ġesù, konsagrazzjoni lill-
234, 313
Qari spiritwali ..... 113, 207
Qdusija ..... 19, 52-53, 74, 226
Qdusija personali ..... 12, 74, 205-211
Qtigħ ta' qalb ..... 24, 302-304
Quddiesa ..... 34, 52
— inħeġġu għaliha . 243, 255, 322
— ta' kuljum, tqarbin spiss 53, 255
— u l-leġjunarju ..... 52-53

Rapporti
115-118, 127, 195, 230, 352
— li jinstemgħu ..... 115, 215
Razza, mhemmx għażla ta'
83, 186, 305, 324, 330
Regia ..... 160, 170
Regoli Prinċipali
58, **115**, 128, 157, 158
Reġistri tal-membri
88, 100, 108, 168, 219
Relazzjonijiet bejn
— dawk li jaħdmu flimkien ..... 199
— il-membri ..... 115, 197-199
Reliġjużi ..... 92, 100, 102, 263
Rendikont tat-teżorier ..... 115

Responsabiltà ........ 66, 96, 161, 290
Rifuġjati ........ 253
Rigali lill-membri ........ 305
Rikonċiljazzjoni, sagrament tar- 208
Rispett
— lejn il-laqgħa ........ 122, 133
— lejn ir-regoli ........ 122, 132
— li għandu juri l-membru 234, 252, 298
— spirtu ta' ........ 297-301
Rispett uman 285-286, 289, 290, 306, 315
Riżultat ta' sforz ........ 231
Ruħ individwali ........ 311-313
Rużarju ........ 34, 51, 101, 113, 124, 126, 145, 151, 206

Sabar u ħlewwa ........ 282-284
Saċerdot u l-Leġjun 68-70, 72, 212-214, 229, 331
Sagramenti ........ 208
Sagrifiċċju ħaj, jogħġob lil Alla ..... 21
*Scouts* ........ 246
Segretarju 91, 114, 157, 169, 180, 220
Sejħa Nisranija tal-leġjunarju 12, 209-211
Seminarji, praesidia fis- ...... 229-231
Senatus ........ 160, 171
Servizz
— bażat fuq il-Ġisem Mistiku 58-60
— lill-kommunità ........ 82-85
— leġjunarju ........ 13, 21-25
Servizzi, nies li jaħdmu fis- ........ 253
Setgħat tas-Sema ........ 146
Sforz .... 23-25, 41, 71, 126, 287, 288
Sforz qawwi fis-servizz ta' Marija 41-44
Sigriet tal-qawwa fuq l-oħrajn .... 297
Sintesi Marjana ........ 355-356
Sistema tal-Leġjun
— fedeltà lejn is- 75-76, 132, 141, 207, 229
— ma titbiddilx 15, 75, 76, 132-133, 174
Skejjel mhux Kattoliċi jew ta' l-istat 245
Skjavitù ta' Marija ........ 44, 107, 343
Skop tal-Leġjun ........ 19, 74, 79
Skopijiet esterni tal-Leġjun ........ 79
Soċjali, valur ta' l-appostolat ........ 82
*Soċjetà ta' San Vinċenz de Paul* 16, 218, 293
Sorijiet (ara Reliġjużi)
Sospensjoni u tkeċċija ........ 95
Spiritwalità tal-Leġjun ........ 11-13
Spirtu
— tal-Leġjun ........ 20, 335
— ta' Marija ........ 20
— ta' sagrifiċċju ... 21-25, 217, 240
Spirtu s-Santu 13, 18, 48-51, 112, 151, 279
Sptarijiet
— psikjatriċi ........ 236
— żjajjar fl- ...... 236-239, 291, 299
Stendard ........ 12, 48, 88, 98, 111, 154-156, 176, 264, 332, 333, 346
Studju tal-
— Fidi ........ 214, 317, 351-354
— Manwal ........ 119, 183, 200-202, 224, 230, 353
Suċċess hu ferħ ........ 76, 130, 304
Suġġerimenti dwar
— ħidmiet ........ 231
— ħidmiet għaż-żgħar ........ 225
Suldati ........ 253

Tagħlim ........ 232, 244, 350, 351
— tad-Duttrina ........ 244, 350
— reliġjuż 207, 244, 261, 350, 351
Talb
— ħaġa waħda mal-laqgħa .... 126
— ħajja ta' ........ 206, 332
— u ħidma ........ 204
— fil-laqgħa ........ 136-140
— tal-Leġjun ........ 136-140
— għal intenzjonijiet speċjali .. 127
— kif jingħad ........ 126
— ma jitbiddilx ........ 108, 141, 227
— għall-mejtin ........ 109
— speċjali ........ 127
Tama ........ 303
Tbatija ........ 236
— fil-Ġisem Mistiku ........ 63-65
Tessera ........ 49, 87, 88, 153-154
Testment, l-Aħħar ........ 309
Teżorier ........ 91, 115, 157, 169, 221
Tfal
— każini tat- ........ 246
— attendenza għall-quddies tat- 243
Tfittxija għall-konverżjonijiet 314-318
Tfixkil ........ 191

Tħabbira ta' l-Anġlu .................... 28, 39, 50, 61, 64, 119, 145, 276, 280, 281, 338, 345, 349, 355
Tisħib ............ 74-79, 87-90, 98-109
— adjutorjan .......................... 102
— attiv ..................................... 87
— awżiljarju .......................... 100
— kwalitajiet meħtieġa 87, 182, 186, 326
— listi tat- .............................. 88, 100, 108, 109, 121, 168, 219
— pretorjan ............................ 98
Tixrid ta' kull ħaġa Kattolika ....... 307
Tixrid tal-Leġjun .......... 182-185, 325
Tkeċċija u sospensjoni ............... 95
Tmiem il-laqgħa ........................ 121
Tnejn flimkien, żjajjar minn 231, 290
Tqarbin .................... 34, 53, 59, 255
Trasferiment, tisħib ..................... 95
Treġija tal-Leġjun ............... 156-173
Tribun ........................................ 92
Trinità Qaddisa ......... 39, 48-52, 145
— u Marija .................. 48-52, 355

Ubbidjenza ................ 174, 217, 333
Uffiċċju Divin ............................. 99
— it-talba tal-Knisja .......... 99, 102
Uffiċjali .................... 91-96, 212-221
Umiltà ...... 34-38, 127, 198, 216, 298
— ta' Marija .................. 20, 34-38
*Unjoni Missjunarja* .................... 258

Vexillum (ara Stendard)
Via Sagra .................................... 34
Viċi-President .. 89, 91, 109, 218-219
Virgo Praedicanda ..................... 308
Vokazzjonijiet saċerdotali u reliġjużi 72

Wegħda leġjunarja ............... 49, 52, 88, 89, 95, **96-97**, 168, 211, 227
Werrejja ............................. 358-371

Xandru l-Evanġelju lill-ħolqien kollu 309-329
Xbieha tal-Leġjun .......... 49, 151-153
Xogħol (ara Appostolat, Ħidma)

Żgħar
— Curia taż- ..................... 96, 166
— membri ........... 87, 95, 166, 223
— praesidia ............... 87, 95, 223
Żgħażagħ
— formula għaż- .................... 247
— ħidmiet għaż- ............. 242-248
Żingari ....................................... 253
Żjajjar
— awżiljarji ..................... 105, 256
— fid-djar 187, 233-236, 243, 290, 292
— djar tal-foqra ..................... 239
— ħabs ..................................... 239
— ma jriduhomx .................... 187
— kif inġibu ruħna ........... 298-301
— leġjunarji morda ................ 219
— morda, anzjani ........... 232, 236
— praesidia mill-Curia ........... 167
— spirtu taż- .................... 297-299
— fl-isptarijiet .. 236-239, 291, 299
— tnejn tnejn ................. 231, 290

NOTA

Ir-referenzi għal Sidna Ġesù Kristu ma ġewx inklużi fil-werrej għaliex kull kelma ta' dan il-manwal hija bbażata fuqu, u għalhekk għandna insibuh f'kull parti tiegħu. F'kull post, f'kull ċirkostanza u ġrajja, il-leġjunarju għandu jiltaqa' ma' Ġesù u, xejn inqas mill-poeta, għandu jkun jista' jgħid: "Fil-warda l-ħamra jiena nara d-demm ta' Ġesù, u fil-kwiekeb nara l-glorja t'għajnejh."


Jien nara demm Ġesù fil-warda ħamra,
U għajnejh fil-glorja, qishom żewġ kewkbiet,
Dak ġismu jarmi d-dawl qalb silġ dejjiemi:
Nara d-dmugħ tiegħu nieżel mis-smewwiet.

Nisħajjel nilmaħ wiċċu ġo kull fjura;
Fil-għana ta' l-għasafar u fir-ragħad
Jien nisma' leħnu. B'għaġeb kbir imsawwar,
Bħall-kliem tiegħu miktub nisħajlu l-blat.

Minn kull mogħdija għaddew riġlejh imbierka,
Dik qalbu tqawwi l-baħar fit-taqlib,
Kull xewka ntisġet mal-kuruna tiegħu,
Kull siġra qisha l-għuda tas-salib.
Joseph Mary Plunkett
traduzzjoni bil-Malti ta'
Dun Frans Camilleri



FRANK DUFF




L-ARMAR TA' L-ALTAR TAL-LEĠJUN
L-altar m'għandux ikun barra mid-dawra tal-laqgħa

VEXILLUM LEGIONIS




MUDELL GĦAL FUQ IL-MEJDA

VEXILLUM LEGIONIS




MUDELL GĦALL-ACIES JEW GĦALL-PURĊISSJONIJIET